

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 224

ta' l-Unjoni Ewropea

Volum 51

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

30 ta' Awissu 2008
Avviż Nru

Werrej

Paġna

III Atti preparatorji
KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW
445 Sessjoni Plenarja tiegħu li nżammet fit-28 u d-29 ta' Mejju 2008

2008/C 224/01	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-produzzjoni Ekoloġika	1
2008/C 224/02	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni mill-Komunità fi programm ta' riċerka u żvilupp maħsub biex itejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' persuni mdaħħlin fiż-żmien permezz ta' l-użu ta' Teknoloġiji ta' l- Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni ġodda (ICT), immedija minn diversi Stati Membri COM(2007) 329 finali — 2007/0116 (COD)	8
2008/C 224/03	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewro- pew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-insewiment tan-negozju ta' l-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni — SOLVENZA II COM(2007) 361 finali — 2007/0143 (COD)	11
2008/C 224/04	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni mill-Komunità fi programm ta' riċerka u żvilupp li għandu l-għan li jappoġġja lill-SMEs li jwettqu attivitajiet ta' riċerka u żvilupp immedija minn diversi Stati Membri COM(2007) 514 finali — 2007/0188 (COD)	18
2008/C 224/05	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kun- sill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Negħbu l-istigma tal-falliment kummerċjali — Lejn politika li tagħti opportunità oħra — Nimplimen- taw is-Sħubija ta' Lisbona għat-Tkabbir u għall-Impjiegi COM(2007) 584 finali	23
2008/C 224/06	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-akkwist pubbliku internazzjonali	32


**Prezz:
26 EUR**

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

2008/C 224/07	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar — Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta d-Deċiżjoni 1999/468/KE tal-Kunsill, hekk kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, ta' ċerti atti suġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat, b'rabta mal-proċedura regolatorja bi skrutinju — L-Ewwel Parti — Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, hekk kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, ta' ċerti atti suġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat, b'rabta mal-proċedura regolatorja bi skrutinju — Adattament tal-proċedura regolatorja bi skrutinju — It-Tieni Parti — Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, hekk kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, ta' ċerti atti suġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat, b'rabta mal-proċedura regolatorja bi skrutinju — Adattament tal-proċedura regolatorja bi skrutinju — It-Tielet Parti — Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, hekk kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, ta' ċerti atti suġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat, b'rabta mal-proċedura regolatorja bi skrutinju — Adattament tal-proċedura regolatorja bi skrutinju — Ir-Raba' Parti COM(2007) 741 finali — 2007/0262 (COD) — COM(2007) 824 finali — 2007/0293 (COD) — COM(2007) 822 finali — 2007/0282 (COD) — COM(2008) 71 finali — 2008/0032 (COD)	35
2008/C 224/08	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar ta' l-obbligu ta' assicurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (Verżjoni kkodifikata) COM(2008) 98 finali — 2008/0049 (COD)	39
2008/C 224/09	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Green Paper: Lejn kultura ġdida għall-mobilità urbana COM(2007) 551 finali	39
2008/C 224/10	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Pjan ta' azzjoni għal-loġistika tat-trasport tal-merkanzija COM(2007) 607 finali	46
2008/C 224/11	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar — Proposta ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2002/21/KE dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi, 2002/19/KE dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessioni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati, u 2002/20/KE dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi — Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet ta' l-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, d-Direttiva 2002/58/KE dwar l-ipproċessar tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-privattezza fis-settur tal-komunikazzjoni elektronika u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar il-kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi — Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Awtorità tas-Suq Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi COM(2007) 697 finali — 2007/0247 (COD) — COM(2007) 698 finali — 2007/0248 (COD) — COM(2007) 699 finali — 2007/0249 (COD)	50
2008/C 224/12	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Kodiċi ta' Kondotta għal sistemi ta' prenotazzjoni kompjuterizzata COM(2007)709 finali — 2007/0243 (COD)	57



2008/C 224/13	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm Komunitarju pluriennali dwar il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet u t-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni COM(2008) 106 finali — 2008/0047 (COD)	61
2008/C 224/14	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar testijiet dwar jekk il-vetturi u l-karrijiet tagħhom humiex tajba għat-triq COM(2008) 100 finali — 2008/0044 (COD)	66
2008/C 224/15	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li tindirizza l-isfida ta' l-iskarsezza ta' l-ilma u l-perijodi ta' nixfa fl-Unjoni Ewropea COM(2007) 414 finali	67
2008/C 224/16	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi sistema Komunitarja biex timpedixxi, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat COM(2007) 602 finali — 2007/0223 (CNS)	72
2008/C 224/17	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar — Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-ħarsien ta' ekosistemi tal-baħar vulnerabbli fibhira internazzjonali mill-impatti ħżiena ta' l-irkaptu tas-sajd tal-qiegħ u — l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Prattiki tas-sajd distruttivi fl-ibhira internazzjonali u l-ħarsien ta' l-ekosistemi vulnerabbli tal-baħar fond COM(2007) 605 finali — 0227/0224(CNS) — COM(2007) 604 final	77
2008/C 224/18	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid u li jemenda r-Regolament (KE) Nru XXX/XXXX [proċedura komuni] COM(2007) 872 finali — 2008/0002 (COD)	81
2008/C 224/19	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tsemplifika l-proċeduri ta' l-elenkar u tal-pubblikazzjoni tat-tagħrif fl-oqsma veterinarji u żootekniċi u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE, 77/504/KEE, 88/407/KEE, 88/661/KEE, 89/361/KEE, 89/556/KEE, 90/427/KEE, 90/428/KEE, 90/429/KEE, 90/539/KEE, 91/68/KEE, 92/35/KEE, 92/65/KEE, 92/66/KEE, 92/119/KEE, 94/28/KE, 2000/75/KE, id-Deċiżjoni 2000/258/KE u d-Direttivi 2001/89/KE, 2002/60/KE, u 2005/94/KE COM(2008) 120 finali — 2008/0046 (CNS)	84
2008/C 224/20	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward is-solventi ta' l-estrazzjoni wżati fil-produzzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel u l-ingredjenti ta' l-ikel (Riformulazzjoni) COM(2008) 154 — 2008/0060 (COD)	87
2008/C 224/21	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Intejbu l-kwalità u l-produttività fuq ix-xogħol: strateġija Komunitarja 2007-2012 għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol COM(2007) 62 finali	88
2008/C 224/22	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar L-istazzjonar tal-ħaddiema fil-qafas ta' l-għoti ta' servizzi — jintlaħqu l-aħjar beneficiċji u potenzjal tiegħu filwaqt li jkun garantit il-ħarsien tal-ħaddiema COM(2007) 304 finali	95



2008/C 224/23	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Intejbu l-mobilità taż-żgħażaġh fl-Ewropa: aspetti prattiċi u aġenda	100
2008/C 224/24	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (2010) COM(2007) 797 finali — 2007/0278 (COD)	106
2008/C 224/25	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar proposta ta' deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi l-programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni għall-perjodu 2007-2013 COM(2008) 56 finali — 2008/0023 (COD)	113
2008/C 224/26	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-proposta ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja COM(2008) 61 finali — 2008/0025 (COD)	115
2008/C 224/27	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-vantaġġi u l-benefiċċji ta' l-euro: Żmien ta' rendikont	116
2008/C 224/28	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward tat-trattament tas-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni COM(2007) 747 finali/2 — 2007/0267 CNS	124
2008/C 224/29	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar ir-Relazzjonijiet bejn l-UE u s-Serbja: ir-rwol tas-soċjetà ċivili	130



III

(Atti preparatorji)

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

445 SESSJONI PLENARJA TIEGĦU LI NŻAMMET FIT-28 U D-29 TA' MEJJU 2008

Opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-produzzjoni Ekoloġika

(2008/C 224/01)

Nhar is-16 ta' Frar 2007, il-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, b'konformità ma' l-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, iddeċieda li jfassal opinjoni proprja dwar:

Il-Produzzjoni ekoloġika.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Komitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-6 ta' Mejju 2008. Ir-rapporteur kienet is-Sinjura Darmanin.

Matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-28 u d-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju), il-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni unanimament.

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-Komitat huwa ferm favur inizzjattivi mmirati biex jiżviluppaw politika Komunitarja ta' produzzjoni u konsum sostenibbli, integrata kompletament f'politiki Komunitarji oħrajn, bil-ħsieb li:

- **tbiddel sfidi potenzjali f'opportunitajiet biex l-industrija ta' l-UE tkun kompetittiva** fis-suq dinji, billi jiġu adottati metodi ta' produzzjoni ekoloġika bbażati fuq prodotti u servizzi ekoloġiċi, li jistgħu jiġu identifikati faċilment mill-konsumaturi fil-Komunità kollha;
- **tiżviluppa "suq ekoloġiku"** biex tiżgura li dawn il-prodotti u servizzi jirrispondu għal tifsiriet definiti u komuni u jkunu tassew disponibbli fl-Istati Membri kollha;
- **trawwem il-kuxjenza tal-pubbliku Ewropew** dwar il-konsum responsabbli u intelliġenti f'sens ekoloġiku u l-ħtieġa ta' tendenzi ta' mgħiba li jirrispettaw aktar l-ambjent, permezz ta' impenn qawwi biex jiġu pprovduti informazzjoni, taħriġ u edukazzjoni, l-ewwel nett mill-iskejjel primarji;
- **jittieħed approċċ aktar strateġiku** sabiex jinfluwenza l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fin-negozju, fil-politika, fost il-konsumaturi u fost il-pubbliku in ġenerali, u jiġi żgurat qafas Komunitarju organiku, li jevita l-frammentazzjoni tas-suq ikkawżata minn pariri u riklami diverġenti u li jaġhtu idea żbaljata dwar in-natura ambjentali ta' dawn il-prodotti u l-produzzjoni u s-sistemi ta' distribuzzjoni marbutin magħhom;

— **tiżgura li l-għażla tal-konsumatur titħares** u li l-produtturi/distributturi huma impenjati biex jilhqqu l-livelli ambjentali u jiżguraw li l-prodotti li joħorġu fis-suq jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-sostenibbiltà ambjentali;

— **tiżgura li r-responsabbiltajiet** għall-politika ta' konsum sostenibbli, **f'dak li hu t-teħid ta' deċiżjonijiet u l-implimentazzjoni**, jinqasmu bejn il-partijiet interessati u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kollha: il-produtturi, id-distributturi/l-aġenti, il-konsumaturi, l-għalliema, l-awtoritajiet pubbliċi, l-organizzazzjonijiet ambjentali u tal-konsumatur, u ż-żewġ naħat ta' l-industrija.

1.2 Il-Komitat jirrakkomanda li jiġu adottati tifsiriet għall-kunċetti ta' "eko-prodott/servizz" u "konsum ekoloġiku" fil-qafas ta' żvilupp u konsum sostenibbli, biex ikunu **validi fl-UE kollha u aċċettati internazzjonalment**, bl-użu ta' kriterji u indikaturi u livelli ambjentali ċari li jħallu lok għall-innovazzjoni u t-titjib.

1.3 Il-Komitat jitlob li **l-industrija Ewropea** u s-sistemi ta' distribuzzjoni u ta' servizzi jieħdu impenn ċar biex jaqblu ma' approċċ settorjali integrat, li **jinvolve skeda ta' għanijiet li jistgħu jiġu vverifikati**: din għandha tinkorpora t-tliet pilastri ambjentali, ekonomiċi u soċjali tas-sostenibbiltà. Ir-rekwiżiti ambjentali għandhom jitqiesu sa mill-fażi tad-diżinn tal-prodott b'mira għaċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tal-prodott, biex b'hekk dejjem ngħollu l-livell tal-mira għall-kwalità, l-innovazzjoni u s-sodisfazzjon tal-konsumatur.

1.4 Il-Kumitat jirrakkomanda li l-kumpaniji u l-korpi pubbliċi u privati jżidu fl-użu konġunt ta' l-għodod Komunitarji u naz-zjonali li jeżistu sabiex **iżidu r-riċerka ta' tekonoġġi u prodotti nodfa**.

1.5 Il-Kumitat isostni l-ħtieġa li tissaħħa u **tithaffet l-istandardizzazzjoni teknika** għall-prodotti u l-proċessi ta' produzzjoni ekoloġiċi.

1.6 Il-Kumitat jitlob għal ċertezza mill-kriterji u uniformità fir-rekwiżiti minimi fis-suq intern kollu fejn jidhru **s-sistemi tat-tikkettar** għal prodotti ekoloġiċi. Dan biex tiġi żgurata l-ekwi-tà fl-għażliet ekoloġiċi tal-konsumaturi, kontrolli uniformi fl-UE kollha u r-rispett għall-prinċipju tal-moviment ħieles għal prodotti li huma tassew ekoloġiċi. It-Tikketta Ekoloġika Ewropea (fjura ekoloġika) għandha ttipogġa aktar fis-suq u għandu jirnex-xielha teżisti flimkien ma' sistemi ta' tikkettar naz-zjonali u settorjali.

1.7 Il-Kumitat jemmen li huwa importanti li tissaħħa id-**"dimensjoni tal-prodott" fis-sistemi tal-ġestjoni ambjentali**, sabiex titħeġġeġ id-disseminazzjoni fost il-produtturi u d-distributuri, u biex tiġi mfassla b'mod aktar effettiv għas-sistemi ta' ġestjoni ta' l-awtoritajiet lokali, u b'hekk tkun aktar kapaċi tibda sinerġiji ma' għodod oħra ta' żvilupp sostenibbli.

1.8 Skond il-Kumitat, id-**disseminazzjoni ta' l-EMAS** (l-Iskema ta' l-Eko-Ġestjoni u Verifika) għandha titħeġġeġ. Dan jista' jinkiseb permezz ta' miżuri finanzjarji u fiskali, issimplifika amministrattiv, inizjattivi ta' promozzjoni u marketing, rikonnoxximent ta' l-EMAS bħala livell ta' eċċellenza, anki internazzjonalment, u l-adozzjoni ta' miżuri biex jgħinu l-intrapriżi ż-żgħari biex japplikaw l-iskema gradwalment.

1.9 Huwa essenzjali li **l-prestazzjoni ta' prodott** tiġi **valutata kollha kemm hi**, iġifieri fuq il-bażi mhuz biss ta' kriterji ambjentali imma wkoll ta' aspetti importanti oħrajn bħall-prestazzjoni kemm għall-konsumatur u kemm għall-produttur finanzjarjament u f'dik li hi sigurtà, funzjonalità u ħarsien tas-saħħa, l-użu razzjonali ta' riżorsi u materjali, loġistika, karatteristiċi innovattivi, marketing, il-ħila tal-prodott li jwessa' l-għażla tal-konsumatur, iċ-ċiklu tal-ħajja u aspetti soċjali.

1.10 Il-KESE jirrakkomanda li jitħeġġeġ l-iżvilupp ta' **l-akkwist pubbliku ekoloġiku (green public procurement — GPP)** billi: jiġu definiti l-karatteristiċi tekniċi ta' prodotti "ekoloġiċi", nibdew minn dawk li għandhom l-aħjar impatt ambjentali; inkludja l-ispiża taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott jew tas-servizz fl-ispeċifikazzjonijiet tiegħu; tinħoloq bażi tad-data dedikata li tkun tinstab on line; jiġu aġġornati d-direttivi tal-KE dwar l-akkwist pubbliku billi jiġu inklużi referenzi għal standards, sistemi ta' EMS, eko-tikketti, u eko-disinn; u fl-aħħar, il-pubblikazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni naz-zjonali għall-adozzjoni ta' l-akkwist ekoloġiku.

1.11 Il-Kumitat itenni l-importanza li jintuża l-Artikolu 153 tat-Trattat tal-KE bħala bażi legali, għax huwa dak l-aktar xieraq fejn tidħol **l-assigurazzjoni ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-**

konsumatur inkluż il-ħarsien tad-dritt tagħhom li jirċievu informazzjoni sħiħa, korretta, xierqa, li tinftiehem, u li tkun fil-ħin.

1.12 Il-Kumitat jisħaq li għal raġunijiet ta' awto-regolamentazzjoni, triq possibbli tista' tkun dik li jiġi **żvilupp kodiċi tal-kondotta**, kif imfisser fid-Direttiva 2005/29/KE, sabiex jiġi evitat l-użu żbaljat ta' messaġġi ekoloġiċi fir-reklamar u, f'kull avveniment, ir-reklami li jagħtu idea żbaljata. Dan għandu jadedem b'mod parallel ma' taxxi ekoloġiċi u regolamentazzjoni. Il-KESE jirrakkomanda li messaġġi ekoloġiċi għandhom joqogħdu fuq dak li tgħid tikketta li tkun rikonnoxxuta u ta' min jafdaha.

1.13 Barra mill-proċeduri ġudizzjarji, li għandhom ikunu aċċessibbli għal kulħadd, il-Kumitat huwa wkoll favur in-nomenclatura ta' korpi mhux ġudizzjarji ta' **monitoraġġ u riżoluzzjoni ta' kunflitti** għall-konsumaturi, li huma flessibbli, effiċjenti, irħas u kredibbli, sabiex ikun żgurat li jintlaħqu l-livelli ambjentali għall-prodotti u li prodotti li joħorġu fis-suq jaqblu mal-prinċipji ta' sostenibbiltà ambjentali.

1.14 Il-Kumitat, minħabba l-frammentazzjoni leġislattiva li tikkaratterizza kemm ir-rekwiżiti għall-informazzjoni tal-konsumatur kif ukoll dawk għal prodotti sostenibbli, isostni li teżisti ħtieġa urġenti biex tibda l-ħidma fuq qafas waħdieni u definit tajjeb fil-forma ta' **"Karta Ewropea għall-konsum u l-produzzjoni sostenibbli fis-suq intern"**.

2. Il-qafas attwali u l-prospettivi

2.1 L-għan ta' l-iskema ta' l-għoti ta' l-eko-tikketta Komunitarja (*) huwa dak li jiġu promossi prodotti b'impatt ambjentali minuri u li l-konsumaturi jingħataw informazzjoni preċiża u xjentifikament korretta. Din it-tikketta ma tapplikax għall-ikel u x-xorb, prodotti farmaċewtiċi, tagħmir mediku (?) jew prodotti jew sustanzi perikolużi jew tossiċi (?).

2.1.1 Id-disinn, il-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum ta' prodotti li jirrispettaw l-ambjent huwa parti integrali mill-politika ambjentali Komunitarja kif imfissra fl-oġġettivi u l-prijoritajiet imressqa fis-sitt programm ta' azzjoni ambjentali (*), li jridu jinkisbu sa l-2010. Dan il-programm, li dwaru l-Kumitat ta l-opinjoni tiegħu f'numru ta' okkażjonijiet, jiddeskrivi fid-dettal pjanijiet għal miżuri li jikkontribwixxu biex tiġi stabbilita strateġija ta' żvilupp sostenibbli.

2.1.2. Mill-inizjattivi Komunitarji ewlenin dwar is-suġġett, rwol importanti kisbitu l-Politika Integrata tal-Prodotti (IPP) (*), li dwarha l-Kumitat ħareġ opinjoni (*), li tqis il-prodotti u s-servizzi kollha li għandhom impatt ambjentali.

2.1.3. Biex il-Politika Integrata tal-Prodotti tkun effettiva, jeh-tieġ li nħeġġu lill-produtturi jagħmlu aktar prodotti ekoloġiċi u lill-konsumaturi biex jixtruhom. Li ġejjin jafu jkunu għodod li jistgħu jintużaw għal dan il-għan:

— l-inkoraġġiment ta' l-użu ta' miżuri fiskali biex jipromovu aktar prodotti li jirrispettaw l-ambjent;

(*) Regolament (KE) Nru 1980/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar skema riveduta ta' l-għoti ta' l-Eko-tikketta Komunitarja.

(?) Direttiva 93/42/KEE.

(*) Direttiva 67/548/KEE.

(*) COM(2001) 31 finali.

(*) COM(2003) 302 finali u l-Green Paper COM(2001) 68 finali.

(*) ĠU C 80, 30.3.2004

- li jitqiesu aspetti ambjentali f'deċiżjonijiet dwar kuntratti pubbliċi (⁷);
- inħeġġu li wieħed jaħseb fil-kuntest taċ-ċiklu tal-ħajja;
- l-integrazzjoni u l-promozzjoni ta' l-użu ta' għodod volontarji bħall-eko-tikketti, l-EMAS. Id-Dikjarazzjonijiet ta' Prodotti Ambjentali (EPDs), l-akkwist pubbliku ekoloġiku, eċċ;
- It-tixrid fost il-konsumaturi ta' l-informazzjoni meħtieġa għal "għażla infurmata tal-prodotti", għax-xiri, l-użu u r-rimi.

2.1.4 Sar pass pożittiv 'il quddiem ieħor bl-introduzzjoni ta' qafas regolatorju għid dwar ir-rekwiżiti ta' disinn ekoloġiku għal prodotti li jużaw l-enerġija, regolati b'direttiva ta' qafas ta' l-2005 (⁸).

2.1.5 F'dik li hi implimentazzjoni, taħt id-direttiva ta' qafas, l-ewwel regoli jidhru fis-seħħ fl-2008. Bħalissa qed jiġu studjati miżuri b'rabta ma' 20 grupp ta' prodotti (inkluż id-dawl, sistemi tal-kompjuters u magni tal-ħasil) u għal 14 minnhom (inkluż id-dawl għat-toroq u għall-uffiċċji) il-miżuri għandhom jiġu stabbiliti qabel tmim l-2008; għal oħrajn, bħas-sistemi tad-dawl domestiku, il-mira hi l-2009.

2.1.6 Is-sitt programm ta' azzjoni ambjentali (⁹) jippreżenta ħames rotot prijoritarji ta' azzjoni strateġika: it-titjib ta' l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni eżistenti, l-integrazzjoni ta' affarijiet li jikkonċernaw l-ambjent f'politiki oħrajn, il-ħidma mas-suq, l-għoti ta' poter lin-nies billi jiġu meġhuna jbiddu l-imġiba tagħhom billi tiġi ffavorita d-domanda tagħhom u l-kunsiderazzjoni ta' l-ambjent f'deċiżjonijiet dwar l-ippjanar ta' l-użu u l-ġestjoni reġjonali ta' l-art.

2.1.7 Fuq livell aktar ġenerali, l-istrateġija Ewropea għall-iżvilupp sostenibbli, kif riveduta mill-Kunsill Ewropew fl-2006, tfsir "il-produttjoni u l-iżvilupp sostenibbli" bħala wieħed mill-isfidi kruċjali, li jrid jiġi indirizzat billi l-iżvilupp ekonomiku u soċjali jitmexxa lejn fora li huma kompatibbli mas-sistema ekoloġika. Tipproponi wkoll pjan ta' azzjoni għid f'dan il-qasam.

2.1.8 Ir-rapport ta' l-2007 dwar l-implimentazzjoni (¹⁰) juri li l-konsum u l-produttjoni sostenibbli diffiċli jitkejlu b'mod ta' min joqgħod fuqu fuq bażi wiesgħa. Għalkemm in-numru ta' prodotti u servizzi li hemm fis-suq jidher li qed jikber b'rittmu mgħaġġel, l-iffrankar stmat mill-kont ta' l-elettriku attwali huwa ekwivalenti għal madwar EUR 60 biljun fis-sena, filwaqt li n-numru ta' prodotti b'Eko-tikketta baqa' limitat mhux ħażin, l-istess bħan-numru ta' kumpaniji rreġistrati fl-EMAS. Erbatax-il Stat Membru biss adottaw pjanijiet ta' akkwist ekoloġiku nazzjonali u 21 biss lestew il-pjan ta' direzzjoni għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għal teknoloġiji ambjentali (ETAP) (¹¹).

2.2 Min-naħa l-oħra, fl-isfera ta' l-istandardizzazzjoni teknika, xi żmien ilu tnedu miżuri biex jiġu integrati aspetti ambjentali

fl-istandards tekniċi ġodda, biex b'hekk jinħoloq "qafas ambjentali" għall-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), li fih il-korpi tekniċi tiegħu jkunu jistgħu jindirizzaw speċifikazzjonijiet ambjentali. Meta l-istandard jaqa' taħt l-"Approċċ il-Ġdid", dan jiggverna s-suppożizzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti bażiċi tad-direttiva Ewropea korrispondenti. Saru mbagħad aktar passi 'l quddiem f'din il-kwistjoni bl-adozzjoni ta' l-iskema ta' ċertifikazzjoni ambjentali ISO 14001.

2.3 Fl-10 ta' Ottubru 2007, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ippubblikat ir-raba' rapport tagħha dwar "L-Ambjent ta' l-Ewropa" (¹²), b'kapitlu sħiħ iddedikat għall-"Konsum u l-produttjoni sostenibbli".

2.4 Barra minn hekk, ir-rapport annwali tal-Kummissjoni għall-2007 dwar il-progress ta' l-istrateġija ta' Lisbona għat-tkabbir u x-xogħol enfasizza l-importanza tal-bidla fil-klima, l-eko-innovazzjoni, l-effiċjenza ta' l-enerġija, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u s-swieq ta' l-enerġija.

2.5 Fl-aħħar nett, fit-8 u d-9 ta' Marzu 2007 l-Kunsill Ewropew ta' Brussell ta' attenzjoni speċjali lis-suġġetti ta' l-ambjent u l-bidla fil-klima. Il-Kunsill Ambjent ta' Frar 2007, sadanittant, enfasizza l-fatt li l-istrateġija ta' l-UE għall-iżvilupp sostenibbli u l-istrateġija ta' Lisbona għat-tkabbir u x-xogħol huma kumpliementari, u l-kontribut essenzjali li din ta' l-aħħar tati biex jintlaħaq l-għan prijoritarju ta' l-ewwel, filwaqt li tenna l-ħtieġa li l-aspetti ambjentali jiġu integrati fil-politiki kollha. Dan il-ġist ġenerali kien enfasizzat b'mod qawwi mill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2007 (¹³).

2.6 L-għanijiet ewlenin tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2008 (¹⁴) jinkludu b'mod ċar l-objettiv li ċ-ċittadin jitpoġġa fiċ-ċentru ta' l-isforz Ewropew, ibda minn evalwazzjoni tas-sitwazzjoni soċjali flimkien ma' revizzjoni tas-suq intern, b'attenzjoni kostanti għall-ħtieġa li l-pubbliku Ewropew japprofitta kemm jista' mis-suq uniku.

2.7 Il-KESE spiss talab li jintuża l-Artikolu 153 tat-trattat tal-KE bħala l-bażi legali (¹⁵), peress li huwa mfassal biex jiżgura livell għoli ta' protezzjoni għaċ-ċittadini u biex jippromovi d-dritt tagħhom li jirċievu informazzjoni sħiħa (¹⁶), korretta, xierqa, li tintfieh u li tkun fil-ħin.

2.7.1 F'dik li hi liġi mislufa, id-drittijiet tal-konsumatur li jirċievi informazzjoni huma regolati mid-Direttiva 2005/29/KE (¹⁷) dwar il-prattiki kummerċjali inġusti li jistgħu jkunu ta' ħsara għall-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi. L-anness ta' din id-direttiva jelenka serje ta' Prattiki kummerċjali li jistgħu jitqiesu inġusti jekk ma ssirx valutazzjoni każ każ, inkluż pereżempju li tintwera marka ta' fiduċja, ta' kwalità jew xi ħaġa simili mingħajr ma tkun inkisbet l-awtorizzazzjoni meħtieġa.

(⁷) COM(2002) 412 finali, 17.7.2002 u d-Direttiva 2004/18/KE tal-31 ta' Marzu 2004.

(⁸) Direttiva 2005/32/KEE (ĠU L 191, 22.7.2005). Deċiżjoni 2000/729/KEE, Deċiżjoni 2000/730/KE u Deċiżjoni 2000/731/KE (ĠU L 293, 22.11.2000).

(⁹) ĠU L 242, 10.9.2002.

(¹⁰) Rapport dwar l-Istrateġija għal Żvilupp Sostenibbli 2007.

(¹¹) Ara n-nota 18 f'qiegħ il-paġna. B'mod partikolari:

(¹²) ISBN 978-92-9167-932-4- EEA, Copenhagen, 2007.

(¹³) Il-Kunsill Ewropew ta' Brussell, l-14.12.2007.

(¹⁴) COM(2007) 640 finali.

(¹⁵) ĠU C 108, 30.4.2004.

(¹⁶) ĠU C 175, 27.7.2007 ĠU C 44, 16.2.2008.

(¹⁷) Direttiva 2005/29/KE (ĠU L 149, 11.6.2005)

2.8 Madankollu l-Kumitat huwa konvint li hemm livell ta' frammentazzjoni leġiżlattiva fil-livell Komunitarju f'dawk li huma r-reqwiziti bażiċi għall-informazzjoni mogħtija lill-konsumatur, kif ukoll ir-reqwiziti għal prodotti sostenibbli, u jqis li huwa importanti li titħejja "Karta Ewropea għall-konsum u l-produzzjoni sostenibbli fis-suq intern".

2.8.1 Jekk ir-riżultati ta' l-implimentazzjoni ta' din il-Karta — u l-kodiċi awto-regolatorji kif imfissra fid-Direttiva 2005/29/KE — ma jkunux biżżejjed, il-Kumitat jemmen li għandhom jiġu eżaminati possibbiltajiet oħrajn, bħal pereżempju armonizzazzjoni aktar sħiħa jew il-ħolqien ta' sistema Komunitarja speċifika ta' natura operazzjonali.

3. Kummenti ġenerali

3.1 Il-Kumitat jisħaq li huwa essenzjali li wieħed jibda b'tifsiriet ċari u definiti ta' kunċetti bħal m'huma "prodott sostenibbli", "disinn, produzzjoni u distribuzzjoni sostenibbli", u "konsum sostenibbli", sabiex jiġi ssorveljat, fl-UE kollha u fiż-Żona Ekonomika Ewropea, il-ħarsien ta' kull qafas Komunitarju leġiżlattiv, regolatorju u volontarju li jirreferi għal dawn id-definizzjonijiet fl-isferi nazzjonali/regionali varji.

3.2 Dawn it-tifsiriet, aċċettati minn kulħadd fil-livell internazzjonali, m'humiex statiċi imma fin-natura tagħhom soġġetti għal **titjib kontinwu**. Fil-fehma tal-Kumitat, madankollu, iridu jiġu **żviluppati aħjar permezz ta'**:

— pakkett ta' **indikaturi ambjentali** ⁽¹⁸⁾ biex jinżamm kont tal-progress bejn limiti differenti u b'hekk ikun possibbli li jiġi valutat il-livell ta' sostenibbiltà ta' sistemi ta' produzzjoni, prodotti, u servizzi u sistemi ta' distribuzzjoni;

— **Standards ambjentali tekniċi Komunitarji** (li possibbilment jorbtu ma' l-istandards ta' l-ISO) b'integrazzjoni sħiħa ta' l-aspetti ambjentali fil-proċess ta' standardizzazzjoni Ewropew, kif sostna ħafna drabi l-Kumitat ⁽¹⁹⁾, biex jiġu inkorporati fi prodotti, sistemi ta' produzzjoni u servizzi, skond il-linji gwida għall-konformità ta' direttivi Komunitarji relatati ⁽²⁰⁾.

3.2.1 Il-Kumitat jisħaq li t-tifsiriet suġġeriti hawn fuq, imsaħħa b'indikaturi u standards xierqa, huma essenzjali għal politika Komunitarja effettiva li tista' tagħmilha possibbli għal konsumaturi infurmati fl-għażliet u l-imġiba tagħhom, fejn il-proċessi ta' produzzjoni jieħdu ħsieb l-ambjent.

⁽¹⁸⁾ Bħall-Indikatur tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Qafas u l-Metodoloġija għal Żvilupp Sostenibbli (1996).

⁽¹⁹⁾ ĠU C 48, 21.2.2002, p.112; ĠU C 117, tat-30.4.2004; ĠU C 74, 23.3.2005.

⁽²⁰⁾ CENELEC ilu jżviluppa bażi tad-data on line dwar l-aspetti ambjentali inkorporati fl-istandards CENELEC sa mill-2006. Sa mill-bidu ta' l-2007, CEN ħadem fuq programm ta' taħriġ dwar l-inkorporazzjoni ta' standards ambjentali fl-istandards CEN.

3.3 Bħalma enfasizzat il-Kummissjoni stess, l-**industrija Ewropea** diġà tinsab f'pożizzjoni tajba biex tibni fuq il-qagħda b'saħħitha tagħha fis-suq ta' prodotti, servizzi u proċessi ġodda bbażati fuq teknoloġiji ambjentali. Barra minn hekk, kumpaniji Ewropej huma dejjem aktar sensitivi għall-prestazzjoni ambjentali bħala parti mill-approċċi tar-responsabbiltà soċjali korporattiva tagħhom ⁽²¹⁾.

3.3.1 Il-Kumitat jaqbel dwar it-tliet oqsma ta' żvilupp stabbliti f'dan ir-rigward: l-istimulazzjoni ta' l-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni ta' teknoloġiji, prodotti u servizzi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u li huma effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija; il-ħolqien ta' suq intern dinamiku; l-iżvilupp ta' swieq globali għal teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija.

3.3.2 Il-Kumitat itenni l-pożizzjoni tiegħu li diġà spjega f'opinjoni riċenti "għandna bżonn ta' l-ogħla prestazzjonijiet fil-qasam xjentifiku u tekniku, li jinbidlu f'innovazzjonijiet u fforza ekonomika kompetittiva mil-lat intraprenditorjali, sabiex nissalvagwardaw il-futur tagħna, per eżempju fir-rigward tal-kwistjoni ta' l-enerġija u l-klima, inżommu u ntejbu l-pożizzjoni globali tagħna fil-preżent, u niżviluppaw minflok ma nipperikolaw il-mudell soċjali Ewropew" ⁽²²⁾.

3.3.3 Skond il-Kumitat, huwa meħtieġ approċċ aktar integrat, sabiex jingħelbu d-diffikultajiet u l-ostakoli għall-użu konġunt u koordinat ta' kull għodda finanzjarja possibbli ⁽²³⁾ fil-livell Ewropew, nazzjonali, regionali u lokali u minn operaturi individwali, għall-iżvilupp ta' teknoloġiji nodfa u effiċjenti u applikazzjonijiet innovattivi li kapaċi jġġeneraw proċessi, prodotti u servizzi b'livell għoli ta' sostenibbiltà.

3.3.4 Il-Kumitat jemmen li tinħtieġ inizjattiva bejn id-DĠ Komunitarji għall-koordinazzjoni u l-assistenza teknika biex tottimizza l-użu konġunt ta' l-għodod Komunitarji, Ewropej u nazzjonali li jeżistu biex jiżdedu l-isforzi fil-qasam tar-**riċerka u l-innovazzjoni** kemm fil-kumpaniji kif ukoll fil-korpi pubbliċi u privati, għar-raġunijiet ta' ħarsien ambjentali, fl-ispera taż-Żona Ewropea għar-Riċerka u l-Innovazzjoni.

3.3.5 Kif intqal f'ħafna okkażjonijiet mill-Kumitat ⁽²⁴⁾, il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, huwa essenzjali li tinqata' l-burokrazija żejda li titfa' lill-kumpaniji lura (bħall-SMEs), sabiex jinħeles il-potenzjal ekonomiku u soċjali tan-negozji u jiġi dirett lejn il-modernazzjoni sostenibbli tal-kuntest u l-istrutturi ta' produzzjoni u organizzazzjoni.

⁽²¹⁾ COM(2007) 374 finali ta' l-4.7.2007.

⁽²²⁾ ĠU C 325, 30.12.2006.

⁽²³⁾ Jeżistu ħafna strumenti Ewropej u internazzjonali li jistgħu jintużaw hawnhekk (PQ7, CIP, LIFE, FONDI STRUTTURALI, BEI, i2i, EUREKA, LEED-OECD, CEB-Kunsill ta' l-Ewropa, eċċ.) imma jekk jintużaw f'daqqa tinholq problema minħabba l-metodi u l-proċeduri diverġenti tagħhom, il-bosta skedi differenti u d-diffikultajiet konsiderevoli marbuta mas-"simultaneous engineering" (proġettar simultanju) ta' tipi varji ta' miżuri.

⁽²⁴⁾ Ara l-opinjoni ĠU C 120, 16.5.2008, p. 66; rapporteur: is-Sur Pezzini.

3.4 L-UE nidiet is-sistema ta' tikkettar ekoloġiku għall-prodotti biex tagħti spinta lill-produzzjoni li hija ambjentalment għaliġa fl-1997. Din ġiet imbagħad estiża għas-servizzi u kibret matul is-snin. Tinkludi wkoll tikketti pubbliċi taħt ħafna kriterji applikati għal gruppi ta' prodotti/servizzi ⁽²⁵⁾.

3.4.1 Il-Kumitat jisħaq li din is-sitwazzjoni tista' toħloq konfużjoni fost il-produtturi u fuq kollox fost il-konsumaturi Ewropej, u li t-tweġiba hija sistema integrata ta' kriterji komuni minimi stabbiliti fil-livell Ewropew, li tistabbilixxi r-reġistrazzjoni u l-verifika obbligatorja għat-tikketti minn korp indipendenti li jċertifika.

3.4.2 It-tikkettar flivell Ewropew ma għandux jikkompeti imma jeżisti flimkien mat-tikketti nazzjonali u settorjali li xi drabi huma aktar magħrufa mal-konsumaturi mit-tikkettar Ewropew. Barra minn hekk, għandu jkun hemm koordinazzjoni flivell internazzjonali ma' tikketti li r-nexxew bħall-Energy Star.

3.4.3 Huwa imperattiv li t-tikketti huma fdati u jagħtu kunfidenza lill-konsumaturi. Għal din ir-raġuni l-ħolqien ta' standards ta' tikketti bħal dawn u l-monitoraġġ tas-suq għandhom jiġu fdati f'idejn il-parti interessata (kollha kemm huma) sabiex ikunu aktar kredibbli.

3.4.4 Jista' jkun utli li wieħed jibda jistudja l-possibbiltà ta' tikkettar ta' prodotti jew servizzi biex tiġi identifikata l-marka ekoloġika (carbon print) tagħhom.

3.5 Fir-rigward tas-sistema volontarja ta' l-EMAS, li tagħmilha possibbli għal dawk li jixtiequ juru li qed itejbu l-prestazzjoni ambjentali tagħhom li jagħmlu parti minn sistema Komunitarja ta' eko-ġestjoni u verifika ekoloġika; b'hekk juru r-rieda tagħhom li jirrispettaw l-istandards ambjentali u l-impenn tagħhom li jadottaw sistema ta' ġestjoni ekoloġika, il-Kumitat jisħaq li wara l-adozzjoni ta' l-istandard ISO 14001 ser ikun possibbli li tissaħħaħ id-"dimensjoni tal-prodott" ta' l-iskemi ta' ġestjoni ambjentali biex tiġi faċilitata disseminazzjoni akbar fost il-produtturi u d-distributuri u biex tiġi adattata għall-ġestjoni tal-proċess f'awtoritajiet lokali u biex issir aktar miftuħa għal sinerġiji bi strumenti għall-promozzjoni ta' l-iżvilupp sostenibbli.

3.5.1 Skond il-Kumitat, ta' min kieku wieħed jappoġġja d-disseminazzjoni ta' l-EMAS permezz ta' miżuri finanzjarji, fiskali, ta' simplifikazzjoni u amministrattivi, inizjattivi ta' reklamar u marketing, u permezz tar-rikonoxximent ta' l-EMAS bħala "standard ta' eċċellenza" wkoll fil-livell internazzjonali, bil-possibbiltà li l-SMEs jiġu meġhuna jieħdu approċċ gradwali, mhux l-inqas fl-isfera tal-clusters industrijali.

⁽²⁵⁾ Eżempji jinkludu l-eko-fjura (logo Ewropew forma ta' fjura, użat fl-Ewropa kollha, http://europa.eu.int/comm/environment/ecolabel/index_en.htm); in-Nordic Swan (użata l-aktar fl-Iskandinavja, <http://www.svanen.nu/Eng/default.asp>); il-Blue Angel (speċifika għall-Ġermanja, http://blauer-engel.de/englisch/navigation/body_blauer_engel.htm); u l-Fair Flower (indiġena ta' l-Olanda, <http://www.flowercampaign.org>). Hemm ukoll tikketti pubbliċi li jiffukaw fuq aspetti ambjentali speċifiċi, bħall-"Energy Star", u tikketti privati, inkluża s-sistema ta' tikkettar organiku IFOAM (http://ec.europa.eu/environment/emas/index_en.htm).

3.6 Il-Kumitat iqis bħala assolutament essenzjali l-iżvilupp ta' "suq ekoloġiku" għall-prodotti u s-servizzi, permezz ta' l-introduzzjoni ta' serje ta' inċentivi u għodod mfassla għal min joffri l-provvista biex titħeġġeġ l-innovazzjoni, u min-naħa tad-domanda biex il-konsumaturi jingħataw l-informazzjoni u l-inċentivi xierqa biex jixtru prodotti li jkunu jirrispettaw aktar l-ambjent.

3.6.1 Għall-għanijiet ta' suq intern kompetittiv, il-prestazzjoni ta' prodott għandha tiġi valutata mhux biss fuq il-bażi ta' kriterji ambjentali imma jridu jitqiesu wkoll aspetti importanti oħrajn bħal: il-prestazzjoni ekonomika kemm għall-konsumatur kif ukoll għall-produttur, is-sigurtà u l-funzjonalità, kif jintużaw ir-riżorsi, il-loġistika, il-marketing, il-karatteristiċi tal-prodott f'dik li hi saħħa u innovazzjoni, il-ħila tiegħu li jwessa' l-għażla tal-konsumatur, iċ-ċiklu tal-ħajja u u t-tip ta' rimi, u fl-aħħar, l-aspetti soċjali.

3.6.2 Huwa imperattiv li jkun hemm impenn ġenwin fl-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni fis-settur tal-produzzjoni u s-servizzi ekoloġiċi.

3.7 Fl-opinjoni tal-Kumitat, il-Kumitat Ekonomiku għall-Istandardizzazzjoni (CEN), il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettronika (CENELEC) u l-Istitut Ewropew ta' l-Istandards ta' Telekomunikazzjoni (ETSI) għandhom ikollhom sehem kruċjali fl-iżvilupp tal-proċess ta' standardizzazzjoni teknika fejn tidħol is-sostenibbiltà ambjentali ta' prodott ⁽²⁶⁾.

3.7.1 Il-Kumitat diġà sostna li l-promozzjoni ta' l-użu ta' standards ambjentali tekniċi ma għandhiex tkun soġġetta għal deċiżjonijiet li jittieħdu minn fuq għal isfel imma għandha ssir permezz ta' aċċettazzjoni mifruxa ta' prodotti li huma kompatibbli ma' l-ambjent sabiex nirrispondu b'mod kemm jista' jkun effettiv għall-ħtiġijiet u l-interessi taċ-ċittadini u l-konsumaturi ⁽²⁷⁾.

3.8 Fl-isfera tal-kuntratti pubbliċi, huwa importanti li tingħata importanza lid-Direttiva 2004/18/KE dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti ta' xogħolijiet pubbliċi, provvisti pubbliċi u servizzi pubbliċi ⁽²⁸⁾ u l-komunikazzjoni interpretattiva tal-Kummissjoni dwar il-liġi Komunitarja li tapplika għall-akkwist pubbliku u l-possibiltajiet li jiġu integrati kunsiderazzjonijiet ambjentali fl-akkwist pubbliku ⁽²⁹⁾.

3.8.1 Il-Kumitat jisħaq li s-settur ta' l-akkwist pubbliku, li jir-rappreżenta madwar 16 % tal-PGD Komunitarju, huwa kritiku fil-promozzjoni tad-disseminazzjoni ta' aktar prodotti ekoloġiċi u jitlob għal miżuri biex iħeġġu l-awtoritajiet kontraenti jużaw il-possibiltajiet eżistenti fil-qasam ta' l-akkwist pubbliku ekoloġiku (GPP).

⁽²⁶⁾ ĠU C 74, 23.3.2005.

⁽²⁷⁾ Ibid.

⁽²⁸⁾ ĠU L 134, 30.4.2004.

⁽²⁹⁾ COM(2001) 274 finali; ĠU C 333, 28.11.2001.

3.8.2 Ir-rapport finali ta' l-2006 dwar l-akkwist pubbliku ekoloġiku fl-Ewropa ⁽³⁰⁾ jsemmi dawn l-ostakoli għad-disseminazzjoni tiegħu: il-prezz ogħla ta' prodotti ekoloġiċi, b'mod partikulari fin-nuqqas ta' indikaturi ta' l-ispejjeż matul iċ-ċiklu tal-ħajja; in-nuqqas ta' għarfien ambjentali, u n-nuqqas ta' bażi tad-data adattata elettronika li hija faċilment aċċessibbli; nuqqas ta' ċarezza fil-kriterji u l-ispeċifikazzjonijiet għall-akkwist, b'definizzjonijiet u standards inċerti għall-prodotti ekoloġiċi; nuqqas ta' appoġġ fil-livell manijerjali u politiku; u nuqqas ta' għodda biex jingħataw informazzjoni u taħriġ.

3.8.3 Il-Kumitat għalhekk jirrakkomanda: li jiġu definiti kriterji konkreti għall-prodotti ekoloġiċi, li jiġu speċifikati l-ispeċifikazzjonijiet ambjentali rilevanti kollha; li tiġi inkluża l-ispiża taċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tal-prodott jew tas-servizz fl-ispeċifikazzjonijiet tiegħu; li titniehed "Bażi tad-Data għall-għarfien dwar l-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku Ewropew" ⁽³¹⁾; li jiġu introdotti r-rewżiti ta' l-istandard ISO 14004, is-sistemi ta' ġestjoni ambjentali — EMS, referenzi għall-Eko-tikketta u d-disinn ekoloġiku fid-direttivi tal-KE dwar il-kuntratti pubbliċi; id-disseminazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-adozzjoni ta' akkwist pubbliku ekoloġiku fost il-pubbliku; li niffukaw fuq prodotti li għandhom l-akbar impatt ambjentali.

3.9 Il-kunċett ta' "**kummerċ ġust**" huwa wkoll mifrux ma' l-Ewropa kollha. Il-kummerċ ġust u l-kummerċ etiku kienu ta' interess kbir għall-KESE għal xi żmien u kienu indirizzati fid-dettall fl-opinjoni REX/196 ⁽³²⁾. Fil-fehma tal-Kumitat, dawn huma kruċjali għas-suċċess tal-konsum sostenibbli.

3.10 **L-edukazzjoni hija element kruċjali fil-konsum sostenibbli** u l-KESE tinsisti li din l-edukazzjoni għandha tibda fil-klassi. Il-konsumaturi għandu jkollhom ukoll aċċess immedjat għal informazzjoni dwar il-prodotti u s-servizzi magħżula u l-impatt potenzjali tagħhom fuq l-ambjent. Huwa wkoll essenzjali li din l-informazzjoni tingħata b'mod li jkun interessanti għall-konsumaturi u b'hekk faċli li wieħed jassorbha u jifimha.

3.11 Il-KESE jemmen li l-korp leġislattiv tal-Komunità dwar il-produttjoni u l-konsum sostenibbli għandu jiġi kkonsolidat u ssimplifikat biex ikun aktar jinftehem u aċċessibbli kemm għall-konsumaturi kif ukoll għall-produtturi: "Il-prinċipju ta'" inqas leġislazzjoni iżda leġislazzjoni aħjar "irid jirrifletti ruħu ftesti regolatorji konsolidati u konsistenti fil-qasam ta' l-ambjent, testi li jipprovdu ċertezza legali u trasparenza fl-aġġustament għall-bidliet industrijali, u li jikkonċentraw fuq l-aħjar mezz li bih jistgħu jiġu protetti r-riżorsi u l-ambjent, u li bih jistgħu jiġu applikati innovazzjonijiet sostenibbli, kompetittivi u teknoloġiċi fis-suq globali" ⁽³³⁾.

⁽³⁰⁾ L-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku fl-Ewropa 2006 — Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet. Virage Milieu & Management bv, Korte Spaarne 31, 2011 AJ Haarlem, l-Olanda. <http://europa.eu.int/comm/environment/gpp>.

⁽³¹⁾ Ukoll b'referenza għall-Pjattaforma Ewropea għaċ-Ċiklu tal-Ħajja għall-prestazzjoni ambjentali ta' prodotti, teknoloġiji u servizzi.

⁽³²⁾ Il-kummerċ etiku u skemi ta' l-assigurazzjoni tal-konsumatur; rapporteur: is-Sur Adams; ĠU C 28, 3.2.2006.

⁽³³⁾ ĠU C 120, 16.5.2008, p. 66; Rapporteur: is-Sur Pezzini.

3.12 Dwar is-suġġett ta' prodotti ekoloġiċi, ta' min **iżid il-miżuri Komunitarji mmirati li jagħmlu r-reklamar li jagħti idea żbaljata u Prattiki kummerċjali inġusti illegali** ⁽³⁴⁾: It-termini "eko" u "bijo" spiss jintużaw bħala għodda sempliċi ta' marketing biex iżidu l-bejgħ ta' prodotti u servizzi li fir-realtà m'humiex differenti minn oħrajn u ma joffru l-ebda valur miżjud.

3.12.1 B'rabta ma' dan, il-Kumitat jemmen li l-iżvilupp ta' **kodiċi tal-kondotta**, kif imfisser fid-Direttiva 2005/29/KE, jista' jkun element partikolarment sinifikanti fl-awto-regolamentazzjoni biex jiġi evitat l-użu ta' dikjarazzjonijiet ekoloġiċi inġusti fir-reklamar, skond il-kriterji li ġejjin:

— Ir-reklamar ambjentali ma jridx iwassal għal allarm soċjali mhux meħtieġ dwar problemi ekoloġiċi, jew jisfrutta n-nuqqas ta' familjarità ma' din il-kwistjoni.

— Ir-reklamar ma jridx iħeġġeġ imġiba li ddgħajf il-ħarsien ambjentali, jew ipiŋgi mġiba bħal din f'dawl li ma jkunx kritiku.

— Ir-reklamar ma jistax jagħti idea żbaljata lill-pubbliku dwar l-effetti ambjentali tal-prodott reklammat, kemm jekk bi preżen-tazzjoni qarrieqa ta' dawn l-effetti jew billi dawn jinħbew.

— Il-karatteristiċi li jirrispettaw l-ambjent ta' prodott jew servizz ma jridux jiġu estiżi mingħajr ġustifikazzjoni għal prodott jew servizzi oħrajn mill-kumpanija in kwistjoni.

— Meta l-kwalitajiet ambjentali ta' prodott jew servizz jiddependu fuq kondizzjonijiet jew metodi speċifiċi ta' l-użu jew il-konsum, jew fuq punti partikulari fiċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, ir-reklam għandu jgħid dan b'mod ċar, jew inkella jħeġġeġ lill-konsumaturi jfittxu din l-informazzjoni.

— L-użu ta' dikjarazzjonijiet jew slogans ambjentali fir-reklamar irid ikun ibbażat fuq kriterji tekniċi u xjentifiċi verifikabbli. Jekk ikkuntestat, min qed jirreklama jrid juri l-evidenza meħtieġa minn korp indipendenti jew espert biex jipprova l-eżattezza tar-reklam.

— Referenzi għal ingredjenti miżjuda jew innaqqsa mill-prodotti reklamati sabiex jinbidel l-effett ambjentali tagħhom jridu jkunu ċari u speċifiċi fir-rigward tan-natura u l-effetti ta' dawn l-effetti.

— L-użu ta' sinjali jew simboli marbuta ma' effetti ambjentali ma jistgħux ikunu qarrieqa jew iwasslu għal konfużjoni dwar x'ifissru. Lanqas ma jistgħu jalludu b'mod falz għall-eko-tikketti użati uffiċjalment f'pajjiżi, żoni ġeografiki jew setturi ekonomiċi speċifiċi. Testimonjanzi u xhieda jistgħu jintużaw biss għall-promozzjoni tal-karatteristiċi ekoloġiċi tal-prodott reklammat permezz ta' dikjarazzjonijiet speċifiċi u verifikabbli, b'konformità mar-raba' inċiż mill-aħħar.

⁽³⁴⁾ Direttiva 2005/29/KE (ĠU L 149, 11.6.2005).

3.12.2 Fil-fehma tal-Kumitat għandha titħeġġeġ l-eżistenza ta' korpi effiċjenti u bi spiża baxxa ta' **superviżjoni u arbitraġġ mhux ġudizzjarji**, li jistgħu iservu b'mod kredibbli biex jiggarrantixxu li l-prodotti jħarsu l-istandards ambjentali, u li l-prodotti sostenibbli fuq is-suq jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' sostenibbiltà ambjentali li jirregolaw l-għażla tal-konsumaturi. Dawn ma għandhomx jieħdu post il-proċeduri ġudizzjarji li għandhom ikunu aċċessibbli għal kulħadd.

3.13 Il-Kumitat jagħti importanza partikulari lil **Karta Ewropea għall-konsum u l-produzzjoni sostenibbli fis-suq intern** biex jitħarsu d-drittijiet tal-konsumaturi li jikkunsmaw prodotti ekoloġiċi. Karta ta' dan it-tip għandha tinkludi dawn l-elementi:

- li r-responsabbiltà għall-konsum sostenibbli tinqasam bejn il-partijiet interessati u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kollha: il-produtturi, id-distributuri, il-konsumaturi, l-educaturi, l-awtoritajiet pubbliċi, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u dawk ambjentali, u l-imsieħba soċjali,
- l-integrazzjoni tal-politika tal-produzzjoni u l-konsum sostenibbli fil-politiki rilevanti Komunitarji l-oħrajn, b'konsultazzjoni ma' organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, ambjentali, tal-manifattura, kummerċ u distribuzzjoni, flimkien ma' partijiet interessati oħrajn,
- responsabbiltà primarja min-naħa ta' l-industrija u l-produtturi Ewropej biex titkabbar id-disponibbiltà ta' konsum sostenibbli tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott mill-bidu sat-tmiem ta' l-użu tiegħu u fis-setturi tad-distribuzzjoni u s-servizzi,
- ir-responsabbiltà ta' l-UE biex ttiprovdi qafas uniku, ċar, konsistenti u li jinftiehem għal-leġislazzjoni Komunitarja kollha f'dan il-qasam, b'enfasi fuq id-drittijiet tal-konsumatur u mezzi li faċli tużahom u mingħajr ħlas ta' kif wieħed jiddefendi dawn id-drittijiet fil-prattika,
- elementi possibbli li jistgħu jiżviluppaw id-drittijiet eżistenti u li jaqgħu taħt is-setgħat ta' l-Istati Membri,

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropej

Dimitris DIMITRIADIS

- elementi possibbli li jistgħu jiżviluppaw id-drittijiet eżistenti u li jistgħu jintlaħqu permezz ta' awto-regolamentazzjoni ⁽³⁵⁾ min-naħa tal-partijiet interessati privati, ir-rappreżentanti tal-konsumaturi ⁽³⁶⁾, l-organizzazzjonijiet ambjentali ⁽³⁷⁾ u r-rappreżentazzjonijiet ta' l-industrija,
- responsabbiltà min-naħa ta' l-UE u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri li jippromovu miżuri dinamiċi, verifikabbli u applikabbli b'mod uniformi li jikkonċernaw id-disinn li jirrispetta l-ambjent f'kull settur ta' prodotti, eko-tikketti ta' min jafdahom madwar l-UE, sistemi mifruxa ta' ġestjoni ambjentali, l-abbozzar u l-infurzar ta' standards ambjentali teknikament avvanzati u magħrufin internazzjonalment, rekwiżiti tekniċi ambjentali speċifiċi u vinkolanti fi proċeduri ta' akkwist pubbliku, reklamar "ekoloġiku" qarrieqi, il-kummerċ ġust u l-kooperazzjoni internazzjonali għall-konsum sostenibbli,
- li jitħaffu r-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, u l-introduzzjoni ta' applikazzjonijiet innovattivi fil-qasam tal-produzzjoni u l-konsum sostenibbli, kemm f'dik li hi n-nefqa pubblika u n-nefqa privata tal-Komunità u ta' l-Istati Membri, bil-ħsieb li jkun hemm mira li jintefaq 3 % tal-PGD kif definit għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka ⁽³⁸⁾,
- l-ġhoti ta' informazzjoni, edukazzjoni u taħriġ lill-partijiet interessati kollha fil-konsum sostenibbli, u azzjonijiet li jkatru l-ħila ta' l-amministrazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet rilevanti,
- l-iżvilupp ta' indikaturi, metodoloġiji u bażi tad-data li jkunu disponibbli pubblikament biex jitkejjel il-progress lejn il-konsum sostenibbli fil-livelli kollha,
- il-promozzjoni tar-riċerka dwar l-imġiba tal-konsumaturi li hija ta' ħsara ambjentali, sabiex jiġu identifikati modi kif il-mudelli tal-konsum isiru aktar sostenibbli.

3.13.1 Il-KESE jipproponi li tiġi organizzata konferenza dwar il-Karta Ewropea għall-konsum u l-produzzjoni sostenibbli fis-suq intern meta titqies l-importanza tas-suġġett, dan bl-involvement tal-Parlament Ewropej u l-Kummissjoni Ewropea.

⁽³⁵⁾ Ara punti 22 u 23 tal-Ftehim interistituzzjonali dwar tfassil aħjar tal-lijijiet (ĠU C 321, 31.12.2003).

⁽³⁶⁾ Fpunt 3.5 ta' l-Opinjoni, il-KESE jiddiskuti l-karatteristiċi użati fit-tentattiv li jiġi definiti kunċetti uniformi ta' xi tisser "assoċjazzjoni rappreżentattiva tal-konsumaturi" (ĠU C185, 8.8.2006).

⁽³⁷⁾ The EESC supports the idea of promoting the engagement of civil society in sustainable development issues. Point 4.2.6 of Opinion OJ C 120 of 16.5.2008, p. 33.

⁽³⁸⁾ Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ERA).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni mill-Komunità fi programm ta' riċerka u żvilupp maħsub biex itejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' persuni mdaħħlin fiż-żmien permezz ta' l-użu ta' Teknoloġiji ta' l-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni ġodda (ICT), immedija minn diversi Stati Membri

COM(2007) 329 finali — 2007/0116 (COD)

(2008/C 224/02)

Nhar il-10 ta' Lulju 2007 il-Kunsill iddeċieda li jikkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, skond l-Artikoli 169 u 172 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, dwar

il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni mill-Komunità fi programm ta' riċerka u żvilupp maħsub biex itejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' persuni mdaħħlin fiż-żmien permezz ta' l-użu ta' Teknoloġiji ta' l-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni ġodda (ICT), immedija minn diversi Stati Membri

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-6 ta' Mejju 2008. Ir-rapporteur kienet is-Sinjura Darmanin.

Matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu, li nżammet nhar it-28 u d-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'unanimità.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni maħsuba biex itejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' persuni mdaħħlin fiż-żmien permezz ta' l-użu ta' Teknoloġiji ta' l-Informatika u tal-Komunikazzjoni ġodda. L-AAL jista' jkun wieħed mill-għodda li primarjament u b'mod effettiv għandhom jassiguraw il-kwalità tal-ħajja mhux biss tal-persuni mdaħħlin fiż-żmien iżda ta' kwalunkwe persuna li bħalissa ma tistax toqgħod fir-residenza tagħha minħabba kwistjonijiet ta' saħħa.

1.2 Il-KESE jemmen bis-sħiħ li l-approċċ meħud għal tali riċerka u żvilupp fil-qasam ta' l-ICT għandu l-ewwel u qabel kollox jassigura li l-ħtiġijiet tal-benefiċjarji jinftieħmu sewwa, jiġu indirizzati u jiġu ssodisfati. Għaldaqstant, l-approċċ għandu jkun wieħed "minn isfel għal fuq", fejn primarjament għandhom jiġu magħrufa l-ħtiġijiet ta' l-utenti u sussegwentement jitwettqu r-riċerka u l-iżvilupp b'mod xieraq.

1.3 Il-KESE jemmen bis-sħiħ li waħda mill-persuni interessati importanti f'AAL hija l-persuna li fl-aħħar mill-aħħar għandha tgawdi minn din it-teknoloġija. Għalhekk, m'huwiex importanti biss li jinftieħmu l-ħtiġijiet ta' tali persuni, iżda wkoll li dawn il-persuni jitħarrġu fl-użu ta' teknoloġija bħal din u jiġu involuti fit-tfassil u t-testing tat-teknoloġija.

1.3.1 Huwa wkoll għal din ir-raġuni li l-KESE jqis il-politiki ta' l-UE relatati mat-Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Inklużjoni bħala importanti. Minħabba f'hekk il-Kumitat jemmen li l-Kummissjoni għandha tieħu wkoll approċċ integrat bejn l-AAL u tali politiki.

1.4 Il-KESE jqis li l-ewwel u qabel kollox wieħed għandu jara dan il-programm bħala wieħed "Uman" ħafna aktar milli bħala sempliċement programm ieħor ta' Riċerka u Żvilupp. Dan huwa tabilħaqq programm ta' riċerka, iżda jindirizza ċirkostanzi soċjali li ħafna drabi jiffaċċjaw fi stadju delikat tal-ħajja.

1.5 Kif ser jissema aktar 'il quddiem, il-KESE jemmen li l-erba' oqsma ewlenin li għandhom jiġu indirizzati b'mod konkur-

renti taħt il-programm AAL huma: il-ħtiġijiet ta' l-Utent; is-sigurtà ta' l-Utent; l-Organizzazzjonijiet Soċjali u tas-Saħħa (flimkien ma' assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw il-professjonisti f'dawn is-setturi); u t-Teknoloġija li għandha tintuża.

1.6 Il-KESE jenfasizza li għandhom jitqiesu l-kwistjonijiet ta' etika u privatezza b'konformità mal-linji gwida internazzjonali. Għaldaqstant ifaħħar ir-rikonoxximent ta' tali kwistjonijiet fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni.

2. Il-kontenut essenzjali tal-Proposta tal-Kummissjoni

2.1 Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan speċifiku li:

— trawwem il-ħolqien ta' prodotti u servizzi innovattivi bbażati fuq l-ICT għal għajxien aħjar għall-persuni mdaħħlin fiż-żmien, biex b'hekk tittejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' l-anzjani u jitnaqqsu l-ispejjeż tal-kura soċjali u tas-saħħa.

— ittejjeb il-kundizzjonijiet għall-isfruttar industrijali billi jiġi pprovdut qafas koerenti Ewropew sabiex jiġu żviluppati approċċi komuni, tiġi ffaċilitata l-lokalizzazzjoni u titnaqqas l-ispiża tas-servizzi.

— toħloq u tisfrutta massa kritika ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni fil-livell ta' l-UE fit-teknoloġiji u s-servizzi fil-qasam tat-tixjijih.

2.2 Din il-proposta ssegwi t-tnejda mill-Kummissjoni ta' Pjan ta' Azzjoni dwar it-tixjijih aħjar għall-persuni mdaħħlin fiż-żmien fis-soċjetà ta' l-infommazzjoni. Dan il-pjan ta' azzjoni jidher bħala komponent ewlieni fl-indirizzar ta' l-isfidi ekonomiċi u soċjali li qiegħda tiffaċċja l-Ewropa minħabba l-bidliet demografiki. Huwa previst li l-popolazzjoni ta' l-Ewropa bejn l-etajiet tal-65 u t-80 sena ser tiżdied bi kważi 40 % bejn l-2010 u l-2030 (¹). L-ICT tidher bħala mezz biex itejjeb il-kwalità tal-ħajja f'din l-età, iżid l-indipendenza tal-persuni u li dawn jibqgħu jgħixu aktar fsaħħithom.

(¹) COM(2007) 329 finali.

2.3 Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tnedi programm ta' 6 snin, l-Għajxien Megħjun Kontestwalment (*Ambient Assisted Living* — AAL) li jikkomplementa l-ICT għat-Tixjiħ fi ħdan l-FP7 u wkoll il-Programm dwar il-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP). Il-programm AAL għandu jirċievi fondi li jammontaw għal madwar EUR 300 miljun għall-perijodu 2008-2013, li jkunu magħmula ugwalmment mill-fondi tal-Komunità u ta' l-Istati Membri.

2.4 Il-qafas legali li fuqu huwa bbażat il-programm AAL huwa l-Artikolu 169 tat-Trattat. L-Artikolu 169 jagħti l-opportunità lill-Komunità Ewropea li tipparteċipa fi programmi ta' riċerka mnedija b'mod konġunt minn diversi Stati Membri, inkluża parteċipazzjoni fl-istrutturi maħluqa għall-eżekuzzjoni ta' programmi nazzjonali. Dan il-qafas legali speċifiku intgħażel għall-programm AAL sabiex tinkiseb effettività akbar f'dan il-qasam ta' riċerka billi jiġu sfruttati kemm jista' jkun il-kapaċitajiet transkonfinali; impenn mill-Istati Membri li jiffinanzjaw parti minn din ir-riċerka; l-iżgurar ta' approċċ koerenti għall-kwistjoni fuq livell Ewropew; l-iżgurar ta' suq intern ġenwin għal soluzzjonijiet interoperabbli ta' l-ICT għat-tixjiħ.

3. Sfond tal-proposta tal-Kummissjoni

3.1 Inizjattiva preċedenti skond l-Artikolu 169, ikkwotata mill-proposta tal-Kummissjoni bħala provi kliniċi fl-Afrika, l-EDCTP (Sħubija ta' Provi Kliniċi fil-Pajjiżi Ewropej u dawk li għadhom fit-triq ta' l-iżvilupp), kienet għamlet enfasi fuq l-importanza ta' impenn ċar mill-Istati Membri parteċipanti fl-iffinanzjar multi-annwali tal-proġett. Il-programm AAL fil-fatt għandu l-ħsieb li jkollu kontribuzzjoni ta' 50-50 mill-fondi ta' l-UE u minn fondi nazzjonali fil-programm.

3.2 Il-ħidma preparatorja għal dan il-programm twettqet permezz ta' proġett ta' Azzjoni ta' Appoġġ Speċifiku msejjaħ "l-Għajxien Megħjun Kontestwalment" skond il-prijorità ta' l-IST (Teknoloġiji tas-Soċjetà ta' l-Infommazzjoni) fi ħdan l-FP6 imwettqa fil-perijodu bejn l-1 ta' Settembru 2004 u l-31 ta' Diċembru 2006. Il-konsorzju kien magħmul minn imsieħba mill-Istati Membri li ġejjin: l-Awstrija, il-Ġermanja, Franza, il-Finlandja, l-Italja, il-Belġju u l-Isvizzera. L-imsieħba ġew mis-settur privat, mis-settur pubbliku u minn Università.

3.3 Il-korp legali tal-Programm Konġunt AAL huwa l-Assoċjazzjoni AAL. Din l-assoċjazzjoni bħalissa hija magħmula minn rappreżentanti minn 21 Stat Membru. Minħabba li dan huwa programm b'approċċ minn isfel għal fuq, inħatru numru ta' punti ta' kuntatt fl-Istati Membri li jappartjenu għall-Assoċjazzjoni.

4. Kummenti ġenerali

4.1 Il-KESE jilqa' din l-inizjattiva AAL skond l-Artikolu 169. B'mod partikulari, nirrikonoxxu li l-inizjattiva tqis bis-sħiħ itendenzi demografiċi bażiċi għaċ-ċittadini Ewropej.

4.1.1 Il-KESE jikkunsidra li sabiex tittejjeb il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali ta' l-Istati Membri li m'għandhomx infrastruttura biżżejjed għall-eżekuzzjoni ta' din il-proposta,

ikun hemm bżonn l-adozzjoni ta' "miżuri speċifiċi" bħal dawk li jistgħu jinsabu fl-Artikolu 159 tat-Trattat ta' l-UE, sabiex jiġu kkoreġuti l-iżbilanċi reġjonali ewlenin fl-Unjoni Ewropea.

4.2 Il-KESE jemmen li l-inizjattiva għandha titqies bħala aktar minn opportunità biex jinbnew sistemi pilota li l-għan tagħhom ikun li juru l-prova ta' kunċett. Huwa importanti ħafna li din l-opportunità tlaqqa' flimkien il-firxa wiesgħa ta' partijiet interessati li huma mitluba jkunu involuti sabiex jibqa' jinħass l-impatt ta' din l-inizjattiva.

4.2.1 Il-partijiet interessati ewlenin huma l-benefiċjarji finali ta' l-AAL. L-AAL huwa primarjament maħsub biex itawwal l-indipendenza ta' l-anzjani u wkoll biex jassigura li din il-kategorija tal-popolazzjoni tkun tista' tibqa' tgħix f'darha għal kemm jista' jkun possibbli. Wieħed għandu jżomm f'moħħu li dan m'huwiex limitat biss għas-settur ta' l-anzjani iżda wkoll għal kull individwu li bħalissa ma jistax jgħix f'daru b'mod indipendenti minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din l-inizjattiva għandha tassigura li l-ħtiġijiet u l-esiġenzi ta' dawn il-partijiet interessati jkunu verament fil-qalba tar-riċerka.

4.3 Parti interessata importanti oħra hija l-organizzazzjonijiet tas-saħħa u l-benesseri. Din l-inizjattiva għandha tirrikonoxxi l-ħtiġijiet organizzattivi tagħhom. Il-KESE jirrakkomanda li dawn l-organizzazzjonijiet ikollhom opportunitajiet li jagħmlu enfasi fuq kwistjonijiet bħall-integrazzjoni u l-interoperabilità ta' sistemi lil partijiet oħrajn interessati fil-proġett sabiex jiksbu suċċess.

4.4 Huwa rakkomandat ħafna li, sa mill-istadi inizjali, dawk l-utenti tas-sistemi li ser jiġu żviluppati taħt din l-inizjattiva jkunu involuti bħala partijiet interessati ewlenin fil-ħidma. Il-KESE jirrakkomanda li l-konsorzji jinkitbu, fejn possibbli, għal metodi li jiffokaw fuq l-utenti, bħal disinn parteċipattiv għall-metodoloġija ta' l-iżvilupp tagħhom, b'mod partikulari biex jipromovu l-użu qawwi ta' strumenti u interfaces għall-utenti. Il-Kumitat ifaħħar ukoll ir-rikonoxximent li ser tittejjed kunsiderazzjoni xierqa tal-kwistjonijiet ta' etika u ta' privatezza b'konformità ma' linji gwida internazzjonali.

4.5 Il-KESE jirrikonoxxi l-impenn iprovdut lill-SMEs fl-abbozz ta' proposta, u jappoġġja r-rikonoxximent ta' l-organizzazzjonijiet industrijali bħala partijiet interessati ewlenin li jistgħu jappoġġjaw mudelli ta' negozju innovattivi u orjentati lejn is-suq li juru mogħdijiet ċari u intrinseci għall-isfruttar. B'mod partikulari, aħna nfaħħru r-rikonoxximent li l-SMEs jistgħu jikkontribwixxu partikularment għar-riċerka li jkollha żmien iqsar għas-swieq (sentejn jew ftit aktar).

4.5.1 Aħna nħeġġu r-rikonoxximent li l-SMEs kultant ikunu flessibbli teknoloġikament u joffru l-potenzjal li jintroduċu teknoloġiji u mudelli ġodda ta' negozju fis-suq kultant b'rata aktar mgħagħla minn kumpaniji li huma akbar jew minn organizzazzjonijiet tas-saħħa jew tal-benesseri. Din il-karatteristika ta' l-SMEs hija partikularment reżonanti f'din l-inizjattiva. Konsegwentement l-isħubija konġunta bejn l-organizzazzjonijiet il-kbar u l-SMEs hija ta' benefiċċju għat-tnejn li huma.

4.6 L-AAL huwa bbażat fuq il-premessa li jappoġġja lin-nies ħalli jibqgħu jgħixu f'darhom għal żmien itwal. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, hemm firxa wiesgħa ta' *sensors, actuators, user interfaces*, proċessuri u tagħmir tal-komunikazzjoni li huma meħtieġa, u spiss ikunu jistgħu jiġu pprovduti biss minn ħafna SMEs Ewropej differenti.

4.7 Fost dawn il-gruppi kollha ta' partijiet interessati, aħna nappoġġjaw miżuri f'din l-inizjattiva li jhegħgu netwerking multidixiplinarju bejn it-teknoloġisti, dawk li jmexxu l-kliniċi u staff ieħor ta' organizzazzjonijiet tas-saħħa u tal-benesseri u b'mod partikulari ma' l-utenti, kemm dawk li jgħixu fi darhom kif ukoll dawk il-persuni lokali li jieħdu ħsiebhom u qrabathom.

4.8 Fil-kuntast ta' Sistema ta' Innovazzjoni Ewropea, din l-inizjattiva għandha l-opportunità li tadotta mudelli ġodda ta' innovazzjoni li jirriflettu progress attwali finnovazzjoni miftuħa u mill-utenti li tmexxi l-progress sabiex l-istrateġija ta' Lisbona tintrabat ma' Sistema ta' Innovazzjoni Ewropea ġdida li tkun immexxija aktar mill-utenti.

4.9 Il-KESE jafferma li huwa importanti li jkun hemm aċċess ugwali mit-tipi kollha ta' organizzazzjonijiet fl-Istati Membri kollha għal din l-inizjattiva.

4.10 Barra minn hekk, il-gvernijiet nazzjonali kollha għandhom ikunu mhegħa sabiex jieħdu sehem. Bħalissa, l-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Ġreċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, Spanja u l-Isvezja, u kif ukoll l-Iżrael, in-Norveġja u l-Isvizzera qablu li jikkoordinaw attivitajiet konġunti biex jikkontribwixxu għall-programm AAL.

4.11 Il-KESE jinsab imħasseb li xi pajjiżi m'humiex jipparteċipaw minħabba l-ispiża tal-kofinanzjament tar-riċerka. Pajjiżi bħal dawn għandhom ikunu jistgħu jieħdu sehem fi kwalunkwe stadju tal-programmazzjoni meta jilhq u l-ħtiġijiet tal-programm (l-iktar il-kofinanzjament).

4.12 Il-KESE jagħraf li l-AAL jista' jgħib miegħu tnaqqis fl-ispiża tas-sistema tal-kura soċjali. Madankollu, huwa jtenni li l-iskop ta' l-AAL m'huwiex it-tnaqqis fl-ispiża iżda l-effettività fl-assigurar tal-kwalità tal-ħajja għal kategorija ta' ċittadini. It-tnaqqis fl-ispiża huwa konsegwenza li għandna naċċettaw b'mod favorevoli.

5. Kummenti speċifiċi

5.1 Il-KESE jemmen bis-sħiħ li l-programm AAL għandu jibqa' jiffoka fuq il-karatteristiċi speċifiċi tat-tliet setturi li ġejjin: l-Utenti; l-Organizzazzjonijiet tas-Saħħa; u t-Teknoloġija użata.

5.2 Il-benefiċjarju u l-partijiet interessati ewlenin xi drabi jkun l-anzjani. Huwa ta' l-akbar importanza li l-Programm jibqa' jiffoka fuq il-ħtiġijiet ta' l-utenti aħharja. Jekk naqgħu finnassa li nqisu li l-Utenti għandhom jintużaw biss fl-ambjenti tar-riċerka sabiex din tiġi ttestjata, sfortunatament dan iwassal

biex tinħoloq innovazzjoni li fil-fatt aktarx ma tkunx taqbel mar-rekwiżiti tal-benefiċjarju ewleni. Għal din ir-raġuni, il-ħtiġijiet ta' l-Utenti m'għandhomx jintesew, u dawn il-ħtiġijiet għandhom jinkludu: bidla minima fl-imġiba, il-mobilità, l-għażla, il-kwalità tal-ħajja mtejba u r-rispett għall-privatezza ta' dak li jkun.

5.3 Wieħed għandu jżomm f'moħħu wkoll li l-anzjani huma possibbilment il-kategorija tal-popolazzjoni li ssofri l-aktar mill-eSklużjoni u għalhekk jeħtieġ li tingħeleb il-firda diġitali. Barra minn hekk, il-konnettività hija essenzjali u għalhekk għandhom isiru sforzi sabiex ir-reġjuni kollha, b'mod partikulari dawk l-aktar rurali jkollhom aċċess għall-konnettività ma' l-Internet (aċċess kemm f'termini fiżiċi kif ukoll f'termini finanzjarji).

5.3.1 Fil-qofol huwa essenzjali li:

— it-teknoloġija ma tieħux post il-kuntatt wiċċ imb'wiċċ mal-persuna li tieħu ħsieb il-pazjent jew mal-fornitur tas-servizz tas-saħħa;

— l-enfasi hija fuq il-kura preventiva u l-kura personali

— l-inklużjoni soċjali hija waħda mill-għanijiet ewlenin

— il-programm AAL għandu jiġi integrat fil-mod ta' l-għajxien ta' dak li jkun u flimkien ma' servizzi oħrajn

— skond iċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' l-utent, it-teknoloġija użata għandha tkun sigura u faċli li tintuża.

5.3.2 Għalhekk, il-KESE jemmen bis-sħiħ li l-approċċ meħud fi ħdan l-AAL għandu jkun approċċ minn isfel għal fuq. L-enfasi u l-bidu tal-proċess sħiħ għandhom ikunu l-ħtiġijiet ta' l-utenti aktar milli t-teknoloġija fiha nnifisha. Għandu jsir studju ċar sabiex jiġi identifikat l-ispettru sħiħ tal-ħtiġijiet, li wħud minn-hom jistgħu jiġu identifikati bħala: il-ħtieġa li jinżamm kuntatt man-nies, b'mod partikulari ma' dawk li jibdeu jikbru fl-età (għalhekk il-programmi VOIP bħal SKYPE u l-posta elettronika taw prova li huma għodod effettivi u irħas); in-nuqqas ta' interess fl-aġġornament mal-bidla teknoloġika li qiegħda ssir b'rata mgħaġġla; il-ħila li tlaħħaq mal-bidla teknoloġika; il-livell ta' preparazzjoni li tintuża tali teknoloġija. Barra minn hekk, l-utenti għandhom jiġu involuti fil-ħolqien, l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni ta' teknoloġiji bħal dawn.

5.4 L-organizzazzjonijiet tas-Saħħa u tal-Benesseri, ir-rappreżentanti tagħhom u l-familji ta' l-Utenti, huma fl-aħħar mill-aħħar dawk li se jużaw it-teknoloġija sabiex tiġi pprovduta kura lill-benefiċjarji. Huwa essenzjali li tali organizzazzjonijiet ikunu involuti fid-diversi stadji tar-riċerka sabiex jiġi assigurat li l-prodott riżultanti joqgħod tajjeb fi ħdan is-sistema operattiva ta' tali organizzazzjonijiet. Wieħed jista' jantċipa li jista' jkun meħtieġ li jsiru xi bidliet organizzattivi biex b'hekk jiġu implimentati teknoloġiji ġodda għall-AAL, u għalhekk huwa imperattiv li l-organizzazzjonijiet tal-benesseri jkun l-estremi għat-tali bidliet u li jgħaddu minn-hom mingħajr xkiel biex b'hekk jieħdu l-massimu tal-potenzjal tat-teknoloġiji għall-programm AAL.

5.4.1 Il-persuna li tiegħu ħsieb il-pazjent hija verament fattur importanti fil-proċess sħiħ tal-benesseri anki fi ħdan l-AAL. Għalhekk, għandha tkun maħsuba bidla fil-pożizzjoni adottata mhux biss fil-livell ta' l-organizzazzjoni iżda wkoll fil-livell tal-persuna li tiegħu ħsieb il-pazjent, sabiex jiġi assigurat li l-persuna li qed ikollha l-kuntatt dirett mal-persuna li teħtieġ l-AAL ma tkunx biss profiċjenti f'tali teknoloġija iżda tkun temmen tabil-ħaqq fl-użu ta' tali teknoloġija sabiex tkompli tispira wkoll il-kunfidenza tal-persuna f'tali għodda bħala mezz aħjar għall-kwalità tal-ħajja.

5.4.2 Il-KESE jqis ukoll li s-sistema tas-saħħa għandha tiġi analizzata bl-akbar reqqa sabiex jiġi assigurat li mhux biss ikun hemm thejġija organizzattiva għall-AAL, iżda li l-organizzazzjonijiet tas-Saħħa u l-Kura Soċjali fil-fatt ikunu jistgħu jlaħħqu mad-dħul ta' aktar persuni fid-djar tagħhom.

5.4.3 Barra minn hekk, bl-adozzjoni ta' l-AAL huwa saħansitra aktar kruċjali li jittejbu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni

bejn l-organizzazzjonijiet tas-saħħa u l-organizzazzjonijiet soċjali. Hawnhekk ukoll, it-teknoloġija tista' tkun għodda biex ittejjeb tali kooperazzjoni. Madankollu, l-attitudni lejn il-hteġa u rrieda ta' kooperazzjoni hija aktar kruċjali.

5.5 Huwa previst li s-sistemi AAL għandhom ikunu kumpleksi, għalhekk l-interoperabilità għandha tkun waħda mill-għanijiet ewlenin fi ħdan dan il-programm. L-innovazzjoni u t-teknoloġija għandhom ikunu fuq skala wiesgħa, personalizzati, integrati u proattivi.

5.6 Il-KESE jemmen li l-Kummissjoni għandha tadotta wkoll approċċ integrat għall-AAL u l-politiki bħat-Tagħlim Tul il-Ħajja. Fil-fatt, it-taħriġ għal tali politiki, b'mod partikulari, għandhom ikunu mmirati lejn il-partijiet interessati tal-programm AAL billi t-taħriġ huwa parti integrali fil-ksib tas-suċċess għal tali teknoloġija.

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-insewiment tan-negozju ta' l-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni — SOLVENZA II

COM(2007) 361 finali — 2007/0143 (COD)

(2008/C 224/03)

Nhar il-31 ta' Ottubru 2007, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikoli 47(2) u 251 tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-insewiment tan-negozju ta' l-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni — SOLVENZA II ()*

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-6 ta' Mejju 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Robyns de Schneidauer.

Matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-28 u d-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'67 vot favur u astensjoni waħda.

1. Rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-fatt li l-Kummissjoni wettqet riformulazzjoni rigoruża ta' bosta direttivi kumpleksi u għabrit-hom f'dokument wieħed fil-waqt li qieset ir-regoli li fuqhom issejju l-partijiet formulati mill-ġdid. Peress li l-qafas legiſlattiv ta' l-UE m'għandux jiffoka biss fuq il-politika prudenzjali, li tin-dirizza r-rwol tal-kapital fil-provviżjoni tas-servizzi ta' l-assigurazzjoni li huma importanti għan-negozji u ċ-ċittadini Ewropej

f'oqsma oħrajn, il-KESE jirriżerva d-dritt li jesprimi l-fehmiet tiegħu fil-waqt propizju dwar ċerti elementi għodda marbuta mar-relazzjoni bejn il-konsumaturi u l-assiguraturi/riassiguraturi, b'mod partikulari fil-kuntest ta' l-inizjattivi reċenti tal-Kummissjoni dwar is-servizzi finanzjarji bl-ilmnut.

(*) Din il-proposta mbagħad ġiet emendata u saret COM(2008) 119 finali. F'din l-opinjoni, in-numerazzjoni ta' l-Artikoli timxi skond din il-verzjoni l-aktar reċenti tal-proposta għal direttiva.

Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tapprofondixxi aktar il-ħidma tagħha dwar l-armonizzazzjoni ta' l-aspetti legali tar-relazzjoni bejn it-titulari tal-polza ta' l-assigurazzjoni u l-assigurat, kif

qed jiġi analizzat bħalissa fil-kuntest tal-ħidma marbuta mal-“qafas komuni ta’ referenza” taħt it-tmexxija tad-DĠ SANCO.

1.2 B’mod ġenerali, il-KESE japprova d-Direttiva Qafas Solvenza II tal-Kummissjoni u huwa sodisfatt bil-konsultazzjoni wiesgħa li ppreċiediha. L-approċċ tal-Kummissjoni jirrispetta l-prinċipji tar-“regolamentazzjoni aħjar” li stabbilixxiet għaliha nnifisha. Madankollu, il-konsultazzjonijiet dwar dawn it-tipi ta’ riformi għandhom jagħtu attenzjoni xierqa lill-fehmiet ta’ l-impjegati u l-konsumaturi, li għandhom interess evidenti fir-riżultat tal-proċedimenti. Il-KESE jitolb lill-Kummissjoni tiżviluppa fora adegwati, bħall-FINUSE, sabiex dawn il-konsultazzjonijiet ikunu jisgħtu jsiru.

1.3 Il-KESE jilqa’ b’sodisfazzjon l-adozzjoni ta’ approċċ ekonomiku bbażat fuq ir-riskju biex jiġu evalwati r-reqwiziti kapitali tas-solvenza (SCR) tal-kumpaniji ta’ l-assigurazzjoni, u approċċ imsejjes fuq il-karta tal-bilanċ, fuq il-bażi ta’ evalwazzjoni ekonomika kompluta ta’ l-attivi u l-passivi (assets and liabilities), biex issir evalwazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom. L-għan ta’ dan l-approċċ huwa li jirrifletti korrettament l-espożizzjoni potenzjali għar-riskji u l-istrumenti maħsuba għall-mitigazzjoni tar-riskju ta’ l-intrapriżi. Dan l-approċċ, minbarra li huwa ekonomikament korrett, għandu l-vantaġġ li jevita kwalunkwe possibiltà ta’ arbitraġġ regolatorju u, fl-istess ħin, jassigura l-istess livell adegwat ta’ protezzjoni lit-titolari ta’ l-assigurazzjoni fl-Ewropa kollha, indipendentement mill-istatut legali, daqs jew lokalità tal-kumpanija.

1.4 Il-KESE jilqa’ b’sodisfazzjon kbir l-introduzzjoni ta’ l-approċċ imsejjes fuq it-tliet pilastri fir-rigward tal-supervizzjoni prudenzjali, li jissodisfa r-reqwiziti kapitali stabbiliti f’Basel II — li oriġinarjament tħejjew għas-settur bankarju, iżda li għal dan il-każ qiesu l-ispeċifitajiet tas-settur ta’ l-assigurazzjoni. Il-KESE jixtieq jenfasizza l-importanza taż-żieda tal-proċess tas-sorveljanza prudenzjali u l-eżiġenzi kwalitattivi (Pilastru II), kif ukoll l-introduzzjoni ta’ prinċipji li jirregolaw ir-rappurtar supervizzorju u l-iżvelar pubbliku (Pilastru III), flimkien mad-definizzjoni tar-reqwiziti kapitali kwantitattivi bbażati fuq ir-riskju, għall-adegwatezza tas-supervizzjoni prudenzjali ta’ l-intrapriżi ta’ l-assigurazzjoni.

1.5 Il-KESE jilqa’ b’sodisfazzjon l-introduzzjoni ta’ sistema tas-solvenza bbażata fuq żewġ reqwiziti kapitali, ir-Reqwizit Kapitali tas-Solvenza (SCR) u r-Reqwizit Kapitali Minimiu (MCR), li kull wieħed minnhom jaqdi skop differenti. L-SCR għandu jirrifletti l-livell ta’ kapital li kwalunwe intrapriża għandha tilħaq f’kondizzjonijiet operattivi normali, filwaqt li l-MCR għandu jirrifletti livell ta’ kapital li f’każ li ma jintlaħaqx, għandu jsir l-aktar intervent supervizzorju radikali possibbli. Il-KESE jixtieq li jittieħdu miżuri regolamentari f’Livell II biex kemm il-kondizzjonijiet li jirregolaw il-kalkolu ssemplifikat tas-SCR (Artikolu 108) kif ukoll iċ-ċirkustanzi li jwasslu għall-bżonn li ssir talba għal kapital addizzjonali tas-solvenza jkun ċċarat.

1.6 Il-KESE huwa tal-fehma li l-kalkoli ta’ l-MCR u l-SCR għandhom ikunu strettament allinjati ma’ xulxin u għalhekk it-tnejn li huma għandhom ikunu msejsa fuq approċċ li jkun “sensittiv” għar-riskji, bl-għan li ssir implimentazzjoni korretta ta’ sensiela ta’ interventi supervizzorji li tassigura li kemm il-kumpanija ta’ l-assigurazzjoni kkonċernata kif ukoll l-awtorità ta’ sor-

veljanza jkollhom ħin biżżejjed biex jieħdu l-miżuri neċessarji biex tissolva s-sitwazzjoni f’każijiet fejn l-SCR ma jkunx ġie rispettat.

1.7 Il-KESE jilqa’ bi pjaċir il-prinċipju tal-proporzjonalità inkluż fid-Direttiva proposta, li bis-saħħa tiegħu l-intrapriżi kollha jkunu jistgħu japplikaw il-qafas ta’ l-UE msejjaħ Solvenza II. Il-KESE jixtieq li jittieħdu miżuri regolamentari fil-Livell II biex dan il-prinċipju ġenerali tal-proporzjonalità (Artikolu 28.3) ikun iċċarat aktar, bl-għan li l-adegwatezza tar-reqwiziti u, f’każ ta’ bżonn, tal-miżuri korrettivi, jistgħu jiġu aċċertati b’aktar sikurezza. Madankollu, dan m’għandux iwassal għal paraliżi regolatorja. Il-KESE jirrakkomanda li l-prinċipju jiġi applikat effettivament u b’mod konsistenti fl-Ewropa kollha, u għandhom jiġu stabbiliti mezzi effettivi biex isir appell permezz ta’ proċessi amministrattivi jew, f’każ ta’ bżonn, permezz tal-qrati, biex b’hekk jiġi garantit li l-prinċipju jkun rispettat.

1.8 Il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa lill-Kummissjoni biex tħares id-diversità tas-suq ta’ l-assigurazzjoni billi tqis ir-rwol ta’ l-assiguraturi ż-żgħar u ta’ daqs medju, kif ukoll tal-kumpaniji mutwalistiċi u kooperattivi ta’ l-assigurazzjoni. Peress li ħafna minnhom joperaw fi swieq ristretti ħafna (niche markets), il-KESE jemmen li huwa importanti ħafna li l-approċċ standard iħalli lok għall-flessibiltà biex per eżempju ikun rikonoxxut l-użu ta’ data proprja u aktar rilevanti u ta’ metodoloġiji aċċettati mill-maġġoranza, mingħajr, madankollu, ma tittiefes il-kompetizzjoni ġusta fost l-intrapriżi ta’ l-assigurazzjoni. Il-possibiltà li l-kumpaniji mutwalistiċi ta’ l-assigurazzjoni jitolbu lill-membri tagħhom jikkontribwixxu għat-titjib tas-solvenza tagħhom — kif rajna fil-prattika — għandha tiġi analizzata u kkunsidrata.

1.9 Il-KESE jagħraf l-importanza li tingħata lis-supervizzjoni tal-gruppi ta’ l-assigurazzjoni li, għalkemm huma pjuttost żgħar bħala ammont ta’ intrapriżi, madankollu jikkostitwixxu parti kbira mis-suq ta’ l-assigurazzjoni fl-UE. Għalhekk il-KESE jemmen li l-introduzzjoni tas-supervizzjoni fil-livell tal-gruppi hija pass siewi l-quddiem li twassal biex is-sorveljaturi tal-gruppi u l-awtoritajiet supervizzorji l-oħra kollha jtejbu l-fehim tagħhom tal-profil ta’ riskju tal-grupp kollu kemm hu. Nirrakkomandaw li jkun hemm l-akbar armonizzazzjoni u trasparenza possibbli u qsim ċar tar-responsabilità ta’ dawn l-awtoritajiet ta’ sorveljanza.

1.10 Il-KESE jilqa’ b’sodisfazzjon l-introduzzjoni ta’ sistema ottimali li tagħti lok biex il-gruppi jkunu jistgħu jimmaniġġjaw il-fondi proprji tagħhom aktar faċilment, li twassal biex il-mobiltà tal-kapital fi ħdan il-grupp titjeb u l-grupp innifsu jkun provdut b’sistema Prattika u trasparenti biex jibbenifika mir-rikonoxximent ta’ l-effetti tad-diversifikazzjoni fil-livell tal-grupp mingħajr ma jiġi affettwat il-livell tar-reqwiziti kapitali tas-sussidjarji tal-grupp. Ser jenħtieġ li l-livelli kapitali reali tas-sussidjarji tal-grupp jiġu kkunsidrati, minħabba li parti minnhom se jkunu koperti minn dikjarazzjonijiet ta’ sostenn tal-grupp milli minn attivi likwidi jew l-ekwivalenti tagħhom. Il-KESE jinnota li l-effetti tad-diversifikazzjoni tal-gruppi jiġu rikonoxxuti biss jekk jintuża l-metodu standard għall-kalkolu ta’ l-SCR u li anke l-proposta għandha tagħti lok għar-rikonoxximent ta’ l-effetti tad-diversifikazzjoni tal-gruppi mingħajr l-użu tal-mekkaniżmu tas-sostenn tal-grupp(i).

1.11 Il-Kumitat jirakkomanda li jiġi evalwat l-impatt tas-sistema ottimali proposta fuq il-kompetizzjoni fil-livell lokali, il-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur f'sitwazzjonijiet kemm normali kif ukoll kritiċi, li m'għandux ikun inqas mil-livell previst fis-sistema standard, u kjarifika ta' kwistjonijiet legali u prattiċi, inkluża s-sigurtà tat-trasferimenti transkonfinali tal-fondi bejn kumpaniji differenti fi ħdan grupp wieħed, bħal per eżempju restrizzjonijiet legali, fil-livell nazzjonali, li jxekklu t-trasferimenti tal-kapital (bħas-sostenn tal-gruppi) lil kumpanija sussidjarja lokalizzata fi Stat Membru ieħor.

1.12 Il-KESE jistenna li l-awtoritajiet tal-Livell II jikkunsidraw ir-riżultati tar-raba' fażi ta' l-istudju dwar l-impatt kwantitattiv (QIS4), li x-xogħol dwaru kien għaddej meta ġiet adottata din l-opinjoni.

1.13 Il-KESE jshaq fuq il-ħtieġa li d-direttiva tiġi applikata b'mod armonizzat, u li tiġi evitata l-prattika ta' "goldplating" jew l-applikazzjoni ta' politiki diverġenti permezz ta' l-użu ta' opzjonijiet.

1.14 Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tassigura l-previdibbiltà tal-prattiki prudenzjali, bl-għan li l-intrapriżi ta' l-assigurazzjoni jingħataw il-livell ta' ċertezza li jeħtieġu biex jiżviluppaw il-politika tagħhom marbuta mar-riskju u s-solvenza.

1.15 Il-KESE jagħraf l-importanza ta' l-aspetti marbuta mal-mitigazzjoni tar-riskji, bħall-iskambju ta' data affidabbli bejn l-assiguraturi u l-gruppi ta' l-assigurazzjoni (pools) għall-proġett Solvenza II. Dawn jiffaċilitaw l-aċċess għas-suq ta' l-operaturi l-ġodda u l-operaturi ż-żgħar u jippermettulhom iżidu l-kapaċità disponibbli kif ukoll li jnaqqsu l-marġini ta' inċertezza fir-rigward tal-primjums tagħhom. Għalhekk il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra din il-korrelazzjoni fir-reviżjoni tagħha tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali fis-settur ta' l-assigurazzjonijiet.

1.16 Il-KESE jikkongratula lill-Kummissjoni u l-kumitati Lamfalussy kkonċernati għar-rwol ewlieni li qdew f'dan il-proċess ta' riforma billi applikaw l-aħjar prattiċi u jissensibilizzaw l-operaturi fis-suq Ewropew kollu. Id-direttiva proposta tirrappreżenta punt ta' referenza ġenwin għal ħafna aktar ġurisdizzjonijiet u setturi tas-servizzi finanzjarji. Madankollu, il-konsultazzjonijiet dwar dawn it-tipi ta' riformi għandhom jagħtu attenzjoni xierqa lill-fehmiet ta' l-impjegati u l-konsumaturi, li għandhom interess evidenti fir-riżultat tal-proċedimenti. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa fora adegwati, bħall-FINUSE, sabiex dawn il-konsultazzjonijiet ikunu jistgħu jsiru.

1.17 Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni biex id-dispożizzjonijiet dwar is-solvenza ta' fornituri ta' servizzi finanzjarji oħra, irriskettivament min-natura tagħhom, jinġiebu fil-livell tad-direttiva Solvenza II, b'konformità mal-prinċipju "l-istess riskji, l-istess regoli". Fid-dawl ta' l-instabilità tas-swieq finanzjarji, il-konsumaturi jew il-benefiċjarji għandhom jirċievu l-istess livell għoli ta' protezzjoni fil-qasam tas-solvenza. L-eżistenza ta' kondizzjonijiet ta' parità b'rabta mar-reqwiziti kapitali tas-solvenza hija essenzjali wkoll għall-promozzjoni ta' ambjent kompetittiv ġust fis-suq finanzjarju.

1.18 Il-prinċipji tal-qafas Solvenza II għandhom iservu ta' referenza għall-introduzzjoni ta' standards ġodda fil-qasam tas-solvenza, per eżempju fil-qafas tar-reviżjoni tad-direttiva dwar l-IPIO (¹), b'mod partikulari fir-rigward ta' l-iżvilupp tad-dmirijiet tal-provvedituri tal-pensjonijiet privati fl-UE kollha.

2. Introduzzjoni

2.1 Din il-proposta għal Direttiva dwar qafas ġdid ta' solvenza għall-intrapriżi privati ta' l-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, imsejjaħ Solvenza II, qed tintroduċi sistema riveduta bl-għan li t-titolari tal-poloż ta' l-assigurazzjoni u l-benefiċjarji jkunu protetti aħjar, biex l-integrazzjoni tas-suq uniku ta' l-assigurazzjoni fl-UE tissaħħaħ u biex il-kompetittività ta' l-industrija ta' l-assigurazzjoni ta' l-UE kif ukoll ta' l-assiguraturi u r-riassiguraturi individwali titjeb. Fl-istess ħin, il-proposta tiġbor għadd ta' ġenerazzjonijiet ta' direttivi ta' l-assigurazzjoni u tirriformalhom f'direttiva waħda. Dan il-qafas għandu jiġi applikat kemm għall-intrapriżi ta' l-assigurazzjoni, kif ukoll għall-intrapriżi tar-riassigurazzjoni.

2.2 Il-Kummissjoni u l-kumitati Lamfalussy, li laqgħu għadd ta' regolaturi u sorveljaturi, għamlu konsultazzjoni bir-reqqa u kontinwa mal-partijiet interessati kollha u qdew rwol ewlieni fit-twaqqif ta' prattiċi innovattivi f'ambjent globali, b'mod partikulari fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. Ir-riżultat ta' dan huwa Solvenza II, li jgħodd fost l-aktar sensiela ta' regoli sofistikati fil-qasam tas-solvenza fis-settur assigurativ fid-dinja u minħabba f'hekk, l-Ewropa tisboq bosta ġuridizzjonijiet oħra. Madankollu, il-konsultazzjonijiet dwar dawn it-tipi ta' riformi għandhom jagħtu attenzjoni xierqa lill-fehmiet ta' l-impjegati u l-konsumaturi, li għandhom interess evidenti fir-riżultat tal-proċedimenti. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa fora adegwati, bħall-FINUSE, sabiex dawn il-konsultazzjonijiet ikunu jistgħu jsiru.

3. Kuntest

3.1 Il-qafas tas-solvenza propost għandu l-għan li jtejjeb l-istabilità u l-affidabilità finanzjarja tas-suq Ewropew ta' l-assigurazzjoni. Dan għandu jaġevola kemm il-kompetittività ta' l-industrija Komunitarja ta' l-assigurazzjoni kif ukoll l-assiguraturi u r-riassiguraturi individwali u l-konsumaturi fir-rigward tas-sikurezza. Swieq ta' l-assigurazzjoni affidabbli huma ta' importanza essenzjali għall-istruttura ekonomika ta' l-Unjoni Ewropea.

3.2 L-ewwel u qabel kollox, l-assigurazzjoni taġixxi bħala strument ta' protezzjoni individwali u kollettiva. Fost il-klijenti tal-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni nsibu familji, SMEs, korporazzjonijiet kbar, assoċjazzjonijiet u awtoritajiet pubbliċi. L-impjenji tal-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni jirrigwardaw kemm lill-klijenti tas-servizzi ta' l-assigurazzjoni kif ukoll tad-dipendenti u l-partijiet terzi. Il-KESE huwa partikularment konxju minn dan l-impatt fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej. Minbarra l-importanza tagħha fis-swieq tal-protezzjoni f'każ ta' mewt, l-assigurazzjoni saret provveditur sostanzjali ta' prodotti maħsuba għat-tfaddil tal-flus. Il-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni jipparteċipaw fil-ġestjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali, bħall-pensjonijiet

(¹) Istituzzjonijiet għall-provvista ta' irtirar okkupazzjonali.

(pajjiżi Nordiċi), is-sistemi ta' kumpens f'każ ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol (BE, FI, PT) u s-sistemi nazzjonali għall-kura tas-saħħa (IE, NL), ta' spiss permezz tal-parteciċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-ħaddiema. Il-kumpaniji ta' l-assigurazzjonijipprovdu benefiċċji għall-impjegati li, kulma jmur qed isiru aktar importanti għall-ħaddiema, li qed tirrendihom atturi importanti. L-assigurazzjoni tipprovdi protezzjoni kontra riskji ġodda bħad-diżastri naturali, l-assigurazzjoni ta' l-uċuħ tar-raba u t-terroriżmu, xi drabi permezz ta' sħubiji bejn l-assiguraturi/ir-riassiguraturi u l-gvernijiet.

3.3 Is-suq ta' l-assigurazzjoni jiffunzjona bħala lieva importanti għall-ekonomija kollha kemm hi, minħabba li jappoġġja l-inizjattiva u joħloq il-fiducia, u barraminhekk huwa fih innifsu fattur ekonomiku konsiderevoli, meta nqisu li joħloq impjegji għal madwar miljun ruħ fl-Ewropa (7). Il-Kummissjoni smat li d-direttiva proposta fisser investimenti addizzjonali ta' EUR 2 sa 3 biljun għall-assiguraturi u s-sorveljaturi. Huwa mistenni li l-biċċa l-kbira ta' dawn l-investimenti jintefqu fuq il-kapital uman, li jwasslu għall-ħolqien ta' impjegji — li jirrikjedu livell għoli ta' kwalifiki — għal perijodu twil fil-livell lokali (fosthom ġestjonarji tar-riskji, attwarji, esperti fil-qasam ta' l-ICT u uffiċjali responsabbli mill-konformità). Il-KESE jemmen li dan l-investment għandu jipprovdi valur lill-partijiet interessati kollha, inklużi l-konsumaturi u l-benefiċjarji.

3.4 Minbarra dawn l-impjegji diretti, id-distribuzzjoni ta' l-assigurazzjoni permezz ta' l-aġenti u s-sensara (brokers) u l-impjegati tal-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni nnifishom żżid miljun impjeg ieħor.

Permezz ta' investimenti li jlaħħqu għal aktar minn EUR 6 500 biljun (8), l-intrapriżi ta' l-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni jsarrfu finvestituri istituzzjonali importanti. Għaldaqstant, għandhom ir-responsabilità li jittrasformaw il-primjums individwali f'pool ta' attivi finanzjarji proporzjonalment għar-riskji meħuda, u li jassiguraw, għall-perijodu medju u fit-tul, is-sigurtà tat-titolari tal-polza ta' l-assigurazzjoni u l-benefiċjarji.

3.5 Il-familji, l-SMEs, il-korporazzjonijiet il-kbar u l-korpi pubbliċi jikkontribwixxu primjums li jgħoddu għal aktar minn 5 % tal-PGD fir-rigward ta' l-assigurazzjoni tal-ħajja (9) u aktar minn 3 % fir-rigward ta' l-assigurazzjoni li m'hijiex tal-ħajja. Saħansitra fis-swieq maturi, ir-rata tat-tkabbir ta' l-assigurazzjoni teċċedi t-tkabbir ta' l-ekonomija kollha kemm hi l-biċċa l-kbira tal-ħin. L-investimenti ta' l-assiguraturi jirrappreżentaw 'il fuq minn 50 % tal-PGD (10) u nofshom huma magħmula minn attivitajiet b'redditu fiss u self (11), filwaqt li t-total ta' l-investimenti tagħhom b'rendiment varjabbli huwa madwar kwart tal-kapitalizzazzjoni tal-borża fiż-żona Komunitarja (12).

3.6 Allavolja dawn l-aħħar snin kien hemm ħafna mergers (fużjonijiet) fl-industrija ta' l-assigurazzjoni, għad hemm madwar 5 000 kumpanija ta' l-assigurazzjoni fl-Ewropa (13). Il-gruppi finanzjarji l-kbar jista' jkollhom diversi sussidjarji ta' l-assigurazzjoni f'pajjiżi differenti. Il-gruppi fis-settur ta' l-assigurazzjoni jistgħu jiżvolġu diversi tipi ta' attivitajiet (riassigurazzjoni, assigurazzjoni tal-ħajja/mhux tal-ħajja, medjazzjoni ta' l-assigurazzjoni)

(7) Sors: Comité Européen des Assurances, European Insurance in Figures, 2007 (Il-Kumitat Ewropew ta' l-Assigurazzjonijiet, l-Assigurazzjoni Ewropea permezz ta' Ċifri, 2007). L-ċifri jirrappreżentaw id-data li kienet disponibbli lejn l-aħħar ta' l-2006.

(8) Idem nota tal-qiegħ 2.

(9) Idem nota tal-qiegħ 2.

(10) Idem nota tal-qiegħ 2.

(11) Idem nota tal-qiegħ 2.

(12) Idem nota tal-qiegħ 2.

(13) Idem nota tal-qiegħ 2.

u fil-kuntest usa' tas-servizzi finanzjarji (inklużi s-servizzi bankarji, bancassurance u ipoteki). Barraminhekk, il-gruppi jistgħu jkunu magħmlu minn intrapriżi prinċipali u s-sussidjarji tagħhom, iżda jinkludu wkoll intrapriżi konġunti (joint ventures), holding structures, eċċ. L-akbar 20 grupp jiġbru madwar nofs tad-dħul mill-primjums fl-Ewropa (14). Is-soċjetajiet kooperattivi u mutwalistiċi ta' l-assigurazzjoni għandhom parti sostanzjali mis-suq. Dawn ta' l-aħħar ta' spiss jintrabtu intrinsikament ma' numru kbir ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u jgħoddu għal 30 % tad-dħul mill-primjums fl-Ewropa (15).

3.7 Il-kriżi finanzjarja attwali, li nħolqot permezz tal-prattiki tas-self tal-mutwi subprime fl-Istati Uniti, tixħet dawl fuq il-bżonn ta' standards tas-solvenza sodi u li jissawru bir-reqqa, b'tali mod li l-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni jkunu jistgħu jissodisfaw l-impenji tagħhom saħansitra taħt kondizzjonijiet restrittivi. Biex jintlaħaq dan l-għan, jenħtieġu regoli, metodi għall-ġestjoni u stress tests (simulazzjonijiet ta' kriżi).

4. Approċċ leġislattiv

4.1 B'konformità mal-programm Regolamentazzjoni Aħjar, il-Kummissjoni għamlet xogħol bir-reqqa u daħlet fil-fond tad-direttiva Solvenza II, mingħajr ma naqset li tqis ir-regoli li" jkopru l-partijiet irrifformulati tad-dokument. Bis-saħħa ta' diversi evalwazzjonijiet kwalitattivi u kwantitattivi ta' l-impatt u ta' konsultazzjonijiet, il-preokkupazzjonijiet ta' l-industrija u ta' l-awtoritajiet ta' sorveljanza ġew indirizzati. Ġew previsti analiżi u konsultazzjonijiet ġodda dettaljati.

4.2 Il-proposta tal-Kummissjoni hija l-hekk imsejħa Direttiva "Lamfalussy", imsejja fuq l-istruttura fuq erba' livelli ta' l-arkitettura Lamfalussy għas-servizzi finanzjarji. Id-dispożizzjonijiet b'rabta mal-Livell 1 tad-direttiva huma msejja fuq prinċipji, u jipprovdu l-bażi għall-adozzjoni tal-miżuri implimentattivi fil-Livell 2, kif ukoll istruzzjonijiet dwar il-konverġenza superviżorja fil-Livell 3 tal-proċess. Dan l-approċċ huwa maħsub biex is-sistema tkun tista' tiġi adattata minnufih biex tirrifletti t-tibdil fis-suq, l-iżviluppi internazzjonali fil-kontabilità u r-regolamentazzjoni ta' l-assigurazzjoni/riassigurazzjoni, l-iżviluppi teknoloġiċi u l-esperjenzi u l-metodoloġiji l-ġodda. It-tfassil ta' speċifikazzjonijiet dettaljati dwar il-kalkoli fl-Artikoli tad-Direttiva jikkomprometti t-tifsira nnifisha ta' dan il-proċess leġislattiv innovattiv. Il-Livelli 2 u 3 huma aktar adegwati biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet.

4.3 Is-sistema l-għdida hija strutturata f'forma ta' tliet pilastri, simili għar-rekwiżiti kapitali tas-settur bankarju f'Basel II, iżda dawn jirriflettu l-ispeċifitajiet tas-settur ta' l-assigurazzjoni. Il-Pilastru 1 (Artikoli 74-142) jiddefinixxi r-rekwiżiti finanzjarji kwantitattivi, il-Pilastru II (Artikoli 27-34, 36-38, 40-49, 181-183) jindirizza l-proċess ta' analiżi superviżorja u r-rekwiżiti kwalitattivi u l-Pilastru III (Artikoli 35, 50-55) jirregola r-rappurtar superviżorju u l-iżvelar pubbliku. Dawn it-tliet Pilastri m'humiex indipendenti minn xulxin iżda jikkomplementaw wieħed lil ieħor biex jintlaħqu l-oġettivi ta' din is-sistema. Għandhom jiġu kkunsidrati l-interazzjonijiet bejn id-dispożizzjonijiet fid-diversi pilastri.

(14) Idem nota tal-qiegħ 2.

(15) Sors: AISAM.

4.4 Ir-reviżjoni tas-sistema attwali tas-solvenza serviet ukoll ta' opportunità biex it-13-il Direttiva dwar l-assigurazzjoni/riassigurazzjoni jiġu formulati mill-ġdid f'direttiva ssemplifikata waħda li fiha ġew integrati r-regoli l-ġodda tas-solvenza. Fiha għadd ta' emendi ta' natura mhux sostantiva biex il-formulazzjoni tad-direttiva proposta tittejjeb. Tneħħew l-artikoli, jew partijiet mill-artikoli, li m'għadhomx validi.

5. Aspetti ġenerali

5.1 Matul dawn l-aħħar 30 sena, sensiliet suċċessivi ta' għadd ta' direttivi ta' l-UE ħolqu suq Ewropew ta' l-assigurazzjoni/riassigurazzjoni irregolat minn sett komuni ta' regoli, fosthom il-prinċipji tar-rikonoxximent reċiproku u tal-kontroll min-naħa tal-pajjiż ta' oriġini. Ħolqu suq miftuħ għall-operaturi lil hinn mill-UE u ħeġġu lill-assiguraturi fl-UE biex jespandu fi swieq barra l-UE, l-aktar fl-Amerika ta' Fuq, l-Asja u f'pajjiżi li jistgħu jiġu kkunsidrati kandidati biex jingħaqdu ma' l-UE.

5.2 Ir-regolamentazzjoni innovattiva proposta fil-qasam tas-solvenza tassigura li l-assiguraturi jkunu finanzjarjament solidi u kapaċi jirreżistu kwalunkwe pressjoni biex iwettqu l-wegħdiet kuntrattwali tagħhom lit-titulari tal-poloż ta' l-assigurazzjoni u jiggarrantixxu sistema finanzjarja stabbli. Importanti nenasfizzaw li l-konsumaturi kollha ta' dawn is-servizzi finanzjarji jisthokqilhom din il-protezzjoni msaħħa. Għadd ta' operaturi tas-suq m'humix suġġetti għar-regolamentazzjoni fil-qasam ta' l-assigurazzjoni, bħall-provvedituri okkupazzjonali tal-pensjonijiet jew l-istituzzjonijiet tat-tfaddil u l-investment.

5.3 Regoli tas-solvenza armonizzati jholqu l-fiduċja, mhux biss fost il-konsumaturi iżda wkoll fost is-sorveljaturi. Din il-fiduċja hija element determinanti biex suq Ewropew mogħni b'rikonoxximent reċiproku u kontroll min-naħa tal-pajjiż ta' oriġini jaħdem fil-prattika. Ir-regoli attwali Komunitarji fil-qasam tas-solvenza (Solvenza I) għadda żmienhom. M'humix intiżi li jitttrattaw ir-riskji speċifiċi li jkollha l-entità li tipprovdli l-assigurazzjoni, u dan iwassal biex l-intrapriża bi profil ta' riskju differenti japplikaw l-istess rekwiżiti tas-solvenza. Barraminhekk, ir-regoli attwali tas-solvenza jiffukaw l-aktar fuq il-konformità finanzjarja, u jsegwu approċċ imsejjes fuq ir-regoli milli fuq ġestjoni tajba u ma jindirizzawx is-superviżjoni fil-livell tal-gruppi adegwatament. Fl-aħħarnett, il-qafas leġislattiv attwali ta' l-UE jagħti wisq opportunitajiet lill-Istati Membri għal varjazzjonijiet nazzjonali, u b'hekk jikkomprometti l-effiċjenza tas-superviżjoni ta' l-operazzjonijiet multinazzjonali u l-prinċipju tal-parità tal-kondizzjonijiet. Fid-dawl ta' dawn in-nuqqasijiet, is-sistema attwali kienet issuperata mill-iżviluppi fis-settur u fil-livelli internazzjonali u trans-settorjali. L-istandards il-ġodda tas-solvenza definiti fil-proposta għad-Direttiva, fi kliem ieħor jirriflettu tendenza diġà stabbilita mill-operaturi li huma konxji tar-riskji eżistenti u mis-sorveljaturi minn pajjiżi differenti.

5.4 Għall-kuntrarju tal-qafas Solvenza I, ir-riforma tiffoka fuq il-kwalità reali tal-ġestjoni tar-riskji fl-intrapriża u fuq prinċipji u objettivi aktar milli fuq regoli li ma jqsux il-profil ta' riskju speċifiċi tal-kumpaniji.

Għandha l-għan ukoll li tarmonizza l-prattika tas-superviżjoni fiż-ŻEE.

5.5 Essenzjalment, is-sistema l-ġdida l-ewwel tipprovdli lis-sorveljaturi u l-assiguraturi bi strumenti tas-solvenza sofistikati, mhux biss biex jilqgħu kontra kwalunkwe pressjoni rigward ir-riskji ta' l-assigurazzjoni, bħall-għargħar, it-tempesti jew id-diż-grazzji tat-traffiku, iżda wkoll ir-riskji tas-suq, tal-kreditu u r-riskji ta' operazzjoni wkoll. Bil-maqlub tal-leġislazzjoni preżenti, l-assiguraturi u r-riassiguraturi se jinħtieġu jkollhom kapital b'mod proporzjonat għar-riskju ta' solvenza ġenerali, u għandhom jikkunsidraw mhux biss l-elementi kwantitattivi iżda wkoll dawk l-elementi kwalitattivi li jkollhom impatt fuq il-profil ta' riskju ta' l-intrapriża.

5.6 Is-sistema hija bbażata fuq approċċ ekonomiku li jkun "sensittiv" għar-riskji, li għandu l-għan li jassigura li l-espożizzjoni ġenwina għar-riskji u l-iskemi tal-mitigazzjoni tar-riskji jkunu riflessi adegwatament, biex b'hekk jiġu eliminati l-possibilitajiet ta' arbitraġġ regolatorju li jxekklu u jdgħajfu l-protezzjoni li hija disponibbli lit-titulari tal-poloż. Dan ifisser ukoll li r-rekwiżiti kapitali għandhom jippermettu allokkazzjoni ottimali tal-kapital u jagħtu inċentivi għal ġestjoni aktar effikaċi tar-riskju intern.

5.7 It-tieninett, il-qafas Solvenza II jenfasizza r-responsabilità tal-korpi tat-tmexxija fi ħdan il-kumpaniji ta' l-assiguraturi biex jiggarrantixxu li l-ġestjoni tar-riskju titmexxa b'mod sod u jħabrek biex isaħħaħ il-prattika tajba fis-settur. Is-soċjetajiet ta' l-assigurazzjoni se jkunu meħtieġa jiffukaw fuq l-identifikazzjoni attiva, il-kejl u l-ġestjoni tar-riskji u jikkunsidraw l-iżviluppi futuri, bħal per eżempju pjanijiet azjendali ġodda jew il-possibilità ta' avvenimenti katastrofiċi li jistgħu jaffettwaw il-pożizzjoni finanzjarja tagħhom. Barraminhekk, ir-riforma proposta titlob li jevalwaw ir-rekwiżiti kapitali tagħhom fid-dawl tar-riskji kollha permezz tal-"Valutazzjoni tar-Riskju Proprju u tas-Solvenza" (ORSA), filwaqt li l-"Proċess ta' Analiżi Superviżorja" (SRP) se jibdel l-enfasi tas-sorveljaturi mill-konformità legali u l-monitoraġġ kapitali għall-evalwazzjoni tal-profil ta' riskju ta' l-assiguraturi nnifishom u l-kwalità tal-ġestjoni tar-riskji tagħhom u s-sistemi ta' gvernanza permezz ta' per eżempju, mekkaniżmi ta' twissija bikrija u stress tests. Bl-istess mod, tinkuraġġixxi kooperazzjoni u konverġenza superviżorja, per eżempju billi ssaħħaħ ir-rwol tal-Kumitat tas-Sorveljaturi ta' l-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol Ewropej (CEIOPS), li jservi ta' pass ieħor fid-direzzjoni ta' aktar unità fis-sorveljar tas-servizzi finanzjarji, li l-KESE jappoġġja.

5.8 It-tielet aspekt, li huwa daqstant importanti, jirrigwarda tentattiv li tittejjeb l-effiċjenza tas-superviżjoni tal-gruppi ta' l-assigurazzjoni, permezz ta' "sorveljatur tal-gruppi" fil-pajjiż ta' oriġini. Is-superviżjoni tal-gruppi tassigura li r-riskji li jolqtu lill-gruppi kollha kemm huma ma jkunux traskurati u fl-istess ħin jgħinu lill-gruppi jaħdmu b'mod aktar effikaċi, filwaqt li d-detenturi tal-poloż ikunu provduti b'livell għoli ta' protezzjoni. Is-superviżur tal-gruppi ser ikollu responsabilitajiet speċifiċi li għandu jaqdi billi jikkoopera mill-qrib mas-sorveljaturi nazzjonali rilevanti; fl-istess ħin ikollu r-responsabilità wkoll li jieħu deċizzjoni dwar numru żgħir ta' kwistjonijiet. Is-sorveljaturi lokali huma inkuraġġuti jaqdu rwol attiv fil-kulleġġ tas-sorveljaturi, għax għandhom dritt għall-ko-deċizzjoni ġaladarba jkun jista' jintlaħaq ftehim. Dan jitlob li jintuża approċċ differenti sabiex iċ-ċirkustanzi ekonomiċi u l-potenżjal b'raba mad-diversifikazzjoni tar-riskji tal-gruppi jkunu jistgħu jintgħarfu.

5.9 Ir-raba' nett, id-Direttiva Solvenza II tintroduċi aktar trasparenza u oġġettività, kemm fir-rigward ta' l-informazzjoni pprovduta mill-intrapriża dwar il-kondizzjoni finanzjarja tagħha u dwar ir-riskji marbuta ma' dan, kif ukoll fir-rigward tal-proċess ta' analiżi superviżorja Attwalment, il-prattiki tas-superviżjoni għandhom it-tendenza li jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor, u dan jagħti lok għal arbitraġġ regolatorju. Kemm mil-lat tal-politika Ewropea f'dan il-qasam u ta' l-assiguraturi li jistgħu jidħlu f'suq nazzjonali għdid, importanti li l-prattiki superviżorji mhux biss ikunu oġġettivi u trasparenti, iżda wkoll prevedibbli u ddokumentati bir-reqqa.

6. Analiżi bir-reqqa

6.1 Rekwiżiti finanzjarji (Pilastru I)

(Artikoli 74-142)

6.1.1 Is-sistema l-għdida tiegħu approċċ imsejjes fuq "il-karta tal-bilanċ kollha" fid-definizzjoni tar-rekwiżiti kwantitattivi għall-intrapriża ta' l-assigurazzjoni; skond dan l-approċċ, l-attivi ⁽¹⁾ u l-passivi jitkeġlu skond approċċ li jirrifletti konsistenza mas-suq u r-riskji li jistgħu jkunu kwantifikati marbuta magħhom ikunu riflessi espliċitament f'termini ta' rekwiżiti kapitali. Il-kejl ta' l-attivi u l-passivi skond il-kondizzjonijiet tal-kummerċ jigarantixxi li ssir valutazzjoni oġġettiva u koerenti. Jigarantixxi wkoll li jingħata l-valur korrett għal kwalunkwe opzjonalità inerenti fihom. Din it-tip ta' valutazzjoni — realista u li timmira għall-ġejjen — hija l-aktar forma effettiva ta' protezzjoni biex tilqa' għal kwalunkwe preġudizzju potenzjali li jista' jipperikola d-drittijiet tal-partijiet interessati kollha.

6.1.2 F'dan il-kuntest ta' valutazzjoni, tingħata rilevanza partikulari lill-kalkolu tad-dispożizzjonijiet tekniċi, i.e. l-obbligi fir-rigward tat-titulari tal-poloż u benefiċjarji oħra. Il-kejl tad-dispożizzjonijiet tekniċi b'tali mod li jirriflettu l-iżvilupp tas-suq isir meta tiġi kkalkulata "l-aħjar stima", li tfisser il-medja tal-flussi tal-flus futuri mwieżna mill-probabbiltà, filwaqt li jitqies il-valur temporali tal-flus, u ma' dan jiżdied il-marġni tar-riskju. Dan l-approċċ għandu jassigura li l-valur ġenerali tad-dispożizzjonijiet tekniċi huwa ekwivalenti għall-ammont li tkun mistennija teħtieġ parti terza biex tkun tista' tiegħu fidejha l-portafoll ta' l-assigurazzjoni u tissodisfa l-obbligi relatati. Il-kalkoli għandhom jużaw l-informazzjoni pprovduta mis-swieq finanzjarji u d-data disponibbli fil-qasam tar-riskji ta' l-assigurazzjoni u jikkonformaw magħhom.

6.1.3 Fir-rigward tar-rekwiżiti kapitali, is-sistema l-għdida tas-solvenza tinkorpora żewġ rekwiżiti kapitali, ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza (SCR) u r-Rekwiżit Kapitali Minimu (MCR), li jaqdu skopijiet differenti u għalhekk jiġu kkalkulati b'mod differenti.

6.1.4 L-SCR jiddefinixxi livell immirat ta' kapital li għandu jilħaq kwalunkwe assiguratatur f'kondizzjonijiet ta' funzjonament normali; jekk dan il-livell ma jintlaħaqx l-interventi tas-sorveljaturi għandhom ikunu intensifikati. Din is-sistema tippermetti intervent superviżorju progressiv qabel ma l-kapital jilħaq l-MCR u għalhekk jipprovdri assigurarazzjoni raġonevoli lit-titulari tal-polza u l-benefiċjarji li l-obbligi ta' l-assiguratatur jiġu onorati fid-data ta' l-għeluq. Teknikament, l-istrument ta' l-SCR huwa maħsub li jkun iddisinjat u kkalibrat biex jiddefinixxi livell ta' kapital, li jgħin biex kwalunkwe intrapriża tkun tista' tassorbi telf sostanzjali li ma jkunx previst, kalkolu bbażat fuq il-probab-

biltà li fuq medda ta' żmien speċifiku, ikun hemm ċerti nuqqasijiet (0,5 % f' medda ta' sena).

6.1.5 L-MCR jirrifletti livell ta' kapital li, f'każ ta' bżonn, jiġġenera l-aktar azzjonijiet superviżorji radikali. Il-kalkolu ta' l-MCR għandu jippermetti firxa adegwata meta mqabbel ma' l-SCR, biex jiġi assigurat li jkun hemm marġni adegwat biex l-awtoritajiet superviżorji jkunu jistgħu jintervjenu.

6.1.6 Fil-prattika, l-assiguratatur jista' jikkalkula l-SCR jew billi juża formula standard inkella billi juża l-mudell intern li ġie approvat mill-awtoritajiet superviżorji. Il-formula standard għandha tirrifletti b'mod adegwat it-tekniki marbuta mal-mitigazzjoni tar-riskji u l-effetti tad-diversifikazzjoni kif ukoll kull forma ta' kapaċità għall-assorbiment tat-telf ta' l-elementi inkorporati fil-karta tal-bilanċ li ma jkunux inklużi fil-kapital disponibbli. L-approċċ — ibbażat fuq ir-riskju — tal-proposta għal direttiva jimplika li mudell intern (parzjali jew sħiħ) jista' jissostitwixxi — permezz ta' validazzjoni superviżorja — il-kalkolu standard, bil-kondizzjoni li jirrifletti aħjar il-profil ta' riskju ta' l-intrapriża. Dan huwa inċentiv essenzjali għar-rikonossiment u l-ġestjoni interni solidi tar-riskji, kif ukoll għat-taħriġ u r-reklutaġġ ta' persunal bi kwalifiki għolja.

6.1.7 Element ieħor li jikkonforma ma' l-għan li tiġi inkuraġġuta l-ġestjoni interna tajba huwa li jiġi applikat il-"prinċipju tal-bonus paterfamilias" (prinċipju tal-persuna prudenti) lill-politika ta' l-investment, li jippermetti li l-investimenti ma jingħatawx limiti artifiċjali u fl-istess ħin ikunu meħtieġa standards kwalitattivi għoljin u ġustifikazzjoni għal kwalunkwe riskju materjali fil-kalkolu tar-rekwiżit kapitali.

6.1.8 Meta nqisu l-kumplessità tar-rekwiżiti, importanti wieħed jinnota li l-proposta attwali tinkorpora proviżjonijiet tali li jippermettu implimentazzjoni proporzjonata u maniġġabbli tar-rekwiżiti tal-Pilastru I. Dan huwa partikularment importanti għall-intrapriża ta' l-assigurarazzjoni ż-żgħira u ta' daqs medju (SMEs). Madankollu, dan il-prinċipju tal-proporzjonalità jagħmel referenza mhux għad-daqs, iżda għan-natura u l-kumplessità tar-riskji li jiffaċċjaw l-intrapriża. L-SMEs huma suġġetti għal prinċipji prudenzjali ġenerali simili sal-punt li l-profil tar-riskju tagħhom ikun l-istess bħal dak ta' intrapriża oħra. Il-klijenti u l-benefiċjarji tagħhom jibbenefikaw mill-istess livell ta' protezzjoni.

6.2 Proċess ta' analiżi superviżorja u rekwiżiti kwalitattivi (Pilastru II)

(Artikoli 27-34, 36-38, 40-49, 181-183)

6.2.1 Il-proposta tal-Kummissjoni dwar Solvenza II tiddefinixxi proċessi u strumenti għal attivitajiet u reviżjonijiet superviżorji, inklużi d-definizzjoni tas-setgħat superviżorji, dispożizzjonijiet għall-kooperazzjoni bejn is-sorveljaturi nazzjonali kif ukoll għall-konverġenza superviżorja. Id-dispożizzjonijiet tal-Pilastru II jindirizzaw ukoll ir-rekwiżiti kwalitattivi għall-intrapriża, i.e. is-sistema ta' gvernanza tagħhom, inklużi sistema ta' kontroll intern effettiv, sistema għall-ġestjoni tar-riskji, funzjoni attwarijali, verifika interna, funzjoni ta' konformità u regoli dwar l-esternalizzazzjoni.

6.2.2 L-istrumenti superviżorji għandhom l-għan li jidentifikaw l-istituzzjonijiet b'aspetti finanzjarji, ta' organizzazzjoni jew tipi oħrajn li huma suxxettibbli li jipproduċu profil ta' riskju

⁽¹⁾ L-assi tal-kumpaniji ta' l-assigurarazzjoni ta' l-UE huma prinċipalment bonds (37 %), ishma (31 %) u self (15 %). Sors: Comité européen des assurances, European Insurance in figures, 2007.

ogħla, li f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jistgħu jintalbu jżommu kapital ta' solvenza ogħla mir-reqwizit kapitali u/jew jieħdu miżuri biex inaqqsu r-riskji mġarrba.

6.2.3 Il-prinċipju tal-proporzjonalità li diġà ssemma japplika għall-proċess ta' analiżi superviżorja wkoll. Is-sorveljaturi għandhom jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom waqt li jikkunsidraw id-daqs, in-natura u l-kumplessità tar-riskji ta' l-intrapriża individwali biex ma tintużax sorveljanza eċċessiva, b'mod partikulari fil-konfront tal-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni ż-żgħira u ta' daqs medju li huma esposti għal livell baxx ta' riskju.

6.2.4 Ir-reġim Solvenza II huwa maħsub biex isaħħaħ il-vautazzjoni kwalitattiva mwettqa mis-sorveljaturi dwar il-profil ta' riskju ta' l-intrapriża; Għalhekk huwa importanti li l-miżuri u d-deċiżjonijiet tagħhom jkunu koerenti fil-pajjiżi varji, fl-intrapriżi u tul iż-żmien. Ta' min jisħaq fuq l-importanza tat-trasparenza, l-oġġettività u l-prevedibbiltà tal-miżuri ta' sorveljanza, b'mod partikulari fir-rigward ta' l-approvazzjoni tal-mudelli interni.

6.3 Rappurtar superviżorju u żvelar pubbliku (Pilastru III)

(Artikoli 35, 50-55)

6.3.1 It-trasparenza u l-iżvelar ta' informazzjoni lill-pubbliku (żvelar pubbliku) mill-intrapriżi dwar il-kondizzjoni finanzjarja u l-profil ta' riskju tagħhom għandhom l-għan li jsaħħu d-dixxiplina tas-suq. Barraminhekk, l-intrapriżi ta' l-assigurazzjoni għandhom jipprovdur lill-awtoritajiet ta' sorveljanza (rappurtar superviżorju) bl-informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva meħtieġa biex jagħmlu kontrolli effettivi u jagħtu orjentazzjonijiet adegwati.

6.3.2 L-armonizzazzjoni ta' l-iżvelar pubbliku u r-rappurtar superviżorji hija parti importanti mis-sistema l-ġdida, minħabba li hemm meħtieġa ċara għall-konverġenza biex l-informazzjoni tkun provduta b'tali mod li tkun komparabbli kemm fil-format kif ukoll fil-kontenut fl-Ewropa kollha. Dan l-aspett huwa partikularment importanti fir-rigward tal-gruppi multinazzjonali.

6.4 Is-superviżjoni tal-gruppi

(Artikoli 210-268)

6.4.1 Il-leġislazzjoni Komunitarja attwali tikkunsidra s-superviżjoni tal-gruppi bħala supplementari għas-sorveljanza individwali, li ma tikkunsidrax jekk entità legali speċifika tagħmilx parti minn grupp (eż. kumpaniji sussidjarji) jew le. Għaldaqstant, is-superviżjoni tal-gruppi tiġi sempliċement magħduda mas-superviżjoni individwali, bl-iskop uniku li tevalwa l-impatt tar-relazzjonijiet tal-gruppi fuq l-intrapriża individwali. Għalhekk, is-sistema tas-solvenza Komunitarja attwali ma tirrikonossix iċ-ċirkustanzi ekonomiċi tal-gruppi ta' l-assigurazzjoni u ma tagħrafx il-fatt li f'ħafna każijiet, il-ġestjoni tar-riskji titmexxa fil-livell tal-gruppi pjuttost milli fil-livell ta' l-intrapriżi individwali. Il-proposta tas-Solvenza II għandha l-għan li tfittex metodu aktar adegwat għas-superviżjoni tal-gruppi, billi tbiddel il-mod — taħt sensiela ta' kondizzjonijiet — li bih issir is-superviżjoni individwali u tal-gruppi.

6.4.2 Għandha tinħatar awtorità waħdanija għas-“superviżjoni tal-gruppi” għal kull grupp ta' l-assigurazzjoni, u għandha terfa' r-responsabilità prinċipali għall-aspetti ewlenin kollha marbuta ma' dan it-tip ta' sorveljanza (solvenza tal-gruppi, transazzjonijiet ta' l-intragruppi, konċentrazzjoni tar-riskji u kontroll intern). Madankollu, is-sorveljatur tal-gruppi u ta' l-intrapriżi individwali għandhom jaqsmu kwalunkwe informazzjoni essenzjali ma' xulxin awtomatikament u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra, jekk jintalbu jagħmlu dan. Barraminhekk, is-sorveljatur tal-gruppi għandu jikkonsulta lill-awtoritajiet ta' sorveljanza individwali qabel ma jieħdu deċiżjonijiet importanti u l-awtoritajiet ta' sorveljanza kkonċernati għandhom jagħmlu hilit-hom kollha biex jilhqun deċiżjoni konġunta, għalkemm fil-każ ta' l-approvazzjoni ta' mudell intern tal-gruppi — l-istess bħal fil-każ ta' regolamentazzjoni bankarja — id-deċiżjoni finali għandha tittieħed mis-sorveljatur tal-gruppi. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jassiguraw li kemm is-sorveljatur tal-gruppi kif ukoll dawk individwali jifhemu aħjar il-profil ta' riskju tal-grupp kollu kemm hu u, għaldaqstant, li t-titulari tal-poloz ta' kull entità fi ħdan il-grupp jingħataw aktar protezzjoni.

6.4.3 Minbarra titjib fil-kunċett ta' superviżjoni tal-gruppi, il-proposta tintroduċi sistema innovattiva ta' sostenn tal-gruppi. Il-gruppi li jixtiequ jiffaċilitaw il-ġestjoni tal-kapital tagħhom jistgħu japplikaw biex jingħatalhom permess biex jiġu rregolati skond din is-sistema. Il-gruppi li jiġu awtorizzati jagħmlu dan, ikunu jistgħu — taħt għadd ta' kondizzjonijiet preċiżi — ikopru parti mir-reqwiziti kapitali (iżda mhux ir-reqwizit minimu ta' solvenza) tas-sussidjarji permezz ta' dikjarazzjoni ta' sostenn min-naħa tal-gruppi (impenn finanzjarju legalment vinkolanti ta' l-intrapriża prinċipali biex, f'każ ta' bżonn, tipprovdur kapital lill-kumpanija sussidjarja). Biex is-sistema ta' sostenn tal-gruppi titmexxa b'mod effiċjenti, ġew introdotti għadd ta' derogi addizzjonali mis-superviżjoni individwali. Meta tkun qed tiġi applikata s-sistema ta' sostenn tal-gruppi, hemm prevista proċedura speċifika f'każijiet ta' kondizzjonijiet kritiċi (meta ma jiġix rispettati ir-reqwizit kapitali ta' solvenza), li tinvolvi azzjonijiet koordinati min-naħa tas-sorveljatur tal-gruppi u individwali. Din is-sistema għandha tiġi applikata b'mod uniformi fl-UE kollha.

6.4.4 Is-sistema ta' sostenn tal-gruppi tipprevedi li l-kapital marbut mir-reqwiziti kapitali ta' solvenza għall-kumpaniji sussidjarji jista' jinżamm minn intrapriża oħra fi ħdan il-grupp: b'dan il-mod, il-gruppi ta' l-assigurazzjoni ikollhom sistema Prattika u trasparenti li permezz tagħha jistgħu jibbenefikaw mir-rikonossiment ta' l-effetti tad-diversifikazzjoni fil-livell tal-grupp u, fl-istess ħin, il-kumpaniji sussidjarji individwali jkunu jistgħu jissodisfaw l-istess reqwiziti kapitali daqs li kieku ma kinux jagħmlu parti minn grupp. Għal dawn ir-raġunijiet, għandu jkun hemm sorveljanza adegwata li tiggarrantixxi trasferiment rapidu tal-kapital f'każ ta' bżonn. L-eżistenza u l-użu ta' dikjarazzjonijiet rigward is-sostenn tal-gruppi għandhom ikunu żvelati fil-pubbliku kemm mill-intrapriża prinċipali kif ukoll mill-intrapriża sussidjarja kkonċernata.

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni mill-Komunità fi programm ta' riċerka u żvilupp li għandu l-għan li jappoġġja lill-SMEs li jwettqu attivitajiet ta' riċerka u żvilupp immedija minn diversi Stati Membri

COM(2007) 514 finali — 2007/0188 (COD)

(2008/C 224/04)

Nhar il-11 ta' Ottubru 2007, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea ddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, dwar

Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni mill-Komunità fi programm ta' riċerka u żvilupp li għandu l-għan li jappoġġja lill-SMEs li jwettqu attivitajiet ta' riċerka u żvilupp immedija minn diversi Stati Membri

Nhar il-25 ta' Settembru 2007 il-Bureau tal-Kumitat ta' istruzzjonijiet lis-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett.

Minħabba l-urġenza tal-ħidma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu tat-28 u d-29 ta' Mejju (seduta tad-29 ta' Mejju 2008) li jaħtar lis-Sur Cappellini bħala rapporteur ġenerali u adotta din l-opinjoni b'unanimità.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

drabi l-proċessi ferm innovattivi jkollhom element qawwi ta' "għarfien taċitu" ⁽³⁾.

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), li jappoġġja l-objettivi tal-Programm Konġunt Eurostars, jenfasizza l-ħtieġa li jittieħed kont tal-kategoriji, id-daqs u s-setturi differenti ta' l-SMEs meta jiġu adottati programmi u politiki ġodda ta' l-UE fil-qasam tar-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni, immirati u orjentati mill-ġdid lejn il-ħtiġiet reali ta' innovazzjoni ta' l-SMEs.

1.2 Il-KESE jilqa' l-proposta ta' l-Istati Membri għall-adozzjoni tal-Programm Konġunt Eurostars li jappoġġja l-hekk imsejħa "SMEs li jwettqu attivitajiet ta' R&D" u jinnota li għandu jkun miftuħ għall-SMEs kollha mill-pajjiżi li ssieħbu fil-programm li huma lesti li jipparteċipaw fi proċessi ta' innovazzjoni.

1.3 Il-KESE jenfasizza l-bżonn li jiġu identifikati strumenti sabiex jiġu involuti fil-programm l-Istati Membri kollha ta' EUREKA li m'humiex inklużi fil-Programm Konġunt Eurostars.

1.4 Il-KESE jinsab imħasseb fir-rigward tal-kriterju ta' eliġibiltà ⁽¹⁾ tal-Programm Konġunt Eurostars, li jillimita l-parteċipazzjoni ta' SMEs li jwettqu attivitajiet ta' R&D li "jinvestu 10 % jew aktar ta' ekwivalenti full-time jew turnover annwali f'attivitajiet ta' riċerka". Anke jekk ir-restrizzjoni hija applikata biss għall-SME li twettaq attivitajiet ta' R&D u li tressaq il-proġett ("mexxej tal-proġett"), din id-definizzjoni ta' SMEs li jwettqu attivitajiet ta' R&D hija bbażata fuq indikaturi kodifikati u tinjora t-tipi diversi kollha ta' "għarfien non-kodifikat" ⁽²⁾, filwaqt li ħafna

1.5 Għalhekk, il-KESE jtenni l-prinċipju li sabiex il-kompetizzjoni tkun ġusta, il-proġetti għandhom jintgħażlu abbażi l-eċċellenza tal-kontenut tagħhom, l-għarfien espert manijerjali dwar l-R&D u l-koerenza ma' l-għanijiet tal-programm, mingħajr ma jeskludu proporzjon kbir ta' SMEs innovattivi li huma lesti li japplikaw għall-programm Eurostars. Barra minn hekk, għandu jkun possibbli li jiġu ffinanzjati proġetti ta' taħriġ immirati lejn it-taħriġ ta' manijers esperti fir-rigward tat-trasferiment effettiv tat-teknoloġiji mir-riċerka għall-prodotti li jistgħu jitqiegħdu fis-suq.

1.6 F'dan ir-rigward, il-KESE jitlob li, skond il-proċeduri adatti tal-Programm Konġunt Eurostars, tiġi stabbilita linja ta' baġit speċifika għall-inizjattivi transnazzjonali mwettqin mill-Istati Membri f'kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet ta' SMEs lesti li jappoġġjaw it-tixrid ta' informazzjoni pożittiva dwar l-SMEs dwar ir-riżultati tal-proġetti Eurostars, fost udjenza usa' ta' SMEs. Mod ieħor ta' kif tingħata aktar "appartenenza" lill-SMEs kollha interessati fis-suċċess ta' l-Eurostars ikun bażi tad-data komuni u pjattaformi ta' l-Internet multilingwi li jkunu stabbiliti u promossi mill-organizzazzjonijiet ta' l-SMEs u l-imsieħba soċjali.

1.7 Il-KESE jenfasizza t-tħassib tiegħu dwar il-kriterji għall-istabbiliment tal-kontribuzzjonijiet ta' l-SMEs għall-ispejjeż totali tal-proġetti relatati ma' l-attivitajiet ta' R&D. Huwa importanti li jiġi ċċarat li fis-sitwazzjoni attwali, skond il-Programm Konġunt Eurostars, l-SMEs huma meħtieġa li jikkontribwixxu kollettivament mill-anqas 50 % ta' l-ispejjeż ta' proġetti ta' R&D. Peress li dan il-kriterju ser jeskludi ħafna SMEs ibbażati fuq is-suq, għandha tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li dan l-ostaklu jitbaxxa b'25 % matul l-evalwazzjoni ta' nofs it-term tal-programm Eurostars ⁽⁴⁾.

⁽¹⁾ <http://www.eurostars-eureka.eu/>

⁽²⁾ Hartmut Hirsch-Kreinsen, "Low-Tech" Innovations, Industry and Innovation, 02.2008.

⁽³⁾ Proġett Pilota: <http://www.pilot-project.org>

⁽⁴⁾ A6-0064/2008 (emenda għall-proposta), Parlament Ewropew, Kumitat dwar l-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, 2008.

1.8 Aktar tard, it-tfassib espress mill-UE u l-organizzazzjonijiet nazzjonali ta' l-SMEs u partijiet interessati oħra għandu jiġi kkunsidrat mill-Istati Membri u l-Awtoritajiet Nazzjonali ta' l-UE matul il-fażijiet differenti ta' monitoraġġ ta' l-impatt u d-disseminazzjoni tar-riżultat. Kontroll regolari mill-Grupp Konsultattiv ta' l-UE dwar l-SMEs u l-R&D jista' jsir għodda permanenti ta' konsultazzjoni teknika għall-Istati Membri u awtoritajiet oħra fil-livell ta' l-UE jew nazzjonali. F'dan ir-rigward, l-Osservatur tas-Suq Intern tal-KESE, bil-kollaborazzjoni tal-Kategorija ta' l-SMEs, jista' jaqdi r-rwol ta' membru konsultattiv fil-Grupp Konsultattiv matul il-fażijiet ta' monitoraġġ, implementazzjoni u disseminazzjoni.

1.9 Il-KESE jenfasizza l-fatt li l-Programm Konġunt Eurostars għandu jiġi implimentat b'mod trasparenti u non-burokratiku, sabiex ikun eħfef għall-SMEs li jirċievu informazzjoni, jieħdu sehem u, b'mod partikolari, jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' segwitu ma' istituzzjonijiet ta' R&D relatati u interessati. Għaldaqstant, il-finanzjament tal-proġetti għandu jsir bi ħlasijiet ta' somma sħiħa (lump sum) u fejn ħlas ta' somma sħiħa ma jkunx kompatibbli mal-programmi nazzjonali, għandu jsir ħlas b'rata fissa.

1.10 Bil-għan li l-programm Eurostars jitwettaq b'mod effettiv, in-netwerks ta' innovazzjoni reġjonali għandhom jissaħħu biex ikunu jistgħu jipprovdu servizzi "one-stop-shop" bħala appoġġ għall-SMEs innovattivi, billi jagħtuhom aċċess effettiv għall-finanzjament Ewropew ta' l-R&D. Per eżempju, sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar il-programmi ta' finanzjament speċifiku għall-SMEs li jwettqu attivitajiet ta' R&D, ir-rabtiet bejn in-netwerks ta' l-EUREKA, korpi pubbliċi/privati oħra u organizzazzjonijiet ta' SMEs ta' l-UE/nazzjonali/reġjonali għandhom jissaħħu u jiġu kkoordinati aħjar. Għandhom jiġu ffinanzjati għadd ta' avvenimenti mill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-SMEs sabiex l-SMEs u l-organizzazzjonijiet interessati jiġu mgħarrfa dwar l-importanza ta' l-innovazzjoni u r-rwol li l-innovazzjoni ser taqdi fil-geġjieni ta' l-UE.

1.11 Ir-riżultat ta' l-għażla tal-proġetti mis-setturi ta' l-SMEs fil-qafas tal-programm Eurostars⁽⁵⁾ għandu jiġi ppubblikat fl-Internet min-netwerk Eureka. Barra minn hekk, għandha titħejja lista tal-proġetti li għandhom potenzjal innovattiv kbir iżda li ma ġewx iffinanzjati. Din il-lista għandha tagħti indikazzjoni ta' l-investituri nazzjonali pubbliċi/privati disponibbli li l-programm jeħtieġ finanzjament addizzjonali.

1.12 Il-koordinazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-politiki dwar l-SMEs u l-R&D u l-Eureka għandha tkun konsistenti u tissodisfa l-ħtiġijiet espressi mill-organizzazzjonijiet ta' l-SMEs u l-partijiet interessati aktar ġenerali (inklużi, fost oħrajn, korpi tar-riċerka pubbliċi u privati). Il-KESE jappella lill-istituzzjonijiet Ewropej ikkonċernati, lill-Istati Membri u lill-Presidenza Slovena u dik Franċiża ta' l-UE biex jiżguraw li l-koordinazzjoni titwettaq skond l-aspettattivi u l-oġettivi tal-programmi ta' l-SMEs.

1.13 Il-KESE jħeġġeġ li, b'rabta mal-parteċipazzjoni ta' l-SMEs fil-programmi ta' finanzjament għall-R&D u l-Programm Konġunt Eurostars, il-perijodu twil mill-preżentazzjoni ta' proposta sa l-approvazzjoni mill-UE jiġi mqassar, sabiex l-SMEs jitħeġġu jressqu l-proġetti.

(5) http://ec.europa.eu/research/sme-techweb/index_en.cfm?pg=results

1.14 Il-KESE jenfasizza l-fatt li, sabiex jittejjeb u jżdied il-finanzjament għall-R&D fost l-SMEs, il-KE għandha tesplora l-possibbiltà li tressaq ir-riżorsi mhux użati disponibbli għall-SMEs taħt il-kapitolu "Kooperazzjoni" tas-Seba' Programm Qafas (li jirrappreżenta 15 % tal-baġit ta' "Priorità Tematika" fis-Sitt Programm Qafas) għall-Programm "Kapaċitajiet" (CRAFT, eċċ.) li jindirizza l-SMEs b'mod aktar effettiv.

1.15 Il-KESE jitlob li tingħata aktar attenzjoni lill-piż regolatorju sproporzjonat fuq l-SMEs, li jista' jkun għaxar darbiet akbar mill-piż fuq il-kumpaniji l-kbar⁽⁶⁾. Tnaqqis ta' spejjeż ta' ġestjoni u simplifikazzjoni ta' proċeduri ta' preżentazzjoni għall-SMEs li jidhru fi programmi ta' R&D ma' msieħba Ewropej u internazzjonali oħra huma mixtieqa wkoll. Il-KESE jixtieq ukoll jara soluzzjoni għall-kwistjoni ta' Drittijiet ta' Proprietà Intellettwali (DPI) u Privattivi Ewropej⁽⁷⁾, fejn is-sitwazzjoni attwali tfixkel il-kompetittività u l-innovazzjoni fl-Ewropa. Barra minn hekk, privattivi u DPI aċċessibbli⁽⁸⁾ jistgħu jservu wkoll bħala assi non-monetarji importanti f'każ ta' konsolidazzjoni ta' sħubija bejn intrapriżi li jipparteċipaw fi proġetti internazzjonali.

2. Sfond ta' l-opinjoni

2.1 Fil-Karta Ewropea għall-Intrapriżi Żgħar approvata mill-mexxejja ta' l-UE fl-2000, kien ġie maqbul li l-intrapriżi żgħar għandhom ikunu kkunsidrati bħala forza prinċipali għall-innovazzjoni u l-impjiegi, kif ukoll għall-integrazzjoni soċjali u lokali fl-Ewropa⁽⁹⁾. Barra minn hekk, f'Ottubru 2007, il-KE ħabbret it-tħejija ta' "Att dwar in-Negozji Żgħar għall-Ewropa" (SBA)⁽¹⁰⁾, li ser jiddefinixxi sett ta' miżuri mmirati li jipromovu l-intraprenditorija, kultura ta' l-intrapriża u aċċess għall-kompetenzi⁽¹¹⁾. Matul l-2008, il-Kummissjoni ser teżamina wkoll firxa ta' inizjattivi fir-rigward ta' l-SMEs⁽¹²⁾ sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tagħhom fil-programm ta' l-UE.

2.2 Fuq il-bażi ta' dawn l-elementi, tfasslet proposta għal Programm Konġunt Eurostars speċifiku. Il-programm, li jaqa' taħt l-Artikolu 169 tat-Trattat KE u hu mfassal biex jikkomplimenta u jindirizza l-attività "Riċerka għall-benefiċċju ta' l-SMEs" taħt is-Seba' Programm Qafas ta' Riċerka, hu amministrat mill-EUREKA u ntedia b'mod konġunt mit-22 Stat Membru u ħames pajjiżi oħra ta' l-EUREKA (l-Islanda, l-Iżrael, in-Norveġja, l-Isvizzera u t-Turkija). Bħalissa l-programm Eurostars jinkludi iktar minn 30 membru: l-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka,

(6) Mudelli biex jitnaqqas il-piż regolatorju sproporzjonat fuq l-SMEs, Kummissjoni Ewropea, Mejju 2007, DG Intrapriża u Industrijia.

(7) Il-Fattur ta' Spejjeż fis-Sistemi ta' Privattivi, Université Libre de Bruxelles, Dokument ta' Ħidma WP-CEB 06-002, Brussell 2006, ara minn p. 17.

(8) Insaħħu s-sistema tal-privattivi fl-Ewropa: COM(2007) 165.

(9) Karta Ewropea għall-Intrapriżi Żgħar, Kunsill Ewropew ta' Feira, 19-20 ta' Ġunju 2000.

(10) Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju — Essenzjali għal aktar tkabbir u xogħlijiet. Reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-politika Moderna għall-SMEs, COM(2007) 592 finali, 4.10.2007.

(11) Luc Hendrickx, "UEAPME expectations on the proposal for a European Small Business Act", 14.12.2007.

(12) http://ec.europa.eu/enterprise/entrepreneurship/sba_en.htm

id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Islanda, l-Irlanda, l-Iżrael, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Olanda, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Isvezja, l-Isvizzera, it-Turkija u r-Renju Unit.

2.3 Is-Seba' Programm Qafas jadotta ħafna mill-miżuri ssuġġeriti matul ir-reviżjoni tas-Sitt Programm Qafas ⁽¹³⁾ bil-ħsieb li jinħoloq pont bejn il-lakuna fil-politiki favur l-SMEs. Is-Seba' Programm Qafas jinkludi strateġija favur l-SMEs, u jinkorpora miżuri kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi biex tiġi stimolata azzjoni kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali. L-għan tiegħu hu l-ħolqien ta' clusters u netwerks ta' negozji, it-titjib tal-kooperazzjoni pan-Ewropea bejn intrapriżi zġhar bl-użu ta' l-IT, id-disseminazzjoni ta' l-aħjar prattiki dwar ftehimiet ta' kooperazzjoni u l-appoġġ tal-kooperazzjoni bejn in-negozji zġhar ⁽¹⁴⁾.

2.4 It-23 miljun SMEs reġistrati fl-UE jagħmlu 99 % mill-intrapriżi kollha u żewġ terzi mill-qligħ ta' l-Ewropa u huma wkoll dawk li jappoġġjaw l-atturi ewleni ta' l-iżvilupp sostenibbli ⁽¹⁵⁾. Madankollu, biex isiru aktar kompetittivi, dawn l-intrapriżi jeħtieġu li jiġu razzjonalizzati u miġburin fi gruppi biex jifurmu entità koerenti b'massa kritika, sabiex ikunu jistgħu jieħdu vantaġġ ta' l-iżvilupp ta' fondi speċifiċi ta' kapital ta' riskju, parks xjentifiċi, inkubaturi u politiki ta' innovazzjoni reġjonali ⁽¹⁶⁾.

2.5 Barra minn hekk, ir-"Rapport tal-Flash Eurobarometer" jenfasisza li t-tkabbir ta' l-SMEs jista' jkun imfixkel mill-attitudni negattiva fir-rigward tar-riskju ta' l-Ewropej, li m'għandhomx spirtu intraprenditorjali ⁽¹⁷⁾. Għalhekk huwa partikolarment importanti li tittieħed azzjoni biex tissaħħaħ l-immaġini professjonali ta' persuni intraprendorjali u biex titqajjem sensibilizzazzjoni pubblika dwar ir-rwol ewleni tagħhom fl-innovazzjoni, il-progress ekonomiku u l-prosperità b'mod ġenerali. L-għanijiet ta' Lisbona jistgħu jinkisbu biss permezz ta' intraprenditorija responsabbli, enerġetika u immaġinattiva li tkun kapaċi tiżviluppa b'mod ħieles ⁽¹⁸⁾.

2.6 Madankollu, il-miżuri speċifiċi li l-Istati Membri jadottaw biex jappoġġjaw l-SMEs mhux dejjem iħeġġu u jappoġġjaw it-trasferiment ta' kooperazzjoni u teknoloġija transnazzjonali. Fidawl tal-bidliet fis-swieq u l-internazzjonalizzazzjoni tal-katini tal-valur, l-SMEs Ewropej issa jridu jadattaw għall-kompetizzjoni globali qawwija billi jidħlu għal proċessi innovattivi permanenti f'kuntest internazzjonali usa'. Il-Programm Konġunt Eurostars għandu jippremja lil dawk l-SMEs u istituzzjonijiet ta' riċerka pubblika u/jew privata li jagħmlu sforzi speċifiċi biex jappoġġjaw il-proġetti ta' R&D, jiddessiminaw ir-riżultati tagħhom, u

jitransferixxu u jgħinu biex jingħata aċċess għall-għarfien. B'mod partikolari, għandu jippremja proġetti li jinvolvu istituzzjonijiet u gruppi u/jew SMEs uniċi, li normalment jipparteċipaw anqas f'programmi bħal dawn jew isibu diffikultà fl-aċċess għalihom. Il-KESE jshaq fuq il-fatt li l-l-kontribuzzjoni għall-Programm Konġunt Eurostars għandha tiġi estiża biex tinkorpora lill-membri kollha ta' EUREKA, b'mod speċjali dawk li għadhom kif issiehbha fl-UE u li jistgħu jibbenefikaw minn approċċ transnazzjonali.

2.7 Il-Programm Konġunt Eurostars huwa mmirat lejn l-SMEs li jwettqu attivitajiet ta' R&D, b'enfasi fuq proġetti ta' R&D orjentati lejn is-suq u proġetti transnazzjonali b'ħafna msieħba (mill-inqas żewġ parteċipanti indipendenti minn pajjiżi parteċipanti differenti). Aspett importanti tal-programm hu l-approċċ minn isfel għal fuq, li jagħti lill-"SMEs li jwettqu attivitajiet ta' R&D" is-setgħa għall-"appartenenza" u l-innovazzjoni strateġika tan-negozju. F'circustanzi bħal dawn, l-SMEs ikollhom kontroll u jistgħu jinfluenzaw ir-riżultati tar-riċerka kurrenti b'konformità ma' l-opportunitajiet kummerċjali.

3. Obiettivi tal-Programm Konġunt Eurostars

3.1 Il-parteċipazzjoni fi programmi ta' riċerka u żvilupp skond l-Artikolu 169 tat-Trattat timplika li l-Istati Membri parteċipanti ta' l-UE jintegraw il-programmi nazzjonali ta' riċerka tagħhom billi jimpenjaw ruħhom fi programmi konġunt ta' riċerka. Il-Kummissjoni, taħt il-bażi legali ta' l-Artikolu 169, identifika erba' inizjattivi potenzjali għall-SMEs u l-imsieħba tagħhom.

3.2 Il-programm Eurostars jikkonsisti minn proġetti proposti minn SME waħda jew għadd ta' SMEs li huma stabbiliti fil-pajjiżi parteċipanti u li huma involuti b'mod attiv fl-R&D. Il-proġetti jistgħu jiġu implimentati fi kwalunkwe qasam tax-xjenza u t-teknoloġija (iżda għandu jkollhom għan ċivili). Il-proġetti għandhom ikunu kollaborattivi, u għandhom jinvolvu mill-inqas żewġ parteċipanti minn żewġ pajjiżi parteċipanti tal-Eurostars li jkunu involuti f'diversi attivitajiet b'konnessjoni mar-riċerka; l-iżvilupp teknoloġiku, id-demostrazzjoni, it-taħriġ u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni relatata. B'konformità man-natura ta' l-SMEs, iċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett huwa wieħed qasir. Proġett għandu jkollu tul massimu ta' tliet snin, u fi żmien sentejn mit-tlestija tal-proġett, il-prodott tar-riċerka għandu jkun lest biex jiġi introdott fis-suq.

3.3 Il-Programm Konġunt jista' jipprovdi effett ta' lieva sinifikanti għall-finanzjament Komunitarju: l-Istati Membri u ħames pajjiżi oħra ta' l-EUREKA (l-Islanda, l-Iżrael, in-Norveġja, l-Isvizzera u t-Turkija) ser jikkontribwixxu EUR 300 miljun. Il-Komunità ser iżżid terz tal-kontribuzzjoni ta' l-Istati Membri, bir-riżultat li l-baġit tal-programm jilħaq EUR 400 miljun ta' finanzjament pubbliku. B'rati ta' finanzjament ta' 50 % — 75 %, l-Eurostar jista' jiġbor bejn EUR 133 u EUR 400 miljun ta'

⁽¹³⁾ ĠU C 234, 22.9.2005, p. 14 u l-UEAPME Dokument ta' Pożizzjoni dwar suċċessur għas-Sitt Programm Qafas għall-R&D, 01/2005.

⁽¹⁴⁾ Reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-politika Moderna għall-SMEs, COM (2007) 592, 4.10.2007.

⁽¹⁵⁾ L-implimentazzjoni tal-Programm Komunitarju ta' Lisbona: Il-finanzjament tat-tkabbir ta' l-intrapriżi zġhar u ta' daqs medju — Żieda tal-Valur Ewropew, COM(2006) 349, 29.6.2006.

⁽¹⁶⁾ Ix-xjenza u t-teknoloġija; il-qofol għall-ġejjieni ta' l-Ewropa, COM (2004) 353, 16.6.2004; mhux disponibbli bil-Malti.

⁽¹⁷⁾ Osservatorju ta' l-SMEs Ewropej, Flash Eurobarometer 196, Mejju 2007.

⁽¹⁸⁾ Investment fl-għarfien u l-innovazzjoni, INT/325, ĠU C 256, 27.10.2007, p. 8.

finanzjament privat addizzjonali għat-tul ta' żmien tal-Programm (effett ta' lieva). Il-parteċipazzjoni mistennija hi kkalkulata fuq ksib ta' spiża medja ta' EUR 1,4 miljun għal kull proġett Eurostars. B'rata medja ta' finanzjament ta' 50 %, rata ta' finanzjament pubbliku ta' EUR 0,7 għal kull proġett u baġit globali għall-programm ta' madwar EUR 400 miljun, jistgħu jiġu finanziati 565 proġett.

3.4 Għalhekk, il-kontribuzzjoni Komunitarja timla l-lakuna fil-finanzjament fi stadju bikri ta' l-R&D meta l-attivitajiet innovattivi jkunu friskju relattivament għoli u jistgħu ma jiġbdux unikament investituri privati⁽¹⁹⁾. L-intervent tal-Komunità bl-investment pubbliku favur il-programm Eurostars ser jinkoraġġixxi aktar SMEs li jwettqu attivitajiet ta' R&D biex ifittxu investment privat għall-iżvilupp ta' prodotti jew servizzi innovattivi.

3.5 Fir-rigward tal-finanzjament, għandha tiġi kkunsidrata l-possibbiltà ta' eżenzjoni mit-taxxi għall-investimenti fil-R&D fi Stati Membri li jkunu attraenti għall-investituri anke fl-agħar sitwazzjoni immaġinabbli, sabiex f'każ bħal dan ikunu għall-inqas jistgħu jibbenefikaw minn dawn l-eżenzjonijiet. Il-benefiċċju għall-SME jkun forma alternattiva ta' finanzjament.

3.6 Madankollu, hemm tħassib li proporzjon kbir ta' SMEs jistgħu ma jitħallewx jipparteċipaw fl-inizzjattivi ta' l-UE għall-innovazzjoni kompetittiva. Taħt il-programm Eurostars, il-kriterju ta' eliġibbiltà għall-SMEs li jwettqu attivitajiet ta' riċerka hu li l-SME li tipproponi l-proġett tiddedika mill-inqas 10 % mit-turnover tagħha jew l-ekwivalenti full-time lil attivitajiet ta' riċerka. Anke jekk din ir-restrizzjoni hija applikata lill-imsieħeb pilota tal-proġett, dan jista' jwaqqaf ħafna intrapriżi żgħar milli jipproponu proġetti innovattivi. B'riżultat ta' dan, il-programm jista' biss jiġbed intrapriżi high-tech diġà konsolidati li għandhom aċċess għal forum oħra ta' finanzjament aktar adatti.

3.7 Barra minn hekk, f'xi pajjiżi ta' l-UE, l-ispejjeż ta' R&D huma spiss integrati ma' spejjeż operattivi oħra u għalhekk jistgħu ma jiġu identifikati separatament⁽²⁰⁾. Għalhekk, id-definizzjoni ta' indikaturi ta' R&D użati mill-OECD turi xi inadegwatezzi meta tkun applikata għal intrapriżi żgħar innovattivi, għaliex huma ma jikkunsidrawx l-attivitajiet li jikkorespondu għal għarfien non-kodifikat, li hu diffiċli li jiġi kwantifikat⁽²¹⁾.

3.8 Ukoll skond l-OECD, is-"Settur High-Tech" hu definit bħala industrija b'shem ta' R&D fit-turnover ta' aktar minn 4 %. Dan is-settur — anke f'ekonomiji żviluppatti ħafna — jgħodd għal madwar 3 % tal-PGD, li jfisser li 97 % ta' l-attivitajiet ekonomiċi kollha u l-biċċa l-kbira tal-proċessi innovattivi

sehew f'setturi definiti mill-OECD bħala "Mid-Tech" jew "Low-Tech"⁽²²⁾. Iċ-ċifri jindikaw li proporzjon kbir ta' l-intrapriżi innovattivi jkunu esklużi jekk l-aċċess għall-programm ta' finanzjament ikun limitat minn limitu ta' 10 % għall-R&D, u ma jqanqalx attitudini pożittiva għall-innovazzjoni, li hija l-bażi ta' l-inizzjattiva Ewropea.

3.9 Għalhekk, il-KESE jemmen li l-proġetti għandhom jintgħażlu abbażi eċċellenza u konformità ma' l-oġettivi tal-programm u li l-limitu ta' R&D ta' 10 % għandu jitneħħa.

3.10 Ħtieġa oħra tal-programm Eurostars hija li l-SMEs parteċipanti li jwettqu attivitajiet ta' R&D għandhom ikunu jistgħu jwettqu l-parti maġġuri tal-ħidma ta' R&D. Il-kollaborazzjoni ma' msieħba oħra, li jistgħu jkunu SMEs oħra, clusters lokali, intrapriżi kbar lesti li jaqsmu l-oġettivi tal-programm, istituzzjonijiet ta' riċerka jew universitajiet, m'għandhomx ikunu esklużi. Barra minn hekk, it-terminu cluster għandu wkoll jirreferi għall-bżonn li jiġu lokalizzati l-SMEs li jwettqu attivitajiet ta' R&D f'universitajiet/istituzzjonijiet ta' edukazzjoni superjuri, sabiex tissaħħaħ l-interazzjoni bejniethom għall-benefiċċju tagħhom it-tnejn.

3.11 Fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet rispettivi ta' l-SMEs innovattivi li jieħdu sehem fil-programm Eurostars, huwa importanti li jkun ikkjarifikat li huma l-SMEs li jwettqu attivitajiet ta' R&D li għandhom iħallsu kollettivament mill-inqas 50 % ta' l-ispejjeż R&D fil-proġett. Madankollu, dan il-kriterju xorta jista' jeskludi ħafna SMEs ibbażati fuq is-suq u għalhekk għandha tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li dan l-ostakolu jitbaxxa b'25 % matul l-evalwazzjoni ta' nofs it-term tal-programm Eurostars⁽²³⁾.

3.12 Ir-relazzjoni ma' strumenti finanzjarji oħra koperta mill-Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni għad teħtieġ aktar kjarifika. Il-programm ta' finanzjament għandu jsir aktar flessibbli u adattat għall-ħtiġijiet ta' l-SMEs, filwaqt li tittieħed konsiderazzjoni ta' esperjenzi pożittivi b'fondi ta' garanzija għar-riċerka u l-iżvilupp, sabiex l-intrapriżi jkunu jistgħu jieħdu perspettiva ta' negozju itwal.

3.13 Qafas regolatorju aħjar, bil-konsultazzjoni sistematika ta' rappreżentant ta' l-organizzazzjonijiet ta' l-SMEs u firxa usa' ta' partijiet interessati, ibaxxi l-ispejjeż u r-riskji operattivi, jgħolli d-dħul, iżid il-fluss ta' kapital ta' riskju u jtejjeb il-funzjonament tas-swieq ta' kapital ta' riskju. Dan ser jibbenefika lill-SMEs innovattivi b'mod partikolari. Dan il-finanzjament ser jikkomplementa l-appoġġ pubbliku għall-istadji ferm bikrija ("pre-seed") tal-bidla ta' outputs ta' riċerka fi proposta kummerċjali.

⁽¹⁹⁾ "Servej Annwali ta' Ekwità & Attività ta' Kapital ta' Riskju Pan-Ewropej", 2004.

⁽²⁰⁾ It-Tabella ta' Investment ta' l-UE fil-R&D 2007, p. 20, miċ-Ċentru tar-Riċerka Konġunta u d-Direttorat Ġenerali tar-Riċerka (DG RTD).

⁽²¹⁾ H. Hirsch-Kreinsen, "Low-Technology": A forgotten sector in innovation policy, Fakultà għall-Ekonomija u x-Xjenzi Soċjali, Università ta' Dortmund, 15.3.2006; UAPME, "Lejn Politika ta' Innovazzjoni għas-Snajja, il-Kummerċ u l-SMEs", 27.10.04.

⁽²²⁾ "Lejn Politika ta' Innovazzjoni għas-Snajja, il-Kummerċ u l-SMEs", UEAPME, 27.10.2004.

⁽²³⁾ Parlament Ewropew, Kumitat dwar l-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, A6-0064/2008.

3.14 Il-Kummissjoni ħadet l-impenn li tippromovi miżuri għal aktar investiment transkonfinali minn fondi ta' kapital ta' riskju ⁽²⁴⁾. Fl-Ewropa, is-suq tal-kapital ta' riskju hu frammentat; attwalment fih 27 ambjent operattiv differenti. Dan jaffettwa kemm il-ġbir tal-fondi kif ukoll l-investiment b'mod negattiv.

3.15 Għaldaqstant hemm bżonn ta' ambjent aħjar għall-investiment tal-kapital ta' riskju u għall-ħolqien ta' incettivi mill-Istati Membri għall-investituri privati, bil-għan li dawn jipparteċipaw friċerka intenazzjonali kollaborattiva ⁽²⁵⁾ u jippromovu l-involviment tas-servizzi ta' appoġġ kummerċjali għall-SMEs immirati lejn l-intrapriżi ta' appoġġ li jirnexxilhom jgħaddu mill-istadju ta' start-up.

4. It-titjib tal-koordinazzjoni tal-Programm Konġunt Eurostars

4.1 Il-programm Eurostars għandu l-għan li jgħin lill-SMEs fi kwalunkwe teknoloġija jew qafas industrijali, legali jew ta' organizzazzjoni meħtieġ għall-kooperazzjoni Ewropea fuq skala kbira fost l-Istati Membri fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni applikati. Konsegwentement, huwa ser iżid il-kapaċità ta' l-SMEs li jwettqu attivitajiet ta' R&D biex jintroduċu fis-suq prodotti, proċessi u servizzi kompetittivi.

4.2 L-internazzjonalizzazzjoni tal-proġett tista' tevita d-duplikazzjoni ta' sforzi lejn l-innovazzjoni u għandha tkun opportunità biex jiġu adottati politiki komuni u tiġi introdotta azzjoni rapida biex jitnaqqas il-piż amministrattiv ⁽²⁶⁾. Bl-għajnuna tal-programm Eurostars, ħafna SMEs jistgħu jitħeġġu biex jisfruttaw

il-kollaborazzjoni internazzjonali, dment li jkunu jistgħu jipponu u jiġġestixxu l-proġett direttament. Madankollu, l-involvement fi proġetti integrati u n-netwerk ta' eċċellenza għandhom ikunu pplanati b'attenzjoni biex jiġu evitati l-iżbilanċi fil-parteeċipazzjoni fil-proġett.

4.3 Flimkien ma' appoġġ għall-R&D, għandna nikkunsidraw ukoll mezzi li bihom il-gvernijiet jistgħu jappoġġjaw l-innovazzjoni b'mod aktar dirett permezz tal-provvediment ta' l-infrastruttura adatta. Hemm komunita kbira ħafna ta' "istituzzjonijiet" ta' riċerka. Uħud minnhom jistgħu jkunu assoċjazzjonijiet jew kumpaniji tar-riċerka, li l-kompitu tagħhom hu li jappoġġjaw l-innovazzjoni, partikolarment mill-SMEs. Hemm ukoll parks xjentifiċi u ħwienet xjentifiċi, inkubaturi, korpi tal-gvern reġjonali u lokali u organizzazzjonijiet ta' trasferiment ta' l-għarfien. Dawn jipprovdu appoġġ importanti għall-SMEs high-tech li għadhom f'fażi bikrija u wkoll għal dawg aktar tradizzjonali li qed jikkontemplaw strateġiji bbażati fuq l-innovazzjoni. Il-Prezidenza Slovena ta' l-UE u l-Prezidenza Franċiża li jmiss għandhom jimmonitorjaw kif il-koordinazzjoni tal-programm Eurostar fil-livell ta' l-UE u dak nazzjonali tista' tiġi użata, billi jmx-xuha lejn l-iktar livell għoli possibbli u jevitaw kwalunkwe duplikazzjoni ta' funzjonijiet u riskju ta' konfużjoni fost l-aġenziji ta' l-SMEs eżistenti.

4.4 Il-KESE rrakkomanda wkoll f'diversi okkażjonijiet li parti ferm akbar tar-riżorsi tal-Fondi Strutturali ta' l-UE tintuża għall-iżvilupp ta' infrastrutturi xjentifiċi konġunti mfaslin speċifikament għall-SMEs. L-użu ta' finanzjament mill-Bank Ewropew ta' l-Investiment għal dan il-għan jista' wkoll ikun ta' benefiċċju kbir ⁽²⁷⁾.

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

⁽²⁴⁾ Il-Kummissjoni tippromovi miżuri għal aktar investiment transkonfinali permezz ta' fondi ta' kapital ta' riskju IP/08/15, 07.1.2008.

⁽²⁵⁾ Il-finanzjament tat-tkabbir ta' l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju — Żieda tal-Valur Ewropew, COM(2006) 349, 29.6.2006.

⁽²⁶⁾ Proposti tal-Kummissjoni Ewropea għal tnaqqis tal-piż amministrattiv, 2008, MEMO/08/152 10.3.2008.

⁽²⁷⁾ (ĠU C 65, 17.3.2006), ĠU C 256, 27.10.2007, p. 17.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni — Negħbu l-istigma tal-falliment kummerċjali — Lejn politika li tagħti opportunità oħra — Nimplimentaw is-Sħubija ta' Lisbona għat-Tkabbir u għall-Impjiegi

COM(2007) 584 finali

(2008/C 224/05)

Nhar il-5 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni — Negħbu l-istigma tal-falliment kummerċjali — lejn politika li tagħti opportunità oħra — Nimplimentaw is-Sħubija ta' Lisbona għat-Tkabbir u għall-Impjiegi

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-6 ta' Mejju 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Morgan.

Matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-28 u d-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju 2008), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'70 vot favur u 3 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kummissjoni ilha tindirizza l-effetti negattivi tal-falliment kummerċjali sa mill-2001. Hija tat prominenza partikolari lill-ħtieġa li jitjiebu l-proċeduri ta' falliment. Minħabba l-kompetenza limitata tagħha f'dan il-qasam, il-Kummissjoni iffukat fuq il-ġbir tad-data dwar il-konsegwenzi legali u soċjali tal-falliment kummerċjali, l-iffaċilitar ta' l-identifikazzjoni, it-tixrid ta' Prattiki tajba u l-ħidma fuq għodda ta' twissija bikrija bħala mezz ta' tnaqqis ta' l-istigma tal-falliment.

1.2 Il-KESE japprova l-enfasi tal-Kummissjoni fuq il-ħtieġa li tingħeleb l-istigma tal-falliment kummerċjali. Kundizzjonijiet nazzjonali tajba ta' qafas għall-intraprenditorija huma kruċjali għall-isfruttament sħiħ tal-potenzjal intraprenditorjali ta' l-UE u għall-ħolqien ta' kumpaniji dinamiċi. L-apprezzament soċjetali ta' l-intraprenditorija ta' suċċess, kruċjali għal dan il-għan, għandu jimxi id fid ma' politika li tippromwovi opportunità oħra għall-intraprendituri li fallaw.

1.3 Il-Kummissjoni għandha raġun tafferma li l-ħolqien tal-kummerċ, is-suċċess kummerċjali u l-falliment kummerċjali kollha huma kollha aspetti intrinziċi ta' l-ekonomija tas-suq. Hija tenfasizza sew li b'riżultat tan-nuqqas ġenerali ta' apprezzament soċjetali u n-nuqqas ta' fehma ta' xi tisser sewwa sew l-intraprenditorija, id-diffikultà kummerċjali jew il-falliment kummerċjali mhumieq qed jiġu aċċettati bħala r-riżultati ta' żvilupp ekonomiku normali u l-anqas bħala opportunità ta' bidu mill-ġdid. L-UE trid tibdel il-mentalità tagħha. Aktar ma l-istigma tal-falliment tintrabat ma' min kien fallut, aktar aktar issir riskjuża kull intrapriża ġdida, u dan ir-riskju jintrabat mal-parteċipanti kollha interessati fl-intrapriża.

1.4 Il-liġijiet ta' l-Istati Uniti jfittxu li jibbilanċjaw l-interessi tad-debituri, kredituri u s-soċjetà in ġenerali. Il-KESE jemmen li l-Istati Membri għandhom jiġu mħajra biex jilhqqu l-istess bilanċ. Il-falliment u n-nuqqas ta' ħlas tad-djun jistgħu joħlqu diffikultajiet enormi għall-kredituri tant li jistgħu jwassalhom għall-falliment. Kumpanija tista' tinħeles mid-dejn sabiex tingħata l-opportunità li terġa' tibda mill-ġdid, madanakollu, fil-konfront tal-kredituri, din is-soluzzjoni tista' tkun waħda ferm inġusta. Il-liġijiet dwar il-falliment iridu jilhqqu l-bilanċ ġust.

1.5 Mill-perspettiva tas-soċjetà in ġenerali, iż-żamma sħiħa jew ta' parti mill-intrapriża fil-kummerċ tista' tkun l-aħjar soluzzjoni. Kumpanija potenzjalment vijabbli tista' tħalli redditu għal kull min għandu sehem fiha. Barra minn hekk, jekk kumpanija falluta tinħeles mill-kuraturi fallimentari, l-impjegati jkunu jistgħu iżommu xogħolhom. Intrapenditur fallut li jerġa' jidħol fin-negozju, jerġa' joħloq impjeg ġdid. Kull forma ta' impjeg li jirrużulta minn dawn il-metodi żgur li huwa ta' ġid għas-soċjetà in ġenerali.

1.6 Hemm ħafna metodi ta' kif intrapriża tista' tfalli, anke f'każ ta' intrapenditur li jkollu l-aktar intenzjonijiet tajbin. Il-ħolqien ta' intrapriża vijabbli fil-fażi tat-tnedija tagħha mhuwix dejjem possibbli. Lil hinn mit-tnedija, mudell kummerċjali difettuż jista' jfisser li l-kumpanija m'għandiex futur. Min-naħa l-oħra, il-kumpaniji potenzjalment vijabbli jistgħu jfallu minħabba żbalji ta' l-intrapendituri jew għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tagħhom. Kumpaniji bħal dawn jistgħu u għandhom jiġu salvati mir-riċevituri b'riżultat li ħafna mill-postijiet tax-xogħol isalvaw ukoll.

1.7 Hu importanti li issir distinzjoni bejn il-kumpanija u d-diretturi tagħha. Id-diretturi jistgħu jfallu fl-istess waqt li r-riċevitur ikun qiegħed isalva lill-kumpanija u l-impjegati tagħha. Kumpanija tista' tfalli metal-intraprendituri tagħha jkunu fallew minħabba l-garanziji bankarji li jkunu taw, anke jekk l-imġiba personali tagħhom ma kinitx qarrieqa. Il-Kummissjoni tinsab imħassba dwar dawn l-intraprendituri ġenwini. Żgur li dawn l-intraprendituri jisthoqqlhom opportunità oħra aktar u aktar meta nrexxielhomjoholqu kummerċ tajeb iżda xorta fallew jew minħabba n-nuqqas ta' esperjenza jew sforz xorti ħażina; l-ekonomija teħtieġ ħiliethom. Oħrajn, li jfallu minħabba inkompetenza u nuqqas ta' viżjoni x'aktarx li f'it għandhom x'joffru lill-ekonomija, anke jekk jirnexxielhom isibu investituri li jappoġġjawhom. Mhux l-intraprendituri falluti kollha jisthoqqlhom opportunità oħra.

1.8 L-inizjattiva tal-Kummissjoni għenet sabiex twassal għal riforma madwar l-UE. Ħafna Stati Membri diġa' siltu xi ispirazzjoni mill-prattiki tajba u l-konklużjonijiet ta' politika miġbura fil-livell Ewropew. Madwar terz ta' l-Istati Membri ressqu pjanijiet biex jirrifurmaw il-legislażzjoni nazzjonali dwar il-falliment. Madankollu, kważi nofs il-pajjiżi ta' l-UE għad iridu jieħdu l-ewwel passi f'din id-direzzjoni. Filwaqt illi l-Kummissjoni għandha kompetenza limitata f'dan is-settur politiku, il-KESE jħeġġiġha biex tuża kull mezz disponibbli sabiex tħeġġeġ lill-ministri tal-finanzi ta' l-Istati Membri biex jintervjenu. Fl-opinjoni tal-KESE, il-progress ta' l-Istati Membri, b'mod ġenerali, f'it li xejn huwa meqjus sodisfaċenti.

1.9 Il-KESE jilqa' bis-sħiħ il-punti kollha li tqajmu fil-Komunikazzjoni fir-rigward tal-liġi dwar il-falliment, soġġetti dejjem għad-dettalji tal-liġijiet li jidħlu fis-seħħ dwar dan. Dawn jinkludu r-rikonossiment formali tal-fallimenti ġenwini, it-tnaqqis tar-restrizzjonijiet legali, l-iskwalifiki u l-projbizzjonijiet bi proċedimenti mgħaġġla. L-għan medju għandu jkun li l-proċeduri ma jtawlux aktar minn sena.

1.10 Il-KESE jemmen li hu importanti ħafna li l-Istati Membri kollha jtemmu r-reviżjoni tal-liġijiet dwar il-falliment tagħhom bl-inqas dewmien possibbli. B'żieda mat-tibdiliet fil-liġi, huwa importanti ħafna li l-fallimenti jiġu trattati b'urġenza mill-qrati. Il-proċess irid ikun organizzat tajeb. Dawn it-tibdiliet huma l-mira ewlenija tal-programm "Opportunità Oħra" (Second Chance).

1.11 L-appoġġ attiv lin-negozji friskju hu t-tieni messaġġ mniżżel fil-Komunikazzjoni. Fih innifsu m'huwiex parti mill-programm "Opportunità Oħra". Minflok hu programm maħluq biex jevita l-falliment u biex jiproteġi n-negozji u l-impjegati. Is-sezzjoni 4.0 tagħti numru ta' eżempji ta' fallimenti kummerċjali li setgħu ġew evitati. F'dan ir-rigward il-punt ewleni tal-Komunikazzjoni hu li tbiegħed fallimenti evitabbli permezz ta' twissija bikrija, id-dispożizzjoni ta' finanzjament temporanju u s-servizzi tal-konsulenti.

1.12 Għall-biċċa l-kbira ta' l-SMEs, dan il-programm m'huwiex prattiku ħafna peress li hemm f'it mekkaniżmi għall-identifikazzjoni pro-attiva ta' negozji friskju fost l-għexieren ta' eluf ta' SMEs. Madankollu, l-Istati Membri huma mħeġġa biex jagħmlu l-aħjar użu possibbli mill-possibilitajiet li jeżistu, eż. l-użu Franċiż ta' l-awtoritajiet tal-VAT biex jagħtu twissija bikrija lill-kumpaniji b'possibbiltà ta' problemi ta' likwidità. Il-Kummissjoni tgħid illi l-miżuri ta' appoġġ għandhom jiffukaw fuq il-ħarsien mill-falliment, il-parir esperti u l-intervent f'waqtu. Il-problema tqum meta d-diretturi ma jgħarfux li n-negozju tagħhom jinsab friskju. Il-gvernijiet ta' l-Istati Membri jridu jaħdmu mal-professjoni ta' l-accountants u l-organizzazzjoni ta' appoġġ għall-SMEs biex jiżviluppaw dawk il-miżuri pro-attivi li huma adegwati għall-kultura tagħhom ta' l-SMEs.

1.13 Huwa ċar li l-aktar rakkomandazzjoni importanti fil-Komunikazzjoni hi marbuta mar-riforma tal-Liġi dwar il-Falliment. Din hija l-miżura ewlenija li mingħajrha l-programm "Opportunità Oħra" qatt ma jista' jitneda.

1.14 Uħud mir-rakkomandazzjonijiet anqas vinkolanti fil-Komunikazzjoni jistgħu jiġu implimentati mingħajr tibdiliet fil-liġi dwar il-falliment. Meta l-liġi tkun inbidlet, il-miżuri mhux vinkolanti l-oħra proposti mill-Kummissjoni ikunu jistgħu jittwettqu. Il-punt ewleni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni jintilef mingħajr tibdiliet fil-liġi dwar il-falliment.

1.15 Il-KESE jemmen li kull Stat Membru għandu jwieġeb għal din il-Komunikazzjoni billi jinkludi l-proposti tiegħu fil-pjan Nazzjonali għall-istrateġija ta' Lisbona (tapplika l-linja gwida #15).

2. Introduzzjoni

2.1 Il-Kummissjoni ilha tindirizza l-effetti negattivi tal-falliment kummerċjali sa mill-2001. Hija tat prominenza partikolari lill-ħtieġa li jitjebu l-proċeduri ta' falliment. Minħabba l-kompetenza limitata tagħha f'dan il-qasam, il-Kummissjoni iffukat fuq il-ġbir tad-data dwar il-konsegwenzi legali u soċjali tal-falliment kummerċjali, l-iffaċilitar ta' l-identifikazzjoni, it-tixrid ta' Prattiki tajba u l-ħidma fuq għodda ta' twissija bikrija bħala mezz ta' tnaqqis ta' l-istigma tal-falliment.

2.2 Dan wassal għat-tnedija ta' riforma madwar l-UE. Ħafna Stati Membri diġa' siltu xi ispirazzjoni mill-prattiki tajba u l-konklużjonijiet ta' politika miġbura fl-livell Ewropew. Madwar terz ta' l-Istati Membri ressqu pjanijiet biex jirrifurmaw il-legislażzjoni nazzjonali dwar il-falliment. Madankollu, kważi nofs il-pajjiżi ta' l-UE għad iridu jieħdu l-ewwel passi f'din id-direzzjoni. Filwaqt illi l-Kummissjoni għandha kompetenza limitata f'dan is-settur politiku, il-KESE jħeġġiġha biex tuża kull mezz disponibbli sabiex tħeġġeġ lill-ministri tal-finanzi ta' l-Istati Membri biex jintervjenu. Fl-opinjoni tal-KESE, il-progress ta' l-Istati Membri, b'mod ġenerali, f'it li xejn huwa meqjus sodisfaċenti.

TABELLA A: IL-QAGĦDA ATTWALI FL-ISTATI MEMBRI

I.	IVA, il-Miżuri jeżistu	(I)	Il-miżuri huma parzjalment ippjanati/disponibbli	L	L-ebda miżura ma teżisti						
	Tagħrif/ edukazzjoni	Strateġija ġenerali	Pubbliċità tad-deċiżjoni tal-Qorti dwar il-falliment ġenwini	Restrizzjonijiet mnaqqa, eċċ.	Trattament legali aħjar għal min ifalli ġenwinament	Perjodu qasir ta' ħelsien u/jew għajuna għall-ħlas tad-dejn	Proċedimenti ristrutturati	Spjanta lill-appoġġ	Trawwim tar-rabiet	Taħdidiet fis-settur finanzjarju	Total I + (I)
Il-Belġju	L	L	(I)	(I)	I	(I)	L	L	L	L	4
Il-Bulgarija	L	L	L	L	L	L	L	L	L	L	0
Ir-Repubblika Ċeka	L	L	L	L	L	L	(I)	L	L	L	1
Id-Danimarka	L	L	L	I	(I)	I	(I)	L	L	L	4
Il-Ġermanja	(I)	L	L	I	I	(I)	L	L	L	L	4
L-Estonja	L	L	L	L	L	(I)	(I)	L	L	L	2
L-Irlanda	L	L	L	L	L	I	I	L	L	L	2
Il-Greċja	L	L	L	I	(I)	(I)	I	L	L	L	4
Spanja	L	L	L	L	I	I	I	L	L	L	3
Franza	L	L	L	L	(I)	L	I	L	(I)	L	3
L-Italja	L	L	L	I	I	(I)	(I)	L	L	L	4
Ċipru	L	L	(I)	(I)	L	(I)	(I)	L	L	L	4
Il-Latvja	L	L	L	L	L	L	(I)	L	L	L	1
Il-Litwanja	L	L	L	I	(I)	I	(I)	L	L	L	4
Lussemburgu	L	L	L	L	L	L	L	I	L	L	1
L-Ungerija	L	L	L	L	L	L	L	L	L	L	0
Malta	L	L	L	(I)	(I)	L	L	L	L	L	2
L-Olanda	(I)	L	L	L	(I)	(I)	L	L	L	(I)	4
L-Awstrija	L	(I)	L	(I)	(I)	(I)	I	(I)	(I)	L	7

	Tagħrif/ edukazzjoni	Strateġija ġenerali	Pubbliċità tad-deċizzjoni tal-Qorti dwar il-falliment ġenwini	Restrizzjonijiet mnaqqsa, eċċ.	Trattament legali aħjar għal min ifalli ġenwinament	Perjodu qasir ta' ħelsien u/jew għajna għall-ħlas tad-dejn	Proċedimenti ristrutturati	Spinta lill-appoġġ	Trawwim tar-rabtiet	Taħdidiet fis-settur finanzjarju	Total I + (I)
Il-Polonja	L	L	L	L	(I)	(I)	I	L	L	L	3
Il-Portugal	L	L	L	L	L	L	L	L	L	L	0
Ir-Rumanija	L	L	L	(I)	(I)	L	I	L	L	L	3
is-Slovenja	L	L	L	L	L	(I)	L	L	L	L	1
Is-Slovakkja	L	L	L	L	L	L	L	L	L	L	0
Il-Finlandja	L	L	L	I	L	(I)	I	I	L	L	4
L-Isvezja	L	L	L	L	I	(I)	I	L	L	L	3
Renju Unit	L	L	I	I	I	I	I	L	L	L	5
Total I + (I)	2	1	3	12	15	17	17	3	2	1	
L-Istati Uniti	L	L	L	I	(I)	I	I	L	L	L	4

2.3 It-tabella A meħuda mill-Komunikazzjoni. Il-kolonna 4 sa 6 jirrigwardaw ir-riforma tal-liġijiet dwar il-falliment. It-tabella turi li l-Istati Membri huma attivi ħafna fir-rigward tal-leġislazzjoni waqt li fl-istess ħin turi wkoll li l-liġijiet riveduti daħlu fis-seħħ fi ftit pajjiżi biss. Jekk it-totali taħt il-kolonna qed jirreferu għall-applikazzjoni tal-leġislazzjoni, allura t-total m'għandux ikun ta' 12,15,17 u 17 iżda ta' 6,6,5 u 10. Dan riżultat fqir mis-27 Stat Membru. L-azzjoni kalma jew in-nuqqas ta' azzjoni qed ikunu ta' ħsara għall-attività intraprenditorjali fl-Istati Membri u sakemm ma jseħħux it-tibdiliet meħtieġa, il-possibbiltà tal-falliment ser tibqa' ostakolu importanti għall-intrapriża.

2.4 Fattur ieħor li jroġ mit-tabella hu li s-sitt kolonna ta' madwar il-kolonna marbutin mal-leġislazzjoni huma bejn wiehded u ieħor vojta. Dan hu kemmxejn sorprendenti għaliex għalkemm il-leġislazzjoni dwar il-falliment għadha ma nbidlitx f'ħafna Stati Membri, minkejja kollox, setgħu ġew applikati miżuri oħra mhux vinkolanti.

2.5 Sabiex ikun jista' jqabbel, il-KESE talab lill-Kummissjoni biex tipprovdi d-data ekwivalenti għal dik mogħtija fit-tabella

iżda did-darba fir-rigward ta' l-Istati Uniti. L-Istati Uniti ġew inklużi fit-tabella għar-raġunijiet segwenti:

— Restrizzjonijiet imnaqqsa — I. — Fl-Istati Uniti ma tapplika l-ebda waħda mir-restrizzjonijiet l-aktar komuni fl-UE (eż. iż-żamma ta' fallut milli jsir direttur ta' kumpanija, iż-żamma ta' fallut milli jsir fiduċarju, u l-istabbiliment ta' kull tip ta' limitu ta' kreditu għall-fallut). Fil-fatt, is-sezzjoni 525 tal-Kodiċi dwar il-Falliment ta' l-Istati Uniti (US Bankruptcy Code) tiddikjara li ma tistax issir diskriminazzjoni kontra individwi bbażata biss fuq jekk humiex jew kinux suġġetti għall-proċedimenti ta' falliment.

— Trattament Legali Aħjar — (I). Bħall-pajjiżi l-oħra ta' l-UE, ma jingħata l-ebda ħelsien f'każ ta' kondotta ħażina, imġiba qarrieqa, eċċ. Ma jeżisti l-ebda "trattament aħjar" ieħor.

— Perjodu qasir ta' ħelsien — I. Ma hemm l-ebda perjodu speċifiku li matulu l-fallut jżomm l-istatus ta' fallut qabel ma jiġi meħlus.

— Proċedimenti ristrutturati — I. L-iktar forma komuni ta' proċedimenti dwar il-falliment użati mill-individwi hu l-Kapitolu 7 dwar il-likwidazzjoni jew il-falliment. Ġeneralment il-proċess jieħu 3-4 xhur biex jintemm. Bħala protezzjoni kontra applikazzjonijiet żejda, il-Kapitolu 7 ma jistax jintuża minn individwi li ġa għamel użu minnu fis-sitt snin ta' qabel.

2.6 Il-Kodiċi ta' l-Istati Uniti jirrifletti mentalità kompleta differenti minn dik komuni f'ħafna, jekk mhux f'kull Stat Membru. Il-perspettiva legali attwali ta' ħafna mill-Istati Membri turi kemm din il-kwistjoni għadha mhix mifhuma. Il-ħin li qed jinjala biex jinbidlu l-liġijiet dwar il-falliment juru li l-UE għadha ma fehmitx sew il-punt. Bidla fil-mentalità tħaffef l-introduzzjoni ta' liġijiet ġodda. Bl-istess mod, mingħajr bidla bħal din, il-miżuri li mhumiex vikolanti qatt mhu ser jitwettqu.

2.7 Fis-seklu dsatax il-falliment kummerċjali tant kienet stigmatizzata li kien iwassal għas-suwiċidju fost l-intraprendituri falluti. Minkejja li fis-seklu 21 is-suwiċidju naqas, l-istigma soċjali għadha teżisti. Iċ-ċittadini Ewropej iridu jifhmu li l-intraprenditur qed iwettaq ħidma ta' valur għoli anki meta jfalli. Ċertu numru ta' fallimenti hu inevitabbli. Ftit inqas minn tliet kwarti (73,0 %) tad-931 435 intrapriża li tnedew fl-1998 fl-ekonomiji kummerċjali ta' Spanja, il-Finlandja, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Isvezja u r-Renju Unit baqgħu jeżistu biss għal sentejn. Ftit inqas min-nofs (49,1 %) ta' l-istess ġabra ta' intrapriżi baqgħu jeżistu għal ħames snin, sa' l-2003.

2.8 Il-Kummissjoni għandha raġun tafferma li l-ħolqien tal-kummerċ, is-suċċess kummerċjali u l-falliment kummerċjali huma kollha parti mill-ekonomija tas-suq. Hija tenfasizza korrettament li minħabba n-nuqqas ġenerali ta' apprezzament tas-soċjetà u n-nuqqas ta' fehma li teżisti f'dan il-qasam, id-diffikultà jew anke l-falliment kummerċjali għandhom mhumiex qed jinftejmu bħala pass ekonomiku normali u opportunità għal bidu mill-ġdid. L-UE trid tibdel il-mentalità tagħha. Aktar ma nistigmattizaw lil min xi darba falla aktar ser inpoġġu lil kull intrapriża għadha friskju, riskju li ser jirtuh ukoll il-partijiet interessati kollha fil-qasam ta' l-intrapriża.

2.9 Il-liġijiet ta' l-Istati Uniti jfittxu li jibbilanċjaw l-interessi tad-debituri, l-kredituri u s-soċjetà in ġenerali. Il-KESE hu ta' l-opinjoni li l-Istati Membri għandhom jiġu mħajra jiksbu l-istess bilanċ. Hekk kif ser nispejgaw fir-4 sezzjoni ta' din l-opinjoni, il-falliment u d-djun mhux imħallsa jistgħu joħlqu diffikultajiet enormi għall-kredituri u jwassluhom għall-falliment. Kumpanija tista' tinħeles mid-dejn sabiex tingħata l-opportunità li terġa' tibda mill-ġdid, madanakollu, fil-konfront tal-kredituri, din is-soluzzjoni tista' tkun waħda ferm inġusta. Il-liġijiet dwar il-falliment iridu jilhqqu bilanċ ġust.

2.10 Mill-perspettiva tas-soċjetà in ġenerali, iż-żamma sħiħa jew ta' parti mill-intrapriża fil-kummerċ tista' tkun l-aħjar soluzzjoni. Kumpanija potenzjalment vijabbli tista' tħalli redditu għal kull min għandu sehem fiha.

2.11 L-interessi ta' l-impjegati huma protetti b'numru ta' metodi. L-Istati Membri implimentaw id-Direttiva dwar il-Falliment li ttiprovdi l-ħlasijiet għall-ħaddiema, f'każ ta' falliment. Jekk kumpanija falluta tinħeles mill-kuraturi tal-falliment, l-impjegati jkunu jistgħu jżommu xogħolhom. Intrapenditur fallut li jerġa' jidħol fin-negozju, jerġa' joħloq impjeg ġdid. Kull forma ta' impjeg li jirrużulta minn dawn il-metodi żgur li huwa ta' ġid għas-soċjetà in ġenerali

3. Sinteżi tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni

3.1 *Id-dehra pubblika, l-edukazzjoni u l-mezzi tal-massa*

3.1.1 L-ewwel pass fit-trattament ta' l-effetti negattivi tal-falliment kummerċjali huwa li dan jiġi diskuss pubblikament. Fl-UE l-pubbliku ġenerali ta' sikwit iħares lejn il-falliment bħala kwistjoni kriminali, tkun xi tkun il-kawża. Il-mezzi tal-massa għandhom rwol pożittiv x'jaqdu fit-trattament ta' dan in-nuqqas ta' fehma. It-tagħlimiet li għandhom jinkisbu huma dawn li ġejjin:

- (a) Il-benefiċċji ta' bidu mill-ġdid għandhom jitressqu f'kampanji ta' tagħrif u programmi ta' edukazzjoni, biex juru li bosta attentati jimxu id fid ma' proċess normali ta' tagħlim, riċerka u skoperta.
- (b) Il-mezzi tal-massa jistgħu jkollhom rwol fid-dissoċjazzjoni tal-falliment u l-frodi u t-tixrid tal-benefiċċji ta' l-intraprenditorija mġedda, għalhekk itejbu d-dehra tat-tnedija kummerċjali mill-ġdid qalb il-pubbliku in ġenerali u jevalwaw l-esperjenzi tagħhom.
- (c) Aktar diskussjoni dwar il-kwistjoni ma' l-atturi kollha rilevanti għandha tgħin biex tikxef il-ħafna lati ta' l-istigma li jiċċirkondaw il-falliment kummerċjali.

3.2 *Ir-rwol tal-liġi dwar il-falliment*

3.2.1 Il-bidu mill-ġdid wara falliment jista' jkun ta' sfida minn aspekk legali. F'ħafna pajjiżi l-liġi dwar il-falliment għadha titratta l-kulħadd bl-istess mod irrispettivament minn jekk il-falliment kienx qarrieqi jew irresponsabbli jew jekk il-falliment ma kien l-ebda ħtija ovvja tas-sid jew tal-manijer, jiġifieri ġenwin u bla ħabi.

3.2.2 Għadd ta' regoli jimponu restrizzjonijiet, projbizzjonijiet u skwalifiki fuq il-fallimenti fuq il-bażi biss ta' l-eżistenza ta' proċedimenti ta' falliment. Din l-istrateġija awtomatika ma tikonsidrax ir-riskji li huma fatt ta' kuljum tal-ħajja kummerċjali u

timplika twemmin li l-fallut huwa xi ħadd li fih is-soċjetà ma tista' tpoġġi l-ebda fiduċja jew affidabbiltà. Teħtieġ bidla radikali fir-razzjonalità tal-liġijiet dwar il-falliment fl-UE. Il-punti ewlenin huma kif ġejjin:

- (a) Huwa kruċjali li jinholq il-qafas xieraq li, filwaqt li jħares l-interessi tal-partijiet kollha kif mistħoqq, jirrikonoxxi l-possibbiltà għal intraprenditur li jfalli u jerġa' jibda mill-ġdid. Il-liġi dwar il-falliment għandha tinkludi distinzjoni ċara bejn it-trattament legali għal dawk li jfallu ġenwinament u dawk li jfallu b'mod qarrieqi.
- (b) Intraprendituri li jfallu mingħajr ma jkun tort tagħhom għandhom ikunu intitolati li jirċievu deċiżjoni formali tal-Qorti li tiddikjarahom mhux qarrieqa u skużabbli. Din id-deċiżjoni għandha tkun pubblikament aċċessibbli.
- (c) Il-ħelsien minn kmieni ta' djun li jkunu baqgħu suġġetti għal ċerti kriterji għandu jitqies fil-liġi dwar il-falliment.
- (d) Ir-restrizzjonijiet legali, l-iskwalifiki jew il-projbizzjonijiet għandhom jitnaqqsu.
- (e) Il-proċedimenti legali għandhom jiġu ssimplifikati u jitħaffu, filwaqt li jimmassimizzaw il-valur ta' l-assi fi proprjetà ta' falliment fl-allokkazzjoni mill-ġdid tar-riżorsi. Tipikament, il-proċedimenti għandhom jintemmu wara massimu ta' sena.

3.3 Appoġġ attiv għal negozji friskju

3.3.1 L-istigma tal-falliment fin-negozju hija raġuni waħda għalfejn ħafna mill-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju bi problemi finanzjarji jostru l-problemi tagħhom sakemm ikun tard wisq. Azzjoni f'waqtha hija kruċjali biex tevita l-falliment u salvataġġ huwa f'bosta każi preferibbli għal-likwidazzjoni. Il-lezzjonijiet ewlenin huma:

- (a) L-għadd ta' fallimenti ma jstgħux jixxejnu kompletament, iżda appoġġ bikri għall-intrapriżi vijabbli għandu jgħin biex iżomm il-fallimenti f'minimu. Miżuri ta' appoġġ għandhom jiffukaw fuq il-ħarsien mill-falliment, parir espert u intervent f'waqthom.
- (b) Jeħtieġ tingħata attenzjoni lill-aċċessibbiltà ta' l-appoġġ, billi n-negozji friskju ma jstgħux iħallsu għal parir li jiswa ħafna.
- (c) L-opportunitajiet ta' netwerking offruti mill-UE u l-organizzazzjonijiet Ewropej tan-negozju għandhom jiġu sfruttati bis-siħ.
- (d) Il-liġijiet dwar il-falliment għandhom jipprovdu għażla għall-istrutturar mill-ġdid aktar milli jiffukaw biss fuq il-likwidazzjoni.

3.4 Appoġġ attiv għall-intraprendituri għal tnedija mill-ġdid wara l-falliment

3.4.1 Ir-restrizzjonijiet li jħabbtu wiċċhom magħhom l-intraprendituri meta jerġgħu jibdew mill-ġdid — riżorsi, ħiliet rile-

vanti u appoġġ psikoloġiku — mhumiex indirizzati biżżejjed mill-appoġġ pubbliku. B'mod ġenerali, bidu mill-ġdid jista' jix-xekkel minħabba fin-nuqqas ta' riżorsi għall-istabbiliment ta' negozju ġdid, notament ta' mezzi finanzjarji. It-tagħlimiet li għandhom jinkisbu huma:

- (a) L-awtoritajiet rilevanti għandhom jiddedikaw biżżejjed mezzi finanzjarji għal tnedijiet ġodda billi jneħħu x-xkiel għall-iskemi finanzjarji pubbliċi għal min qed jibda mill-ġdid.
- (b) Il-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jirrevedu l-attitudni kawta żżejjed tagħhom lejn min qed jibda' mill-ġdid, li ta' sikwit hija msejsa fuq rati negattivi ta' kreditu. Il-Kummissjoni qed taħseb biex tpoġġi din il-kwistjoni fuq l-aġenda tad-Diskussjoni tal-Bankiera u l-Intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju.
- (c) Il-pajjiżi ta' l-UE għandhom jiżguraw li l-ismijiet ta' persuni li fallaw ġenwinament ma jidhrux f'listi li jirrestrinġu l-aċċess għas-self fis-settur bankarju.
- (d) Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jaċċertaw li d-direttivi tax-xiri pubbliku ma joħolqux żvantaġġ lil persuni li fl-imgħoddi fallaw ġenwinament.
- (e) L-appoġġ psikoloġiku u tekniku xieraq flimkien mat-taħriġ speċifiku u kowċing għandhom ikunu disponibbli għal min qed jibda mill-ġdid.
- (f) L-awtoritajiet rilevanti għandhom jiffaċilitaw ir-rabtiet bejn il-persuni bil-potenzjal li jibdew mill-ġdid, u l-klijenti, l-imsieħba kummerċjali u l-investituri bl-għan li jiġu appoġġjati l-ħtiġijiet tal-persuni li jibdew mill-ġdid.

3.5 Bħala konklużjoni, kundizzjonijiet nazzjonali tajba ta' qafas għall-intraprenditorija huma kruċjali għall-isfruttament siħh tal-potenzjal intraprenditorjali ta' l-UE u għall-ħolqien ta' kumpaniji dinamiċi. L-apprezzament soċjetali ta' intraprenditorija ta' suċċess, kruċjali għal dan il-għan, għandu jimxi id f'id ma' politika li tippromwovi opportunità ġdida għall-intraprendituri li jinsabu friskju jew li fallaw.

4. Kummenti ġenerali

4.1 Il-KESE japprova l-enfasi mqiegħda mill-Kummissjoni fuq il-ħtieġa li tingħeleb l-istigma tal-falliment kummerċjali. Il-Kummissjoni għandha raġun tafferma li l-ħolqien tal-kummerċ, is-suċċess kummerċjali u l-falliment kummerċjali huma kollha parti mill-ekonomija tas-suq. Hija tenfasizza korrettament li minħabba n-nuqqas ġenerali ta' apprezzament tas-soċjetà u n-nuqqas ta' fehma li teżisti f'dan il-qasam, id-diffikultà jew anke l-falliment kummerċjali għadhom mhumiex qed jinfteħmu bħala pass ekonomiku normali u opportunità għal bidu mill-ġdid.

4.2 Madankollu, il-KESE hu ta' l-opinjoni li waqt li ħafna mill-gwida inkorporata fil-Komunikazzjoni hi indispensabbli, partijiet minnha ma jidhirx li huma daqshekk kredibbli. Ir-riżervi tal-Kumitat huma enfasizzati f'punti differenti f'sezzjonijiet 4 u 5 ta' din l-Opinjoni.

4.3 L-għan u l-mira ta' l-attività intraprenditorjali huma li jinholqoq negozju li jkun vantaġġjuż u skalabbli. L-intraprendituri jaħdmu għall-innovazzjoni sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-klijenti li, jew m'humiex qed jiġu sodisfatti, jew mhux qed jiġu sodisfatti bl-aktar mod effiċjenti.

4.4 L-intraprenditur jista' jkun hu li jidentifika opportunità kummerċjali. Per eżempju, intraprenditur minn Londra ra opportunità għal negozju ta' importazzjoni/espportazzjoni bejn ir-Renju Unit u l-Indja, li jaqdi l-ħtiġijiet taż-żewġ pajjiżi. B'hekk irnexxielu jimla vojt fis-suq. Intraprendituri oħra jimlew il-vojt fis-suq billi, per eżempju, jiftoħu restoranti jew ħwienet tal-parukkiera f'komunitajiet fejn dawn is-servizzi huma neqsin.

4.5 L-Amazon hu eżempju ewlieni tal-qadi tal-ħtiġijiet bl-aktar mod effiċjenti. Il-ħwienet tal-kotba jeżistu biss għal daww li għandhom il-ħin u l-inklinazzjoni li jagħtu daqqa t'għajn lill-kotba iżda l-Amazon jaqdi l-ħtiġijiet ta' settur differenti tal-pubbliku li jixtri l-kotba.

4.6 Xi intraprendituri jnedu negozju biex jisfruttaw vantaġġi fix-xjenza u t-teknoloġija. Ħafna drabi dawn l-inizjattivi jtnisslu mill-ħidma ta' l-universitajiet, l-istituti tar-riċerka jew kumpaniji bbażati fuq ix-xjenza. Erba' professuri mill-Università ta' Londra nedew kumpanija li tipprovdi servizzi ta' analiżi ta' l-immaġni bl-użu ta' software speċjalizzat biex itejbu l-metodi li bih jista' jitkejjel l-effett terapewtiku tal-mediċinali li qed jiġu żviluppati. Is-software IP softwaer hu l-qalba ta' dan in-negozju. Wieħed mill-professuri nħatar Direttur Maniġerjali (MD) u jnsab fil-proċess li jiskopri jekk huwiex intraprenditur jew le.

4.7 Sabiex ikun ta' suċċess, l-intraprenditur jeħtieġ fuq kollox tliet affarijiet. L-ewwel u qabel kollox, hu jew hi jrid ikollhom l-għarfien u l-esperjenza meħtieġa biex jevalwaw tajjeb l-opportunitajiet tas-suq u l-kapaċità li jagħtu l-ħajja lill-proposta kummerċjali, kemm jekk hi restorant ġdid, jew servizz ta' l-ivvjaġġar permezz ta' l-internet jew innovazzjoni fl-applikazzjoni xjentifika revoluzzjonarja. L-ewwel pass fil-ħolqien ta' kull intrapriża huwa li l-intraprenditur juri li l-proġett vijabbli. Dan ifisser l-iżvilupp ta' prodott jew ta' servizz sal-punt fejn ikun hemm klijenti li lesti li jħalsu l-prezz meħtieġ biex in-negozju jagħmel il-profitti u jmantni lilu nnifsu. Dan hu l-mument fejn ħafna minn daww bix-xewqa intraprenditorjali jfallu. Oħrajn jistgħu jtgħallmu mill-iżbalji tagħhom u jergħu jibdew. Oħrajn ma jtgħallmu qatt.

4.8 It-tieni rekwiżit hu l-finanzjament. Ċerti intrapriżi tant ikunu attraenti li sa mill-bidu nett jirnexxielhom jattiraw l-attenzjoni ta' l-investituri tal-kapital riskjuż. Ħafna investituri tal-kapital riskjuż ma jipparteċipawx sakemm l-intraprenditur ma jsarrafx il-proposta f'"realta'". Issa għandna l-iskema tal-kapital riskjuż li għet proposta mill-BEI iżda l-kapaċità tagħha ser

tkun limitata. Is-soltu l-finanzjament isir disponibbli f'partijiet jew f'taqsimiet differenti. Jekk l-ewwel fażi ta' finanzjament twas-sal għal riżultati tajbin, ikun aktar faċli li jinkiseb finanzjament ta' segwitu.

4.9 Aktar iva milli le, il-finanzjament għall-fażi tat-tnedija jaasal mill-familja jew mill-ħbieb. Hemm ukoll is-self mill-banek, iżda l-banek jeħtieġu garanzija. Jekk in-negozju m'għandux assi, il-banek jużaw l-assi ta' l-intraprendituri bħala garanzija. Il-kriżi għall-intraprenditur, il-familja u l-ħbieb tiġi meta joffru garanziji personali. Is-soltu dawn il-garanziji jmorru lil hinn mill-fażi ta' tnedija għaliex il-kumpaniji privati jkunu jiddependu fuq l-appoġġ tal-banek sakemm il-kumpanija ssir ta' dominju pubbliku. Jekk il-bank jiġbor il-garanziji tal-kumpanija, l-intraprenditur jista' jitlef daru. F'ċirkustanzi bħal dawn, obligazzjonijiet ta' taxa jew ta' sigurtà soċjali jistgħu jgħarrqu s-sitwazzjoni.

4.10 Fl-Opinjoni tal-Kumitat dwar "l-Inċentivi fiskali għar-riċerka u l-iżvilupp (R&D)" (1) ħeġġiġna lill-Istati Membri li jeħilsu lill-individwi privati li jinvestu fil-kumpaniji li għandhom jibdew mit-taxxa. Inċentivi fiskali bħal dawn jistgħu jiffaċilitaw il-possibbiltà li l-intraprendituri jikkapitalizzaw in-negozji l-ġodda.

4.11 Wara li tgħaddi l-fażi tat-tnedija ta' negozju ġdid, l-intraprenditur jiddependi mit-tielet prerekwiżit indispensabbli għas-suċċess: mudell kummerċjali vijabbli. Dan hu ċ-ċavetta għall-iżvilupp tan-negozju. Il-mudell jiddependi fuq ġabra ta' proporzjonijiet li jiġbru fihom l-elementi tan-negozju. Il-bejgħ imnaqqas mill-ispejjeż tal-prodott jagħtu marġini gross li, wara t-tnaqqis ta' l-ispejjeż, iħalli profitt ta' qabel it-taxxa tajjeb biżżejjed biex jiġi servut u jitħallas lura s-self lill-banek. Meta mudell kummerċjali ma jaħdimx sewwa, jew meta l-maniġment m'għandux il-ħila jew l-esperjenza biex jimmaniġja l-bejgħ eċċ biex il-kumpanija timxi 'il quddiem, allura jiġri li daww li pprovdeu il-garanziji finanzjarji għandhom il-possibbiltà li jfallu. Żgur li dan it-tip ta' falliment huwa esperjenza ta' tagħlim. Jekk l-intraprenditur ikun tgħallem l-esiġenzi tal-mudell kummerċjali, allura jista' jkun hemm skop li jerġa' jibda mill-ġdid.

4.12 Il-mudelli kummerċjali li kellhom suċċess fil-passat huma dejjem mhedda mill-bidla fil-persunal, il-klijenti, it-teknoloġiji u l-kompetituri. Wara t-tnedija b'suċċess ta' kumpanija, l-intraprendituri l-ħin kollu ser jiffaċċjaw bidla, b'mod partikolari fin-negozji li għandhom x'jaqsmu mat-teknoloġija. L-intraprendituri li jfallu l-prova tal-bidla jistgħu jtgħallmu mill-esperjenza. Oħrajn, l-aktar is-sidien tat-tieni u t-tielet ġenerazzjoni jista' jkun li ma jtgħallmux.

4.13 Ir-rwol ta' l-intraprenditur u tat-tim tiegħu huma ta' importanza assoluta fit-tħaddim tal-mudell kummerċjali. Il-ħiliet fil-ġestjoni tal-finanzi huma indispensabbli. Negozju tajjeb jista' tant ikun ta' suċċess li jinnegozja ż-żejjed sakemm jaasal f'punt li ma jkunx jista' jħallas l-kontijiet tiegħu. F'dan il-każ jista' jitqiegħed taħt l-amministrazzjoni tal-kredituri tiegħu. Dawn in-negozji jistgħu joffru kull possibbiltà ta' tnedija mill-ġdid b'suċċess.

(1) ĠU C 10, 15/01/2008

4.14 Nassa finanzjarja oħra tista' tinħoloq meta klijent kbir jiżbalja u ma jħallasx il-kontijiet, u jħalli lill-intraprenditur f'pożizzjoni li ma jistax iħallas il-kontijiet tiegħu u bil-bank lest biex jeskludih. Skond l-istatistiċi tal-Kummissjoni, wieħed minn kull erba' fallimenti hu kkawżat minn ħlasijiet tard. F'każ bħal dan it-tnedija mill-ġdid tista' tkun vijabbli wkoll. Il-vulnerabbiltà ta' kumpaniji żgħar fid-daqs u fiż-żmien hi magħrufa kemm mill-gvernijiet ta' l-Istati Membri kif ukoll mill-Kummissjoni. Il-kwistjoni hi indirizzata mid-Direttiva dwar il-Ħlasijiet Tard u ser terġa' tiġi trattata fl-Att dwar il-Kumpaniji Żgħar li jmiss.

4.15 Xi kumpaniji jfallu mingħajr ma jkollhom ħtija u minħabba raġunijiet li ma setgħux ġew antiċipati bħall-effett negattiv mill-avveniment tan-9/11 jew l-impatt ta' kondizzjonijiet klimatiki estremi. Madanakollu l-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni setgħu taffew il-gravità tas-sitwazzjoni. Għalhekk l-organizzazzjonijiet li jappoġġjaw lin-negozji ż-żgħar għandhom jithegħgu jintroduċu l-benefiċċji ta' l-istrumenti prudenti lill-intraprendituri.

4.16 Fi ftit kliem, hemm ħafna metodi kif intrapriża tista' tfalli, anke fil-każ ta' intraprenditur bl-aktar intenzjonijiet tajbin. Jista' ma jkunx possibbli li tinħoloq intrapriża vijabbli fil-fażi tat-tnedija. Lil hinn mit-tnedija, mudell kummerċjali difettuż jista' jfisser li l-kumpanija ma jkollix futur. Min-naħa l-oħra, kumpaniji potenzjalment vijabbli jistgħu jfallu minħabba l-iżbalji ta' l-intraprendituri kif ukoll għal raġunijiet barra mill-kontroll tagħhom. Kumpaniji bħal dawn jistgħu u għandhom jinħelsu mir-riċevituri u b'hekk ħafna mill-postijiet tax-xogħol jiġu protetti wkoll.

4.17 Hu importanti li niddistingwu bejn il-kumpanija u d-diretturi tagħha. Id-diretturi jistgħu ifallu waqt li r-riċevitur qiegħed isalva l-kumpanija u l-impjegati tagħha. Meta kumpanija tfalli, jista' jiġri li l-intraprendituri jfallu minħabba l-garanziji bankarji li jkun taw, anke jekk l-imġiba personali tagħhom ma kinitx qarrieqa. Il-Kummissjoni tinsab imħassba dwar dawn l-intraprendituri mhux qarrieqa. Oħrajn, li jfallu minħabba inkompetenza u nuqqas ta' viżjoni x'aktarx li ftit għandhom x'joffri lill-ekonomija, anke jekk jirnexxielhom isibu investituri li jappoġġjawhom. Mhux l-intraprendituri falluti kollha jisthooqqlhom opportunità oħra.

5. Kummenti speċifiċi

5.1 Id-dehra pubblika, l-edukazzjoni u l-mezzi tal-massa

5.1.1 Żgur illi l-aktar messaġġ qawwi li jistgħu jagħtu l-gvernijiet ta' l-Istati Membri lill-pubbliku in ġenerali ser joħroġ mill-bidliet fil-liġi dwar il-falliment. Meta l-liġi thegħġeġ, b'mod ċar, opportunità oħra għall-intraprendituri, dan ser ikun rifless fil-messaġġi tal-mezzi tal-massa.

5.1.2 Barra minn hekk, il-gvernijiet jistgħu jaħdmu ma' l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet li jaħdmu mill-qrib ma' l-

intrapriżi intraprenditorjali. Il-professjoni ta' l-accountants żgur li hi l-aktar istituzzjoni involuta, filwaqt li l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-SMEs u l-kummerċjant indipendenti jistgħu jipparteċipaw ukoll.

5.1.3 Il-Komunikazzjoni ssemmi l-idea ta' programm ta' mertu għal dawk li jergħu jibdedw mill-ġdid b'suċċess. Jekk l-organizzazzjonijiet imsemmija hawn fuq jadottaw skemi bħal dawn, jista' jkun hemm appoġġ favorevoli mill-mezzi tal-massa.

5.2 Ir-rwol tal-liġi dwar il-falliment

5.2.1 Il-KESE jilqa' bis-sħiħ il-punti kollha li tqajmu fil-Komunikazzjoni fir-rigward tal-liġi dwar il-falliment, soġġetti dejjem għad-dettalji tal-liġijiet li jidħlu fis-seħħ dwar dan. Dawn il-punti li huma dettaljati fis-sezzjoni 3.2 aktar 'il fuq u jinkludu r-riko-noxximent formali ta' fallimenti mhux qarrieqa, it-tnaqqis ta' restrizzjonijiet legali, l-iskwalifiki u l-projbizzjonijiet bi proċedimenti mgħaġġla li ma jtalwax aktar minn sena.

5.2.2 Il-KESE jemmen li hu importanti ħafna li l-Istati Membri kollha jtemmu r-reviżjoni tal-liġijiet dwar il-falliment tagħhom bl-inqas dewmien possibbli. B'żieda mat-tibdiliet fil-liġi, huwa importanti ħafna li l-fallimenti jiġu trattati b'urġenza mill-grati. Il-proċess irid ikun organizzat tajjeb. Dawn it-tibdiliet huma l-mira ewlenija tal-programm "Opportunità Oħra" (Second Chance).

5.3 Appoġġ attiv għal negozji friskju

5.3.1 Dan hu t-tieni messaġġ tal-Komunikazzjoni. Fih innifsu m'huwiex parti mill-programm "Opportunità Oħra". Minflok hu programm maħluq biex jevita l-falliment u biex jiproteġi n-negozji u l-impjegati. F'dan ir-rigward il-punt ewleni tal-Komunikazzjoni hu li tbiegħed fallimenti evitabbli permezz ta' twissija bikrija, id-dispożizzjoni ta' finanzjament temporanju u s-servizzi tal-konsulenti.

5.3.2 L-unika problema hi li għall-biċċa l-kbira ta' l-SMEs dan il-programm m'huwiex prattiku peress li hemm ftit mekkaniżmi għall-identifikazzjoni pro-attiva ta' negozji friskju fost l-għexieren ta' eluf ta' SMEs. Madankollu, l-Istati Membri huma mhegħa biex jagħmlu l-aħjar użu possibbli mill-possibbiltajiet li jeżistu, eż. l-użu Franċiż ta' l-awtoritajiet tal-VAT biex jagħtu twissija bikrija lill-kumpaniji b'possibbiltà ta' problemi ta' likwidità. Il-Kummissjoni tgħid illi l-miżuri ta' appoġġ għandhom jif-fukaw fuq il-ħarsien mill-falliment, il-parir espert u l-intervent f'waqtu. Il-problema tqum meta d-diretturi ma jirrealizzawx li n-negozju tagħhom jinsab f'periklu. Il-gvernijiet ta' l-Istati Membri iridu jaħdmu mal-professjoni ta' l-accountants u l-organizzazzjoni ta' appoġġ għall-SMEs biex jiżviluppaw dawk il-miżuri pro-attivi adegwati għall-kultura tagħhom ta' l-SMEs.

5.3.3 Il-KESE ma jissottovalutax id-diffikultajiet involuti fil-provvista ta' dan it-tip ta' appoġġ. Intervent tal-gvern biex ireġġa' lura l-forzi tas-suq jista' jkun potenzjalment kontro-produċenti u jdgħajjef id-dixxiplini tas-suq.

5.3.4 F'kumpaniji b'responsabbiltà pubblika limitata jeżisti l-obbligu doppju li l-kontijiet jiġu sottomessi fil-ħin u li l-accountants u l-maniġment jiċċertifikaw li l-kumpanija m'għadhiex fl-inkwiet, jiġifieri tista' tħallas id-djun. L-infurzar ta' dawn id-dixxiplini fuq il-kumpaniji kollha, speċjalment is-sottomissjoni bikrija tal-kontijiet ittejjeb is-sistema ta' allarmi ta' twissija bikrija.

5.3.5 Sa fejn hu possibbli, il-KESE jilqa' dan l-iffukar fuq in-negozji friskju għaliex joffri l-prospett ta' konservazzjoni tal-postijiet tax-xogħol u l-kontinwità ta' impjeg.

5.4 Appoġġ attiv lill-intraprendituri għal tnedija mill-ġdid wara l-falliment

5.4.1 Filwaqt li bejn tnaħ u sbatax-il Stat Membru biddlu jew jinsabu fil-proċess li jbiddu l-liġijiet tagħhom dwar il-falliment, ma hemm prattikament l-ebda attività fl-Istati Membri fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet ta' dan il-grupp tal-Kummissjoni.

5.4.2 Ir-raġuni għal din l-attività limitata hija, għal darb'oħra, li numru tal-proposti jistgħu jidhru bħala mexjin kontra l-forzi

tas-suq. Dan hu partikolarment minnu għall-proposti li l-banek għandhom ikunu anqas kawti u li l-awtoritajiet partikolari għandhom joħlqu netwerks ta' appoġġ għall-intraprendituri li qed jerġgħu jibdeu mill-ġdid..

5.4.3 Għandu jkun possibbli li l-proposti li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri — skemi ta' finanzjar pubbliku, aċċess għas-self għall-persuni li fallew ġenwinament u x-xiri pubbliku — jiġu implimentati mingħajr ħafna problemi anke qabel ma jinbidlu l-liġijiet dwar il-falliment.

5.4.4 Għandu jkun possibbli wkoll li dawk li joffru taħriġ lill-intraprendituri joffru wkoll taħriġ lil dawk li bdeu mill-ġdid, skond kif tkun tidher it-talba.

5.5 Proposti oħra tal-Kummissjoni

5.5.1 Il-KESE jappoġġja bil-ferħ is-sit elettroniku l-ġdid tal-Kummissjoni "for a second chance policy at <http://ec.europa.eu/sme2chance>." Ser ikun ta' għajjnuna b'mod partikolari għall-organizzazzjonijiet involuti fl-appoġġ ta' l-Istati Membri fl-inizjattivi ta' politika intitolata "Ċans Ieħor".

5.5.2 Waqt l-avveniment tar-Rebbiegħa 2009 ta' l-SMEs, il-Kummissjoni ser titratta t-temi tal-bidu mill-ġdid u ċ-ċans ieħor. Il-KESE jistenna li din l-inizjattiva tagħti impetu ġdid lill-elementi mhux vinkolanti tal-programm Opportunità Oħra.

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-akkwist pubbliku internazzjonali

(2008/C 224/06)

Nhar il-25 ta' Ottubru 2007, is-Sur Jean-Pierre Jouyet, Segretarju ta' l-Istat għall-Affarijiet Ewropej ta' Franza, 'Fisem il-Presidenza Franċiża li jmiss tal-Kunsill, talab lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iħejji opinjoni dwar

L-akkwist pubbliku internazzjonali

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-6 ta' Mejju 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Malosse.

Matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-28 u d-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'70 vot favur u 2 astensjonijiet.

1. Rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea biex issewgi, b'mod deċiż, l-għanijiet tagħha li huma favur li jinfetħu ħafna iktar l-akkwist pubbliku, u li tiżgura li jiġu rispettati l-prinċipji ta' trasparenza, tat-trattament ugwali, tar-responsabilità soċjali u ekoloġika.

1.2 Fil-qafas tan-negozjar mill-ġdid tal-ftehim GPA, il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea topponi, b'mod deċiż, il-prattiki protezzjonisti ta' ċerti pajjiżi li huma parti mill-ftehim.

1.3 Fir-rigward l-għajnuna pubblika għall-iżvilupp, il-KESE huwa favur li jintemmu b'mod gradwali u reċiproku, is-sistemi ta' "l-għajnuna marbuta" u jqis li f'dan il-każ, il-kriterji essenzjali għandhom ikunu l-effiċjenza u t-trasparenza.

1.4 Fil-livell ta' l-Unjoni Ewropea, il-KESE huwa favur iktar trasparenza u metodi moderni ta' akkwist u ta' pubblikazzjoni ta' l-offerti. F'dan ir-rigward, il-KESE se jkun kontra kull tip ta' żjieda fil-limiti tad-direttivi Ewropej li għandhom l-irwol li jissalvagwardaw it-trasparenza. Il-KESE jappoġġja l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li għandha l-għan li żżid it-trasparenza ta' l-akkwist pubbliku li jaqa' taħt il-limiti li jippermettu d-direttivi.

1.5 Il-KESE huwa kontra li fl-UE tiġi stabbilita sistema ta' kwoti għall-SMEs fuq il-mudell tas-Small Business Act li hemm fl-Istati Uniti, iżda jirrikonoxxi l-validità ta' pjan ta' azzjoni Ewropew favur l-SMEs, b'mod partikolari favur il-VSEs (intrapriżi żgħar ħafna) li għandhom proġetti konkreti, flimkien ma' tabella ta' skadenzi u baġit plurijennali u mmirati lejn l-innovazzjoni u l-ħolqien ta' intrapriżi ġodda, b'mod partikolari fl-oqsma ewlenin ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija u l-ħarsien ta' l-ambjent.

1.6 Flimkien ma' dan il-"Pjan ta' Azzjoni", se jkunu utli sistemi ta' informazzjoni li jistrieħu kemm fuq l-intermedjarji naturali ta' l-SMEs, mekkaniżmi ta' konsultazzjoni tassew trasparenti u ġusti kif ukoll fuq strumenti legali Ewropej sempliċi li se jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tiegħu.

1.7 Dawn il-proġetti konkreti u dawn is-sistemi għandhom ikunu jistgħu japplikaw il-prinċipju ta' "l-ewwel aħseb fiż-żgħir" kull meta jkun possibbli, per eżempju t-tneħħija ta' proċeduri "one stop" sabiex tiġi evitata l-burokrazija. Dan sabiex ikunu previsti proċeduri amministrattivi u tekniċi adattati għad-daqs u t-tip ta' l-intrapriżi ż-żgħar u li jkunu jaqdu l-għan li titnaqqas ir-responsabilità li qiegħda toħloq pressjoni fuqhom.

2. Preżentazzjoni

2.1 Fisem il-Presidenza Franċiża ta' l-Unjoni Ewropea li jmiss, il-Ministru ta' l-Istat Franċiż talab lill-KESE, permezz ta' ittra uffiċjali, biex iħejji opinjoni esploratorja dwar "L-akkwist pubbliku internazzjonali".

2.1.1 Din it-talba tirreferi b'mod speċifiku għan-negozjati li għaddejjin bħalissa fil-qafas tar-reviżjoni tal-ftehim dwar Appalti Pubbliċi (GPA) ta' l-Organizzazzjoni Dinjija għall-Kummerċ (WTO), li jgħaqqad 12-il pajjiż ⁽¹⁾ u l-Unjoni Ewropea (hemm ukoll 18-il pajjiż li għandhom status ta' osservaturi).

2.1.2 Fil-fatt, fil-Ħarifa ta' l-2007, il-gvern Franċiż kien imħasseb li l-Unjoni Ewropea kienet qed tagħmel offerta ġeneruża żżejjed, meta jitqies il-fatt li ċerti pajjiżi (l-Istati Uniti, il-Korea, il-Ġappun) għandhom klawsole li jirrestrinġu l-aċċess għal ċerti swieq ta' l-akkwist pubbliku tagħhom għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju tagħhom biss.

2.2 Il-pożizzjoni Franċiża, li diversi Stati Membri jappoġġjaw, tirrekjedi aċċess aħjar għall-akkwist pubbliku ta' dawn il-pajjiżi fil-qafas ta' GPA rrivedut, jew għall-applikazzjoni ta' restrizzjonijiet simili fl-Unjoni Ewropea favur l-SMEs Ewropej.

2.3 Illum il-ftehim GPA jikkonċerna limiti ta' kuntratti ta' akkwist simili għal dawk fis-seħħ għall-applikazzjoni ta' l-obbligi stipulati fid-direttivi interni ta' l-Unjoni Ewropea ⁽²⁾, li b'hekk fil-fatt jippermettu li wħud mill-intrapriżi tat-12-il pajjiż l-oħrajn li huma parti mill-ftehim GPA, jipparteċipaw f'kull akkwist pubbliku fl-Unjoni Ewropea li jaqbeż dawn il-limiti.

⁽¹⁾ Il-Kanada, il-Korea, l-Istati Uniti, Hong Kong (iċ-Ċina), l-Islanda, l-Israël, il-Ġappun, il-Liechtenstein, in-Norveġja, Aruba (l-Olanda), Singapore u l-Iżvizzera

⁽²⁾ Id-direttivi 2004/18/KE u 2004/17/KE, tal-31.3.2004.

2.4 Il-KESE diġà ta l-opinjoni tiegħu dwar il-kwistjoni tal-ftuħ tas-swieq ta' l-akkwist pubbliku fl-Unjoni Ewropea, u jiddispjaċih b'mod partikolari mill-fatt li l-parteċipazzjoni transkonfinali ta' l-intrapriżi fl-akkwist pubbliku fl-Unjoni Ewropea kienet baxxa wisq ⁽³⁾.

3. Fil-livell internazzjonali

3.1 Fil-livell internazzjonali, wieħed jista' jikkunsidra li s-swieq ta' l-Unjoni Ewropea huma b'mod partikolari miftuħa għall-kompetizzjoni internazzjonali. L-istess jista' jingħad għal għadd, li dejjem qed jiżdied, ta' kuntratti ta' akkwist iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea fil-qafas ta' l-għajnuna għall-iżvilupp (l-UE hija l-fornitur ewlieni ta' l-għajnuna għall-iżvilupp fid-dinja). Madankollu, il-KESE jiddispjaċih mill-fatt li jeżistu Prattiki l-Istati Membri li jorbtu l-għajnuna għall-iżvilupp ma' l-għoti ta' kuntratti lill-kumpaniji mill-pajjiż li jagħti l-għajnuna ⁽⁴⁾.

3.2 Uħud mill-imsieħba tagħna waqqfu sistemi ta' protezzjoni diversi u varjati (bħal ngħidu aħna, Buy American jew Small Business Act fl-Istati Uniti) u l-ġeneralizzazzjoni tal-programmi ta' "għajnuna marbuta". Il-ftuħ tas-swieq ta' l-akkwist pubbliku fl-isfera internazzjonali għandu jitqies bħala vantaġġ għall-Unjoni Ewropea, meta jiġi kkunsidrat il-fatt li l-UE għandha ħafna intrapriżi li huma minn ta' quddiem fid-dinja, inklużi SMEs, fis-setturi tal-konstruzzjoni, tax-xogħlijiet pubbliċi, ta' l-enerġija alternattiva, u tal-ħarsien ta' l-ambjent.

3.3 Is-Small Business Act ta' l-Istati Uniti, minbarra l-miżuri ta' appoġġ għall-SMEs, fih dispożizzjoni li ttrisserva 25 % ta' l-akkwist pubbliku federali għall-SMEs Amerikani.

3.4 F'dak li għandu x'jaqsam man-negozjar mill-ġdid tal-ftehim GPA (il-Ftehim dwar Appalti Pubbliċi), il-KESE iqis li jekk ikollu jitressaq il-prinċipju tar-reciprocity, mhux se nkunu f'qagħda li nkunu nafu nadottaw miżuri ta' protezzjoni simili għal dawk tal-kompetituri tagħna, għax dan ma jiffaċilitax l-għan ġenerali tal-ftuħ tas-swieq li għandu jkollha l-Unjoni Ewropea.

3.5 Barra minn hekk, dan l-għan għandu jqis mhux biss il-pajjiżi li huma parti mill-ftehim GPA iżda wkoll pajjiżi oħra fejn, b'mod partikolari, il-proċeduri ta' l-għoti u l-iffirmar tal-kuntratti fitit huma trasparenti u l-proċedura ta' akkwist b'mod ġenerali m'humiex miftuħa għall-intrapriżi Ewropej.

3.6 L-idea li jiġi eskluż b'mod temporanju mill-GPA l-akkwist pubbliku ffinanzjat minn fondi Ewropej għal pajjiżi li għad għandhom miżuri ta' protezzjoni nazzjonali, hija idea interessanti li l-KESE kien diġà ressaq f'opinjoniġiet preċedenti.

3.7 Il-KESE jenfasizza li l-kwistjonijiet ta' rispett għall-ambjent u tar-regoli minimi soċjali stabbiliti mill-Konvenzjonijiet ta' l-ILO (flimkien mal-ftehimiet kollettivi interprofessjonali, settorjali u ta' l-intrapriża konklużi bejn l-imsieħba soċjali u applikabbli fil-pajjiżi kkonċernati) għandhom jitqiesu fin-negozjati, b'mod partikolari meta se jkunu qegħdin isiru ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi li ma rratifikawx il-Protokoll ta' Kyoto jew il-Konvenzjonijiet ta' l-ILO jew li ma japplikawhomx jew japplikawhom ħażin.

⁽³⁾ ĠU C 287, 22.9.1997.

⁽⁴⁾ L-għajnuna marbuta: Anne Maria La Chimia; "Effectiveness and legality issues in development and procurement for EU Member States", il-Liġi Ewropea Attwali, Marzu 2008

4 Fl-Unjoni Ewropea

4.1 Fuq il-bażi ta' l-eżempju Amerikan, il-Kummissjoni Ewropea ħabbret li tista' tipproponi "Small Business Act" fuq stil Ewropew li, mingħajr ma jtrisserva kwoti speċifiċi għall-SMEs fuq il-kuntratti pubbliċi bħalma huwa l-każ fl-Istati Uniti, ikun jiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' l-SMEs fil-kuntratti pubbliċi u, b'mod iktar ġenerali, ikun jipproponi azzjonijiet konkreti favur l-SMEs.

4.2 Fil-fatt fl-Unjoni Ewropea ma tqumx il-kwistjoni dwar l-adozzjoni ta' kwoti favur l-SMEs peress li madwar 42 % tat-total (skond il-Kummissjoni Ewropea) ta' kuntratti pubbliċi mogħtija (sors 2005) jingħataw lil intrapriżi li jikkwalifikaw bħala SME skond it-terminoloġija Komunitarja. ⁽⁵⁾

4.3 Fi ħdan l-Unjoni, jeħtieġ li d-dimensjoni Ewropea tal-ħtijiet ta' l-akkwist pubbliku tiġi żviluppata sabiex isir l-aħjar użu effikaċji mill-fondi pubbliċi. Minkejja żjieda sinifikanti fl-għoti ta' kuntratti lill-intrapriżi ta' pajjiżi oħra ta' l-Unjoni, l-imprendituri qed jilmentaw li hemm nuqqas ta' trasparenza u ta' informazzjoni adegwata għall-parteċipazzjoni fi swieq transkonfinali. Dawn l-ilmenti jikkonċernaw b'mod partikolari dawk li jaqgħu taħt il-limiti minimi ta' applikazzjoni tad-direttivi Ewropej li għalihom ma japplikax l-obbligu ta' reklamar fil-livell Ewropew. L-imprendituri qed jilmentaw ukoll dwar il-fatt li d-direttivi Ewropej huma kkomplicati bil-proċeduri ta' traspożizzjoni li mhux dejjem ikunu trasparenti (skadenzi u dewmien) u li jagħtu lok għal żieda ta' regolamenti nazzjonali speċifiċi li jin-għaqdu waħda ma' l-oħra. Il-KESE jirrikonoxxi l-ġustifikazzjoni tar-regolamenti fir-rigward ta' l-akkwist pubbliku iżda jitlob li jkun hemm iktar trasparenza u ċertezza legali.

4.4 Il-KESE iqis li l-limiti, li ladarba jinqabżu jibdw japplikaw il-prinċipji tal-ftuħ, tat-trasparenza u tan-notifika, huma l-aħjar garanzija possibbli għall-atturi ekonomiċi, b'mod partikolari l-SMEs u intrapriżi żgħar ħafna, ta' possibbiltà li jipparteċipaw fil-proċedura ta' l-akkwist pubbliku. Fl-UE nnifisha, dawn huma l-proċedura ta' akkwist li jaqgħu taħt il-limiti minimi, fejn madankollu għandhom japplikaw il-prinċipji tat-trattament ugwali u tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' nazzjonalità, li huma s-suġġett ta' bosta lmenti ta' l-SMEs dwar in-nuqqas ta' ftuħ.

4.5 Jekk il-kunċett li jkunu applikati kwoti fuq l-istil Amerikan, ma jiksibx l-approvazzjoni tal-federazzjonijiet Ewropej ta' l-imprendituri, dawn jirrikonoxxu l-importanza ta' politika ta' appoġġ proattiva, b'mod partikolari fir-rigward ta' kuntratti ta' akkwist li jaqgħu taħt il-limiti minimi tad-direttivi ta' l-UE u kuntratti relatati ma' teknoloġiji ġodda, l-effiċjenza ta' l-enerġija jew mal-ħarsien ta' l-ambjent.

4.6 Il-KESE jappoġġja bil-qawwa Pjan ta' Azzjoni favur l-SMEs Ewropej li jinkludi serje sħiħa ta' **dispożizzjonijiet pre-ċiżi u restrittivi, flimkien ma' perijodu ta' applikazzjoni u pjan ta' finanzjament**. Dawn għandhom ikunu bbażati kemm fuq politika Ewropea favur l-intrapriżi ż-żgħar li ilha teżisti għoxrin sena, u b'mod partikolari fuq il-Karta Ewropea dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar adottata fis-summit Ewropew ta' Santa Maria de Feira f'Ġunju 2000, kif ukoll fuq il-konklużjonijiet tal-Konferenza ta' Stuttgart dwar l-Artiġjanat u l-Intrapriżi ż-Żgħar ta' April 2007.

⁽⁵⁾ ĠU C 241, 7.10.2002.

4.7 Fost id-dispożizzjonijiet li jistgħu jkunu l-iktar adegwati jista' jkun hemm:

4.7.1 *Proposti legizzlattivi u l-iskeda ta' l-adozzjoni:*

- Kodiċi ta' kondotta għall-awtoritajiet pubbliċi responsabbli mill-għoti ta' kuntratti, li tiżviluppa l-interess li tinfetaħ il-possibilità għall-iktar SMEs zġħar biex jipparteċipaw fl-għoti ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku, u prattiki tajba għas-semplifikazzjoni u d-dematerjalizzazzjonital-proċeduri.
- Mekkaniżmi Ewropej uniċi bħalma hu l-brevett Komunitarju jew l-Istatut Ewropew ta' l-intrapriżi zġħar u ta' daqs medju (Inizjattiva proprja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-aċċess ta' l-SMEs għal statut tal-liġi Ewropea", 21 ta' Marzu 2002) li għandhom l-għan li jissemplifikaw il-qafas ġuridiku ta' l-Unjoni Ewropea u li jafferimaw "identità Ewropea" għall-intrapriżi.
- It-tisħiħ tad-Direttiva dwar dewmien fil-pagamenti, kif jesiġi l-KESE ⁽⁶⁾.

4.7.2 *Mekkaniżmi ta' tagħrif dwar l-akkwist pubbliku flimkien ma' skeda ta' implimentazzjoni:*

- Jiġu żviluppatti u appoġġjati sistemi ta' tagħrif u ta' medjazzjoni dwar l-akkwist pubbliku transkonfinali, in-netwerking ta' l-intrapriżi kemm billi jintuża b'mod effiċjenti n-netwerk Ewropew il-ġdid EIN (Intrapriżi, Ewropa, Netwerk), kif ukoll billi jkunu appoġġjati l-inizjattivi lokali ta' l-assoċjazzjonijiet ta' l-SMEs.
- Ikunu appoġġjati proġetti pilota relatati ma' l-akkwist elettroniku, in-netwerking ta' l-intrapriżi, portali ta' tagħrif u uffiċċji uniċi dwar il-kuntratti pubbliċi transkonfinali bbażati fuq l-istrutturi eżistenti u rrikonoxxuti mill-atturi ekonomiċi.

4.7.3 *Inizjattivi fil-livell Ewropew permezz iffianzjati b'mod xieraq*

- Titwaqqaf skema ta' inġinerija finanzjarja favur il-parteċipazzjoni ta' l-SMEs fil-kuntratti pubbliċi taħt forma ta' fondi ta'

garanzija u ta' pleġġ u assigurazzjonijiet tal-kreditu u jintużaw il-Fondi Strutturali Ewropej għal dan il-għan.

- Jitniedu programmi Ewropej ta' taħriġ u dimostrazzjoni għall-SMEs favur l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija u l-ħarsien ta' l-ambjent (b'mod partikolari fis-settur tal-konstruzzjoni). Din id-dispożizzjoni l-ġdida tista' tibbenefika mill-fondi Ewropej li ma jkunux intużaw li kull sena jingħataw lura lill-Istati Membri.
- Jiġu estiżi l-mekkaniżmi biex jiffavorixxu l-parteċipazzjoni ta' l-SMEs fl-azzjonijiet u l-programmi ta' riċerka ta' l-Unjoni Ewropea (sussidji marbuta mal-fattibilità u r-riċerka koooperattiva) u l-Istati Membri jkunu inkoraġġiti jwaqqfu mekkaniżmi identiċi għall-pjan nazzjonali, b'mod partikolari fis-setturi marbuta mat-teknoloġiji l-ġodda inklużi d-difiża u s-saħħa.

4.7.4 *Proċeduri ta' konsultazzjoni u medjazzjoni:*

- Fl-aħħarnett, għandhom jiġu riveduti l-proċeduri ta' konsultazzjoni u evalwazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li ħafna drabi jinjoraw r-realtà tal-fibra ekonomika Ewropea magħmula, fil-biċċa l-kbira, minn SMEs: jissaħħu l-evalwazzjonijiet ta' l-impatt fuq l-SMEs; jeħtieġ li wieħed jirrikorri b'mod iktar sistematiku għall-KESE għal opinjonijiet esploratorji, u jistrieħ iktar fuq l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tas-soċjetà ċivili.
- Jissaħħaħ kemm l-irwol tan-netwerk EIN (Ewropa, Intrapriżi, Netwerk) li huwa magħmul minn iktar minn 600 mekkaniżmu installati fi strutturi lokali rikonoxxuti mill-atturi ekonomiċi lokali fl-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-organizzazzjonijiet ta' l-intrapriżi eżistenti sabiex ikun żviluppat netwerk tassew Ewropew ta' twissija, ta' medjazzjoni u ta' appoġġ għall-intrapriżi zġħar u ta' daqs medju.

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

⁽⁶⁾ ĠU C 407, 28.12.1998.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

- Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta d-Deċiżjoni 1999/468/KE tal-Kunsill, hekk kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, ta' ċerti atti suġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat, b'rabta mal-proċedura regolatorja bi skrutinju — L-Ewwel Parti
- Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, hekk kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, ta' ċerti atti suġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat, b'rabta mal-proċedura regolatorja bi skrutinju — Adattament tal-proċedura regolatorja bi skrutinju — It-Tieni Parti
- Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, hekk kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, ta' ċerti atti suġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat, b'rabta mal-proċedura regolatorja bi skrutinju — Adattament tal-proċedura regolatorja bi skrutinju — It-Tielet Parti
- Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, hekk kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, ta' ċerti atti suġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat, b'rabta mal-proċedura regolatorja bi skrutinju — Adattament tal-proċedura regolatorja bi skrutinju — Ir-Raba' Parti

COM(2007) 741 finali — 2007/0262 (COD)

COM(2007) 824 finali — 2007/0293 (COD)

COM(2007) 822 finali — 2007/0282 (COD)

COM(2008) 71 finali — 2008/0032 (COD)

(2008/C 224/07)

Nhar il-21 ta' Jannar 2008, l-24 ta' Janar 2008 u l-4 ta' Marzu 2008, il-Kunsill iddeċieda li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar:

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, hekk kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, ta' ċerti atti suġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat, b'rabta mal-proċedura regolatorja bi skrutinju — Adattament tal-proċedura regolatorja bi skrutinju — L-Ewwel Parti

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, hekk kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, ta' ċerti atti suġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat, b'rabta mal-proċedura regolatorja bi skrutinju — Adattament tal-proċedura regolatorja bi skrutinju — It-Tieni Parti

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, hekk kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, ta' ċerti atti suġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat, b'rabta mal-proċedura regolatorja bi skrutinju — Adattament tal-proċedura regolatorja bi skrutinju — It-Tielet Parti

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, hekk kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, ta' ċerti atti suġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat, b'rabta mal-proċedura regolatorja bi skrutinju — Adattament tal-proċedura regolatorja bi skrutinju — Ir-Raba' Parti

Nhar il-11 ta' Diċembru 2007, il-15 ta' Jannar 2008 u l-11 ta' Marzu 2008, il-Bureau tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew inkariga lis-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum biex tħejji l-ħidma in kwistjoni.

Minħabba l-urġenza tal-ħidma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, matul l-445 Sessjoni Plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta' Mejju 2008 (seduta tat-29 ta' Mejju 2008), ħatar lis-Sur Pezzini bħala rapporteur-ġenerali, u adotta din l-opinjoni unanimament.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon l-introduzzjoni tal-proċedura regolatorja bi skrutinju tas-sistema tal-komitoloġija u l-armonizzazzjoni, għal din il-proċedura, ta' l-erba' pakketti ta' direttivi u ta' regolamenti proposti

1.2 Il-Kumitat jinnota li l-proposta tal-Kummissjoni biex temenda ċerti atti (!) b'urġenza, tikkonforma mad-deċiżjoni 2006/512/KE u mad-dikjarazzjoni konġunta kemm dwar il-lista ta' atti li jridu jiġu adattati kemm jista' jkun malajr, kif ukoll it-tneħħija tar-restrizzjoni ta' żmien fir-rigward ta' l-eżerċizzju tas-setgħa ta' implimentazzjoni li għandu x'jaqsam mal-Kummissjoni.

1.3 Il-Kumitat jirrakkomanda li jipproċedi għall-adozzjoni, tar-regolamenti ta' armonizzazzjoni mad-deċiżjoni 2006/512/KE fi żmien adegwat, qabel d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.

1.4 Fil-fatt, il-Kumitat ifakkar li t-Trattat ta' Lisbona jintroduċi ġerarkija ġdida ta' normi permezz ta' distinzjoni bejn atti legiſlattivi, atti delegati u atti eżekuttivi, b'poteri ndaqš tal-Parlament u tal-Kunsill, fir-rigward tad-definizzjoni tal-modalitajiet ta' kontroll ta' dawn l-atti.

1.5 Il-Kumitat jenfasizza l-importanza ta':

- parteċipazzjoni sħiħa tal-Parlament Ewropew;
- razzjonalizzazzjoni u semplifikazzjoni tal-proċeduri;
- aktar informazzjoni mill-Parlament Ewropew kemm dwar il-kumitati kif ukoll dwar il-miżuri mressqa lilhom tul il-fażijiet tal-proċedura;
- konferma tat-tneħħija tal-limiti temporali tas-setgħa ta' implimentazzjoni awtorizzati f'ċerti atti, adottati skond il-bażi ta' proċedura ta' kodeċiżjoni u għall-proċedura "Lamfalusy".

1.6 Il-Kumitat itenni l-importanza li l-proċeduri ta' komitoloġija jkunu kemm jista' jkun ċari u komprensibbli għall-persuni residenti fl-UE, b'mod partikolari għal dawk il-persuni milqutni direttament minn dawn l-atti.

1.7 Il-Kumitat ifakkar li tenħtieġ applikazzjoni sħiħa ta' l-Artikolu 8(a) tat-Trattat ta' Lisbona, li jstipula li d-deċiżjonijiet jittieħdu kemm jista' jkun qrib iċ-ċittadini, u jiggarrantixxi l-aċċess sħiħ għall-informazzjoni miċ-ċittadini u mis-soċjetà ċivili.

1.8 Fl-aħħarnett, il-Kumitat jitlob, li jitqies l-impatt ta' l-appikazzjoni tal-proċedura l-ġdida, bil-preżentazzjoni, lill-Parlament, lill-Kunsill u lill-Kumitat, ta' rapport perjodiku dwar l-effikaċja, iċ-ċarezza u t-tixrid ta' l-informazzjoni.

(!) COM(2006) minn 901 finali sa 926 finali

2. Introduzzjoni

2.1 Fis-17 ta' Lulju 2006 (²), il-Kumitat emenda d-deċiżjoni dwar il-modalitajiet ta' eżerċizzju tas-setgħa ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni (³), biż-żieda ta' proċedura ġdida: il-proċedura regolatorja bi skrutinju. Permezz ta' din il-proċedura, il-legiſlatur ikun jista' jopponi l-adozzjoni ta' miżuri "pseudolegiſlattivi", jiġifieri miżuri ta' ambitu ġenerali, bl-għan li tbidel elementi mhux essenzjali b'att bażiku adottat skond il-proċedura ta' ko-deċiżjoni, kemm-il darba hu jqis li l-proġett ta' miżuri jeċċedi s-setgħa ta' implimentazzjoni stipulata mill-att bażiku, jew jekk il-proġett ma jkunx kompatibbli ma' l-għan jew il-kontenut ta' l-att bażiku, jew ma jirrispettax il-prinċipji ta' sussidjarjetà jew ta' proporzjonalità.

2.2 Dan hu provvediment tipiku tal-proċess ta' komitoloġija, li permezz tiegħu jtfasslu l-proċeduri li bihom il-Kummissjoni, skond l-Artikolu 202 tat-Trattat tal-KE, teżerċita l-poteri delegati lilha, għall-implimentazzjoni ta' l-atti "legiſlattivi" Komunitarji, jiġifieri dawk l-atti li ġew adottati mill-Parlament u l-Kunsill, jew mill-Kunsill biss, skond waħda mill-proċeduri deċiżjonali stipulati fit-Trattat tal-KE (konsultazzjoni, kodeċiżjoni, kooperazzjoni, kunsens).

2.3 Il-ħames proċeduri ta' komitoloġija (konsultazzjoni, ġestjoni, regolatorja, regolatorja bi skrutinju u protezzjoni), huma regolati mid-deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, emendata mid-deċiżjoni 2006/512/KE, u jstipulaw l-obbligu tal-Kummissjoni li tressaq il-proġetti ta' miżuri ta' implimentazzjoni lill-kumitati magħmulin minn funzjonarji ta' l-amministrazzjonijiet nazzjonali.

2.4 Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni adottaw dikjarazzjoni konġunta (⁴) f'Ottubru 2006, fejn elenkaw numru ta' atti li diġà daħlu fis-seħħ, li riedu jiġu emendati b'urġenza minħabba l-proċedura l-ġdida, u jilqgħu b'sodisfazzjon l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE, li tistabbilixxi ż-żieda fid-Deċiżjoni 1999/468/KE ta' proċedura ġdida — magħrufa bħala "proċedura regolatorja bi skrutinju" — li tippermetti lill-legiſlatur jeżerċita kontroll fuq l-adozzjoni tal-miżuri "kważi legiſlattivi" ta' implimentazzjoni ta' att adottat b'ko-deċiżjoni.

2.5 Il-Parlament u l-Kunsill jirrikonoxxu li, mingħajr ħsara għall-prerogattivi ta' l-awtoritajiet legiſlattivi, il-prinċipji ta' legiſlazzjoni tajba jitolbu li s-setgħa ta' implimentazzjoni tiġi mogħtija mill-Kummissjoni mingħajr restrizzjoni ta' żmien. Madankollu, f'każ li jkun jenħtieġ adattament, huma jaħsbu li l-użu ta' klawżola li titlob lill-Kummissjoni tressaq proposta ta' reviżjoni jew annullament tad-direttivi, marbuta mad-delega tas-setgħa ta' implimentazzjoni, tista' ssaħħaħ il-kontroll imħaddem mill-legiſlatur.

(²) Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006).

(³) Deċiżjoni 1999/468/KE (ĠU L 184, 17.7.1999).

(⁴) ĠU C 255 tal-21.10.2006.

2.6 Sa mid-dħul fis-seħħ tagħha, il-proċedura l-għdida tapplika għall-miżuri "kważi leġislattivi", stipulati fl-atti li ser jiġu adottati skond il-proċedura ta' kodeċiżjoni, inkluż dawk stipulati fl-atti u li ser jiġu adottati fil-futur, fis-settur tas-servizzi finanzjarji (atti "Lamfalussy" ⁽⁵⁾).

2.7 Bil-maqlub ta' dan, sabiex il-proċedura l-għdida tkun applikabbli għall-atti adottati b'ko-deċiżjoni u li diġà qegħdin fis-seħħ, dawn iridu jiġu adattati skond il-proċeduri applikabbli, sabiex jibdlu l-proċedura ta' l-Artikolu 5 tad-deċiżjoni 1999/468/KE, bil-proċedura regolatorja bi skrutinju, kemm-il darba jkun hemm miżuri li jidħlu fl-ambitu ta' l-applikazzjoni.

2.8 F'Diċembru 2006, il-Kummissjoni adottat il-25 proposta ⁽⁶⁾ li fuqhom il-Kumitat diġà kellu opportunità li jitkellem ⁽⁷⁾.

2.8.1 Meta att bażiku adottat skond il-proċedura ta' l-Artikolu 251 tat-Trattat li stipula l-adozzjoni ta' miżuri ta' ambitu ġenerali, maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' l-att imsemmi, anke bit-tneħħija ta' wħud minn dawn l-elementi, jew biex isaħħuh biż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali, dawn il-miżuri jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju.

2.8.2 Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jressaq proġett fuq il-miżuri li għandhom jiġu adottati quddiem kumitat regolatorju bi skrutinju, magħmul mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri u mmexxi minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

2.8.3 F'każ li l-miżuri stipulati jkun konformi ma' l-opinjoni tal-kumitat, għandha tiġi applikata l-proċedura li jmiss:

- il-Kummissjoni tressaq mingħajr dewmien il-proġett ta' miżuri għal skrutinju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill;
- il-Parlament Ewropew, waqt li jaġixxi b'maġġoranza tal-membri tiegħu, jew il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza

⁽⁵⁾ L-hekk msejjaħ metodu Lamfalussy hu mudell deċiżjonali li jiġi applikat fl-adozzjoni u t-tweġġa ta' l-atti leġislattivi Komunitarji fis-settur tas-servizzi finanzjarji (titoli Ewropej, banek u assigurazzjonijiet). B'mod partikolari, il-mudell jstipula l-artikolazzjoni f'erba' livelli tal-proċess deċiżjonali.

- Fl-ewwel livell hemm l-attività leġislattiva (l-adozzjoni ta' regolamenti jew direttivi skond il-proċedura ta' ko-deċiżjoni). F'din il-fażi, fir-rigward tas-settur tal-proprietà, il-Kummissjoni, qabel ma tippreżenta l-proposti leġislattivi partikolari tikkonsulta mal-Kumitat tat-Titoli ewropej (ESC), li hu magħmul minn rappreżentanti ta' kull Stat Membru.
- Fit-tieni livell jidħlu d-direttivi ta' implimentazzjoni mfassla mill-Kummissjoni, fuq il-bażi tad-delega inkluża fl-att leġislattiv, b'konformità mal-proċedura regolatorja (issa l-proċedura regolatorja bi skrutinju). F'din il-fażi il-Kummissjoni, fuq parir ta-Kumitat tar-Regolaturi tat-Titoli Ewropej (CESR), magħmul mir-rappreżentanti ta' l-awtoritajiet regolatorji u ta' viġilanza nazzjonali fis-settur, tfassal proġett ta' miżuri ta' implimentazzjoni u tressaqhom lill-Kumitat tat-Titoli Ewropew, li jaġi l-opinjoni tiegħu.
- F'dak li għandu x'jaqsam is-settur tal-proprietà, it-tielet livell deċiżjonali jikkonsisti fil-koordinazzjoni, b'mod informali fi ħdan is-CESR, ta' l-attivitàjiet ta' l-awtoritajiet regolatorji u ta' viġilanza nazzjonali fuq it-titoli, sabiex jiżgura għarfien uniformi u koerenti tad-direttivi adottati fl-ewwel żewġ livelli;
- Fl-aħħarnett, fir-raba' livell deċiżjonali, insibu l-attività ta' implimentazzjoni leġislattiva u amministrattiva tan-normi komunitarji mill-Istati Membri u l-iskrutinju ta' l-Unjoni Ewropea.

⁽⁶⁾ COM(2006) minn 901 finali sa 926 finali

⁽⁷⁾ Opinjoni tal-KESE 418/2007 ta' l-14.03.2007, rapporteur Retureau.

kwalifikata, jistgħu jopponu l-adozzjoni tal-proġett imsemmi mill-Kummissjoni, bħala ġustifikazzjoni ta' l-oppożizzjoni tagħhom;

- il-Kummissjoni ma tadottax il-miżuri jekk il-Parlament jew il-Kunsill ma jopponux il-proġett sa tliet xhur minn meta dan jittressqilhom. F'dan il-każ il-Kummissjoni tista' tressaq lill-kumitat emenda tal-proġett ta' miżuri jew inkella proposta leġislattiva fuq bażi tat-Trattat;
- il-Kummissjoni tadotta l-miżuri, jekk sa tmiem dan iż-żmien la l-Parlament Ewropew u l-anqas il-Kunsill ma jkun oppożizzjoni ta' miżuri

2.8.4 F'każ li l-miżuri stipulati mill-Kummissjoni ma jkunx konformi ma' l-opinjoni tal-kumitat, jew fin-nuqqas ta' opinjoni, għandha tiġi applikata l-proċedura li jmiss:

- mingħajr dewmien, il-Kummissjoni tressaq, lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew, proposta dwar il-miżuri li għandhom jiġu adottati;
- il-Kunsill jaġixxi dwar il-proposta b'maġġoranza kwalifikata fi żmien xahrejn minn meta din titressaq;
- jekk sa tmiem dan il-perijodu, il-Kunsill jopponi b'maġġoranza kwalifikata, dawn ta' l-aħħar ma jiġux adottati. F'dan il-każ il-Kummissjoni tista' tressaq lill-Kunsill proposta emendata jew proposta leġislattiva fuq bażi tat-Trattat;
- jekk il-Kunsill jaħseb li ser jadotta l-miżuri proposti, iressaqhom lill-Parlament Ewropew mingħajr dewmien. Jekk il-Kunsill ma jaġixxi sa' l-aħħar tax-xahrejn, il-Kummissjoni tressaq mingħajr dewmien il-miżuri lill-Parlament;
- il-Parlament jista' jopponi l-miżuri billi jaġixxi b'maġġoranza assoluta sa tmiem erba' xhur mit-trasmissjoni tal-proposta, u joffri bħala ġustifikazzjoni ta' l-oppożizzjoni tiegħu:
- Il-fatt li l-miżuri proposti jeċċedu s-setgħa ta' implimentazzjoni stipulata mill-att bażiku
- li l-miżuri m'humiex kompatibbli ma' l-għan aħħari jew mal-kontenut ta' l-att bażiku
- li l-miżuri ma jirrispettawx il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;

— jekk sa tmiem dan il-perijodu, il-Kunsill jopponi b'maġġoranza kwalifikata, dawn ta' l-aħħar ma jiġux adottati. F'dan il-każ il-Kummissjoni tista' tressaq lill-kumitat emenda tal-proġett ta' miżuri jew inkella proposta leġislattiva fuq bażi tat-Trattat;

— jekk sa tmiem dan il-perijodu l-Parlament ma jkunx oppożizzjoni ta' miżuri proposti, dawn jiġu adottati mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni, skond iċ-ċirkostanzi.

2.9 Il-proposti ta' regolament attwali huma kawża tal-ħtieġa li jiġu adattati l-atti li diġa' ġew adottati, skond il-proċedura ta' l-Artikolu 251 tat-Trattat, fir-rigward tal-proċeduri applikabbli għall-agrikoltura, ix-xogħol, l-għajjnuna umanitarja, il-politika imprenditorjali, l-ambjent, l-istatistiċi Ewropej, is-suq intern,

is-saħħa u l-ħarsien tal-konsumaturi, l-enerġija u t-trasport u s-soċjetà ta' l-informazzjoni.

3. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea

3.1 Il-proposti tal-Kummissjoni jittrattaw il-modifiki għar-regolamenti u d-direttivi ⁽⁸⁾ suġġetti għall-proċedura skond l-Artikolu 251 tat-Trattat, biex dawn jiġu adattati għall-proċeduri l-ġodda maħluqa bid-deċizzjoni tal-Kunsill 1999/468/KE u emendati mid-Deċiżjoni 2006/512/KE.

3.2 Ġeneralment dan ifisser li jitkomplew l-adattamenti u l-aġġornamenti meħtieġa, b'konformità mal-prijoritajiet tal-politika Komunitarja fi kwistjonijiet ta' regolamentazzjoni ⁽⁹⁾ aħjar, sabiex isseħħ applikazzjoni xierqa ta' dan l-att partikolari b'konformità ma' l-Artikolu 251 tat-TKE.

4. Kummenti ġenerali

4.1 Il-Kumitat, fid-dawl tat-Trattat ta' Lisbona, jappoġġja bis-siġh id-distinzjoni bejn l-istrumenti legiŝlattivi u ta' implimentazzjoni li ser twassal għal definizzjoni ġdida ta' l-atti delegati, billi jippermetti is-semplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-produttjoni legiŝlattiva u regolatorja Komunitarja ⁽¹⁰⁾, biż-żamma ta' sistema ta' skrutinju parlamentari demokratiku tas-setgħa ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni.

4.2 Għalhekk il-Kumitat, hu favur l-introduzzjoni tal-proċedura regolatorja bi skrutinju fis-sistema tal-komitoloġija, li tippermetti lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li jikkontrollaw, u eventwalment jemendaw, ir-regolamenti ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni, meta l-att legiŝlattiv jirrikonxxi d-dritt tal-Kummissjoni li teżerċità s-setgħa ta' implimentazzjoni f'xi setturi, iżda mingħajr ma jagħtiha d-dritt li twettaq emendi radikali.

4.3 Il-Kumitat jirrakomanda li jipproċedi, fi żmien adegwat, għall-adozzjoni, tar-regolamenti ta' armonizzazzjoni ta' l-erba' pakketti ta' direttivi u regolamenti, skond kif stipulat mid-deċizzjoni 2006/512/KE fi żmien adegwat, qabel id-dħul fis-seħħ ta' Trattat ta' Lisbona.

4.4 Fil-fatt, il-Kumitat ifakkar li t-Trattat ta' Lisbona nieda ġerarkija ġdida ta' normi permezz ta' distinzjoni bejn l-atti legiŝlattivi, l-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni ⁽¹¹⁾, għalkemm żamm it-terminoloġija attwali (direttivi, regolamenti u deċiżjonijiet): il-Parlament u l-Kunsill ser ikollhom l-istess poter

fir-rigward tad-definizzjoni tal-modalitajiet ta' skrutinju ta' l-atti delegati u ta' l-atti ta' implimentazzjoni (komitoloġija) ⁽¹²⁾.

4.5 Il-Kumitat jenfasizza l-importanza ta':

- parteċipazzjoni sħiħa tal-Parlament Ewropew, bid-dritt li toponi deċiżjoni fl-aħħar mument;
- tnaqqis fin-numru u l-kumplessità tal-proċeduri ta' komitoloġija;
- aktar informazzjoni mill-Parlament Ewropew kemm dwar il-kumitati kif ukoll dwar il-miżuri mressqa lilhom tul il-fażijiet tal-proċedura;
- proċedura ta' konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew mill-Kunsill fil-każ li proġett ta' att ta' implimentazzjoni jiġi deferit lill-Kunsill b'konsegwenza ta' kunflitt intern fil-Kummissjoni u l-kumitat ta' esperti;
- rwol imsaħħa tal-Parlament Ewropew permezz ta' proċedura ta' skambju ta' informazzjoni bejn il-PE u l-Kunsill f'każ ta' opinjoni negattiva tal-Parlament Ewropew;
- il-konferma tat-tneħħija tal-limitu temporali tal-kompetenzi ta' eżekuzzjoni awtorizzati f'ċerti atti, adottati skond il-bażi ta' proċedura ta' kodeċizzjoni u għall-proċedura "Lamfalussy".

4.6 Il-Kumitat jerġa jtenni l-istqarrija li l-proċeduri tal-kumitat, li jinkludu biss ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u taż-żgħażaġh ta' l-Istati Membri u li, skond it-tip ta' kumitat maħluq, huma mmirati lejn il-ġestjoni, il-konsultazzjoni jew ir-regolamentazzjoni li joħorġu mis-segwitu ta' l-applikazzjoni ta' l-atti legiŝlattivi, għandhom ikunu aktar ċari u komprensibbli għall-persuni residenti fl-UE u b'mod partikolari l-persuni effettwati direttament minn dawn l-atti ⁽¹³⁾.

4.7 F'dan ir-rigward il-Kumitat ifakkar li tenħtieġ applikazzjoni sħiħa ta' l-Artikolu 8(a) tat-Trattat ta' Lisbona li jistipula li d-deċiżjonijiet jittieħdu kemm jista' jkun qrib taċ-ċittadini, b'garanzija ta' l-akbar ċarezza u aċċessibbiltà ta' l-atti komunitarji għaċ-ċittadini u għas-soċjetà ċivili kollha.

4.8 Fl-aħħarnett, fl-opinjoni tal-KESE, jenħtieġ li jitqies l-impatt ta' l-applikazzjoni tal-proċedura l-ġdida, bil-preżentazzjoni, lill-Parlament, lill-Kunsill u lill-Kumitat, ta' rapport perjodiku dwar l-effikaċja, iċ-ċarezza u t-tixrid ta' informazzjoni user-friendly u aċċessibbiltà għal kulħadd ta' l-atti komunitarji delegati sabiex jkun jista' jtwettaq monitoraġġ ta' dan l-eżerċizzju li jiġbor flimkien r-regolamentizzazzjoni u implimentazzjoni reali u xierqa.

Brussell, 29 ta' Mejju 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

⁽⁸⁾ Ara. COM(2007)741 finali, p. 6, Indiċi Ġenerali.

⁽⁹⁾ Ara. Opinjoni 1068/2005 tat-28.09.2005, rapporteur Retureau, u opinjoni tal-KESE 1069/2005 tas-6.10.2005, rapporteur Van Iersel.

⁽¹⁰⁾ Ara. Rapport tal-Parlament Ewropew dwar it-Trattat ta' Lisbona 18.2.2008, rapporteur Íñigo Méndez De Vigo (PPE/DE, ES) u Richard Corbett (PSE, UK).

⁽¹¹⁾ Artikoli 249-249d tat-Trattat dwar il-funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea.

⁽¹²⁾ Artikoli 249b u 249c tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea.

⁽¹³⁾ Opinjoni ĠU C 161, 13.7.2007, p. 48, rapporteur Retureau.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar ta' l-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (Verżjoni kkodifikata)

COM(2008) 98 finali — 2008/0049 (COD)

(2008/C 224/08)

Nhar it-22 ta' April 2008, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea ddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 95 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar ta' l-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (Verżjoni kkodifikata)

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u li m'hemm bżonn ta' l-ebda kummenti min-naħa tiegħu, iddeċieda, matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu tat-28 u tad-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju 2008), b'80 vot favur u 3 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Green Paper: Lejn kultura ġdida għall-mobilità urbana

COM(2007) 551 finali

(2008/C 224/09)

Nhar il-25 ta' Settembru 2007, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Green Paper: Lejn kultura ġdida għall-mobilità urbana

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà ta' l-Infurmazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-8 ta' Mejju 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Hernández Bataller u l-ko-rapporteur kien is-Sur Barbadillo López.

Matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-28 u d-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'unanimità.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

u ħarsien għall-passiġġieri, u l-promozzjoni ta' l-użu tar-rota u l-mixi.

1.1 Il-KESE jaħseb li politika dwar il-mobilità urbana għandha tagħmel bħala prijorità l-ippjanar urban, is-soċjetà ta' l-infurmazzjoni u t-teknoloġiji ta' l-infurmazzjoni, il-prattika tajba, b'mod speċjali li tinvolvi l-ħolqien ta' żoni pubbliċi għal dawk li jimxu u għaċ-ċiklisti, u approċċ integrat lejn l-infrastruttura.

1.2 Il-KESE joffri l-appoġġ tiegħu lill-Kummissjoni u jittama li ssaħħaħ il-miżuri Komunitarji favur il-mobilità, b'mod partikulari li jsir prijorità it-trasport pubbliku b'livell għoli ta' kwalità

1.3 Dan għandu jirrikjedi li l-bliet jiġu ppjanati b'mod xieraq u kumpatt u li tiġi ristretta d-domanda għal trasport motorizzat privat, fuq il-bażi ta' pjanar spazjali u urban konsistenti u razzjonali.

1.4 Il-KESE jaħseb li mingħajr ma jitqies kwalunkwe tip ieħor ta' miżura adottata, id-Direttiva 85/377/KEE u d-Direttiva 2001/42/KE għandhom jiġu emendati skond kif imfisser f'din l-opinjoni.

1.5 Il-KESE jappoġġja l-użu ta' "xirjiet ambjentali" għall-akkwisti li jirrelataw ma' infrastruttura ffinanzjata minn programmi Ewropej, u jitlob għat-tneħħija ta' ostakoli eżistenti.

1.6 Il-ħolqien ta' Osservatorju Ewropew tal-Mobilità Urbana Sostenibbli għandu jidher il-valur miżjud, peress li jkun qed jiġbor data u jiffaċilita l-iskambju ta' esperjenzi.

1.7 Il-KESE jemmen li għandu jkun hemm leġislazzjoni ġenerali fil-livell Ewropew għall-armonizzazzjoni ta' kriterji għall-kalkolu ta' ħlasijiet u data statistika.

2. Daħla

2.1 Fis-snin li għaddew, il-volum tat-traffiku fiż-żoni urbani u f'dawk ta' madwarhom b'mod ġenerali żdied ħafna u fhafna każijiet saret bidla drammatika fl-hekk imsejħa qasma modali (modal split): il-vjaġġi qegħdin isiru dejjem aktar bil-karozza, u b'mod relattiv jew assolut dejjem inqas bit-trasport pubbliku.

2.2 Fl-2006, meta ppreżentat ir-reviżjoni ta' nofs it-term tagħha dwar il-White Paper dwar it-Trasport ⁽¹⁾, il-Kummissjoni Ewropea ħabbet l-intenzjoni tagħha li tfassal Green Paper dwar it-trasport urban. Mexxiet konsultazzjoni pubblika wiesgħa f'dawn l-aħħar xhur, fejn il-KESE esprima l-fehmiet tiegħu ⁽²⁾.

2.2.1 Il-KESE jaħseb li azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-mobilità urbana hija meħtieġa u għandha tkun utli, u li l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet fil-livell Komunitarju ⁽³⁾ toffri valur miżjud Ewropew li jista' jkopri firxa wiesgħa ta' miżuri kemm li jorbtu kif ukoll li ma jorbtux.

3. Il-qofol tal-Green Paper: Lejn kultura ġdida għall-mobilità urbana

3.1 Il-proċess ta' konsultazzjoni li sar mill-Kummissjoni kkonferma ċerti aspettattivi qawwija għall-formulazzjoni ta' politika Ewropea tal-mobilità urbana ġenwina.

3.2 Tibdil fil-mod kif titqies il-mobilità urbana jinvolvi l-ottimizzazzjoni ta' l-użu tal-mezzi varji kollha ta' trasport u l-organizzazzjoni tal-"ko-modalità" bejn il-mezzi differenti ta' trasport kollettiv (ferrovija, tram, metro, tal-linja, taxi) u l-mezzi differenti ta' trasport individwali (karozza, rota, bil-mixi, eċċ.).

3.3 Il-mobilità urbana hija rikonossuta bħala faċilitatur importanti tat-tkabbir u l-impjieg b'impatt qawwi fuq l-iżvilupp sostenibbli fl-UE.

3.4 Valur miżjud Ewropew jista' jieħu għamliet differenti: il-promozzjoni ta' l-iskambju ta' Prattika tajba fil-livelli kollha (lokali, reġjonali jew nazzjonali); jirfed it-twaqqif ta' standards

komuni u l-armonizzazzjoni ta' standards jekk ikun hemm il-bżonn; joffri appoġġ finanzjarju lil dawk li l-iktar ikollhom bżonn tali appoġġ; jinkoraġġixxi r-riċerka, li l-applikazzjonijiet tagħha jistgħu jippermettu li jsir titjib fis-sikurezza tal-mobilità u fl-ambjent; is-semplifikazzjoni tal-leġislazzjoni, u f'xi każijiet, it-tneħħija ta' leġislazzjoni eżistenti jew l-adozzjoni ta' leġislazzjoni ġdida.

3.5 Il-Green Paper, permezz ta' 25 mistoqsija, tittratta dwar kif għandna niffaċċjaw l-isfidi tal-ħolqien ta' bliet bi fluss liberu, bliet iktar ambjentali, iktar intelliġenti, bi trasport urban iktar aċċessibbli u sikur, u kultura ġdida ta' mobilità urbana u r-riżorsi meħtieġa sabiex dan jintlaħaq. Minkejja dan, il-Kummissjoni ma tressaqx firxa ta' miżuri speċifiċi vertikali u orizzontali għat-trasport urban.

4. Reazzjonijiet għall-Green Paper

Din l-opinjoni għandha l-għan li twieġeb il-mistoqsijiet kollha li tressqu mill-Kummissjoni.

4.1 Mistoqsija 1: *Għandhiex tiġi prevista skema ta' "tikketta" sabiex jingħarfu l-effetti ta' bliet pijunieri fil-għlieda kontra l-konġestjoni u fit-titjib tal-kundizzjonijiet ta' l-għaxien?*

4.1.1 Il-KESE jaħseb li tista' titwaqqaf skema ta' tikkettar, li tqis is-sistemi attwali u turi kompatibilità magħhom.

4.1.2 Fil-livell Komunitarju, ikun utli jekk il-Kummissjoni kellha tistipola indikaturi għall-prestazzjoni, l-ippjanar, u l-iżvilupp, u b'hekk toħloq qafas armonizzat ta' referenza.

4.1.3 Jistgħu jitwaqqfu tikketti ta' kwalità fuq bażi volontarja, minflok inċentivi, bħal dawk fil-qasam tal-politika tat-turiżmu.

4.1.4 Fil-każijiet kollha, is-sistemi li jitwaqqfu għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi u trasparenti, u għandhom jiġu evalwati b'mod regolari, u jekk ikun xieraq, riveduti u pubbliċizzati b'mod suffiċjenti.

4.2 Mistoqsija 2: *Liema miżuri għandhom jittieħdu biex jiġu promossi l-mixi u ċikliżmu bħala alternattivi reali għall-karozza?*

4.2.1 Meta wieħed iqis il-proporzjon ta' trasport li huma jir-rappreżentaw, il-mixi u ċ-ċikliżmu ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala alternattivi għall-użu ta' vetturi privati, sakemm id-dar u l-post tax-xogħol ikunu qrib ħafna ta' xulxin u l-kundizzjonijiet tat-temp ikunu favorevoli. Barra minn hekk, iċ-ċikliżmu m'huwix attività universali peress li jeskludi kull min għandu mobilità mnaqqsa jew diżabilitajiet, il-minorenni u l-anzjani. Minkejja dan, b'konnessjoni mat-trasport pubbliku, il-mixi u ċ-ċikliżmu jistgħu jkun alternattivi vijabbli f'xi bliet.

⁽¹⁾ COM (2006) 314 finali. Komunikazzjoni mill-Kummissjoni għall-Kunsill u l-Parlament Ewropew — Inżommu lill-Ewropa miexja — Il-mobilità sostenibbli għall-kontinent tagħna — Reviżjoni ta' nofs it-term tal-White Paper tat-Trasport ta' l-2001 tal-Kummissjoni Ewropea.

⁽²⁾ Opinjonijiet dwar It-trasport fiż-żoni urbani u metropolitani GU C 168, 27.7.2007, p. 74 (Rapporteur: is-Sur Ribbe).

⁽³⁾ Jekk wieħed iqis il-Protokoll (Nru 30) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità u l-fehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Ottubru 1993 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni.

4.2.2 Muniċipalitajiet għandhom ifasslu pjanijiet tat-trasport urban sostenibbli, li jinkludu korsiji għaċ-ċiklisti, bl-oġettiv li jorbot li ssir bidla b'suċċess għal mezz tat-trasport li jirrispettaw l-ambjent u li jilhqg r-reqwiżiti minimi Ewropej (li għad iridu jiġu stabbiliti). Dawn il-pjanijiet għandhom jindirizzaw sitwazzjonijiet li jipperikolaw is-sikurezza ta' min qed jimxi kif ukoll ifittxu biex jevitaw konflitti mal-modi tat-trasport differenti.

4.2.3 Għal dan il-għan, għandha tiġi introdotta mira kwantitattiva sabiex jiżied il-proporzjon ta' trasport rappreżentat mit-trasport pubbliku tal-passiġġieri, miċ-ċikliżmu u mill-mixi. In-nuqqas li jifasslu pjanijiet bħal dawn jista' jirriżulta fit-telfien ta' l-eliġibilità għal għajjuna finanzjarja mill-fondi Komunitarji. Il-Kummissjoni għandha tivverifika wkoll l-informazzjoni li jkun fihom dawn il-pjanijiet fir-rigward taż-żoni hodur u l-korsiji għaċ-ċiklisti.

4.3 Mistoqsija 3 — *X'jista' jsir biex tiġi promossa bidla modali lejn modi ta' trasport sostenibbli fl-ibliet?*

4.3.1 Soluzzjonijiet possibbli jiddipendu ħafna fuq id-daqs (l-erja u l-popolazzjoni) tal-belt, waqt li jitqies li t-tniġġis jirriżulta wkoll minn nuqqasijiet fl-ippjanar ta' l-użu ta' l-art, mhux biss mit-trasport.

4.3.2 Nikkunsidraw il-problema u s-soluzzjonijiet potenzjali għaliha permezz ta' l-użu ta' l-art u l-ippjanar urban; nipprovdu parkeġġi pubbliċi għall-karozzi fuq rotot ta' aċċess għall-ibliet; netwerk arterjali ta' korsiji riżervati għat-trasport pubbliku konnessi ma' mezzi differenti ta' trasport (parkeġġi għall-karozzi, ferrovija u metro), permezz tal-bini ta' inter-skambji li jħeġġu l-intermodalità sabiex jiġu faċilitati t-trasferimenti, u t-titjib tal-kwalità tas-servizz sabiex ikun żgurat li t-trasport pubbliku huwa attraenti għall-utenti.

4.3.3 Fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija, il-Kummissjoni għandha tippromwovi l-iskambju ta' l-aħjar Prattiki fil-qasam tal-loġistika urbana, bħal fil-belt Taljana ta' Siena fejn l-awtorizzazzjoni għat-trasport tal-merkanzija tingħata biss fuq bażi temporanja.

4.4 Mistoqsija 4: *Kif jista' jikber aktar l-użu ta' teknoloġiji nodfa u effiċjenti fit-trasport urban?*

4.4.1 Permezz tat-twaqqif ta' politika tat-taxxa għat-trasport li tippromwovi x-xiri u l-użu ta' teknoloġiji ġodda li jistgħu jnaqqsu t-tniġġis u jżidu t-tifdil ta' l-enerġija.

4.4.2 Permezz tal-ġbir ta' informazzjoni dwar il-kondotta ambjentali tal-bliet: il-kalkolu ta' l-emissjonijiet tat-trasport għal kull abitant, u kampanji annwali sabiex jiġu pubbliċizzati r-riżultati.

4.5 Mistoqsija 5: *Kif jista' jiġi promoss l-appaltar ekoloġiku konġunt?*

4.5.1 Bl-impożizzjoni ta' l-użu tax-"xiri ekoloġiku" għall-akkwist relatat ma' l-infrastruttura ffinanzjata minn programmi Ewropej u t-tneħħija ta' l-oġġetti attwali (*).

(* Ara l-każ tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja "Concordia Bus" u l-kriterji applikati għalih.

4.5.2 Fil-livell Komunitarju, standards komuni għandhom jiġu definiti u, fejn ikun neċessarju, armonizzati.

4.6 Mistoqsija 6: *Għandu jkun hemm kriterji jew gwida għad-definizzjoni taż-żoni Hodur u l-miżuri ta' restrizzjoni tagħhom? Liema huwa l-aħjar mod biex wieħed jiżgura l-kompatibilità maċ-ċirkolazzjoni ħielsa? Teżisti kwistjoni ta' infurzar transkonfjnali tar-regoli lokali li jigevernaw iż-żoni Hodur?*

4.6.1 Il-KESE jemmen li l-aċċess għal dawn iż-żoni jista' jtnaqqas b'mod sinifikattiv. Madankollu, hemm bżonn ta' armonizzazzjoni sabiex jiġi evitat li leġislazzjoni differenti ma tosta-kolax il-moviment ħieles ta' persuni u xxekkel b'mod mhux neċessarju l-mobilità urbana.

4.7 Mistoqsija 7: *Kif jista' jiġi promoss aktar l-ekosewqan?*

4.7.1 Is-sewqan ekoloġiku għandu jkun kopert minn programmi ta' taħriġ obbligatorji estiżi kif jixraq għall-kwalifikazzjoni inizjali u ulterjuri tas-sewwieqa, u bl-istabiliment ta' konċessjonijiet fuq it-taxxa għal kumpaniji li jieħdu passi sabiex jimmonitorjaw u jkejlu s-sewqan. Id-Direttiva dwar it-taħriġ tas-sewqan tista' tiġi emendata sabiex tinkludi dawn il-kriterji.

4.8 Mistoqsija 8: *Għandhom jiġu żviluppati u promossi servizzi ta' informazzjoni aħjar għall-vjaġġaturi?*

4.8.1 Iva, fir-rigward is-sikurezza fuq il-vettura, il-ħinijiet ta' stennija u ta' tranżitu, l-imġiba tal-passiġġieri f'emerġenzi, u l-għażliet u l-kundizzjonijiet attwali tat-trasport.

4.9 Mistoqsija 9: *Huma meħtieġa azzjonijiet ulterjuri sabiex tiġi żgurata l-istandardizzazzjoni ta' l-interfaces u l-interoperabilità ta' l-applikazzjonijiet ITS fl-ibliet? Liema applikazzjonijiet għandhom jieħdu l-prijorità meta tittieħed l-azzjoni?*

4.9.1 L-applikazzjonijiet ITS varji għandhom ikunu kompletament kompatibbli sabiex teknoloġiji differenti jkunu jistgħu jintużaw, b'mod partikulari fir-rigward ta' dokument tat-trasport, u b'hekk jiġu faċilitati trasferimenti u jitjebu l-ħinijiet ta' aċċess għat-trasport, u b'hekk iwasslu għal vjaġġi iktar mgħaġġla bit-trasport pubbliku. Huwa importanti għall-ITS li tappoġġja titjib teknoloġiku, sabiex ma jsirux skaduti malajr u sabiex l-ispiża tagħhom tkun tista' tiġi mfidja.

Il-KESE jaħseb li teknoloġiji ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għandhom jintużaw sabiex jitjeb it-traffiku u l-organizzazzjoni tat-trasport.

4.10 Mistoqsija 10: *Fir-rigward ta' l-ITS, kif jista' jittejjeb l-iskambju ta' l-informazzjoni u l-aħjar prassi bejn il-partijiet kollha involuti?*

4.10.1 Permezz tal-pubblikazzjoni ta' katalogu diġitali ta' prattiki tajba ta' l-ITS, li jiġi aġġornat regolarment u jista' jiġi kkonsultat online.

4.11 Mistoqsija 11: *Kif tista' tittejjeb il-kwalità tat-trasport kollettiv fl-ibliet Ewropej?*

4.11.1 Bil-ħolqien ta' korpi li jikkoordinaw is-servizzi differenti tat-trasport pubbliku, l-istabbiliment ta' sistemi ta' integrazzjoni tan-nollijiet, u l-ħtieġa ta' l-aħjar tagħmir tat-trasport (l-iktar ekoloġiku u xierqa għal persuni b'mobilità mnaqqsa), li tiżdied il-frekwenza tal-vjaġġi sabiex jitnaqqas il-ħin meta l-passiġġieri jkollhom jistennew, il-bini ta' pjattaformi mmirati għal tal-linja (sikurezza mtejjba, iktar kumdità u ħeffa, iktar effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija li twassal għal inqas tniġġis), interskambji ta' bini sabiex jiġu faċilitati t-trasferimenti, it-titjib tat-taħriġ tal-professjonisti fis-settur, l-ġhoti ta' informazzjoni u t-tqajjim ta' kuxejnza fost l-utenti, il-forniment ta' infrastruttura għad-distribuzzjoni xierqa ta' traffiku f'tranżitu fil-bliet, il-provvediment ta' faċilitajiet tal-park and ride, u l-applikazzjoni ta' inċentivi sabiex l-użu tagħhom jitħeġġeġ, l-installazzjoni ta' sinjali xierqa għat-trasport pubbliku, il-ħolqien ta' postijiet xierqa fejn passiġġieri jistgħu jitolgħu u jinżlu mill-vetturi b'mod sikur.

4.11.2 Metodu wieħed li jista' jkun effettiv huwa li jiġi evalwat l-impatt li pjanijiet, programmi u proġetti speċifiċi jista' jkollhom fuq il-mobilità.

4.11.3 F'dan il-kuntest, ikun utli li wieħed jinnota s-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (każ C-322-04) fir-rigward l-ommissjoni ta' l-evalwazzjoni ambjentali f'proġett għall-bini ta' ċentru kummerċjali u ta' rikreazzjoni f'żona urbana: kien il-volum smat ta' passiġġieri li kienu se jkunu qed jaslu fiċ-ċentru permezz ta' vetturi privati li ddetermina l-impatt tiegħu fuq l-ambjent u l-ħtieġa għal evalwazzjoni.

4.11.4 Għalhekk, l-emenda tad-direttivi eżistenti tista' tinqasam fi tlieta:

4.11.4.1 Id-Direttiva 85/337/KEE dwar l-evalwazzjoni ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati dwar l-ambjent tistabbilixxi, fl-Anness III, il-kriterji li l-Istati Membri għandhom japplikaw sabiex jiddeterminaw jekk ċerti proġetti għandhomx effett sinifikanti fuq l-ambjent.

Huwa propost li jiżdied inċiż ġdid għal dan l-ewwel punt ta' l-Anness III, li jsemmi t-tqassim tal-mappa ta' mobilità (in-numru previst ta' utenti ta' faċilitajiet, il-post ta' residenza, eċċ.).

4.11.4.2 It-tieni nett, fl-Anness IV, id-Direttiva tistabbilixxi l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-rapport ambjentali.

Il-KESE jipproponi:

- (a) li jiddaħħal inċiż ġdid għar-raba' punt ta' l-Anness IV, jew li t-tielet inċiż jiġi emendat, sabiex isemmi b'mod speċifiku emissjonijiet ikkawżati mit-trasportazzjoni ta' utenti abitwali tal-faċilitajiet;
- (b) li l-punt 5 ta' l-Anness IV jiġi estiż sabiex ikopri mhux biss l-implimentazzjoni tal-proġett iżda wkoll l-operazzjoni sussegwenti tal-faċilitajiet u miżuri korrettivi relatati ma' l-emissjonijiet ikkawżati mit-trasport għal dawn il-faċilitajiet.

Fl-aħħar, l-Anness III(1) u l-Anness IV(4) u (5) tad-Direttiva 85/337/KEE għandhom jiġu emendati kif ġie suġġerit.

4.11.4.3 It-tielet, fir-rigward id-Direttiva 2001/42/KE dwar l-evalwazzjoni ta' l-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi dwar l-ambjent, jistgħu jiddaħħlu affarijiet simili (kriterji obbligatorji u informazzjoni relatati mal-mobilità u l-mezzi tat-trasporti meħtieġa fir-rapport ambjentali). F'dan il-każ, jagħmel sens kieku li jiġu inklużi l-effetti tal-pjanijiet fuq il-mobilità, kif ġie suġġerit, b'mod speċifiku fl-Anness I(f) u l-Anness II(2).

4.12 Mistoqsija 12: *Għandu jiġi inkoraġġit l-iżvilupp ta' korsiji apposta għat-trasport kollettiv?*

4.12.1 Iva, din il-miżura hija essenzjali u għandha impatt qawwi fuq il-mobilità. Korsiji jew pjattaformi apposta jfissru aktar sikurezza u ħeffa, u inqas konġestjoni u konsum ta' l-enerġija, kif ukoll li l-passiġġieri jkunu iktar komdi. Din il-miżura tista' tgħin sabiex l-utenti ta' vetturi privati jikkonvinċu ruħhom jużaw it-trasport kollettiv.

4.13 Mistoqsija 13: *Hemm bżonn li tiġi introdotta Karta Ewropea dwar id-drittijiet u l-obbligi għall-passiġġieri li jużaw it-trasport kollettiv?*

4.13.1 It-tisħiħ tad-drittijiet tal-passiġġieri huwa essenzjali għall-iżgurar li l-mezzi kollha tat-trasport pubbliku jtejjbu l-kwalità tas-servizz tagħhom (frekwenza, puntwalità, kumdità għal kull tip ta' utent, sikurezza, politika tan-nollijiet, eċċ.). Il-Kumitat iħeġġeġ li dan isir, u li jitqiesu l-karatteristiċi ta' kull mezz tat-trasport, b'mod partikulari dawk li jaqsmu l-infrastruttura.

4.13.2 Meta wieħed iqis il-firxa wiesgħa ta' leġislazzjoni li teżisti f'testi differenti u għal mezz ta' trasport differenti, id-drittijiet kollha tal-passiġġieri fuq it-trasport pubbliku għandhom jinġiebu flimkien taħt "karta tad-drittijiet" waħdanija; l-iskop għandu jibqa' li din tiġi supplimentata mill-Istati Membri u permezz ta' l-awto-regolamentazzjoni bis-saħħa ta' kodiċi ta' kondotta⁽⁵⁾, segwiti mill-parteċipanti ekonomiċi u s-soċjetà ċivili organizzata (korpi tal-konsumatur, korpi ambjentali, organizzazzjonijiet tan-negozju, trejdnjuns, eċċ.). Il-KESE jenfasizza l-importanza tad-djalogu bejn dawn il-korpi u l-kumpaniji tat-trasport pubbliku, b'mod partikulari, sabiex titjeb il-kwalità tas-servizz.

Għandha tittieħed azzjoni fil-livell Komunitarju sabiex jiġu riformulati u kkonsolidati d-drittijiet li diġà jeżistu fit-testi legali differenti, flimkien ma' azzjoni min-naħa ta' l-Istati Membri u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-KESE jenfasizza l-hteġa għal strumenti flessibbli u sempliċi sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet tal-passiġġieri jiġu eżerċitati.

4.14 Mistoqsija 14: *Liema miżuri jistgħu jittieħdu biex ikunu integrati aħjar it-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija fir-riċerka u fl-ippjanar tal-mobilità urbana?*

4.14.1 Il-pjanijiet għall-mobilità urbana f'żoni metropolitan għandhom ikopru kemm it-trasport tal-passiġġieri kif ukoll tal-merkanzija, sabiex ikun żgurat li l-loġistika tal-merkanzija tkun tista' topera mingħajr ma xxekkel il-mobilità tal-passiġġieri.

4.14.2 Għalhekk, in-numru ta' aġenti li jimmonitorjaw il-pjattaformi apposta għat-tagħbija u l-ħatt għandhom jiżdiedu.

4.14.3 Il-ħolqien ta' mekkaniżmi sabiex jiġu faċilitati u jiffattu sistemi għar-rappurtar ta' ksur tal-liġi, sabiex il-vetturi li huma ħatja ta' ksur ikunu jistgħu jitneħħew kemm jista' jkun malajr mill-pjattaformi apposta, sabiex jerġgħu jkunu operattivi.

4.14.4 Il-ħolqien ta' mekkaniżmi effettivi sabiex persuni li jiksru l-liġi jiġu penalizzati, mit-tneħħija tal-vettura sal-ġbir effettiv ta' multi.

4.14.5 Kampanja ta' informazzjoni u kuxjenza pubblika sabiex ikun hemm aċċettazzjoni ġenerali u involviment fit-tilħiq ta' miri definiti, bħall-kisba tal-kooperazzjoni tal-kummerċanti lokali fil-monitoraġġ ta' pjattaformi apposta għat-tagħbija u l-ħatt, billi dawn jintwerew kif il-parkeġġ illegali f'dawn il-postijiet jista' jiżvantaġġa n-negozji tagħhom.

4.14.6 Restrizzjoni tal-ħin awtorizzat għall-waqfien fil-pjattaformi apposta għat-tagħbija u l-ħatt, iktar konformi mal-ħin li jittieħed għall-biċċa l-kbira ta' l-operazzjonijiet ta' tagħbija u ħatt. Jista' jkun possibbli li jintalab permezz speċjali sabiex jiżdied il-ħin awtorizzat għall-waqfien, sabiex ma jiġux imxekkla ċerti tipi ta' trasportazzjoni (per eżempju, il-ħatt ta' merkanzija) li jirrikjedu iktar ħin għat-tagħbija u l-ħatt. Barra minn hekk, jistgħu jiġu stabbiliti slots ta' ħin speċifiċi għat-tagħbija u l-ħatt.

⁽⁵⁾ Ara l-Opinjoni dwar "Il-Karta Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Konsumaturi ta' l-Enerġija" ĠU C 151, 17.6.2008 (Rapporteur: Is-Sur Iozia).

4.15 Mistoqsija 15: *Kif tista' tintlaħaq koordinazzjoni aħjar bejn it-trasport urban u interurban u l-ippjanar ta' l-użu ta' l-art? Liema tip ta' struttura organizzativa tkun l-aħjar?*

Permezz ta' koordinazzjoni xierqa fiż-żoni li ġejjin:

(a) koordinazzjoni bejn il-korpi differenti:

- F'xi bliet Ewropej, il-ħolqien ta' korpi ta' koordinazzjoni tat-trasport tejjeb ħafna il-koordinazzjoni u l-ippjanar tat-trasport, u ġie żgurat li servizzi ta' kwalità għolja huma implimentati b'mod effiċjenti u effikaċji.
- Fir-rigward il-koordinazzjoni ma' mezz oħra tat-trasport, għandu jkun hemm aktar trasparenza fl-allokazjoni ta' l-ispejjeż għal mezz differenti ta' trasport.
- Ikun utli għas-servizzi tat-trasport interurban li jkun hemm l-infrastruttura neċessarja għal interskambji modali, sabiex ikunu faċilitati trasferimenti bejn mezz differenti ta' trasport pubbliku, u b'hekk jiġi evitat li passiġġieri jkollhom jużaw trasport addizzjonali biex jagħmlu l-konnessjoni bejn mezz u ieħor.

(b) Koordinazzjoni ma' l-istrumenti ta' l-ippjanar:

- Li jiġi meqjus l-impatt fuq il-mobilità ta' ċerti pjanijiet u proġetti huwa rekwiżit diġà stabbilit mis-sentenza importanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Marzu 2006 (Każ C-332/04): l-obbligu li proġett kontroversjali jitressaq għal evalwazzjoni ambjentali kien imsejjes essenzjalment fuq l-impatt stmat fuq il-mobilità. Madankollu, dan il-kriterju għadu ma ġie inkorporat bħala liġi.
- Bħala riżultat, żewġ bidliet speċifiċi għal-leġislazzjoni Komunitarja dwar l-evalwazzjoni ambjentali huma kkunsidrati neċessarji jekk l-effett tal-pjan jew tal-programm fuq il-mobilità ser ikun inkluż fost l-impatt li għandhom jiġu kkunsidrati. Huwa propost b'mod partikulari li jsiru l-bidliet mfissra fit-tweġiba għall-mistoqsija 11.
- Pjanar spazjali strateġiku għandu jiġi implimentat b'mod konsistenti sabiex ikun żgurat li jsir użu razzjonali ta' l-art mill-awtoritajiet reġjonali.

4.16 Mistoqsija 16: *Liema azzjonijiet oħra għandhom jittieħdu biex jgħinu lill-ibliet jaffrontaw l-isfidi tagħhom tas-sigurtà tat-triq u personali fit-trasport urban?*

4.16.1 Is-sikurezza fit-toroq: fil-livell Ewropew, il-promozzjoni ta' prattiki tajba u djalogu iktar intensiv u strutturat mal-partijiet interessati reġjonali u lokali u l-Istati Membri fuq teknoloġiji ġodda (b'mod partikulari l-ITS) sabiex titjeb is-sikurezza. Barra minn hekk, li jiżdied il-livell ta' taħriġ tas-sewqan għal professjonisti fl-industrija. L-istabbiliment ta' miżuri dissważivi għandu jiġi regolat ukoll sabiex jiġi evitat li każijiet transkonfinali ta' ksur tal-liġi tat-traffiku jibqgħu ma jiġux ippenalizzati.

4.16.2 Ħarsien personali: sabiex jiġu mħeġġa prattiki tajba, il-preżenza fiżika tal-pulizija fit-trasport pubbliku għandha tissaħħaħ, b'mod partikulari bil-lejl u fuq linji li jivvjaġġaw għal żoni fejn hemm livelli iktar għolja ta' taqlib soċjali u esklużjoni soċjali, u għandu jiżdied l-użu ta' teknoloġija ta' l-informazzjoni u informazzjoni dwar il-passiġġieri.

4.17 Mistoqsija 17: *Kif jistgħu l-operaturi u ċ-ċittadini jkunu infurmati aħjar dwar il-potenzjal tal-ġestjoni avvanzata ta' l-infrastruttura u t-teknoloġiji tal-vetturi għas-sigurtà?*

4.17.1 Billi titqajjem kuxjenza pubblika permezz ta' kampanji ta' l-edukazzjoni u ta' l-informazzjoni, b'mod partikulari dawk immirati lejn iż-żgħażaġh; u permezz ta' attivitajiet sabiex jiġi ġeneralizzat l-użu ta' mezzi awtomatiċi ta' infurzar fil-bliet għall-utenti kollha tat-toroq. B'mod ġenerali, il-KESE jaħseb li hija ta' importanza partikolari li jiġu adottati miżuri mmirati lejn it-tisħiħ ta' l-aspetti kulturali u ta' edukazzjoni ċivika tal-kwistjoni-nijet kollha marbuta mal-mobilità urbana.

4.18 Mistoqsija 18: *Għandhom jiġu żviluppati mezzi awtomatiċi tar-radar adattati għall-ambjent urban u għandu jiġi promoss l-użu tagħhom?*

4.18.1 Skond ir-rekwiżiti aħħarija, dawn il-mezzi awtomatiċi dejjem għandhom ikunu mmirati lejn it-titjib tal-mobilità u l-ottimizzazzjoni tal-veloċità tal-vjaġġi. Prattiki tajba għandhom jitħeġġu sabiex tiżdied is-sikurezza, u għandu jitħeġġeġ ukoll l-użu ta' sistemi intelliġenti.

4.19 Mistoqsija 19: *Is-sorveljanza bil-vidjow hija għodda tajba għas-sigurtà u s-sikurezza fit-trasport urban?*

4.19.1 L-installazzjoni ta' sistemi ta' emerġenza għodda msejsa fuq it-teknoloġija f'vetturi tat-trasport pubbliku, sabiex is-servizzi ta' l-emerġenza jkunu jistgħu jiġu avżati fil-każ ta' vandaliżmu jew inċidenti u sabiex jipprovdu informazzjoni dwar il-qagħda tal-vettura, u t-trasmissjoni ta' data tal-leħen u ta' l-imaġni li turi x'inhu jiġru għewwa l-vettura.

4.19.2 Għandhom jiġi adottati miżuri adegwati sabiex tiġi evitata l-invażjoni tal-privatezza, li hija dritt fundamentali tal-bniedem.

4.20 Mistoqsija 20: *Għandhom jaħdmu lkoll flimkien il-partijiet interessati lejn l-iżvilupp ta' kultura ġdida tal-mobilità fl-Ewropa? Skond il-mudell ta' l-Osservatorju Ewropew għas-Sigurtà fit-Triq, Osservatorju Ewropew tal-Mobilità Urbana jista' jkun inizjattiva siewja sabiex tiġi sostnuta din il-kooperazzjoni?*

4.20.1 Kultura ġdida għall-mobilità urbana ser tesiġi l-kooperazzjoni ta' l-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri, ir-reġjuni

u l-awtoritajiet lokali, flimkien ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

4.20.2 Osservatorju Ewropew dwar Mobilità Urbana Sostennibbli għandu jkun inizjattiva utli u għandu jgħib valur miżjud, peress li jista' jiġbor id-data, jittraċċa tibdil fid-domanda għat-trasport u jiffaċilita l-iskambju ta' esperjenzi. Għandu jgħin ukoll sabiex itejjeb l-għarfien ta' problemi ta' mobilità u japplika politiki sabiex dawn jiġu solvuti.

Hemm il-ħtieġa għall-armonizzazzjoni ta' miżuri ta' evalwazzjoni urbana fil-livell Ewropew, u l-KESE għandu jilqa' t-twaħħid tal-kriterji f'dan il-qasam.

4.21 Mistoqsija 21: *Kif jistgħu l-istrumenti finanzjarji eżistenti bħall-fondi strutturali u ta' koeżjoni jintużaw aħjar b'mod koerenti biex isostnu t-trasport urban integrat u sostenibbli?*

4.21.1 Billi t-titjib fil-mobilità urbana u l-bidla gradwali lejn faċilitajiet tat-trasport pubbliku li huma nodfa (konsum baxx tal-karburant, emissjonijiet baxxi) jsiru oġġettivi tal-fondi, u b'hekk jiġi żgurat dħul ikbar mill-investment għal kull euro li jintnefaq.

Il-KESE huwa favur iż-żjieda fil-persentaġġ tal-fondi allokati għall-edukazzjoni u r-riċerka.

4.21.2 Kontribuzzjonijiet finanzjarji għandhom jitnaqqsu wkoll billi jiġu stabbiliti skali oġġettivi li jippermetti li tiġi magħżula l-iktar soluzzjoni kost-effettiva għall-Komunità, sabiex iċ-ċittadini jiġu provduti bi trasport ta' kwalità għolja bi prezz li jista' jintlaħaq. L-effiċjenza u l-konformità ma' l-obbligi tas-servizz pubbliku għandhom ikunu miri ewlenin.

4.22 Mistoqsija 22: *Kif jistgħu l-istrumenti ekonomiċi, partikolarment l-istrumenti bbażati fuq is-suq, isostnu trasport urban nadif u enerġetikament effiċjenti?*

4.22.1 Bl-esiġenza ta' l-inklużjoni ta' klawsoli ekoloġiċi f'kontratti għal tagħmir relatati ma' proġetti ta' l-infrastruttura finanzjati minn programmi Ewropej.

4.22.2 Possibilità oħra għandha tkun li jiġu inklużi l-kriterji minn "Buying green. Manwal dwar l-akkwist pubbliku favur l-ambjent" [SEC (2004) 1050] f'dokument COM, biż-żieda ta' l-akkwist pubbliku favur l-ambjent tat-tagħmir tat-trasport.

Bħas-suq tal-mezzi ta' trasport pubbliku, is-suq tal-vetturi privati qed isir aktar rispettuż ta' l-ambjent. Ix-xiri ta' vetturi aktar nodfa (fir-rigward tal-karburant u l-magna) għandu jiġi promoss u l-isforzi finanzjarji tax-xerrejja għandhom jiġu rikonoxxuti bi trattament differenzjat tal-vetturi fil-politika ta' aċċess għaċ-ċentri urbani.

4.23 Mistoqsija 23: *Kif jistgħu attivitajiet ta' rċerka mmirati jgħinu aktar fl-integrazzjoni tal-limitazzjonijiet urbani u l-iżvilupp tat-traffiku urban?*

4.23.1 Billi tiġi stabbilita b'mod ċar il-kategorija ta' proġetti eliġibbli għal għajna pubblika Komunitarja, u billi tkun obbligatorja (wara verifika xierqa) l-konformità (f'perijodu ta' żmien speċifiku) ma' l-oġettivi ta' tali proġetti, sabiex fil-każ ta' nuqqas ta' konformità kwalunkwe fondi jistgħu jiġu rkuprati.

4.24 Mistoqsija 24: *L-ibliet għandhom jiġu inkoraġġiti jużaw in-nollijiet urbani? Hemm bżonn ta' qafas ġenerali u/jew gwida għan-nollijiet urbani? Id-dħul għandu jiġi dirett lejn it-tijib tat-trasport urban kollettiv? Għandhom jiġu internalizzati l-ispejjeż esterni?*

4.24.1 Għandu jkun hemm regoli komuni fil-livell Ewropew, permezz ta' l-armonizzazzjoni ta' kriterji għall-kalkolu tal-ħlasijiet u l-valutazzjoni ta' limitu adegwat għad-densità tan-netwerk ta' trasport pubbliku.

4.24.2 Madankollu, il-KESE jaħseb li sistemi ta' ħlas jew ta' nollijiet għall-aċċess għaċ-ċentri tal-bliet huma fl-interess pubbliku u għandhom riżultati immedjati sodisfaċenti, iżda jiddiskriminaw kontra dawk li għandhom dħul baxx, u għandhom effett disważiv dgħajef fuq dawk li jaqilgħu iktar.

L-awtoritajiet lokali għandhom jadottaw miżuri sabiex jegħlbu kull effett negattiv, per eżempju billi jippromwovu t-trasport pubbliku jew jipprovdu permessi għal rata ta' ħlas imnaqsa.

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

4.24.3 Alternattiv li għandu jkollu effetti transversali fuq il-kategoriji kollha ta' dħul għandu jkun "noll" fil-punti ta' aċċess. Minflok jitlob somma flus, jista' jikkalkula d-distanza urbana disponibbli allokata lil kull sewwieq. Fi kliem ieħor, il-proposta hija li l-aċċess jiġi "razzjonat" (distanza għal kull unità ta' ħin). Dan ifisser li ssir "selezzjoni" u li jiġu ġestjonati vjaġġi fil-belt b'vettura privata, għalkemm wieħed għandu jżomm f'moħħu li ser tinħoloq xi ftit diskriminazzjoni fuq il-baż tal-post ta' residenza/oriġini/destinazzjoni.

4.24.4 Naturalment, dan ifisser iktar tfassil ta' żoni flimkien maż-"żoni ta' traffiku baxx" proposti fejn it-traffiku jkun ristrett essenzjalment għal trasport pubbliku u residenti.

4.25 Mistoqsija 25: *Liema valur miżjud jista', għaż-żmien fit-tul, iġib l-appoġġ Ewropew immirat għall-finanzjament ta' trasport urban nadif u enerġetikament effiċjenti?*

4.25.1 Il-valur miżjud huwa enormi, għalkemm diffiċli li wieħed jikkalkolah, jekk inqisu fatturi ta' saħħa u iġjene (kemm fiżiku kif ukoll psikoloġiku), flimkien mal-valur tal-ħin tan-nies (aspett li jvarja skond il-ħin meħtieġ sabiex wieħed jivvjaġġa mid-dar għax-xoġħol u lura, li meta żżidu mal-ħinijiet ta' ġurnata xoġħol jista' johlq firxa wiesgħa ta' fatturi negattivi).

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Pjan ta' azzjoni għal-loġistika tat-trasport tal-merkanzija

COM(2007) 607 finali

(2008/C 224/10)

Nhar it-18 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni ddeċidiet, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Pjan ta' azzjoni għal-loġistika tat-trasport tal-merkanzija

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjeta' ta' l-Infommazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-8 ta' Mejju 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Retureau.

Matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-28 u d-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju 2008), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'99 vot favur u astensjoni waħda.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat japprova l-pjan ta' azzjoni li pproponiet il-Kummissjoni, u jixtieq li jiġi kkonsultat dwar ir-rapport interim li għandu jsir fl-2010 sabiex jiddetermina l-progress li jkun sar u, eventwalment, il-problemi li jkun għad baqa'.

1.2 Il-KESE jaqbel li ta' min isiru benchmarks separati għal terminals intermodali, inklużi l-portijiet u l-ajruporti, b'kooperazzjoni mill-qrib mas-settur. B'sett ta' benchmarks ġeneriċi Ewropej, li jħallu lok għal aktar speċifikazzjoni fil-livell lokali, għandu jkun possibbli li ssir distinzjoni biżżejjed bejn il-benchmarks biex jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi differenti ħafna tat-terminals ta' l-art, il-portijiet tal-baħar, l-ajruporti u l-portijiet fuq l-imnijiet interni.

1.3 L-iffissar tal-prezzijiet tat-trasport skond il-mezzi tat-trasport differenti ġeneralment ma jirriflettix l-impatt reali tagħhom fuq l-infrastrutturi, l-ambjent u l-effiċjenza enerġetika, u lanqas ma jirrifletti biżżejjed l-ispiża soċjali, territorjali u komunitarja.

1.4 Għalhekk l-istrumenti ta' paragun u ta' valutazzjoni li huma maħsuba għall-valutazzjoni komparattiva għandhom iqabblu l-ktajjen tat-trasport li jistgħu jintużaw fuq il-bażi tas-sostenibbiltà tagħhom sabiex jiffaċilitaw l-introduzzjoni ta' mekaniżmu bbilanċjat għall-iffissar tal-prezzijiet u t-tnejja ta' sistema regolatorja li bis-saħħa tagħha jingħażel b'mod loġistiku l-iktar mezz effiċjenti u sostenibbli skond it-tip ta' merkanzija li tkun ser tinġarr u l-mezzi disponibbli.

1.5 Loġistika tat-trasport li twieġeb għall-bżonnijiet ta' l-utenti u tas-soċjeta' kollha kemm hi teħtieġ mingħajr l-iċken dubju żvilupp sostanzjali fl-implimentazzjoni rapida tat-teknoloġiji avvanzati l-ġodda attwali u tar-riċerki l-ġodda, kif ukoll sforz kostanti fit-taħriġ u l-edukazzjoni tal-persunal kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. Fl-istess ħin, jeħtieġ li l-infrastrutturi attwali jintużaw bl-aħjar mod possibbli, u li jiġu żviluppati r-riżorsi umani, il-materjali u r-riżorsi finanzjarji li huma investiti fit-trasport u l-loġistika. Jeħtieġ ukoll li dawn il-professjonijiet jieħdu spinta 'l quddiem u jsiru iktar attraenti. Hemm bżonn kbir ta' investimenti ġodda biex iħaffu l-integrazzjoni tal-membri l-ġodda u jiffaċilitaw il-politika Ewro-Mediterranja u l-politika tal-viċinat. It-tendenzi tad-domanda f'perijodu ta' żmien twil

għad iridu jiġu vvalutati sabiex jibda jintefaq l-investment li ser jiġi rkuprat wara perijodu ta' żmien twil ħafna.

1.6 Jeħtieġ jissaħħu s-sigurtà u s-sikurezza fit-toroq, speċjalment fiż-żoni tal-fruntiera ma' pajjiżi terzi.

1.7 Il-kosta ta' l-UE kibret. Issa tinkludi l-Baħar Baltiku u l-Baħar l-Iswed u tingħaqad permezz tal-fulkru prinċipali tad-Danubju li għandu jerġa' jingħata l-ħajja. L-Ewropa għandha pjattaformi portwali li minnhom jgħaddi 90 % tal-kummerċ mal-pajjiżi terzi u 40 % tal-kummerċ bejn il-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea. Hawnhekk l-attivitajiet loġistiċi qed jiżviluppaw b'mod importanti. Però hemm bżonn ta' bosta titjib. B'mod partikolari, hemm bżonn li jiġu mmodernizzati s-servizzi ta' l-art billi jkun hemm iktar mezz tat-trasport differenti u jintużaw iktar l-approċċi intermodali. Għandhom jittejbu wkoll it-tekniki u l-organizzazzjoni tat-trasbord. Fl-istess ħin għandu jinstab bilanċ aħjar bejn id-diversi portijiet. Barra minn hekk, dawn il-portijiet u l-pjattaformi ta' l-art għandhom jikkomplementaw iktar lil xulxin.

1.8 Il-Kumitat japprova l-użu ta' teknoloġiji ġodda, ir-riċerka applikata dwar dawk l-aspetti kollha li jistgħu jittejbu tal-mezzi tat-trasport differenti (infrastruttura, tagħmir tat-trasport u tal-manutenzjoni, organizzazzjoni u kundizzjonijiet tax-xogħol, eċċ.), il-kontribut volontarju għat-ffasli ta' standards tekniċi u standards tal-komunikazzjoni u tal-messaġġi sabiex jiġu ffaċilitati l-iżvilupp tal-ko-modalità u l-flussi tat-traffiku, kif ukoll l-"akkoppjar" aħjar bejn iż-żieda fil-produzzjoni u l-kummerċ fuq naħa u ż-żieda fil-mezzi tat-trasport fuq in-naħa l-oħra, li jistgħu biss jiżviluppaw. F'dan ir-rigward, wieħed mill-fatturi essenzjali huwa ż-żieda ta' l-effiċjenza fil-ktajjen loġistiċi.

1.9 Għandha tkompli ssir ir-riċerka dwar il-magni u l-effiċjenza enerġetika tagħhom, dwar il-fjuwils mhux fossili kemm għall-vetturi tat-trasport privati u pubbliċi li jkunu maħsuba għall-passiġġieri kif ukoll dawk maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija.

1.10 Il-loġistika tat-trasport urban teħtieġ miżuri ta' urġenza u sforzi akbar biex l-ekonomija tal-bliet il-kbar ma tiddgħajjefx b'mod progressiv, u biex ma tintilifx b'mod konsiderevoli l-effiċjenza bħala riżultat tal-ħin li wieħed iqatta' fil-konġestjonijiet

tat-traffiku. Dan huwa niġġiesi u mhux produttiv għar-residenti u l-intrapriżi. Fl-ambjent urban jinħtieġ approach komprehensiv, li jikkunsidra l-ħtiġijiet tat-trasport privat u pubbliku għall-persuni u għall-merkanzija, bil-għan li n-netwerk tat-toroq jitqassam aħjar u li tinqaleb it-tendenza li r-residenti u bosta attivitajiet jiċ-čaalu lejn il-periferija u ż-żoni mbiegħda.

1.11 Is-sostenibbiltà u l-effiċjenza enerġetika kif ukoll l-intermodalità jinsabu fil-qalba ta' dan il-pjan. L-iskeda proposta tpoġġi l-enfasi fuq l-urġenza tal-politika li għandha tittieħed. Il-proposti tal-Kummissjoni jagħtu preferenza lill-kooperazzjoni u d-djalogu minflok lill-miżuri obbligatorji. Jeħtieġ nuru li din l-għażla ser taħdem. Is-suċċess tagħha jiddependi mill-operaturi tal-qasam tat-trasport u mill-kapaċità tagħhom li jadattaw ruħhom għad-domandi urġenti tas-soċjetà ċivili.

2. Proposti tal-Kummissjoni

2.1 Introduzzjoni

2.1.1 Nhar it-28 ta' Ġunju 2006, il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni bit-titolu *Il-loġistika tat-trasport tal-merkanzija fl-Ewropa — il-muftieħ għall-mobilità sostenibbli* ⁽¹⁾. Din il-Komunikazzjoni wriet ir-rwol tal-loġistika għat-trasport sostenibbli, inqas niġġiesi u li verament jirrispetta l-ambjent. Wara din il-Komunikazzjoni kellu jkun hemm konsultazzjoni sabiex jiffassal pian ta' azzjoni Ewropew għal-loġistika tat-trasport tal-merkanzija ⁽²⁾ li ġie ppubblikat fit-18 ta' Ottubru 2007.

2.1.2 Il-Kummissjoni kien beħsiebha ddaħħal id-dimensjoni loġistika fil-politika tat-trasport ta' l-Unjoni Ewropea bil-għan li jtnaqqsu l-ostakli kostanti, jonqos il-konsum ta' l-enerġija, tiġi sfruttata aħjar il-ko-/multi-modalità ta' l-infrastrutturi u l-mezzi tat-trasport, jitħares l-ambjent, jiġu limitati l-ħsarat, u jitħeġġeġ it-taħriġ kontinwu tal-persunal.

2.1.3 Il-Kumitat intalab jagħti l-opinjoni tiegħu dwar dan il-pjan, li jinkludi l-objettivi li jridu jintlaħqu u skeda ta' l-implimentazzjoni. Il-pjan jippromovi l-użu ta' teknoloġiji ġodda ta' l-informazzjoni maħsuba biex isaħħu l-effiċjenza tal-loġistika tat-trasport fir-rigward ta' l-oġġetti (oġġetti individwali, pakki, kontenituri). Huwa maħsub ukoll li titwaqqaf sistema ta' ċertifikazzjoni fuq bażi volontarja għall-professionisti tal-loġistika kif ukoll it-taħriġ u l-kwalifiki meħtieġa biex dawn jeżerċitaw il-professjoni tagħhom bil-għan li tiġi ffaċilitata l-mobilità tagħhom.

2.1.4 Iżda fl-2006, il-Kummissjoni kienet diġà enfasizzat li diffiċli tissawwar l-idea ta' suq Ewropew tal-loġistika mingħajr l-istatistika adegwata. B'mod ġenerali jingħad li l-loġistika tirrap-preżenta minn 10 sa 15 % ta' l-ispejjeż tal-prodotti trasportati.

2.1.5 Fil-Komunikazzjoni tagħha l-Kummissjoni pproponiet il-ħolqien ta' qafas Ewropew għal-loġistika tat-trasport tal-merkanzija, u li tittieħed azzjoni b'mod partikolari

⁽¹⁾ COM(2006) 336 finali. (Din il-Komunikazzjoni ma nqalbitx għall-Malti).
⁽²⁾ COM(2007) 607 finali.

foqasma differenti. Dan il-pjan jagħti d-dettalji u jstabbilixxi skadenzi qosra ħafna għall-implimentazzjoni bejn l-2008 u l-2012:

- identifikazzjoni u tneħħija ta' l-ostakli;
- użu ta' teknoloġiji avvanzati ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni — TIC (tracking and tracing) b'Galileo, l-LRIT (Identifikazzjoni u Monitoraġġ fuq Meded Twal), ir-RIS (Servizz ta' Informazzjoni tax-Xmajjar), l-AIS (Sistema ta' Identifikazzjoni Awtomatika), is-sistema SafeSeaNet u l-Applikazzjonijiet Telematiċi għat-Trasport Ferrovjarju tal-Merkanzija (TAF) u l-loġistika integrata tiegħu (ERTMS); introduzzjoni ta' teknoloġiji "intelliġenti" bħall-iżvilupp u l-istandardizzazzjoni tat-tags ta' l-RFID ⁽³⁾;
- standards universali tal-messaġġi u tal-komunikazzjoni;
- riċerka (is-seba' programm qafas);
- interoperabilità u interkonnnettività;
- taħriġ tal-persunal kwalifikat fil-qasam tal-loġistika;
- valutazzjoni komparattiva Ewropea, imma l-indikaturi u l-metodu għad iridu jiġu determinati;
- politika ta' l-infrastruttura: manutenzjoni u l-aħjar użu ta' l-infrastruttura attwali, investimenti ġodda li jista' jkun hemm speċjalment fil-qasam tat-teknoloġiji avvanzati;
- kwalità tal-prestazzjoni permezz tad-djalogu soċjali, il-kooperazzjoni u r-regolamentazzjoni xierqa;
- promozzjoni u semplifikazzjoni tal-ktajieb multimodali, u standards tat-tagħbija marbuta magħhom.

2.1.6 Il-pjan ta' azzjoni li ġie ppubblikat fl-2007 jippreżenta l-azzjonijiet li kienu tfasslu diġà fi programm ta' l-objettivi iktar dettaljati, flimkien ma' skeda ta' l-implimentazzjoni.

2.1.7 Fil-Komunikazzjoni tagħha ⁽⁴⁾ *Inżommu lill-Ewropa miexja — Il-mobilità sostenibbli għall-kontinent tagħna*, li ġiet ippubblikata fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-term — u fl-istess ħin ta' l-aġġornament tal-White Paper tat-Trasport ta' l-2001 ⁽⁵⁾, il-Kummissjoni tinsisti fuq il-kunċett tal-"mobilità intelliġenti" li tinkludi l-loġistika tat-trasport u s-sistemi intelliġenti tat-trasport (ITS). Fil-pjan ta' azzjoni din it-tema terġa' tingħata prijorità.

2.2 It-trasport elettroniku tal-merkanzija u s-sistemi intelliġenti tat-trasport

2.2.1 L-użu ġenerali tat-TIC attwali u li għad irid jinħoloq jista' jtejjeb bis-sħiħ il-loġistika tat-trasport tal-merkanzija, però għadu jikkawża xi problemi li għandhom jiġu solvuti, bħall-istandardizzazzjoni, il-kompetenzi ta' l-utenti, l-ostakli regolatorji jew oħrajn li jxekklu l-"iżmaterjalizzazzjoni" tad-dokumenti, is-sigurtà tad-data u l-protezzjoni tal-privatezza.

⁽³⁾ Ara l-opinjoni esploratorja dwar *L-Identifikazzjoni permezz tal-frekwenza tar-radju (RFID)* (rapporteur: is-Sur Morgan) ĠU C 256 tas-27.10.2007, p. 66-72 u l-ħidma tal-konferenza ta' Lisbona tal-15 u s-16 ta' Novembru 2007 (sit elettroniku tal-Presidenza Portugiża).

⁽⁴⁾ COM(2006) 314 finali tat-22.6.2006.

⁽⁵⁾ Ara l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-White Paper COM(2001) 370 tat-12.9.2001: *Il-politika Ewropea tat-trasport sa l-2010: il-mument ta' l-għażla (dan id-dokument ma nqalbitx għall-Malti)* u r-reviżjoni ta' nofs it-term COM(2006) 314 tat-22.6.2006: *Inżommu lill-Ewropa miexja — Il-mobilità sostenibbli għall-kontinent tagħna — Reviżjoni ta' nofs it-term tal-White Paper tat-Trasport ta' l-2001.*

2.2.2 L-introduzzjoni tat-“trasport elettroniku tal-merkanzija” fl-aħħar mill-aħħar iwassal għal “internet ta’ l-oġġetti” (merkanzija: oġġetti waħedhom, pakki u pakketti, kontenituri — kull komponent jista’ jiġi personalizzat, jingħata isem u jiġi identifikat permezz ta’ “tikketta komunikattiva” attiva jew passiva li tkun attivata bis-saħħa ta’ l-identifikazzjoni bil-frekwenzi tar-radju jew RFID); permezz ta’ dan “l-internet ta’ l-oġġetti” l-ġdid it-trasferiment tad-data marbuta mal-merkanzija (pożizzjoni ġeografika, informazzjoni dwar in-natura u l-volum, messaġġi tad-dwana jew oħrajn) ser jiġi awtomatizzat u ssemplifikat. Jeħtieġ ninqadew tajjeb bis-sistemi preżenti bil-għan li titwettag din id-dimensjoni l-ġdida ta’ l-internet fuq il-bażi ta’ l-identifikazzjoni ta’ l-oġġetti.

2.2.3 Għall-2008, il-Kummissjoni ppjanat proġett kbir ta’ riċerka li huwa bbażat fuq pjan ta’ rotta għall-użu ta’ l-ITS u tat-teknoloġiji marbuta mal-loġistika tat-trasport.

2.3 Inħarsu l quddiem

2.3.1 Billi jiżviluppa l-effiċjenza, il-pjan jipprova jikkontribwixxi għas-soluzzjoni tal-problemi bħall-konġestjoni, it-tniġġis u l-istorbju, l-emissjonijiet tas-CO₂ u d-dipendenza mill-fjuwils fosfili. Dawn l-azzjonijiet iridu jkunu akkumpanjati minn ħidma fuq perspettiva fit-tul, u jridu jittieħdu b’mod konġunt ma’ l-Istati Membri sabiex tiġi stabbilita bażi komuni għall-investiment fis-sistemi tat-trasport tal-merkanzija tal-ġejjieni.

2.3.2 Fl-2010, il-Kummissjoni ser theggi rapport dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-pjan ta’ azzjoni.

3. Kummenti ġenerali

3.1 It-tkabbir ta’ l-UE, il-globalizzazzjoni dejjem tikber tal-kummerċ, it-twelid ta’ qawwiet ekonomiċi ġodda (mhux biss iċ-Ċina) u l-proċess ta’ rilokazzjoni huma fatturi importanti ħafna għall-iżvilupp tal-kummerċ. Il-kummerċ qed jikber b’rata iktar mgħaġġla mill-produzzjoni. Fil-White Paper ta’ l-2001, il-Kummissjoni kienet ippjanat id-“diżakkoppjar” tal-mezzi tat-trasport u t-tkabbir ekonomiku. Jeħtieġ terġa’ tibda r-riflessjoni dwar dan is-suġġett mill-iktar fis possibbli, għall-inqas sabiex jerġa’ jiddaħħal l-“akkoppjar”, il-“paralleliżmu”. Fil-kuntest tar-reviżjoni ta’ nofs it-term tal-White Paper fl-2006 ⁽⁶⁾, jekk il-loġistika tlaqqa’ d-diversi mezzi tat-trasport u l-operaturi differenti (organizzaturi tal-flussi, trasportaturi, utenti, awtoritajiet nazzjonali, komunitarji u internazzjonali), u tistrieħ fuq it-teknoloġiji l-ġodda ta’ l-informazzjoni, ta’ l-ippakkjar u ta’ l-immaniġġjar, hija tista’ tkun fattur determinanti sabiex jinkiseb trasport tal-merkanzija iktar razzjonali u effiċjenti.

3.2 Il-ktajjen loġiċi fil-livell dinji jeħtieġu li l-konnessjonijiet fiżiċi u elettroniċi bejn is-sistemi tat-trasport differenti, fl-aħħar mill-aħħar jiġu integrati bis-sħiħ biex jintuża l-iktar mezz jew numru ta’ mezz flimkien effiċjenti, u biex tittejjeb il-loġistika bis-saħħa ta’ l-objettiv li tinkiseb effiċjenza tripla: ekonomika, soċjali u ambjentali (inkluż it-tnaqqis ta’ l-ispejjeż marbuta ma’ l-enerġija).

⁽⁶⁾ Inżommu lill-Ewropa miexja — Il-mobilità sostenibbli għall-kontinent tagħna — Reviżjoni ta’ nofs it-term tal-White Paper tat-Transport ta’ l-2001, COM(2006) 314 finali, 22.6.2006.

3.3 Fil-biċċa l-kbira tal-każi, l-ippjanar tat-trasport jitlob skadenzi twal u l-kollaborazzjoni ta’ bosta partijiet interessati. L-investimenti fl-infrastrutturi tat-trasport u fil-pjattaformi loġiċi jsiru għal perijodi ta’ żmien twal ħafna u huma għaljin immens, b’mod partikolari l-portijiet marittimi u interni jew l-ajruporti, imma anke l-“portijiet niexfa” jew il-faċilitajiet tat-trasport ikkombinat. Huma proprju dawn il-pjattaformi l-iktar li qed joħlqu problemi, u jinħtieġu malajr soluzzjonijiet permanenti li wieħed jista’ jorbot fuqhom. Għaldaqstant, fil-fehma tal-Kumitat ikun tajjeb li tingħata prijorità lill-aħjar użu ta’ l-infrastrutturi attwali fejn l-iskambju ta’ informazzjoni u ta’ esperjenzi jista’ jħalli ħafna frott. Però mhux ser ikun biżżejjed li nisfruttaw bl-aħjar mod l-infrastrutturi attwali u li ninqadew bit-teknoloġiji avvanzati. Għall-investimenti jinħtieġ l-ippjanar fuq perijodu medju u twil ta’ żmien.

3.4 L-infrastrutturi ġodda b’haġja twila għandhom jiġu żviluppati jekk tkun imbassa l-ħtieġa għal perijodu ta’ żmien twil ħafna u jekk ma tkunx teżisti soluzzjoni alternattiva ta’ komodalità, per eżempju b’infrastrutturi eżistenti oħra. Per eżempju, it-trasport bit-tren jista’ joffri alternattiva sabiex jikber in-netwerk tat-toroq eżistenti jew jinħolqu rotot ġodda. L-ippjanar meħtieġ għandu jinvolti lill-operaturi kollha tal-ktajjen loġiċi: l-awtoritajiet Komunitarji, l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, il-manifatturi, id-distributuri u ħaddiema oħra li jgħabbu, il-loġiċi u t-trasportaturi, kif ukoll l-imsieħba soċjali. Il-popolazzjonijiet ikkonċernati għandhom ikunu jstgħu jieħdu sehem fid-dibattiti li jsiru qabel u fil-konsultazzjonijiet differenti dwar dawn il-kwistjonijiet, u l-opinjoni tagħhom għandha tittieħed bis-serjetà.

3.5 Dan l-ippjanar għandu johlq sħubijiet fuq perijodu ta’ żmien twil li jiggarrantixxu l-vijabilità permanenti (kemm ekonomika, kemm ekoloġika kif ukoll soċjali) ta’ l-infrastrutturi. Għandu jkun konformi ma’ l-iskema ta’ Żvilupp fiż-Żona Komunitarja, u għandu jikkontribwixxi biex l-investimenti fit-trasport ikunu garantiti għal perijodu ta’ żmien twil filwaqt li jiġu strutturati u kkoordinati aħjar ma’ l-attivajiet industrijali u kummerċjali u ma’ l-ippjanar ta’ l-art u ż-żoni urbani (l-iktar sabiex jiġi evitat it-“tixrid” tal-pjattaformi loġiċi u r-“rilokazzjonijiet” prematuri u għaljin, kif ukoll l-ostakli ta’ xi fulkri u żoni fuq naħa, u l-waqgħa ta’ xi żoni minħabba n-nuqqas jew il-medjokrità ta’ ċerti servizzi fuq in-naħa l-oħra).

3.6 Fir-rigward ta’ l-istandards il-ġodda maħsuba għall-unitajiet tat-tagħbija, huwa ċar li dawn għandhom jiffaċilitaw it-trasbord fir-rigward tal-piż massimu li jista’ jkun immanuvrat u tad-daqs. Madankollu, fid-dawl tal-problemi marbuta mal-fatt li t-trasport tal-merkanzija jsir kważi fit-toroq biss, dawn l-istandards m’għandhomx iwasslu għal tagħbija żejda li għandha mnejn tagħmel il-ħsara fl-infrastrutturi u tkompli tnaqqas is-sigurtà tat-trasport bit-triq. Għandhom jiffavorixxu l-ko-modalità.

3.7 Wara li kkunsidra l-proposta ta' l-2003 dwar unita' volontarja ġdida ta' tagħbija intermodali, il-Kumitat itenni l-fehma tiegħu li kombinazzjoni ta' unitajiet ta' tagħbija ta' daqsijiet differenti hija problema loġistika kbira. Iż-żewġ ostakli msemmija fl-opinjoni (id-daqsijiet ta' plieri ċellolari fissi u inċertezza dwar min ser iħallas għas-sistema l-ġdida) diġà qed iwasslu għat-tħassib li s-sistema mhux ser tintuża.

4. Kummenti speċifiċi

4.1 Il-Kumitat jixtieq ħafna li jiġi kkonsultat dwar ir-rapport li ser tħejji l-Kummissjoni fl-2010 dwar il-progress li jkun sar bil-pjan ta' azzjoni u, eventwalment, il-problemi li jinsabu fl-implimentazzjoni tiegħu.

4.2 L-internet ta' l-oġġetti żgur ser ikun mezz sabiex tittejjeb l-effiċjenza tal-loġistika tat-trasport u s-servizzi li jingħataw lill-klijenti. Madankollu, wara l-esperjenza ta' l-internet ta' l-ismijiet, il-Kumitat qed iqajjem xi domandi dwar il-proċeduri u l-istrumenti ta' kontroll li għandhom jiġu stabbiliti għall-"għoti ta' l-ismijiet". Għal raġunijiet storiċi, il-kontroll finali ta' l-internet ta' l-ismijiet jinsab fidejn il-US DoC, id-Dipartiment tal-Kummerċ ta' l-Istati Uniti. Fid-dawl ta' l-importanza ekonomika ta' l-internet ta' l-oġġetti u tan-natura primarjament intra-reġjonali tal-kummerċ, il-Kumitat jemmen li l-internet ta' l-oġġetti għandu jkun ibbażat fuq il-multipolarità (per eżempju, korpi reġjonali jew sotto-reġjonali li jagħtu l-ismijiet) u m'għandux jitpoġġa taħt il-kontroll finali ta' awtorità unika, iktar u iktar jekk din ma tkunx awtorità ta' l-UE. Il-Kumitat jappoġġja l-għażla ta' gvernanza Ewropea fl-għoti ta' l-ismijiet u l-ġestjoni tal-bażijiet tad-data, kif ukoll it-tfassil ta' standards tekniċi.

4.2.1 Il-Kumitat jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni integrat l-iżvilupp tal-loġistika fl-aġenda mġedda ta' Lisbona għat-tkabbir u l-impjiegi. Però, fuq il-bażi ta' l-esperjenza huwa jistieden lill-Kummissjoni tagħmel tajjeb għad-dewmien li kien hemm fl-implimentazzjoni tat-teknoloġiji l-ġodda, b'mod speċjali fl-implimentazzjoni ta' Galileo.

4.3 Fid-dawl ta' l-importanza ekonomika ta' l-internet ta' l-oġġetti u tan-natura primarjament intra-reġjonali tal-kummerċ, il-Kumitat jemmen li l-internet ta' l-oġġetti għandu jkun ibbażat fuq il-multipolarità (per eżempju, korpi reġjonali jew sotto-reġ-

jonali li jagħtu l-ismijiet) u m'għandux jitpoġġa taħt il-kontroll finali ta' awtorità unika, iktar u iktar jekk din ma tkunx awtorità ta' l-UE.

4.4 Barra minn hekk, jeħtieġ ukoll li jiġu ċċarati l-problemi tal-protezzjoni tad-data personali u kummerċjali marbuta mad-diversifikazzjoni ta' l-istrumenti ta' l-informazzjoni li jintużaw biex jiġi identifikat il-kontenut tal-merkanzija, sabiex b'mod partikulari jiġi evitat li informazzjoni taqa' fidejn l-organizzazzjonijiet kriminali, speċjalment f'pajjiżi terzi (għandhom jiġu kkunsidrati l-kwistjonijiet marbuta mad-dazju u ma' l-assigurazzjoni), jiġu ssorveljati s-segwitu tal-merkanzija u min qed jibgħatha, l-intermedjarji u d-destinatarji, fil-kuntest tal-promozzjoni tas-sistemi intelliġenti tat-trasport (ITS) u tat-teknoloġiji ta' l-informazzjoni relatata magħhom.

4.5 Dan jgħodd l-iktar għal-loġistika dettaljata marbuta mal-kummerċ elettroniku.

4.6 Il-Kumitat jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni beħsiebha "timmodernizza" l-professjoni tal-loġistiċi bis-saħħa ta' sistema ta' "definizzjoni" u "ċertifikazzjoni" ta' l-operaturi, u jixtieq li din is-sistema jkollha ħafna valur miżjud.

4.7 Il-Kumitat jilqa' wkoll il-fatt li l-Kummissjoni pproponiet li taħdem, flimkien ma' l-imsieħba soċjali, fit-tħejji tar-rekwiżiti ta' kwalifiki u taħriġ. B'rabta ma' dan, il-Kumitat jittama li t-taħriġ u l-kwalifiki meħtieġa jkomplu jiżviluppaw matul il-ħajja attiva kollha, u li jitqies il-progress li jsir fil-qasam ta' l-għarfien u tat-teknoloġiji. Jilqa' wkoll il-fatt li l-Kummissjoni qed taħdem għall-għarfien reċiproku ta' dawn iċ-ċertifikati volontarji.

4.8 Huwa importanti ħafna li tittejjeb il-prestazzjoni loġistika billi jiżdied l-użu tat-teknoloġiji l-ġodda u bis-saħħa ta' semplifikazzjonijiet amministrattivi, l-iskambju ta' esperjenzi, l-iżvilupp tal-kwalifiki u t-taħriġ, kif ukoll il-"ko-modalità". Madankollu, il-Kumitat jixtieq jenfasizza l-fatt li l-impatt pożittiv ta' dan il-progress jista' jinkiseb biss jekk il-qasam tat-trasport u l-loġistika jkun suġġett ta' aġġustament intra-modali u inter-modali u ta' "kompetizzjoni regolata", kif ħabbret il-Kummissjoni fil-White Paper ta' l-2001. Dan jimplika valutazzjoni mill-ġdid tal-prezzijiet tat-trasport u armonizzazzjoni ġenwina tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni intra-modali u inter-modali fi ħdan l-UE.

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

Il-President

tas-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

- Proposta ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2002/21/KE dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi, 2002/19/KE dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessioni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati, u 2002/20/KE dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi
- Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet ta' l-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, d-Direttiva 2002/58/KE dwar l-ipproċessar tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar il-kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi
- Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Awtorità tas-Suq Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi

COM(2007) 697 finali — 2007/0247 (COD)

COM(2007) 698 finali — 2007/0248 (COD)

COM(2007) 699 finali — 2007/0249 (COD)

(2008/C 224/11)

Nhar l-10 ta' Diċembru 2007, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità ma' l-Artikolu 95 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Proposta ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2002/21/KE dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi, 2002/19/KE dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessioni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati, u 2002/20/KE dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet ta' l-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, d-Direttiva 2002/58/KE dwar l-ipproċessar tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar il-kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Awtorità tas-Suq Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà ta' l-Infommazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it- 8 ta' Mejju 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Hernández Bataller.

Matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-28 u d-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju 2008), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'80 voti favur, u astensjonijiet waħda.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jaqbel mal-mira tal-Kummissjoni li tgħin lill-utenti jiksbu l-ikbar benefiċċju mis-suq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, billi jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda distorzjoni jew restrizzjoni tal-kompetizzjoni, jiġi inkoraġġit l-investiment effiċjenti fl-infrastruttura u titrawwem l-innovazzjoni, barra milli jiġu promossi l-użu u l-ġestjoni effiċjenti tal-frekwenzi tar-radju u r-riżorsi tan-numerazzjoni.

1.2 Minħabba fil-livell għoli ta' innovazzjoni teknoloġika u s-swieq li huma dinamiċi ħafna fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, il-KESE jaċċetta l-mudell regolatorju għall-qafas tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u l-modifiki proposti, li huma bbażati fuq l-aspetti li ġejjin:

1.2.1 ir-regolamentazzjoni deċentralizzata fl-Istati Membri, li jagħti lill-awtoritajiet nazzjonali r-responsabbiltà li jissorveljaw

is-swieq skond lista ta' princippi u proċeduri komuni. L-indipendenza, l-amministrazzjoni ta' kuljum u d-diskrezzjoni ta' l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (NRAs) huma msaħħa wkoll, billi qed jiġi żgurat li jkollhom il-baġits tagħhom, riżorsi umani biżżejjed u poteri ta' infurzar aktar b'saħħithom biex titjeb l-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju;

1.2.2 it-tisħiħ tas-suq intern, billi xi poteri marbuta maswieg trans-nazzjonali, li ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri, jiġu f'idejn il-Kummissjoni;

1.2.3 titjib fil-konsistenza leġislattiva, bl-immodernizzar ta' dispożizzjonijiet speċifiċi biex tintlaħaq konformità ma' l-iżviluppi fit-teknoloġija u s-suq, inkluż it-tħassir ta' għadd ta' dispożizzjonijiet li għadda żmienhom jew li m'għadx hemm bżonnhom;

1.2.4 id-definizzjoni ta' strateġija għall-ġestjoni effiċjenti ta' l-ispettru tar-radju, bil-għan li jinkiseb Spazju Uniku Ewropew ta' l-Infommazzjoni;

1.2.5 f'każijiet eċċezzjonali, is-separazzjoni funzjonali, adotta mill-awtoritajiet (NRAs) u soġġetta għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni biex tiżgura li l-provvista tal-prodotti ta' aċċess tkun kompletament ekwivalenti għall-operaturi kollha li jieħdu s-servizz mingħand l-istess operatur, inkluż id-diviżjonijiet ta' l-operatur stess, li huma integrati vertikament u li jieħdu s-servizz mingħandu.

1.2.6 il-kisba ta' komunikazzjoni li tkun affidabbli u effettiva fuq in-netwerks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. L-Awtorità, (l-Awtorità tas-Suq Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi) għalhekk, għandha tikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni ta' miżuri tekniċi u organizzattivi ta' sigurtà xierqa billi ttiprovdi pariri esperti;

1.2.7 it-tisħiħ tad-drittijiet tal-konsumaturi fejn jidħlu ċerti aspetti tal-kuntratti, it-trasparenza u l-pubblikazzjoni ta' l-infommazzjoni, id-disponibbiltà tas-servizzi, is-servizzi ta' l-infommazzjoni u ta' l-emerġenza u d-dritt li n-numru jinġarr. Madankollu, il-proposti ma jiksbox livell għoli ta' ħarsien tal-konsumaturi kif hemm fit-Trattat dwar il-ħarsien tal-konsumaturi, peress li huma ma jkoprox aspetti oħra bħalma huma r-regolamentazzjoni tas-servizzi tal-klijenti, livelli minimi ta' kwalità, klawsoli ta' penali jew l-akkwist konġunt potenzjali ta' servizzi u terminali;

1.2.8 ħarsien akbar tal-privatezza, għalkemm mhux il-proposti kollha huma ambizzjużi biżżejjed, per eżempju fil-ħarsien mill-ispam li, il-KESE jemmen, għandu jkun ibbażat b'mod ċar fuq il-prinċipju ta' kunsens espliċitu minn qabel mill-konsumaturi biex jirċievu komunikazzjonijiet ta' natura kummerċjali.

1.3 Il-KESE jilqa' l-inklużjoni ta' tagħmir terminali fl-ambitu tal-qafas regolatorju, peress li dan itejjeb l-aċċess għall-komunikazzjonijiet elettroniċi għall-utenti b'diżabbiltà. Jilqa' wkoll il-miżuri obligatorji favur l-utenti b'diżabbiltà fejn jidħol servizz universali, li jtejjeb l-aċċess għas-servizz telefoniku pubblikament disponibbli, inkluż l-aċċess għas-servizzi ta' l-emerġenza, is-servizzi ta' l-infommazzjoni marbuta mad-direttorju u s-servizzi tad-direttorji, ħalli jkun daqs dak li jgawdu utenti oħra kif ukoll miżuri oħra speċifiċi.

1.4 Is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis ta' l-ispejjeż amministrattivi huwa importanti. Flessibbiltà ikbar fil-kompiti tal-ġestjoni ta' l-ispettru tar-radju se tiffaċilita l-proċeduri amministrattivi u l-użu ta' l-ispettru tar-radju mill-operaturi. Il-KESE jemmen li għandhom jeżistu eċċezzjonijiet tekniċi limitati, flimkien ma' eċċezzjonijiet aktar mifruxa għall-iskopijiet ta' oġġettivi ta' interess ġenerali (li jridu jiġu imposti mill-Istati Membri) f'oqsma

bħalma huma d-diversità kulturali u lingwistika, il-libertà ta' l-espressjoni u l-pluralità tal-mezzi tax-xandir, il-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u territorjali, is-sigurtà umana, li jirriflettu l-bżonnijiet tekniċi, soċjali, kulturali u politiċi ta' l-Istati Membri kollha skond id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet nazzjonali b'konformità mal-liġi Komunitarja.

1.5 It-twaqqif ta' l-Awtorità tas-Suq Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, bħala korp indipendenti mill-Kummissjoni, li jsahha il-poteri ta' l-awtoritajiet, jista' jkun utli, peress li jipprovdi l-mezzi għal sħubija effettiva bejn il-Kummissjoni u r-regolaturi nazzjonali fuq kwistjonijiet li fihom hija meħtieġa l-konsistenza ta' l-UE, bħad-definizzjonijiet tas-suq, l-analiżi u s-soluzzjonijiet, l-armonizzazzjoni ta' l-użu ta' l-ispettru tar-radju, u d-definizzjoni tas-swieq trans-konfinali.

2. Introduzzjoni

2.1 Fl-2002 ġiet approvata riforma tas-suq tat-telekomunikazzjonijiet, li wasslet għat-twaqqif ta' qafas regolatorju għall-komunikazzjonijiet elettroniċi (inkluż in-netwerks kollha satellitari u terrestri, kemm fissi u tar-radju), li jinkludu d-Direttivi ta' Qafas ta' l-Awtorizzazzjoni u ta' l-Aċċess u d-Direttivi dwar is-Servizz Universali u d-Direttivi dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur.

2.2 Dan il-qafas regolatorju kien ġie mfassal biex jiffaċilita l-aċċess ta' l-operaturi l-ġodda għall-infrastruttura eżistenti, jinkoraġġixxi l-investment finfrastrutturi alternattivi u joffri għażla ikbar u prezzijiet aktar baxxi għall-konsumaturi.

2.3 Il-mudell regolatorju għall-qafas attwali huwa bbażat fuq il-prinċipju tar-regolamentazzjoni deċentralizzata fl-Istati Membri, u jaġti lill-awtoritajiet nazzjonali r-responsabbiltà li jissorveljaw is-swieq skond lista ta' prinċipji u proċeduri komuni.

2.4 Dan il-qafas jistabbilixxi livell *minimu ta' armonizzazzjoni*, filwaqt li jħalli d-definizzjoni tal-miżuri implimentattivi Pidejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew l-Istati Membri.

2.5 L-għan tal-qafas regolatorju huwa li b'mod progressiv irregoli *ex ante* speċifiċi skond is-settur jonqsu hekk kif tiżviluppa l-kompetizzjoni fis-suq; dan iseħħ permezz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li tidentifika s-swieq tal-prodotti u s-servizzi fejn jistgħu jiġu ġġustifikati obbligi regolatorji *ex ante*.

2.5.1 L-għan ta' kwalunkwe intervent regolatorju *ex ante* huwa li jibbenefika l-konsumaturi u jiżgura li s-swieq tal-bejgħ bl-impnut ikunu kompetittivi. Id-definizzjoni ta' *swieq rilevanti* tista' tinbidel tul iż-żmien hekk kif il-karatteristiċi tal-prodotti u s-servizzi jiżviluppaw u l-possibbiltajiet ta' sostituzzjoni fit-talba u l-provvista jinbidlu, kif indikat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2007 ⁽¹⁾.

(1) ĠUL 344, 28.12.2007, p. 65.

3. Proposti tal-Kummissjoni

3.1 Il-Kummissjoni qed tipproponi reviżjoni wiesgħa tal-leġislażzjoni Ewropea li tirregola l-komunikazzjonijiet elettroniċi (minn hawn 'il quddiem imsejħa "qafas regolatorju"), permezz tat-tressiq konġunt ta':

— żewġ proposti għal direttiva: waħda temenda d-Direttivi ta' l-Awtorizzazzjoni u ta' l-Aċċess, u l-oħra li temenda d-Direttivi dwar is-Servizz universali u dwar il-ħarsien tal-privattezza;

— proposta għal Regolament li jstabbilixxi l-Awtorità tas-Suq Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-"Awtorità").

3.2 Fil-qosor, dawn il-proposti għandhom l-għan li jirregolaw il-qafas regolatorju "emendat" Ewropew għall-komunikazzjonijiet elettroniċi, sabiex iġibuh konformi mat-talbiet tar-regulatori nazjonali, u l-operaturi u l-konsumaturi ta' l-oġġetti u s-servizzi.

3.3 L-għan huwa li jiġi stabbilit "qafas regolatorju emendat" konsistenti għall-ekonomija diġitali, li japprofitta kemm jista' mill-progress li sar mill-iżvilupp tas-suq intern. Il-proposti jolqtu dawn l-aspetti li ġejjin:

3.4 Il-proposta li temenda d-Direttivi ta' Qafas, ta' l-Awtorizzazzjoni u ta' l-Aċċess:

(a) tiżgura, fir-rigward tal-ġestjoni ta' l-ispettru tar-radju, li l-Istati Membri jikkonsultaw ukoll mal-partijiet interessati meta jikkunsidraw il-possibbiltà ta' deroga mill-prinċipji tan-newtralità tat-teknoloġija u tas-servizz, anke fl-interess ta' l-għanijiet ta' interess ġenerali.

(b) iżid il-konsistenza tal-qafas regolatorju billi tirrazzjonalizza xi elementi proċedurali fil-proċess tar-reviżjoni tas-suq, inkluż il-possibbiltà li l-Kummissjoni tiegħu f'idejha l-analiżi tas-suq jekk l-awtorità tittardja ħafna fil-qadi ta' dmirijietha;

(c) ittejjeb l-integrità u s-sigurtà tan-netwerk billi ssaħħaħ l-obbligi attwali, u testendi l-ambitu tar-rekwiżiti ta' l-integrità lil hinn min-netwerks tat-telefon biex tkopri n-netwerks mhux fissi u ta' l-IP;

(d) issaħħaħ il-garanziji legali tal-partijiet interessati billi tiddefinixxi l-kriterji varji li huma marbutin ma' l-interdipendenza ta' l-awtoritajiet, u tagħraf id-dritt ta' l-appell kontra d-deċiżjonijiet ta' xi awtorità u l-possibbiltà li jiġu sospiżi miżuri adottati minnha sabiex f'każijiet urġenti tiġi evitata ħsara serja u irreparabbli;

(e) tiegħu ħsieb tal-bżonnijiet ta' gruppi vulnerabbli, billi tinkludi rekwiżiti tekniċi għat-tagħmir tat-terminali ħalli ttejjeb l-aċċessibbiltà elettronika għall-persuni b'diżabbiltà u taġġorna l-għanijiet ta' l-awtoritajiet għall-utenti ta' età avanzata u utenti bi bżonnijiet soċjali;

(f) tagħmilha possibbli għall-awtoritajiet li jimponu s-separazzjoni funzjonali bi qbil minn qabel mal-Kummissjoni;

(g) twaqqaf proċedura komuni ta' l-għażla;

(h) fl-aħħar, issaħħaħ il-poteri ta' infurzar ta' l-awtoritajiet, li għandhom ikollhom il-kapaċità li jimponu kundizzjonijiet speċifiċi għall-awtorizzazzjonijiet ġenerali biex jiżguraw l-aċċessibbiltà għall-utenti b'diżabbiltà, jiproteġu d-drittijiet ta' l-awtur u l-proprjetà intellettuali, u jiggarrantixxu l-komunikazzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi f'każ ta' theddid imminenti.

3.5 Il-proposta li temenda l-iskema tas-servizz universali, l-ipproċessar tad-data personali, il-protezzjoni tal-privattezza u d-drittijiet ta' l-utenti fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u l-kooperazzjoni fil-ħarsien tal-konsumatur, tibni fuq il-progress li diġà nkiseb fl-approċċ leġislativ tal-Kummissjoni fis-settur.

3.5.1 Hemm għarfien tal-fatt li l-kompetizzjoni waħidha mhix biżżejjed biex tissodisfa l-ħtiġijiet taċ-ċittadini kollha u tħares id-drittijiet ta' l-utenti; għalhekk hemm ukoll dispożizzjonijiet speċifiċi li jiproteġu s-servizz universali, id-drittijiet ta' l-utenti u l-ħarsien tad-data personali.

3.5.2 B'mod partikolari, il-proposta għandha l-iskop li ttejjeb it-trasparenza tal-prezzijiet u l-pubblikazzjoni ta' l-informazzjoni għall-utenti, billi titolb lill-operaturi li jipubblikaw informazzjoni li tista' titqabbel, li tkun xierqa, aġġornata u f'format li huwa faċilment aċċessibbli, u billi tagħti s-saħħa lill-awtoritajiet li jinfurzwaw il-konformità ta' l-operaturi ma' dawn l-obbligi.

3.5.3 Hemm inklużi dispożizzjonijiet dwar id-dritt li n-numru jinġarr, ħalli l-konsumaturi jkunu jistgħu jibdlu l-fornituri faċilment (il-limitu massimu ta' żmien għall-ġarr reali tan-numri ġie stipulat għal tul ta' jum tax-xogħol, u l-awtoritajiet nġhataw il-poter li jwaqqfu Prattiki min-naħa tal-fornituri intiżi li jiskoraġġixxu dan); qed isir titjib fl-obbligu li tingħata l-informazzjoni lis-servizzi ta' l-emerġenza dwar fejn jinsabu dawk li jċemplu, fost l-oħrajn permezz ta' l-obbligu li tingħata l-informazzjoni lill-awtoritajiet ta' l-emerġenza.

3.5.4 Il-"possibbiltà" li l-Istati Membri jadottaw miżuri speċifiċi għall-benefiċċju ta' l-utenti b'diżabbiltà qed tinbidel b'"obbligu" espliċitu biex jieħdu dawn il-miżuri, u b'hekk l-awtoritajiet jistgħu jobbligaw lill-operaturi li jipubblikaw l-informazzjoni li tinteressa lill-utenti b'diżabbiltà.

3.5.5 Barraminhekk, l-awtoritajiet ser ikollhom il-poter li jevitaw li l-kwalità tas-servizz tmur lura billi jstabbilixxu livelli minimi ta' kwalità għas-servizzi għall-utenti bi trasmisjoni b'network, u jkunu jistgħu josservaw it-tariffi bl-immnut jekk l-ebda intrapriża ma tkun ġiet innominata bħala fornitur ta' servizz universali.

3.5.6 Ser jittieħdu passi wkoll biex l-utenti jiġu notifikati dwar xi ksur fis-sigurtà li jwassal għat-telfien tad-data personali tagħhom jew li din tiġi compromessa b'xi mod, u li jkunu infurmati dwar il-prekawżjonijiet li jistgħu jieħdu biex jimminimizaw il-ħsara kkawżata.

3.5.7 B'rabta ma' dan, huwa projbit li jintuża "spyware" jew software malizzjuż ieħor, irrispettivament mill-metodu użat biex jiġi installat fit-tagħmir ta' l-utenti; il-ġlieda fl-Ewropa kontra komunikazzjonijiet kummerċjali mhux mixtieqa qed tiġi msaħħa bid-dispożizzjoni għall-Fornituri ta' Servizz ta' l-Internet li jieħdu azzjoni legali kontra min jispammja.

3.6 Fl-aħħar, ta' min isemmi l-proposta li tinħoloq "Awtorità", li tirrispondi lill-Parlament Ewropew, li se tinkludi bord ta' regolaturi magħmul mill-kapijiet ta' l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ta' l-Istati Membri ta' l-UE kollha u se tissostitwixxi l-Grupp tar-Regolaturi Ewropej (ERG) ⁽²⁾.

3.6.1 Din l-Awtorità se tagħti pariri lill-Kummissjoni dwar l-adozzjoni ta' ċerti deċiżjonijiet, u se tagħmilha ta' ċentru ta' kompetenza għan-netwerks u għas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi fuq il-livell ta' l-UE, filwaqt li ser tieħu l-funzjonijiet li kellha l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netzwerk u ta' l-Infommazzjoni (ENISA).

4. Kummenti ġenerali

4.1 Il-KESE japprezza l-proposti li resqet il-Kummissjoni billi għandhom l-iskop li jirrispondu għall-bżonn ta' regolamentazzjoni u ġestjoni tas-suq pan-Ewropew tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.

4.1.1 Il-KESE jaqbel mal-mira tal-Kummissjoni li tkompli tiftaħ is-swieq tat-telekomunikazzjoni għall-kompetizzjoni u ssaħħaħ l-investment fin-netwerks b'veloċità għolja (inklużi t-teknoloġiji kollha fissi, mhux fissi u satellitari ⁽³⁾), u l-għan tagħha li ġġib 'il quddiem l-Internet tal-futur (l-Internet ta' l-affarijiet u n-nisġa semantika (semantic web)) u l-ġestjoni ottimizata ta' l-ispettru tar-radju fis-suq intern, anke fil-kuntest tas-servizzi awdjoviżivi diġitalizzati. Dan hu fl-interess komuni tal-konsumaturi u n-negozji li għandhom bżonn ta' l-aċċess għal netwerks u servizzi tat-telekomunikazzjoni bi prestazzjoni għolja.

4.1.2 Il-KESE jinnota li bir-regolamentazzjoni attwali, il-qafas regolatorju fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet għamilha possibbli li:

- jsir progress sostanzjali lejn swieq aktar miftuħa u dinamiċi, kif indikat il-Kummissjoni fit-12-il Rapport ta' Implimentazzjoni tal-Pakkett Regolatorju tat-Telekomunikazzjonijiet;
- jiġġieled id-diżugwaljanzi kbar li hemm bejn l-operaturi, li huma l-frott tal-vantaġġi li kellhom il-monopolji qodma ta' l-Istat.

4.2 Il-KESE jikkunsidra wkoll li huwa pożittiv li l-iskema regolatorja stabbilita fil-proposti hija estiża għall-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u, għalhekk, għan-netwerks kollha tat-trasmissjoni u forniment tas-servizz li b'hekk qed jiġu inklużi.

⁽²⁾ Mwaqqfa b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/627/KE tad-29.7.2002, kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/641/KE tas-6.12.2007, ĠU L 323, tat-8.12.2007, p. 43.

⁽³⁾ ĠU C 44, 16.2.2008, p. 50, rapporteur: is-Sur Retureau.

4.3 Flimkien mat-titjib fl-aspetti purament tekniċi u ta' ġestjoni msemmija hawn fuq, il-Kumitat jilqa' wkoll il-firxa wiesgħa ta' dispożizzjonijiet li jimmiraw, b'mod speċifiku, li jsaħħu d-drittijiet ta' l-utenti tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika, flimkien mal-garanziji proċedurali u amministrattivi għall-operaturi biex ikun hemm ċertezza li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu implimentati tajjeb (id-dritt tal-partijiet milquta li jinstemgħu, raġunijiet għad-deċiżjonijiet, miżuri ta' prekawzjoni u d-dritt ta' l-appell). L-introduzzjoni ta' dawn il-garanziji hija konformi mad-"*dritt għal amministrazzjoni tajba*" stipulat f'Artikolu 41 fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

4.4 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-proposti qiesu t-talbiet li huwa kien għamel l'opinjonijiet preċedenti, dwar:

- ir-rekwiżit li l-Istati Membri jadottaw miżuri speċifiċi sabiex jgħinu lill-utenti b'diżabbiltà ⁽⁴⁾, ħalli jikkonformaw ma' l-oġġettivi tal-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltajiet;
- il-prinċipji ġenerali tal-ġestjoni ta' l-ispettru (peress li l-ispettru huwa ta' interess pubbliku u għandu jitmexxa f'perspettiva ekonomika, soċjali u ekoloġika) li barra min-newtralità teknoloġika u tas-servizz, jridu jiżguraw id-diversità kulturali u lingwistika, il-libertà ta' l-espressjoni u l-pluralità tal-mezzi tax-xandir, u jirriflettu l-bżonnijiet, tekniċi, soċjali, kulturali u politiċi ta' l-Istati Membri kollha ⁽⁵⁾.

4.4.1 Iż-żamma tad-diversità kulturali u lingwistika tfisser ukoll li jkun żgurat li l-ittri ta' l-alfabet li fihom marki diakritiċi, kif ukoll ittri Ċirilliċi, Griegi u kwalunkwe karattri oħrajn, ikunu leġġibbli fil-posta elettronika. SMSs li fihom dawn l-ittri m'għandhomx jiġu jiswew iktar.

4.5 Il-KESE jappoġġja wkoll il-proposti tal-Kummissjoni, b'mod partikolari rigward:

- (a) is-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' l-analiżi tas-suq li jorganizzaw aħjar il-piż amministrattivi għall-awtoritajiet u jnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi għall-operaturi;
- (b) it-tisħiħ tas-sigurtà u l-integrità tan-netwerk, li jggarantixxi użu affidabbli tal-komunikazzjonijiet elettroniċi;
- (c) it-tisħiħ ta' l-indipendenza ta' l-awtoritajiet billi jillimitaw l-influenza possibbli minn entitajiet pubbliċi oħra fuq il-ġestjoni ta' kuljum tagħhom, u jiżguraw li jkollhom baġit indipendenti tagħhom stess u biżżejjed riżorsi umani.

5. Kummenti Speċifiċi

5.1 Il-KESE jixtieq jenfasizza li l-proposti huma bbażati għal kollox fuq l-Artikolu 95 TKE peress li l-iskopijiet tal-proposti tal-Kummissjoni huma, l-ewwel, li jadottaw miżuri li jqarrbu l-leġislazzjoni nazzjonali fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika u t-tieni, li joħloqu korp ġdid sovrannazzjonali.

⁽⁴⁾ Opinjoni Esploratorja dwar "Leġislazzjoni futura dwar l-Aċċessibilità Elettronika" ĠU C 175, 27.7.2007, p. 91-95.

⁽⁵⁾ ĠU C 151, 17.6.2008, p. 25.

5.1.1 Filwaqt li din id-dispożizzjoni tista' tkun bażi xierqa u suffiċjenti għall-oġġettivi li qed jiġu segwiti ⁽⁶⁾, skond il-każistika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni trid tiżgura li l-miżuri adottati fil-fatt għandhom impatt fuq il-liġijiet interni (billi jippermettulhom li jiġu emendati) u jirregolaw b'mod komplut il-livell sovrannazzjonali f'dawk l-aspetti kollha li għandhom ikunu ta' benefiċċju għall-konsumaturi u l-utenti tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, kif ukoll l-aspetti marbuta mal-garanziji legali u ta' proċedura stabbiliti fil-proposti ⁽⁷⁾.

5.1.2 Fil-qosor, l-adozzjoni tal-qafas regolatorju sovrannazzjonali tal-futur f'dan il-qasam m'għandux ikun eżerċizzju sempliċi u kosmetiku fuq il-qafas regolatorju sovrannazzjonali attwali fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.

5.1.3 Dan japplika wkoll għall-ħolqien ta' l-Awtorità, li l-eżistenza tagħha hija ġġustifikata kompletament sakemm tkun kapaċi tikkontribwixxi biex il-firxa wiesgħa ta' dispożizzjonijiet proposti li għalihom hija responsabbli, minħabba fil-poteri speċifiċi li ngħatawla, jiġu implimentati b'mod konsistenti u effiċjenti.

5.1.4 Il-ħolqien ta' din l-Awtorità jikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà peress li s-sistema kurrenti:

- (a) m'għandhiex struttura u mekkaniżmi effiċjenti u tifframmenta s-suq intern;
- (b) din ma tiggarrantixxi opportunitajiet indaqs bejn l-operaturi stabbiliti fi Stati Membri differenti; u
- (c) itellef il-benefiċċji li l-kompetizzjoni u s-servizzi transkonfinali jgħibu lill-konsumaturi.

5.1.5 Dan huwa konformi wkoll mal-prinċipju tal-proporzjonalità, peress li jagħmilha possibbli li tiġi stabbilita sħubija effettiva bejn il-Kummissjoni u r-Regolaturi Nazzjonali dwar kwistjonijiet fejn tkun meħtieġa l-konsistenza Ewropea.

5.2 L-Awtorità għandha sservi bħala l-forum esklussiv għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fl-eżerċizzju tal-firxa sħiħa tar-responsabbiltajiet tagħhom skond il-qafas regolatorju.

5.2.1 Il-KESE qiegħed jistenna l-valutazzjoni li jmiss dwar l-operat ta' l-Awtorità, biex jiżgura li hija bbażata fuq it-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-indipendenza, u li s-setgħat ta' l-awtoritajiet issaħħew billi ngħataw sisien b'saħħithom u trasparenti stabbiliti fil-liġi Komunitarja.

5.3 Fir-rigward ta' l-approċċ leġislattiv tal-qafas regolatorju propost, huwa importanti li jiġu rikonnoxxuti l-benefiċċji ta' l-applikazzjoni ta' kriterji speċifiċi għar-regolamentazzjoni tas-settur, flimkien mal-prinċipji u r-regoli tal-kompetizzjoni ħielsa fis-suq intern ⁽⁸⁾. Dan japplika b'mod partikolari fis-settur li qiegħed jiġi kkunsidrat, li jeħtieġ interventi amministrattivi *ex ante* li jinkludu analiżi ekonomiċi sofistikati tas-suq rilevanti, li m'humiex b'żonnjużi f'setturi oħra tas-suq intern ⁽⁹⁾.

⁽⁶⁾ Sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tat-2.5.2006, każ C-436/03.

⁽⁷⁾ Ibid, sfond legali, punti 44 u 45.

⁽⁸⁾ Ara A. Bavasso, 'Electronics Communications: A New Paradigm for European Regulation', *CML Rev.* 41, 2004, p.110 *et seq*

⁽⁹⁾ A De Strel, 'The Integration of Competition Law Principles in the New European Regulatory Framework for Electronics Communications', *World Competition*, 26, 2003, pğ. 497

5.3.1 Il-KESE jaqbel mal-mira tal-qafas regolatorju li b'mod progressiv inaqqas ir-regoli *ex ante* speċifiċi skond is-settur hekk kif tiżviluppa l-kompetizzjoni fis-suq, kif kienet qed tagħmel il-Kummissjoni b'mod gradwali, per eżempju, fir-rakkomandazzjonijiet tas-17 ta' Diċembru 2007. Il-KESE jittama li, minħabba d-dinamiżmu tas-suq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, il-karatteristiċi tal-prodotti, is-servizzi u l-possibbiltajiet ta' sostituzzjoni jiżviluppaw b'tali mod li dawn il-miżuri ta' intervent isiru superfluwi.

5.3.2 Il-KESE jemmen li "s-separazzjoni funzjonali" hija miżura eċċezzjonali li għandha tiġi applikata b'kawtela. Għandha tkun imposta biss mill-awtoritajiet, wara l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, li għandha titlob l-opinjoni ta' l-Awtorità l-għdida.

5.3.3 Din it-tip ta' soluzzjoni tista' tkun iġġustifikata bħala rimedju fejn b'mod persistenti ħafna mis-swieq ikkonċernati ma rnexxilhomx jilhq u sitwazzjoni effettiva ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni, jew fejn ftit li xejn ikun hemm prospetti ta' kompetizzjoni fl-infrastruttura f'perjodu ta' żmien raġonevoli wara li wieħed ikun dar għal wieħed jew iktar rimedji li kienu ġew ikkunsidrati xierqa.

5.4 Madankollu, id-dispożizzjonijiet speċifiċi proposti għal dan is-settur ma jkoprux ċerti kwistjonijiet importanti li jaffettwaw l-implimentazzjoni effiċjenti u trasparenti tal-kompetizzjoni ħielsa bejn l-operaturi u l-fornituri tas-servizzi fis-suq pan-Ewropew, jew ċerti aspetti sustantivi tad-drittijiet ta' l-utenti.

5.5 L-ewwel, għandu jkun iċċarat l-ambitu tas-"sigurtà nazzjonali", skond l-Artikolu 3a(2) tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, kif emendat mit-Trattat ta' Lisbona, li l-Istati Membri għandhom "responsabbiltà esklussiva" li jissalvagwardjaw.

5.5.1 Ir-rikonoxximent ta' poteri mhux regolati jippermettu diskrezzjoni konsiderevoli meta jkunu qed jiġu stabbiliti kawżi u miżuri li, għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali, jistgħu jirriżultaw f'eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni tar-regoli u l-prinċipji tal-liġi settorjali u tal-kompetizzjoni li hemm fil-proposti tal-Kummissjoni.

5.5.2 Fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi bhaliżsa jeżistu regolamenti nazzjonali li jħallu fidejn l-Istati Membri biex jidentifikaw in-netwerks tat-telekomunikazzjoni, is-servizzi, il-faċilitajiet u t-tagħmir li bihom iwettqu attivitajiet essenzjali għad-difiża nazzjonali u s-sigurtà pubblika ⁽¹⁰⁾. F'dan il-kuntest, il-KESE jindika li l-prattika segwita fil-proġett Galileo tista' sservi ta' referenza utli.

⁽¹⁰⁾ Għal analiżi aktar iddettaljata dwar dawn il-kwistjonijiet, ara Carlos J. Moreira González, *Las cláusulas de Seguridad Nacional*, Iustel, 2007, pġ. 26-31, 53-64.

5.6 Biex jiġu ppreżervati l-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali meta jkunu qed jiġu stabbiliti infrastrutturi għodda tan-netwerk, b'mod partikolari "netwerks tal-ġenerazzjoni l-għdida", l-awtoritajiet pubbliċi għandhom bżonn jippromovu l-progress ekonomiku u soċjali u livell għoli ta' impjeg, b'konformità mal-liġi tal-Komunità u l-prinċipji tad-demokrazija, sabiex jinħoloq suq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi b'teknoloġija avvanzata.

5.6.1 Miżuri ta' intervent b'fondi pubbliċi, speċjalment mill-awtoritajiet lokali, jridu jservu biex isaħħu l-programm il-għdid tan-netwerks tal-ġenerazzjoni l-għdida, billi jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda impatt fuq in-newtralità teknoloġika, u li, b'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, tiġi evitata d-dupplikazzjoni bla bżonn tar-riżorsi tan-netwerk.

5.7 Fir-rigward ta' l-effetti tal-qafas regolatorju propost fuq id-drittijiet ta' l-utenti, fxi każijiet ikun hemm bżonn li jiġi analizzat b'mod speċifiku l-ħarsien tad-drittijiet ta' l-aċċess għas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ⁽¹⁾(li, barra milli huwa rikonoxxut bħala dritt fundamentali fl-Artikolu 36 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-UE, ser ikun regolat permezz ta' l-Artikolu 16 tat-Trattati u protokoll (Nru. 9) anness mat-Trattati), u l-ħarsien tal-kompetizzjoni ħielsa, li mhux ser ikun imniżżel bħala oġġettiv speċifiku ta' l-UE f'Artikolu 3 tat-Trattati ta' Lisbona, iżda jkun is-suġġett ta' regolamentazzjoni *ad hoc* li ssegwi l-Protokoll dwar is-suq intern u l-kompetizzjoni anness mat-Trattati.

5.7.1 Għalkemm il-KESE jilqa' l-fatt li l-proposta dwar is-servizz universali tistabbilixxi mekkaniżmu ta' konsultazzjoni fl-Istati Membri li jiżgura li tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-interessi tal-konsumaturi fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, jiddispejċi li l-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet ma tirreferi għar-rwol tas-soċjetà ċivili organizzata fil-proċess ta' konsultazzjoni u parteċipazzjoni ta' l-adozzjoni mill-korpi kompetenti sopranazzjonali, ħalli tagħżel miżuri xierqa li jiggarantixxu implimentazzjoni effettiva fl-UE.

5.7.2 Fir-rigward ta' l-aspetti fiżiċi tas-servizz universali, il-KESE qiegħed jistenna l-proposta tal-Kummissjoni dwar is-suġġett, li ser toħroġ din is-sena, qabel ma jiddikjara l-pożizzjoni tiegħu b'mod definittiv. B'mod provviżorju ⁽²⁾, il-KESE jfakkar il-prinċipji ewlenin li jqis li huma applikabbli:

- (a) l-aċċess għal servizzi li jkunu ta' kwalità tajba ħafna bi prezizzjiet għusti, xierqa u aċċessibbli;
- (b) aċċess għall-informazzjoni ta' malajr permezz tal-broadband pubbliku u servizzi tat-telekomunikazzjonijiet avvanzati fir-reġjuni kollha;
- (c) aċċess għall-konsumaturi kollha, irrispettivament mid-dħul tagħhom jew fejn jinsabu ġeografikament, bid-dritt għall-ugwalizzazzjoni tal-prezz;

⁽¹⁾ Ara l-opinjoniġiet CESE 267/2008 (adottata nhar l-14.2.2008) :Rapporteur: is-Sur Hencks.

⁽²⁾ Opinjoni tal-KESE adottata fis-Sessjoni Plenarja fit-28 ta' Frar u l-1 ta' Marzu 2001 ĠU C 139, 11.5.2001, pġ. 15.

- (d) kontribut għust u bla diskriminazzjoni lejn il-manutenzjoni u t-titjib fis-servizz universali mill-fornituri kollha tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni;
- (e) L-eżistenza ta' mekkaniżmi speċifiċi, bla sorpriżi u adegwati li jiggarantixxu li s-servizz universali jinżamm u jestendi ma' l-iżviluppi fit-teknoloġija u dawk soċjali;
- (f) kwalunkwe prinċipju ieħor li l-awtoritajiet iqisu li jkun meħtieġ biex iħares l-interess pubbliku;
- (g) il-ħolqien ta' forum tat-telekomunikazzjonijiet jew osservatorju fil-livell Komunitarju, biex iqis l-opinjoniġiet ta' l-atturi ekonomiċi u soċjali kollha u l-organizzazzjonijiet l-oħra tas-soċjetà ċivili.

5.7.3 F'termini tas-servizz universali, id-Direttiva għandha tkopri dawn li ġejjin:

- (a) il-ħtieġa li s-servizzi tal-konsumaturi pprovduti mill-operaturi jiġu regolati, inkluża l-possibbiltà li jiġu imposti livelli ta' kwalità fuq is-servizzi tal-konsumaturi, meta jibdedw sejrin lura;
- (b) id-definizzjoni ta' klawsole ta' penalizzazzjoni biex ikun hemm ċertezza legali akbar;
- (c) emendi tal-kuntratt;
- (d) livelli ta' kwalità għal ċerti aspetti, li jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet li jimponu livelli minimi ta' kwalità għas-servizzi kollha jekk huma jixtiequ;
- (e) servizzi ta' fatturar iddetaljat u pprezzar imtejjeb, li jiżguraw li l-fatturi jinkludu d-dettalji ta' kwalunkwe servizz ta' komunikazzjoni mhux elettroniku.
- (f) akkwist konġunt ta' servizzi u terminali, li għandhom ikunu soġġetti għal arranġamenti kuntrattwali aktar trasparenti.

5.7.4 Iż-żieda fil-ħarsien tal-konsumaturi li hemm fil-proposta dwar is-servizz universali ma tagħtix garanzija sħiħa lill-konsumaturi ta' livell għoli ta' ħarsien, kif inhu meħtieġ fl-Artikolu 153 tat-TKE, peress li l-proposta ma tagħtix id-dritt lill-abbonati li jirtiraw fi kwalunkwe ħin, mingħajr penalizzazzjoni minn kuntratti mal-fornituri tan-netwerk jew tas-servizz tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, bħala prinċipju ġenerali.

5.7.5 Madankollu, hemm xi aspetti li fihom dan il-ħarsien tjiieb, bħal:

- informazzjoni dwar il-prezzijiet, b'rati trasparenti, aġġornati u li jistgħu jitqabblu u informazzjoni dwar it-tip ta' servizzi pprovduti;
- ir-riforma tar-Regolament Nru. 2006/2004 li tirrendi l-koooperazzjoni internazzjonali possibbli biex tevita prattiki mhux mixtieqa bħalma hu l-"phishing" ⁽³⁾, is-"cyberstalking" u l-"spoofing".

⁽³⁾ Tip ta' frodi fejn wieħed jikseb id-dettalji tal-bank ta' xi ħadd b'mod falz ħalli jkun jista' jidħol fil-kontijiet u jmexxi l-fondi.

5.8 F'dik li hija l-privatezza tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, il-KESE jqis li l-proposta hija pass 'il quddiem fuq il-leġislazzjoni eżistenti, u jappella lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-konfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet li jsiru permezz tan-netwerks tal-komunikazzjonijiet pubbliċi u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi li huma disponibbli għall-pubbliku, u tad-data tat-traffiku relatata, skond il-kriterji maħruġa mill-każistika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ⁽¹⁴⁾.

5.8.1 Il-KESE jaqbel li tissaħħaħ ir-regolamentazzjoni tad-drittijiet fundamentali marbuta mal-komunikazzjonijiet elettroniċi, bħalma huma l-protezzjoni tal-privatezza, il-ħarsien tad-data personali, is-segretezza tal-komunikazzjonijiet u l-konfidenzjalità, u ċerti aspetti kummerċjali marbuta mal-proprietà intellettuali.

5.8.2 F'dik li hija sikurezza ⁽¹⁵⁾, għandhom jiġu adottati l-miżuri rilevanti biex jiggwarantixxu s-sikurezza tan-netwerk ⁽¹⁶⁾

Brussell, id-29 ta' Meju 2008.

u l-użu ta' materjal li huwa kkodifikat b'mod li hu b'saħħtu biżżejjed, biex jissaħħaħ il-ħarsien tal-privatezza.

5.8.3 Il-KESE jqis bħala xi ħaġa pożittiva li l-protezzjoni li toffri din id-direttiva tapplika wkoll għan-netwerks tal-komunikazzjonijiet pubbliċi li jsostnu l-ġbir tad-data u t-tagħmir ta' identifikazzjoni (inkluż tagħmir bla kuntatt bil-wajer bħat-Tagħmir ta' Identifikazzjoni permezz ta' Frekwenza tar-Radju) ⁽¹⁷⁾.

5.9 Fejn tidħol il-komunikazzjoni kummerċjali mhux mixtieqa (spam), il-KESE jinsisti ⁽¹⁸⁾ fuq il-konvinzjoni tiegħu li l-leġislazzjoni għandha tkun ibbażata b'mod ċar fuq il-prinċipju li l-konsumaturi jridu jagħtu l-kunsens tagħhom minn qabel: għandha tingħata prijorità lill-interess tal-konsumatur biex jiġu evitati komunikazzjonijiet kummerċjali mhux mitluba. Għalhekk għandhom jittieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex ikun hemm konformità ma' dan il-prinċipju u fejn hu rilevanti jiġu stabbiliti sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

⁽¹⁴⁾ B'mod partikolari, ara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tad-29.1.2008, każ C-275/06.

⁽¹⁵⁾ Il-KESE qed ifassal opinjoni (INT/417) DT R/CESE 480/2008 dwar Il-ġlieda kontra l-frodi u l-iffalzifikar tal-metodi ta' ħlas mhux kontanti

⁽¹⁶⁾ Ara l-opinjoni dwar "Netwerks u s-sigurtà ta' l-informazzjoni", rapporteur: is-Sur Retureau.

⁽¹⁷⁾ Ara l-opinjoni dwar "L-identifikazzjoni permezz tal-frekwenza tar-radju (RFID)", rapporteur: is-Sur Morgan, ĠU C 256 tas-27.10.2007, p. 66.

⁽¹⁸⁾ Opinjoni adottata fis-Sessjoni Plenarja fl-24 u l-25 ta' Jannar 2001. ĠU C 123, 25.4.2001, pg. 53.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Kodiċi ta' Kondotta għal sistemi ta' prenotazzjoni kompjuterizzata

COM(2007)709 finali — 2007/0243 (COD)

(2008/C 224/12)

Nhar il-5 ta' Diċembru 2007, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikoli 71 u 80, paragrafu 2, tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Kodiċi ta' Kondotta għal sistemi ta' prenotazzjoni kompjuterizzata

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà ta' l-Informazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-8 ta' Mejju 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur McDonogh.

Matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-28 u d-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'75 vot favur u astensjoni waħda.

1. Rakkomandazzjonijiet

Il-KESE jaqbel ma' u jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni iżda jipproponi li magħhom jiżdiedu l-punti li ġejjin:

1.1 Jiġu introdotti liġijiet li jimponu d-divestiment totali tas-CRS fuq it-trasportaturi prinċipali fl-UE u li jittieħdu miżuri sabiex jiġu evitati investimenti futuri, diretti jew indiretti, fis-CRS min-naħa tat-trasportaturi.

1.2 Jinżammu r-regoli għat-trasportaturi prinċipali sakemm dawn il-linji ta' l-ajru jċedu l-parteċipazzjoni tagħhom fis-CRS.

1.3 Jiġu aboliti d-dispożizzjonijiet dwar il-viżwal newtrali. Fil-prattika, l-użu tal-viżwal ewlieni huwa limitat minħabba l-preferenzi jew il-politiki ta' kull vjaġġatur individwali jew tal-kumpaniji, filwaqt li fis-settur tal-prenotazzjoni tal-vjaġġi online, ir-regoli tan-newtralità rari jiġu osservati jew inkella mhumiex koperti mill-Kodiċi ta' Kondotta.

1.4 Jiġi infurzat il-bżonn li l-viżwal juri tariffi li jiġbru fihom it-taxxi, it-tariffi, is-soprataxxi u l-ispejjeż tas-CRS kollha, il-ħin kollu. Jiġi assigurat ukoll li l-informazzjoni dwar it-titjira tkun trasparenti u li f'każijiet ta' prattiki qarrieqa bħall-"code sharing", il-konsumatur ikun jista' jara min kienu t-trasportaturi li operaw il-vjaġġ.

1.5 L-aġenziji ta' l-ivvjaġġar u l-linji ta' l-ajru jitħallew jinnegozjaw il-kundizzjonijiet ta' l-użu u ta' l-akkwist tad-data tal-MIDT (Market Information Data Types) mas-CRS b'mod liberu.

1.6 Jissaħħu r-regoli dwar il-privatezza tad-data b'mod speċjali għall-protezzjoni ta' dawk li jinsabu fid-data tal-PNR (Passenger Name Record) u mhux ta' min qed jivvjaġġa biss.

1.7 L-UE għandha tigarantixxi l-infurzar tat-taqsimha dwar il-privatezza tad-data tal-Kodiċi, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasferiment ta' l-informazzjoni personali li jkollha f'idejha linja ta' l-ajru lil pajjiżi terzi (organizzazzjonijiet kummerċjali u tal-gvern). Dan għandu jiġi rikonoxxut fi trattati bilaterali mal-gvern tal-pajjiż terz aktar milli permezz ta' ftehimiet li mhumiex legalment vinkolanti.

1.8 L-introduzzjoni ta' regolamenti ġodda li jitolbu li kull PNR li jholqu l-abbonati tas-CRS jitħares mill-artikoli dwar il-Privatezza tad-Data tal-Kodiċi mingħajr eċċezzjoni, inklużi l-linji ta' l-ajru li jafdaw il-ġestjoni tal-bażi tad-data tal-PNR tagħhom f'idejn il-fornituri tas-CRS, l-aġenziji ta' l-ivvjaġġar, l-operaturi tal-ġiti u l-korporazzjonijiet.

1.9 Titneħħa d-dispożizzjoni li tippermetti lill-abbonati li jtemmu l-kuntratti mal-fornituri tas-CRS billi javżawhom tliet xhur qabel.

1.10 Ir-rikonoxximent formali tas-CRS bħala dawk responsabbli mid-data, mhux id-data tal-vjaġġi bl-ajru u l-ferroviji biss iżda anki d-data tal-lukandi, tal-karozzi, ta' l-assigurazzjoni u data oħra fis-sistemi tagħhom.

1.11 Operaturi ġodda għandhom jitħeġġu jidħlu fis-suq tas-CRS sabiex tiżdied il-kompetizzjoni bejn il-bejjiegħa tas-sistema. L-abbonati u l-konsumaturi jinqdew aħjar minn servizz u teknoloġija mtejba u prezz kompetittiv.

1.12 Il-fornituri tas-servizzi ferrovjarji għandhom jitħeġġu jwasslu l-informazzjoni tagħhom permezz tas-CRS u jipprova metodi aktar ekoloġiċi ta' vjaġġar fl-UE.

2. Introduzzjoni

2.1 Fil-15 ta' Novembru 2007 il-Kummissjoni pproponiet revizzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta Nru 2299/90 għas-CRS. Dan ir-regolament twaqqaf biex jimpedixxi mgħiba anti-kompetittiva f'suq uniku fejn ir-regoli ġenerali tal-kompetizzjoni mhumiex suffiċjenti. Dak iż-żmien, is-CRS kienu l-uniku mezz vijabbli li permezz tiegħu l-konsumaturi setgħu jaċċessaw l-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar li kellhom b'żonn. Barra minn hekk importanti ħafna li nsemmu li s-CRS kienu proprjetà tal-linji ta' l-ajru u kienu kkontrollati minnhom.

2.2 Is-CRS hija sistema kompjuterizzata li tintuża għall-ħażna, l-irkupru, id-distribuzzjoni u l-prenotazzjoni ta' l-inventarju ta' l-ivvjaġġar.

2.2.1 L-erba' CRS li jeżistu llum huma SABRE, Galileo, Worldspan u Amadeus. Kollha huma proprjetà Amerikana min-barra Amadeus li hija proprjetà Ewropea. Galileo u Worldspan ingħaqdu flimkien fl-2007 iżda xorta joperaw bħala entitajiet separati.

2.3 Il-kundizzjonijiet tas-CRS inbidlu kompletament billi:

2.3.1 Il-maġġoranza tal-linji ta' l-ajru biegħu s-sjeda tagħhom fis-CRS, bl-eċċezzjoni prinċipali ta' l-Air France, il-Lufthansa u l-Iberia⁽¹⁾.

2.3.2 Bl-introduzzjoni ta' l-Internet, is-CRS ma baqgħetx l-uniku mezz disponibbli ta' kif wieħed jippenota vjaġġ bl-ajru. Hekk kif l-aċċess għall-Internet qiegħed ikompli jikber fl-istati ta' l-UE kollha⁽²⁾ u t-teknoloġija tal-prenotazzjoni online titjeb, mhux ser nibqgħu niddependu biss mis-CRS sabiex nikbsu l-informazzjoni dwar il-vjaġġi.

2.4 It-tneħħija tar-regolamenti fuq is-suq tas-CRS fl-Istati Uniti ilha mill-2004 u daħlet fis-seħħ bil-kundizzjoni li t-trasportaturi prinċipali jbigħu s-sjeda tagħhom fis-CRS kompletament. Minn dak iż-żmien l-hawn it-tariffi tal-prenotazzjoni naqsu b'20-30 %. It-trasportaturi ta' l-UE qegħdin isibuha diffiċli biex jikkompetu mat-trasportaturi Amerikani billi ma jstgħux jinnegozjaw kuntratti aktar favorevoli mal-fornituri tas-CRS.

2.5 B'riżultat tal-Kodiċi ta' Kondotta, is-suq tas-CRS fl-UE għadu ddominat minn oligopolija u s-saħħa tan-negozjar bejn il-protagonisti prinċipali mhix bilanċjata b'mod ekwu. Is-CRS għandhom suq garantit u huma l-proprjetarji tar-relazzjoni ma' l-aġenziji ta' l-ivvjaġġar, filwaqt li l-linji ta' l-ajru tejbu l-pożizzjoni tan-negozjar tagħhom billi żviluppaw il-kapaċità tad-distribuzzjoni permezz ta' l-internet.

2.6 Barra mir-regola dwar it-trasportaturi prinċipali, huwa preżunt li l-iġijiet ġenerali dwar il-kompetizzjoni fl-UE se jkunu biżżejjed biex jimpedixxu abbużi bħall-irranġar tal-prezzijiet fin-nuqqas ta' regolamenti speċifiċi għas-settur.

3. Osservazzjonijiet

3.1 It-trasportaturi prinċipali

3.1.1 Il-linji ta' l-ajru bi sjeda f'CRS huma magħrufa bhala 't-trasportaturi prinċipali'. It-tnehhija tar-regoli dwar it-trasporta-

turi prinċipali tkun perikoluża żżejjed minħabba li tlieta mill-akbar linji ta' l-ajru Ewropej (Iberia, Lufthansa, Air France) għandhom ishma sinifikanti f'Amadeus. Ir-riskji ta' mgħiba anti-kompetittiva huma kbar ħafna u d-dominanza doppja fis-swieq domestiċi hija theddida reali għas-CRS l-oħra u t-trasportaturi li mhumiex proprjetarji.

3.1.2 L-UE għandha tintroduċi restrizzjoni totali fuq il-parteċipazzjoni fis-CRS jew fuq l-ishma fis-CRS (dawk li jeżistu diġà u dawk li ser jinbtu fil-futur) tal-linji ta' l-ajru.

3.1.3 Is-separazzjoni totali tal-proprjetà bejn is-CRS u l-linji ta' l-ajru jew il-fornituri l-oħra tas-servizz tat-trasport ser telimina l-possibbiltà ta' kollużjoni jew ta' kompetizzjoni inġusta bejn it-trasportaturi prinċipali. F'kuntest bħal dan, il-Kodiċi ta' Kondotta tista' tiġi ssemplifikata aktar billi jitnehew id-diversi klawnsoli ta' salvagwardja prevvisti fil-proposta (709-2007) tal-Kummissjoni għat-trasportaturi prinċipali. Is-suq tad-distribuzzjoni tal-vjaġġi kollu ser jibbenefika minn żvilupp bħal dan għax kemm is-CRS u kemm il-linji ta' l-ajru jkunu qed jikkompetu fuq livell ekwu mingħajr suspetti jew biża' mill-abbuż.

3.1.4 Sakemm jiġu sodisfatti dawn il-kundizzjonijiet, id-disposizzjonijiet speċifiċi dwar it-trasportaturi prinċipali fl-Artikolu 10 għandhom jinżammu sabiex tiġi evitata mgħiba anti-kompetittiva.

3.2 Viżwal newtrali għall-aġenziji ta' l-ivvjaġġar online u offline

3.2.1 Il-Kodiċi jassigura li l-viżwal tat-titjriet kollha fuq is-CRS ikun newtrali u kklassifikat mingħajr preferenzi jew diskriminazzjoni. L-aġenti ta' l-ivvjaġġar huma obbligati jippreżentaw l-għażliet possibbli tal-klijenti tagħhom f'ordni li tipproċedi mill-iqsar titjira għall-itwal waħda (jiġifieri l-ewwel jiġu elenkati t-titjriet diretti mingħajr waqfiet, segwiti mit-titjriet diretti u t-titjriet indiretti). Madankollu l-klijenti jstgħu jirrikjedu li l-informazzjoni tiġi kklassifikata skond il-ħtiġijiet individwali tagħhom.

3.2.2 Fis-suq tal-lum, il-viżwal newtrali mhuwiex effettiv għax ma jeżistux dispożizzjonijiet ta' newtralità għall-mezzi ta' distribuzzjoni online bħall-websites tal-linji ta' l-ajru u sistemi korporattivi ta' awto-prenotazzjoni.

3.2.3 Id-domanda tas-suq tiggarrantixxi li l-klijent ikollu aċċess għat-trasportaturi kollha: ġeneralment anki fil-każ ta' aġenziji online li huma proprjetà tas-CRS bħal Lastminute.com u ebookers, il-linji ta' l-ajru kollha li joffru l-possibbiltà ta' prenotazzjoni huma disponibbli kollha anki jekk l-ordni li fiha jiġu elenkati hija waħda preġudikata.

3.2.4 Dawk is-siti li joffru s-servizz li wieħed iqabbel bejn il-prezz ta' titjira u oħra⁽³⁾ jippermettu lit-trasportaturi jew lill-aġenziji ta' l-ivvjaġġar li jħallsu għal pożizzjoni ewlenija fir-risultati tat-tfittxija, irrispettivament mill-prezz jew l-iskeda. Il-klijent jista' jikklassifika l-ordni tat-titjriet skond firxa ta' kriterji li jinkludu l-prezz totali, il-ħin tat-tluq, it-trasportatur jew il-ħin li ser jieħu l-vjaġġ. Il-klijent għalhekk mhuwiex qed jiġi mċaħħad mill-aċċess għal informazzjoni newtrali, billi l-informazzjoni kollha hija disponibbli xorta. Fl-aħħar il-klijent ser jagħżel dak li jkun l-aktar addattat għalih.

⁽¹⁾ Sjieda kombinata ta' 46.4 % ta' Amadeus.

⁽²⁾ Attwalment 50 % għall-membri kollha ta' l-UE.

⁽³⁾ eż. Kelkoo (<http://www.kelkoo.fr>).

3.2.5 Il-viżwal tat-titjiriet tal-vjaġġaturi kummerċjali ġeneralment huwa rregolat mill-politika ta' l-ivvjaġġar li tħaddan il-kumpanija, it-tariffi u t-trasportaturi aktar milli min-newtralità.

3.2.6 L-abolizzjoni tan-newtralità viżwali tippermetti lit-trasportaturi jħallsu għal pożizzjoni "vantaġġjuża" fil-viżwal tas-CRS. Madankollu, għar-raġunijiet li semmejna qabel, ftit li xejn huwa probabbli li t-trasportaturi jtilfu sehem sinifikanti mis-suq: il-konsumatur se jagħżel skond il-ħtiġijiet tat-titjiriet tiegħu, u mhux skond il-klassifikazzjoni tal-viżwal. Dan jista' jitqabbel mar-riżultati ta' tfittxija bil-Google, fejn l-informazzjoni tintwera b'mod liberu filwaqt li ċerti fornituri jħallsu għal pożizzjoni partikolari. L-industrija ta' l-ivvjaġġar m'għandiex għalfejn tkun differenti.

3.2.7 Fid-dawl ta' dawn il-kundizzjonijiet nitolbu li Artikolu 5 dwar il-Viżwal jitneħħa. L-informazzjoni m'għandiex għalfejn tkun irregolata għax il-forzi tas-suq u l-għażla tal-klijent ser jassiguraw rappreżentazzjoni ġusta ta' l-informazzjoni disponibbli dwar l-ivvjaġġar.

3.2.8 Il-garanzija ta' livell massimu ta' trasparenza fit-tariffi billi jiġu inklużi t-taxxi, it-tariffi u l-ispejjeż kollha, inklużi l-ispejjeż tas-CRS sa mill-ewwel riżultati li juri l-viżwal hija fl-interess tal-konsumaturi. Dan jimpedixxi lil-linji ta' l-ajru milli jippreġudikaw il-viżwal billi jinkludu xi soprataxsi aktar tard fil-proċess tax-xiri.

3.3 Regoli dwar l-MIDT (*Marketing Information Data Tapes — MIDT*)

3.3.1 Id-data ta' l-MIDT tiġbor fiha informazzjoni dettaljata dwar l-attività globali tal-prenotazzjoni ta' l-aġenziji ta' l-ivvjaġġar u l-linji ta' l-ajru. Din l-informazzjoni tinġabar mis-CRS u tinbiegħ lil-linji ta' l-ajru. Id-data ta' l-MIDT tipprovdi lil-linji ta' l-ajru b'informazzjoni kompetittiva ta' valur li tinkludi informazzjoni dwar il-prenotazzjonijiet ta' l-aġenziji ta' l-ivvjaġġar, il-qligħ u t-tendenzi tat-traffiku.

3.3.2 Is-suq jista' jibbenefika mill-ksib ta' bilanċ bejn il-linji ta' l-ajru u l-aġenziji ta' l-ivvjaġġar, u meta l-identifikazzjoni ta' l-aġenti ta' l-ivvjaġġar ma tkunx possibbli, kemm direttament kif ukoll indirettament. Madankollu, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li d-data ta' l-MIDT tista' tinkiseb ukoll minn bnadi oħra bħall-IATA u biex inħarsu l-valur ta' din id-data, jehtiegħ li l-abbonati jkunu jistgħu jinnegozjaw mas-CRS stess u b'mod liberu kif ser tintuża d-data li jipprovdu.

3.3.3 Fl-Artikolu 7 għandha tiżdied klawsola li tippermetti lil-linji ta' l-ajru u lill-abbonati li jinnegozjaw it-termini tal-bejgħ tad-data ta' l-MIDT lis-CRS b'mod liberu.

3.4 Ir-regolamenti għall-abbonati

3.4.1 Ir-regolamenti preżenti jippruvaw jipproteġu lill-aġenziji ta' l-ivvjaġġar billi jippermettulhom li jtemmu kuntratt mas-CRS billi javżawhom fiż-żmien stabbilit ta' tliet xhur qabel.

3.4.2 L-Artikolu 6.2 għandu jitħassar sabiex ikun jista' jseħħ negozjar liberu bejn il-partijiet mingħajr il-bżonn ta' regolament.

3.5 Ftehimiet ta' hosting

3.5.1 Il-hosting għandu jibqa' separat mill-kuntratti tas-CRS sabiex il-linji ta' l-ajru ospitati, u speċjalment it-trasportaturi ewlenin ma jiġux trattati b'mod preferenzjali. Jekk it-trasportaturi ewlenin iċedu sehemhom fis-CRS, din ir-regola tista' tispiċċa.

3.6 Il-privatezza tad-data

3.6.1 Il-PNR huwa dokument li toħloq is-CSR hekk kif passiġġier jirriserva biljett għal vjaġġi bl-ajru jew bil-ferrovija, akkommodazzjoni, kiri ta' karozzi, assigurazzjoni u servizzi oħra relatati mal-vjaġġ. L-informazzjoni li jiġbor fih dan id-dokument hija sensitiva ħafna u għalhekk għandha tkun soġġetta għal liġijiet ta' privatezza stretti. L-informazzjoni li jiġbor fih dokument PNR tinkludi fost affarijiet oħra l-isem tal-passiġġier, id-dettalji ta' kuntatt tiegħu/tagħha, id-data tat-twelid, il-preferenzi personali tal-persuna li jistgħu jiżvelaw ir-reliġjon li jħaddan/tħaddan (eżempju meta jitlob għal platt koxer), id-dettalji ta' min qed iħallas il-vjaġġ, id-dettalji tal-karti ta' kreditu, id-dettalji ta' ħbieb, familjari jew kollegi li ser jivvjaġġaw mal-persuna, l-isem u d-dettalji ta' kuntatt ta' l-aġent ta' l-ivvjaġġar u fil-każ ta' vjaġġaturi tal-kumpaniji jiżdiedu kodiċi fil-PNR li jindikaw liema dipartiment jew klijent qiegħed iħallas għall-vjaġġ jew l-isem tat-trade union li jinsab fiha l-passiġġier. Permezz ta' din l-informazzjoni jista' jinbena profil dettaljat ħafna tal-passiġġieri u ta' persuni oħra, mhux neċessarjament passiġġieri, li għandhom x'jaqsmu mal-prenotazzjoni. Hekk kif stipulat fil-Kodiċi, l-UE għandha tiġgarantixxi l-protezzjoni ta' din id-data personali.

3.6.2 Il-liġijiet tal-Kodiċi tal-Kondotta dwar il-privatezza jinkisru mis-CRS b'mod sistematiku meta:

- jsir trasferiment tad-data mill-UE għal pajjiż terz
- l-informazzjoni personali tiġi proċessata mingħajr il-permess tas-suġġett tad-data
- meta l-informazzjoni taħt kontroll tas-CRS tintuża għal għanijiet li jmorru lil hinn minn prenotazzjoni

3.6.3 Id-Direttiva ta' l-UE 95/46/KE (li tikkomplementa d-dispożizzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-privatezza) tkun qed tinkiser ukoll għaliex din tistqarr li bħala l-parti responsabbli mit-trattament tad-data, is-CRS għandha titlob il-permess tas-suġġett tad-data biex tikkonferma informazzjoni personali u li din mhix ser titlaq mill-UE sa kemm il-pajjiż ma jipprovdi livell simili ta' protezzjoni ta' din id-data. Fl-Istati Uniti ma teżisti l-ebda liġi bħal din li tipproteġi d-data personali, b'hekk il-gvern jew entitajiet kummerċjali ta' l-Istati Uniti jistgħu jgħallu profili bbażati fuq data ta' vjaġġ li oriġina mill-UE, din id-data tista' tinżamm għal dejjem. Eżempju ta' dan hija l-iskema ta' l-Istati Uniti intitolata APIS (Advanced Passenger Information) li titlob li d-data ta' passiġġieri li ġejjin mil-UE tiġi proċessata mill-gvern ta' l-Istati Uniti sabiex dawn ikunu jistgħu jidħlu fil-pajjiż.

3.6.4 It-tisħiħ tar-regoli dwar il-privatezza tad-data għall-protezzjoni tas-suġġetti kollha tad-data li jinsabu f'dokument PNR u mhux ta' min qed jivvjaġġa biss.

3.6.5 L-UE għandha tiggarrantixxi l-infurzar tat-taqsimha dwar il-privatezza tad-data tal-Kodiċi, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasferiment, min-naħa tas-CRS, ta' l-informazzjoni personali li jiġbor fih dokument PNR. Dan għandu jiġi rikonoxxut fi trattati bilaterali mal-gvern tal-pajjiż terz. Il-ftehimiet li jeżistu bejn l-Istati Uniti u l-UE huma ftehimiet li ma jistgħux jiġu infurzati u mhumiex legalment vinkolanti.

3.6.6 L-introduzzjoni ta' regolament ġdid li jitlob li kull PNR li joħloqu l-abbonati tas-CRS jitħares mill-artikoli dwar il-Privatezza tad-Data tal-Kodiċi mingħajr eċċezzjoni, inklużi l-linji ta' l-ajru li jafdaw il-ġestjoni tal-bażi tad-data tal-PNR tagħhom f'idejn il-fornituri tas-CRS, l-aġenziji ta' l-ivvjaġġar, korporazzjonijiet u sorsi oħra ta' prenotazzjoni marbuta mas-CRS.

4. Konklużjoni — il-passi li jmiss

4.1 L-għan tas-simplifikar tal-Kodiċi ta' Kondotta huwa li joħloq ambjent ekonomiku aktar naturali li fih is-CRS ikunu jistgħu jikkompetu fuq bażi ta' prezzijiet u kwalità tas-servizz, filwaqt li jkun żgur li l-interessi tal-konsumatur jibqgħu l-ewwel prijorità.

4.2 Hemm bżonn ta' monitoraġġ mill-qrib tal-livell ta' konsolidament tal-kontenut (ngħidu aħna fornituri ġodda tas-servizz ferrovjarju jew trasportaturi low cost) li ġej mill-liberalizzazzjoni tal-prezzijiet. L-integrazzjoni tal-ferroviji u tat-trasportaturi low cost għandha ġgħib magħha prezzijiet irħas għall-konsumatur (u aktar għażla) permezz ta' CRS għal destinazzjonijiet ta' distanza qasira/medja. Dan jista' jirriżulta f'kompetizzjoni bejn il-prezzijiet tat-trasportaturi differenti li ġeneralment twassal għal roħs fil-prezz tal-vjaġġi fil-perijodu medju jew fit-tul. Għal dawk li jiddependu fuq il-fornituri tas-CRS għall-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar, dan ikun ta' benefiċċju kbir.

4.3 Għandha titħeġġeġ l-integrazzjoni ta' l-informazzjoni ferrovjarja fil-viżwal tas-CRS għax dan huwa fattur prinċipali sabiex jitnaqqas l-impatt ambjentali ta' l-ivvjaġġar bl-ajru u għall-promozzjoni ta' metodi aktar ekoloġiċi ta' l-ivvjaġġar.

4.4 Il-monitoraġġ ta' l-impatt tat-tneħħija tal-viżwal newtrali. Il-forzi tas-suq għandhom jinnewtralizzaw il-possibilità ta' mgħiba anti-kompetittiva anki min-naħa tat-trasportaturi ewlenin. M'għandux ikun għan regolatorju tal-Kodiċi li tinforza sors uniku ta' informazzjoni, konsolidat u newtrali permezz tas-CRS — fid-dawl tal-kundizzjonijiet tas-suq li dejjem jinbidlu, speċjalment ta' l-internet, dan qiegħed isir dejjem aktar irrelevant.

4.5 L-impatt soċjo-ekonomiku tal-bidliet proposti fil-Kodiċi ta' Kondotta għandu jiffoka wkoll fuq l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju, fosthom it-trasportaturi u l-aġenti ta' l-ivvjaġġar, li jistgħu jkunu vulnerabbli għall-flessibilità l-ġdida permessa fis-suq tas-CRS.

4.6 L-UE għandha trawwem kuxjenza pubblika dwar l-użu tad-data personali li tinsab fl-arkivji tal-prenotazzjoni. Il-pubbliku f'it li xejn huwa konxju mill-eżistenza tas-sistemi tas-CRS u x'jiġri eżatt mill-informazzjoni personali li jipproċessaw dawn is-sistemi. Mingħajr għarfien bħal dan, id-dritt li s-suġġetti tad-data jkollhom aċċess għad-data li għandha x'taqsam magħhom, kif propost mill-Kodiċi, jitlef is-sinifikat tiegħu. F'it li xejn tiġri li passiġġier jitlob lis-sistema għad-data personali tiegħu, sempliċiment għax ħafna drabi ma jkunx jaf li teżisti u li kieku jkun jaf mhux se jippermetti li tintuża.

4.7 Fil-proċess tal-konsultazzjoni għandha tiżdied ir-rappreżentanza ta' gruppi li ma jagħmlux parti mis-sistema ta' distribuzzjoni ta' l-ivvjaġġar b'mod dirett, ngħidu aħna ta' gruppi tal-konsumaturi u esperti dwar il-privatezza ta' l-informazzjoni. Dan jirriżulta f'opinjoni aktar bilanċjata dwar il-qagħda tas-suq tas-CRS fl-UE.

4.8 Valutazzjoni tal-progress tat-teknoloġija ta' l-ivvjaġġar online. It-titjib fl-oqsma tad-disponibilità, il-prenotazzjoni u l-funzjonalità ta' wara l-prenotazzjoni li jitwettag mis-CRS u minn kumpaniji oħra tat-teknoloġija ta' l-ivvjaġġar huma importanti ħafna. Titjib bħal dan fit-teknoloġija online se jagħti aktar saħħa lill-konsumatur u jista' jimponi aktar bidliet regolatorji.

4.9 Fir-rigward ta' żviluppi teknoloġiċi, il-linji ta' l-ajru ta' l-Istati Uniti ingħaqdu direttament ma' l-aġenziji ta' l-ivvjaġġar (u qabżu s-CRS), pass li jkompli jibdel ix-xenarju tas-CRS. Id-dipendenza fuq il-fornituri tas-CRS qed tkompli tonqos filwaqt li l-konsumatur, l-aġent ta' l-ivvjaġġar u l-linji ta' l-ajru qegħdin jiksbu aktar kontroll.

4.10 Aktar fornituri għandhom jitħeġġu jidħlu fis-suq. Iż-żieda fil-kompetizzjoni fost l-oligopolija fl-UE tistimula s-suq tas-CRS. Minn mindu tnehew ir-regolamenti fl-Istati Uniti⁽⁴⁾ tfaċċat ġenerazzjoni ġdida ta' fornituri tas-CRS li jagħmlu użu minn teknoloġija ġdida u li huma kapaċi joffru servizzi attraenti ħafna bi prezz irħas għal-linji ta' l-ajru.

4.11 Evalwazzjoni ta' l-impatt tat-tnaqqis ta' l-ispejjeż tad-distribuzzjoni kemm fuq is-suq intern kif ukoll fis-swieq internazzjonali f'dak li huma tariffi ta' l-ajru u l-qagħda kompetittiva mat-trasportaturi ta' l-Istati Uniti.

4.12 Il-Kodiċi ta' Kondotta għandha terġa' tiġi eżaminata fi żmien sentejn jew tlieta biex tiġi evalwata l-pożizzjoni tat-trasportaturi ewlenin, l-infurzar tal-protezzjoni tad-data personali, il-kundizzjonijiet tas-suq u l-konsultazzjonijiet ma' gruppi addizzjonali ta' lobbying qabel ma tiġi kkunsidrata xi reviżjoni oħra.

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

⁽⁴⁾ Eż. G2 Switchworks, Farelogix — dawn magħrufa bħala GNE jew GDS New Entrants.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm Komunitarju pluriennali dwar il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet u t-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni

COM(2008) 106 finali — 2008/0047 (COD)

(2008/C 224/13)

Nhar is-7 ta' April 2008, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 153 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm Komunitarju pluriennali dwar il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet u t-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni

Fil-11 ta' Marzu 2008 il-Bureau tal-Kumitat ta istruzzjonijiet lis-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà ta' l-Infommazzjoni sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett.

Minħabba l-urġenza tal-ħidma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, matul l-445 Sessjoni Plenarja tiegħu tat-28 u d-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju 2008), ħatar lis-Sinjura Sharma bħala rapporteur-general, u adotta din l-opinjoni unanimament.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ifaħħar lill-Kummissjoni għall-ħidma li diġà wettqet sabiex tindirizza l-kwistjoni tal-ħarsien tat-tfal "mit-teknoloġiji online" ⁽¹⁾ u jinnotta speċifikament li grazzi għall-kampanji ta' l-imsieħba soċjali, b'mod partikolari l-NGOs u l-avveniment annwali tal-Kummissjoni, "Jiem ta' l-Internet aktar Sikur", il-livell medju ta' għarfien fost il-pubbliku dwar dan qiegħed jiżdied.

1.2 Il-KESE ħejja diversi opinjonijiet li jenfasizzaw dawn il-kwistjonijiet ⁽²⁾. Huwa jirrakkomanda approċċ ibbażat fuq sħubija internazzjonali li jhegġegħ:

1.2.1 L-iskambju internazzjonali tad-data, l-iskambju ta' l-ideat fost il-gvernijiet, l-infurzar tal-liġi, hotlines, istituzzjonijiet bankarji, finanzjarji u tal-kreditu, ċentri ta' l-għoti ta' pariri kontra l-abbuż tat-tfal, organizzazzjonijiet għall-ġid tat-tfal u l-industrija ta' l-internet.

1.2.2 Grupp ta' ħidma ta' l-UE u/jew internazzjonali li jiltaqa' kull tliet xhur bil-għan li jiffaċilita l-iskambju tad-data, ta' l-għarfien espert u tal-prattika tajba bejn il-partijiet interessati u li jinkludi l-hotlines, l-infurzar tal-liġi, il-gvernijiet u b'mod partikolari l-industrija internazzjonali ta' l-internet.

1.2.3 It-tifsira u l-promozzjoni ta' mudell internazzjonali u Ewropew ta' Prattika tajba għall-ġlieda kontra l-materjal ta' l-abbuż sesswali tat-tfal fuq l-internet permezz tal-hotlines.

1.2.4 Evalwazzjoni tal-hotlines kollha li jeżistu jew li ser jibdew jeżistu fil-futur fid-dawl tal-prattika tajba li hija aċċettata bħal issa u l-valutazzjoni tal-prestazzjoni tagħhom fid-dawl tal-mudelli l-ġodda ta' Prattika tajba.

⁽¹⁾ Għall-iskopijiet ta' dan id-dokument, "it-teknoloġiji online" tirreferi għat-teknoloġiji li jintużaw għall-aċċess għall-Internet u għat-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni. Barra minn hekk, f'xi każijiet, bħal fil-logħob tal-kompjuter, hemm użi kemm "online" kif ukoll "offline" tal-kontenut u tas-servizzi u t-tnejn jistgħu jkunu rilevanti għas-sikurezza tat-tfal.

⁽²⁾ "Kontenut illegali — l-Internet" ĠU C 61, 14.3.2003, p. 32 (mhux disponibbli bil-Malti) u "L-użu aktar sikur ta' l-Internet" ĠU C 157, 28.6.2005, p. 136 (mhux disponibbli bil-Malti).

1.2.5 Ir-razzjonalizzazzjoni tar-riżorsi għall-programmi u ta' l-allokazzjoni tal-fondi li ser jintużaw fil-futur b'riżultat ta' l-evalwazzjoni tal-hotlines.

1.2.6 Il-parteċipazzjoni tal-hotlines fil-proġett Ewropew tal-bażi tad-data.

1.2.7 It-tħeġġiġ ta' sħubiji bejn il-hotlines u organizzazzjonijiet rilevanti oħra u r-reġistri nazjonali bl-ismijiet tad-dominji sabiex jitneħħew l-ismijiet ta' dawk id-dominji li jipprovmu l-abbuż sesswali tat-tfal jew li jipprovdu aċċess għal kontenut bħal dan.

1.2.8 Sforzi konġunti sabiex il-poplu jsir aktar konxju mill-problemi ta' "grooming" u "cyber-bullying" ⁽³⁾ li jeżistu u sabiex l-aġenziji inkarigati mill-infurzar tal-liġi u l-organizzazzjonijiet tal-karità tat-tfal taslihom l-informazzjoni neċessarja.

1.2.9 L-introduzzjoni ta' proċeduri ta' appoġġ għall-analisti u dawk li jaħdmu fl-ambjent tal-hotlines u li jkollhom jaraw il-kontenut.

1.2.10 Ħidma sabiex tiġi assicurata l-armonizzazzjoni ta' l-oqfsa legali f'dan il-qasam fl-Istati Membri kollha.

1.2.11 It-twaqqif ta' uffiċċju speċjalizat fil-livell tal-Kummissjoni li jassumi r-rwol ta' awditur indipendenti f'dan il-qasam, li jikkoordina r-riċerka u li jeżamina l-implimentazzjoni tal-programmi u tar-rakkomandazzjonijiet.

1.2.12 It-twaqqif ta' pjattaforma annwali ta' "esperti" li tintensifika t-trasferiment ta' l-informazzjoni.

⁽³⁾ "Grooming" (il-fażi ta' qabel l-abbuż sesswali): kuntatt dirett min-naħa ta' dawn il-predaturi li jikkuntattjaw lit-tfal sabiex jikkommettu abbuż sesswali; "Cyber-bullying": bullying li jseħħ online.

1.2.13 It-twaqqif ta' forum taż-żgħażaġh sabiex nassiguraw li l-fehmiet tat-tfal u taż-żgħażaġh ikunu jagħmlu parti mir-riċerka u l-implimentazzjoni tal-programmi li jsiru fil-futur.

1.2.14 L-użu proattiv u kollaborattiv tal-fondi li ġejjin minn sorsi bħall-programm Daphne u l-Programmi favur Internet aktar Sikur.

1.2.15 Li naħdmu flimkien ma' l-awtoritajiet ikkonċernati ta' l-Istati Uniti sabiex inħeġġu li jitnaqqas il-kontenut ta' l-abbuż sesswali tat-tfal ospitat fl-Istati Uniti u sabiex jibda jsir skambju transatlantiku attiv tad-data.

1.3 Meta jittieħed approċċ ibbażat fuq is-sħubija għal ħidma bħal din inkunu qed nassiguraw il-ksib tal-livell massimu ta' għarfien espert, tad-disseminazzjoni ta' l-informazzjoni u ta' fondi. Barra minn hekk approċċ bħal dan jiggarrantixxi l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati u ta' l-imsieħba soċjali fl-isforzi li qed tagħmel l-UE sabiex tnaqqas il-kontenut illegali disponibbli online u l-aċċess għalih.

2. Kumment ġenerali dwar il-proposta tal-Kummissjoni:

2.1 It-teknoloġiji ta' l-internet u tal-komunikazzjoni (minn issa 'l quddiem "it-teknoloġiji online") (*) kienu għodda ta' komunikazzjoni maħsuba u ddisinjati prinċiparjament għall-akkademiċi u għar-riċerkaturi. Illum-il-ġurnata madankollu, din l-għodda qed tintuża fid-djar, fl-iskejjel, fin-negozji u fl-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-biċċa l-kbira tad-dinja.

2.2 It-tfal huma utenti attivi tat-teknoloġiji online, tendenza li kull ma jmur qed tkompli tiżdied. Barra mill-benefiċċji li jistgħu jiksibu mill-interattività u l-parteċipazzjoni fl-ambjent ta' fuq l-internet, it-tfal jistgħu jaffaċċjaw ukoll riskji serji:

- (a) Ħsara diretta meta jisfaw vittmi ta' l-abbuż sesswali ddokumentat permezz ta' stampi, films jew files awdjovivi u trażmess fuq l-internet (il-materjal ta' l-abbuż tat-tfal);
- (b) Ix-xandir perpetwu ta' l-abbuż sesswali tal-vittmi b'riżultat tat-trażmissjoni ripetuta ta' l-abbuż li ġie ddokumentat u li huwa disponibbli globalment fuq l-internet.
- (c) Kuntatt dirett mal-predaturi li jagħmlu ħbieb magħhom sabiex iwettqu l-abbuż sesswali ("grooming" (il-fażi ta' qabel l-abbuż sesswali);
- (d) Vittmi tal-bullying li jseħħ online ("cyber-bullying").

2.3 Tendenzi oħra jinkludu (irreferi għall-Appendiċi 1) (²):

- (a) L-evoluzzjoni rapida u dinamika ta' xenarji teknoloġiċi ġodda kkaratterizzata dejjem aktar mill-konverġenza diġitali, mir-rotot ta' distribuzzjoni veloċi, l-aċċess għall-internet fuq iċ-ċellulari, il-Web 2.0, l-aċċess Wi-Fi, u formati ġodda tal-kontenut u tas-servizzi teknoloġiċi online;
- (b) Ir-rikonoxximent ta' l-età ferm żgħira tat-tfal li jisfaw vittmi u l-estrem ta' abbuż sesswali serju li qed isofru;
- (c) Dettalji preċiżi dwar l-iskala tal-problema tal-websites li jeżistu, li jxandru l-abbuż sesswali tat-tfal: il-problema hija konkreta u "maniġġabbli" u tinvolvi madwar 3000 sit ospi-

(*) Irreferi għall-ewwel nota.

(²) Dan l-Appendiċi huwa disponibbli bl-Ingliż biss u jinstab meħmuż mal-verżjoni elettronika ta' l-Opinjoni fuq l-internet.

tati fis-sena madwar id-dinja kollha li jiffaċilitaw l-aċċess għal mijiet ta' eluf ta' stampi ta' l-abbuż sesswali tat-tfal;

- (d) Id-data riċenti dwar in-networks reġjonali li jospitaw l-abbuż sesswali tat-tfal timplika li fil-maġġoranza tiegħu, il-kontenut huwa ospitat fl-Istati Uniti;
- (e) Id-data riċenti timplika li l-kontenut ta' l-abbuż tat-tfal fuq l-internet regolarment jgħaddi mingħand kumpanija li tospitah għall-oħra jew mingħand pajjiż għall-ieħor sabiex jiġi evitat ir-riskju li r-responsabbli jinqabad u jkollu jwarrab il-materjal. Dan huwa fattur li jikkompjika l-investigazzjonijiet legali li jsiru fuq livell nazzjonali biss;
- (f) In-nuqqas ta' sforzi internazzjonali min-naħa tar-reġistri nazzjonali ta' l-ismijiet tad-dominji sabiex jitneħħew id-dominji li jippromovu l-abbuż tat-tfal jew li jipprovdu aċċess għal kontenut bħal dan;
- (g) Id-differenza li teżisti bejn il-ġenerazzjonijiet (generation gap) u li potenzjalment ser tkompli tikber, jiġifieri d-differenza bejn l-użu li jagħmlu ż-żgħażaġh mit-teknoloġiji online u l-perċezzjoni li għandhom tar-riskji involuti u l-perċezzjoni li għandhom l-adulti dwar l-użu ta' l-internet;
- (h) L-aċċess tal-pubbliku għall-materjal li jesponi l-abbuż sesswali tat-tfal jista' jitnaqqas min-naħa tal-proveddituri tas-servizzi billi dawn volontarjament jibblokkaw l-aċċess għall-URLs individwali;
- (i) L-importanza tar-rakkomandazzjonijiet nazzjonali dwar l-għodda online bħall-prodotti ta' l-ifiltrar, preferenzi li jsaħħu s-sikurezza waqt l-użu ta' l-għodod tat-tiftix eċċ.

2.4 Il-ħarsien ta' dawk kollha li jużaw l-internet, b'mod speċjali t-tfal, minn kontenut u imġiba illegali u dannuża fuq l-internet u l-għieda kontra t-tixrid ta' dal-kontenut illegali huma kollha kwistjonijiet ta' tħassib kostanti għal dawk li jfasslu l-politika u l-liġijiet, għall-industrija u għall-utenti finali u b'mod partikolari għall-ġenituri, għal dawk li jieħdu ħsieb it-tfal u għall-edukaturi.

2.5 Mill-perspettiva legali, għandha ssir distinzjoni essenzjali bejn dak li huwa illegali u dak li huwa dannuż għaliex it-tnejn jeħtieġu metodi, strateġiji u għodda differenti. Dak li jitqies illegali jvarja minn pajjiż għall-ieħor, huwa definit mil-liġi nazzjonali applikabbli u jieħdu ħsieb dawk inkarigati mill-infurzar tal-liġi, il-korpijiet tal-gvern u l-hotlines li għandhom l-awtorità.

2.6 Il-KESE jirrakkomanda li l-armonizzazzjoni leġislattiva bejn l-Istati Membri tiġi implimentata u infurzata fil-livell nazzjonali u tkun tinkludi mill-inqas il-punti li ġejjin hekk kif stabiliti fil-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-kriminalità elettronika (³):

- a) id-definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi l-materjal ta' l-abbuż tat-tfal;
- b) il-fatt li dan l-abbuż sesswali jirrigwarda minuri li għandhom anqas minn 18-il sena,
- c) il-fatt li l-pussess jew li wieħed jara jew iniżżel kontenut ta' l-abbuż sesswali tat-tfal huma kollha reati soġġetti għal sentenzi ħorox.

(³) Il-Kunsill ta' l-Ewropa ETS 185 Il-Konvenzjoni dwar il-kriminalità elettronika XI2001, <http://conventions.coe.int/Treaty/en/Treaties/Html/185.htm>

2.7 Minkejja li diġà ġew stabbiliti standards Ewropej li jiċċaraw il-kwistjonijiet legali permezz ta' rakkomandazzjonijiet u direttivi, jeħtieġ li jiġi stabbilit jekk dawn l-istandards ġewx implimentati fl-Istati Membri.

2.8 Il-kontenut dannuż jikkonsisti f'kontenut li l-ġenituri, l-għalliema u adulti oħrajn iqisu li jagħmel ħsara lit-tfal. Id-definizzjonijiet ta' dan il-kontenut iwarjaw minn pajjiż għall-ieħor u minn kultura għall-oħra, u jistgħu jirreferu għall-pornografija, il-vjolenza, ir-razziżmu, il-ksenofobija u s-siti li jippromovu diskors u mużika ta' mibegħda, il-mutilazzjoni personali, l-anoreksja u s-suwiċidju. Il-KESE jagħraf hemm hu diffiċli li jinħolqu sħubiji internazzjonali dwar dan il-materjal madankollu jemmen li jistgħu jsiru sforzi nazzjonali sabiex jiżdied l-għarfien dwar dawk l-għodda, il-metodi u t-teknoloġiji li jistgħu jipproteġu lit-tfal milli jkunu esposti għal dan il-kontenut.

2.9 L-UE ilha minn ta' quddiem nett fil-ħarsien tat-tfal fuq l-internet sa mill-1996, u l-programmi suċċessivi ta' Internet Aktar Sikur (il-Pjan ta' Azzjoni għal Internet aktar sikur 1999-2004 u l-Programm ta' Internet Aktar Sikur Plus 2004-2008) kienu karatteristika ewlenija tal-ħidma tal-Kummissjoni f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni adottat ukoll Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' Internet aktar Sikur Plus matul il-perijodu mill-2005 sa l-2006⁽⁷⁾. Barra minn hekk il-valutazzjoni ta' l-impatt li saret bejn April u Lulju 2007⁽⁸⁾ ikkonfermat li l-azzjonijiet li twettqu kienu effettivi, filwaqt illi saħqet fuq il-ħtieġa li dawn jiġu adattati għat-teknoloġiji ta' l-internet il-ġodda u l-kriminalità dinamika f'dan il-qasam.

2.10 L-għan tal-programm il-ġdid se jkun li jippromovi użu aktar sikur ta' l-Internet u tat-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni, b'mod partikolari għat-tfal, u li jiġġieled il-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet billi jiffaċilita l-kooperazzjoni, l-iskambju ta' l-esperjenzi u ta' l-aqwa Prattiki fil-livelli kollha dwar il-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien tat-tfal fuq l-internet u b'hekk jiġi assigurat il-valur miżjud Ewropew.

2.11 Il-programm ser jinkludi erba' azzjonijiet li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma mmirati li jħeġġu l-kooperazzjoni internazzjonali:

- (a) it-tnaqqis tal-kontenut illegali u l-ġlieda kontra l-imġiba dannuża fuq l-internet;
- (b) il-promozzjoni ta' ambjent aktar sikur fuq l-internet;
- (c) it-tixrid tal-kuxjenza pubblika;
- (d) il-ħolqien ta' bażi ta' l-għarfien.

⁽⁷⁾ COM (2006) 661 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' Programm Komunitarju multiannwali dwar il-promozzjoni ta' użu aktar sikur ta' l-internet u ta' teknoloġiji online ġodda (Safer Internet Plus).

⁽⁸⁾ <http://ec.europa.eu/saferinternet>.

2.12 Madankollu l-KESE jixtieq li tingħata definizzjoni u kjarifika legali tat-termini "dannuż" u "imġiba" b'mod partikolari fir-rigward tat-traspożizzjoni tagħhom fil-liġi nazzjonali. Jeħtieġ ukoll kjarifika tar-rwol tal-hotlines li ma jinvestigawx lill-persuni suspettati u li m'għandhomx il-poter neċessarju sabiex dan jagħmluh. (Irreferi għal Appendiċi 2)⁽⁹⁾.

3. Mudell internazzjonali

3.1 L-internet mhuwix il-proprjetà ta' gruppi multinazzjonali li jikkontrollaw il-kontenut, u l-anqas ma huwa mmexxi minnhom. L-internet huwa magħmul minn mijiet ta' miljuni ta' paġni ġejjin min-numru enormi ta' pubblikaturi, fattur li jagħmilha diffiċli li wieħed jikkontrolla l-kontenut illegali. Madankollu l-azzjoni favur it-tnaqqis tad-disponibbiltà tal-kontenut illegali hija possibbli kemm fil-livell lokali (fid-djar) kif ukoll fil-livelli nazzjonali u internazzjonali (inkluż is-cyberspace) dejjem jekk il-partijiet interessati jaħdmu flimkien.

3.2 L-Internet Watch Foundation identifikat 2755 sit li jxerrdu l-abbuż sesswali tat-tfal u li kienu ospitati fuq livell internazzjonali fl-2007. 80 % ta' dawn is-siti huma operazzjonijiet kummerċjali li spiss jgħaddu minn kumpanija li tospitahom għall-oħra jew minn reġjun għall-ieħor sabiex jevitaw li jinqabdu⁽¹⁰⁾. Minħabba tattiċi bħal dawn u sforz il-kumplessità multinazzjonali ta' l-atti kriminali, huwa biss permezz ta' approċċ globali konġunt li jinvolvi l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi, il-gvernijiet u s-settur internazzjonali ta' l-internet online, li ser jirnexxielna nassiguraw l-investigazzjoni effettiva ta' dawn is-siti, tal-kontenut tagħhom u l-organizzazzjonijiet li jmxexxuhom.

3.3 Il-KESE jagħraf li jeħtieġ "approċċ ibbażat fuq is-sħubija" sabiex nassiguraw il-ħarsien tat-tfal. Jeħtieġ li l-imsieħba soċjali li jinkludu l-gvern, l-industrija ta' l-internet, l-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi, l-organizzazzjonijiet tal-karità favur il-ħarsien tat-tfal, innegożji, ir-rappreżentanti ta' l-impjegati, l-NGOs, l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u l-pubbliku, jaħdmu flimkien sabiex jiġbdu l-attenzjoni lejn il-perikli u r-riskji involuti. Fl-istess ħin għandhom jassiguraw li ż-żgħażaġh jistgħu jibbenefikaw minn din l-għodda revoluzzjonarja li tippermetti s-soċjalizzazzjoni, it-tagħlim u l-innovazzjoni.

3.4 L-internet tejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' ħafna, b'mod partikolari taż-żgħażaġh, ta' l-anzjani u tan-nies li jbatu minn diżabilità. Huwa għodda ta' komunikazzjoni unika li qed tiżviluppa dejjem aktar "f'network soċjali". Id-dinamika għdida li nibtet f'dak li jikkonċerna stil ta' ħajja, tendenzi familjali u l-mudelli tax-xogħol għabet magħha aktar indipendenza u ammont ta' ħin li wieħed iqatta' iżolat. Li niproteġu lill-utent, b'mod partikolari lill-utent l-aktar vulnerabbli, speċjalment it-tfal, mhijiex ir-responsabbiltà ta' dawk li jieħdu ħsiebhom biss.

⁽⁹⁾ Dan l-Appendiċi huwa disponibbli bl-Ingliż biss u jinstab mehmuż mal-verżjoni elettronika ta' l-Opinjoni fuq l-internet.

⁽¹⁰⁾ Il-hotline tar-Renju Unit fejn wieħed jista' jirraporta kontenut illegali: Il-kontenut ta' l-abbuż sesswali tat-tfal ospitat madwar id-dinja u l-kontenut li juri oxxenitajiet kriminali u li jqaqal il-mibegħda razzista ospitat fir-Renju Unit * Irreferi għal Appendiċi 1 u 2 (li huma disponibbli bl-Ingliż biss u jinstabu mehmuża mal-verżjoni elettronika ta' l-Opinjoni fuq l-internet).

3.5 It-teknoloġiji u s-servizzi ġodda huma importanti ħafna għall-innovazzjoni u għall-iżvilupp tan-negozji fuq livell globali. Ta' spiss iż-żgħażaġh ikunu minn ta' l-ewwel li jifhemu dawn il-possibbiltajiet u li jidħlu għall-innovazzjoni. Madankollu, dan l-iżvilupp iġib miegħu ukoll abbuż u din kwistjoni li qed issir dejjem aktar inkwetanti. Il-korpi awtoregulatorji ta' l-industrija u tal-partijiet interessati jafu ħafna dwar dawn it-teknoloġiji u għalhekk jistgħu jiżviluppaw miżuri li jiġġieldu dan l-abbuż. Li jseħħ skambju ta' l-għarfien, li titqajjem il-kuxjenza pubblika, li l-konsumaturi jkunu jafu x'għandhom jagħmlu biex jirrapurtaw sit u li jkun hemm distribuzzjoni tal-fondi għall-kontra l-abbuż, b'mod speċjali l-abbuż tat-tfal, huma kollha dmirijiet essenzjali li jagħmlu parti mir-responsabbiltà soċjali korporattiva ta' l-industrija ta' l-internet.

3.6 L-iskala u n-natura tal-problema tad-distribuzzjoni tal-kontenut ta' l-abbuż sesswali tat-tfal fuq l-internet huma s-suġġett ta' ħafna spekulazzjoni. Ir-rapport tal-Kummissjoni għaraf li fl-Istati Membri jeżisti nuqqas ta' informazzjoni statistika dwar dan. L-isforzi għandhom ikunu indirizzati lejn l-investigazzjoni tal-movimenti u l-attivitajiet tas-siti assoċjati mad-distribuzzjoni tal-kontenut ta' l-abbuż tat-tfal sabiex l-informazzjoni tkun tista' tingħata lill-korpi awtorizzati u lill-aġenziji internazzjonali responsabbli mill-infurzar tal-liġi sabiex jordnaw li dan il-kontenut jitneħħa minn fuq l-internet u li d-distributuri jiġu investigati.

3.7 Dawn iridu jkunu organizzazzjonijiet stabbiliti fil-livell nazzjonali u għandhom jiltaqgħu regolarment fi ħdan il-Kummissjoni sabiex joħlqu strateġiji. Għodda li tista' tkun ta' valur f'dan il-qasam hija pjattaforma fil-livell ta' l-UE li tiġbor fiha rappreżentanti ta' l-industrija, il-gvernijiet, l-istituzzjonijiet bankarji, finanzjarji u tal-kreditu, l-NGOs, il-qasam ta' l-edukazzjoni u r-rappreżentanti tal-ħaddiema u ta' min iħaddem. Il-pjattaforma tista' sservi ta' għodda għall-analiżi rapida u għall-azzjoni fl-UE kollha u tista' tikkontribwixxi għat-tixrid ta' l-informazzjoni lil hinn mill-fruntieri ta' l-UE sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni fil-qasam ta' l-infurzar internazzjonali tal-liġi.

3.8 Għandha titħeġġeġ laqgħa annwali ta' l-esperti ta' l-UE dwar l-iżviluppi teknoloġiċi, il-fatturi psikosozjali u l-infurzar tal-liġi sabiex insaħħu l-iskambju ta' l-għarfien. Ir-riżultati ta' dawn il-laqgħat imbagħad ikunu jistgħu jixxerdu madwar l-Istati Membri u l-membri tal-pjattaforma kollha sabiex jiġu addattati, integrati jew użati fil-livell nazzjonali u lokali.

3.9 Għandu jitwaqqaf imbagħad uffiċċju speċjalizzat fil-livell tal-Kummissjoni li jkun inkarigat mir-riċerka dwar proġetti Ewropej u proġetti oħra li saru fil-livell globali. L-uffiċċju għandu jappoġġja lill-pjattaforma sabiex l-informazzjoni tkun aġġornata, relevanti u tinkludi statistika u sabiex il-mezzi effettivi ta' kif tista' tiġi miġġielda l-kwistjoni kkonċernata jaslu għand l-imsieħba attivi kemm jista' jkun malajr. Iż-żjarat u l-monitoraġġ tal-programm jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' l-uffiċċju speċjalizzat ukoll. Barra minn hekk l-uffiċċju jista' jassisti lill-hotlines indipendentement u janalizza l-applikazzjonijiet għal proġetti ġodda sabiex nassiguraw li ma jsirx xogħol żejjed u li jkun qiegħed isir użu effettiv u effiċjenti tal-fondi. L-uffiċċju jista' jipproponi wkoll l-imsieħba. Ir-rwol ta' l-uffiċċju speċjalizzat ikun li jirreaġixxi għall-isfidi l-ġodda bl-istess veloċità li biha jkunu qed jiżviluppaw.

3.10 Il-“forum taż-żgħażaġh” jista' jkollu valur kbir għaliex permezz tiegħu jkunu qed jiġu involuti iż-żgħażaġh u tkun qed tixxerred l-informazzjoni fost in-networks soċjali wżati minn dawk li huma l-aktar vulnerabbli. Iż-żgħażaġh għandhom il-linwaġġ tagħhom u ħafna drabi jsibuha bi tqila li jagħtu widen lill-kbar iżda normalment ikunu lesti li jilqgħu il-pariri ta' żgħażaġh li ġejjin mill-istess ambjent soċjali tagħhom. “Id-drittijiet tat-tfal” għandhom jiġu kkunsidrati wkoll għalhekk jeħtieġ li iż-żgħażaġh ikunu involuti f'dan il-proċess.

3.11 Neħtieġu mudell effettiv u neħtieġu wkoll l-impenn tal-partijiet interessati li jaqsmu l-informazzjoni u l-għarfien sabiex inkunu nistgħu naddattaw għall-forom ġodda ta' kriminalità li ġejjin mid-dinja kollha.

4. Linji gwida għall-implimentazzjoni tal-hotlines

4.1 Mudell ta' prattika tajba għall-hotlines:

4.1.1 Analisti mħarrġa u rikonoxxuti fil-qasam ta' l-analiżi tal-kontenut illegali fuq l-internet.

4.1.2 Analisti mħarrġa li jitraċċaw kontenut illegali potenzjali fuq l-internet.

4.1.3 Approċċ ibbażat fuq is-sħubija bejn il-partijiet interessati ewlenin tal-pajjiżi li jinkludu l-gvernijiet, l-istituzzjonijiet bankarji, finanzjarji u tal-kreditu, il-qasam ta' l-infurzar tal-liġi, l-organizzazzjonijiet li jaħdmu mal-familji, l-organizzazzjonijiet tal-karità tat-tfal u b'mod partikolari l-industrija ta' l-internet.

4.1.4 Hotline ko-regolatorja u awto-regolatorja li taħdem fi sħubija ma' l-industrija ta' l-internet nazzjonali u timxi magħhom skond Kodiċi ta' Prattika.

4.1.5 Proċedura universali ta' “notifikazzjoni u tneħħija” ta' kontenut illegali ospitat minn kwalunkwe kumpanija nazzjonali.

4.1.6 Il-parteċipazzjoni tal-hotlines fil-proġett Ewropew tal-bażi tad-data ta' URLs li għandhom kontenut ta' l-abbuż sesswali tat-tfal.

4.1.7 L-impenn tal-kumpaniji internazzjonali ta' l-internet li jibblukkaw in-networks tal-lista sħiħa ta' siti li jxandru l-pornografija tat-tfal sabiex inħarsu lill-utenti milli jesponu ruħhom għal kontenut bħal dan bi żball.

4.1.8 Li l-hotlines ikollhom websites komprensivi fil-lingwi nazzjonali tagħhom li jipprovdu mekkaniżmu anonimu li permezz tiegħu jistgħu jsiru rapporti lill-hotlines u lill-organizzazzjonijiet relevanti oħra dwar kwistjonijiet li ma jaqgħux taħt il-kompetenza tagħhom bħall-grooming u s-cyber-bullying.

4.1.9 Li titqajjem kuxjenza dwar ir-rwol tal-hotlines u l-kwistjonijiet relatati.

4.1.10 Id-disponibbiltà ta' data Ewropea u internazzjonali u l-iskambju ta' informazzjoni u tal-kompetenzi.

4.1.11 Il-parteċipazzjoni fi sħubiji mal-partijiet interessati fuq livell Ewropew u fuq livell internazzjonali sabiex isir skambju ta' data, informazzjoni u ideat għall-ġlieda kontra n-natura trans-konfinali ta' dawn l-atti kriminali.

4.1.12 Azzjoni fil-livell Ewropew u fil-livell internazzjonali sabiex il-kontenut ta' l-abbuż tat-tfal jitneħħa minn fuq l-internet u sabiex id-distributuri responsabbli jiġu investigati kull fejn huwa ospitat dan il-kontenut madwar id-dinja.

4.1.13 Li tingħata għajnuna lil kwalunkwe korp nazzjonali jew internazzjonali mwaqqaf sabiex jaħdem kontra dawn is-siti fuq livell internazzjonali u li tiġi ffaċilitata l-kollaborazzjoni multinazzjonali bejn l-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi.

4.1.14 Id-disseminazzjoni tal-linji gwida lil min iħaddem, lill-għalliema, lill-organizzazzjonijiet, lill-ġenituri u lill-għalliema permezz ta' programmi edukattivi bħal "ThinkuKnow" tas-CEOP (The Child Exploitation and Online Protection Centre (tal-pulizija tar-Renju Unit).

4.1.15 Li titqajjem kuxjenza fost l-utenti ta' l-internet bis-sħubija jew sponsorship tal-kumpaniji nazzjonali online.

4.1.16 L-organizzazzjonijiet għandhom ikunu membri ta' l-INHOPE (International Association of Internet Hotlines — Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Hotlines fuq l-Internet) li tassigura li jsir skambju internazzjonali tal-prattika tajba bejn il-hotlines u li l-industrija telimina l-kontenut ⁽¹⁾.

4.1.17 Il-proċeduri tar-rapporti għandhom ikunu sempliċi, jirrispettaw l-anonimità ta' min ikun qed jirrapporta u jipproċessaw l-informazzjoni malajr.

4.1.18 L-operaturi tal-hotlines għandhom jipprovdu proċeduri li jiggarrantixxu appoġġ u pariri għall-analisti li jaħdmu magħhom u li jkollhom jaraw il-kontenut.

4.2 Barra minn hekk il-hotlines għandhom:

- (a) Jiżviluppaw sħubiji mar-reġistri nazzjonali ta' l-ismijiet tad-dominji sabiex jassiguraw li d-dominji li jipprovdu aċċess għall-kontenut ta' l-abbuż tat-tfal jew li jippromovuh jiġu investigati u eliminati;
- (b) Jippruvaw jiksbu fondi volontarji u fuq bażi awto-regolatorja mingħand kumpaniji internazzjonali ta' l-internet li jibbenefikaw mill-mekkaniżmu tar-rapporti tal-hotlines, mill-proċedura ta' "notifikazzjoni u tneħħija" u mill-informazzjoni aġġornata dwar siti li għandhom jiġu bblukkati.
- (c) Iħeġġu u jiffaċilitaw l-eliminazzjoni tas-siti li jxandru l-abbuż sesswali tat-tfal min-naħa ta' l-industrija ta' l-internet fil-pajjiż ikkonċernat.

⁽¹⁾ Bejn Settembru 2004 u Diċembru 2006 INHOPE ipproċessat 1,9 miljun rapport, 900 000 minnhom mingħand il-pubbliku, 160 000 intbagħtu għand l-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi.

(d) Iħeġġu relazzjonijiet pożittivi bejn il-hotlines u l-helplines, u lill-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi joffrullhom il-possibbiltà li jirraportaw l-informazzjoni. Permezz t'hekk titqajjem kuxjenza dwar kwistjonijiet rilevanti u aġġornati.

5. Kummenti speċifiċi: Il-proposta tal-Kummissjoni

5.1 Il-Proposta tal-Kummissjoni ma twegħibx diversi mistoqsijiet:

- (a) Min ser jikkoordina l-miżuri proposti u b'liema kwalifiki?
- (b) Kif qed jitħejjew il-kriterji għas-setturi differenti? Ħafna mill-programmi stabbiliti jaqgħu taħt aktar minn kriterju wieħed tal-bażi ta' data ta' l-għarfien proposta ⁽¹²⁾.
- (c) Min hu inkarigat mill-għażla tal-kandidati adegwati?
- (d) Min hu responsabbli għall-evalwazzjoni kontinwa u n-networking ta' dawn il-proġetti?

5.2 Billi nwiegħbu dawn il-mistoqsijiet inkunu qed nevitaw li nerġgħu nwettqu u nagħmlu xogħol li diġà sar u nkunu qed nassiguraw li jsir użu effettiv u effiċjenti tal-fondi. Huwa importanti ħafna li niggarantixxu li l-esperti f'dan il-qasam jiġu involuti b'mod attiv u jaħdmu fil-qrib mal-konsulenti u l-ħaddiema taċ-ċivil. Dan jgħodd ukoll għall-proposta li għamilna għal uffċju speċjalizzat fil-livell tal-Kummissjoni ikarigat milli jistħarreġ dwar il-proġett, jsir midħla tagħhom, iżur l-organizzazzjonijiet li qed iwettquhom u jibqa' f'kuntatt magħhom.

5.3 Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-użu aktar proattiv u kollaborattiv tal-fondi li ġejjin minn sorsi bħall-programm Daphne u l-Programmi favur Internet aktar Sikur.

5.4 Fl-aħħar il-Kumitat jitlob lill-Kummissjoni sabiex tenfasizza l-importanza u l-impatt ta':

- L-Addozzjoni, fl-Istati Membri kollha, tal-proċedura ta' "notifikazzjoni u tneħħija" tal-kontenut ta' l-abbuż sesswali tat-tfal min-naħa tal-hotlines u l-industrija ta' l-internet.
- L-addozzjoni mifruxa ta' l-inizjattiva għall-ħarsien ta' l-utenti ta' l-internet billi l-aċċess għall-URLs li jxandru kontenut ta' l-abbuż sesswali tat-tfal jiġi bblukkati.
- Sforz internazzjonali min-naħa tar-reġistri ta' l-ismijiet tad-dominji u l-awtoritajiet rilevanti sabiex jiġu eliminati d-dominji assoċjati ma' l-abbuż sesswali tat-tfal.

⁽¹²⁾ Per eżempju: Il-proġett ta' prevenzjoni l-Innoċenza fil-Periklu kapaċi jirrispondi għal diversi kriterji. Bħal dan jeżistu diversi eżempji oħra.

5.5 Dawn il-miżuri jnaqqsu l-okkażjonijiet fejn l-utenti innoċenti ta' l-internet jiġu esposti għal kontenut trawmatiku u illegali, inaqqsu l-vittimizzazzjoni perpetwa tat-tfal billi jirrestrinġu l-opportunità li wieħed jarahom jiġu abbużati, jostakolaw l-aċċess u l-forniment ta' kontenut bħal dan għal dawk li jixtiequ jaċċessawh u jostakolaw id-disseminazzjoni ta' immaġnijiet fost l-utenti ta' l-internet għall-profitt kummerċjali ta' organizzazzjonijiet kriminali.

5.6 L-implimentazzjoni ta' dawn l-attivitajiet ser ittellef l-operazzjonijiet tad-distributuri tal-kontenut ta' l-abbuż sesswali tat-tfal bil-kbir. Filwaqt li n-natura dinamika ta' l-att kriminali u sofistikkazzjoni teknika ta' dawk responsabbli jagħmluha diffiċli li l-problema tiġi miġġielda għal kollox, aktar ma noħolqu ostakoli

li jżidu l-ispejjeż ta' operazzjonijiet bħal dawn u jagħmluhom aktar perikolużi u transitorji anqas ser jibqgħu mezz ta' qligħ finanzjarju jew qligħ ieħor faċli.

5.7 Id-data riċenti dwar l-iskala u n-natura tas-siti ta' l-abbuż sesswali tat-tfal (mhux immaġnijiet individwali jew URLs) kienet sors ta' tama fil-ġlieda kontra l-eliminazzjoni totali ta' dawn is-siti. Permezz ta' data bħal din nistgħu noħolqu objettivi konkreti u nagħtu prova tal-benefiċċji ta' l-iskambju tad-data, tal-pussess ta' l-informazzjoni fuq l-aktar livell internazzjonali għoli possibbli u ta' l-impatt pożittiv u ta' suċċess li għandha sħubija internazzjonali magħquda fil-ħidma sabiex jitnaqqas b'mod sostanzjali n-numru ta' siti li jxandru l-abbuż sesswali tat-tfal.

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar testijiet dwar jekk il-vetturi u l-karrijiet tagħhom humiex tajba għat-triq

COM(2008) 100 finali — 2008/0044 (COD)

(2008/C 224/14)

Nhar is-16 ta' April 2008, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea ddeċieda, b'konformità l-Artikolu 80 (2) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar jekk il-vetturi u l-karrijiet tagħhom humiex tajba għat-triq

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u li m'hemm bżonn ta' l-ebda kumment min-naħa tiegħu, iddeċieda, matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu tat-28 u tad-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju), b'85 vot favur, u żewġ astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li tindirizza l-isfida ta' l-iskarsezza ta' l-ilma u l-perijodi ta' nixfa fl-Unjoni Ewropea

COM(2007) 414 finali

(2008/C 224/15)

Nhar it-18 ta' Lulju 2007, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li tindirizza l-isfida ta' l-iskarsezza ta' l-ilma u l-perijodi ta' nixfa fl-Unjoni Ewropea

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar id-29 ta' April 2008. Ir-rapporteur kien is-**Sur Stéphane Buffetaut**.

Matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-28 u fid-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'97 vot favur u astensjoni waħda.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Huwa ċar li l-kwistjoni ta' l-iskarsezza ta' l-ilma u n-nixfa għandha tiġi indirizzata mhux biss bħala kwistjoni ambjentali iżda wkoll bħala element essenzjali ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli fl-Ewropa, fi ftit kliem bħala kwistjoni ta' importanza strateġika.

1.2 Kulħadd għandu bżonn l-ilma biex jgħix, iżda din ir-riżorsa hija wkoll vitali għal numru ta' setturi ekonomiċi, speċjalment l-agricoltura u l-industrija agroalimentari li jiddependu mill-organizzazzjoni ħajjin.

1.3 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni għandha l-mertu li tenfasizza l-importanza tal-problema u li tiddefinixxi numru ta' linji gwida biex minn naħa jiġi miġġieled il-fenomeni ta' l-iskarsezza ta' l-ilma u n-nixfa, u min-naħa l-oħra jiġu kkunsidrati l-possibiltajiet ta' adattament għal sitwazzjoni ġdida.

1.4 Il-bidla fil-klima, rikonossuta kemm mix-xjenzjati kif ukoll miċ-ċittadini, tista' taggrava s-sitwazzjoni u hemm bżonn li l-miżuri proposti mill-Kummissjoni jiġu introdotti kemm jista' jkun malajr.

1.5 Bla dubju, is-sitwazzjoni mhijiex l-istess fl-Istati Membri kollha, u ċ-ċirkostanzi jinbidlu mit-Tramuntana għan-Nofsinhar u mill-Punent għal-Lvant ta' l-Ewropa. Madankollu, l-Istati Membri kollha huma milqutin u kien hemm perijodi ta' nixfa fis-sajf saħansitra fil-pajjiżi Nordiċi.

1.6 Għalhekk dawn id-differenzi fis-sitwazzjoni m'għandhomx jitħallew jimpedixxu l-adozzjoni ta' politika miftiehma fl-Ewropa u l-implimentazzjoni ta' miżuri prattiċi adattati għas-sitwazzjonijiet konkreti ta' l-Istati Membri, għax ma teżistix soluzzjoni lesta għall-Unjoni Ewropea kollha.

1.7 Għalhekk il-KESE jitlob monitoraġġ mill-qrib u sistema-tiku ta' l-azzjonijiet li ser jiġu implimentati b'riżultat ta' din il-Komunikazzjoni.

1.8 Fir-rigward tal-prezz ta' l-ilma, il-Kumitat jenfasizza li l-politiki ta' l-ipprezzar jistgħu jirriżultaw ineffettivi jekk il-biċċa l-

kbira ta' l-estrazzjoni ta' l-ilma ma tkunx irregolata permezz ta' meters jew irreġistrata. Għalhekk, huwa jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tipproponi lill-Istati Membri definizzjoni adegwata ta' l-ambitu ta' l-użu ta' l-ilma.

1.9 Il-KESE jirrakkomanda l-ħolqien ta' sit ta' l-Internet Ewropew iddedikat għall-pjanti tal-baċiri ta' l-ibħra fejn l-awtoritajiet lokali jkunu jistgħu jsibu eżempji xi xsegwu għat-tħejjija ta' dawn il-pjanti u għat-titjib ta' l-informazzjoni tagħhom.

1.10 Fir-rigward ta' l-allokkazzjoni tal-fondi relatati ma' l-ilma, il-Kumitat jipproponi li l-Kummissjoni tadatta r-rata ta' għajnuma tagħha skond il-kriterju ta' l-użu razzjonali ta' l-ilma u tal-preservazzjoni tar-riżorsi ta' l-ilma sabiex l-awtoritajiet lokali li ma jaġixxux b'mod responsabbli jitħeġġu jbiddu l-prattiki tagħhom, mingħajr ma jiġu penalizzati r-reġjuni li diġà jagħmlu sforzi f'dan il-qasam.

1.11 Sabiex tittejjeb il-ġestjoni tar-riskju tan-nixfa, il-Kumitat jitlob lill-UE sabiex tħeġġeġ l-interoperabbiltà tal-mezzi li jipprevenu u jiġġieldu kontra n-nirien fil-qafas tal-Mekkaniżmu Ewropew għall-Protezzjoni Ċivili.

1.12 Fid-diskussjonijiet dwar l-infrastrutturi tal-provvista, il-KESE jirrakkomanda li tiġi studjata l-possibbiltà li tintuża l-ħażna ta' l-ilma taħt l-art u li l-ilma jerġa' jiddaħħal fil-water table. Ma jemminx li bħala regola ġenerali t-trasferimenti ta' l-ilma fl-istess Stat Membru għandhom jiġu esklużi, iżda dawn għandhom jiġu rregolati bil-għan li tiġi evitata attitudni ta' ħela tar-riżorsi ta' l-ilma, li għandhom dejjem jiġu ġestiti bil-għan li jiġi ffrankat l-ilma u bl-użu ta' l-aktar tekniki avvanzati għall-kontroll ta' l-użu ta' l-ilma ⁽¹⁾.

1.13 Sabiex jiġi promoss l-użu razzjonali ta' l-ilma, il-Kumitat jirrakkomanda l-implimentazzjoni tat-tekniki ta' smart meters u ta' kontijiet adattati. Jenfasizza wkoll l-importanza ta' prattiki tajbin fil-qasam agrikolu u jirrakkomanda t-tisġir mill-ġdid, it-taħwil ta' sisien tal-ħaxix (hedges) fir-reġjuni fejn dan

⁽¹⁾ Is-seduta pubblika u ż-żjara ta' studju organizzati f'Murcia fit-3 ta' April 2008 indikaw li tekniki bħal dawn għall-użu raġonevoli u sensibbli tar-riżorsi diġà kienu disponibbli fis-suq. Barra minn hekk, il-kultivazzjoni ta' l-art u b'mod partikulari t-tisġir jgħinu fil-ġlieda kontra d-desertifikazzjoni.

ikun utli u possibbli u l-promozzjoni tat-tekniki sostenibbli ta' tinxif ta' l-art mgħaddra u irrigazzjoni, bl-appoġġ tal-fondi tal-politika ta' l-iżvilupp rurali. L-użu effiċjenti ta' l-ilma fl-agrikoltura qed jitjieb gradwalment iżda għandu jkompli jittejjeb permezz ta' strumenti bħall-modernizzazzjoni u l-użu ekonomiku ta' tisjiq u irrigazzjoni. F'dan is-sens, hemm bżonn li jiġi enfasizzat il-bżonn li r-riċerka u t-teknoloġiji l-ġodda fl-agrikoltura jiġu approfonditi u żviluppati. Il-Kumitat jemmen li s-sistemi individuali għall-iffrankar ta' l-ilma, tar-riċiklaġġ u ta' l-iġjene jistgħu jkunu utli, speċjalment fil-każ ta' djar imxerrda.

1.14 Fir-rigward tat-titjib ta' l-għarfien u l-ġbir tad-data, il-KESE jipproponi l-ħolqien ta' sit ta' l-Internet minn fejn ikunu jistgħu jitniżżlu u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-partijiet ikkonċernati lokali u reġjonali l-parametri tal-klima, miksubin mill-mudelli globali ta' l-IPCC.

2. Il-kontenut tal-Komunikazzjoni

2.1 Il-problemi ta' l-iskarsezza ta' l-ilma u l-frekwenza dejjem ikbar tal-perijodi tan-nixfa issa jidhru biċ-ċar fl-Ewropa mhux biss fxi reġjuni tradizzjonalment vulnerabbli, iżda wkoll fil-bqija tal-kontinent. Fl-Ewropa, il-perċentwali tal-baċiri tax-xmajjar milqutin minn nuqqas gravi fil-provvista ta' ilma (water stress) jista' jitla' għal 39 % fl-2070 mid-19 % tal-lum. Dan il-fenomeno ser jolqot, partikularment u speċjalment, lill-Ewropa tan-Nofsinar, lill-Ewropa Ċentrali u lill-Ewropa tal-Lvant.

2.2 In-numru ta' reġjuni u nies milqutin min-nixfa żdied bi kważi 20 % fi tletin sena. Apparti l-kost uman, dawn il-perijodi ta' nixfa għandhom kost ekonomiku. Il-perijodu ta' l-2003 sewa mill-inqas EUR 8.7 biljun lill-ekonomija Ewropea. L-istudju ta' l-użu ta' l-ilma madwar id-dinja jiżvela varjetà kbira ta' sitwazzjonijiet. Amerikan jikkonsma madwar 600 litru ilma kuljum, Ewropew bejn 250 u 300, Ġordanjan 40 u Afrikan 30! Qud-diem l-isfida tan-nuqqas ta' ilma, kulħadd irid jipprova jbidde drawwietu, iżda l-azzjoni għandha tittieħed fejn huwa probabbli li l-isforzi jkollhom l-akbar effett. L-agrikoltura tikkonsma l-aktar ilma (71 % ta' l-ilma estratt), segwita mill-industrija (20 %) u mill-użu domestiku (9 %) ⁽²⁾.

2.3 B'risposta għal talba mill-Kunsill dwar l-Ambjent ta' Ġunju 2006, il-Kummissjoni, għalhekk tippromovi serje ta' miżuri strateġiċi fil-livell Ewropew:

- il-prezz ta' l-ilma kkalkulat sewwa;
- l-allokazzjoni ta' l-ilma u l-finanzjament relatat ma' l-ilma b'mod aktar effiċjenti;
- il-finanzjament ta' l-effiċjenza ta' l-ilma;
- l-iżvilupp tal-pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju tal-perijodi ta' nixfa;
- iktar ottimizazzjoni ta' l-użu tal-Fond ta' Solidarjetà ta' l-UE u l-Mekkaniżmu Ewropew għall-Protezzjoni Ċivili;
- it-trawwim ta' prassi u teknoloġiji effiċjenti fl-użu ta' l-ilma;

⁽²⁾ Sors: *Atlas pour un monde durable* (Atlas għal dinja sostenibbli). Michel Barnier. Édition Acropole.

— l-implimentazzjoni ta' sistema ta' tagħrif dwar l-iskarsezza ta' l-ilma u n-nixfa madwar l-Ewropa;

— opportunitajiet ta' riċerka u żvilupp ta' teknoloġija.

2.4 B'dan il-mod il-Kummissjoni qed tippromovi tistabbilixxi l-bażi ta' strateġija effettiva biex tippromovi l-użu effiċjenti ta' l-ilma, bħala parti mill-isforzi tal-ġlieda kontra l-bidla fil-klima u turi r-rieda tagħha li tagħti spinta lill-ekonomija Ewropea.

2.5 Il-Kunsill Ewropew ⁽³⁾ enfasizza l-fatt li l-kwistjoni ta' l-iskarsezza ta' l-ilma u tan-nixfa m'għandhiex biss tkun indirizzata fil-livell Ewropew iżda wkoll fil-livell internazzjonali u insista fuq il-bżonn ta' implimentazzjoni kompleta tad-Direttiva ta' Qafas ta' l-Ilma.

2.6 Il-Kunsill talab lill-Kummissjoni biex tissorvelja l-implimentazzjoni tal-komunikazzjoni u terġa' tanalizza u tikkompleta, sa l-2012, l-istrateġija ta' l-UE f'dawn l-oqsma.

2.7 Il-KESE m'għandux l-intenzjoni li jagħti d-dijanjożi tiegħu tas-sitwazzjoni, li tkun superflua, iżda jippreferi jikkommenta u jikkompleta s-soluzzjonijiet potenzjali proposti u fuq kolloxx iressaq proposti u rakkomandazzjonijiet konkreti.

2.8 It-temi ta' l-iskarsezza ta' l-ilma u l-perijodi ta' nixfa fl-Unjoni Ewropea jħallu impatt fuq diversi politiki. Per eżempju, skond il-każ, il-korpi kompetenti tal-Kummissjoni jistgħu jkunu d-DG AGRI, id-DG ENV u d-DG REGIO, peress li dawn il-kwistjonijiet jikkonċernaw l-agrikoltura, il-politika ta' l-ilma, il-bidla fil-klima, il-ġestjoni tal-kriżi u l-organizzazzjoni ta' sigurtà ċivili Ewropea. Għalhekk ikun xieraq li l-Kummissjoni tassigura li l-preokkupazzjonijiet relatati mal-kwistjoni ta' l-ilma jitqiesu sewwa u b'mod trasversali.

3. Kummenti ġenerali

Il-kummenti tal-KESE ser isegwu l-istruttura tal-Komunikazzjoni.

3.1 Il-prezz ta' l-ilma kkalkulat sewwa

3.1.1 Il-Kummissjoni użat id-Direttiva ta' Qafas ta' l-Ilma bħala dokument ta' referenza għall-Komunikazzjoni. Jiddispjaċiha li l-istrumenti ekonomiċi ma ntużawx biżżejjew u tenfasizza l-fatt li l-politiki ta' prezzar jistgħu jkunu ineffettivi jekk il-biċċa l-kbira ta' l-estrazzjoni ta' l-ilma ma tkun la rregolata permezz ta' meter u lanqas irreġistrata mill-awtoritajiet.

3.1.2 Barra minn hekk, għadd kbir ta' Stati Membri adottaw definizzjonijiet restrittivi ta' l-użu u l-utenti ta' l-ilma. Bl-adozzjoni ta' definizzjoni ristretta ta' l-utenti ta' l-ilma — distribuzzjoni ta' l-ilma tax-xorb u użu iġjeniku u sanitarju — mingħajr ma jitqiesu l-irrigazzjoni, in-navigazzjoni, il-produzzjoni ta' l-enerġija idroelettrika, il-protezzjoni kontra l-għargħar, eċċ., xi Stati Membri llimitaw l-ambitu ta' rkupru sħiħ ta' l-ispejjeż ("full cost recovery") u l-ipprezzar effettiv ta' l-użi differenti ta' l-ilma.

⁽³⁾ Kunsill Ewropew ta' Brussell, 14 ta' Diċembru 2007, Konklużjonijiet tal-Prezidenza 16616/1/07 Riv 1, p. 17.

3.1.3 Konsegwentement, il-KESE jissuġġerixxi li l-Kummissjoni thegġegħ lill-Istati Membri li għandhom definizzjonijiet "restrittivi" ta' l-użi u ta' l-utenti ta' l-ilma sabiex jemendaw l-approċċ tagħhom, per eżempju billi jużaw lista ta' użi ta' l-ilma li fuqha jkunu jistgħu jibbażaw l-esklużjoni ta' xi użu partikulari. Ikun utli li jiġu definiti kriterji sabiex tiġi stabbilita ġerarkija ta' l-użu ta' l-ilma li tikkostitwixxi wkoll għajna għall-implimentazzjoni ta' prezzar intelliġenti.

3.1.4 Il-KESE jirrakkomanda wkoll l-implimentazzjoni ta' programm ta' riċerka fl-ekonomija applikata biex isir mudellar tal-flussi finanzjarji u l-flussi ta' l-utilità soċjali assoċjati ma' l-użi differenti ta' l-ilma u ċ-ċirkuwiti tiegħu fil-livell ta' baċir.

3.1.5 Fil-fatt, id-diskussjonijiet fuq il-prezz ġust ta' l-ilma għandhom jiġu ċċarati permezz ta' l-analiżi ekonomika ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji li s-setturi kollha ta' attivitajiet u l-konsumaturi, l-utenti jew dawk li jħallu t-taxxi jġarrbu jew jirċievu b'rabta ma' l-użu ta' l-ilma.

3.1.6 Il-Kumitat jiġbed ukoll l-attenzjoni tal-Kummissjoni lejn it-tendenza, li tirriżulta mid-definizzjoni restrittiva ħafna ta' l-użi ta' l-ilma, ta' ċerti Stati Membri li jgħaddu l-ispejjeż tal-konservazzjoni ta' l-ilma lill-konsumaturi urbani, għall-benefiċċju ta' l-utenti agrikoli jew industrijali. F'każ li l-prezzijiet jiġdiedu għall-utenti agrikoli, ikun xieraq li jiġi stabbilit prezz ġust.

3.1.7 Il-KESE jinnota li l-inċentivi ta' prezz immirati lejn l-iffrankar ta' l-ilma jridu jkunu qawwjin biżżejjed sabiex jiġi evitat li l-effett tagħhom jonqos minħabba l-ispejjeż tal-kumplikazzjonijiet li jiġġeneraw. Ifakkar li l-aħjar mezz kif jiġi ffrankat l-ilma huwa permezz ta' manutenzjoni tajba tan-netwerks u l-għieda kontra n-nixxija ta' l-ilma li xi kultant jiġġenera livelli inaċċettabli ta' ħela. Fl-aħjar, josserva li l-ipprezzar ma jistax isolvi kollox, u li r-regolamentazzjoni għandha rwol x'taqdi fis-sitwazzjonijiet fejn irid jinstab bilanċ bejn l-użi differenti ta' l-ilma.

3.1.8 Meta d-domanda għall-ilma għal użu mhux agrikolu tkun marbuta ma' staġun partikulari, li ta' sikwit huwa l-każ f'postijiet ta' villeġġjatura, sistema ta' pprezzar f'żewġ partijiet tkun rakkomandabbli. Din tikkostitwixxi element ta' ġustizzja bejn il-konsumaturi residenti u l-villeġġanti fir-rigward ta' l-allokkazzjoni ta' l-ispejjeż fissi tas-sistema.

3.2 L-allokkazzjoni ta' l-ilma u l-finanzjament relatat ma' l-ilma b'mod aktar effiċjenti

3.2.1 Il-Kummissjoni tinnota li l-iżvilupp ekonomiku ta' wħud mill-baċiri tax-xmajjar jista' jkollu effetti negattivi fuq id-disponibbiltà tar-riżorsi ta' l-ilma u tenfasizza li trid tingħata attenzjoni partikulari lill-baċiri tax-xmajjar li qeġhdin jiffaċċjaw diffikultajiet fil-provvista ta' l-ilma jew skarsezza ta' l-ilma.

3.2.2 Il-KESE jirrakkomanda l-ħolqien ta' sit ta' l-Internet Ewropew iddedikat għall-pjanti tal-baċiri ta' l-ibħra taħt il-kontroll ta' l-Aġenzija Ambjentali Ewropea u/jew il-Kummissjoni, fejn jiġu ppubblikati eżempji konkreti tal-pjanti tal-baċiri għall-użu ta' l-awtoritajiet lokali u l-awtoritajiet ikkonċernati.

3.2.3 F'dan is-sit, il-partijiet interessati lokali jkunu jistgħu jsibu metodoloġiji, għanijiet, ideat għal soluzzjoni u ċifri ekonomiċi. Jista' jiġi ffrankat ħafna ħin fit-tħejjija ta' dawn il-pjanti.

3.2.4 Kulħadd jaf x'inhu l-impatt ta' l-agrikoltura fuq ir-riżorsi ta' l-ilma. Għandhom jittieħdu passi sabiex jiġi promoss użu aktar effiċjenti ta' l-ilma, inklużi sistemi sostenibbli ta' irrigazzjoni u tinxif ta' l-art mgħaddra (per eżempju t-teknika ta' l-irrigazzjoni qatra qatra). L-"evalwazzjoni ta' l-istat ta' saħħa" tal-PAK ta' l-2008 għandha tippovdi l-opportunità għal integrazzjoni mtejba ta' l-użu kwantitattiv ta' l-ilma fl-istrumenti tal-PAK. Għalhekk l-għan għal diżakkoppjar totali ta' l-għajnuniet jista' jiġi akkumpanjat minn appoġġ miżjud għall-ġestjoni ta' l-ilma fi ħdan programmi ta' żvilupp rurali. Għandhom jiġu implimentati wkoll strumenti speċifiċi għall-ġestjoni tar-riskji tan-nixfa fis-settur agrikolu.

3.2.5 B'mod ġenerali, il-Kummissjoni tista' tadatta r-rati ta' għajna tagħha skond il-kriterji ta' l-użu razzjonali ta' l-ilma u tal-preservazzjoni tar-riżorsi ta' l-ilma (5 sa 10 punti perċentwali fi ħdan ir-rata massima ta' għajna, per eżempju) b'mod partikulari fir-rigward tal-Fondi ta' Koeżjoni. Dan il-kriterju, li jiġi stabbilit waqt l-istudju tal-proġett jew meta ssir sejħa għall-offerti f' każ ta' kostruzzjoni, ikun soġġett għal verifika li ssir fuq l-inizjattiva ta' l-awtorità li tirċievi l-għajna Ewropea wara t-tweqqif tal-proġett u fi żmien ħames snin mit-tnedija tiegħu. L-għajna addizzjonali tingħata fil-forma ta' tnaqqis fl-ispejjeż ta' rimborż ta' l-investment, bħala kumpens għall-prestazzjoni osservata.

3.2.6 Il-Kumitat huwa tal-fehma li l-kontroll ta' l-ispejjeż globali tal-proġetti relatati mal-provvista ta' l-ilma tax-xorb jew il-purifikazzjoni huwa l-approċċ adegwat kemm mil-lat ekonomiku kif ukoll mil-lat ta' l-iżvilupp sostenibbli. Bi "spejjeż globali" wieħed jifhem il-valur nett attwali ta' l-investment u ta' l-ispejjeż ta' tħaddim, manutenzjoni u tiġdid fuq perijodu fit-tul.

3.2.7 Għalhekk, ikun għaqli li jiġu promossi proġetti li joffru kriterji ta' għażla u garanziji fuq din il-bażi, b'mod partikulari mill-Kummissjoni, sabiex jinxterdu Prattiki tajba għall-użu razzjonali ta' l-ilma u għall-preservazzjoni tar-riżorsi ta' l-ilma.

3.2.8 Dan l-approċċ huwa konformi max-xewqa tal-Kummissjoni li ssostni l-miżuri li għandhom l-għan li jiffrankaw u jggarantixxi l-iffrankar ta' ilma. Din il-politika għandha tkun konsistenti ma' dik tal-bijokarburanti, li jikkunsmaw l-ilma.

3.3 It-titjib tal-ġestjoni tar-riskju tal-perjodi ta' nixfa

3.3.1 Il-Kummissjoni tixtieq thegġegħ l-iskambji ta' l-aħjar Prattiki.

3.3.2 Il-KESE jixtieq li bis-saħħa tat-tekniki tas-satellita, kull rebbiegħa jitħejjew mappep, appoġġjati mill-analiżi meteoroloġiċi lokali, li juru r-riskji tan-nixfa, in-nuqqasijiet fil-produzzjoni agrikola u r-riskju tan-nirien. F'dan il-kuntest tista' tintuża wkoll id-data mill-pjanti tal-baċiri li diġa tħejjew. Din id-data għandha tkun aċċessibbli għall-bdiewa jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom fil-kuntest tal-ġestjoni tar-riskji tagħhom.

3.3.3 Jemmen li jkun tajjeb li minn ġestjoni tal-kriżi wieħed jgħaddi għal ġestjoni tar-riskju tan-nixfa. Fir-rigward ta' l-ewwel waħda, għad hemm titjib xi jsir, kif uriet is-sitwazzjoni tal-Greċja matul in-nirien katastrofiċi tas-sajf 2007. L-UE tista' tiffaċilita u thehheg l-interoperabbiltà tal-mezzi li jipprevenu u jġġieldu kontra n-nirien, l-istandardizzazzjoni tat-tagħmir, l-adattament tal-pompi tad-diesel u l-implimentazzjoni ta' eżerċizzji konġunti. Dan ifisser lil-Mekkaniżmu Ewropew għall-Protezzjoni Ċivili għandu jiġi implimentat b'mod konkret.

3.3.4 Għandha tinżamm il-proposta tal-Kummissjoni dwar il-possibbiltà li wieħed japplika għall-għajnuna mill-Fondi ta' Solidarjetà ta' l-UE, modifikati u adattati, għall-ġlieda kontra l-konsegwenzi tan-nixfa gravi. Ikkun tajjeb ukoll li tiġi implimentata skema ta' assigurazzjoni sabiex jiġu bbilanċjati l-konsegwenzi tal-perijodi ta' nixfa, b'mod partikulari għall-bdiewa, li huma l-ewwel vittmi tagħhom.

3.4 *Infrastrutturi addizzjonali għall-forniment ta' l-ilma*

3.4.1 Il-Kummissjoni hawnhekk għandha f'moħħha proġetti ta' natura kollettiva. F'ċerti każi jistgħu jiġu kkunsidrati ċerti inizjattivi individwali, b'konsiderazzjoni tal-ġerarkija ta' l-użi ta' l-ilma.

3.4.2 Il-Komunikazzjoni tikkunsidra t-trasferimenti ta' l-ilma minn baċir ta' xmara għal ieħor, il-bini ta' digi u ta' digi żgħar (micro-dams) f'kondizzjonijiet regolati ħafna, kif ukoll l-użu mill-ġdid ta' l-ilma użat u d-desalinizzazzjoni. Fir-rigward ta' l-użu mill-ġdid, il-problema hija l-akkumulazzjoni ta' sustanzi niġġiesa matul iċ-ċikli ta' użu mill-ġdid. Konsegwentement, ikun utli li jitnieda jew jiġi appoġġjat programm ta' riċerka dwar il-mudellar tal-konċentrazzjonijiet wara diversi ċikli ta' trattament, sabiex jiġu definiti l-kriterji ta' stabbilizzazzjoni tal-kwalità ta' l-ilma u sabiex jiġi determinat meta l-konċentrazzjonijiet jilhq u l-limiti tal-valuri kompatibbli mal-kapaċità ta' awto-purifikazzjoni tas-sistema.

3.4.3 Fil-każ tad-desalizzazzjoni, hemm żewġ tipi ta' problemi: minn naħa dawk relatati ma' l-enerġija, u min-naħa l-oħra dawk ambjentali relatati mal-prodotti sekondarji u t-taħlita tal-konċentrati tal-melħ.

3.4.4 Jista' jiġi kkunsidrat programm għall-iżvilupp tad-desalinizzazzjoni solari, b'firxa ta' mikro-installazzjonijiet li jirrapreżentaw kontribut teknoloġiku ta' l-Ewropa lejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw li qed jiffaċċjaw in-nixfa.

3.4.5 B'mod ġenerali, hemm bżonn li jitħeġġu r-riċerka u l-iżvilupp tat-tekniki għall-iffirankar ta' l-ilma jew li jippromovu t-tqawwija tas-saffi ta' l-ilma taħt l-art (per eżempju l-kisi tat-toroq fiż-żoni urbani) kif ukoll il-bijoteknoloġiji li jippermettu l-iżvilupp ta' uċuh tar-raba' li jikkunsmaw inqas ilma fil-qasam ta' l-agrikoltura.

3.4.6 Fl-aħħar, hemm bżonn li tiġi studjata wkoll il-possibbiltà li tintuża l-ħażna ta' l-ilma taħt l-art u li l-ilma jerġa' jiddaħħal fil-water table. Hawnhekk għandhom jintgħażlu proġetti pilota u jiġu stabbiliti standards dwar l-ilma maħżun li huma realistiki u fl-istess ħin jipproteġu s-saff ta' ħamrija li jinsabtaħt wiċċ l-art (subsoil). Din il-kwistjoni tikkonċerna kemm il-kwantità kif ukoll il-kwalità ta' l-ilma taħt l-art peress li l-water table hija wkoll vittma tat-tniġġis. F'dan ir-rigward, għandha tingħata

attenzjoni partikulari lill-attivitajiet industrijali li jikkunsmaw kwantitajiet kbar ta' ilma u li, minn naħa, jiġbdu mill-water table, u min-naħa l-oħra jistgħu inigġsuha.

3.4.7 Barra minn hekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tanalizza l-opportunitajiet ta' trasferiment ta' ilma bejn ir-reġjuni. Trasferiment bejn baċir b'eċċess għal ieħor b'defiċit jista' jkun mixtieq, inkluż mil-lat Ewropew per eżempju fir-rigward ta' l-awto-suffiċjenza agrikola, jekk l-użi ta' l-ilma fil-baċir benefiċjarju jkunu effiċjenti u jiffrankaw l-ilma. Il-miżuri tekniċi, ta' pprezzar jew regulatorji għandhom jiġu mfassla b'tali mod li jevitaw il-ħela x' imkien ieħor. Fi kliem ieħor, l-għajnuna kollettiva mogħtija lil settur ta' attivitajiet li "jistħoqqlu" din l-għajnuna m'għandhiex twassal għal żieda fil-konsum ta' l-ilma f'setturi mhux prijoritarji.

3.4.8 Il-KESE huwa tal-fehma li jkun utli li jkun hemm qbil fuq miżuri eventwali mmirati lejn ir-regolazzjoni tal-flussi tax-xmajjar bejn il-pajjiżi terzi u l-Istati Membri ta' l-UE li minnhom tgħaddi xmara komuni li tmur lil hinn mill-fruntieri esterni ta' l-UE.

3.5 *It-trawwim ta' teknoloġiji u prassi effiċjenti fl-użu ta' l-ilma*

3.5.1 Il-Kummissjoni tqis li l-użu ta' teknoloġiji effiċjenti fl-użu ta' l-ilma jista' jittejjeb b'mod konsiderevoli. Apparti l-ġlieda kontra n-nixxija, konsiderevoli f'ċerti netwerks, u tal-ħela, il-modernizzazzjoni tal-prassi tal-ġestjoni ta' l-ilma joffri possibbiltajiet interessanti.

3.5.2 L-azzjonijiet proposti mill-Kummissjoni huma evidenterment siewja (standards għad-dispożittivi li jikkunsmaw l-ilma, prestazzjoni għall-bini fir-rigward tal-konsum ta' l-ilma, indikatur tal-prestazzjoni, adożzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi għall-iskarsezza ta' l-ilma, eċċ.).

3.5.3 Għandu jiġi kkunsidrat ukoll l-użu ta' "l-ilma griż", anke meta wieħed jaf li dan jeħtieġ investment, b'mod partikulari għall-pajjiżijiet separati u l-adożzjoni ta' miżuri ta' prekawżjoni. Għandha tingħata konsiderazzjoni wkoll lill-irkupru ta' l-ilma tax-xita b'mod aktar sistematiku.

3.5.4 Tekniki potenzjalment promettenti huma l-smart meters u l-kontijiet adattati. Fil-fatt, it-teknoloġija tal-meter u t-telettrasmissjoni taċ-ċifri tal-konsum jissuġġerixxu l-possibbiltà li jiġu introdotti diversi metodi ta' pprezzar, kif inhu diġà l-każ għall-elettriku. Il-konsumatur għalhekk jista' jkollu abbonament li jikkorrespondi għas-sitwazzjoni tiegħu, li fl-istess ħin jippermettilu li jiffranka l-enerġija: tariffi skond l-istaġun, tariffi permanenti, tariffi li jeskludu l-ħinijiet meta l-konsum jilħaq l-ogħla punt tiegħu, eċċ.

3.5.5 Sabiex jiġu ppreservati r-riżorsi ta' l-ilma, jiġi miġġield l-għargħar u t-tgħawwir u t-tniġġis li jakkumpanjawh, il-politika għall-protezzjoni ta' l-ambjent rurali għandha tħeġġeġ bis-sħiħ it-tisgħir mill-ġdid u t-taħwil ta' sisien tal-ħaxix, fejn dan ikun possibbli u utli, kif ukoll il-manutenzjoni ta' l-agrikoltura. L-applikazzjonijiet u l-kontroll għandhom isiru fuq il-bażi ta' l-aktar sistemi avvanzati għad-definizzjoni taż-żoni ġeografiki. Ikkun xieraq li titħeġġeġ ir-riċerka agrikola bażika permezz tas-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp, bil-għan li tinħoloq varjetà ta' pjanti aktar reżistenti għan-nixfa.

3.5.6 Fuq l-istess suġġett ta' prassi agrikoli, hemm bżonn li jiġu promossi sistemi sostenibbli ta' tinxif ta' l-art mgħaddra u irrigazzjoni u, b'mod ġenerali, l-użu ta' l-aħjar tekniki disponibbli. Il-fosos użati għat-tinxif ta' l-art mgħaddra, b'mod partikulari fil-punti fejn jiltaqgħu, iridu jkunu mgħammra b'sezzjonijiet fejn l-ilma jista' jinżamm lura u jinħażen lokalment sabiex jitwaqqfu l-konċentrazzjonijiet ta' l-ilma u t-tgħawwir u t-tniġġis li jakkumpanjawh, u tiġi promossa l-infiltrazzjoni mill-ġdid. Dawn il-ħażniet fuq il-post ovvjament jeħtieġu obbligi ta' tindif li jridu jiġu studjati flimkien mal-professionisti.

3.6 *It-trawwim ta' kultura li tiffiranka l-ilma fl-Ewropa*

3.6.1 Il-kummenti tal-Kummissjoni jistgħu biss jintlaqgħu: iċ-ċertifikazzjoni u t-tikkettjar huma s-soluzzjonijiet ideali sabiex jiġi promoss użu effiċjenti li jiffiranka l-ilma. Madankollu, fir-rigward tat-tikkettjar, wieħed irid iżomm f'moħħu li t-tikkettjar ekoloġiku sar moda u hemm riskju ta' tikkettjar żejjed li jista' jirriżulta f'informazzjoni li ma tinfteximx.

3.6.2 Is-soċjetà ċivili organizzata kollha, jiġifieri l-imsieħba soċjali u l-assoċjazzjonijiet, flimkien mad-dinja ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ, iridu jiġu mobilizzati sabiex jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' din il-kultura li tiffiranka l-ilma. Fis-settur professjonali, it-taħriġ ta' tekniki u t-tixrid ta' teknoloġiji ġodda jridu jevitaw li jerġgħu jagħmlu l-iżbalji tal-passat, b'mod partikulari fil-qasam ta' l-idrawlika urbana.

3.6.3 Jista' jiġi enfasizzat li llum-il-ġurnata jeżisti suq li qiegħed jiżviluppa għat-tagħmir għall-irkupru ta' l-ilma tax-xita u r-riċiklaġġ ta' l-ilma griż fid-djar individwali. Dan iwassal għall-ħolqien ta' kultura li tiffiranka l-ilma li hija promossa mill-Kummissjoni. Madankollu, it-tħassib iġġustifikat għall-iffirankar ta' l-ilma m'għandux iwassal għal ftitxija individwalista għall-awto-suffiċjenza, li teknikalment u ekonomikament tista' ddgħajef is-servizzi pubbliċi ta' l-ilma u ta' l-iġjene, li kienu u għadhom il-qofol tal-progressi prinċipali fl-iġjene u l-għomor tal-ħajja. Fil-fatt, fis-soċjetajiet żviluppatti tagħna, intesa l-fatt li minkejja li l-ilma huwa neċessarju għall-ħajja, dan jista' jgħib ukoll il-mewt.

3.6.4 Is-sistemi individwali (mhux kollettivi) għall-iffirankar ta' l-ilma, tar-riċiklaġġ u ta' l-iġjene jistgħu jidhru bħala għażla interessanti u adatti fil-każ ta' djar imxerrda. F'ambjent urban, dawn jidhru anqas attraenti, f'termini ekonomiċi u soċjali, sakemm is-sistemi tal-ġbir ta' l-ilma tax-xita u tar-riċiklaġġ, anke jekk jaqbd u l-iskultura mill-proprietà privata, huma ttrattati u użati mis-servizz pubbliku.

3.7 *Titjib fl-għarfien u l-ġbir ta' data*

3.7.1 Il-Kummissjoni tinnotta li tagħrif affidabbli dwar il-firxa u l-impatti ta' l-iskarsezza ta' l-ilma u l-perijodi ta' nixfa huwa indispensabbli. Il-Kumitat jappoġġja x-xewqa li tinkiseb valutazzjoni annwali Ewropea u li jiġu użati s-servizzi ta' l-inizjattiva ta'

Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà (GMES) għat-twassil ta' data bbażata fl-ispazju u għodod ta' monitoraġġ li jappoġġjaw il-politiki ta' l-ilma. L-universitajiet u ċ-ċentri ta' riċerka xjentifika jridu jiħteġġu jiżviluppaw studji dwar il-kwistjonijiet relatati ma' l-ilma, mal-preservazzjoni tar-riżorsi kif ukoll mal-metodi biex dawn jiżiedu permezz ta' l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda.

3.7.2 Hemm bżonn li jiġu armonizzati l-kriterji ta' stat użati fl-inventarji ta' masen ta' ilma previsti mid-Direttiva ta' Qafas ta' l-Ilma. Fil-prattika, ir-rapporti ta' l-Istati Membri huma differenti kemm fid-daqs tal-baċiri studjati kif ukoll fid-densità tal-kejl tal-kwalità ta' l-ilma u tal-bijodiversità.

3.7.3 Għalhekk il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tibda bil-ħidmiet tal-kumitati speċjalizzati fil-monitoraġġ ta' l-applikazzjoni tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma u tippubblika scoreboards li juru l-progress imwettaq mill-Istati Membri, bil-għan li tistimula l-isforzi f'dan il-qasam u tħeġġeġ il-konverġenza tagħhom.

3.7.4 Minn lat realistiku, mingħajr ma wieħed jistenna l-ksib ta' l-omoġeneità u l-kwalità tal-valutazzjonijiet u tal-pjanijiet ta' azzjoni, hemm bżonn li l-isforzi jkunu kkonċentrati fuq iż-żoni l-aktar vulnerabbli. L-għażla ta' dawn iż-żoni tista' ssir fuq l-inizjattiva ta' l-Istati Membri iżda skond kriterji komuni (defiċit fil-kwantità ta' xita li tagħmel u definizzjoni taż-żona ġeografika).

3.7.5 Ikun iktar faċli li titqajjem il-kuxjenza tal-partijiet lokali u reġjonali kkonċernati fir-rigward tar-riskju ta' l-iskarsezza ta' l-ilma u, b'mod aktar ġenerali, ta' l-effetti tal-bidla fil-klima, jekk l-informazzjoni dwar it-tendenzi tal-klima tkun aċċessibbli għall-maġġoranza tan-nies.

3.7.6 Għalhekk, il-KESE jipproponi l-ħolqien ta' sit ta' l-Internet li eventwalment jiġi integrat fis-sistema tal-Water Information System for Europe (WISE), minn fejn ikunu jistgħu jitniżżlu l-parametri tal-klima, bħall-ammont ta' xita, l-evapotraspirazzjoni, it-temperatura, il-veloċità tar-riħ u s-siġhat ta' dawl, li jinħarġu mill-mudelli globali tal-Grupp ta' Esperti Integernattivi dwar il-Bidla fil-Klima (IPCC) (fuq l-istess linji tal-proġetti PRU-DENCE jew ENSEMBLES iżda aktar sistematiċi fil-kopertura tagħhom, u li jipprovdu data numerika flimkien ma' data ġeografika).

3.7.7 Grupp ta' laboratorji Ewropej membri ta' l-IPCC ser ikunu responsabbli għall-validità xjentifika tad-data online u l-aġġornament tagħha kull sena.

3.7.8 L-UE tista' tiffinanzja l-ewwel verżjoni ta' dan is-sit ta' l-Internet u prezz raġonevoli għat-tniżżil ta' l-informazzjoni jista' jgħin il-ħidmiet tal-laboratorji li jikkontribwixxu għall-mudelli.

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi sistema Komunitarja biex timpedixxi, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat

COM(2007) 602 finali — 2007/0223 (CNS)

(2008/C 224/16)

Nhar l-4 ta' Diċembru 2007, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 37 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi sistema Komunitarja biex timpedixxi, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar id-29 ta' April 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Sarró Iparraguirre.

Matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-28 u fid-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'70 vot favur u 3 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet

1.1 Il-KESE jemmen li l-prattika persistenti tas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU — Illegal, Undeclared and Unregulated) teħtieġ reazzjoni globali bbażata fuq strument regolatorju effettiv li għandu jiġi applikat fil-katina tal-provvista kollha, mill-qabda sal-bejgħ. Jikkunsidra wkoll li b'mod ġenerali, il-proposta għal Regolament kif inhi tinkludi d-dispożizzjonijiet neċessarji biex timpedixxi, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd IUU u għalhekk jappoġġjaha u jemmen li l-miżuri proposti jsaħħu r-rwol tal-Komunità bħala Stat tal-bandiera, Stat tal-port, Stat tas-Suq u Stat benefiċjarju.

1.2 Il-Kumitat huwa tal-fehma li s-suċċess ta' din il-proposta jistrieħ fuq erba' pilastri kbar:

- l-impenn ta' l-Istati Membri biex jiġġieldu s-sajd IUU;
- il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri;
- il-kooperazzjoni internazzjonali;
- il-ħidma kontinwa u kostanti għall-implimentazzjoni tagħha.

1.3 Mingħajr ma jipprova jeskludi l-flotta Komunitarja mill-ambitu ta' applikazzjoni tal-proposta għal Regolament, il-KESE jemmen li din il-proposta għandha tistabbilixxi distinzjoni aktar ċara bejn is-sajd IUU li jsir minn vapuri ta' pajjiżi terzi, li l-istati tal-bandiera m'għandhomx kontroll fuqhom, u attivitajiet oħra ta' sajd illegali li jsir minn vapuri li jtajru bandiera Komunitarja li jiksru l-Politika tas-Sajd Komuni, li attwalment huma rregolati mill-istrumenti legali previsti mir-Regolament (KEE) 2847/93 ⁽¹⁾.

1.4 Il-Kumitat jemmen li l-implimentazzjoni tal-miżuri kollha ta' kontroll u ta' spezzjoni proposti ser teħtieġ żjieda sinjifikanti fl-infiq, fil-burokrazija u fl-infrastrutturi amministrattivi

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993.

ta' kontroll mill-Istati Membri. Għalhekk huwa jitlob lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra dan kollu ħalli ma ddgħajjifx ir-riżultat finali. u, fi kwalunkwe każ, sabiex tiegħu l-prekawzjonijiet suffiċjenti sabiex l-implimentazzjoni tal-proposta għal Regolament ma twassalx għal żjieda fl-ispejjeż ta' tħaddim għall-intrapriżi li għandhom bastimenti li jipprattikaw sajd legali.

1.5 Barra minn hekk, il-Kumitat jikkunsidra li l-miżuri proposti m'għandhom, fl-ebda każ, jolqtu t-traffiku kummerċjali legali b'tali mod li dan ikun ta' ostakolu għall-kummerċ, u b'hekk ikun kontra r-regoli li jiddeterminaw il-kummerċ internazzjonali.

1.6 Il-Kumitat jemmen li l-proposta għal Regolament ma tispjegax sew kif l-istat tal-bandiera għandu jivvalida ċ-ċertifikat ta' qabda meħtieġ mill-Komunità Ewropea. B'kunsiderazzjoni tal-fatt li din il-konvalidazzjoni għandha ssir b'mod elettroniku, il-KESE jemmen li l-proposta għal Regolament għandha tispjega l-metodu b'mod ċar, kemm għall-bastimenti li jittrasportaw qab-diet friski kif ukoll għal dawk li jittrasportaw prodotti tas-sajd iffriżati.

1.7 Il-KESE huwa tal-fehma li l-kontroll tal-bastimenti tas-sajd tal-pajjiżi terzi għandu jsir fil-"portijiet speċifikati" kollha ta' l-Istati Membri differenti. Barra minn hekk, huwa jemmen li l-proposta għal Regolament għandha turi b'mod aktar ċar li l-ispezzjonijiet ser jitwettqu fuq il-baħar, fuq l-art u mill-ajru.

1.8 Il-KESE jfakkar il-punt li għamel f'opinjoni oħra dwar ir-rwol ta' l-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd, u jemmen li din għandu jkollha rwol importanti fil-koordinazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll tas-sajd IUU. Biex tagħmel dan, l-Aġenzija jrid ikollha aktar riżorsi finanzjarji u umani.

1.9 Il-Kumitat jemmen li l-livell ta' sanzjonijiet imposti fuq vapuri ta' pajjiżi terzi għandu jkun armonizzat fl-Istati Membri kollha ta' l-UE. Bl-istess mod, jemmen li f'każ ta' non-konformità minn Stati li ma jikkooperawx, għandha tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li jiġu applikati sanzjonijiet li m'humiex relatati biss mas-sajd.

1.10 Fi kwalunkwe każ, il-KESE jemmen li l-garanziji involuti fil-proċeduri li jidentifikaw vapuri involuti f'attivitajiet IUU u l-Istati li ma jikkooperawx għandhom jissaħħu, b'mod speċjali l-garanziji ta' protezzjoni, u dawn għandhom ikunu bbażati fuq evidenza solida sabiex jiġi evitat li aktar tard il-qrati jirrevokaw il-miżuri adottati mill-Istati Membri.

2. Introduzzjoni

2.1 Il-Komunità issa ilha aktar minn 10 snin tiġġieled kontra s-sajd illegali, mhux iddikjarat u mhux irregolat. Sa mill-2002, din il-ġlieda ħadet il-forma ta' pjan ta' azzjoni Komunitarja sabiex timpedixxi, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd IUU, fi ħdan il-Komunità u fil-livell reġjonali u internazzjonali (?).

2.2 Fl-2005, fir-Riżoluzzjoni (?) tiegħu dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni ta' l-UE kontra s-sajd illegali, mhux iddikjarat u mhux irregolat, il-Parlament Ewropew indika l-bżonn li l-Unjoni Ewropea tirdoppja l-isforzi għall-ġlieda kontra s-sajd IUU.

2.3 Minkejja li kien hemm titjib sinjifikanti, is-sajd IUU ma waqafx. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-persistenza ta' din is-sitwazzjoni teħtieġ reazzjoni soda u urġenti min-naħa ta' l-Unjoni Ewropea.

2.4 B'konsegwenza, is-sena l-oħra l-Kummissjoni ħejjiet komunikazzjoni ġdida (4) "dwar strateġija ġdida biex il-Komunità timpedixxi, tiskoraġġixxi u telimina Sajd Illegali, Mhux Iddikjarat u Mhux Irregolat".

2.5 Wara konsultazzjonijiet twal matul is-sena li għaddiet bil-parteċipazzjoni attiva tal-Kumitat (5), il-Kummissjoni ħejjiet din il-proposta għal Regolament (6) li tkopri l-oqsma ta' azzjoni segwenti:

- titjib fil-kontroll tal-legalità ta' l-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi u l-qabdiet tagħhom li jidħlu f'portijiet tas-sajd ta' l-Unjoni Ewropea;
- it-titjib fil-kontroll ta' l-osservanza ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni dwar prodotti tas-sajd minn pajjiżi terzi importati fil-Komunità b'mezzi għajr bastimenti tas-sajd;

(?) COM(2002) 180 tat-28.5.2002 u konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7.6.2002.

(?) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew 2006/225 adottata fil-15.2.2007.

(4) COM(2007) 601 finali tas-17.10.2007.

(5) Konferenza KESE dwar ir-responsabbiltà ta' l-istat tal-bandiera, it-30 ta' Jannar 2007.

(6) il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill 2007/0223 (CNS) li jstabbilixxi sistema Komunitarja biex timpedixxi, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat

— l-għeluq tas-suq ta' l-UE għall-prodotti tas-sajd IUU;

— it-trattament ta' l-attivitajiet IUU mwettqa minn ċittadini tal-Komunità Ewropea barra mit-territorju tagħha;

— it-titjib fil-mezzi legali biex isiru magħrufa l-attivitajiet tas-sajd IUU;

— l-introduzzjoni ta' skema effiċjenti ta' penalitajiet immirati biex jiskoraġġixxu trasgressjonijiet serji tal-miżuri tas-sajd;

— it-titjib fl-azzjoni kontra s-sajd IUU fi ħdan l-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd;

— l-appoġġ għall-politika u l-mezzi ta' pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw kontra s-sajd IUU;

— iż-żjieda fis-sinerġiji fil-kamp tal-Monitoraġġ, il-Kontroll u s-Sorveljanza, bejn l-Istati Membri u bejnhom u pajjiżi terzi.

2.6 Din il-proposta għalhekk tistrieħ fuq il-prinċipju li strateġija effiċjenti kontra s-sajd IUU għandha tkun komprensiva u tkopri l-aspetti kollha tal-problema, matul il-katina sħiħa tal-provvista.

3. Kummmenti ġenerali

3.1 Meta jitqies li l-konsegwenzi ambjentali u soċjoekonomiċi tas-sajd IUU huma inkwetanti, il-KESE jemmen li huwa neċessarju li l-Unjoni Ewropea tieħu azzjoni deċiżiva u b'mod ġenerali jappoġġja lill-Kummissjoni.

3.2 Ir-regoli Komunitarji fis-seħħ, li jstabbilixxu sistema ta' kontroll applikabbli għall-politika komuni tas-sajd (?), jipprovdu sistema għall-kontroll tal-legalità tal-qabdiet li jsir mill-bastimenti tas-sajd Komunitarji iżda li ma tawtorizzawx grad simili ta' kontroll u sanzjonijiet għall-qabdiet li jsir minn bastimenti ta' pajjiżi terzi u importati fl-UE.

3.3 Dan in-nuqqas jikkostitwixxi mod għall-partijiet ekonomiċi, komunitarji jew barranin sabiex jintroduċu s-sajd IUU fis-suq Komunitarju, li huwa l-akbar suq fid-dinja u l-importatur ewlieni tal-prodotti tas-sajd, u b'hekk iżiedu l-profitabbiltà ta' l-attivitajiet tagħhom. Għal din ir-raġuni, il-Kumitat jikkunsidra ġust li din il-proposta għandha tikkonċentra fuq l-attivitajiet tas-sajd IUU tal-bastimenti ta' pajjiżi terzi, mingħajr ma tiġi eskluża l-flotta Komunitarja mill-ambitu ta' applikazzjoni tal-proposta għal Regolament, kif previst fl-Artikolu 1.4 tagħha.

(?) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993.

3.4 Il-proposta għal Regolament tistabbilixxi sistema ġdida ta' kontroll li għandha tapplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd IUU u għal kull attività assoċjata li titwettaq fit-territorju jew fl-ilmijiet marittimi soġġetti għas-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri jew minn bastimenti tas-sajd jew ċittadini ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea. Din għandha tapplika wkoll, mingħajr preġudizzju għall-ġurisdizzjoni ta' l-Istat tal-Bandiera jew Stat kostali kkonċernat, fir-rigward ta' attivitajiet ta' sajd IUU li jitwettqu minn bastimenti mhux Komunitarji f'ibħra internazzjonali jew fl-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz, kif stipulat għall-flotta Komunitarja fil-Politika tas-Sajd Komuni.

3.5 Mingħajr ma jipprova jeskludi l-flotta Komunitarja mill-ambitu ta' applikazzjoni tal-proposta għal Regolament, il-KESE jemmen li din il-proposta għandha tistabbilixxi distinzjoni aktar ċara bejn is-sajd IUU li jsir minn vapuri ta' pajjiżi terzi, li l-istati tal-bandiera m'għandhomx kontroll fuqhom, u attivitajiet oħra ta' sajd illegali li jsir minn vapuri li jtajru bandiera Komunitarja li jiksru l-politika tas-sajd komuni, li attwalment huma rregolati mill-istrumenti legali previsti mir-Regolament (KEE) 2847/93 imsemmi hawn fuq.

3.6 Għalhekk il-proposta għal Regolament tistabbilixxi kontroll adegwat tal-katina tal-provvista għall-prodotti tas-sajd importati fil-Komunità. Il-Kumitat jikkunsidra li l-miżuri proposti m'għandhom, fl-ebda każ, jolqtu t-traffiku kummerċjali b'tali mod li dan ikun ta' ostakolu għall-kummerċ legali.

3.7 Il-KESE juri s-sodisfazzjon tiegħu lill-Kummissjoni għat-thejjja ta' din il-proposta għal Regolament. Din il-proposta hija ċara u wiesgħa fl-ambitu ta' applikazzjoni fir-rigward tal-kontroll ta' l-attivitajiet ta' sajd illegali fil-livell Komunitarju u internazzjonali u hija appoġġjata minn miżuri immedjati ta' infurzar u sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u disważivi fir-rigward tal-persuni fiżiċi u legali li wettqu ksur serju tar-Regolament jew huma responsabbli għalih. Madankollu, jemmen li f'każ ta' non-konformità minn Stati li ma jikkooperawx, għandha tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li għal dawn l-Istati jiġu applikati sanzjonijiet li m'humiex relatati biss mas-sajd.

3.8 Il-KESE jikkunsidra li għandha tinbidel l-ordni tal-kapitoli tal-proposta għal Regolament. Fil-fatt, il-kapitoli IV dwar "is-sistema Komunitarja ta' twissija" u l-kapitoli V dwar "l-identifikazzjoni ta' bastimenti mdaħħlin f'attivitajiet ta' sajd IUU" jridu jsegu l-Kapitolu I.

3.9 Apparti minn hekk, il-KESE jemmen li l-Artikolu 13(1) tal-Kapitolu III għandu jsemmi b'mod espliċitu li l-projbizzjoni ta' l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd IUU tirrigwardja wkoll l-importazzjonijiet li jsiru bil-baħar, bl-art u bl-ajru.

3.10 Fil-fehma tal-Kumitat, l-akbar diffikultà fl-implimentazzjoni tal-proposta għal Regolament tinsab fil-fatt li teħtieġ kundens ġenerali, appoġġ sħiħ ta' l-Istati Membri u netwerk effettiv ta' kollaborazzjoni fil-livell nazzjonali.

3.11 Il-Kumitat jemmen li l-implimentazzjoni tal-miżuri kollha ta' kontroll u ta' spezzjoni proposti, kemm fil-portijiet kif ukoll fuq il-baħar, kif ukoll miżuri ta' ċertifikazzjoni, ta' monitoraġġ u ta' verifika tal-bastimenti u tal-qabdiet, kif ukoll il-kontroll ta' l-importazzjonijiet bil-baħar, bl-art u bl-ajru, ser jehtiegħu żjieda sinjifikanti fl-infiq, fil-burokrazija u fl-infrastrutturi amministrattivi ta' kontroll mill-Istati Membri. Għalhekk huwa jhegħeġ lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra dan kollu fil-proposta għal Regolament ħalli ma ddgħajjifx ir-riżultat finali.

3.12 F'dan ir-rigward, il-Kumitat jitlob lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-prekawzjonijiet suffiċjenti sabiex l-implimentazzjoni tal-proposta għal Regolament ma twassalx għal żjieda fl-ispejjeż ta' tħaddim għall-intrapriżi li għandhom bastimenti li jipprattikaw sajd legali.

3.13 Fi ftit kliem, il-KESE jemmen li l-miżuri proposti jsaħħu r-rwol tal-Komunità bħala Stat tal-bandiera, Stat tal-port, Stat tas-saq u Stat benefiċjarju.

4. Kummenti speċifiċi

4.1 Bħalma rajna s'issa, il-proposta għal Regolament, jekk applikata b'mod korrett, kostanti u kontinwu, hija kapaċi li tagħmel lill-Unjoni Ewropea mexxejja jew punt ta' referenza fil-ġlieda internazzjonali kontra s-sajd IUU.

4.2 Wara diversi dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-implimentazzjoni, ir-Regolament idur direttament fuq il-kontroll tal-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi fil-portijiet Komunitarji. Huwa importanti li jiġi indikat li l-attivitajiet ta' trasbord bejn il-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi u l-bastimenti li jtajru bandiera ta' Stat Membru huma pprojbiti. Din il-projbizzjoni hija estiża lil hinn mill-ilmijiet Komunitarji għat-trasbordi fuq il-baħar ta' qabdiet minn bastimenti ta' pajjiżi terzi għal bastimenti Komunitarji.

4.3 Il-KESE jilqa' din il-projbizzjoni tat-trasbordi f'ibħra internazzjonali; huwa kien hegħeġ repetutament lill-Kummissjoni biex tintroduċi din il-projbizzjoni peress li dawn it-trasbordi huma s-sors ta' ħafna sajd IUU.

4.4 Ir-Regolament jiddikjara b'mod ċar li l-bastimenti ta' pajjiżi terzi huma awtorizzati jidħlu fil-"portijiet speċifikati" ta' l-Unjoni Ewropea, speċifikati minn qabel mill-Istati Membri, biss jekk ikunu jissoddisfaw ċerti kondizzjonijiet: notifika ta' dħul u awtorizzazzjoni, ċertifikat ikkonvalidat tal-qabdiet u spezzjoni. Il-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi li ma jissoddisfawx il-kriterji u d-dispożizzjonijiet tar-Regolament ma jkollhomx l-awtorizzazzjoni li jidħlu fil-portijiet ta' l-Istati Membri, li jaċċeddu għas-servizzi tal-port u li jwettqu attivitajiet ta' żbarkar, trasbord jew ipproċessar abbord f'dawn il-portijiet.

4.5 Ir-Regolament jagħti importanza partikulari għat-tweqqig ta' kontrolli frekwenti u rigorużi tan-notifika ta' dħul, taċ-ċertifikazzjoni tal-qabdiet u ta' l-ispezzjoni fil-port.

4.6 Fir-rigward tal-verifika taċ-ċertifikati tal-qabdiet li jridu jintbagħtu mill-inqas 72 siegħa qabel id-dħul fil-port, il-Kumitat jemmen li dawn għandhom jiġu kkonvalidati b'mod elettroniku mill-awtorità kompetenti. Il-Kumitat iħoss li l-proposta għal Regolament ma tindikax b'mod ċar biżżejjed kif dawn iċ-ċertifikati għandhom jiġu kkonvalidati. Barra minn hekk, il-Kumitat jemmen li l-Kummissjoni Ewropea għandha tippreċiżar l-eċċezzjonijiet previsti għal din l-iskadenza ta' 72 siegħa.

4.7 Il-Kumitat jappoġġja l-linji gwida tal-Kummissjoni għall-kontroll tal-bastimenti tas-sajd u jitlob lill-Istati Membri kollha sabiex isibu kunsens għal applikazzjoni uniformi fil-"portijiet speċifikati" kollha.

4.8 Kull ksur tar-Regolament li jindika li bastiment ta' sajd ta' pajjiż terz kien involut fl-attivitajiet ta' sajd IUU jirriżulta fil-projbizzjoni tal-bastiment milli jżbarka, jittrasborda jew jipproċessa abbord il-qabdiet, il-ftuħ ta' investigazzjoni u, jekk ikun il-każ, l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet previsti mil-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru kkonċernat. F'każ ta' ksur gravi, il-proposta għal Regolament tipprovdi għall-applikazzjoni ta' miżuri immedjati ta' infurzar.

4.9 L-objettiv ta' dan il-kontroll rigoruż tal-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi, identiku għall-kontroll tal-bastimenti Komunitarji, huwa li jiġu identifikati l-prodotti tas-sajd li jinkisbu permezz ta' attivitajiet ta' sajd illegali, mhux iddikjarat u mhux irregolat. Dan ir-Regolament jimpedixxi l-importazzjoni ta' dawn il-prodotti fil-Komunità.

4.10 Il-KESE jemmen li l-ispezzjoni ta' l-importazzjonijiet fitterritorju Komunitarju hija neċessarja, u għalhekk il-Kapitolu III għandu tinkludi wkoll l-ispezzjoni tal-containers importati fil-Komunità Ewropea bl-art u bl-ajru. Barra minn hekk, għandu jiġi stabbilit perċentwali minimu ta' containers li trid issirilhom spezzjoni kull sena.

4.11 Ir-Regolament jistipula li meta tiġi pprojbita l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd minħabba li s-sajd jitqies bħala IUU, l-Istati Membri jistgħu jikkonfiskaw u jiddisponu minn dawk il-prodotti skond ir-regoli nazzjonali. Irid jitqies ukoll id-dritt ta' appell.

4.12 Sabiex tiġi garantita l-applikazzjoni korretta tar-Regolament dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni mill-ġdid tal-prodotti tas-sajd jew, skond il-każ, il-projbizzjoni fuq l-importazzjoni, huwa stipulat li l-Kummissjoni tista' tiffirma ftehimiet ta' kooperazzjoni amministrattiva ma' l-Istati tal-bandiera.

4.13 Is-sistema proposta mill-Kummissjoni f'dan ir-Regolament teħtieġ kooperazzjoni vasta fil-livell internazzjonali bejn il-Komunità u l-Istati tal-bandiera, l-Istati li jikkooperaw f'organizz-

azzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u l-organizzazzjonijiet reġjonali in kwistjoni. B'konsegwenza, din il-kooperazzjoni għandha tippermetti wkoll li jiġu identifikati l-istati terzi li ma jikkooperawx. Ir-Regolament jagħti dispożizzjoni għal metodi kif dawn l-istati għandhom jiġu ttrattati.

4.14 L-ewwel konsegwenza interna ta' din il-kooperazzjoni internazzjonali hija l-ħolqien ta' sistema Komunitarja ta' twissija li tippermetti li tinforma lill-partijiet interessati ekonomiċi u lill-Istati Membri f'każ ta' dubju raġonevoli li l-Komunità jista' jkollha għall-konformità mal-liġijiet, ir-regolamenti jew il-miżuri nazzjonali applikabbli fir-rigward tal-konservazzjoni u l-ġestjoni, mill-bastimenti tas-sajd jew prodotti tas-sajd ta' pajjiżi terzi.

4.15 In-notifika ser twassal għal monitoraġġ Komunitarju u internazzjonali ta' l-importazzjonijiet li pprovokaw it-twissija u ta' l-importazzjonijiet preċedenti kif ukoll tal-bastimenti tas-sajd li huwa kkonċernati minn din in-notifika. Jekk l-investigazzjoni, l-ispezzjoni u l-verifika li jsiru juru li jeżistu attivitajiet ta' sajd IUU, il-Kummissjoni tadotta numru ta' miżuri, b'mod partikulari li tinkludi l-bastiment(i) ikkonċernat(i) f'lista Komunitarja ta' bastimenti li jipprattikaw is-sajd IUU.

4.16 Ir-Regolament jippreċiżar li l-Kummissjoni, jew korp maħtur minnha, għandha tiġbor u tanalizza l-informazzjoni kollha dwar l-attivitajiet ta' sajd IUU.

4.17 Il-KESE jemmen li l-korp ideali għat-tweqqig ta' dan il-kompitu huwa l-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd, li għandha tiġi pprovduta b'aktar riżorsi umani u finanzjarji.

4.18 Ir-Regolament jittratta b'mod estensiv l-aspetti kollha tas-sistema ta' tħejjija, kontenut, aġġornament u pubblicizzar tal-lista Komunitarja tal-bastimenti li jipprattikaw is-sajd IUU; din għandha tinkludi b'mod awtomatiku l-bastimenti tas-sajd inklużi fil-listi ta' bastimenti li jipprattikaw is-sajd IUU adottati minn Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd. Il-KESE jemmen li minflok li f'din il-lista jiġu inklużi b'mod awtomatiku l-bastimenti Komunitarji tas-sajd, il-Kummissjoni għandha tassigura minn qabel li l-Istati Membri rilevanti m'adottawx miżuri effettivi, kif indikat fl-Artikolu 26 tal-proposta għal Regolament.

4.19 Il-Kumitat jemmen li s-sistema prevista mir-Regolament hija adegwata peress li hija tentattiv serju sabiex jiġu rreġistrati l-bastimenti tas-sajd u l-Istati li ma jikkooperawx fil-listi ta' sajd IUU, bil-garanziji kollha ta' informazzjoni minn qabel u ta' protezzjoni, u b'kunsiderazzjoni tal-miżuri applikabbli għall-bastimenti u għall-Istati involuti fl-attivitajiet ta' sajd IUU. Madankollu, il-KESE jemmen li l-garanziji involuti fil-proċeduri li jidentifikaw bastimenti involuti f'attivitajiet IUU u l-Istati li ma jikkooperawx għandhom jissaħħu, b'mod speċjali l-garanziji ta' protezzjoni, u dawn għandhom ikunu bbażati fuq evidenza solida sabiex jiġi evitat li aktar tard il-qrati jirrevokaw il-miżuri adottati mill-Istati Membri.

4.20 Minħabba l-fatt li l-inklużjoni fil-lista ta' stati li ma jikkooperawx jista' jkollu konsegwenzi serji għal stat u li l-esiġenzi ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu applikati bl-istess mod għall-Istati kollha, il-KESE jaċċetta li l-Kummissjoni għandha tgħin lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw sabiex jilhqgħu l-esiġenzi relatati mal-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza ta' l-attivitajiet ta' sajd.

4.21 Il-Kumitat iqis li s-Sistema ta' Monitoraġġ ta' Bastimenti (Vessel Monitoring System — VMS) hija għodda importanti għall-monitoraġġ ta' l-attivitajiet ta' sajd IUU. Barra minn hekk, sabiex stat ikun jista' jitneħħa mil-lista ta' stati li ma jikkooperawx, il-KESE huwa tal-fehma li dak l-istat għandu jinstalla l-VMS fuq il-bastimenti tiegħu kollha ta' sajd.

4.22 Il-Kumitat japprova l-miżuri severi previsti mir-Regolament għall-bastimenti tas-sajd u għall-istati li ma jikkooperawx involuti fl-attivitajiet ta' sajd IUU.

4.23 Ir-Regolament jipprojbixxi wkoll liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri milli joffru xi tip ta' appoġġ jew jiġu involuti fl-attivitajiet ta' sajd IUU, kif ukoll fi kwalunkwe attivitajiet relatati mal-kiri, l-esportazzjoni jew il-bejgħ ta' bastimenti tas-sajd inklużi fil-listi Komunitarji ta' bastimenti li jipprattikaw is-sajd IUU.

4.24 Fl-aħħar, ir-Regolament jenfasizza l-ksur serju u jarmozza l-ammont minimu li għandu jiġi stabbilit għal pieni massimi għall-persuni fiżiċi u legali fl-Istati Membri. Jistabbilixxi

wkoll il-miżuri immedjati ta' infurzar u s-sanzjonijiet addizzjonali sabiex jimpedixxu t-tkomplija tal-ksur u jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti biex jinvestigaw.

4.25 Il-Kumitat jemmen li l-livell ta' sanzjonijiet imposti fuq bastimenti ta' pajjiżi terzi għandu jkun armonizzat fl-Istati Membri kollha ta' l-UE.

4.26 Bil-għan li jiġu ssemplifikati r-regoli Komunitarji, fil-proposta għal Regolament il-Kummissjoni tinkludi d-dispożizzjonijiet prinċipali fir-rigward tal-kontroll, ta' l-ispezzjoni u ta' l-osservazzjoni ta' l-istandards approvati mill-organizzazzjonijiet reġjonali ta' ġestjoni, li l-Unjoni Ewropea tagħmel parti minn-hom, waqt li jitwessa' l-ambitu ta' applikazzjoni tar-Regolament sabiex jiġu inklużi l-ilmijiet kollha koperti minn waħda minn dawn l-organizzazzjonijiet.

4.27 Il-KESE jikkunsidra li, fil-futur, il-Kummissjoni għandha tistudja l-possibbiltà li r-Regolament jiġi estiż għas-sajd għall-ħut ta' l-ilma ħelu.

4.28 Il-KESE jemmen li l-proposta għal Regolament ippreżentata mill-Kummissjoni tikkostitwixxi strument utli ħafna għall-impediment, l-iskoraġġiment u l-eliminazzjoni ta' sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat. L-applikazzjoni tiegħu jehtiegħ ħidma kontinwa u kostanti u għalhekk il-Kumitat jikkunsidra li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri hija essenzjali.

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

- Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-ħarsien ta' ekosistemi tal-baħar vulnerabbli f'ibħra internazzjonali mill-impatti ħżiena ta' l-irkaptu tas-sajd tal-qiegħ u
- l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regżjoni — Prattiki tas-sajd distruttivi fl-ibħra internazzjonali u l-ħarsien ta' l-ekosistemi vulnerabbli tal-baħar fond

COM(2007) 605 finali — 0227/0224(CNS)

COM(2007) 604 final

(2008/C 224/17)

Nhar l-4 ta' Diċembru 2007, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 37 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, dwar

Il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar vulnerabbli f'ibħra internazzjonali mill-impatti ħżiena ta' l-irkaptu tas-sajd tal-qiegħ

Fis-17 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet li tikkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, skond il-Protokoll ta' Kooperazzjoni ffirmat fis-7 ta' Novembru 2005, dwar

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regżjoni — Prattiki tas-sajd distruttivi fl-ibħra internazzjonali u l-ħarsien ta' l-ekosistemi vulnerabbli tal-baħar fond

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar id-29 ta' April 2008. Ir-rapporteur kien is-**Sur Espuny Moyano** u l-ko-rapporteur kien is-**Sur Adams**.

Matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-28 u d-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju 2008), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'101 vot favur u astensjoni waħda.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jappoġġja l-orjentazzjoni ġenerali tal-politika ppreżentata mill-Kummissjoni f'din il-Proposta u Komunikazzjoni imma jemmen li l-kontenut, l-effettività u l-impatt tar-regolament propost jistgħu jittejjbu billi jinkorporaw ir-rakkomandazzjonijiet li jidhru f'sezzjoni 4 u 5 ta' din l-Opinjoni.

2. Introduzzjoni

2.1 F'dawn l-aħħar snin ħareġ ċar il-fatt li l-ekosistemi ta' l-ibħra fondi jistgħu jkunu sors ta' bijodiversità immensa u ħajja marittima rikka. Huma wieħed mill-aħħar gruppi sinifikanti ta' riżorsi naturali li fadal fid-dinja. L-iskollijiet ta' l-ilma kiesaħ, il-muntanji tal-baħar, il-qroll, il-bokok idrotermali u l-qigħan ta' l-isponoż jinsabu dejjem aktar f'periklu minħabba attivitajiet umani. Dawn is-sistemi jeżistu f'ambjenti ħafna inqas produttivi minn dawk li jistgħu jinstabu f'ilmijiet baxxi u b'hekk jistgħu jieħdu sekli biex jirriġeneraw. It-tiftix għall-idrokarburi, it-tqegħid ta' kejbils, ir-rimi ta' l-iskart u tipi partikolari ta' attivitajiet tas-sajd tal-qiegħ⁽¹⁾, kif ukoll attivitajiet umani oħra, jistgħu jkollhom effetti negattivi. L-iskollijiet ta' l-ilma kiesaħ jinsabu wkoll fiż-żoni ta' pjattaformi kontinentali f'latitudnijiet ta' temperatura.⁽²⁾

⁽¹⁾ Dawn jinkludu x-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, il-ħammiela, l-għeżula tal-qiegħ, il-konzijiet tal-qiegħ, u n-nases. Ara Friewald, A., Fossà, J.H., Koslow, T., Roberts, J.M. 2004. *Cold-water coral reefs*. UNEP-WCMC, Cambridge, ir-Renju Unit.

⁽²⁾ Ibid.

2.2 Is-sajd tal-qiegħ jirrikjedi rkaptu ferm speċjalizzat, li ġeneralment ikun jista' jintuża mingħajr ħsara serja fejn qiegħ il-baħar jkun tar-ramel jew tat-tajn. Madankollu, xi tipi ta' rkaptu jeħtieġu li jkunu tqal u b'saħħithom u f'ekosistemi tal-baħar fond jistgħu jagħmlu ħsara serja lill-abitant u jkissru strutturi antiki insostitwibbli, b'mod partikolari l-qroll.

2.3 Kif spiss huwa l-każ fi kwistjonijiet ambjentali globali, infthiem li din il-problema setgħet tiġi affrontata biss bl-introduzzjoni ta' miżuri bilanċjati, effettivi u infurzabbli fuq bażi dinjija. L-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti ilha tiddiskuti l-problemi li joħolqu l-prattiki tas-sajd f'ibħra internazzjonali sa mill-2004. Fit-8 ta' Diċembru 2006, adottat ir-Riżoluzzjoni 61/105 dwar is-Sajd Sostenibbli, li għamlet sejħa qawwija għal azzjoni mill-istati u organizzazzjonijiet li għandhom awtorità fuq is-sajd tal-qiegħ fl-ibħra internazzjonali biex jirregolaw sajd bħal dan sabiex ma ssirx ħsara lill-ekosistemi vulnerabbli tal-baħar⁽³⁾.

2.4 Din l-Opinjoni tittratta żewġ dokumenti tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni ta' l-ekosistemi vulnerabbli tal-baħar. L-ewwel, (COM(2007) 604), tiddettalja l-orjentazzjoni ġenerali tal-politika li qed jiġi propost li għandha tmexxi u tinforma azzjonijiet speċifiċi meħuda mill-UE. Dan jirriżulta minn rakkomandazzjonijiet tal-FAO li ġew żviluppatti wara kunsiderazzjoni

⁽³⁾ Riżoluzzjoni ta' l-Assemblea Ġenerali tan-NU 61/105, Paragrafi 83-86.

estensiva ta' din il-kwistjoni mill-Assemblea Ġenerali tan-NU⁽⁴⁾ li fiha l-UE kellha rwol importanti. It-tieni dokument (COM (2007) 605) huwa regolament propost tal-Kunsill li ser japplika għall-bastimenti ta' l-UE li joperaw fl-ibħra internazzjonali u li mhumiex koperti minn Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd (RFMO — *Regional Fisheries Management Organisation*) u li għandu jitqies bħala rispons leġiżlattiv dirett.

2.5 Huwa fl-interess dejjiemi ta' kemm l-industrija kif ukoll il-komunità ta' konservazzjoni li jaraw li l-abitat ta' qiegħ il-baħar qiegħed jitħares biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà dejjiema ta' l-istokkijiet ta' ħut kif ukoll il-konservazzjoni u l-ħarsien tal-bijodiversità tal-baħar.

3. L-approċċ ġenerali (COM(2007)604) u l-proposta speċifika tal-Kummissjoni fil-qosor (COM(2007) 605)

3.1 Iż-żewġ elementi ewlenin tal-qafas għall-ġestjoni tas-sajd tal-qiegħ fl-ibħra internazzjonali huma l-valutazzjoni minn qabel ta' l-impatt ambjentali ta' żona tas-sajd proposta bħala kundizzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' attivitajiet tas-sajd individwali u l-ħila li jintwera li ma hemm l-ebda impatt negattiv sinifikanti għas-sajd kontinwu. B'appoġġ għal dan, trid tiġi żviluppata riċerka aħjar u ġbir tad-data biex jiġu identifikati l-postijiet magħrufa jew fejn x'aktarx li jinsabu s-sistemi vulnerabbli, u wkoll id-dinamika ekoloġika tagħhom.

3.2 Miżura partikolarment siewja hija l-adozzjoni ta' żoni magħluqa jew żoni ta' ġestjoni speċjali fuq bażi ġeografika. Dan iseħħ, bi qbil, ma' RMFO. Il-protezzjoni barra minn RMFO hija r-responsabbiltà ta' l-Istati individwali f'dak li għandu x'jaqsam ma' bastimenti li jitajru l-bandiera tagħhom.

3.3 Ir-Regolament propost jimponi l-kontroll rigoruż tas-sajd tal-qiegħ fibhra internazzjonali permezz ta' miżuri li jixbhu lil dawk diġa' adottati minn nazzjonijiet li jistadu fl-ibħra internazzjonali tal-Majjistral tal-Paċifiku, in-Nofsinhar tal-Paċifiku u l-ibħra Antartiċi u li tressqu għall-adozzjoni f'RMFOs fl-Atlantiku tat-Tramuntana u tax-Xlokk, l-Antartiku u l-Mediterran.

3.4 Matul it-tliet snin li fihom il-kwistjoni kienet qed tiġi negozjata fl-Assemblea Ġenerali tan-NU, il-Kummissjoni iltaqgħet ma' numru kbir ta' rappreżentanti ta' l-Istati Membri, l-industrija u l-korpi inkarigati mill-konservazzjoni ambjentali. Hija ħeġġet approċċ regolatorju (bil-kontra ta' projbizzjoni) bl-intenzjoni li dan jiġi applikat mill-Istati tal-bandiera permezz ta' RMFOs u mill-Istati tal-bandiera fejn il-bastimenti tagħhom joperaw fl-ibħra internazzjonali f'żoni fejn s'issa ma teżistix RMFO.

⁽⁴⁾ Riżoluzzjonijiet (59) 25 (2004), u partikolarment 61/105 (paragrafi 80-95) tat-8 ta' Diċembru 2006.

3.5 Fil-proposta, ħafna mill-ġestjoni tas-sajd fil-baħar fond titħalla f'idejn l-Istati membri ta' l-UE u tintrabat mal-ħruġ ta' permessi tas-sajd speċjali. Meta qed issir applikazzjoni għal permess, bastiment irid iressaq pjan tas-sajd li jgħid fejn ser ikun qed jistad, għal liema speċi ta' ħut ser jimmira, il-fond li fih ser jistad u l-profil batimetriku ta' qiegħ il-baħar f'dik iż-żona. L-awtoritajiet imbagħad iridu jivvalutaw il-pjan tas-sajd u l-impatt li jista' jkollu fuq kwalunkwe ekosistema vulnerabbli tal-baħar, skond l-aħjar informazzjoni xjentifika possibbli.

3.6 Il-proposta ssemmi wkoll xi limitazzjonijiet ċari. L-użu ta' rkaptu tal-qiegħ f'fond ta' aktar minn 1,000 metru ser ikun projbit. Bastimenti tas-sajd li jiltaqgħu ma' ekosistemi tal-baħar vulnerabbli ser ikollhom iwaqqfu s-sajd minnufih u jitħallew ikomplu jistadu biss 5 mili nawtiċi jew aktar 'il bogħod mis-sit. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jiġu infurmati dwar il-lokazzjoni ta' fejn is-sajjieda jkunu ltaqgħu ma' dawn l-ekosistemi, u mbagħad ikunu jistgħu jiddeċiedu li jagħlqu ż-żona għal sajd bl-irkaptu tal-qiegħ. Il-bastimenti kollha ser jintalbu wkoll li jużaw sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti bis-satellita kif ukoll li rekbin magħhom jkollhom osservaturi xjentifiċi.

3.7 L-Istati Membri ser jintalbu jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament kull 6 xhur. Il-Kummissjoni mbagħad tħejji rapport għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill qabel Ġunju 2010, inklużi proposti għall-emendi li jkunu meħtieġa.

4. Kummenti ġenerali

4.1 Il-KESE jappoġġja l-orjentazzjoni ġenerali tal-politika ppreżentata mill-Kummissjoni li hija konsistenti mal-pożizzjoni li esprimiet qabel dwar it-twaqqif tat-telfien tal-bijodiversità (NAT/334).

4.2 Fi snin riċenti l-KESE esplorat sfiq f'bosta opinjonijiet⁽⁵⁾ il-kwistjonijiet pożittivi u negattivi li ħarġu mill-oġġettivi tal-Politika Komuni dwar is-Sajd, u kif ir-riżorsi akwatiċi jistgħu jiġu sfruttati b'mod sostenibbli fil-kuntest ta' żvilupp sostenibbli, u billi jitqiesu l-aspetti ambjentali, ekonomiċi u soċjali b'mod bilanċjat. Dawn l-aspetti għandhom jitqiesu kollha meta tkun qed tiġi analizzata l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament.

4.3 Kemm il-Komunikazzjoni u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni, li jivvalutaw l-impatt tar-Regolament propost, isemmu li fil-preżent ser japplika biss għal bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ jistadu fil-Lbiċ ta' l-Atlantiku barra ż-Żona Esklussiva Ekonomika ta' l-Arġentina.

⁽⁵⁾ NAT/264 — Regolament dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU C 267, 27.10.2005); NAT/280 — Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri finanzjarji Komunitarji għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar (ĠU C 65, 17.3.2006), NAT/316 (ĠU C 318, 23.12.2006), NAT/333 (ĠU C 168, 20.7.2007), NAT/334 — It-Twaqqif tat-Telf tal-Bijodiversità (ĠU C 97, 28.4.2007); NAT/364 — Regolament dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku dwar il-Politika Komuni dwar is-Sajd (ĠU C 10, 15.1.2008).

4.4 Is-sajd isir minn madwar 30 bastiment Komunitarju fil-Lbiċ ta' l-Atlantiku, fejn għadha ma twaqqfix RMFO, minħabba l-kunflitt politiku li ilu għaddej bejn ir-Renju Unit u l-Arġentina fuq il-Gżejjer Falkland. L-attività tas-sajd tista' tiġi deskritta kif ġej:

- Dak is-sajd li jseħħ fibhra internazzjonali jsir fuq il-pjattaforma kontinentali u fuq l-iskarpa ta' fuq tal-Pjattaforma Patagonjana. Ilu jeżisti għal 25 sena u l-industrija tas-sajd u x-xjentisti jassiguraw li jkopri l-istess żoni ta' ramel u ta' qiegħ ċatt. Jinqabdu żewġ tipi ta' ħut: il-klamar tal-pinen qosra (*Illex*), il-klamar komuni (*Loligo*) u l-marluzz (*Merluccius hubsi*). L-ebda wieħed minn dawn l-ispeċi ma huwa kklassifikat bħala ħut tal-baħar fond: il-klasifikazzjoni hija bbażata jew fuq il-kriterju tal-fond ⁽⁶⁾ (issa rrifjutat mill-FAO) jew tan-natura bijoloġika (ħajja twila, maturità fit-tard, tkabbir bil-mod jew fertilità baxxa ⁽⁷⁾), li targumenta kontra protezzjoni miżjuda ⁽⁸⁾. Fi kliem ieħor, dan it-tip ta' sajd jinvolvi speċi ta' produttività medja u għolja, mingħajr qabdiet sekondarji, f'żoni li fihom mhux maħsub li jgħixu ekosistemi tant vulnerabbli.
- Dan is-sajd beda grazzi għal iffinanzjar mill-UE ta' vjaġġi tas-sajd esploratorji maħsuba biex il-flotta Komunitarja titqasam mill-ġdid. Dawn il-vjaġġi saru permezz ta' osservaturi abbord, u l-Kummissjoni Ewropea għandu jkollha informazzjoni komprensiva dwarhom.
- Il-Kummissjoni ffinanzjat ukoll studji ta' valutazzjoni, u Spanja — permezz ta' l-Istitut Oċeanografiku Spanjol (IEO) — mexxiet programm ta' osservaturi abbord tul il-perijodu kollu biex tipprovi informazzjoni kontinwa dwar dawn l-attivitàjiet ta' sajd, flimkien ma' informazzjoni oħra ⁽⁹⁾.
- L-ispeċi maqbduda bi żball (qabdiet sekondarji) huma minimi, l-aktar maqbduda huma s-sallura pixxibittija (pink cusk-eel) jew il-gringu (*Genipecter blacodes*) u s-sakku tal-blat (rock cod). Dan ta' l-aħħar huwa speċi li mhijiex kummerċjali u qed isiru attentati biex tiġi introdotta fis-suq Komunitarju.
- Il-bastimenti Komunitarji kollha jaħdmu b'permessi tas-sajd speċjali maħruġa minn Stati Membri individwali u kkontrollati bis-satellita (VMS). Barra minn hekk, madwar 20 % tal-flotta jkollha abbord magħha osservaturi xjentifiċi.
- Kemm is-sajd għaċ-ċefalopodi (il-klamar tal-pinen qosra u dak komuni) u l-merluzz isir f'żewġ żoni żgħar ta' baħar internazzjonali li jagħmlu parti minn żona ħafna ikbar

⁽⁶⁾ Data miġbura mill-Istitut Oċeanografiku Spanjol (osservaturi ta' l-IEO), li hija konsistenti ma' informazzjoni bis-satellita minn "blue boxes", turi li aktar minn 95 % tas-sajd mill-flotta tat-tkarkir tal-qiegħ Spanjola fl-ibħra internazzjonali tal-Pjattaforma Patagonjana jsir f'baħar mhux aktar fond minn 400 metru.

⁽⁷⁾ Studju ta' Koslow et al., ippubblikat fl-2000 fl-ICES *Journal of Marine Science*: J.A. Koslow, G.W. Boehlert, J.D.M. Gordon, R.L. Haedrich, P. Lorange and N. Parin, 2000. *Continental Slope and deep-sea fisheries: implications for a fragile ecosystem*.

⁽⁸⁾ Ara l-għaxar premessa tal-proposta għar-Regolament.

⁽⁹⁾ Ara Punt 2.2 tad-Dokument ta' F'idma tal-Persunal tal-Kummissjoni.

ta' attività ta' sajd li tinkludi ż-Żoni Esklussiva Ekonomiċi ta' l-Arġentina kif ukoll ta' l-Urugwaj, Kif ukoll iż-żona kkontrollata mill-gvern tal-Falklands, fejn joperaw madwar mitt bastiment mill-Arġentina, il-pajjiżi terzi u l-Falklands ⁽¹⁰⁾.

- Mill-ispeċi tal-fond tal-baħar fond imniżżla fl-Annessi I u II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002 li jstabbilixxi ħtiġijiet speċifiċi ta' aċċess u kundizzjonijiet relattivi għas-sajd ta' l-istokkijiet tal-baħar fond ⁽¹¹⁾, il-ħanżir tal-fond (wreckfish) biss jgħix fibhra Patagonjana, imma ma għet dokumentata l-ebda qabda ta' din l-ispeċi, la mill-IEO u lanqas mill-flotta Komunitarja.
- L-impjegji u l-ġid iġġenerati minn dawn il-bastimenti huma kkonċentrati f'reġjun tal-Komunità li huwa ferm dipendenti fuq is-sajd ⁽¹²⁾.

4.5 Fid-dawl ta' dan kollu li ssemma, il-KESE jissuġġerixxi li jekk l-istħarriġ oċeanografiku komprensiv li qed isir bħalissa f'din iż-żona ma jsib l-ebda evidenza konklussiva ta' ekosistemi tal-baħar vulnerabbli allura din iż-żona (definita speċifikament b'mod ġeografiku) għandha tiġi eżentata mir-rekwiżiti tar-regolament propost.

4.6 Barra minn hekk, il-KESE jaħseb li l-proposta tal-Kummissjoni ma tiżgurax l-applikazzjoni effettiva u l-armonizzazzjoni tar-regolamenti fl-Istati Membri. B'riżultat ta' dan, il-KESE jitlob lill-Kummissjoni taqdi rwol aktar prominenti biex tikkoordinata u tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tar-regolament mill-Istati Membri.

4.7 Il-KESE jaħseb li l-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi valutazzjonijiet xjentifiċi indipendenti barra mill-istudji ta' l-impatt ipprovduti mill-Istati Membri. Għal dan il-għan, għandha tipprovi l-fondi meħtieġa biex ikopru dawn il-valutazzjonijiet.

4.8 Fl-aħħar nett, il-KESE jiġbed attenzjoni għall-fatt li l-FAO qed tħejji serje ta' Linji Gwida għall-Ġestjoni tas-Sajd fil-Baħar Fond fl-Ibħra Internazzjonali, u jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tqis dawn il-konklużjonijiet ukoll.

5. Kummmenti speċifiċi

5.1 Il-KESE jemmen li l-Artikolu 1.1 tal-proposta għal Regolament jirreferi għal bastimenti Komunitarji tas-sajd li jistadu b'irkaptu tal-qiegħ f'żoni verġni u mhux sfruttati fl-ibħra internazzjonali u li għandu jqis dak li ntqal f'Punt 4.5 hawn fuq.

⁽¹⁰⁾ Il-Korea, il-Ġappun, iċ-Ċina u l-Urugwaj

⁽¹¹⁾ ĠU L 351, 28.12.2002, p. 6.

⁽¹²⁾ Tabelli tal-ħruġ u tad-dħul ta' l-industrija tal-ħut fil-laned f'Galicia, ippubblikat mill-gvern reġjonali, juru li mill-74 attività ta' l-ekonomija ta' Galicia, 61 minnhom jiddependu fuq is-sajd.

5.2 Il-KESE jemmen li t-tifsira ta' "ekosistemi tal-baħar vulnerabbli" fl-Artikolu 2 tal-proposta għal Regolament hija vaga u mhux ċara, u tista' toħloq problema ta' interpretazzjoni. Il-ħidma li qed issir mill-FAO tista' tgħin biex tiġi kkjarifikata.

5.3 Fir-rigward ta' Artikolu 4, paragrafu 5, il-KESE jixtieq jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li l-emendi ta' pjanijiet tas-sajd kollha għandhom jiġu riveduti biex jiġi assigurat li ma jkollhom l-ebda impatt negattiv sinifikanti — iġifieri li l-emendi jindirizzaw il-problemi potenzjali identifikati fil-valutazzjonijiet ta' l-impatt b'mod effettiv. Il-KESE huwa imħasseb ukoll dwar il-fatt li t-fas-sila tas-sistema mhix ser tkun flessibbli biżżejjed biex tadatta għal attivitajiet ta' sajd, li jistgħu jinbidlu faċilment u li hu diffiċli ħafna li tħassarhom.

5.4 Il-KESE jemmen li l-Artikolu 5 jista' wkoll joħloq konfużjoni, għax ma jiddifferenzjax bejn l-iskadenza u l-irtirar tal-permess. Il-permess tas-sajd speċjali huwa awtorizzazzjoni amministrattiva li tkun valida jekk isiru l-proċeduri meħtieġa għall-ħruġ tiegħu mill-amministrazzjoni kompetenti, sakemm ma jkunx sospiż jew irtirar minn din l-amministrazzjoni. L-amministrazzjoni għandha tinforma lis-sid tal-permess dwar l-irtirar jew is-sospensjoni tal-permess tas-sajd direttament u taġhtih seduta. Għalhekk, il-KESE jipproponi hekk: "Il-permess tas-sajd speċjali kif irregolat fl-Artikolu 3(1) jiġi rtirat jekk l-attivitajiet ta' sajd ma jikkonformawx, ikun f'liema mument ikun, mal-pjan tas-sajd imressqa b'konformità ma' l-Artikolu 4(1)".

5.5 B'hekk, it-tieni sentenza ta' l-Artikolu 5(2) għandha tgħid "L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżaminaw bidliet bħal dawn u jistgħu jimmodifikaw il-kundizzjonijiet tal-permess biss jekk ma jitolbux rilokazzjoni ta' l-attivitajiet għal żoni fejn jeżistu jew jistgħu jeżistu ekosistemi tal-baħar vulnerabbli."

5.6 L-Artikolu 6 jipproponi li jkun projbit l-użu ta' rkaptu tal-qiegħ f'fond ta' aktar minn 1000 metru. Il-KESE jemmen li din id-dispożizzjoni għandha titħassar għax m'hemmx biżżejjed evidenza xjentifika biex tappoġġja din ir-restrizzjoni, kif ħareġ mid-diskussjonijiet tal-FAO dwar il-Linji Gwida Internazzjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fil-Baħar Fond fl-Ibħra Internazzjonali. Il-fatt li bħalissa ma hemm l-ebda flotta topera f'fond ta' aktar minn 1000 metru ma jfissirx li r-Regolament għandu jwaqqaf li dan iseħħ fil-futur, sakemm l-attività tkun sostenibbli. Barra minn hekk, kif tagħraf il-Kummissjoni stess, din il-miżura mhix irrakkomandata mir-Riżoluzzjonijiet 61/105 ta' l-Assemblea Ġenerali tan-NU.

5.7 Il-KESE huwa mħasseb dwar l-ambigwiżità ta' l-Artikolu 8 tar-regolament propost. Jidher li ma hemm l-ebda garanzija li ż-

żoni kollha fejn jeżistu jew jistgħu jeżistu ekosistemi vulnerabbli ser jingħalqu għas-sajd b'irkaptu tal-qiegħ. Ma hemm l-ebda obbligu ċar mitlub mill-Istati Membri li jagħlqu ż-żoni li jidentifikaw bħala x'aktarx vulnerabbli għall-bastimenti bil-bandiera tagħhom.

5.8 L-Artikolu 10 (kif fil-każ ta' l-Artikolu 5) jħawwad l-iskadenza mar-revoka jew l-irtirar ta' l-permess. Il-KESE għalhekk jis-suggerixxi li l-Artikolu 10(1) jinkiteb hekk: "Jekk bastiment tas-sajd ma jikkonformax mal-pjan tas-sajd kif irregolat fl-Artikolu 4(1) f'ċirkostanzi barra dawk speċifikati fl-Artikolu 5(2), il-permess tas-sajd speċjali maħruġ għal dan il-bastiment ikollu jiġi rtirat. Kull attività ta' sajd li ssir minn meta jiġi rtirat il-permess tas-sajd speċjali titqies bħala sajd mingħajr permess tas-sajd."

5.9 Fir-rigward ta' l-Artikolu 12, li jipproponi l-allokazzjoni ta' osservaturi fuq 100 % tal-bastimenti tas-sajd, il-KESE jqis din il-miżura bħala waħda sproprjonata, mhux meħtieġa u, f'uħud mill-każijiet, mhux inforzabbli, għaliex mhux il-bastimenti kollha huma mġammra biex jakkomodaw persuna oħra abbord. Barra minn hekk, dan l-aspett ikun ifisser żieda oħra fl-ispejjeż rikorrenti ta' l-intrapriżi. Kolloxx ma' kolloxx, il-korpi xjentifiċi jqisu li persentaġġ speċifiku ta' osservaturi abbord huwa biżżejjed biex jintlaħqu l-oġettivi proposti.

5.10 Fir-rigward ta' l-Artikolu 14, il-KESE jirakkomanda li l-Kummissjoni tipprovdi rapport lill-Kunsill u lill-Parlament sat-30 ta' Ġunju 2008 flok sat-30 ta' Ġunju 2010, id-data li għet stipulata issa fl-artikolu. L-Assemblea Ġenerali tan-NU qabliet li tirrevedi l-implimentazzjoni tar-riżoluzzjoni ta' l-2006 fl-2009 u jkun importanti għall-Kummissjoni li tipprovdi rapport li jkun fil-ħin għar-Revizzjoni ta' l-Assemblea Ġenerali tan-NU.

5.11 Il-KESE jemmen li ż-żmien għad-dħul fis-seħħ (sebat ijiem wara l-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej) mhuwiex biżżejjed għall-bastimenti biex iressqu l-pjanijiet tas-sajd u biex il-Kummissjoni tivvalutahom u tapprovahom, u b'hekk jipproponi li tingħata data ta' l-għeluq raġonevoli u realistika, li tagħmilha possibbli li jitħares l-obbligu u li jinħatar il-permess mill-Kummissjoni.

5.12 Fl-aħħar, il-KESE jaħseb li r-regolament għandu jinkludi dispożizzjoni jew artikolu li jirrikjedi li ssir valutazzjoni biex tiżgura li r-regolament tas-sajd jipprovdi għas-sostenibbiltà dejjiema ta' l-istokkijiet ta' ħut u l-konservazzjoni ta' l-ispeċi ta' qabdiel sekondarji. L-ewwel obbligu jintalab fir-riżoluzzjoni ta' l-Assemblea Ġenerali tan-NU u l-obbligi kemm l-ewwel u kemm it-tieni jinsabu fil-Ftehim tan-NU ta' l-1995 dwar l-Istokkijiet ta' Ħut għas-sajd fl-ibħra internazzjonali.

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid u li jemenda r-Regolament (KE) Nru XXX/XXXX [proċedura komuni]

COM(2007) 872 finali — 2008/0002 (COD)

(2008/C 224/18)

Nhar it-30 ta' Jannar 2008, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea ddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 95 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid u li jemenda r-Regolament (KE) Nru XXX/XXXX [proċedura komuni]

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Ambjent, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar id-29 ta' April 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Espuny Moyano.

Matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-28 u d-29 ta' Mejju 2008 (sessjoni tad-29 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'71 vot favur, vot wieħed kontra u 2 astensjonijiet.

1.1 Il-KESE jemmen li hemm bżonn li tiġi aġġornata l-leġislazzjoni dwar l-ikel ġdid sabiex tittejjeb is-sigurtà alimentari u legali. Għaldaqstant jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni, għalkemm jemmen li għandhom jiġu kkunsidrati ċerti suġġerimenti.

1.2 Il-KESE jappoġġja l-ħolqien ta' paġna ta' l-Internet b'lista ta' l-ikel awtorizzat li tkun tista' tintuża mill-konsumaturi u mill-industrija, iżda jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni lejn il-fatt li din il-paġna għandha tkun tista' tiġi lokalizzata faċilment fost il-paġni l-oħra tal-Kummissjoni u għandu jkollha spjegazzjonijiet ċari sabiex ikollha użu reali.

1.3 Billi r-Regolament jagħmel distinzjoni bejn żewġ kategoriji ta' ikel ġdid (skond jekk dawn il-prodotti jiġux minn Stat Membru ta' l-UE jew le), il-KESE jissuġġerixxi li l-lista ta' ikel awtorizzat tkun maqsuma f'żewġ partijiet sabiex il-konsumaturi u l-operaturi jkun jistgħu jsibuha u jużawha faċilment.

1.4 Il-KESE jqis li l-isforzi mwettqa mill-kumpaniji fil-qasam tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (R+D+I) għandhom ikunu protetti mill-awtoritajiet permezz ta' ħarsien adegwat tad-data u b'konformità mal-proprjetà intellettuali ta' din.

1.5 Il-KESE jemmen li l-iskadenza għall-evalwazzjoni (qabel l-1 ta' Jannar 2015) hija 'l bogħod wisq.

1.6 Il-KESE jemmen li l-frażi "in-nuqqas ta' użu għall-konsum mill-bniedem sa ċertu grad ..." hija ambigwa wisq u tista' twasal għal żbalji, konfużjoni u Prattiki ħżiena.

1.7 Il-KESE jinnota li ma ġiet prevista l-ebda sistema jew skadenza għar-reviżjoni tal-lista u għalhekk jipproponi li jiġi inkluż mekkaniżmu fir-Regolament stess sabiex il-lista tkun tista' tiġi riveduta meta jkun hemm bżonn.

1.8 Il-KESE jistaqsi lill-Kumitat jekk l-iskadenza stabbilita mill-EFSA għall-evalwazzjoni — meta din l-evalwazzjoni tkun neċessarja — hijiex ser tkun adegwata.

2. Sinteżi tal-proposta tal-Kummissjoni

2.1 Ir-Regolament Ewropew oriġinali dwar l-ikel ġdid huwa Regolament ta' l-1997. Minn dik id-data lil hawn, inħass il-bżonn li ċerti aspetti tar-Regolament jiġu aġġornati u mmodifikati.

2.2 L-għan huwa li tittejjeb l-effiċjenza u t-trasparenza u li tiġi implimentata sistema ta' awtorizzazzjoni li tiggarantixxi s-sigurtà ta' l-ikel ġdid u li tinkludi proċedura ta' evalwazzjoni xjentifika mwettqa mill-EFSA (l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Ikel) li tnaqqas il-piż amministrattiv u ttejjeb il-kompetittività ta' l-intrapriżi.

2.3 Il-proposta tal-Kummissjoni tistabbilixxi ċerti standards armonizzati għat-tqegħid fis-suq ta' l-UE ta' ikel ġdid, bil-għan li tiżgura livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bnedmin u ta' protezzjoni tal-konsumaturi, kif ukoll sabiex tiggarantixxi l-efkaccja tas-suq intern.

2.4 Huma esklużi mill-applikazzjoni tagħha l-addittivi, il-ħwawar, is-solventi ta' estrazzjoni, l-enżimi, il-vitami u l-minerali, kif ukoll l-ikel u l-għalf immodifikat ġenetikament, għax dawn huma diġà soġġetti għal proċedura speċifika.

2.5 Il-proposta tikkunsidra bħala ikel ġdid:

— ikel li ma ntużax fi proporzjon kbir għall-konsum uman fil-Komunità qabel il-15 ta' Mejju 1997;

— ikel li ġej mill-pjanti jew mill-annimali meta tkun ġiet applikata teknika ta' tkabbir jew riproduzzjoni mhux tradizzjonali u mhux użata qabel il-15 ta' Mejju 1997;

— ikel li ġie soġġett għal proċess ta' produzzjoni ġdid li ma ntużax qabel il-15 ta' Mejju 1997, li jwassal għal bidliet sinifikattivi fil-valur nutrittiv jew fil-metaboliżmu tiegħu jew fis-sustanzi mhux mixtieqa li jinsabu fih.

2.6 Barra minn hekk, il-proposta tinkludi definizzjonijiet oħrajn ta' kunċetti bażiċi bħal "ikel tradizzjonali minn pajjiżi terzi" u "storja ta' użu sikur ta' l-ikel".

2.7 Il-proposta tistabbilixxi li fl-UE ser ikunu jistgħu jinbiegħu biss prodotti ta' l-ikel ġodda li jidhru fuq il-lista Komunitarja u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

— ma johlqux problemi għas-sigurtà fuq il-bażi tax-xjenza disponibbli;

— ma jkarrqux bil-konsumatur;

— ma jkunux ta' żvantaġġ mill-perspettiva tan-nutrizzjoni meta mqabbla ma' prodott tradizzjonali, jekk l-għan huwa li jintużaw minflok.

2.8 Dawn il-kundizzjonijiet jgħoddu għall-inklużjoni fil-lista Komunitarja kemm għall-ikel prodott permezz ta' metodi ta' tkabbir jew riproduzzjoni u proċessi ta' produzzjoni ġodda kif ukoll għall-ikel tradizzjonali minn pajjiżi terzi li huwa kkunsidrat bħala ikel ġdid. Fiż-żewġ każijiet huwa indispensabbli li l-prodotti jissodisfaw ir-regoli korrispondenti u jimxu ma' proċedura stabbilita (li fiha jieħdu sehem il-Kummissjoni, l-EFSA u l-Istati Membri).

2.9 Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni ser tipprovdi (bil-kollaborazzjoni ta' l-EFSA) għodda u evalwazzjoni teknika biex tgħin lill-operaturi kummerċjali — b'mod speċjali l-SMEs — li jixtiequ japplikaw għall-awtorizzazzjoni.

2.9.1 Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' timponi, għal raġunijiet ta' sikurezza ta' l-ikel u fuq l-opinjoni ta' l-Awtorità, rekwiżit għal sorveljanza wara t-tqegħid fis-suq (Artikolu 11).

2.10 Il-proposta għandha l-għan li tirrispetta d-dritt għall-ħarsien tad-data (Artikolu 12) u tistipula li l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiddeterminaw il-qafas tas-sanzjonijiet għall-każijiet fejn id-dispożizzjonijiet Komunitarji ma jgħux irrispettati (Artikolu 13).

2.11 Il-Kummissjoni ser ikollha l-għajnuna tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali. Għet stabbilita skadenza għall-evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni Prattika tar-Regolament (2015) bil-għan li jsiru l-modifiki kollha li huma neċessarji.

3. Kummenti ġenerali

3.1 Ċentralizzazzjoni tal-proċeduri ta' evalwazzjoni u awtorizzazzjoni

3.1.1 Il-proposta tistabbilixxi qafas ċentralizzat għall-evalwazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' l-ikel ġdid, li ser jitħejja mill-EFSA (evalwazzjoni xjentifika) u mill-Kummissjoni Ewropea (awtorizzazzjoni). Dan il-mudell ta' evalwazzjoni mħejji mill-

EFSA (Artikolu 10) għandu jikkontribwixxi sabiex tiġi ggarantita, b'mod uniformi, is-sigurtà ta' l-ikel ġdid, u sabiex jiġu ssemplifikati l-proċeduri li għandhom isegwu l-intrapriżi. B'dan il-mod għandha tiħaffef l-awtorizzazzjoni ta' l-ikel ġdid fl-Ewropa. Fi ftit kliem, il-proposta indirettament thegġegħ l-investiment u l-interess tal-kumpaniji fl-iżvilupp ta' ikel ġdid.

3.2 Il-bżonn ta' proċedura ċentralizzata għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti ta' l-ikel ġodda li tiggarrantixxi s-sigurtà tagħhom u tissemplifika l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni ta' l-ikel ġdid

3.2.1 Meta fl-1997 ġie ppubblikat ir-Regolament dwar prodotti ta' l-ikel u ingredjenti alimentari ġodda, ġie integrat strument ġdid fil-liġi Komunitarja għall-moviment ħieles tal-prodotti ta' l-ikel sikuri.

3.2.2 Iż-żmien u l-applikazzjoni tar-Regolament urew li huwa essenzjali li ċerti aspetti jittejjbu sabiex jiġi ggarantit livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa u tal-benesseri taċ-ċittadini u moviment ħieles tal-merkanzija, kif ukoll biex jiġu stabbiliti mekkaniżmi effikaċi għall-awtorizzazzjoni li jippermettu li l-intrapriżi jagħmlu żviluppi ġodda.

3.2.3 Il-proposta tistabbilixxi żewġ proċeduri ta' awtorizzazzjoni skond it-tip ta' ikel ġdid: il-proċedura għall-prodotti tradizzjonali minn pajjiżi terzi li ser jitqiegħdu fis-suq ta' l-UE għall-ewwel darba, u l-proċedura għall-ikel ġdid li ġie prodott permezz ta' tekniki mhux tradizzjonali ta' tkabbir jew riproduzzjoni jew proċessi ta' produzzjoni ġodda.

3.2.4 Għall-ewwel kategorija ta' prodotti (Artikolu 8), hemm bżonn li tiġi ssemplifikata l-proċedura ta' awtorizzazzjoni eżistenti, li tqis bħala sikur kull prodott li għandu storja ta' konsum sikur għal perijodu stabbilit (ġenerazzjoni) f'pajjiż terz u li ġie ppruvat li ma kienx hemm konsum uman sinifikanti tiegħu fl-UE qabel il-15 ta' Mejju 1997. Din il-proċedura ta' notifika tissemplifika r-rekwiżiti li s'issa kellhom jissodisfaw il-prodotti ta' l-ikel tradizzjonali minn pajjiżi terzi sabiex ikunu jistgħu jitqiegħdu fis-suq ta' l-Unjoni Ewropea.

3.2.5 Għat-tieni kategorija ta' prodotti (ikel prodott permezz ta' tekniki ta' tkabbir jew riproduzzjoni mhux tradizzjonali jew permezz ta' proċessi ta' produzzjoni ġodda), li huma daww li jinvolvu l-iktar ir-riċerka u l-iżvilupp ta' l-industrija alimentari ta' l-UE, huwa essenzjali li ssir evalwazzjoni ta' sigurtà unika mill-EFSA u li jkun hemm proċedura (Artikolu 19) ċara, sempliċi u effikaċi li tippermetti li jitħaffu l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni li s'issa kienu twal. Madankollu, minkejja l-importanza ta' dan l-aspett, il-proċedura li għandha tintuża f'każijiet bħal dawn ma għetx żviluppata għal kollox fil-proposta. Din tirreferi għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni armonizzata għall-addittivi, l-enżimi u l-ħwawar. Ir-referenza għal din il-proċedura (li għadha ma għetx adottata fl-UE) tista' tkun proposta interessanti iżda jidher li l-ambitu ta' applikazzjoni tagħha għadu ma għetx eżaminat birreqqa.

3.2.6 Huwa importanti ferm li l-evalwazzjoni u l-awtorizzazzjoni tal-prodotti ta' l-ikel ġodda jiġu ċentralizzati (EFSA u Kummissjoni Ewropea), iżda għandha wkoll tiġi stabbilita proċedura sempliċi, ċara, effikaċi, dettaljata u bi skadenzi (hekk kif sar għall-proċedura ta' notifika ta' l-ikel tradizzjonali minn pajjiżi terzi) għall-awtorizzazzjoni ta' l-ikel ġdid prodott permezz ta' tekniki mhux tradizzjonali ta' tkabbir jew riproduzzjoni jew permezz ta' proċessi ta' produzzjoni li jikkostitwixxu l-essenza ta' l-innovazzjoni ta' l-industrija ta' l-ikel.

3.2.7 Din il-proċedura tista' tiġi inkluża fil-proposta jew tirreferi għal Regolament ieħor; iżda fiż-żewġ każijiet il-proposta għandha tiġbor fiha d-dettalji kollha li huma neċessarji biex l-operatur ikun jaf liema proċeduri għandu juża biex jikseb l-awtorizzazzjoni korrispondenti.

3.2.8 Il-proposta għandha tkun ċara u kompleta biżżejjed biex tippermetti li l-operaturi japplikawha; dan m'għandux iwaqqaf lill-Kummissjoni milli tfassal linji gwida iktar tard (Artikolu 9).

3.3 Listi Komunitarji

3.3.1 L-inizjattiva li jtfasslu listi (Artikoli 5, 6 u 7) li fihom jiġu inklużi l-prodotti ta' l-ikel ġodda għandha tikkontribwixxi għat-titjib ta' l-informazzjoni tal-konsumaturi u biex tagħti sigurtà legali ikbar lill-operaturi. Il-mudell ibbażat fuq il-listi m'huwa xejn ġdid, billi l-użu tal-listi qiegħed isir dejjem iktar komuni (wieħed jista' jara r-Regolament **dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa** u r-Regolament **dwar iż-żieda**

fl-ikel ta' vitamini u minerali, fost oħrajn). Fil-każ ta' l-ikel tradizzjonali minn pajjiżi terzi, il-mudell jidher li għe żviluppat sewwa fil-proposta (kontenut tal-lista, pubblikazzjoni fuq is-sit ta' l-Internet tad-DG SANCO), iżda wieħed ma jistax jgħid l-istess ħaġa dwar il-prodotti l-ġodda l-oħrajn (ma nafux jekk il-lista hijiex ser tiġi ppubblikata fuq is-sit ta' l-Internet tad-DG SANCO, eċċ.). Għaldaqstant dan ta' l-aħħar għandu jiġi żviluppat.

3.4 Ħarsien tal-proprjetà intellettuali

3.4.1 L-iżvilupp ta' prodotti ta' l-ikel ġodda jitlob impenn u investment min-naħa ta' l-intrapriżi fl-ambitu tar-riċerka u l-iżvilupp u għalhekk dawn għandhom jiġu pprovduti bi proċeduri sempliċi, effikaċi u ekonomikament vijabbli. L-għarfien u l-iżviluppi għandhom jitħarsu b'mod li ma jxekklix il-kompetittività. L-ambitu ta' applikazzjoni tal-ħarsien tad-data ta' l-intrapriżi m'huwiex definit b'mod ċar fil-proposta (din tirreferi esklużivament għall-awtorizzazzjonijiet, dak li jiġri f'każ fejn applikazzjoni ma tiġix aċċettata, eċċ.).

3.4.2 Jekk ir-Regolament il-ġdid jiġi pprovdut bi strument bħall-ħarsien tad-data, l-intrapriżi jkunu jistgħu jħossuhom iktar sikuri fir-rigward tar-riżorsi ekonomiċi u umani li jinvestu fl-iżviluppi l-ġodda. Għalihom il-ħarsien tad-data jsir strument li jagħtihom il-protezzjoni li jeħtieġu sabiex ikomplu jinnovaw u jkunu dejjem iktar kompetittivi f'kuntest fejn is-suq u l-konsumaturi huma dejjem iktar eżiġenti.

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tissempjifika l-proċeduri ta' l-elenkar u tal-pubblikazzjoni tat-tagħrif fl-oqsma veterinarji u żootekniċi u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE, 77/504/KEE, 88/407/KEE, 88/661/KEE, 89/361/KEE, 89/556/KEE, 90/427/KEE, 90/428/KEE, 90/429/KEE, 90/539/KEE, 91/68/KEE, 92/35/KEE, 92/65/KEE, 92/66/KEE, 92/119/KEE, 94/28/KE, 2000/75/KE, id-Deċiżjoni 2000/258/KE u d-Direttivi 2001/89/KE, 2002/60/KE, u 2005/94/KE

COM(2008) 120 finali — 2008/0046 (CNS)

(2008/C 224/19)

Nhar il-11 ta' April 2008, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 37 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tissempjifika l-proċeduri ta' l-elenkar u tal-pubblikazzjoni tat-tagħrif fl-oqsma veterinarji u żootekniċi u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE, 77/504/KEE, 88/407/KEE, 88/661/KEE, 89/361/KEE, 89/556/KEE, 90/427/KEE, 90/428/KEE, 90/429/KEE, 90/539/KEE, 91/68/KEE, 92/35/KEE, 92/65/KEE, 92/66/KEE, 92/119/KEE, 94/28/KE, 2000/75/KE, id-Deċiżjoni 2000/258/KE u d-Direttivi 2001/89/KE, 2002/60/KE, u 2005/94/KE.

Nhar il-21 ta' April 2008, il-Bureau tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta istruzzjonijiet lis-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent sabiex tkun responsabbli mill-ħidma preparatorja.

Minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-28 u fid-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, ħatar lis-Sur Nielsen rapporteur ġenerali u adotta din l-opinjoni b'unanimità.

1. Konklużjonijiet

1.1 Il-KESE jirrikonoxxi bis-sħiħ il-bżonn identifikat mill-Kummissjoni li tarmonizza u tissempjifika l-proċeduri ta' l-elenkar u tal-pubblikazzjoni tat-tagħrif fl-oqsma veterinarji u żootekniċi. Għalhekk ir-regoli għall-elenkar, l-aġġornament, it-trasmissjoni u l-pubblikazzjoni tat-tagħrif għadhom jiġu emendati kemm jista' jkun malajr.

1.2 L-Istati Membri għandhom jibqgħu responsabbli għall-ġbir tat-tagħrif u li jkun disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-pubbliku in ġenerali. L-armonizzazzjoni u s-semplifikazzjoni għandhom jinkisbu permezz ta' proċeduri regolatorji u, fl-interessi taċ-ċarezza u l-konsistenza, din il-proċedura l-għda għandha tapplika wkoll fil-qasam zootekniku.

1.3 Madankollu, il-proposta tal-Kummissjoni hija kkumplikata u burokratika bla bżonn. Għandha tkun possibbli li tiġi attwata s-semplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni mfittxija bl-aktar mod rapidu u sempliċi, billi l-Kummissjoni tingħata direttament il-bażi legali li din tixtieq, inkluż il-mandat li tattwa l-proċess ta' semplifikazzjoni u armonizzazzjoni f'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri bl-użu tal-proċedura regolatorja. L-objettiv tal-proposta b'hekk ikun jista' jintlaħaq aktar malajr u b'mod aktar dirett, waqt li ssir possibbli l-applikazzjoni l-aktar mġaġġla tal-proċeduri għall-elenkar, l-aġġornament, it-trasmizzjoni u l-pubblikazzjoni tat-tagħrif. Barra minn hekk, it-tagħrif disponibbli fuq il-websajts ta' l-Istati Membri għandu jkun aċċessibbli b'mod aktar faċli u jinftehem minn kulħadd.

1.4 Dan huwa aktar neċessarju minħabba x-xewqa ġenerali li ġiet espressa għal leġislazzjoni aktar sempliċi u aktar aċċessibbli fl-UE kollha, u mhux anqas minħabba l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tħejji programm leġislattiv komuni fil-qasam veterinarju,

flimkien ma' l-Istrateġija għda tas-Saħħa ta' l-Animali, li tfittex li tikkonsolida l-leġislazzjoni ta' l-UE fl-oqsma veterinarji u żootekniċi. Jekk il-proposta tiġi implimentata kif inhi, din il-konsolidazzjoni ta' l-istrumenti legali f'qafas komuni ser teħtieġ revizzjoni tal-kwistjoni kollha fi ftit snin oħra u għal darb'oħra terġa' tfisser bidliet għodda għal-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri u għall-prattiki amministrattivi, li jieħdu l-ħin.

1.5 F'dan ir-rigward, hemm bżonn ukoll li kemm jista' jkun malajr jiġu speċifikati l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-approvazzjoni u għall-aġġornament tat-tagħrif dwar iċ-ċentri ta' ġbir u l-ħtiġiet li għandhom jilhqnu l-laboratorji nazzjonali ta' referenza.

2. Kuntest

2.1 Il-kummerċ ta' animali ħajjin u ta' materjal għat-trobbija fl-UE jeħtieġ approvazzjoni u monitoraġġ mill-istituzzjonijiet, negozji, installazzjonijiet u assoċjazzjonijiet ikkonċernati (minn issa 'l quddiem imsejħa korpi rilevanti) ⁽¹⁾. Huwa estremament

(¹) Dawn jinkludu:

- il-laboratorji mmexxija mill-istat responsabbli għall-kwistjonijiet relatati mal-mard kontaġjuż serju ta' l-animali (monitoraġġ, metodi ta' testjar u preparazzjoni, l-użu ta' reaġenti u l-ittestjar tat-tilqim, eċċ.);
- iċ-ċentri ta' kollezzjoni tas-semen ta' l-animali bovini u porċini, ċentri ta' ħażna tas-semen, banek ta' l-isperma u timijiet ta' ġbir jew produzzjoni ta' l-embrijuni;
- organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet għat-trobbija approvati sabiex iżommu jew jistabbilixxu reġistri tal-merħla, reġistri tan-naħaġ u l-mogħoż jew reġistri għaż-żwimel tar-razza;
- it-tipi kollha ta' ġbir approvati għall-animali bovini, porċini, kaprini u ovin, l-istabbilimenti tat-tjur;
- kummerċjanti approvati u postijiet reġistrati użati mill-kummerċjanti b'konnessjoni man-negozju tagħhom.

importanti li jinżamm livell adegwat ta' sigurtà u jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' tixrid ta' mard kontagiż u ta' l-annimali. Il-korpi rilevanti għalhekk għandhom jissodisfaw firxa ta' kondizzjonijiet u għandhom jiġu approvati mill-Istati Membri sabiex jiżvolġu kummerċ ġewwa l-UE ta' annimali ħajjin u ta' materjal għat-trobbija, inkluż materjal ġenetiku mill-annimali fil-forma ta' sperma u embrijuni.

2.2 Matul is-snin, il-legislażzjoni veterinarja ta' l-UE kibret permezz ta' l-adozzjoni suċċessiva ta' numru sinjifikanti ta' atti legali. B'riżultat ta' dan, hemm fis-seħħ numru ta' proċeduri differenti għar-registrażzjoni fl-Istati Membri tal-korpi rilevanti u għall-elenkar, l-aġġornament, it-trasmissjoni u l-pubblikazzjoni tat-tagħrif. Għalhekk l-użu prattiku tat-tagħrif isir diffiċli għall-awtoritajiet nazzjonali u għall-organizzazzjonijiet interessati u għall-operaturi. Fxi każijiet, m'hemmx bażi legali għall-ġestjoni tar-rappurtaġġ involut.

2.3 L-iskop tal-proposta hija li tarmonizza u tissemplifika r-regoli bl-użu ta' proċedura regolatorja ⁽²⁾, b'hekk jitnaqqas il-piż amministrattiv permezz ta' l-introduzzjoni ta' regoli aktar sistematiki, koerenti u uniformi għar-registrażzjoni, l-elenkar, l-aġġornament, it-trażmissjoni u l-pubblikazzjoni tat-tagħrif. Il-proposta teħtieġ formalment l-emenda ta' 20 direttiva u deċiżjoni waħda ⁽³⁾. Fl-interessi taċ-ċarezza u tal-konsistenza, skond il-Kummissjoni din il-proċedura l-ġdida għandha tapplika wkoll fil-qasam zootekniku u għall-assoċjazzjonijiet għat-trobbija approvati sabiex iżommu jew jistabbilixxu reġistri tal-merħla, reġistri tan-nagħaġ u l-mogħoż jew reġistri għaż-żwiemel tar-razza fl-Istati Membri, kif ukoll għall-kummerċ fl-ekwidi maħsuba għall-kompetizzjonijiet u għall-parteċipazzjoni f'kompetizzjonijiet bħal dawn.

2.4 Il-korpi fil-pajjiżi terzi wkoll iridu jissoddisfaw firxa ta' kondizzjonijiet għall-esportazzjoni tas-semen u ta' l-embrijuni fl-UE. Dawn huma kkontrollati mill-awtoritajiet nazzjonali tal-pajjiżi terzi kkonċernati u wara spezzjonijiet minn veterinarju min-naħa ta' l-UE, jekk ikun il-każ. Fil-każ ta' tħassib dwar it-tagħrif ikkomunikat mill-pajjiżi terzi, għandhom jiġu adottati miżuri ta' salvagwardja f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE. Għal raġunijiet ta' ċarezza u konsistenza, skond il-Kummissjoni dik il-proċedura għandha tapplika wkoll għall-awtoritajiet fil-pajjiżi terzi approvati bil-għan li jżommu reġistru tal-merħla, reġistru tan-nagħaġ u l-mogħoż jew reġistru għaż-żwiemel tar-razza skond il-legislażzjoni żooteknika tal-Komunità.

2.5 B'differenza għall-pożizzjoni attwali, il-Kummissjoni tħoss li l-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għat-tfassil u għall-aġġornament tat-tagħrif dwar laboratorji nazzjonali approvati ta' referenza u laboratorji approvati oħrajn. Madankollu, skond il-proposta attwali, il-Kummissjoni għandha tkompli tkun responsabbli għat-tfassil u għall-pubblikazzjoni tat-tagħrif dwar laboratorji approvati li jinsabu fil-pajjiżi terzi. Fl-aħħar, qegħdin jiġu proposti miżuri transitorji sabiex tiġi garantita

⁽²⁾ Il-proċedura regolatorja skond l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni.

⁽³⁾ Id-Direttivi 64/432/KEE, 77/504/KEE, 88/407/KEE, 88/661/KEE, 89/361/KEE, 89/556/KEE, 90/427/KEE, 90/428/KEE, 90/429/KEE, 90/539/KEE, 91/68/KEE, 92/35/KEE, 92/65/KEE, 92/66/KEE, 92/119/KEE, 94/28/KE, 2000/75/KE, 2001/89/KE, 2002/60/KE, u 2005/94/KE u d-Deċiżjoni 2000/258/KE

l-kontinwazzjoni fit-testijiet seroloġiċi għat-tilqim kontra l-idrofobija ⁽⁴⁾.

3. Kummenti ġenerali

3.1 Il-legislażzjoni veterinarja u żooteknika ta' l-UE hija eċċezzjonalment kumplessa u vasta, mhux biss minħabba li d-dispożizzjonijiet tħejju gradwalment sabiex jiġu ffaċċjati żviluppi ġodda, iżda wkoll minħabba n-natura kumplessa tal-mard involut u l-bżonn li jiġu garantiti l-prevenzjoni u l-kontroll. It-tifqigħ u l-firxa ta' mard infettiv ta' l-annimali jistgħu jkollhom impatt ekonomiku u soċjali sinjifikanti, u għalhekk huwa importanti li l-legislażzjoni u l-amministrazzjoni jaħdmu b'mod ottimali. Hemm ukoll żjieda fir-riskju globali minħabba t-tkabbir kostanti tal-popolazzjoni u l-pessjoni fuq il-produzzjoni ta' l-annimali, flimkien ma' żjieda fil-kummerċ u fil-komunikazzjoni internazzjonali. Il-bidla fil-klima wkoll qed twassal għal bidliet fid-distribuzzjoni ġeografika tal-mard.

3.2 Il-KESE għalhekk iħoss li hemm bżonn evidenti li tittieħed azzjoni mingħajr dewmien sabiex jiġu ssemplifikati u armonizzati r-regoli għall-elenkar, l-aġġornament, it-trasmizzjoni u l-pubblikazzjoni tat-tagħrif. Madankollu, il-KESE jħoss li l-objettiv mixtieq jista' jintlaħaq aktar malajr u b'mod aktar sempliċi billi jitneħħew id-dispożizzjonijiet eżistenti dwar il-ġbir u l-pubblikazzjoni tat-tagħrif mill-atti legiſlattivi rilevanti u jiġu sostitwiti bi strument legali uniku li jagħti lill-Kummissjoni l-bażi legali u l-kompetenza neċessarji sabiex tibda l-ħidma fuq is-semplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni kemm jista' jkun malajr u twettaqaha permezz tal-proċedura regolatorja. Dan għandu l-istess riżultat mingħajr ma jkun hemm għalfejn li wieħed jistenna l-implimentazzjoni amministrattiva fil-legislażzjoni ta' l-Istati Membri u l-prattiki amministrattivi, li jieħdu ħafna ħin.

3.3 Il-proposta attwali tal-Kummissjoni ttiprovdi għall-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet ġodda f'kull wieħed mill-21 att legiſlattivi, b'referenzi ripetuti għar-regoli ġodda, li min-naħa tagħhom jirreferu għall-użu tal-proċedura regolatorja. Dan jidher approċċ ikkumplikat għalxejn, fejn ir-regoli proċedurali l-ewwel jiġu adottati permezz ta' referenzi adegwati preżenti f'kull wieħed mill-21 att legiſlattivi, u wara jkun hemm dewmien waqt li jiġu adottati d-dispożizzjonijiet neċessarji ta' implimentazzjoni fil-legislażzjoni nazzjonali u fl-amministrazzjoni tat-30 pajjiż taż-ŻEE. Huwa biss fl-aħħar ta' dak il-proċess li l-Kummissjoni għandha l-mandat meħtieġ u tista' tibda l-ħidma vera tat-tħejji tar-regoli komuni bl-użu tal-proċedura regolatorja.

3.4 Din il-kwistjoni hija aktar importanti minħabba x-xewqa ġenerali li ġiet espressa għal legislażzjoni aktar sempliċi u aktar aċċessibbli fl-UE kollha, u mhux anqas il-proposta tal-Kummissjoni li tħejji programm legiſlattiv komuni fil-qasam veterinarju, flimkien ma' l-Istrateġija ġdida tas-Saħħa ta' l-Annimali, li tiffitex

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE ta' l-20 ta' Marzu 2000 li toħlok istitut speċifiku responsabbli sabiex jistabbilixxi l-kriterji meħtieġa għall-istandardizzazzjoni tat-test seroloġiku biex tiġi mmonitorjata l-azzjoni tat-tilqim kontra l-idrofobija, inkluż liema test jista' jissostitwixxi t-test IF eżistenti jew dispożizzjonijiet nazzjonali.

li tikkonsolida l-leġislazzjoni ta' l-UE fl-oqsma veterinarji u zoo-tekniki⁽⁵⁾. Ikun aktar rapidu u aktar sempliċi li r-regoli eżistenti jiġu ssostwiti direttament u li l-Kummissjoni, permezz ta' l-adozzjoni ta' att legali pertinenti, tingħata l-mandat li għandha bżonn sabiex tibda l-ħidma kemm jista' jkun malajr mingħajr ma tistenna l-introduzzjoni ta' regoli emendati bħala parti mill-implimentazzjoni nazzjonali tal-21 att leġislattiv ikkonċernati, bid-dewmien u l-kumplikazzjonijiet amministrattivi konsegwenza ta' dan.

3.5 Għalhekk il-KESE jħoss li l-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-opportunità sabiex jagħmlu użu tajjeb mill-qafas leġislattiv komuni ppjanat għal dan il-qasam. F'każ kuntrarju, id-dispożizzjonijiet iridu jiġu riveduti mill-ġdid flimkien mal-konsolidazzjoni tal-leġislazzjoni, bil-kumplikazzjonijiet amministrattivi li dawn iwasslu għall-Istati Membri, li għal darb'oħra jridu jirrevedu l-leġislazzjoni u l-prattika amministrattiva tagħhom.

4. Kummenti speċifiċi

4.1 Fil-proposta, il-Kummissjoni tuża ripetutament it-terminu "elenkar", li jagħti l-impressjoni li din hija għażla ta' terminoloġija li hemm qbil dwarha. L-elementi ċentrali tal-proposta, madankollu, huma l-proċeduri għall-elenkar, l-aġġornament, it-trasmizzjoni u l-pubblikazzjoni tat-tagħrif rilevanti u d-definizzjoni ta' forma ta' mudell għal dan it-tagħrif, permezz tal-proċess regolatorju.

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

4.2 Sabiex it-tagħrif fil-websajts ta' l-Istati Membri jkunu aktar faċilment aċċessibbli u jinftieħu minn kulħadd, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tibda tiżviluppa l-aspetti tekniċi u l-forom tal-mudelli tat-tagħrif ikkonċernati. Huwa wkoll importanti li tiġi pprovduta link ċara mill-websajt tal-Kummissjoni għat-tagħrif imħejji u aġġornat mill-Istati Membri. Inkella jkun hemm riskju li l-Istati Membri jibqgħu jippreżentaw it-tagħrif f'modi differenti, u dan iwassal biex ikun diffiċli għall-awtoritajiet u għall-partijiet interessati sabiex jużaw dan it-tagħrif fil-prattika.

4.3 Barra minn hekk hemm il-ħtieġa li jiġu speċifikati l-proċeduri li jridu jiġu segwiti għall-approvazzjoni u l-aġġornament tat-tagħrif dwar iċ-ċentri approvati ta' ġbir. Għalhekk, l-inċertezza dwar il-konformità mar-regoli għall-ħatt ta' l-annimali matul it-trasport fuq distanza twila hija dovuta għall-fatt li t-tagħrif dwar iċ-ċentri ta' ġbir li jistgħu jintużaw m'huwiex komplut. Ir-regoli ta' spiss jiżgwidaw fir-rigward ta' l-ispeċi u n-numru ta' annimali li jistgħu jiġu akkomodati fiċ-ċentri ta' ġbir.

4.4 Ma tingħata l-ebda raġuni għall-proposta tal-Kummissjoni sabiex tippermetti lill-Istati Membri japprovaw il-laboratorji ta' referenza. Dan jista' jkun minħabba x-xewqa li titnaqqas il-ħidma tal-Kummissjoni kif ukoll li l-Istati Membri jiġu obbligati jerfgħu din ir-responsabbiltà. Madankollu huwa neċessarju li jiġu speċifikati l-ħtieġiet li għandhom jiġu sodisfatti mil-laboratorji nazzjonali ta' referenza, fir-rigward, fost affarijiet oħra, ta' l-istandards internazzjonali għall-faċilitajiet tal-laboratorju, il-garanzija tal-kwalità u l-metodoloġija.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

⁽⁵⁾ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strateġija ġdida tas-Saħħa ta' l-Annimali għall-Unjoni Ewropea (2007-2013) fejn "Il-prevenzjoni hija aqwa mill-kura", COM(2007) 539 finali.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward is-solventi ta' l-estrazzjoni wżati fil-produzzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel u l-ingredjenti ta' l-ikel (Riformulazzjoni)

COM(2008) 154 — 2008/0060 (COD)

(2008/C 224/20)

Nhar it-8 ta' April 2008, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 251 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward is-solventi ta' l-estrazzjoni wżati fil-produzzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel u l-ingredjenti ta' l-ikel (Riformulazzjoni)

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u li barra minn hekk diġà ta fehmtu fl-opinjonijiet tiegħu CES 522/84, adottata fit-23 ta' Mejju 1984 (*), CES 633/92, adottata fis-26 ta' Mejju 1992 (**), CES 230/94, adottata fit-23 ta' Frar 1994 (***), CES 1385/96, adottata fis-27 ta' Novembru 1996 (****) u CESE 1599/2003, adottata fl-10 ta' Diċembru 2003 (*****), iddeċieda, matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu tat-28 u d-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju), b'85 vot favur u 4 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost u li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokumenti msemmija.

L-opinjoni tal-Kumitat dwar il-proċedura regolatorja bi skrutinju qiegħda titħejja bħalissa [COM(2007) 741 finali, Com(2007) 822 finali, COM(2007) 824 finali u COM(2008) 71 finali].

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

(*) Opinjoni tal-KESE dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward is-solventi ta' l-estrazzjoni wżati fil-produzzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel u l-ingredjenti ta' l-ikel, ĠU C 206 tas-6.8.1984, p. 7 (mhux disponibbli bil-Malti)

(**) Opinjoni tal-KESE dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda għall-ewwel darba d-Direttiva tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward is-solventi ta' l-estrazzjoni wżati fil-produzzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel u l-ingredjenti ta' l-ikel, ĠU C 223 tal-31.8.1992, p. 23 (mhux disponibbli bil-Malti)

(***) Opinjoni tal-KESE dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda għat-tieni darba d-Direttiva tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward is-solventi ta' l-estrazzjoni wżati fil-produzzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel u l-ingredjenti ta' l-ikel, ĠU C 133 tas-16.5.1994, p. 21 (mhux disponibbli bil-Malti)

(****) Opinjoni tal-KESE dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda għat-tielet darba d-Direttiva tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward is-solventi ta' l-estrazzjoni wżati fil-produzzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel u l-ingredjenti ta' l-ikel, ĠU C 66 tat-3.3.1997, p. 3 (mhux disponibbli bil-Malti)

(*****) Opinjoni tal-KESE dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward is-solventi ta' l-estrazzjoni wżati fil-produzzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel u l-ingredjenti ta' l-ikel, ĠU C 80 tas-30.3.2004, p. 45 (mhux disponibbli bil-Malti)

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġ-
juni — Intejbu l-kwalità u l-produttività fuq ix-xogħol: strateġija Komunitarja 2007-2012 għas-saħħa
u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol**

COM(2007) 62 finali

(2008/C 224/21)

Nhar il-21 ta' Frar 2007, il-Kummissjoni Ewropea iddeċidiet, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Intejbu l-kwalità u l-produttività fuq ix-xogħol — strateġija Komunitarja 2007-2012 għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-7 ta' Mejju 2008. Ir-rapporteur kienet is-Sinjura Cser.

Matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-28 u d-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'80 vot favur, 20 vot kontra u 8 astensjonijiet.

1. Sinteżi

1.1 L-objettivi ta' l-istrateġija mġedda ta' Lisbona dwar iż-żieda fil-produttività u l-kompetittività jistgħu jintlaħqu biss jekk bħala ħaddiema, iċ-ċittadini Ewropej jkunu jistgħu jaħdmu f'kon-dizzjonijiet ta' saħħa u sigurtà adegwati. Il-leġislazzjoni Komunitarja u l-miżuri nazzjonali flimkien jiġġarantixxu s-saħħa u s-sigurtà ta' l-impjegati fuq il-post tax-xogħol. Dan hu dak li l-istrateġija Komunitarja 2007-2012 għas-saħħa u s-sigurtà għandha twettaq fil-prattika.

1.2 Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għandhom jit-qiesu bħala fattur ewlieni għat-tkabbir ekonomiku u l-produttività. Dan il-qasam jeħtieġ spejjeż konsiderevoli u t-telliefa m'hum-miex biss l-intrapriżi u l-ħaddiema iżda s-soċjetà kollha. Dawn l-ispejjeż għandhom jiġu analizzati aħjar. Huwa importanti li dan iseħħ ħalli jintwera kemm in-nuqqas ta' sigurtà fuq il-post tax-xogħol u ambjent tax-xogħol ħażin jiġu jiswew lill-partijiet ikkonċernati, u li minħabba f'hekk tonqos il-produttività.

1.3 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-objettivi li l-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol jitnaqqsu b'25 %; Ikun għaqli li jiġi stabbilit objettiv komparabbli għat-tnaqqis tal-mard relatat max-xogħol. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lit-tipi ta' kanċer marbuta max-xogħol. Għandu jiġi introdott, ivverifikat u aġġustat pjan ta' azzjoni speċifiku, b'objettivi miżurabbli kredibbli u b'mekkaniżmi ta' rappurtaġġ komparattivi.

1.4 Id-drittijiet ta' l-impjegati għandhom jiġu rispettati u applikati b'mod effettiv, filwaqt li jitqiesu forom ġodda ta' impjieg, u l-ħtieġa li jiġi assigurat li l-leġislazzjoni u, għaldaqstant, l-ispezzjoni, jkopru l-impjegati kollha, hu x'inhu t-tip ta' xogħol jew il-forma ta' l-impjieg. Jekk dan ma jseħħx, ikun sar ksur tad-drittijiet fundamentali.

1.5 Il-KESE jappoġġja l-implimentazzjoni adattata tal-leġislazzjoni Komunitarja, partikularment permezz tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strateġiji nazzjonali.

1.6 Il-gruppi mmirati prijoritarji — il-ħaddiema b'diżabilità, in-nisa, il-ħaddiema anzjani, il-ħaddiema żgħażagħ u l-ħaddiema migranti — jeħtieġu regolamentazzjoni, politiki u appoġġ speċifiki.

1.7 Biex l-istrateġija tiġi implimentata u s-sorveljata, jinħtieġ standards minimi speċifiki dwar in-numru ta' spetturi tax-xogħol biex jiġu assigurati spezzjonijiet u kontrolli nazzjonali u Komunitarji effettivi u uniformi ⁽¹⁾.

1.8 Il-persunal tal-Kumitat ta' Livell Għoli għall-Eżaminar tax-Xogħol (SLIC — Senior Labour Inspectors Committee) u ta' l-awtoritajiet Ewropej u nazzjonali rilevanti m'għandux jitnaqqas, iżda jiżieded biex jirrifletti n-numru tal-ħaddiema u l-popolazzjoni fl-UE wara t-tkabbir.

1.9 L-Istati Membri għandhom jippromovu d-djalogu soċjali fil-livell Komunitarju, nazzjonali, lokali u tal-post tax-xogħol, billi dan huwa strument essenzjali biex jassigura s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-impjegati individwali.

1.10 Jinħtieġ li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tissaħħaħ. B'mod partikulari, il-politika baġitarja ta' l-UE għandha tinkludi d-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex, fil-prattika, tiggarantixxi implimentazzjoni sistematika u effettiva ta' l-istrateġija Komunitarja għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

1.11 Jinħtieġ li jinħolqu programmni ta' taħriġ u jissaħħu dawk eżistenti permezz tal-koordinazzjoni tal-politiki Komunitarji biex tiġi żviluppata kultura tal-prevenzjoni tar-riskju, bl-appoġġ ta' l-esperjenza lokali, reġjonali u nazzjonali, filwaqt li titqies il-prevenzjoni tar-riskju fil-programmi edukattivi — sa mill-iskola materna u inklużi t-taħriġ bażiku u vokazzjonali — filwaqt li jiġi assigurat li ssir koordinazzjoni mal-politiki fil-qasam tas-saħħa pubblika.

⁽¹⁾ Hemm bżonn ta' mill-inqas spettur wieħed għal kull 10 000 impjegat (f'hafta Stati Membri ta' l-UE, il-proporzjon huwa inqas).

1.12 Il-kultura tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-korpi tas-saħħa u s-sigurtà u l-persuni inkarigati mis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol huma kruċjali biex il-miżuri ta' prevenzjoni jirnexxu. Huwa importanti li jiġi assigurat li t-taħriġ dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol ikun aġġornat. Il-gruppi li l-aktar li għandhom ikunu kkonċernati huma s-superjuri u l-persunal inkarigat mis-saħħa u s-sigurtà. Dawn għandhom jirċievu taħriġ adegwat, għandu jingħatalhom biżżejjed ħin biex iħaddmu r-responsabilitajiet tagħhom fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà u jingħataw l-opportunità biex jinfluwenzaw, fost oħrajn, l-iżvilupp tal-proċessi tax-xogħol. F'dan ir-rigward, l-imsieħba soċjali għandhom rwol ewlieni x'jaqdu biex jilhqqu ftehimiet u jwettquhom fil-prattika fuq il-post tax-xogħol.

1.13 L-SMEs, li jimpjegaw aktar minn 80 % tal-ħaddiema, għandhom żvantaġġ sproporzjonat fir-rigward tar-riżorsi u l-possibiltajiet finanzjarji. Dawn l-intrapriżi huma vulnerabbli ħafna u għandhom bżonn ta' appoġġ speċifiku, bil-kondizzjoni li jimpenjaw ruħhom sabiex jirrispettaw id-djalogo soċjali u l-ftehim soċjali dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

1.14 L-organizzazzjoni ġdida tax-xogħol, il-bidliet rapidi li jseħħu u t-teknoloġiji ġodda jgħibu magħhom riskji ġodda, li jeh-tegħu reazzjoni fil-livell Komunitarju. Skond il-Kumitat Xjentifiku dwar il-Limiti ta' Espożizzjoni Okkupazzjonali għas-Sustanzi Kimiċi, għandhom jiġu adottati limiti ta' espożizzjoni bbażati fuq kriterji marbuta mas-saħħa. Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-imsieħba soċjali ikkontribwixxew b'mod essenzjali għat-titjib tas-saħħa mentali tal-ħaddiema, permezz tal-ftehimiet tagħhom dwar it-tensjoni, il-vjolenza u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol; dawn il-ftehimiet għandhom jiġu implimentati fil-livell nazzjonali.

1.15 Ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, bħala metodu ta' min ifaħħarha, iżda m'għandhiex tieħu post ir-regoli legali attwali u futuri.

1.16 Il-problemi li ġew immirati mill-politiki Komunitarji ma jstgħux jissolvew fit-territorju ta' l-UE biss, partikularment fid-dawl tal-globalizzazzjoni. Biex l-oġettivi ta' l-UE jintlaħqu fil-livell internazzjonali, hemm bżonn ta' globalizzazzjoni li tkun ġusta u xogħol deċenti għall-impjegati. L-istituzzjonijiet ta' l-UE għandhom jinkoraġġixxu lill-Istati Membri jirratifikaw il-konvenzjonijiet ta' l-ILO (l-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol).

2. Kummenti ġenerali

2.1 Fil-kuntest ta' l-istrateġija ta' Lisbona, l-Istati Membri rri-konoxxew il-kontribut siewi li għamlu l-politiki marbuta mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi⁽²⁾. It-titjib tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post

tax-xogħol jagħmel parti mill-mudell soċjali Ewropew. Il-passat kien ikkaratterizzat mill-ħtieġa li tintradd lura l-fiducia liċ-ċittadini Ewropej⁽³⁾.

2.2 Politika soċjali li tkun ambizzjuża u sensitiva mhux biss għandha tikkontribwixxi għal produttività u kompetittività akbar iżda għandha tippromovi wkoll il-koeżjoni soċjali, u b'hekk tas-sigura armonija soċjali u stabbiltà politika, li mingħajrhom ma jistax ikun hemm żvilupp sostenibbli. Fi kliem ieħor, il-politika soċjali hija fattur li jinfluwenza l-produttività⁽⁴⁾ Għaldaqstant, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol m'humiex l-iskopijiet aħħarija fihom infushom; fuq perijodu fit-tul, l-infiq b'rabta mal-qasam tas-saħħa u s-sigurtà mhux biss se jiġi rkuprat iżda jista' jkollu impatt definittivamentpożittiv fuq il-prestazzjoni ekonomika.

2.3 Il-kondizzjonijiet tax-xogħol huma partikularment importanti għas-saħħa, meta nqisu li l-adulti jqattgħu terz minn ħajjithom fuq il-post tax-xogħol. Ambjent tax-xogħol perikoluż u ta' ħsara għas-saħħa jfisser bejn 3 u 5 % tal-PGD. Il-prevenzjoni, l-infiq pubbliku b'rabta mas-saħħa u l-infiq b'rabta mas-saħħa fuq il-post tax-xogħol għandhom jiġu kkunsidrati bħala investment. Fid-dawl tat-tibdil demografiku għandu jitqies l-iżvilupp sostenibbli⁽⁵⁾, għax l-Ewropa teħtieġ aktar investment u aktar impjiegi li jiggarrantixxu s-saħħa ta' l-individwu.

2.4 Il-qafas globali b'rabta mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għandu jibqa' jiġi żvilupp u implimentat korrettament fl-UE kollha, b'tali mod li jiġu inklużi wkoll il-gruppi vulnerabbli li għad m'humiex koperti b'mod adegwat, li jiltaqgħu ma' għadd ta' diffikultajiet biex iħaddmu d-drittijiet tagħhom fil-qasam tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, li jinkludu, b'mod partikulari, lil dawk b'impjeg prekarju u li jaħdmu f'ambjent espost għal-periklu jew dawk li qegħdin friskju li jtilflu l-impjeg biex min jimpjegahom jakkwista vantaġġ kompetittiv għal perijodu qasir.

2.5 Il-promozzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-garanzija kontinwa tagħhom hija waħda mill-kondizzjonijiet għall-preservazzjoni u l-ħarsien ta' saħħet l-impjegati. Dan huwa l-aktar approċċ effikaċi mil-lat kost-effettiv. Wieħed mill-istrumenti ewlenin f'dan il-qasam huwa l-prevenzjoni, li huwa l-approċċ li joffri l-aħjar redditu fuq l-investment, kif ukoll l-approċċ l-aktar effikaċi f'termini ta' profittabilità. Il-preżenza ta' strateġija ta' prevenzjoni u standards adegwati ta' protezzjoni fil-postijiet tax-xogħol kollha tippermetti lis-sistemi ewlenin tal-kura tas-saħħa u dawk soċjali li jammortizzaw l-ispejjeż u li jiffrankaw ammonti ta' flus sostanzjali, u jagħtu kontribut siewi wkoll fir-rigward tal-primjums imħallsa mill-intrapriżi għall-assigurazzjoni kontra l-aċċidenti jew spejjeż oħra marbuta b'mod dirett jew indirett ma' l-effetti ta' l-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol. Il-kwalità tas-servizzi preventivi, it-taħriġ

⁽²⁾ Ara l-opinjoni tal-KESE tas-26.9.2007 dwar "Il-promozzjoni tal-produttività sostenibbli fuq il-post tax-xogħol fl-Ewropa", rapporteur: is-Sinjura Kurki (ĠU C 10, 15.1.2008). <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2008:010:0072:0079:MT:PDF>

⁽³⁾ Ara COM(2005) 33 finali u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2007, http://www.consilium.europa.eu/ueDocs/cms_Data/docs/pressData/MT/ec/93148.pdf

⁽⁴⁾ Kif stqarret Anne-Marie Sigmund f'"Il-Mudell Soċjali Ewropew", 26-27 ta' Ġunju 2006, konferenza konġunta tal-KESE u l-ILO.

⁽⁵⁾ Ara ILO: Demographic change — Facts, Scenarios and Policy Responses (Tibdil demografiku — fatti, xenarji u reazzjonijiet politiki) (April 2008) (mhux disponibbli bil-Malti).

dwar is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, it-titjib tal-kwalità u l-effikaċja ta' l-istandards ta' sigurtà, it-twettiq ta' spezzjonijiet professjonali u kontinwi u l-kooperazzjoni ma' l-imsieħba soċjali huma elementi essenzjali u interdipendenti għall-ħolqien ta' ambjent li jggarantixxi s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

2.6 Il-programm PROGRESS jistqarr li l-oġġettiv ewlieni tal-politika soċjali Ewropea huwa t-titjib kontinwu tal-kondizzjonijiet tax-xogħol, li jingħata widen lill-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom u li jiġu involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Dan it-tip ta' djalogu fil-livell Komunitarju fis-setturi kollha għandu jggarantixxi drittijiet ugwali fl-Istati Membri kollha. Il-ftehim kollu li ntlaħaq b'rabta mad-djalogu soċjali (per eżempju dwar it-teleworking, il-ġlieda kontra l-vjolenza fil-post tax-xogħol u t-tensjoni fuq il-post tax-xogħol) għandu jkun ikkonsolidat u segwit minn miżuri effettivi, hu x'inhu t-tip ta' xogħol jew il-forma ta' l-impjeg. Fil-każ ta' l-impjegati fis-settur pubbliku, minkejja l-preżenza tad-djalogu soċjali, l-inugwaljanza hija mxerrda ħafna, mhux biss fil-leġislazzjoni iżda wkoll fil-prattika. Wieħed mill-aspetti istituzzjonali speċifiċi tad-djalogu soċjali huwa x-xogħol li jwettaq ir-rappreżentant permanenti tal-ħaddiema marbut mas-sorveljanza u l-ġestjoni sistematiċi tar-riskji marbuta mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

2.7 Il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri jieħdu miżuri serji dwar il-penalizzazzjoni tal-ksur tar-regoli u li janalizzaw l-infiq li jsir b'rabta mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, meta wieħed iqis li l-konsegwenzi ta' l-aċċidenti u l-mard fuq il-post tax-xogħol huma ta' piż għas-soċjetà kollha u li jaffettwaw ukoll il-produttività u, għaldaqstant, il-kompetittività.

2.8 Minkejja li, ġeneralment, kien hemm titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol f'dawn l-aħħar snin, kemm fin-numru, kif ukoll fil-gravità ta' l-aċċidenti u l-mard fuq il-post tax-xogħol, ir-riskji marbuta max-xogħol ma tnaqqsux b'mod uniformi. Fil-każ ta' ċerti setturi, ċerti kategoriji ta' ħaddiema u ċerti tipi ta' intrapriżi s-sitwazzjoni għadha preokkupanti, u ċ-ċifri huma ħafna aktar mill-medja⁽⁶⁾. Il-valutazzjoni tindika li l-programmi nazzjonali ma jqisux ċerti gruppi vulnerabbli, per eżempju l-ħaddiema indipendenti "fołoz". Jinħtieġ li dan jinbidel.

2.9 Għalkemm l-istrateġija preċedenti wasslet biex tinħoloq kultura tal-prevenzjoni, din m'hijiex daqshekk imxerrda. L-SMEs b'mod partikulari għandhom jibbenefikaw aktar minn appoġġ finanzjarju regolari, bil-kondizzjoni li jimpenjaw ruħhom li jirrispettaw il-ftehim soċjali dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

2.10 Fir-rigward ta' l-ispezzjonijiet, il-KESE jitlob li jiġi enfaszżat li l-intrapriżi wkoll għandhom l-obbligu li jwettqu kontrolli interni minn rajhom.

⁽⁶⁾ Fis-settur tal-bini, ir-rata ta' l-aċċidenti hija darbtejn akbar mill-medja. Iċ-ċifri fis-settur tas-servizzi kull ma jmur għandhom it-tendenza li jogħlew, u din is-sitwazzjoni teħtieġ analiżi aktar bir-reqqa; l-għadd ta' inċidenti fis-setturi tal-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni qed jikber ukoll. Dawn l-aċċidenti huma prinċipalment relatati mal-vjolenza, tensjoni u problemi muskolo-skeletalni.

2.11 Biex il-politika u l-leġislazzjoni Komunitarji jiġu implimentati fil-livell nazzjonali u biex ikunu effettivi, jinħtieġ li l-applikazzjoni u s-sorveljanza tagħhom ikunu assigurati. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjoni il-fatt li l-Istati Membri jipproduċu rapporti regolari dwar l-implimentazzjoni tad-direttivi.

2.12 Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-istatistika Komunitarja tas-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol (COM(2007) 46 finali), u jerġa' jisħaq fuq l-importanza ta' definizzjonijiet u sistemi ta' rikonozzenza komuni⁽⁷⁾. Għandu jkun hemm leġislazzjoni uniformi biex tkun tista' tinġabar data adattata u differenzjata sabiex ikunu jistgħu jinħolqu standards u koeffiċjenti.

3. Kummenti speċifiċi

3.1 Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni stabbilixxiet li l-oġġettiv għall-perijodu 2007-2012 huwa t-titjib tal-kwalità tax-xogħol u l-produttività għandu jkun il-bażi ta' l-istrateġija Komunitarja dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol — li hija msejsa fuq l-istrateġija Komunitarja għall-perijodu 2002-2006 li hija bbażata fuq id-direttiva qafas 89/391/KEE.

3.2 Tħejja rapport ta' evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni u l-impatt ta' l-oġġettivi stabbiliti mill-istrateġija għall-perijodu 2002-2006⁽⁸⁾. Matul dan il-perijodu, ingħaqdu 10 Stati Membri ġodda fl-UE. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe statistika u informazzjoni, is-sitwazzjoni fl-għaxar Stati Membri l-ġodda ma kenitx inkluzja f'din l-evalwazzjoni, u barraminhekk l-istrateġija l-ġdida tħejjiet fuq il-bażi ta' l-1999. Għalhekk il-KESE huwa ferm diżappuntat li, għalkemm l-Istati Membri l-ġodda waslu nofs triq ta' l-istrateġija, il-Kummissjoni ma hatfitx l-oportunità biex tħejji programm kontinwu (rolling basis) u tadatta l-istrateġija b'mod adegwat.

3.3 Hija ħaġa pożittiva li l-istrateġija Komunitarja stabbilixxiet oġġettiv li l-aċċidenti jitnaqqsu b'25 %; biex dan iseħħ, jinħtieġ pjan ta' azzjoni speċifiku b'oġġettivi miżurabbli, indikaturi u b'mekkaniżmi ta' rappurtaġġ kredibbli u komparattivi, kif ukoll mekkaniżmi ta' sorveljanza. Għandhom jitqiesu wkoll il-kawżi interni li jipprovokaw l-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol, bħal per eżempju x-xogħol taħt pressjoni u xogħol li jkollu jitlesta f'qasir żmien, u l-kawżi esterni minħabba negliġenza, fejn din stess tista tkun ikkaġunata minn tensjoni fil-ħajja privata. Minbarra l-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol, huwa importanti wkoll li jiġu indirizzati l-każijiet ta' mard marbut max-xogħol, li huma ferm akbar fin-numru. L-ewwel pass lejn il-prevenzjoni għandu jkun li l-mard marbut max-xogħol jiġi rikonoxxut u li l-kunċett ta' dan it-tip ta' mard jiġi estż. Jekk il-kawżi tad-diversi każijiet ta'

⁽⁷⁾ Ara l-opinjoni tal-KESE tal-25.10.2007 dwar "Il-proposta għal Regola-ment tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil dwar l-istatistika Komunitarja tas-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol", rapporteur: is-Sur Retureau (ĠU C 44, 16.2.2008). <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2008:044:0103:0105:MT:PDF>

⁽⁸⁾ SEC(2007) 214.

mard ikunu magħrufa f'waqthom, ikun possibbli li jittieħdu l-miżuri neċessarji biex jiġu eliminati. Għalhekk, in-numru tal-persuni impjegati f'ambjent tax-xogħol perikoluż m'għandux jeċċedi ċifra speċifika, li tkun stabbilita minn qabel, għaliex dan għandu impatt deċiżiv fuq in-numru tal-każijiet ta' mard marbut max-xogħol fil-ġejjieni; dan in-numru għandu jiġi kwantifikat ukoll.

3.4 Leġislazzjoni u sorveljanza

3.4.1 Il-KESE jisħaq fuq il-bżonn ta' strateġija bilanċjata fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà, li tinkorpora miżuri leġislattivi u mhux leġislattivi, skond liema jkunu l-aktar effettivi mil-lat ta' l-implimentazzjoni. Din l-istrateġija tkun partikularment utli biex tixħet dawl fuq il-kondizzjonijiet tax-xogħol li nbidlu. L-impatt ta' dawn il-bidliet fuq is-saħħa u s-sigurtà għandu jiġi kkunsidrat b'mod regolari. Tajjeb jiġi analizzat jekk ikunx għaqli li jiġu żviluppjati miżuri adattati, fuq il-bażi tar-riċerka, bħala reazzjoni għat-tibdil esponenzjali u mifruq tal-kondizzjonijiet tax-xogħol, u b'mod partikulari l-fatt li x-xogħol irid isir aktar malajr u huwa aktar intensiv. Il-KESE jixtieq jiġbed l-attenzjoni fuq il-fatt li l-ħaddiema kollha għandhom l-istess drittijiet u li dawn id-drittijiet għandhom jiġu rispettati fil-livell ta' l-UE u anke ta' l-Istati Membri.

3.4.2 Waqt li l-istrateġija l-ġdida tkun qed tiġi implimentata, iż-żgħażaġh, il-ħaddiema migranti, in-nisa, il-ħaddiema anzjani u l-persuni b'diżabilità jeħtieġu regolamentazzjoni u politika ta' appoġġ speċifiċi, peress li dawn huma l-gruppi li l-aktar li huma esposti għar-riskji, l-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol u l-mard marbut max-xogħol. In-nuqqas ta' taħriġ, taħriġ mill-ġdid u informazzjoni, in-nuqqas ta' taħriġ u ta' linji ta' gwida għall-impjegati l-ġodda kif ukoll in-nuqqas ta' kompetenzi lingwistiċi adegwati kollha jikkostitwixxu riskji. Fil-każ tal-ħaddiema migranti, il-kompetenzi lingwistiċi huma fattur importanti għall-prevenzjoni u l-informazzjoni, u jinħtieġ li t-trattament ugwali jiġi assigurat.

3.4.3 Il-koordinazzjoni u s-sorveljanza tad-direttivi jesigū fondi u persunal adegwati. Iżda minkejja t-tkabbir ta' l-2004, huwa pjanat li jitnaqqas il-persunal tal-Kumitat ta' Livell Għoli għall-Eżaminar tax-Xogħol (SLIC). Il-persunal m'għandux jitnaqqas; l-istess jgħodd għan-numru tar-rappreżentanti fi ħdan il-kumitat. Barraminhekk, 26 persuna biss jaħdmu fi ħdan l-awtorità tal-Kummissjoni Ewropea, u 4 -5 minnhom huma inkarigati mill-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni. Din is-sitwazzjoni diġà kienet kritikata f'opinjoni tal-KESE, fl-2002, meta kien hemm 15-il Stat Membru, filwaqt li bħalissa hemm 27. Huwa assolutament neċessarju li dan il-qasam jiġi żviluppjat. Lanqas m'għandu jitħalla jkun hemm tnaqqis fin-numru ta' spetturi fil-livell ta' l-Istati Membri.

3.4.4 L-objettiv ewlieni għandu jkun ir-rispett għal-leġislazzjoni u l-protezzjoni tal-ħaddiema. L-ispezzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżdiedu, kemm fir-rigward ta' l-obbligi ta' min iħaddem fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà, kif ukoll fir-rigward ta' dawk ta' l-impjegati. Barraminhekk jinħtieġ li, permezz tat-tagħlim, it-taħriġ u qafas regolatorju aktar aċċessibbli, il-kultura tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol tkun aktar imxerda.

3.4.5 L-ispettorati nazzjonali tax-xogħol jistgħu jaqdu rwol pożittiv mhux biss billi jissorveljaw ir-regoli tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol iżda billi jagħtu pariri u jipprovdu servizz ta' konsulenza lill-impjegati. Jinħtieġu fondi adegwati biex jiġi assigurat li l-ispettorati nazzjonali tax-xogħol ikunu indipendenti u effettivi.

3.4.6 Fl-2002, il-Kumitat ta' Livell Għoli għall-Eżaminar tax-Xogħol (SLIC) diġà kien iddeċieda li jtejjeb l-effikaċja ta' l-ispezzjonijiet fuq il-post tax-xogħol, minħabba li wieħed mill-istrumenti ewlenin huwa l-iżvilupp ta' indikaturi li jippermettu l-evalwazzjoni tal-kwalità ta' l-ispezzjonijiet. Il-KESE appoġġja din id-deċiżjoni f'opinjoni preċedenti⁽⁹⁾. Il-KESE jaqbel mal-konklużjonijiet tas-SLIC u jappoġġja l-proposti tiegħu, u għalhekk jid-dispjaċih li dawn tħallew barra mill-istrateġija.

3.5 Implimentazzjoni u strateġiji nazzjonali

3.5.1 Id-djalogu soċjali dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għandu jittejjeg; miżuri fil-livell Ewropew żviluppjati mill-imsieħba soċjali huma meħtieġa wkoll. Il-pajjiżi kandidati għandhom jirċievu appoġġ — inkluż appoġġ finanzjarju — permezz tal-fondi soċjali ta' l-UE, u ta' relazzjonijiet imsejsa fuq il-ġemellaġġ bejn l-Istati Membri l-ġodda u l-antiki. Fil-każ tal-pajjiżi kandidati jew tal-pajjiżi kandidati potenzjali, it-traspożizzjoni tal-leġislazzjoni u t-tisħiħ ta' l-ispezzjonijiet fuq il-post tax-xogħol diġà bdew.

3.5.2 It-tobba u l-professjonisti fil-qasam tas-saħħa huma konxji mill-identifikazzjoni tal-fenomeni kkaġunati mill-kondizzjonijiet tax-xogħol, imma għandna nikkunsidraw l-ispejjeż fil-qasam tas-saħħa li ġeneralment ikunu kbar ħafna. L-ispejjeż marbuta mal-prevenzjoni tal-mard m'għandhomx jerrfegħu-hom l-impjegati għax inkella ħafna minnhom jibdeu jitraskuraw il-mard tagħhom minħabba raġunijiet finanzjarji; dan jista' jwassal għal spejjeż ta' kura aktar għoljin. Fil-qafas tal-promozzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, uħud minn dawk li jħaddmu jipproponu sensiela sħiħa ta' miżuri li jkunu ħejjew bi sħab mal-ħaddiema tagħhom u li jikkontribwixxu għal stil ta' ħajja li jippromovi saħħet il-ħaddiema, per eżempju programmi ta' screening b'xejn, programmi kontra t-tipjip, l-ġhoti ta' pariri dwar tip ta' ikel tajjeb għal saħħet il-bniedem, l-isport jew saħansitra l-prevenzjoni tat-tensjoni fuq il-post tax-xogħol⁽¹⁰⁾. Fil-livell tal-post tax-xogħol, il-programmi tas-saħħa pubblika jistgħu jaqdu rwol pożittiv fil-promozzjoni ta' saħħet il-ħaddiema.

3.5.3 L-istrateġija titlob li jittieħdu miżuri sostanzjali bl-għan li l-ħaddiema esklużi mis-suq tax-xogħol minħabba mard jew diżabilità marbuta max-xogħol jiġu riabilitati u integrati mill-ġdid b'mod aħjar. Il-KESE jaqbel ma' l-ideat tal-Kummissjoni, iżda l-politika Komunitarja ma ggarantietx il-kondizzjonijiet finanzjarji neċessarji biex dan iseħħ.

⁽⁹⁾ Ara l-opinjoni tal-KESE tas-17.7.2002 dwar "Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — Nadattaw għat-tibdil fix-xogħol u s-soċjetà: strateġija Komunitarja ġdida dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (2002-2006)", rapporteur: is-Sur Etty (ĠU C 241, 7.10.2002) (mhux disponibbli bil-Malti). <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2002:241:0100:0103:EN:PDF>.

⁽¹⁰⁾ Link għan-network Ewropew għas-saħħa fuq il-post tax-xogħol: <http://www.enwhp.org/index.php?id=4>.

3.5.4 Il-KESE huwa ta' l-istess fehma tal-Kummissjoni Ewropea li, fir-rigward ta' l-integrazzjoni tal-kwistjonijiet marbuta mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol f'politiki speċifiċi ta' l-UE, għad jonqos ħafna xi jsir, per eżempju, biex jifasslu miżuri b'kooperazzjoni mas-sistemi tas-saħħa pubblika.

3.5.5 Il-KESE jappoġġja l-ħidma tal-grupp magħmul minn għadd ta' entitajiet organizzati fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq (DG EMPL), biex jinħolqu sinerġiji u jinkisbu riżultati konkreti.

3.6 *Prevenzjoni, edukazzjoni u taħriġ*

3.6.1 L-iżvilupp tal-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fil-livell ta' l-Istati Membri huwa parti integrali mill-kultura ġenerali tas-saħħa. Huwa wkoll fl-interess ta' l-Istati Membri. Barraminhekk, huwa fl-interess ta' l-impjegati li jipparteċipaw b'mod kontinwu fit-tagħlim u t-taħriġ; dan huwa saħansitra obbligu tagħhom. Sakemm min iħaddem jirrispetta l-obbligu li jinforma lill-impjegati kontinwament u jikkooopera, ikun qiegħed jaqdi rwol ewlieni fit-tiswir u l-iżvilupp tal-kultura nazzjonali. Il-kuntratti kollettivi tax-xogħol jikkostitwixxu wkoll strument essenzjali hawnhekk.

3.6.2 Il-KESE jfakkar lill-Istati Membri u l-imsieħba soċjali fl-importanza tal-prevenzjoni, it-tagħlim u t-taħriġ, u tar-responsabbiltajiet tagħhom f'dan il-qasam. Il-kwistjonijiet b'rabta mas-saħħa u s-sigurtà għandhom jiġu inklużi jew promossi fl-iskejjel materni, l-iskejjel primarji, it-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni terzjarja u t-tagħlim ta' l-adulti, kif ukoll fil-programmi ta' taħriġ addizzjonali.

3.6.3 L-edukazzjoni, it-taħriġ u t-taħriġ permanenti għandhom iqisu l-ħtiġijiet tad-diversi gruppi. Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-fatt li l-istrategġija l-għdida u l-kunċett tal-prevenzjoni jqisu t-tagħlim tul il-ħajja.

3.6.4 B'mod ġenerali, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol ma jiġux ikkunsidrati fl-edukazzjoni primarja jew fil-kuntest tat-taħriġ mill-għdid, u għalhekk il-KESE jilqa' bi pjaċir il-fatt li t-tagħlim tul il-ħajja ġie inkluż fl-istrategġija l-għdida u fil-kunċett tal-prevenzjoni.

3.6.5 Fil-każ ta' postijiet tax-xogħol partikularment perikolużi, fejn l-aktar li jkun hemm aċċidenti u mard marbut max-xogħol, il-KESE jirrakkomanda li l-istrategġija nazzjonali jagħtu attenzjoni partikulari lir-riskji ġodda meta jkun qed jiġu identifikati jew ipprevenuti l-perikli. Ikun utli ħafna wkoll li jinħolqu reġistri b'data settorjali.

3.6.6 Il-Kumitat huwa tal-fehma li l-mard ikkawżat mis-sustanzi karċinoġeniċi fuq il-post tax-xogħol jikkostitwixxi problema serja ħafna. Matul is-sena 2006 biss, ġew iddijanostikati

2.3 miljun każ ta' kanċer fil-25 Stat Membru ta' l-UE, li jfisser li dawn huma l-kawża prinċipali ta' mwiet bikrija. Huwa stmat li madwar 9,6 % ta' l-imwiet kollha kkawżati mill-kanċer għandhom rabta mal-kondizzjonijiet tax-xogħol ⁽¹⁾.

3.6.7 Il-KESE huwa tal-fehma li hemm bżonn li tiġi żviluppata kultura ġenerali tas-saħħa, bl-għan li l-ħaddiema jkun aktar konxji tal-kwistjonijiet marbuta mas-saħħa. Biex dan iseħħ, jinħtieġ li mhux biss tingħata għajnuna lil min iħaddem, iżda hemm bżonn ukoll li dawn jirċievu appoġġ fil-livell Komunitarju u nazzjonali, u li l-ħaddiema jiġu mgħallma d-drittijiet tagħhom f'dan il-qasam, skond ir-regoli differenti fil-liġi internazzjonali (ILO), Komunitarja (UE) u nazzjonali.

3.6.8 Fil-livell Komunitarju u nazzjonali, jinħtieġ li l-politika ta' prevenzjoni tiġi żviluppata b'mod proattiv u li tingħata riżorsi adegwati fir-rigward ta' baġit/sigurtà soċjali. Għal kultura ta' prevenzjoni msaħħa, jinħtieġ li jiġi żviluppat approċċ globali u preventiv. Għandu jiġi assigurat li l-ħaddiema kollha jkollhom aċċess għat-taħriġ ħalli b'hekk il-vulnerabbiltà ta' ċerti gruppi tinnaqqas. Fid-dawl tal-fatt li l-forom tax-xogħol jinbidlu, dan l-element huwa partikularment importanti għall-impjegati li, bla ma jaħtu, ma jirċievu l-ebda taħriġ fil-qasam tas-sigurtà tal-ħaddiema, l-ebda eżami mediku fuq il-post tax-xogħol, l-ebda prevenzjoni u l-ebda sorveljanza.

3.6.9 Il-KESE jirrakkomanda li tingħata attenzjoni partikulari lill-impatt tal-mezzi tal-komunikazzjoni tal-massa sabiex il-pubbliku jkun infurmat aħjar dwar il-ħtieġa li r-regoli dwar is-sigurtà u l-protezzjoni tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol jiġu rispettati. Għandu jsir użu aktar għaqli mill-kampanji tal-Kummissjoni Ewropea, ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, ta' l-ILO u t-trejdunjins (per eżempju l-jum internazzjonali biex jiġu kkommemorati l-ħaddiema mejtin jew imweġġa', eċċ. (International Commemoration Day for Dead and Injured Workers)).

3.7 *Riskji ġodda*

3.7.1 Il-KESE jissuġġerixxi li jiġu użati metodi xjentifiċi fl-evalwazzjoni tar-riskji ġodda marbuta max-xogħol, bħat-tensjoni fuq il-post tax-xogħol jew kondizzjonijiet ġodda ibsin ħafna. L-impatt psikosoċjali u fiżiku ta' l-oqsma u l-kondizzjonijiet ġodda tax-xogħol fuq il-ħaddiema għandhom jiġu analizzati permezz ta' metodi xjentifiċi u, għaldaqstant, għandhom jifasslu indikaturi/indiċi ġodda.

3.7.2 Il-KESE huwa ta' l-istess fehma tal-Kummissjoni — l-impjegati huma mistennija jkollhom imġiba li tixhed li huma aktar konxji ta' saħħithom. Madankollu, dan ma jistax jiġri fin-nuqqas tal-kondizzjonijiet neċessarji. Il-kuntratti prekarji jew għal tul ta' żmien fiss, il-ħin verament imqatta' fuq il-post tax-xogħol u t-tensjoni kontinwa minħabba l-biża' li jintilef l-impjeg, in-nuqqas ta' għarfien u ta' informazzjoni dwar id-drittijiet

⁽¹⁾ Studju ta' Hämäläinen P., Takala J. għall-ILO. http://osha.europa.eu/OSH_world_day/occupational_cancer/view?searchterm=occupational%20cancer

tal-ħaddiema u s-sitwazzjoni żvantaġġuża tal-ħaddiema migranti meta jużaw is-servizzi tal-kura tas-saħħa huma fost il-problemi li jxekklu l-atteġġjamenti tajbin.

3.7.3 Fil-kuntest ta' l-istrategġija li fasslet għall-benesseri fuq il-post tax-xogħol, l-UE għadha ma wettqitx il-kompiti mistennija minnha biex toħloq post tax-xogħol mingħajr tensjoni u mingħajr konsegwenzi negattivi għas-saħħa mentali, bħad-dipressjoni. Il-KESE huwa diżappuntat minħabba dan u jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tħejji rakkomandazzjonijiet konkreti.

3.8 *Il-ħarsien tas-saħħa fil-livell internazzjonali*

3.8.1 L-UE m'hijiex responsabbli biss għall-kondizzjonijiet tax-xogħol taċ-ċittadini tagħha, iżda wkoll għall-kondizzjonijiet tax-xogħol taċ-ċittadini li jgħixu barra l-fruntieri tagħha. Kif stqarret l-istrategġija preċedenti, ir-rispett tad-drittijiet fundamentali tax-xogħol għandu jitqies fl-kummerċ estern u fil-politika ta'

żvilupp, anke jekk, f'dawn l-oqsma, jista' jkun hemm ċerti kunflitti mal-prinċipju tal-libertà tas-suq ⁽¹²⁾.

3.8.2 Fil-qasam tal-politika internazzjonali, l-adozzjoni tar-regolamenti/rakkomandazzjonijiet ta' l-ILO għandi tkun inkuraġġuta, l-istess bħalma għandhom jiġu inkuraġġuti l-kisbiet ta' l-UE, bħar-REACH. Għandhom jiġu żviluppatti politiki u legislażjoni dwar it-tnaqqis tal-periklu u l-mard ikkawżat mill-asbestos, mis-sustanzi karċinoġeniċi u s-silikon.

3.8.3 Fil-qadi ta' l-Istat jew tas-servizzi pubbliċi, l-Istati Membri għandhom jagħtu eżempju billi jipprivileġġaw l-intrapriżi li jirrispettaw id-dispożizzjonijiet dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-benefiċċju tal-ħaddiema (kif kien rakkomandat fl-istrategġija għall-perijodu 2002-2006 dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol).

3.8.4 L-Istati Membri ta' l-UE kollha għandhom jintalbu jirratifikaw il-konvenzjonijiet attwali ta' l-ILO.

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

⁽¹²⁾ Ara Dr. Jukka Takala, PE 390.606v01-00.

APPENDIĊI

għall-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

L-emendi li jidhru hawn taħt ġew rifjutati, għalkemm għabu mill-inqas kwart tal-voti mixħuta:

Punt 2.4

~~“Diġà nholq il-qafas globali b'rabta mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol li għandu jibqa' jiġi żviluppata u implementata applikat u s-sorveljat korrettament fl-UE kollha. Dan jirrigwarda b'mod partikulari b'tali mod li jiġu inklużi wkoll lil-gruppi vulnerabbli li għad m'humiex koperti b'mod adegwat, li jiltaqgħu ma' għadd ta' diffikultajiet biex iħaddmu d-drittijiet tagħhom fil-qasam tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, li jinkludu, b'mod partikulari, lil dawk b'impjeg prekarju u lil dawk li jaħdmu f'ambjent espost għall-periklu jew dawk li qegħdin friskju li jittlifu l-impjeg biex min jimpjegahom jakkwista vantaġġ kompetittiv għal perijodu qasir.”~~

Raġuni

Evidenti.

Riżultat

Favur: 41 Kontra: 45 Astensjonijiet: 10

Punt 3.3

~~“Hija ħaġa pożittiva li l-istrateġija Komunitarja stabbilixxiet objettiv li l-aċċidenti jitnaqqsu b'25 %; biex dan iseħħ, jenħtieġ pjan ta' azzjoni speċifiku b'objettivi miżurabbli, indikaturi u b'mekkaniżmi ta' rappurtaġġ kredibbli u komparattivi, kif ukoll mekkaniżmi ta' sorveljanza. Għandhom jitqiesu wkoll il-kawżi interni li jipprovokaw l-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol, bħal per eżempju x-xogħol taħt pressjoni u xogħol li jkollu jitlesta f'qasir żmien, u l-kawżi esterni minħabba negliġenza, fejn din stess tista tkun ikkaġunata minn tensjoni fil-ħajja privata. Minbarra l-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol, huwa importanti wkoll li jiġu indirizzati l-każijiet ta' mard marbut max-xogħol, li huma ferm akbar fin-numru. L-ewwel pass lejn il-prevenzjoni għandu jkun li l-mard marbut max-xogħol jiġi rikonoxxut u li l-kunċett ta' mard-professjonali jiġi estenz. Jekk il-kawżi tad-diversi każijiet ta' mard ikunu magħrufa f'waqthom, ikun possibbli li jittieħdu l-miżuri neċessarji biex jiġu eliminati. Għalhekk, in-numru tal-persuni impjegati f'ambjent tax-xogħol perikoluż m'għandux jeċċedi ċifra speċifika, li tkun stabbilita minn qabel, għaliex dan għandu impatt deċiżiv fuq in-numru tal-każijiet ta' mard marbut max-xogħol fil-ġejjieni; dan in-numru għandu jiġi kwantifikat ukoll.”~~

Raġuni

Evidenti.

Riżultat

Favur: 46 Kontra: 48 Astensjonijiet: 12

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar L-istazzjonar tal-ħaddiema fil-qafas ta' l-għoti ta' servizzi — jintlaħqu l-aħjar benefiċċji u potenzjal tiegħu filwaqt li jkun garantit il-ħarsien tal-ħaddiema

COM(2007) 304 finali

(2008/C 224/22)

Nhar it-13 ta' Ġunju 2007, il-Kummissjoni ddeċiediet, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jstabbi-
lixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni — L-istazzjonar tal-ħaddiema fil-qafas ta' l-għoti ta' servizzi: jintlaħqu l-aħjar benefiċċji u potenzjal tiegħu filwaqt li jkun garantit il-ħarsien tal-ħaddiema

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-7 ta' Mejju 2008. Ir-rapporteur kienet is-Sinjura Le Nouail Marlière.

Matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-28 u fid-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'116 vot favur, vot kontra u 4 astensjonijiet.

Nhar it-13 ta' Ġunju 2007, il-Kummissjoni ppubblikat il-Komunikazzjoni msemmija hawn fuq, li fiha assessjat it-traspożizzjoni u l-miżuri li ttieħdu mill-Istati Membri dwar is-superviżjoni ta' l-istazzjonar tal-ħaddiema fil-qafas ta' l-għoti ta' servizzi fl-Unjoni Ewropea u suġġeriet titjib għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 96/71/KE.

Id-Direttiva 96/71/KE għandha l-għan li, minn naħa, tirrikonċilja l-eżerċizzju tal-libertà fundamentali li jiġu pprovduti servizzi transkonfinali skond l-Artikolu 49 KE għall-fornituri ta' servizzi, u min-naħa l-oħra, tirrikonċilja l-ħtieġa li jiġi żgurat ħarsien xieraq tat-termini u l-kundizzjonijiet ta' l-impjeg tal-ħaddiema stazzjonati temporanjament barra minn pajjiżhom biex jipprovdu dawn is-servizzi.

Skond il-Kummissjoni stess, ħaddiem jissejjaħ "stazzjonat" meta jintbagħat fi Stat Membru ieħor minn min iħaddmu sabiex iwettaq xi xogħol hemmhekk, fil-qafas ta' l-għoti ta' servizzi taħt kuntratt. Dan l-għoti transkonfinali ta' servizzi jimplika l-bgħit ta' ħaddiema fi Stat Membru ieħor li m'hux dak li normalment jaħdmu fih, u joħloq kategorija speċifika ta' ħaddiema, dik ta' "ħaddiema stazzjonati". Madankollu, tħalliet ċertu marġni ta' interpretazzjoni fidejn l-Istati Membri rigward id-definizzjoni.

Din il-komunikazzjoni ssegwi żewġ komunikazzjonijiet ⁽¹⁾, li inkludew linji gwida b'konformità mad-Direttiva 96/71/KE li stipulat li l-Kummissjoni għandha tirrevedi t-test qabel is-16 ta' Diċembru 2001 bil-għan li tressaq proposti lill-Kunsill għal kwalunkwe modifiki neċessarji.

Il-Kumitat kien ħareġ opinjoni ⁽²⁾ li fiha rrakkomanda li l-Kummissjoni għandha tressaq rapport ġdid li jivverifika:

— jekk hux qed tiġi applikata trasparenza ġenwina tad-drittijiet,

⁽¹⁾ COM(2003) 458 "L-implimentazzjoni tad-Direttiva 96/71/KE fl-Istati Membri" u COM(2006) 159 ta' l-4.4.2006 "Linji gwida dwar l-issekondar ta' ħaddiema li jseħħ fil-qafas ta' forniment ta' servizzi"

⁽²⁾ Opinjoni tal-KESE tal-31.3.2004 dwar il-"Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni: L-implimentazzjoni tad-Direttiva 96/71/KE fl-Istati Membri", rapporteur: is-Sinjura Le Nouail-Marlière (ĠU C 112, 30.4.2004) (ma nqalbitx għall-Malti)

— jekk humiex garantiti d-drittijiet pożittivi tal-ħaddiema,

— jekk il-mobilità tal-ħaddiema hix promossa jew imfixkla mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li ġejjin mit-traspożizzjoni fl-Istati Membri ta' din id-Direttiva, minħabba r-riskji ta' ristrezzjonijiet protezzjonisti tas-suq tax-xogħol,

— jekk humiex evitati x-xkjiel tal-kompetizzjoni fir-rigward tal-moviment ħieles tas-servizzi,

— u fl-aħħar, jekk l-intrapriżi żgħar għandhomx aċċess korrett u suffiċjenti għall-informazzjoni neċessarja għall-implimentazzjoni tad-direttiva trasposta.

Il-Kumitat issuġġerixxa wkoll analiżi aktar profonda rigward l-imsieħba soċjali u ekonomiċi, evalwazzjoni sabiex jitjiebu l-mekkaniżmi ta' informazzjoni tal-ħaddiema u ta' l-intrapriżi, il-promozzjoni tan-netwerk lokali, reġjonali jew traskonfinali taċ-ċentri ta' informazzjoni, b'ispirazzjoni minn inventurju ta' l-aħjar prattiki ta' skambju ta' informazzjoni kemm għall-ħaddiema kif ukoll għal min iħaddem, studju legali sabiex jiġi vverifikat li l-qafas leġislattiv ta' l-Istati Membri kif ukoll l-informazzjoni dwar il-ftehimiet kollettivi applikabbli huma ċari biżżejjed, aċċessibbli u aġġornata fil-kuntest tat-tkabbir.

1. Kummenti ġenerali

1.1 Din il-Komunikazzjoni hija bbażata fuq it-tielet evalwazzjoni ffinalizzata wara numru ta' snin wara d-data prevista fid-Direttiva stess (mhux aktar tard mis-16 ta' Diċembru 2001) li tikkunsidra t-traspożizzjonijiet u l-implimentazzjonijiet fl-Istati

Membri kollha, fejn ħarġet in-natura speċifika tal-qasam li mhux biss huwa legali, tekniku u ekonomiku, imma primarjament soċjali u umani, li jwassal għal diffikultajiet ta' valutazzjoni, ta' traspożizzjoni, ta' implimentazzjoni u ta' kontroll. Din id-Direttiva, ta' kontenut legali għoli, tinvolvi interpretazzjonijiet u marġni ta' intepretazzjoni fuq diversi livelli, kemm fit-traspożizzjonijiet kif ukoll il-każistika li huma inadegwati għall-attività ta' kuljum ta' l-intrapriżi, ħaddiema stazzjonati u superviżuri tax-xogħol, kif kien indikat mill-imsieħba soċjali u l-awtoritajiet pubbliċi lokali jew nazzjonali matul is-seduti tal-Parlament. Il-Parlament Ewropew ⁽³⁾ ħareġ diversi rakkomandazzjonijiet, fosthom waħda li tistipula li l-imsieħba soċjali għandhom jiġu kkunsidrati aktar u jiġu involuti aktar, mingħajr madankollu ma ġie ppreċiżat kif dan għandu jinkiseb.

1.2 Il-Kumitat jindika li l-uniku mod kif ċerti libertajiet, li huma meqjusa fuq l-istess livell — il-libertà tal-persuni u dik ta' l-għoti ta' servizzi — jibqgħu uguali anki fir-realtà huwa li jiġi żgurat li d-direttiva tipprovdi garanziji li jiġi rispettata livell xieraq ta' ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati, u li taqdi wkoll rwol ewlieni fil-ħolqien ta' klima ta' kompetizzjoni ġusta bejn il-fornituri tas-servizzi kollha. Il-Kumitat ma jħossx li b'mod trunk-will wieħed jista' jikkunsidra li ċ-ċirkulazzjoni ħielsa tas-servizzi titwettaq għad-detriment ta' ċerti ħaddiema. Jekk il-każistika ⁽⁴⁾ reċenti tista' tiġi interpretata bħala miexja f'dan is-sens, il-Kumitat ifakkar li l-Konvenzjonijiet ta' l-ILO Nru 87 dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u Nru 98 dwar in-Negozjati Kollettivi jistipulaw li l-proċess ta' formazzjoni tal-leġislażzjoni soċjali għandu jqis il-metodi tas-soltu biexdan isir, inkluż in-negozjati kollettivi f'kumpanija jew fi kwalunkwe livell ieħor, u f'oqsma diverġenti ħafna bħall-iffissar ta' pagi minimi f'settur jew kumpanija. Peress li t-traspożizzjoni tad-Direttiva 96/71/KE tidħol fil-qafas tas-soltu tal-mod ta' formazzjoni tal-leġislażzjoni f'kull Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tenforza d-dritt internazzjonali skond l-interpretazzjoni tal-korpi ad hoc ta' kontroll u l-istandards ta' xogħol irratifikati mill-Istati Membri kollha, b'konformità mal-liġi oriġinali.

1.3 Attwalment, apparti din il-Komunikazzjoni ġdida li qed tiġi analiżi, il-Kummissjoni tipproponi l-adozzjoni ta' Rakkomandazzjoni ⁽⁵⁾ mill-Kunsill għal titjib fil-kooperazzjoni amministrattiva, sistema ta'skambju ta' informazzjoni u l-qsim u l-iskambju ta' l-aħjar Prattika.

1.4 B'kunsiderazzjoni ta' dawn il-proposti kollha ġodda, il-Kumitat jenfasizza li l-Kummissjoni miexja fid-direzzjoni t-tajba, b'mod partikulari bil-proposta għat-titjib tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-ħolqien ta' sistema ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, bil-għan li tiġi skambjata l-informazzjoni dwar il-liġi tax-xogħol relatata mal-ħaddiema stazzjonati f'dawk l-Istati, dwar il-konvenzjonijiet kollettivi rilevanti, bl-għoti ta' aċċess lill-ħaddiema u lill-provvedituri ta' servizzi għal din l-informazzjoni, f'lingwi li mhumiex il-lingwa/i

⁽³⁾ U aktar reċentement B6-0266/2007 tal-11.7.2007

⁽⁴⁾ Laval c) Svenska Affaire C-341/05

⁽⁵⁾ Rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni tal-[...] "dwar kooperazzjoni amministrattiva msaħħa fil-kuntest ta' l-istazzjonar tal-ħaddiema fil-qafas tal-forniment tas-servizzi" IP/08/514

nazzjonali tal-pajjiż li fih ġew ipprovduti s-servizzi, it-twaqqif ta' uffiċċji ta' kuntatt ma' rappreżentanti maħtura, l-involvement ta' l-imsieħba soċjali f'kumitat ta' livell għoli, eċċ.

1.5 Madankollu, il-Kummissjoni ressqet id-dokument ta' evalwazzjoni tal-miżuri li għandhom jiġu implimentati u trasposti fl-Istati Membri bl-Ingliż biss, u b'hekk tnaqqas il-kontribut potenzjali ta' din l-evalwazzjoni fl-Istati Membri u lill-imsieħba soċjali, fil-livelli kollha. Il-Kumitat jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tikkunsidra l-qasam partikulari (mobilità, moviment ħieles) in kwistjoni u tagħmel sforz sabiex tippubblika dan id-dokument mehmuż ⁽⁶⁾ f'mhux inqas minn tliet lingwi, li għandhom ikunu lingwa latina tan-nofsinar, lingwa Slavonika u l-Ingliż. Il-kwistjoni lingwistika ser tqum fi kwalunkwe każ, u jekk id-dispożizzjonijiet il-ġodda għandu jkollhom l-impatt antiċipat, il-Kumitat jirrakkomanda li għandhom jiġu introdotti dispożizzjonijiet lingwistiċi adegwati kemm meta tiġi pprovduta l-informazzjoni lill-imsieħba soċjali li għandhom rwol importanti x'jaqdu f'dan il-qasam u kemm fir-rigward tas-sistema ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. Il-Kumitat jirreferi għall-opinjoni tiegħu dwar l-implimentazzjoni ta' l-istrategġija tal-Kummissjoni relatata mal-multilingwiżmu u għall-opinjoni esploratorja ⁽⁷⁾ l-ġdida mitluba mill-Kummissjoni, u ċertament ser iqajjem il-kwistjoni tal-komunikazzjoni u ta' l-informazzjoni neċessarja għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fir-rigward ta' l-istazzjonar tal-ħaddiema, li tagħha l-komunikazzjoni istituzzjonali hija aspekk wieħed.

1.6 In-natura ġenerali tas-sistema ta' informazzjoni u n-natura speċifika tas-sistema ta' reġistri soċjali:

1.7 Il-Kummissjoni tipproponi li tneħħi dawk il-miżuri ta' kontroll fir-rigward ta' l-istazzjonar tal-ħaddiema li ma tqisx neċessarji u fl-istess ħin tkompli tiggarrantixxi l-protezzjoni adegwata għall-ħaddiema stazzjonati. Fil-Komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tenfasizza li meta tagħmel dan hija ma tridx tiddubita mill-mudelli soċjali fl-Istati Membri iżda, b'referenza għal parti mill-każistika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, tikkunsidra li ċerti miżuri ta' kontroll m'humiex ġustifikati billi jmorru lil hinn milli jista' jkun neċessarju għall-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema.

1.8 Il-Kumitat jenfasizza l-inkoerenza fil-proposta li jitneħħi l-obbligu li jinżammu reġistri soċjali fl-Istati Membri fejn jiġi pprovdut is-servizz: għalkemm huwa veru li sistema ta' skambju ta' informazzjoni tipprovdi informazzjoni dwar il-leġislażzjoni applikabbli kif ukoll fuq id-drittijiet u l-obbligi tal-provvedituri tas-servizzi u l-ħaddiema, din ma tassigurax l-monitoraġġ fuq bażi individwali tad-drittijiet fil-qasam tal-protezzjoni soċjali, immedjati jew fuq perijodu fit-tul, tal-mard, ta' l-aċċidenti, tal-pensjoni, ta' l-assigurazzjoni soċjali, u lanqas ma tikkontrolla l-kontribuzzjonijiet soċjali u fiskali obligatorji fil-pajjiż fejn jitwettaq is-servizz, dawn il-kontribuzzjonijiet huma regolati mill-liġi tax-xogħol fis-seħħ, dik tal-pajjiż fejn jitwettaq is-servizz. Il-Kumitat għalhekk ma jirrakkomandax din is-sostituzzjoni.

⁽⁶⁾ Sec 2008_747

⁽⁷⁾ Opinjoni esploratorja tal-KESE dwar il-multilingwiżmu, rapporteur: is-Sinjura Le Nouail-Marlière, għadha qed titħejja.

1.9 Il-Kumitat jindika wkoll li l-oġġettivi tad-Direttiva 96/71/KE għadhom ma ntlaħqux kollha anke wara 10 snin mill-implimentazzjoni tagħha. Fl-Ewropa jippersistu attitudnijiet differenti dwar it-tip u l-limitu tal-protezzjoni soċjali neċessarja tal-ħaddiema stazzjonati, kemm jekk huma mill-UE kif ukoll jekk huma minn terzi pajjiżi.

1.10 Fil-Green Paper li timmodernizza l-liġi dwar ix-xogħol biex tiffaċċa l-isfidi tas-seklu 21, il-Kummissjoni tiddikjara li l-impjeg illegali, speċjalment fil-kuntest ta' l-istazzjonar tal-ħaddiema bejn il-pajjiżi, huwa fenomenu li joħloq inkwiet serju u għadu jippersisti fis-swieq tax-xogħol tal-lum u huwa wkoll responsabbli għall-esplotazzjoni tal-ħaddiema kif ukoll għall-ixkijel fil-kompetizzjoni⁽⁸⁾. Fl-istess Green Paper, il-Kummissjoni talbet għal mekkaniżmi ta' infurzar sabiex ikun hemm garanzija ta' l-effiċjenza tas-swieq tax-xogħol, jiġi evitat il-ksur tal-liġi tax-xogħol fil-livell nazzjonali u jiġu protetti d-drittijiet soċjali tal-ħaddiema.

1.11 Il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni fuq il-fatt li l-imsieħba ekonomiċi u soċjali ta' l-industrija tal-bini huma partikularment attenti għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 96/71/KE kemm minħabba d-dumping soċjali kif ukoll minħabba t-tfixkil possibbli fil-kompetizzjoni b'riżultat ta' dan, minħabba l-kondizzjonijiet speċifiċi li fihom tiġi stazzjonata l-forza tax-xogħol ta' dan is-settur, speċjalment fir-rigward ta' l-istazzjonar transkonfinali⁽⁹⁾. Hemm bżonn ta' miżuri ta' kontroll aġġustati għall-partikularitajiet ta' l-industrija tal-bini sabiex jiġu protetti kemm il-ħaddiema lokali kif ukoll il-ħaddiema stazzjonati li jintlaqtu minn dan. F'dan ir-rigward, il-pjanijiet tal-Kummissjoni m'għandhomx idgħajfu l-mekkaniżmi ta' kontroll ta' l-Istati Membri li taw riżultati pożittivi fuq perijodu twil, inkella l-Kummissjoni tkun qed tikkontradixxi l-intenzjoni ddikjarata tagħha li ma tiddilx il-mudelli soċjali fl-Istati Membri.

1.12 Il-Kumitat jenfasizza l-fehma tal-PE li l-Kummissjoni għandha tillaxxa l-interpretazzjoni tagħha tal-każistika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja meta tkun qed tevalwa l-kompatibbiltà ta' ċerti miżuri mal-liġi Komunitarja⁽¹⁰⁾.

2. Kummenti speċifiċi

2.1 Fir-rigward ta' l-obbligu li jinżammu ċerti dokumenti fil-lingwa ta' l-Istat Membru ospitanti, il-Kummissjoni tikkunsidra

⁽⁸⁾ Green Paper, COM(2006) 708 finali, punt 4.b) p. 11 u sussegwenti; (ma nqalbitx għall-Malti) Opinjoni tal-KESE tat-30.5.2007 dwar il-Green Paper li timmodernizza l-liġi dwar ix-xogħol, rapporteur: is-Sur Retureau (ĠU C 175 tas-27.7.2007).

⁽⁹⁾ Studju li ta' min isemmih huwa "Il-moviment ħieles tal-ħaddiema fl-UE" — Jan Cremers u Peter Donders, European Institute for Construction Labour research, Editeurs et Wermer Buelen, FETBB Auteur. Hemm setturi oħra li huma vittmi ta' dan id-dumping soċjali, iżda l-kondizzjonijiet ta' l-istazzjonar m'humiex iggvernati mill-istess Direttiva. Opinjoni tal-Kumitat CESE 1698-2007 "Il-forza tax-xogħol fl-agrikoltura transkonfinali", rapporteur: is-Sur Siecker u CESE 1699-2007 "Is-sitwazzjoni ta' l-impjeg fl-agrikoltura", rapporteur: is-Sur Wilms.

⁽¹⁰⁾ Riżoluzzjoni B6-0266/2007 tal-11.7.2007 tal-Parlament Ewropew

l-obbligu tat-traduzzjoni bħala limitu mhux ġustifikabbli fuq il-provvista ħieles tas-servizzi. B'kuntrast għal dan, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja reċentement iddeċidiet f'sentenza tat-18 ta' Lulju 2007 (C-490/07) li dan l-obbligu kontroversjali huwa konformi mal-liġi Komunitarja.

2.2 Il-Kummissjoni tagħmel referenza wkoll għal sentenza oħra tal-Qorti tal-Ġustizzja fejn miżuri li japplikaw b'mod awtomatiku u bla kondizzjoni, ibbażati fuq il-preżunzjoni ġenerali ta' evazzjoni jew frodi fiskali minn persuna jew kumpanija li teżerċita l-libertà fundamentali garantita mit-Trattat, jikkostitwixxu restrizzjoni mhux ġustifikata ta' l-għoti ħieles tas-servizzi⁽¹¹⁾. Il-Kumitat jiddubita li l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja hija applikabbli għall-miżuri li huma suġġetti għad-Direttiva 96/71/KE, peress li d-Direttiva tawtorizza lill-Istati Membri sabiex "jieħdu l-miżuri xierqa fil-każ ta' non-konformità mad-Direttiva". Din id-dispożizzjoni ma twassalx għal preżunzjoni ġenerali ta' frodi. Għall-kuntrarju, tippreċiża li l-kontenut fir-rigward tal-liġi sustantiva tad-Direttiva jkun null jekk l-Istati Membri m'humiex f'pożizzjoni li jikkontrollaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet relatati ma' l-istazzjonar permezz tal-mezzi adegwati.

3. Kooperazzjoni mtejba bħala s-soluzzjoni għall-problemi eżistenti meta tiġi applikata d-Direttiva 96/71/KE

3.1 Il-Kumitat jemmen li hija ħaġa pożittiva li l-Kummissjoni wriet biċ-ċar li jeżistu nuqqasijiet konsiderevoli fil-kooperazzjoni amministrattiva transkonfinali u li hemm bżonn ta' azzjoni f'dan il-qasam. Huwa konvint li kooperazzjoni effettiva fl-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri tista' tikkontribwixxi sabiex jiġu solvuti l-problemi li jirriżultaw mid-diffikultajiet fl-implimentazzjoni prattika tad-direttiva li tirregola l-istazzjonar tal-ħaddiema, b'mod partikulari fl-ambitu tal-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet.

3.2 Madankollu, il-Kumitat ma jħossx li kooperazzjoni mtejba tista' tinvalida l-miżuri nazzjonali ta' kontroll. Il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni implimentati fil-qafas tad-Direttiva 96/71/KE s'issa dehru li m'humiex prattiċi; ma setgħux jiggarrantixxu l-protezzjoni soċjali ta' l-impjegati bl-istess mod u sa l-istess limitu fid-dispożizzjonijiet nazzjonali kollha.

3.3 Is-sitwazzjoni hija partikularment importanti għall-industrija tal-bini, fejn huwa importanti li jsiru kontrolli preventivi fuq is-siti ta' kostruzzjoni ħalli tiġi vvalutata l-effettività tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati.

3.4 Jekk l-Istati Membri ta' orijini jergħu jingħataw ir-responsabbiltà tal-kontrolli, dan iwassal għal dewmien mhux mixtieq fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema. Din hija waħda mir-raġunijiet għaliex il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fis-sentenza msemmija hawn fuq tat-18 ta' Lulju 2007 tat lill-Istati Membri

⁽¹¹⁾ Sotto-punt 3.2 tal-Komunikazzjoni.

l-awtorità li jżommu l-obbligu li jikkonservaw ċerti dokumenti dwar is-siti tal-bini fil-lingwa ta' l-Istat Membru ospitanti. Il-Kumitat ma jirrakkomandax it-tneħħija ta' dan l-obbligu, u fil-fatt jirrakkomanda li d-data dwar ir-reklutaġġ u l-impjeg, jew f'dan il-każ id-data dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema, tkun aktar aċċessibbli billi jinżamm l-obbligu li din id-data tkun disponibbli għall-kontroll mill-awtoritajiet ta' l-impjeg, tat-taħriġ professjonali u tal-protezzjoni soċjali fil-pajjiż ospitanti u fil-pajjiż ta' oriġini. Ser tkun dejjem aktar importanti li din l-informazzjoni tkun aċċessibbli mill-kumpaniji u l-ħaddiema f'suq intern estiż b'tendenza lejn mobilità aktar imsaħħa.

3.5 Id-data dwar id-drittijiet relatati mal-pensjoni jew mal-protezzjoni tas-saħħa (tarzna, kimika, agrikoltura, eċċ.) għandha tkun tista' tinġabar u tiġi ċċekkjata aktar faċilment jekk ikunu jeżistu diversi entraturi addizzjonali: pajjiż ta' oriġini, kumpanija, servizzi u korpi soċjali, b'konformità mal-prinċipju tat-trasparenza.

3.6 Il-Kumitat huwa tal-fehma li l-problemi li jirriżultaw mit-traspożizzjoni konkreta tad-direttiva dwar l-istazzjonar ma jstgħux jiġu solvuti b'mod bilaterali mill-Istati Membri. Għaldaqstant wieħed għandu jikkunsidra t-twaqqif ta' awtorità fl-Ewropa li fi ħdan il-kooperazzjoni transkonfinali ta' l-awtoritajiet fir-rigward ta' l-istazzjonar tal-ħaddiema sservi ta' pjattaforma loġistika ċentrali, punt ta' referenza, katalista u ċentru ta' informazzjoni. Din l-awtorità għandha wkoll theggi regolarment rapport dwar il-problemi li tfaċċaw u l-miżuri proposti biex dawn jiġu solvuti.

4. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għal titjib fl-implimentazzjoni tal-Linji Gwida 96/71/KE

4.1 Il-Kumitat jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li twaqqaf kumitat ta' livell għoli f'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri, trade unions u dawk li jħaddmu. L-iskop ta' dan il-kumitat ikun li jappoġġja l-iskambju u l-identifikazzjoni tal-proċessi li taw riżultat, permezz ta' eżami fil-fond u soluzzjoni tal-problemi marbutin ma' l-infurzar transkonfinali tas-sanzjonijiet ċivili u legali marbutin ma' l-istazzjonar. Il-Kumitat jenfasisza li l-imsieħba soċjali settorjali Ewropej s'issa wettqu il-parti l-kbira tal-ħidma fir-rigward tas-sorveljanza u l-implimentazzjoni, u għalhekk għandhom jiġu involuti b'mod ċar fil-proċess, billi jkunu awtomatikament rappreżentati fuq il-kumitat hekk kif jitwaqqaf. Diġà esprimew l-opinjoni tagħhom f'dikjarazzjoni Ewropea konġunta. Il-Kumitat jappoġġja lill-Kummissjoni li ħadet din it-triq, b'kunsiderazzjoni ta' l-esperjenza miksuba iżda ma jippreġudikax il-livell ta' parteċipazzjoni mixtieq mill-imsieħba soċjali Ewropej intersettorjali.

4.2 Dan il-kumitat għandu jassigura li kondizzjonijiet *de facto* ma jiġux imposti fuq l-Istati Membri, li normalment ikunu jeh-tiegu l-parteċipazzjoni ta' leġislatur nazzjonali jew Ewropew. F'dan is-sens, il-miżuri neċessarji għall-konformità mad-Direttiva

96/71/KE m'humiex armonizzati biżżejjed fl-UE kollha, u l-kumitat jista' jgħin sabiex din is-sitwazzjoni tittranġa.

4.3 Fl-aħħar, il-Kumitat japprova li l-Kummissjoni tikkunsidra bi sħiħ ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema, b'mod partikulari dik li tirrikonoxxi l-impenn ta' l-imsieħba soċjali, u jissuġġerixxi li l-esperjenza tagħhom tintuża tajjeb, fost affarijiet oħra billi jiġu pprovduti bir-riżorsi addizzjonali sabiex ikunu jstgħu jxerdu l-eżempji ta' l-aħjar prattiki.

4.4 Sabiex ikun hemm garanzija ta' drittijiet indaqs għall-ħaddiema kollha, il-Kummissjoni għandha tħeġġeġ l-isforzi sabiex tadotta miżuri li jtejbu l-kontrolli u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri.

5. Kwistjonijiet mhux solvuti:

5.1 *Ħaddiema li jagħmlu ta' bir-ruħhom li qegħdin jaħdmu għal rashom*

5.1.1 Il-Kumitat esprima tħassib kbir dwar il-problemi marbutin ma' l-identifikazzjoni tal-"ħaddiema li jagħmlu ta' bir-ruħhom li qegħdin jaħdmu għal rashom li m'humiex ġenwini" u r-riklassifikazzjoni tagħhom, meta jkunu involuti persuni stabbiliti barra jew fl-Istat Membru fejn ġie osservat il-każ jew meta jkun hemm stazzjonar falz. Il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tanalizza l-miżuri legali u prattiċi ta' kif dawn il-problemi jstgħu jiġu indirizzati. Jista' jkun li ħaddiema stazzjonati jitħeġġu sabiex jiddikjaraw lilhom infushom bħala indipendenti minkejja li jkunu totalment dipendenti minn kuntrattur wieħed, u xi daqqiet la jkunu ddikjarati bħala stazzjonati u lanqas indipendenti, u xi kultant f'xogħol perikoluż fejn il-kopertura tal-protezzjoni soċjali trid tkun totali.

5.1.2 Ir-regoli nazzjonali għandhom jinkludu mhux biss definizzjonijiet ċari u prattiċi, iżda wkoll regoli ċari dwar ir-responsabbiltà f'każ ta' "xogħol indipendenti falz" u/jew "stazzjonar falz", sabiex jiġi ggarantit il-ħlas ta' salarji, multi, taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali li jstgħu jiġu kklejmjati mill-ħaddiem u mill-awtorità, u sabiex l-awtorità tkun tista' tiċċekkja li dan l-obbligu qed jiġi rrispettat, sabiex jitnaqqas il-profitt li jsir bl-użu ta' prattiki qarrieqa u sabiex jiżdiedu s-sanzjonijiet ekonomiċi fuq persuni li jwettqu frodi, f'każ ta' kollużjoni bejn kuntratturi u ħaddiema li qed jagħmlu ta' bir-ruħhom li huma "indipendenti" bl-iskop li jevitaw l-obbligi tal-protezzjoni soċjali.

5.2 *Sotto-kuntrattar u responsabbiltà*

5.2.1 Fil-livell ta' l-Istati Membri, xi msieħba nazzjonali jew settorjali approvaw il-prinċipju li kuntratturi ġenerali jew prinċipali jkollhom responsabbiltà konġunta u solidali fir-rigward tas-sotto-kuntratturi. Dan il-prinċipju ġie inkluż fil-liġi nazzjonali u

jistħoqqlu li jissema bħala Prattika tajba. Ir-rapport tal-Parlament Ewropew ⁽¹²⁾ jenfasizza wkoll li hemm diversi vantaġġi għall-ħaddiema stazzjonali bis-saħħa ta' skema ta' responsabbiltà konġunta u solidali. Fil-Komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tinnota li l-kwistjoni jekk ir-responsabbiltà sussidjarja ta' l-intrapriżi prinċipali tikkostitwixxi mod effettiv u proporzjonat sabiex jitjiebu l-monitoraġġ u l-infurzar tal-konformità mal-liġi Komunitarja jisthoqqlha analiżi u riflessjoni iktar fil-fond. Il-Parlament Ewropew huwa favur dispożizzjonijiet ta' dan it-tip.

5.2.2 L-esperjenza Prattika turi li d-direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema xi kultant qed tiġi maħruħa b'katini twal ta' sotto-kuntrattar flimkien ma' l-użu ta' provvedituri tas-servizzi transkonfinali.

5.2.3 Il-Komunikazzjoni tindika li l-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li ttwettaq studju fil-fond flimkien ma' l-Istati Membri u l-imsieħba soċjali tal-problemi ta' infurzar transkonfinali (sanzjonijiet, multi, responsabbiltajiet konġunti u solidali). B'dan il-mod, il-Kummissjoni tirrispondi għat-talba konsistenti mill-Parlament Ewropew u tieħu inizjattiva leġiżlattiva dwar ir-responsabbiltà konġunta u solidali sabiex tnaqqas il-possibbiltajiet li jitharbu standards legali jew li huma miftehmin b'mod kollettiv, b'konformità mad-direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema. Il-Kummitat jitlob li jiġi infurmat bir-riżultati ta' dan l-istudju.

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

Il-President

tal-Kummitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

⁽¹²⁾ Rapport tal-Kummissjoni dwar ir-responsabbiltà soċjali ta' l-intrapriżi: Sħubija ġdida (2006/2133(INI)), Rapport tal-Parlament Ewropew dwar l-l-implimentazzjoni tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema (2006/2038(INI)) u Rapport tal-Parlament Ewropew dwar l-immodernizzar tal-liġi tax-xogħol biex tiffaċċja l-isfidi tas-seklu 21 (A6-0247/2007). Fl-aħħar rapport, il-Parlament jistieden lill-Kummissjoni sabiex tirregola "r-responsabbiltà konġunta u solidali għal intrapriżi ġenerali u prinċipali sabiex jiġu trattati l-abbużi relatati ma' ħaddiema b'sotto-kuntratt jew esternalizzati u sabiex twaqqaf suq trasparenti u kompetittiv għal kumpaniji kollha fuq il-bażi ta' l-istess kundizzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istandards u l-kundizzjonijiet tax-xogħol; b'mod partikulari jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu b'mod ċar min hu responsabbli għall-konformità mal-liġi tax-xogħol u għall-ħlas ta' pagi assoċjati, għall-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u għat-taxxi f'katina ta' sotto-kuntratturi". Eżempju Prattiku huwa s-sit ta' bini tas-sede tal-Kunsill tal-Ministri (Justus Lipsius) fi Brussell matul id-disgħinijiet. F'ċertu mument, il-bord tas-sit inkluda bejn 30 u 50 sotto-kuntrattur, u din il-lista ma kinitx tinkludi lil kulħadd. Eżempju ieħor huwa r-rinnovazzjoni tal-bini Berlaymont (sede tal-Kummissjoni Ewropea) fejn kumpanija Ġermaniża, li tispeċjalizza fit-tneħħija ta' l-asbestos, impjegat permezz ta' sotto-kuntrattar madwar 110 ħaddiem Portugiż, li xejn ma kienu mħarrġa għall-kompitu tagħhom u ħadmu f'kundizzjonijiet tassew ħżiena. Każijiet Prattiki oħra jidhru f'"The free movement of workers", CLR Studies 4 (2004), p. 48-51, Cremens and Donders eds

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Intejbu l-mobilità taż-żgħażaġh fl-Ewropa: aspetti prattiċi u aġenda

(2008/C 224/23)

Fittra tal-25 ta' Ottubru 2007, is-Sur Jouyet, Segretarju ta' l-Istat inkarigat mill-Affarijiet Ewropej fi ħdan il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin ta' Franza, talab lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jħejji opinjoni dwar

Intejbu l-mobilità taż-żgħażaġh fl-Ewropa: aspetti prattiċi u aġenda

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-7 ta' Mejju 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Rodríguez García-Caro.

Matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-28 u d-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'117 vot favur, 4 voti kontra u astensjoni waħda.

1. Konklużjonijiet

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jilqa' l-interess u l-appoġġ li wriet il-Presidenza Franċiża li jmiss tal-Kunsill fir-rigward ta' kwistjonijiet marbutin mal-mobilità taż-żgħażaġh Ewropej. Fil-fatt, il-Kunsill Ewropew ta' Nizza li sar f'Diċembru 2000 kien approva Riżoluzzjoni li tiġbor fiha 42 miżura li għandhom l-għan li jippromovu u jiffavorixxu l-mobilità taż-żgħażaġh. Xi snin wara, f'it qabel il-bidu tal-Presidenza Franċiża, nergġhu nsibu l-istess rieda li nsolvu l-problemi li jxekklu l-mobilità taċ-ċittadini żgħażaġh tagħna.

1.2 Mill-perspettiva tal-Kumitat, il-problema ewlenija li qiegħda taffaċċja l-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-mobilità trans-konfinali taż-żgħażaġh tagħna hija li ħafna problemi li tqajmu ripetutament baqgħu mingħajr soluzzjoni u li l-applikazzjoni tal-miżuri adottati biex jiġu soluti dawn il-problemi ta' mobilità hija diffikultuża. Il-lista tal-problemi misjuba hija twila daqs il-lista ta' miżuri li għandhom jiġu adottati biex dawn jiġu solvuti. Għaldaqstant, nemmnu li l-kwistjoni m'hijiex li jerġa' jsir studju dwar l-ostakoli għall-mobilità jew li titħejja lista ta' l-attivajiet ta' promozzjoni tal-mobilità, iżda pjuttost li jiġu indirizzati l-għerquq tal-problema. Dan ifisser li rridu naraw x'sar diġà u x'għad irid isir u nużaw ir-riżultati ta' dan.

1.3 Għalhekk, fil-fehma tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, m'hemmx bżonn li jinħolqu iktar gruppi ta' esperti ta' livell għoli li fl-aħħar jittrattaw kwistjonijiet li diġà ġew indirizzati. Fil-fehma tal-Kumitat jeħtieġ li jitwaqqaf grupp ta' ħidma tad-diversi Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni b'kompetenzi fil-qasam tal-mobilità sabiex iwettqu analiżi tas-sitwazzjoni u jindirizzaw b'mod metodiku l-aspetti li ġejjin:

— jiddeterminaw l-ostakoli diġà identifikati u deskritti f'okkażjonijiet preċedenti;

— jieħdu nota tal-miżuri effettivi li diġà ġew approvati fil-livell ta' l-Unjoni Ewropea biex jiġu solvuti dawn il-problemi (Regolamenti, Direttivi, Deċiżjonijiet, Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet, eċċ.);

— jidentifikaw il-problemi li diġà ġew osservati u li għadhom ma ġewx solvuti, iżda li qegħdin jiġu indirizzati permezz ta' att legiſlattiv;

— jidentifikaw il-problemi li diġà ġew osservati mingħajr ma ttehdet l-ebda inizzjattiva biex jiġu solvuti;

— jidentifikaw il-miżuri proposti li ma ġewx ikkunsidrati u li ma ġewx applikati mill-Istati Membri.

1.4 Bl-istess mod, jeħtieġ li tiġi ddefinita bir-reqqa s-sitwazzjoni li jinsabu fiha ż-żgħażaġh, billi jinġabru fi gruppi differenti li jinsabu f'ċirkustanzi kumparabbli u li huma soġġetti għal kwistjonijiet simili. B'dan il-mod nistgħu nagħrfu speċifikament x'qiegħed jaffettwa lid-diversi gruppi ta' żgħażaġh u nadottaw miżuri speċifiċi li jkollhom impatt fuq dawn il-gruppi. B'hekk inkunu iktar effettivi u effikaċi billi nieqfu nieħdu deċiżjonijiet ta' natura ġenerika.

1.5 Din l-analiżi għandha tiffoka, fost affarijiet oħra, fuq:

— l-istudenti universitarji;

— iż-żgħażaġh li kkompletaw ċiklu universitarju jew professjonali u li ser jibdeu l-ewwel xogħol tagħhom;

— l-istudenti ta' skemi ta' taħriġ professjonali;

— l-artisti;

— iż-żgħażaġh volontarji;

— iż-żgħażaġh intraprendituri;

— iż-żgħażaġh mingħajr riżorsi finanzjarji;

— il-koppji żgħażaġh li jridu jlaħħqu mal-ħajja familjali u dik professjonali jew ta' l-istudju;

- iż-żgħażaġh li jinsabu f'sitwazzjoni ta' esklużjoni soċjali;
- iż-żgħażaġh li qegħdin ifittxu xogħol u s-sitwazzjoni tagħhom fl-ewwel snin ta' attività professjonali.

1.6 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iqis li m'hux wiex daqstant neċessarju li wieħed ikompli jidentifika l-ostakoli u s-soluzzjonijiet. Wieħed għandu pjuttost jimplementa l-miżuri adegwati fi żmien raġonevolment qasir sabiex dak kollu li ntqal u ġie deskritt bir-reqqa dwar il-mobilità jwassal għal soluzzjoni tal-problemi ta' mobilità taż-żgħażaġh Ewropej.

1.7 Il-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati kollha fl-inizjattiva favur il-mobilità effettiva taż-żgħażaġh u implimentazzjoni iktar proattiva tad-diversi politiki Ewropej f'dan il-qasam jistgħu jkunu l-elementi fundamentali ta' bidla sinifikattiva tas-sitwazzjoni attwali.

2. Introduzzjoni

2.1 Raġuni ta' l-opinjoni esploratorja

2.1.1 Dan id-dokument huwa r-riżultat ta' talba mressqa quddiem il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew mis-Segretarju ta' l-Istati inkarigat mill-Affarijiet Ewropej fi ħdan il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin u Ewropej ta' Franza. Fil-25 ta' Ottubru 2007 is-Segretarju ta' l-Istat kiteb lill-Kumitat u talbu jħejji opinjoni esploratorja bit-titlu **Intejbu l-mobilità taż-żgħażaġh fl-Ewropa: aspetti prattiċi u aġenda**. Din l-opinjoni qiegħda tintalab bi tħejji għall-Presidenza Franċiża tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea fit-tieni nofs ta' l-2008.

2.1.2 Fl-istess ħin, il-Kummissarju Ewropew għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ ippromova t-twaqqif ta' grupp ta' esperti ta' livell għoli biex tittejjeb il-mobilità ta' l-Ewropej. Bil-għan li jiġu identifikati l-miżuri li għandhom jittieħdu biex ikun hemm iktar skemi ta' skambju għaż-żgħażaġh u jittejjeb l-appoġġ għall-mobilità fil-qasam tat-taħriġ professjonali u l-edukazzjoni ta' l-adulti u li titħeġġeġ il-mobilità ta' l-artisti żgħażaġh u diretturi ta' intrapriżi u volontarji, il-grupp ta' livell għoli żamm l-ewwel sessjoni tiegħu fl-24 ta' Jannar 2008. L-oġġettiv tiegħu huwa li jwettaq il-ħidmiet kollha tiegħu matul is-sena u jikkonkludi b'rapport strateġiku.

2.2 Il-mobilità fl-Unjoni Ewropea: iktar minn dritt ta' moviment ħieles

2.2.1 Il-mobilità hija dritt stipulat fl-Artikolu 18 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea. Dan id-dritt japplika wkoll għall-oqsma ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Trattat miġburin fl-Artikoli 149 (4) u 150 (4). Għaldaqstant minn din il-perspettiva, l-Unjoni Ewropea b'mod ġenerali u l-Istati Membri b'mod speċifiku għandhom il-kompitu li jadottaw il-miżuri neċessarji biex jiggarantixxu dan id-dritt għall-mobilità, kemm għal raġunijiet professjonali, ta' taħriġ jew volontarji kif ukoll sempliċement għad-divertiment u l-mistrieħ.

2.2.2 Inizjalment, il-moviment ħieles tal-ħaddiema, bħala waħda mill-erba' libertajiet bażiċi tal-Komunità Ekonomika Ewropea flimkien mal-moviment ħieles tal-merkanzija, tal-kapital u tas-servizzi, kien il-bażi tal-mobilità tal-moviment ħieles taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri. Il-garanzija tal-moviment ħieles tal-ħaddiema wasslet għal progress kbir fil-leġislazzjoni Komunitarja, fuq kolloxx fil-qasam tas-servizzi soċjali, li kellu wkoll impatt fuq il-moviment tal-qraba ta' dawn il-ħaddiema fl-Unjoni. Iktar tard, bl-applikazzjoni tal-programmi Komunitarji fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, it-taħriġ u r-riċerka, ħarġu fid-dieher ħafna ostakoli oħra għall-mobilità transkonfinali.

2.2.3 Tul is-snin, diversi dokumenti ta' natura differenti għamlu lista tad-diversi ostakoli għall-mobilità li jeżistu u b'riżultat ta' dan ġew proposti, deskritti u kultant implimentati soluzzjonijiet li wasslu għat-tneħħija ta' l-ostakoli li kienu jxekklu l-moviment u r-residenza ta' ċittadini ta' l-Unjoni barra mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

2.2.4 Madankollu, iż-żmien wera li l-identifikazzjoni ta' l-ostakoli u l-proposti mressqa mhux dejjem għenu biex jingħelbu l-fruntieri u jinqerdu l-problemi li jimpedixxu l-moviment ħieles u l-mobilità. Rajna li d-diversi dokumenti ta' l-istituzzjonijiet Ewropej sistematikament jiġbdu l-attenzjoni lejn l-istess problemi u jergħu jipproponu miżuri ta' titjib li diġà ġew proposti, kultant mingħajr ma ġew implimentati.

2.2.5 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jaf li xi problemi marbutin mal-mobilità jistgħu jkunu ferm ikkumplikati, iżda huwa wkoll konxju mill-fatt li f'ċerti każijiet ir-rieda li dawn il-problemi jiġu solvuti ma tikkorespondix ma' l-importanza li ċ-ċittadini jagħtu lit-tneħħija ta' l-ostakoli amministrattivi u legali għall-mobilità.

2.2.6 Fl-ambitu legali, il-kapaċità li għandhom il-miżuri adottati biex isolvu l-problemi tal-mobilità tiddependi direttament mill-istrument legali li jintuża. Meta tintuża Rakkomandazzjoni jew Riżoluzzjoni tikber il-probabbiltà li l-miżuri proposti ma jiġux implimentati fl-Istati Membri. Meta wieħed iqis li l-Kummissjoni kultant ikollha tagħmel rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja biex il-kontenut ta' Direttiva jiġi traspost fil-leġislazzjoni ta' Stat Membru, faċilment jifhem li sempliċi Rakkomandazzjoni tista' tiġi injorata u li b'hekk il-miżuri tagħha jtitlifu l-effikaċja tagħhom.

2.2.7 Huwa minnu li biż-żmien l-ostakoli legali ħallew posthom għal ostakoli oħra ta' natura Prattika marbutin ma' l-għarfien tal-lingwi, id-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji għall-mobilità, l-informazzjoni u l-interess taż-żgħażaġh, eċċ., iżda fl-istess ħin aspetti prattiċi oħra li għandhom ukoll element legali, bħarriknoximent tal-kwalifiki, għadhom kwistjonijiet attwali fl-Unjoni Ewropea.

2.2.8 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, fuq talba ta' l-istituzzjonijiet Ewropej jew fuq inizjattiva proprja, kemm-il darba tkellem dwar dan is-suġġett importanti li jaffettwa b'mod dirett il-ħajja taċ-ċittadini ta' l-Unjoni. Fl-opinjoni tiegħu identifika u kkonferma l-eżistenza ta' ostakoli ta' kull tip, u appoġġja jew ippropona diversi miżuri bħala soluzzjoni. Għal din ir-raġuni, u bħala rappreżentant tas-soċjetà ċivili organizzata, il-Kumitat ser ikompli jaħdem b'mod attiv għas-soluzzjoni tal-problemi li jolqtu liċ-ċittadini ta' l-Unjoni fl-ambitu ta' l-applikazzjoni tad-dritt tal-mobilità fl-Unjoni Ewropea.

3. Ostakoli għall-mobilità fl-Unjoni Ewropea: analiżi tas-sitwazzjoni

3.1 *Il-Green Paper dwar l-Edukazzjoni, it-Taħriġ u r-Riċerka: l-ostakoli għall-mobilità transkonfinali* ⁽¹⁾ hija ġabra ta' anteedenti, ostakoli u soluzzjonijiet possibbli għall-mobilità ta' dawk li jiċċaqilqu fl-Unjoni għal raġunijiet marbutin mat-tagħlim. Il-KESE ħareġ opinjoni ⁽²⁾ dwar dan fejn issuġġerixxa xi soluzzjonijiet addizzjonali minbarra dawk tal-Green Paper. Ta' min isemmi osservazzjoni li saret f'din l-opinjoni: l-aspetti iktar materjali eżaminati fit-Trattati żviluppaw b'mod iktar effettiv mill-aspetti umani msemmija. B'riżultat ta' dan, il-merkanzija tiċċaqilaq b'in-qas xkiel mill-persuni fi ħdan il-fruntieri ta' l-Unjoni. Il-Kumitat jemmen li hemm bżonn impenn politiku iktar qawwi li jwitti t-triq għal Ewropa taċ-ċittadini iktar ġenwina.

3.2 Uħud mill-problemi deskritti ġew solvuti iżda oħrajn għadhom qegħdin jiġu eżaminati, u oħrajn għadhom preżenti daqs qabel jekk mhux iktar. Fost dawn l-ostakoli hemm dawk marbutin mad-dritt tar-residenza, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki, il-limiti ġeografiċi ta' l-isptipendji, il-fiskalità ta' kull Stat Membru, is-sistema ta' protezzjoni soċjali, eċċ. Ma' dawn il-problemi ta' natura legali wieħed jista' jżid l-ostakoli marbutin mad-diffikultajiet lingwistiċi u kulturali, in-nuqqas ta' informazzjoni dwar id-destinazzjoni, il-problemi tal-ħajja ta' kuljum fil-post il-ġdid, eċċ. Dawn huma problemi li f'ħafna każijiet għadhom jeżistu llum.

3.3 Fl-14 ta' Diċembru 2000 il-Kunsill ta' Nizza approva Riżoluzzjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobilità ⁽³⁾. Ir-Riżoluzzjoni hija tkompliġja tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-Lisbona ta' Marzu 2000, li għarfu l-urġenza li jitnehew l-ostakoli għall-mobilità li jħabbtu wiċċhom magħhom iċ-ċittadini fi ħdan l-Unjoni Ewropea bil-għan li jinħolqu spazju Ewropew ta' l-għarfien. Din ir-Riżoluzzjoni tiġbor fiha 42 miżura li għandhom l-għan li jindirizzaw l-ostakoli għall-mobilità.

⁽¹⁾ COM(96) 462 finali.

⁽²⁾ Ara l-opinjoni tad-26.2.1997 dwar *il-Green Paper dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ u r-riċerka — l-ostakoli għall-mobilità transkonfinali*, rapporteur: is-Sur Rodríguez García-Caro (ĠU C 133, 28.4.1997), punt 3.1.2; mhux disponibbli bil-Malti.

⁽³⁾ ĠU C 371, 23.12.2000.

3.3.1 L-objettivi tat-42 miżura huma li:

- tiġi adottata strateġija Ewropea favur il-mobilità;
 - jiġu mħarrġa esperti fil-mobilità;
 - jiġi żviluppata il-multilingwiżmu;
 - jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-mobilità;
 - issir mappa tal-mobilità;
 - tiġi eżaminata l-kwistjoni tal-finanzjament tal-mobilità;
 - tiġi ddemokratizzata l-mobilità sabiex issir aċċessibbli mill-perspettiva finanzjarja u soċjali;
 - jinħolqu forum ġodda ta' mobilità;
 - jittejjeb il-mod kif jintlaqgħu n-nies;
 - jiġi ssemplifikat il-kalendarju tal-mobilità;
 - il-persuni li qegħdin jiċċaqilqu jingħataw status adattat;
 - tiġi żviluppata s-sistema ta' rikonoxximent u ta' ekwivalenzi tat-titoli ta' studju;
 - tiġi rikonoxxuta l-esperjenza miksuba;
 - nitgħallmu mill-perijodi ta' mobilità.
- 3.3.2 Dawn li ġejjin huma wħud mill-miżuri li ngħataw prijorità fir-Riżoluzzjoni:
- l-iżvilupp tal-multilingwiżmu;
 - il-ħolqien ta' portal li jipprovdi aċċess għas-sorsi differenti ta' informazzjoni dwar il-mobilità;
 - l-identifikazzjoni ta' perijodi ta' mobilità, fuq kolloxx fl-ambitu ta' korsijiet li jwasslu għal titoli ta' studju;
 - it-taħriġ għall-organizzaturi tal-mobilità li jistgħu jipprovdu pariri siewja fir-rigward ta' proġetti ta' mobilità;
 - it-ffassil u l-adozzjoni ta' Karta ta' kwalità favur il-mobilità;
 - it-tnejn ta' inventarju ta' l-itinerarji tal-mobilità u tal-prattika tajba fil-qasam ta' l-iskemi ta' skambju;
 - il-koordinazzjoni tal-finanzjament tal-mobilità ggarantita mid-diversi partijiet involuti.

3.4 L-ewwel Rakkomandazzjoni adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill li kellha l-oġġettiv li tissemplifika l-azzjoni tal-Komunità favur il-mobilità kienet ir-Rakkomandazzjoni 2001/613/KE dwar il-mobilità fil-Komunità ta' l-istudenti, il-persuni li qegħdin jiġu mħarrġa, il-volontarji, l-għalliema u min iħarreġ⁽⁴⁾. Ta' min jinnota li fl-opinjoni⁽⁵⁾ li kien ħareġ dwar din ir-Rakkomandazzjoni, il-KESE kien stqarr dan li ġej: sabiex l-integrazzjoni Ewropea ssir realtà fis-sens ta' Ewropa taċ-ċittadini u sabiex tiġi promossa l-kompetittività internazzjonali, jeħtieġ li l-mobilità tkun tista' tiġi implimentata kullimkien min-għajr xkiel.

3.4.1 Ir-Rakkomandazzjoni msemmija thegħeġ lill-Istati Membri biex:

- ineħħu l-ostakoli legali u amministrattivi li jxekklu l-mobilità;
- inaqqsu l-ostakoli lingwistiċi billi jippromovu t-tagħlim ta' mill-inqas żewġ lingwi;
- jippromovu d-diversi forum ta' għajnuna finanzjarja li jiffaċilitaw it-trasferiment ta' l-istipendji;
- jippromovu l-isparju Ewropew tal-kwalifiki;
- jippromovu l-aċċess għall-informazzjoni utli.

3.4.2 Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tipproponi wkoll serje ta' miżuri speċifiċi għall-istudenti, il-persuni li qegħdin jiġu mħarrġa, iż-żgħażaġh volontarji u l-għalliema.

3.5 Fl-opinjoni fuq inizjattiva propra⁽⁶⁾ dwar il-White Paper dwar il-politika għaż-żgħażaġh, il-KESE kien stqarr dan li ġej dwar il-mobilità: bħalissa, dan id-dritt għadu purament teoretiku għall-biċċa l-kbira taż-żgħażaġh. Dan huwa marbut, b'mod partikulari, man-nuqqas ta' opportunitajiet u riżorsi, l-assenza ta' rikonossiment tal-valur tal-mobilità fiha nnifisha u tal-kompetenzi miksuba permezz tagħha, il-fatt li l-opportunitajiet ma jitqassmox b'mod ugwali, ir-reżistenza soċjali u kulturali kontra l-idea tal-mobilità u l-eżistenza ta' ostakoli legali u amministrattivi. Għaldaqstant, wieħed għandu jagħti attenzjoni partikolari lill-ostakoli amministrattivi li jeżistu fl-Istati Membri fir-rigward tas-sigurtà soċjali, il-fiskalità, id-drittijiet tar-residenza u r-rikonossiment tal-kwalifiki miksuba kemm permezz ta' l-edukazzjoni formali kif ukoll permezz ta' dik mhux formali u informali.

⁽⁴⁾ ĠUL 215, 9.8.2001.

⁽⁵⁾ Ara l-opinjoni tal-KESE tas-27.4.2000 dwar *Il-Proposta għal rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-mobilità fil-Komunità ta' l-istudenti, il-persuni li qegħdin jiġu mħarrġa, il-volontarji, l-għalliema u min iħarreġ*, rapporteur: is-Sinjura Hornung-Draus (ĠU C 168, 16.6.2000), punt 1.3; mhux disponibbli bil-Malti.

⁽⁶⁾ Ara l-opinjoni tal-KESE tad-29.11.2000 dwar il-White Paper dwar il-Politika għaż-Żgħażaġħ, rapporteur: is-Sinjura Hassett (ĠU C 116, 20.04.2001); mhux disponibbli bil-Malti.

3.6 Minkejja l-fatt li l-istituzzjonijiet Ewropej wettqu bosta sforzi biex isolvu l-problemi li kienu ġew identifikati fil-Green Paper bħal dawk li kienu jxekklu l-mobilità taż-żgħażaġh b'mod ġenerali kif ukoll ta' l-għalliema, il-provvedituri ta' taħriġ u r-riċerkaturi, u minkejja l-intenzjonijiet tajbin tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Mobilità, nistgħu naraw li uħud minn dawn il-problemi għadhom fostna.

3.7 Madankollu, nistgħu wkoll nagħtu eżempji ta' soluzzjonijiet legali għall-problemi eżistenti. Fosthom nistgħu nsemmu:

3.7.1 L-atti leġislattivi adottati:

- id-Direttiva 2004/38/KE dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri⁽⁷⁾;
- ir-Regolament 1408/71 u r-Regolament li jemendah 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali⁽⁸⁾;
- id-Deċiżjoni nru 2241/2004/KE dwar qafas Komunitarju waħdieni għat-trasparenza tal-kwalifiki u tal-kompetenzi (Europass)⁽⁹⁾;
- id-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonossiment ta' kwalifiki professjonali⁽¹⁰⁾;
- ir-Rakkomandazzjoni 2006/961/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobiltà transnazzjonali fi ħdan il-Komunità għal finijiet ta' edukazzjoni u taħriġ: Karta Ewropea ta' Kwalità favur il-Mobiltà⁽¹¹⁾;
- ir-Rakkomandazzjoni 3662/07 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja⁽¹²⁾.

3.7.2 Miżuri li qegħdin jiġu indirizzati attwalment:

- sistema Ewropea ta' krediti għall-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali;
- ir-rikonossiment tal-kompetenzi miksuba permezz ta' l-attivitajiet volontarji⁽¹³⁾;
- strateġija qafas għall-multilingwiżmu⁽¹⁴⁾.

⁽⁷⁾ ĠUL 158, 30.4.2004.

⁽⁸⁾ ĠUL 166, 30.4.2004.

⁽⁹⁾ ĠUL 390, 31.1.2004.

⁽¹⁰⁾ ĠUL 255, 30.9.2005.

⁽¹¹⁾ ĠUL 394, 30.12.2006.

⁽¹²⁾ PE-CONS 3662/07.

⁽¹³⁾ Ara l-opinjoni tal-KESE tat-13.12.2006 dwar *Ir-rwol ta' l-attività volontarja fis-soċjetà Ewropea u l-impatt tagħha fuqha*, rapporteur: is-Sinjura Koller, ko-rapporteur: is-Sinjura Zu Eulenburg, (ĠU C 325, 30.12.2006); mhux disponibbli bil-Malti.

⁽¹⁴⁾ Ara l-opinjoni tal-KESE tas-26.10.2006 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — *Qafas għdid għall-multilingwiżmu*, rapporteur: is-Sinjura Le Nouail-Marlière (ĠU C 324, 30.12.2006); mhux disponibbli bil-Malti.

3.8 Il-KESE indirizza dawn il-kwistjonijiet fl-opinjoni ta' tiegħu, fejn ta l-fehma tiegħu dwar id-diversi aspetti li għandhom impatt dirett fuq il-mobilità ta' ċittadini ta' l-Unjoni b'mod ġenerali u taż-żgħażaġh b'mod partikulari. B'mod ġenerali, ninsabu quddiem proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet immirat lejn is-soluzzjoni ta' problemi marbutin mal-mobilità taż-żgħażaġh Ewropej, li jħalli ċerti aspetti li huma importanti ħafna mingħajr definizzjoni preċiża fir-rigward ta' l-oġġettivi li tiġi promossa u ssemplifikata l-mobilità.

3.9 Fl-aħħar, m'għandniex ninsew li jeżistu strumenti speċifiċi li ċ-ċittadini jistgħu jużaw u li l-użu u t-tħaddim tagħhom jista' jiġi promoss u mtejjeb. Nistgħu nsemmu lil EURES bħala eżempju, il-portal Ewropej għall-mobilità professjonali. Il-bażi tad-data ta' dan għandha tkun iktar aċċessibbli u għandha tiġi aġġornata regolarment. Għandu jsir segwitu ta' l-informazzjoni li tipprovi, li kultant tista' tkun konċiża wisq. Fuq kollox, l-EURES għandu jkun portal u netwerk viżibbli għaċ-ċittadin.

3.10 F'dan is-sens forsi l-istituzzjonijiet Ewropej għandhom jistaqsu lilhom innifishom x'jafu iż-żgħażaġh tagħna dwar id-diversi inizjattivi eżistenti għall-promozzjoni tal-mobilità. Min jaf x'inhu l-EUROPASS, il-YOUTH PASS jew il-Karta Ewropea ta' Kwalità? L-Istati Membri qegħdin ixerrdu din l-informazzjoni b'mod adegwat? Minbarra l-programm ERASMUS, liema programmi ta' mobilità oħra jafu bihom iż-żgħażaġh tagħna? Il-promozzjoni ta' l-għarfien tad-diversi riżorsi disponibbli hija, fil-fehma tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropej, mezz ieħor kif wieħed jista' jneħħi l-ostakoli għall-mobilità.

4. Il-mobilità transkonfinali taż-żgħażaġh Ewropej: il-pożizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropej

4.1 Fil-fehma tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropej, l-ostakolu ewlieni għall-mobilità taż-żgħażaġh Ewropej jinsab fl-assenza ta' soluzzjoni għal problemi li diġà ngħibdet l-attenzjoni lejhom kemm-il darba u fin-nuqqas ta' twettiq tal-miżuri li ġew proposti iktar minn darba.

4.2 Nemmu li huwa iktar importanti li l-isforzi jiġu diretti lejn l-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri li diġà ġew proposti mill-i flaqgħat oħra ta' gruppi ta' esperti li jergħu jiġbdu l-attenzjoni lejn l-istess ostakoli li għandhom mingħajr soluzzjoni.

4.3 M'aħniex qegħdin nġhidu li m'huwiex importanti li wieħed jerġa' jsemmi d-diffikultajiet reali li iż-żgħażaġh tagħna jħabbtu wiċċhom magħhom meta jieħdu sehem f'attivitajiet ta' mobilità u skambju marbutin mal-programmi tat-tagħlim tul il-ħajja ⁽¹⁵⁾, Erasmus Mundus ⁽¹⁶⁾, Żgħażaġħ fl-Azzjoni ⁽¹⁷⁾ u Kultura ⁽¹⁸⁾. Iżda jeħtieġ li nieqfu u naħsbu sewwa dwar is-sitwazz-

joni li qegħdin fiha fir-rigward ta' dan is-suġġett tant importanti li jolqot liż-żgħażaġh Ewropej b'mod tant dirett.

4.4 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropej jemmen li huwa neċessarju li jitwaqqaf grupp ta' koordinazzjoni tad-diversi Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni b'responsabbiltajiet f'dan il-qasam, bil-għan li ssir analiżi dettaljata tas-sitwazzjoni bl-oġġettivi prinċipali li ġejjin:

- li jiġu ddeterminati l-ostakoli diġà identifikati u deskritti f'okkażjonijiet preċedenti;
- li jiġu stabbiliti l-miżuri effettivi li diġà ġew approvati fil-livell ta' l-Unjoni Ewropea biex jiġu solvuti dawn il-problemi (Regolamenti, Direttivi, Deċiżjonijiet, Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet, eċċ.);
- li jiġu identifikati l-problemi li diġà ġew osservati u li għandhom ma ġewx solvuti, iżda li qegħdin jiġu indirizzati permezz ta' atti leġislattivi;
- li jiġu identifikati l-problemi li diġà ġew osservati mingħajr ma ttieħdet l-ebda inizjattiva biex dawn jiġu solvuti;
- li jiġu identifikati l-miżuri proposti li ma ġewx ikkunsidrati jew li ma ġewx applikati mill-Istati Membri.

4.5 B'hekk, għadarba tkun saret l-analiżi globali, wieħed għandu jiddefinixxi bir-reqqa s-sitwazzjoni li fiha jinsabu iż-żgħażaġh tad-diversi gruppi identifikati, li jinsabu f'ċirkustanzi kumparabbli u li huma soġġetti għal kwistjonijiet simili, hekk kif intqal f'punt 1.5 tal-konklużjonijiet ta' dan id-dokument.

4.6 Permezz ta' din l-analiżi u fid-dawl tal-fatt li ċ-ċirkustanzi tad-diversi gruppi msemmija huma kompletament differenti, nistgħu nikkonċentraw l-attenzjoni tagħna fuq l-adozzjoni mill-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri ta' miżuri ta' natura iktar speċifika u inqas ġenerika. B'hekk, il-miżuri tagħna jkunu iktar effettivi u l-problemi tal-mobilità jkunu jistgħu jiġu solvuti b'mod iktar effiċjenti.

4.7 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropej, bħala rappreżentant tas-soċjetà ċivili organizzata u bħala korp konsultattiv b'esperjenza twila fl-analiżi u l-proposti għas-soluzzjoni ta' problemi marbutin mal-mobilità b'mod ġenerali u mat-titjib tas-sitwazzjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol b'mod partikolari ⁽¹⁹⁾, joffri l-kollaborazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni Ewropea sabiex jaħdmu flimkien għat-twettiq ta' l-oġġettivi msemmija. Il-mobilità tal-ħaddiema żgħażaġh teħtieġ miżuri speċifiċi li jissaħħu permezz ta' dispożizzjonijiet applikabbli għaċ-ċittadini kollha fl-ambitu tat-trasferibbiltà tad-drittijiet. Il-Kumitat huwa interlokutur importanti f'dan il-qasam minħabba l-esperjenza tiegħu u l-fatt li huwa tant qrib tas-soċjetà.

⁽¹⁵⁾ ĠUL 327, 24.11.2006.

⁽¹⁶⁾ ĠUL 345, 31.12.2003.

⁽¹⁷⁾ ĠUL 327, 24.11.2006.

⁽¹⁸⁾ ĠUL 372, 27.12.2006.

⁽¹⁹⁾ Ara l-opinjoni tal-KESE tat-12.03.2008 dwar Ir-rwol ta' l-imsieħba soċjali fit-titjib tas-sitwazzjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol, rapporteur: is-Sinjur Soares, ko-rapporteur: is-Sinjura Päärendson, CĒS 500/2008.

4.8 Madankollu, il-Kumitat huwa konxju mill-fatt li qegħdin jiġu adottati miżuri biex jiġu solvuti sitwazzjonijiet konkreti li sena wara l-oħra joħlqu ostakoli legali u amministrattivi għall-mobilità. Dawn l-ostakoli qegħdin dejjem jonqsu. Iżda fl-istess ħin, huwa importanti li wieħed jenfazizza l-fatt li għad hemm ostakoli kbar. L-aħjar eżempju ta' dan huwa r-rikonossiment u l-validazzjoni ta' l-għarfien u l-kapaċitajiet. Il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki jista' jkun soluzzjoni għal dan l-ostakolu, iżda d-diffikultajiet involuti fl-applikazzjoni tiegħu diġà ssemew fl-opinjoni li kien ressaq il-KESE dwar is-suġġett ⁽²⁰⁾.

4.9 Barra minn hekk, il-KESE, fl-ispirtu ta' kritika kostruttiva li hija dejjem preżenti fl-opinjoni tiegħu, ser ikompli jagħti l-appoġġ tiegħu lil kwalunkwe azzjoni li twassal għat-tneħħija ta' l-ostakoli li jxekklu d-dritt tal-mobilità u tal-moviment ħieles. Iżda kultant dawn l-ostakoli jinvolvu sitwazzjonijiet li jmorru lil hinn mill-ambitu legali u amministrattiv. Eżempju ta' dan huma s-sitwazzjonijiet bħan-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji taż-żgħażaġh li jixtiequ jieħdu sehem f'azzjonijiet ta' mobilità li jwaqqaf għadd ta' żgħażaġh milli jibbenifikaw mill-programmi msemmija; id-diffikultajiet ta' tagħlim tal-lingwi li jirrappreżentaw ostakolu

enormi biex wieħed ikollu aċċess għal pajjiżi oħra; l-inċertezza fir-rigward ta' x'ser isibu fil-pajjiż il-ġdid, li wieħed jista' ma jkun jaf assolutament xejn dwaru. B'mod ġenerali, dawn m'humiex sitwazzjonijiet li jeħtieġu ftehimiet legali importanti, iżda jeħtieġu sforzi kbar mingħandna biex jiġu solvuti. Fil-fatt, f'dokumenti bħall-Pjan ta' Azzjoni għall-Mobilità diġà ġew inklużi ċerti proposti għal miżuri bħall-iżvilupp tal-multilingwiżmu, is-sħubijiet finanzjarji, id-demokratizzazzjoni tal-mobilità billi ssir finanzjarjament aċċessibbli; it-titjib tal-mod kif jintlaqgħu ż-żgħażaġh; l-għotja ta' status; eċċ.

4.10 Il-KESE jixtieq itenni u jikkomunika l-messaġġ li ġej: m'hemmx bżonn li nkomplu nidentifikaw l-ostakoli u s-soluzzjonijiet, iżda jeħtieġ li jiġu implimentati l-miżuri xierqa fi żmien relattivament qasir sabiex dak kollu li diġà ntqal u li diġà ġie deskritt bir-reqqa dwar il-mobilità jingħata leġittimità. Il-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati kollha fl-inizjattiva favur il-mobilità effettiva taż-żgħażaġh u implimentazzjoni iktar proattiva tad-diversi politiki Ewropej f'dan il-qasam jistgħu jkunu l-elementi fundamentali ta' bidla sinifikattiva tas-sitwazzjoni attwali.

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

⁽²⁰⁾ Ara l-opinjoni tal-KESE tat-30.5.2007 dwar il- Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' Qafas Ewropew għall-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja, rapporteur: is-Sur Rodríguez García-Caro, (ĠU C 175, 27.7.2007).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (2010)

COM(2007) 797 finali — 2007/0278 (COD)

(2008/C 224/24)

Nhar it-30 ta' Jannar 2008, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, dwar

Il-Proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali (2010)

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-7 ta' Mejju 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Krzysztof Pater u l-ko-rapporteur kienet is-Sinjura Erika Koller.

Matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu tat-28 u d-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'116 voti favur, vot kontra u 5 astensjonijiet.

1. Sintesi tal-pożizzjoni tal-KESE

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li twaqqaf is-sena 2010 bħala s-Sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali. Il-Kumitat jemen li din ser isservi ta' inizjattiva ferm pożittiva favur it-tkattir tal-kuxjenza pubblika dwar il-problemi persistenti tal-faqar u l-esklużjoni fl-Ewropa u favur it-tfittxija ta' mezzi effiċjenti ta' kif jistgħu jiġu indirizzati dawn il-problemi.

1.2 Il-KESE jilqa' l-approċċ multidimensjonali lejn il-faqar u l-esklużjoni soċjali għaliex jemmen li dawn il-problemi ma jstgħux jitqiesu biss bħala riżultat ta' l-inugwaljanzi relattivi bejn il-pagi. Jeħtieġ li l-messaġġ ta' kemm huma intollerabbli l-faqar u l-esklużjoni soċjali jixxerred madwar kontinent sinjur bħall-Ewropa b'mod aktar effettiv. Jeħtieġ ukoll li jintrebaħ l-appoġġ kollu tal-poplu sabiex insibu soluzzjoni għal dawn il-problemi. Sabiex dan ikun jista' jseħħ, jeħtieġ li l-avvenimenti tas-Sena Ewropea 2010, barra milli jinbnew fuq l-iskala ta' l-hekk imsejjaħ faqar relattiv, jiffasslu wkoll fuq skala li tirrifletti sewwa sew il-livell ta' faqar li wieħed qed jgħix fih, is-serjetà tal-problema u d-differenzi li jeżistu fl-UE.

1.3 It-temi tas-Sena Ewropea 2010 għandhom ikunu ċari, magħżula bir-reqqa u jibnu waħda fuq l-oħra. L-ewwelnett, sabiex jirnexxielna nnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali permezz ta' azzjoni professjonali u soċjali, neħtieġu sistemi u programmi ta' appoġġ soċjali aqwa. Għalhekk il-politika soċjali taqdi rwol produttiv immens. It-tieninett, huwa fl-interess ta' kull ċittadin li nnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali u għalhekk kulħadd għandu jagħti kontribut għall-ksib ta' dan l-għan. Madanakollu, ma nistgħux ninnegaw il-fatt li l-ġlieda kontra l-faqar u l-marġinalizzazzjoni hija l-ewwel u qabel kollox komputu politiku li jaqa' taħt il-ħidma ta' l-istituzzjonijiet statali, ta' l-atturi soċjali u ta' korpi involuti fl-implimentazzjoni sussegwenti.

1.4 Is-Sena Ewropea 2010 għandha sservi ta' opportunità sabiex inkatru aktar kuxjenza tal-bżonn li nimmodernizzaw u nsaħħu l-mudell soċjali Ewropew u tar-riżultati li dil-ħidma tista' ggħib magħha fost il-pubbliku. L-inklużjoni attiva hija kruċjali għall-ħidma favur iż-żamma u t-tisħiħ tal-koeżjoni u s-solidarjetà soċjali f'Ewropa maħkuma minn kriżi finanzjarja u alimentari, mill-ġlobalizzazzjoni u mit-tibdil demografiku. Madanakollu, jeħtieġ li bosta Ewropej jibdu l-istil ta' ħajja li qed jgħixu fih. Il-biża' mix-xogħol prekarju qed tiżdied. L-avvenimenti tas-Sena għandhom ikunu mezz ta' kif nikbsu l-appoġġ tal-pubbliku għal riformi bħal dawn.

1.5 Jeħtieġ li s-Sena Ewropea 2010 tipprovd i pjattaforma għad-dibattitu pubbliku dwar il-mod ta' kif nistgħu nħarsu u ntejbu l-koeżjoni soċjali f'soċjetà Ewropea fejn id-differenzi bejn il-pagi dejjem jiżdiedu. Sabiex inkunu nistgħu nindirizzaw dawn ir-realtajiet neħtieġu azzjoni innovattiva u integrata fil-qasam tal-politika pubblika.

— Il-KESE jgħbed attenzjoni lejn il-fatt li kampanja effettiva kontra l-faqar u l-esklużjoni tirrikjedi l-parteċipazzjoni ta' diversi oqsma politiċi. Id-distribuzzjoni ġusta tal-ġid għandha tingħata aktar importanza politika minn qabel anki fil-livell Ewropew.

— L-għanijiet tas-sena li ġew stabbiliti fil-proposta għal deċiżjoni għandhom jirriflettu aħjar l-importanza li għandha politika attiva għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, għall-ksib ta' l-oġġettivi ta' l-istrateġija tat-tkabbir u l-impjeg ta' l-UE ⁽¹⁾.

Sabiex l-azzjoni tkun waħda effettiva hemm bżonn il-parteċipazzjoni kontinwa ta' l-imsieħba soċjali, ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-involvement attiv taċ-ċittadini fit-tisħiħ tal-komunitajiet lokali.

⁽¹⁾ Irreferi per eżempju għall-Opinjoni tal-KESE, 18.1.2007 intitolata "Ħarsa lejn is-soċjetà Ewropea tal-lum", Punt 2.2. (mhix disponibbli bil-Malti) Rapporteur: is-Sur Olsson ĠU C 93 27.4.2007) u l-Opinjoni tal-KESE, 13.7.2005 dwar "il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Aġenda Soċjali", Punt 6.1. Rapporteur: is-Sinjura Engelen-Kefer (ĠU C 294 tal-25.11.2005).

1.6 Il-KESE jemmen li l-ġestjoni ta' l-inizjattiva tfasslet bir-reqqa. Ta' min isemmi l-fatt li l-proposta tikkunsidra l-karatteristiċi speċifiċi ta' kull pajjiż filwaqt li tassumi kooperazzjoni mill-qrib ma' l-imsieħba soċjali u ma' istituzzjonijiet tas-soċjetà ċivili oħra u l-parteċipazzjoni diretta ta' dawk milquta mill-faqar u l-esklużjoni soċjali.

1.7 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-ammont ta' fondi allokat għall-implimentazzjoni ta' l-għanijiet tas-Sena huwa l-akbar ammont li qatt ingħata għal inizjattiva bħal din. Madanakollu, fid-dawl tal-lista vasta ta' miżuri assoċjati ma' din is-Sena huwa jitlob li dan l-ammont jiżdied.

2. Sintesi tal-proposti tal-Kummissjoni

2.1 Il-proposta biex l-2010 tiġi nominata bħala s-Sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali hija maħsuba biex terġa' tafferma u tqawwi l-impenn stabbilit fl-istrategġija ta' Lisbona, li jitħalla "impatt deċiżiv fuq l-eradikazzjoni tal-faqar", li reġa' ġie kkonfermat fl-Aġenda Soċjali Ewropea l-ġdida 2005 — 2010 (?).

2.2 Il-miżuri tas-Sena ser jinbnew fuq erba' għanijiet speċifiċi: (1) **l-għarfien** tad-dritt tan-nies li jgħixu fil-faqar u l-esklużjoni soċjali li jgħixu b'dinjità u li jipparteċipaw fis-soċjetà, (2) **proprjetà** jiġiferi li kulħadd jerfa' r-responsabbiltà tal-ġlieda sabiex innaqqsu l-faqar u l-marġinalizzazzjoni, (3) **koeżjoni**, li l-pubbliku jagħraf li soċjetà koeżiva hija ta' benefiċċju għal kulħadd u (4) **impenn**, it-tennija ta' l-impenn politiku sħiħ ta' l-UE li tittratta l-faqar u l-esklużjoni soċjali bħala prijorità ewlenija tagħha.

2.3 Dawn il-miżuri ser jittieħdu kemm fil-livell ta' l-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali u ser jinvolvu laqgħat, konferenzi, informazzjoni, kampanji informattivi, studji u rapporti. Jeħtieġ li jinvolvu l-partijiet interessati kollha u li jipprovdu spazju lil dawk li huma milquta mill-faqar u l-esklużjoni soċjali sabiex jesprimu l-bżonnijiet u l-fehmiet tagħhom.

2.4 Għall-proġetti relatati ma' din is-sena, għet allokata s-somma ta' EUR 17-il miljun mill-baġit ta' l-UE. Meta jiżdiedu l-fondi antiċipati mill-korpi pubbliċi u privati fl-Istati Membri, din is-somma għandha tiżdied għal EUR 26.175 miljun.

(?) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Aġenda Soċjali, COM(2005) 33 finali, 9.2.2005, punt 2.2, p. 9 (mhix disponibbli bil-Malti)

3. Osservazzjonijiet ġenerali dwar l-għan ta' l-inizjattiva proposta

3.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni u jemmen li jekk tiġi implimentata sew tista' verament twassal sabiex tqajjem il-kuxjenza pubblika u tħeġġeġ dibattitu pubbliku dwar mezz ta' kif wieħed jista' jittratta l-faqar u l-esklużjoni soċjali b'mod serju u effettiv.

3.2 Il-KESE jemmen li t-tema tas-Sena hija tema importanti u ferm attwali. Dit-tema ser jirnexxiela tirbaħ l-attenzjoni tal-pubbliku filwaqt li żżommu ffukat fuqha. Il-KESE jappoġġja kemm l-għanijiet ġenerali u dettaljati, kif ukoll it-temi speċifiċi tas-Sena u l-metodi proposti għall-implimentazzjoni tagħhom. Permezz ta' l-osservazzjonijiet tiegħu il-Kumitat jittama li jkun jistgħu jittejbu l-profil pubbliku u l-effikaċja politika tas-Sena.

3.3 Il-ħarsien u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja ta' l-Ewropej kollha jiddependu mill-impenn li nittrattaw il-faqar u l-marġinalizzazzjoni soċjali b'mod effettiv f'Ewropa pjuttost sinjura. L-avvenimenti tas-Sena għandhom isaħħu dan l-impenn fost l-Ewropej kollha, minn kull livell soċjali u ekonomiku.

3.4 Għalhekk huwa importanti li l-avvenimenti tas-sena jinbew fuq l-għarfien u l-esperjenza akkumulati sa mit-tnedija ta' l-istrategġija Ewropea għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fil-Kunsill Ewropew ta' Nizza fis-sena 2000. Jeħtieġ li l-avvenimenti organizzati matul din is-sena jirrelataw ma' l-avvenimenti organizzati minn bnadi oħra bħal per eżempju mill-Kunsill ta' l-Ewropa fil-kuntest tar-rapport tal-High-Level Task Force dwar il-koeżjoni soċjali fis-seklu 21 (?) jew min-Nazzjonijiet Uniti fil-kuntest tal-Jum Internazzjonali għall-Eliminazzjoni tal-Faqar li jaħbat kull sena fis-17 ta' Ottubru.

3.5 Il-KESE jfakkar li uħud mill-kwistjonijiet u t-temi ta' l-opinjoni preċedenti (*) tal-Kumitat għandhom jagħmlu parti mill-avvenimenti tas-Sena:

— l-appoġġ ta' politika soċjali modernizzata bħala mezz produttiv sabiex inħeġġu l-attività professjonali tan-nies kapaċi u l-attività soċjali ta' kulħadd;

(?) Irreferi għal "Towards an Active, Fair and Socially Cohesive Europe" (Lejn koeżjoni attiva, ugħwali u soċjali fl-Ewropa), Rapport tal-High-Level Task Force dwar il-Koeżjoni Soċjali fis-Seklu 21, il-Kunsill ta' l-Ewropa, Strasburg, 26 ta' Ottubru 2007, TFSC (2007) 31 E, (mhux disponibbli bil-Malti).

(*) Opinjoni tal-KESE, 13.7.2005, "Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Aġenda Soċjali", rapporteur: Is-Sinjura Engelen-Kefer (ĠU C 294, 25.11.2005) (mhix disponibbli bil-Malti); Opinjoni tal-KESE, 29.9.2005, dwar "In-Nisa u l-Faqar fl-Unjoni Ewropea", rapporteur: is-Sinjura King; (ĠU C 24, 31.01.2006); (mhix disponibbli bil-Malti); Opinjoni tal-KESE, 6.7.2006, dwar "Il-Koeżjoni Soċjali: noħolqu mudell soċjali Ewropew", rapporteur: Is-Sur Ehnmark (ĠU C 309, 16.12.2006), (mhix disponibbli bil-Malti); Opinjoni tal-KESE, 13.12.2006, dwar "L-attività volontarja: ir-rwol u l-impatt tagħha fis-soċjetà Ewropea", rapporteur: Is-Sinjura Koller u ko-rapporteur: Is-Sinjura Gräfin zu Eulenburg (ĠU C 325, 30.12.2006) (mhix disponibbli bil-Malti); Opinjoni tal-KESE, 18.1.2007, intitolata "Ħarsa lejn is-soċjetà Ewropea tal-lum", (mhix disponibbli bil-Malti); Opinjoni tal-KESE, 25.10.2007, dwar "Il-kreditu u l-esklużjoni soċjali f'soċjetà għanja" rapporteur: Is-Sur Olsson (ĠU C 93, 27.04.2007); Opinjoni tal-KESE, 13.12.2007, dwar "Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Promozzjoni tas-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet" rapporteur: Is-Sur Jahier (ĠU C 120, 16.05.2008).

- Mudell Soċjali Ewropew aktar modern, li jkun kapaċi jindirizza l-isfidi ġodda fl-oqsma ta' l-impjieg, l-inklużjoni soċjali, il-ġlieda kontra l-faqar u l-effetti soċjali tal-globalizzazzjoni sabiex l-Ewropa tibqa' żona ta' sigurtà soċjali demokratika, ekoloġika, kompetittiva, solidari u inklużiva għaċ-ċittadini kollha. ⁽⁵⁾
- il-bżonn ta' politiki effettivi għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' dawk il-gruppi li jbatu mid-diskriminazzjoni jew li huma żvantaġġati, b'mod partikolari dawk li jgħixu fil-faqar minkejja li jaħdmu u dawk li għandhom xogħol prekarju. ⁽⁶⁾
- il-bżonn ta' dibattitu pubbliku miftuħ u appoġġ għal riforma moderna fil-qasam ta' l-impjieg u l-parteċipazzjoni soċjali; il-KESE saħaq li sabiex il-mudell soċjali Ewropew ikun jista' jagħti kontribut importanti fit-tfassil tas-soċjetà Ewropea tal-ġejjieni, jeħtieġ li jkun mudell dinamiku, miftuħ għall-isfidi, għall-bidla u għar-riforma. Il-KESE saħaq ukoll li l-mudell jibqa' rilevanti sa kemm jibqa' jkollu l-apprezzament u l-appoġġ taċ-ċittadini ta' l-Ewropa; ⁽⁷⁾
- enfasi qawwija fuq l-azzjoni lokali, l-imsieħba soċjali, il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, it-tħeġġiġ u l-apprezzament ta' l-azzjoni ċivika b'mod speċjali għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali;
- il-bżonn ta' approċċi komprensivi li jmorru lil hinn mill-politiki tradizzjonali soċjali u ta' l-impjieg u jimirħu lejn il-politiki ekonomiċi, edukattivi, reġjonali, kulturali u infrastrutturali, b'mod partikolari għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali;
- l-għarfien li l-irġiel u n-nisa jesperjenzaw il-faqar b'mod differenti minn xulxin u l-bżonn li l-politiki soċjali jitfasslu fuq dan il-ħsieb;
- il-ħtieġa ta' Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni aktar effettiv fil-livell Ewropew u fil-qasam tal-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali;
- il-bżonn li l-azzjoni kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali sseħħ f'kuntest internazzjonali b'mod speċjali permezz tal-promozzjoni tad-drittijiet bażiċi tax-xogħol u l-istandards deċenti tax-xogħol madwar id-dinja kollha.

⁽⁵⁾ Ara l-Opinjoni KESE, 6.7.2006, dwar "Il-koeżjoni soċjali: noholqu mudell soċjali Ewropew", punt 2.1.2.5, Rapporteur is-Sur Ehnmark, (ĠU Ċ 309, 16.12.2006) (mhix disponibbli bil-Malti).

⁽⁶⁾ Irreferi għall-Opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-KESE dwar "L-impjieg tal-kategoriji ta' prijorità (L-Istrateġija ta' Lisbona)", 12.7.2007, Rapporteur: is-Sur Greif, (ĠU C 256, 27.10.2007).

⁽⁷⁾ Irreferi għall-Opinjoni tal-KESE dwar "Il-Koeżjoni Soċjali: noħolqu mudell soċjali Ewropew", Punti 1.8 u 1.9, rapporteur: is-Sur Ehnmark (ĠU C 309, 16.12.2006), (mhix disponibbli bil-Malti);

Fil-paġni li jmiss il-KESE ser jiżviluppa wħud minn dawn il-punti li għandhom rilevanza partikolari għas-Sena.

3.6 Matul din is-sena jeħtieġ li niġbdu l-attenzjoni lejn il-miżuri potenzjali:

- l-impatt tal-ġlieda kontra x-xogħol li mhux iddikjarat,
- il-miżuri attivi favur id-dħul mill-ġdid fis-suq tax-xogħol,
- l-investment f'dawk l-attivitatiet industrijali u s-servizzi li joħlqu l-impjieg u l-evalwazzjoni ta' l-impatt negattiv u ta' ħsara possibbli, b'mod partikolari:
- ta' l-impatt futur fuq it-tkabbir ekonomiku matul u wara s-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali;
- tas-sitwazzjoni fil-qasam ta' l-enerġija u ta' l-ikel f'dawk il-komunitajiet li huma l-aktar vulnerabbli jew f'dawk il-pajjiżi li jgħixu fil-faqar jew f'faqar estrem.

4. Inwasslu l-messaġġ b'mod aktar effettiv

4.1 Id-deċiżjoni li fiha twaqqfet is-Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-faqar u l-Esklużjoni Soċjali, tiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li 78 miljun ruħ fl-Ewropa, jiġifieri 16 % tal-popolazzjoni, jgħixu fir-riskju tal-faqar. Il-KESE jemmen li sabiex inwasslu l-messaġġ politiku tas-Sena bl-aħjar mod jeħtieġ li barra milli nużaw l-indikatur tal-faqar relattiv skond il-pagi, permezz tal-miżuri adattati, niġbdu attenzjoni wkoll lejn il-forom differenti tal-faqar u nuru kemm huwa persistenti u kemm bosta Ewropej għadhom jgħixu m'caħħda minn diversi bżonnijiet sal-lum. Konsegwentement, l-avvenimenti tas-sena għandhom jiġbdu attenzjoni uguali lejn grupp komprensiv ta' indikaturi tal-faqar relattiv u assolut sabiex fost il-pubbliku titqajjem kuxjenza ta' kull sitwazzjoni u sens ta' intolleranza lejn kull forma minnhom.

4.2 Barraminhekk, il-KESE jemmen li l-indikaturi wżati s'issa "jiddeskrivu" l-problema tal-faqar u l-esklużjoni soċjali. Fid-dawl ta' l-isfidi tal-koeżjoni soċjali fl-UE u r-riforma moderna tal-mudell soċjali Ewropew, huwa importanti li dawn l-indikaturi jirriflettu politika pubblika bbilanċjata li tiġbor fiha tqassim aħjar tal-pagi, il-politiki tal-flessigurtà fis-suq tax-xogħol iffirnanzjati u mmexxija sew u l-inklużjoni attiva. Il-KESE ressaq mudell dinamiku tal-politiki soċjali u tax-xogħol bħal dan fl-opinjoni rispettiva tiegħu ⁽⁸⁾.

⁽⁸⁾ Ara l-Opinjoni KESE, 6.7.2006, dwar "Il-koeżjoni soċjali: noholqu mudell soċjali Ewropew", punt 2.4. Rapporteur is-Sur Ehnmark, (GU Ċ 309, 16.12.2006).

4.3 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni għarfet li n-natura multidimensjonali tal-faqar u l-esklużjoni soċjali tirrikjedi miżuri adegwati. Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-Aġenda Soċjali Ewropea 2005 — 2010, li permezz tagħha l-Kummissjoni ħadmet sabiex tikkonvinċi lill-Istati Membri sabiex isaħħu, jintegraw, u jissemplifikaw il-miżuri tal-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, hija abbinat l-indikatur tal-faqar relattiv ma' dak tal-faqar persistenti⁽⁹⁾. Meta aktar tard il-Kummissjoni pproponiet li sseħħ koordinazzjoni kbira fl-oqsma tal-protezzjoni soċjali, il-kura tas-saħħa u l-kura fuq perijodu fit-tul, hija ġibdet l-attenzjoni lejn il-bżonn li nisħqu fuq l-indikaturi li jkejlu l-privazzjoni⁽¹⁰⁾.

4.4 F'dan il-kuntest, il-KESE jemmen li sabiex inwasslu l-messaġġ politiku tas-Sena Ewropea 2010 bl-aħjar mod jeħtieġ li permezz tal-miżuri adattati niġbdu attenzjoni lejn il-forom differenti tal-faqar u nuru kemm huwa persistenti u kemm bosta Ewropej għadhom jgħixu mċaħħda minn diversi bżonnijiet sal-lum. B'hekk jiżied l-għarfien u l-appoġġ tal-pubbliku għall-politiki tas-suq tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali fil-livelli nazzjonali u ta' l-UE, li jindirizzaw lill-poplu u l-komunitajiet mhedda jew milquta minn faqar kbir u assolut⁽¹¹⁾.

5. It-temi prinċipali, l-għanijiet u l-attivitajiet tas-Sena

5.1 Il-faqar huwa fenomenu multidimensjonali. Ir-riskji tiegħu ivarjaw b'manjera xejn ugwali fis-soċjetà. Meta dawn ir-riskji, b'mod speċjali meta grupp ta' riskji differenti jolqtu lil gruppi soċjali partikolari jistgħu jifughom f'sitwazzjoni ferm vulnerabbli.

⁽⁹⁾ Ir-rata ta' faqar persistenti tindika n-numru ta' nies milquta mill-faqar relattiv matul dawn l-aħħar sentejn minn tliet snin. (tifsira tal-EUROSTAT)

⁽¹⁰⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Naħdmu flimkien, naħdmu aħjar: Qafas ġdid għall-koordinazzjoni miftuħa ta' ħarsien soċjali u strateġiji ta' inklużjoni fl-Unjoni Ewropea", COM(2005) 706 finali, 22.12.2005, punt 3.5, p. 9.

⁽¹¹⁾ Il-KESE, fl-opinjoni jiet tiegħu, kemm il-darba rrefera għal tifsiriet aktar speċifiċi tal-faqar bħal per eżempju ġibed l-attenzjoni lejn dawk li "jbatu minn nuqqasijiet" u dawk li "huma żvantaġġati ħafna" (Opinjoni tal-KESE, 13.12.2007, Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — "Il-Promozzjoni tas-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet", punt 2.5, rapporteur: is-Sur Jahier ĠU C 120 tas-16.05.2008), lejn il-faqar persistenti (Opinjoni tal-KESE, 29.9.2005 dwar "In-Nisa u l-Faqar fl-Unjoni Ewropea", punt 1.7 rapporteur: is-Sinjura King ĠU C 24, 31.01.2006); jew għall-faqar "f'termini kwalitattivi" li jfisser "nuqqas jew inadegwatezza ta' riżorsi materjali sabiex individwu jkun jista' jlaħħaq mal-bżonnijiet essenzjali tiegħu" (Opinjoni tal-KESE, 25.10.2007 dwar "Il-kreditu u l-esklużjoni soċjali f'soċjetà għanja", punt 3.1.3, rapporteur: is-Sur Pegado Liz, ĠU C 44, 16.02.2008). Il-KESE kien issuġġerixxa wkoll li l-Kummissjoni tirrevedi t-tifsira "tal-faqar għaliex it-tifsira preżenti tagħha tiġbed l-attenzjoni biss lejn il-kawżi ġenerali tal-faqar u tissottovaluta l-livell ta' faqar fost in-nisa u l-impatt tal-faqar" (Opinjoni tal-KESE, 29.9.2005, "In-Nisa u l-Faqar fl-Unjoni Ewropea", punt 2.1 rapporteur: is-Sinjura King, ĠU C 24, 31.01.2006). Naturalment, il-punt dwar in-nuqqas ta' miżuri li jkejlu l-faqar relattiv ma japplikaw biss għall-faqar fost in-nisa iżda għall-faqar b'mod ġenerali.

5.2 Il-faqar huwa normalment marbut mal-qgħad, b'mod partikolari l-qgħad fuq perijodu fit-tul. Fil-fatt ir-Rapport Konġunt dwar il-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali jgħid li l-impjeg huwa l-aħjar tarka għal kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali⁽¹²⁾. Madanakollu, ir-rapport jgħid ukoll li din ma tistax tkun l-uniku tarka. Il-fatt li jeżistu foqra li għandhom xogħol huwa sinjal ċar ta' dan.

5.3 Il-faqar jista' jkollu x'jaqşam man-nuqqas ta' ħiliet, jew man-nuqqas ta' dawk il-ħiliet meħtieġa għall-impjeg disponibbli kif ukoll livell ta' ħiliet li ma jippermettix xogħol ta' kwalita b'paga adegwata. Il-gruppi l-aktar soġġetti għal dan ir-riskju huma ż-żgħażaġh, b'mod partikolari dawk li jtilqu mill-iskola kmieni u l-ħaddiema mdaħħla fl-età.

5.4 Individwu jista' jisfa fqir minħabba sistema ta' għajjnuna għad-dħul strutturata ħażin li xejn ma tħeġġu jsib impjeg fis-suq uffiċjali tax-xogħol u li fl-aħħar mill-aħħar tikkundannah għall-faqar meta jsir anzjan.

5.5 Diversi strutturi familjali partikolari ukoll jinsabu fir-riskju tal-faqar: familji b'paga waħda, b'mod partikolari meta mmexxija minn ġenitur wieħed, il-familji li tfal għandhom tlieta jew aktar. It-tifrik ta' familja jew it-telf ta' post tax-xogħol li forsi jwasslu biex wieħed jiltef daru huma kollha sitwazzjonijiet perikolużi.

5.6 Bl-istess mod il-persuni li għandhom problemi tas-saħħa (per eżempju problemi tax-xjuħija), limitazzjonijiet konoxxittivi, persuni b'diżabilità, b'mod partikolari jekk il-livell ta' ħiliet tagħhom huwa baxx, dawk li jabbużaw mid-droga, huma kollha gruppi li jinsabu fir-riskju kbir.

5.7 Il-persuni li jgħixu f'żoni periferali jew żvantaġġati wkoll jinsabu fir-riskju.

5.8 Kategorija partikolari ta' nies li jinsabu fir-riskju tal-faqar hija l-kategorija tal-migranti u l-minoritajiet etniċi, li barra milli ħafna drabi jbatu min-nuqqas ta' ħiliet soċjali u lingwistiċi u jsofru wkoll problemi ta' aġġustament kulturali, ikollhom iħabbtu wiċċhom mad-diskriminazzjoni.

5.9 Dawn l-eżempji jirriflettu l-kobor ta' l-isfida u l-kumplessità tar-rimedji ta' politika pubblika effettiva. Sabiex il-faqar u l-esklużjoni soċjali jitnaqqsu b'mod sinifikanti jeħtieġ li l-isforzi ta' l-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli kollha jikkomplementaw l-isforzi ta' l-imsieħba soċjali, ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u

⁽¹²⁾ Rapport Konġunt dwar il-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali 2007, il-Kummissjoni Ewropea, (Il-Komunitajiet Ewropej: 2007) p.45

ta' l-individwi. L-eżempji jirreflettu wkoll paradoss: sabiex daww kolla li kapaċi jaħdmu jiġu integrati fis-soċjetà primarjament permezz tax-xogħol u jibdwu jikkontribwixxu fit-tkabbir ekonomiku Ewropew u jtaffu l-problema tat-tnaqqis fil-popolazzjoni, jeħtieġ aktar u mhux anqas sistemi u programmi mtejba ta' appoġġ. Dawn għandhom ikunu ż-żewġ temi ewlenin tas-Sena.

5.10 Il-KESE jemmen li l-għanijiet ġenerali u speċifiċi tas-Sena kif ukoll it-temi ta' l-attivitajiet ifittxu li jiksbu bilanċ ġdid bejn il-bżonn li wieħed ikun ekonomikament attiv u l-bżonn tas-sigurtà. Il-bżonn ta' aġġustament bħal dan ġej mill-globalizzazzjoni, mit-tibdil demografiku, mill-progress teknoloġiku u mill-evoluzzjoni tas-suq tax-xogħol Ewropew, li kollha jitolbu bidla sinifikanti fl-istil tal-ħajja ta' ħafna Ewropej. Barra minn hekk jeħtieġ li s-suq tax-xogħol u l-politiki soċjali jiġu mmodernizzati u mtejba sabiex jitħaffu t-tranżizzjonijiet neċessarji u tinħoloq sistema ta' sigurtà sostenibbli mmexxija u ffinanzjata sew. Filwaqt li hemm uħud li jisfruttaw l-opportunitajiet li jofruhom is-swieqi l-ġodda tax-xogħol u l-programmi relatati, oħrajn iqisuhom theddida għall-istatus soċjali jew professjonali tagħhom. Il-KESE jemmen li l-avvenimenti tas-Sena għandhom jindirizzaw problemi ġenwini bħal dawn ⁽¹³⁾.

5.11 L-enfasi partikolari fuq il-bżonn li daww li jinsabu fir-riskju tal-qgħad jew l-esklużjoni soċjali u li huma kapaċi jaħdmu jiġu integrati fis-suq tax-xogħol, tippermetti lis-soċjetà li tuża' t-talenti tagħhom. Fl-istess waqt huma jkunu qed jissodisfaw il-bżonn li javvanzaw professjonalment u soċjalment ⁽¹⁴⁾. Barra mill-enfasi fuq paga tajba qed tiżdied l-enfasi wkoll fuq aċċess aħjar għas-servizzi soċjali kollha b'mod partikolari daww li jgħinu lill-individwu jtejjeb, jaġġorna jew ibiddel il-kwalifiki tiegħu, jew li jgħinuh iżomm f'saħħtu. Madanakollu, sabiex iċ-ċittadini jirnexxielhom jibbenefikaw minn opportunitajiet bħal dawn qed jiġu mitluba aktar minn qatt qabel li jaħdmu aktar, li juru aktar inizjattiva, li jagħmlu aktar sforz intellettuali u li jkoopejaw aktar ma' diversi oqsma tas-servizzi ta' appoġġ. Hemm bżonn kbir li nikkomunikaw l-għan tal-politiki li jirrikjedu sforz bħal dan sabiex nirbħu l-appoġġ tal-pubbliku għalihom ⁽¹⁵⁾. L-avvenimenti tas-Sena għandhom jgħinu sabiex dan l-għan ikun jista' jinkiseb. L-għanijiet tas-sena għandhom jirriflettu aħjar l-importanza li għandha politika attiva sabiex jiġu miġġielda

⁽¹³⁾ Ara l-Opinjoni KESE, 6.7.2006, dwar "Il-koeżjoni soċjali: noholqu mudell soċjali Ewropew", b'mod partikolari punti 1.6–1.8, 2.3.1–2.3.5. Rapporteur: is-Sur Ehnmark, (ĠU C 309, 16.12.2006). Ara wkoll l-opinjoni tal-KESE, 18.1.2007, intitolata *Harsa lejn is-soċjetà Ewropea tal-lum* (SOC/254), Artikolu 2.4 Rapporteur: is-Sur Olsson, (ĠU C 93, 27.04.2007).

⁽¹⁴⁾ *The social situation in the European Union 2005–2006: The Balance between Generations in an Ageing Europe*, (Is-sitwazzjoni soċjali ta' l-Unjoni Ewropea 2005–2006: Il-bilanċ bejn il-ġenerazzjonijiet f'Ewropa li qiegħda tixjeh), il-Kommissjoni Ewropea, (il-Komunitajiet Ewropej: 2007), p.17 (mhux disponibbli bil-Malti). Mill-istħarriġ li sar dwar is-sodisfazzjoni fil-ħajja taċ-ċittadini ta' l-UE ħareġ il-fatt li l-importanza li għandu x-xogħol għas-sodisfazzjoni hija ferm ikbar mill-importanza li għandha l-paga.

⁽¹⁵⁾ Waħda mir-rakkommandazzjonijiet li għamel il-KESE fl-opinjoni tiegħu, 6.7.2006, dwar "Il-koeżjoni soċjali: noħolqu mudell soċjali Ewropew", punt 2.6, kienet li nressqu kwistjonijiet bħal dawn quddiem il-pubbliku Ewropew. Rapporteur: is-Sur Ehnmark, (ĠU C 309, 16.12.2006).

l-faqar u l-esklużjoni soċjali u b'hekk jinkisbu l-għanijiet ta' l-istrateġija ta' l-UE għat-tkabbir u l-impjieg ⁽¹⁶⁾. Jeħtieġ li l-avvenimenti tas-sena jwasslu l-messaġġ u jikkonvinċu aħjar lill-pubbliku li l-immodernizzar u t-titjib tal-politika soċjali jtejjbu t-tħaddim tas-suq tax-xogħol u jgħinu sabiex jinħoloq aktar impjieg. Bl-istess mod jeħtieġ li jitwassal il-messaġġ li miżuri ta' l-għajnuna għad-dħul tajba, jgħinu lil daww li huma mhedda mill-qgħad jew mill-marġinalizzazzjoni soċjali billi jnaqqsu d-diversi pressjonijiet li jesperjenzaw dawn in-nies u li jbegħduhom mis-suq uffiċjali tax-xogħol. Dawn il-miżuri jagħtu sehem fit-tnaqqis ta' l-ekonomija informali.

5.12 Fl-abbozz tad-deċizzjoni saru diversi stqarrijiet li jitolbu f'it aktar kjarifika.

5.13 Il-KESE jiġbed attenzjoni lejn il-fatt li li nirreferu "[għat-tfal, ġenituri waħedhom, l-anzjani, il-migranti u l-minoritajiet etniċi, il-persuni diżabbli, in-nies bla dar, il-ħabsin, in-nisa u t-tfal li huma vittmi ta' vjolenza, u min jabbuża severament mis-sustanzi]" ⁽¹⁷⁾ bħala l-gruppi li l-aktar jinsabu fir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali mingħajr ma nkomplu nikkwalifikawhom, jista' jkollu konsegwenzi oħra minn daww li qed nistennew li sa jkollu. Dawn il-gruppi jiġbru fihom nies li jinsabu fir-riskju tal-faqar u oħrajn li m'humiex. Kif semmejna diġà, ħafna drabi jkun in-nuqqas ta' ħiliet adegwati u/jew il-proporzjoni għoli ta' membri fil-familja għal daww li fil-fatt jaqilgħu paga fil-familja, li jpoġġu lil dawn il-kategoriji ta' nies fir-riskju tal-faqar.

6. Il-koeżjoni soċjali u d-differenzi persistenti dejjem jiż-żiedu bejn il-pagi

6.1 Is-Sena Ewropea 2010 tista' sservi ta' opportunità għal dibattitu pubbliku dwar l-isfidi tas-solidarjetà soċjali u tal-koeżjoni soċjali li qiegħda tiffaċċja jew ser tiffaċċja l-Ewropa hija u tiżviluppa f'soċjetà u ekonomija bbażata fuq l-għarfien ikkaratterizzata wkoll mill-bidla demografika ⁽¹⁸⁾. Riflessjoni bħal din hija ferm neċessarja f'kontinent li m'għandux mezzi deċisivi ta' kif se jnaqqas il-faqar u l-esklużjoni soċjali.

⁽¹⁶⁾ Ara l-opinjoni tal-KESE, 18.1.2007, intitolata "Ħarsa lejn is-soċjetà Ewropea tal-lum" punt 2.2. Rapporteur: is-Sur Olsson, (ĠU C 93, 27.04.2007); Opinjoni tal-KESE 13.7.2005 dwar "Komunikazzjoni mill-Kommissjoni dwar l-Aġenda Soċjali", punt 6.1 (mhux disponibbli bil-Malti); Rapporteur: is-Sinjura Engelen-Kefer, (ĠU C 294, 25.11.2005).

⁽¹⁷⁾ Proposta għal deċizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea għall-għieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali (2010), [COM(2007) 797 finali, 2007/0278 (COD)], 12.12.2007, il-preambolu, paragrafu (11), p. 9.

⁽¹⁸⁾ F'punt 2.4.5 ta' l-opinjoni tiegħu "Il-koeżjoni soċjali: noħolqu mudell soċjali Ewropew", 6.7.2006, il-KESE wera t-tħassib tiegħu dwar l-effetti soċjali tar-revoluzzjoni ta' l-għarfien u ssuġġerixxa li dawn jiġu indirizzati permezz ta' djaloga soċjali. Rapporteur: is-Sur Ehnmark, (ĠU C 309, 16.12.2006).

6.2 Sadattant ħafna żgħażagħ qed joħorġu mill-iskejjel min-għajr il-ħiliet lingwistiċi u matematiċi bażiċi li tirrikjedi karriera tajba fl-ekonomija l-ġdida. Neħtieġu rimedju kontra l-marġinalizzazzjoni soċjali ta' dawn iż-żgħażagħ. Madanakollu, neħtieġu wkoll rimedji li jissodisfaw id-domanda li hawn għal ħaddiema ta' kwalità. Is-suq tax-xogħol Ewropew qiegħed jiżviluppa f'suq maqsum bejn dawk li għandhom kwalifiki għoljin u li jaqilgħu ħafna u dawk li f'it għandhom kwalifiki u f'it jaqilgħu, fenomen li jirriżulta fid-differenzi bejn il-pagi. Fost l-Ewropej għandha tiġi żviluppata u tintlaq' l-viżjoni ta' soċjetà kkaratterizzata minn ħidma favur il-ġustizzja u l-koeżjoni soċjali u l-istess waqt UE kompetittiva fl-ekonomija globali.

6.3 Il-koeżjoni soċjali ma tistax tiddependi biss mill-miżuri vertikali (top-down) li jadottaw il-gvernijiet. Hija tiddependi wkoll mill-inizjattivi taċ-ċittadini. Il-Kunsill Ewropew ta' Nizza fl-2000 għaraf li bil-parteċipazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili nistgħu nimmobilizzaw l-isforzi tagħna favur il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali. Bl-istess mod il-KESE jemmen li matul l-attivitajiet tas-Sena kollha għandna nagħrfu u nħeġġu l-parteċipazzjoni individwali taċ-ċittadini kollha u r-rwol importanti li għandha għall-bini ta' soċjetà inklużiva. F'dan il-kuntest ikun importanti li nwasslu l-messaġġ li l-parteċipazzjoni ċivika hija fl-interess ta' kulħadd, tkun xi tkun il-qagħda ekonomika jew soċjali tiegħu jew tagħha.

6.4 Il-KESE jixtieq jiġbed l-attenzjoni lejn l-opinjoni tiegħu dwar il-volontarjat li fost affarijiet oħra tgħid li l-gvernijiet u l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa joħlqu politiki nazzjonali dwar il-volontarjat u strateġiji li jassiguraw li l-volontarjat qiegħed jiġi mħeġġeġ u rikonoxxut. L-opinjoni tgħid ukoll li dawn il-politiki nazzjonali għandhom iservu wkoll ta' infrastruttura li tiffaċilita l-volontarjat⁽¹⁹⁾. Hija timplika li dawk li jixtiequ jagħtu ħinhom u ħilithom fil-komunitajiet fejn jgħixu m'għandux ikollhom iħabbtu wiċhom ma' ostakoli legali jew burokratiċi li jżommuhom lura milli dan ikun jistgħu jagħmluh⁽²⁰⁾. Filwaqt li l-KESE jemmen li l-volontarjat huwa attività li titlob Sena Ewropea ddedikata għaliha, huwa jemmen ukoll li l-avvenimenti tas-Sena 2010 għandhom jenfasizzaw ċerti aspetti rilevanti tal-parteċipazzjoni ċivika.

6.5 Il-KESE jemmen li l-avvenimenti tas-Sena m'għandhomx jagħtu l-impressjoni li fil-qafas tal-politiki tal-flessigurtà u ta' l-

⁽¹⁹⁾ Opinjoni tal-KESE, 13.12.2006, dwar "Il-volontarjat: ir-rwol u l-impatt li għandu fis-soċjetà Ewropea", (mhix disponibbli bil-Malti); punt 1.2. Rapporteur: is-Sinjura Koller, ko-rapporteur, is-Sinjura Gräfin zu Eulenburg (ĠU C 325, 30.12.2006).

⁽²⁰⁾ Opinjoni tal-KESE, 13.12.2007 dwar Komunikazzjoni mil-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar "il-Promozzjoni tas-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet" tisħaq fuq il-benefiċċji tal-parteċipazzjoni ċivika anki ta' l-anzjani u tħeġġeġ aktar riċerka fuq it-tema tax-xjuħija attiva, punt 4.5, rapporteur: is-Sur Jahier (ĠU C 120 tas-16.05.2008).

inklużjoni attiva li qed jiġu promossi bħalissa, l-obbligu li jsiru sforzi kontra l-qgħad u l-faqar jikkonċerna biss lil dawk li jħaddmu, lill-gvernijiet u dawk li jibbenefikaw mill-programmi tas-suq tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali. Il-messaġġ li għandna nwasslu huwa li din hija r-responsabbiltà ta' kull ċittadin.

6.6 Possibbiltà oħra li għandna neżaminaw hija li fid-dawl tad-differenzi ekonomiċi persistenti u dejjem jiżdiedu li qed ngħixu fihom, nistgħu niffaċilitaw il-koeżjoni soċjali billi niżviluppaw spazji pubbliċi ta' kwalità għolja (spazji urbani, skejjel, universitajiet, libreriġi, ġonna u faċilitajiet rekreattivi) fejn individwi ġejjin minn kull oqsma tal-ħajja u minn livelli soċjali u ekonomiċi differenti jistgħu jiltaqgħu u jqattgħu ħin flimkien.

6.7 Ħafna mill-isfidi u d-dilemmi l-ġodda li qeġhdin niffaċċjaw fil-oqsma tal-politika soċjali u pubblika jistgħu jiġu indirizzati fis-sezzjoni ta' l-għanijiet ġenerali ta' l-abbozz ta' deċiżjoni. Madanakollu, jeħtieġ li nesprimuhom b'mod aktar ċar bil-għan li matul is-Sena nistimulaw dibattitu pubbliku. Dak li ssuġġerejna hawn għall-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali jista' jservi sabiex jikkomplementa d-dibattitu tas-sena 2010 dwar it-temi ta' inklużjoni soċjali attiva u politiki tas-suq tax-xogħol effettivi.

7. Politika soċjali fis-sens ġenerali tagħha

7.1 Il-KESE jemmen li t-tema proposta għas-Sena u b'mod speċjali l-avvenimenti li ser tinkorpora ser jiġbdu attenzjoni lejn u jqajmu kuxjenza dwar il-fatt li l-ksib ta' l-għan ta' l-istrateġija ta' Lisbona, li ssir ħidma deċiżiva favur l-eliminazzjoni tal-faqar u l-esklużjoni soċjali sa l-2010, ser jirrikjedi miżuri multidimensjonali⁽²¹⁾.

7.2 Il-miżuri edukattivi li ser jittieħdu matul l-avvenimenti tas-Sena għandhom fost affarijiet oħra iqajmu l-kuxjenza tal-pubbliku fl-Istati Membri individwali dwar il-fatturi li jiddeterminaw id-daqs futur tal-pensjonijiet u jħeġġu lill-poplu jieħu l-passi neċessarji li jistgħu jassigurawlu ħajja deċenti meta jirtira.

7.3 Il-KESE jemmen li fil-qafas ta' l-attivitajiet tas-Sena, il-kwistjoni ta' kif il-Bank Ċentrali Ewropew jista' juża l-poteri tiegħu skond it-Trattat sabiex jagħti l-kontribut tiegħu fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali jeħtieġ li tingħata attenzjoni.

⁽²¹⁾ Minkejja li l-istrateġija ta' Lisbona tispiċċa fl-2010 hija xorta tibqa' punt permanenti ta' referenza għal dokumenti ta' programmi u miżuri konkreti fil-livelli ta' l-UE u nazzjonali. Minkejja li għadha ma tieħdet l-ebda deċiżjoni, l-istrateġija ta' Lisbona mistennija li tibqa' valida f'xi forma jew oħra wara l-2010 b'mod partikolari għaliex l-għanijiet fil-qasam ta' l-impjieg u l-qasam soċjali ta' l-istrateġija mhux ser jirnexxielna niksubhom kollha sa l-2010.

7.4 Il-KESE jemmen li jeħtieġ li nuru li nistgħu nnaqqsu l-marġinalizzazzjoni soċjali permezz ta' politiki li jmorru lil hinn mill-qafas tradizzjonali tas-suq tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali. Fost politiki bħal dawn insibu per eżempju politiki ta' ppjanar spazjali għall-prevenzjoni tal-faqar, politiki tat-trasport sabiex innaqqsu l-ostakli ġeografiċi għall-mobbiltà soċjali u politiki ekonomiċi għall-iżvilupp taż-żoni periferali u bażi ta' servizzi ta' interess ġeneral u politika ta' distribuzzjoni sabiex intaffu d-differenzi dejjem jiżdedu bejn il-foqra u s-sinjuri.

7.5 B'rabta ma' dan, il-KESE jixtieq jiġbed attenzjoni lejn iċ-ċirkustanzi nazzjonali differenti li jeżistu bejn Stat Membru u ieħor li kibru wara t-tkabbir ta' l-UE. Studju tal-Eurostat tenna li "l-ifqar" ċittadini ta' l-Istati Membri "s-sinjuri" jsofru anqas privazzjoni "mill-aktar ċittadini sinjuri" ta' l-Istati Membri "l-foqra" ⁽²²⁾. Dan juri kemm hemm bżonn ta' azzjoni effettiva favur il-koeżjoni soċjo-ekonomika u t-tnaqqis bejn d-differenzi attwali li jeżistu fl-UE sabiex innaqqsu l-privazzjoni u l-esklużjoni soċjali. Dan ser iwassal għal aktar żvilupp fil-qasam tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni tal-politika soċjali fl-UE ⁽²³⁾, żvilupp li jeħtieġlu kondiserazzjoni u attenzjoni partikolari fl-avvenimenti tas-Sena.

8. Kummenti dwar l-implimentazzjoni ta' l-inizjattiva proposta

8.1 Il-KESE jemmen li l-ġestjoni ta' l-inizjattiva tfasslet birreqqa u turi biċ-ċar li l-prijoritajiet u l-kwistjonijiet sensitivi nazzjonali (bħall-kwistjoni delikata tas-suq tax-xogħol u ta' l-integrazzjoni soċjali ta' l-immigranti u tal-minoritajiet etniċi) ġew ikkunsidrati kif imiss. Il-fatt li l-inizjattiva tistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib ma' l-imsieħba soċjali u ma' l-istituzzjonijiet tas-soċjetà ċivili huwa importanti wkoll.

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

8.2 L-importanza li ngħatat lill-parteċipazzjoni ta' l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għall-ksib ta' l-għanijiet tas-sena hija prova ta' kemm huma indispensabbli għall-ksib ta' l-aġenda soċjali ta' l-istrateġija ta' Lisbona, fatt li kkonfermah il-Kunsill Ewropew ta' Nizza fl-2000, fl-Istrateġija Ewropea għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali. Illum il-ġurnata u aktar minn qatt qabel, jeħtieġ li l-azzjoni taċ-ċittadini tikkomplementa, tikkoreġi u ssaħħaħ l-azzjoni governattiva. Huwa importanti wkoll li aħna u nħejju u nimplimentaw il-politika soċjali, nagħtu vuċi lil dawk li qegħdin infittxu li nirrappreżentaw. L-istedina lil dawn l-organizzazzjonijiet sabiex jikkoopearaw b'mod attiv fl-implimentazzjoni ta' l-għanijiet tas-Sena Ewropa 2010 hija stedina tassew xierqa.

8.3 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-ammont ta' fondi allokat għall-implimentazzjoni ta' l-għanijiet tas-Sena huwa l-akbar ammont li qatt ingħata għal inizjattiva bħal din. Madanakollu, il-KESE, wara li kkunsidra l-miżuri dettaljati li jinsabu fl-Anness tal-proposta għal deċiżjoni, qiegħed jitlob li l-ammont ta' fondi allokat għall-miżuri assoċjati mas-sena jiżded sabiex nassiguraw li jkunu effettivi.

8.4 Il-KESE jilqa' wkoll il-fatt li fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet tas-Sena, ser jitqiesu wkoll il-modi differenti ta' kif in-nisa u l-irġiel jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali.

8.5 Il-KESE jemmen li l-prijoritajiet tas-Sena Ewropea, li jinsabu miġbura fl-Anness, għandhom jiġbru fihom ukoll il-faqar fost dawk li għandhom xogħol prekarju. Is-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità għandha tiġi kkunsidrata separatament. Il-kwistjonijiet tagħhom m'għandhomx jitħalltu ma' dawk ta' gruppi vulnerabbli oħra.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

⁽²²⁾ Anne-Catherine Guio, *Material deprivation in the EU* (Il-privazzjoni materjali fl-UE), *Statistics in Focus: Population and Social Conditions, Living Conditions and Welfare*, 21/2005, Eurostat, p. 9 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽²³⁾ Opinjoni tal-KESE, 18.1.2007, intitolata *Ħarsa lejn is-soċjetà Ewropea tal-lum*, punti 2.7, 5.3 (mhux disponibbli bil-Malti); Rapporteur: is-Sur Olsson, (ĠU C 93, 27.04.2007).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar proposta ta' deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi l-programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni għall-perjodu 2007-2013

COM(2008) 56 finali — 2008/0023 (COD)

(2008/C 224/25)

Nhar is-6 ta' Marzu 2008, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Proposta ta' deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi l-programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni għall-perjodu 2007-2013

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-7 ta' Mejju 2008 Ir-rapporteur kien **is-Sur Czajkowski**.

Matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet it-28 u d-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju 2008), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'78 voti favur, u astensjonijiet waħda.

1. Opinjonijiet tal-KESE

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tbiddel il-proċeduri għal għotjiet (grants) lill-proġetti u għat-tmexxija tal-Programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni, li għandu jippermetti li l-fondi jitqassmu aktar malajr lill-applikanti ta' dan il-programm.

1.2 Il-Kumitat jappoġġja din il-bidla mill-proċedura preċedenti, peress li d-dewmien fit-teħid tad-deċiżjonijiet, il-proċess twil ta' valutazzjoni tal-proġett, il-verifika tad-data mill-kumitat tal-programm u l-Aġenziji Nazzjonali jwasslu, fl-aħjar każijiet għal dewmien u — fl-aħjar każijiet — għal problemi finanzjarji kbar jew anke l-falliment ta' xi organizzazzjonijiet li applikaw, kif ukoll nuqqas ta' użu tal-fondi.

2. Introduzzjoni

2.1 Il-programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni, ippjanat għall-perjodu 2007-2013 u adottat bid-Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huwa programm ta' tagħlim mhux formali ta' l-UE. Primarjament, huwa mmirat lejn dawk in-nies li għalihom l-edukazzjoni mhux formali hija l-unika opportunità ta' żvilupp individwali u personali biex jiksbu għarfien u ħilet li huma bżonjużi fid-dinja moderna.

2.2 L-oġġettivi prinċipali tal-programm huma li jingħelbu l-ostakli, il-preġudizzji u l-isterjotipi li jeżistu fost iż-żgħażaġh, biex il-mobbiltà tagħhom tkun appoġġjata u tiġi promossa ċ-ċittadinanza attiva, fis-sens ta' proċess dinamiku ta' tagħlim. Il-programm jipprovdi fondi għal proġetti li jappoġġjaw l-iżvilupp personali taż-żgħażaġh. Jaġixxi ta' stimolu għaż-żgħażaġh biex jipparteċipaw fil-komunitajiet lokali tagħhom u jikkontribwixxi lejn il-promozzjoni tat-tolleranza. Jinkoraġġixxi tipi ta' azzjonijiet differenti li jippromovu l-idea ta' Ewropa magħquda.

2.3 Il-Kummissjoni Ewropea għandha r-responsabbiltà aħharja għat-tħaddim tal-programm **Żgħażaġħ fl-Azzjoni**. Il-Kummissjoni tissorvelja l-ġestjoni ta' kuljum tal-baġit u tiddeċiedi

dwar il-prioritajiet, l-oġġettivi u l-kriterji tal-programm. Barra minn hekk, tmexxi u tosserva l-implimentazzjoni globali tal-programm, kif ukoll l-attivitajiet ta' segwitu u l-valutazzjonijiet tal-programmi fil-livell ta' l-UE.

2.4 Il-ħidma tal-Kummissjoni tinkludi wkoll il-monitoraġġ komprensiv u l-koordinazzjoni ta' l-attività ta' l-Aġenziji Nazzjonali — l-uffiċċji stabbiliti mill-awtoritajiet responsabbli għall-politika taż-żgħażaġh f'kull pajjiż li qed jipparteċipa fil-programm. Il-Kummissjoni Ewropea taħdem mill-viċin ma' l-Aġenziji Nazzjonali u tissorvelja l-attivitajiet tagħhom.

2.5 L-Istati Membri ta' l-UE, kif ukoll il-pajjiżi l-oħra li jipparteċipaw, huma involuti fit-tmexxija tal-programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni, b'mod partikolari permezz tal-kumitat tal-programm, li fuqu huma jaħtru rappreżentant. L-awtoritajiet f'dawn il-pajjiżi wkoll jaħtru l-Aġenziji Nazzjonali u jissorveljaw l-attivitajiet tagħhom. Din il-ħidma ssir flimkien mal-Kummissjoni Ewropea.

2.6 Il-programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni jiġi implimentat prinċipalment fuq bażi deċentralizzata, dan tagħmilha possibbli li l-kooperazzjoni tkun kemm jista' jkun mill-qrib mal-benefiċċjarji u li tiġi kkunsidrata n-natura speċifika tas-sistemi varji u l-kundizzjonijiet tal-ħajja taż-żgħażaġh fil-pajjiżi differenti. F'kull pajjiż parteċipanti twaqqfet Aġenzija Nazzjonali. L-Aġenziji Nazzjonali huma responsabbli għall-promozzjoni u l-implimentazzjoni tal-Programm fil-livell nazzjonali u jaġixxu ta' ħolqa bejn il-Kummissjoni Ewropea, il-promoturi tal-proġett fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali u ż-żgħażaġh infushom.

2.7 Il-promoturi tal-proġetti li jixtiequ jirċievu xi għotja (grant) huma meħtieġa li jsegu l-proċedura għat-talba għall-proposti stabbilita u ppubblikata mill-Aġenziji Nazzjonali. Skond il-proċedura, il-Kummissjoni wara tagħmel deċiżjonijiet ta' selezzjoni dwar il-proposti għall-għotjiet. Bħala miżuri biex jimplimentaw il-programm, dawn iridu jsegu l-proċedura inter-istituzzjonali speċifika.

2.8 Il-Kunsill, fl-atti li jadotta, jagħti lill-Kummissjoni s-setgħat ta' implimentazzjoni tar-regoli li l-Kunsill jistabbilixxi u jista' jimponi ċerti rekwiżiti fir-rigward ta' l-eżerċizzju ta' dawn is-setgħat; Dawn ir-rekwiżiti huma indikati taħt l-isem ta' "komitoloġija". Dan ifisser li hemm l-obbligu li kumitat jiġi kkonsultat dwar il-miżuri ta' implimentazzjoni li huma determinati mill-att bażiku. Qabel ma jispiċċa l-proċess ta' konsultazzjoni, formalment, il-Kummissjoni diġà jkollha għad-dispożizzjoni tagħha r-riżorsi li twarrbu għall-proġetti. Il-Kumitat, li jivvaluta l-proġetti huwa magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u huwa ppresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

2.9 Hemm tipi differenti ta' proċeduri tal-kumitat; l-istrument bażiku li jistabbilixxi s-setgħat tal-Kummissjoni jista' jipprevedi l-applikazzjoni ta' dawn il-proċeduri differenti fl-eżekuzzjoni tal-miżuri ta' implimentazzjoni.

3. Konklużjonijiet — fid-dawl tas-sitwazzjoni l-ġdida

3.1 Il-Kumitat jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tbidel kemm il-proċeduri biex jitqassmu l-għotjiet kif ukoll il-proċeduri tat-tmexxija. Id-dritt tal-Parlament li josserva l-implimentazzjoni ta' l-istrumenti legiſlattivi adottati bil-proċedura tal-kodeċizzjoni, jippermettilu li jikkuntesta kwalunkwe miżura li tiegħu l-Kummissjoni, b'hekk ir-responsabbiltà għall-proġetti hija abbinata ma' mekkaniżmu ta' salvagwardja taħt il-proċedura tal-kodeċizzjoni.

3.2 Il-Parlament Ewropew għandu limitu ta' żmien ta' xahar biex jeżamina abbozz ta' miżura qabel ma tittieħed id-deċizzjoni formali tal-Kummissjoni, b'konformità mal-proċeduri previsti għal deċizzjoni fil-Kunsill.

3.3 Fil-preżent, it-tmexxija tal-proċedura użata għall-programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni għall-2007-2013 tapplika għad-deċizzjonijiet kollha, inkluż l-għotjiet ta' valur għoli, proġetti li huma politikament sensitivi u għotjiet li jaqbżu l-miljun euro, kif ukoll proġetti iżgħar.

3.4 Il-Kummissjoni tipproponi li d-deċizzjonijiet marbuta ma' proġetti iżgħar taħt il-miljun euro m'għandhomx jiġu soġġetti għall-proċedura tal-komitoloġija. F'dan il-każ, il-Kummissjoni ħadet l-impenn li tinforma kemm il-kumitat tal-programm kif ukoll lill-Parlament Ewropew immedjatament bid-deċizzjonijiet kollha ta' selezzjoni li ma ġewx sottomessi għall-proċedura ta' ġestjoni. Il-KESE jappoġġja kompletament din id-dikjarazzjoni indirizzata lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew.

3.5 Il-Kumitat jappoġġja din il-bidla fil-proċedura fil-każ ta' proġetti iżgħar, peress li d-dewmien fit-teħid tad-deċizzjonijiet, il-proċess twil ta' valutazzjoni tal-proġett, il-verifika tad-data mill-kumitat tal-programm u l-Aġenzji Nazzjonali jwasslu, fl-aħjar każijiet għal dewmien u — fl-aħjar każijiet — għal problemi finanzjarji kbar jew anke l-falliment ta' xi organizzazzjonijiet li applikaw, kif ukoll nuqqas ta' użu tal-fondi.

3.6 Il-Kumitat, wara li kkonsulta l-istatistika pprovduta mill-Aġenzji Nazzjonali individwali, nnota li l-parti l-kbira ta' l-applikanti huma organizzazzjonijiet iżgħar, assoċjazzjonijiet u fundazzjonijiet li għalihom il-proċedura sħiħa u l-proċess ta' stennija għar-riżultati jiswew tant u jeħdulhom tant ħin li jtellfulhom l-interess fil-programm meta jqisu l-impikazzjonijiet fit-tul. L-ispejjeż amministrattivi ta' manutenzjoni tal-programm jista' jkollhom effett negattiv fuq il-baġit tal-programm fil-futur.

3.7 Il-KESE jilqa' l-argumenti tal-Kummissjoni li joffru analiżi preċiża tal-proċedura ta' konsultazzjoni. Ġeneralment, il-proġetti jseħħu f'it żmien wara li titressaq l-applikazzjoni; għalhekk proċess ta' konsultazzjoni li jieħu ta' l-anqas xahrejn jew tlieta jista' jtellf it-tweġiq ta' ħafna proġetti, u dan ikollu impatt negattiv fuq l-effikaċja tal-programm bħala tali.

3.8 Il-KESE jilqa' wkoll il-fatt li l-kumitat tal-programm aċċetta li jemenda r-regolament tiegħu biex jitnaqqas id-dewmien fil-konsultazzjonijiet li jikkonċernaw id-deċizzjonijiet ta' selezzjoni li huma sottomessi għall-proċedura konsultattiva. Bħalissa l-kumitat qed juża l-proċedura miktuba u għandu ħamest ijiem biex jikkummenta dwar id-deċizzjonijiet tas-selezzjoni li huma sottomessi għall-opinjoni tiegħu. Il-Parlament Ewropew aċċetta arranġament temporanju li jnaqqas il-ħin meħtieġ għad-dritt ta' skrutinju matul il-perjodu tas-sajf preċedenti billi naqqas id-dewmien minn xahar għal ħamest ijiem. Dan l-iżvilupp ippermetta lill-Kummissjoni li tħaffef ix-xogħol fuq l-adozzjoni tal-proġetti għat-tweġiq, iżda din qed tiġi kkunsidrata bħala soluzzjoni temporanja.

3.9 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-proċedura konsultattiva preżenti għandha titneħħa u tinbidel, abbażi ta' dikjarazzjoni mill-Kummissjoni, li permezz tagħha l-Kummissjoni tagħti informazzjoni immedjata lill-kumitat tal-programm u l-Parlament Ewropew dwar id-deċizzjonijiet ta' selezzjoni li se tadotta.

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-proposta ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja

COM(2008) 61 finali — 2008/0025 (COD)

(2008/C 224/26)

Nhar is-6 ta' Marzu 2008, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Il-proposta ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-7 ta' Mejju 2008. Ir-rapporteur kienet is-Sinjura Le Nouail Marlère.

Matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-28 u d-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni bi 80 vot favur, vot kontra u l-ebda astensjoni.

1. Konklużjonijiet

1.1 Il-Kumitat jappoġġja din l-inizjattiva, japprova l-proposta u jirrakkomanda li l-Kummissjoni timpenja ruħha biex tinforma minnufih lill-Kumitat tal-Programm u lill-Parlament Ewropew bid-deċiżjonijiet li tiegħu skond l-Artikolu 9.1(a) emendat tad-Deċiżjoni 1720/2006/KE.

2. Semplifikazzjoni tal-proċeduri dwar l-allokazzjoni ta' sussidji fil-qafas ta' diversi programmi multi-annwali

2.1 Din il-proposta tagħmel parti minn sensiela ta' erba' proposti li għandhom l-għan li r-regoli dwar l-allokazzjoni ta' sussidji f'ammonti żgħar stabbiliti fl-erba' programmi multi-annwali (2007-2013) li ġejjin isiru iktar flessibbli:

- il-Programm “Żgħażaġħ fl-azzjoni”
- il-programm “Kultura”
- il-programm “Europe for citizens” (“L-Ewropa għaċ-Ċittadini”).
- u l-programm attwali “Programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja”.

2.2 Skond ir-regoli dwar il-proċedura ta' kumitat stabbiliti fl-Artikolu 202 tat-TKE, il-Kunsill għandu jagħti lill-Kummissjoni, li tkun megħjuna minn Kumitat tal-Programm — magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri biss u ppresedut mill-Kummissjoni — ċerti poteri għall-implimentazzjoni ta' atti li jipreskrivi l-Kunsill permezz tal-proċedura ta' ko-deċiżjoni mal-Parlament Ewropew; il-Parlament Ewropew jiġi kkonsultat dwar l-implimentazzjoni ta' dawn l-atti legiſlattivi adottati permezz tal-proċedura ta' ko-deċiżjoni. Il-Kummissjoni tinnota li meta l-erba' programmi kienu qed jiġu negozjati, il-legiſlatur kellu l-intenzjoni li jissottometti għall-proċedura ta' kumitat (“proċedura ta' *ġestjoni* b'votazzjoni permezz ta' maġġoranza kwalifikata”) id-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni ta' sussidji sostanzjali (aktar minn EUR 1 000 000 għall-proġetti u n-netwerks multi-laterali) jew proġetti sensitivi mil-lat politiku (kooperazzjoni u innovazzjoni politika) biss.

2.3 Il-Kummissjoni impenjat ruħha biex *tinforma* lill-Kumitat tal-Programm u lill-Parlament Ewropew mill-aktar fis dwar kull deċiżjoni ta' għażla li ma kenitx sottomessa għall-proċedura ta' *ġestjoni*. Il-Kummissjoni ppubblikat dikjarazzjoni dwar dan il-ftehim interistituzzjonali, indirizzata lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

2.4 L-intenzjoni tal-legiſlatur mhix riflessa tajjeb fid-Deċiżjoni 1720/2006/KE: id-deċiżjonijiet kollha dwar l-għażla u l-allokazzjoni tas-sussidji f'ammonti żgħar kienu sottomessi għall-proċedura ta' *konsultazzjoni* prevista fl-arranġamenti marbuta mal-proċedura ta' kumitat.

2.5 Il-konsultazzjoni tal-Kumitat tal-Programm u tal-Parlament Ewropew tikkonsisti f'li jitressqu d-deċiżjonijiet dwar l-għażla quddiem il-Kumitat tal-Programm għall-analiżi, li titqies l-opinjoni tiegħu u li jiġi infurmat il-Parlament Ewropew dwar din l-opinjoni, li min-naħa tiegħu għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bl-approvazzjoni tiegħu. Din il-proċedura li tinvolvi konsultazzjoni u skambju ta' tweġibiet bil-miktub twassal għal dewmien sostanzjali fl-allokazzjoni tas-sussidji, u tista' tipperikola bosta proġetti u ddgħajef l-effikaċja tal-programmi annwali b'mod konsidervoli.

2.6 S'issa, il-Kummissjoni, il-Kumitat tal-Programm u l-Parlament Ewropew laħqu ftehim *ad hoc* bl-għan li jitnaqqas iż-żmien li tiegħu l-Kummissjoni biex tanalizza d-deċiżjonijiet dwar l-għażla fir-rigward ta' l-allokazzjoni tas-sussidji.

2.7 Madankollu l-Kummissjoni hija tal-fehma li dawn is-soluzzjonijiet temporanji ma jistgħux jibqgħu jintużaw u tipponi li jiġu mmodifikati r-regoli adottati meta nħolqu dawn il-programmi. Dan ifisser li jitneħħa l-obbligu li d-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni ta' sussidji f'ammonti żgħar ikunu sottomessi għall-proċedura ta' konsultazzjoni, u li l-Kummissjoni tkun awtorizzata tadotta d-deċiżjoni dwar l-allokazzjoni tas-sussidji mingħajr l-għajnuna ta' Kumitat, u li minflok din l-għajnuna tintuża sempliċement proċedura ta' informazzjoni.

3. Kummenti ġenerali

3.1 Dawn il-proposti għandhom jgħinu biex l-erba' programmi multi-annwali b'rabta ma' l-edukazzjoni, iż-żgħażaġh u l-kultura jitħaddmu aħjar.

3.2 Fl-opinjoni preċedenti tiegħu, il-Kumitat ħeġġeġ lill-Kummissjoni tissemplifika l-aċċess għall-programmi u s-sussidji għall-korpi kollha li jressqu l-proġetti; ħeġġiġha wkoll taħdem aktar mill-qrib ma' l-Istati Membri biex tinkuraġġihom jikkonsultaw l-organizzazzjonijiet rilevanti meta jkunu qed jitħejjew il-linji ta' gwida annwali, u tnaqqas iż-żmien iddedikat għall-allokazzjoni tas-sussidji u ma xsekkilx l-implimentazzjoni tal-proġetti, li ġie li tant jieħdu żmien li l-istudji ta' fattibilità jkunu qdiemu wisq u ma jkollhomx aktar użu minħabba li jkunu saru ħafna qabel ma ġew implimentati l-proġetti.

4. Kummenti speċifiċi

Fid-dawl tal-punti (9), (11), (15) u (17) fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni ta' din id-deċiżjoni, il-KESE jirrakkomanda li, għat-tras-

parenza, il-gvernanza tajba u l-informazzjoni pubblika, il-Kummissjoni għandha ttenni l-impenn iddikjarat tagħha li tinforma minnufih lill-Kumitat tal-Programm u lill-Parlament Ewropew dwar kwalunkwe deċiżjoni li tista' tieħu skond l-Artikolu 9.1(a) emendat tad-Deċiżjoni 1720/2006/KE.

Il-Kumitat jirrakkomanda li l-Artikolu l-ġdid 9.1(a) jiġi emendat kif ġej; "(...) hi għandha tadotta dawn id-deċiżjonijiet mingħajr l-assistenza tal-kumitat u tinforma lill-Kumitat tal-Programm u l-Parlament Ewropew dwarhom minnufih."

Jieħu nota tal-fatt li l-Kummissjoni m'hijiex qed tipproponi din iż-żieda għax temmen li dan ikun ifisser li l-proposta tiġi modifikata b'tali mod li ma tibqax strettament konformi mad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura ta' kumitat skond l-Artikolu 202 tat-TKE, u li l-Memorandum ta' Spjegazzjoni f'din id-deċiżjoni huwa vinkolanti biżżejjed.

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-vantaġġi u l-benefiċċji ta' l-euro: Żmien ta' rendikont

(2008/C 224/27)

Nhar is-27 ta' Settembru 2007, b'konformità ma' l-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda li jħejji opinjoni proprja dwar

Il-vantaġġi u l-benefiċċji ta' l-euro: Żmien ta' rendikont.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-30 ta' April 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Burani.

Matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-28 u d-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'130 voti favur, xejn kontra u 3 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Għaxar snin mill-introduzzjoni tal-munita unika, il-KESE ddeċieda li janalizza l-benefiċċji li ġab miegħu l-euro għall-individwi u l-intrapriżi: mhux daqstant il-benefiċċji ekonomiċi u monetarji — dan huwa l-kompitu ta' l-ekonomisti, il-politiċi u l-kummentaturi fil-mezzi tax-xandir — iżda iktar **mil-lat ta' l-utenti**. Fi kliem ieħor, għaxar snin ta' esperjenza wrew li l-euro ta prova tal-valur tiegħu u li l-introduzzjoni ta' din il-munita prestiġjuża u stabbli qawwiet is-saħħa politika ta' l-Ewropa fil-livell internazzjonali, iżda **l-utenti kif iqisuha l-munita unika?**

1.2 Din l-opinjoni tibda minn ħarsa ġenerali tal-benefiċċji li għabt magħha l-introduzzjoni ta' l-euro: taħlita ta' dawl u delli-

jiet li għandhom l-għeruq fil-qagħda ekonomika internazzjonali. Hija tiffoka fuq ir-riżultati ta' l-istħarriġ perjodik ta' l-Ewrobarometru li janalizza jekk u sa liema livell iċ-ċittadini Ewropej japprezzaw dawn il-benefiċċji.

1.3 Ir-riżultati huma inkoraġġanti f'bosta pajjiżi, iżda f'oħrajn proporzjon kbir ta' daww intervistati jgħidu li jsibu l-munita "l-ġdida" diffiċli biex jużawha, li jikkalkolaw il-prezzijiet fil-munita nazzjonali l-antika u li jagħtu tort lill-euro għall-prezzijiet ogħla, u nofshom biss iħossu li, fl-aħħar mill-aħħar, l-introduzzjoni tal-munita unika tat spinta lit-tkabbir ekonomiku. Bażikament, l-istħarriġ juri li l-euro mhux dejjem u f'kull pajjiż sab biżżejjed suċċess maċ-ċittadini.

1.4 Reazzjoni inizjali għal dawn ir-riżultati tista' tkun li nistaqsu jekk it-tweġibiet kienux verament oġġettivi u infurmati: il-KESE ma jaċċettax dan l-approċċ. Iktar milli nifirħu bis-suċċess, għandna bżonn **nifhmu l-kawżi tal-perċezzjonijiet negattivi** u nistaqsu lilna nfusna x'jista' jsir sabiex jitneħħew ir-raġunijiet oġġettivi jew soġġettivi għan-nuqqas ta' sodisfazzjon.

1.5 Il-perċezzjonijiet li għandhom bażi oġġettiva jistgħu jitneħħew jew jittaffew **b'politiki jew miżuri mmirati**, bħal fil-każ ta' **sistemi tal-ħlas** imtejba (SEPA), jew **b'miżuri adattati sabiex jitrażnu ż-żidiet fil-prezzijiet**. (Dan ta' l-aħħar għandu jkun kompatibbli mal-prinċipji tas-suq ħieles u l-kompetizzjoni.)

1.6 Il-perċezzjonijiet soġġettivi huma iktar diffiċli li jiġu indirizzati: l-opinjoni għandhom jiġu trattati bl-ikbar rispett u għandhom jiġu mfittxija **l-kawżi profondi li jirfdu l-perċezzjonijiet negattivi**. Naturalment, hemm bżonn ta' strateġija ta' komunikazzjoni, iżda din għandha tiġi implimentata b'tali mod li **tqis id-diversi prijoritajiet nazzjonali u soċjali** taċ-ċittadini identifika.

1.7 L-istħarriġ ta' l-Ewrobarometru wera d-differenzi profondi bejn il-fehmiet li jeżistu fid-diversi Stati Membri: dan ifisser li **soluzzjonijiet ibbażati fuq skemi standardizzati għandhom jiġu rrifjutati**. B'mod iktar speċifiku, **hemm differenzi kbar fil-perċezzjonijiet bejn il-livelli soċjali u bejn id-diversi livelli ta' l-edukazzjoni**. Għaldaqstant l-istrateġija ta' komunikazzjoni għandhom ikunu **mmirati**, bil-għan li jinkisbu l-aħjar riżultati bil-mezzi użati.

1.8 Għalhekk għandu jiġi enfasizzat li strateġija tal-komunikazzjoni ta' l-euro m'hijiex biżżejjed għall-ksib ta' l-aħjar riżultati: l-istħarriġ jissuġġerixxi li ħafna drabi l-euro jitqies bħala s-simbolu ta' l-Ewropa; għaldaqstant, l-oppożizzjoni m'hijiex immirata lejn l-euro nnifsu iżda— fil-każ ta' xi wħud — lejn il-kunċett ta' "l-Ewropa". Konsegwentement, l-istrateġija tal-komunikazzjoni ta' l-euro għandha titqies bħala parti minn politika mifruxa fuq perjodu fit-tul li l-għan tagħha jinkluda meta l-pubbliku tant iħossu ħaġa waħda mal-kunċett ta' "l-Ewropa" li l-ewroetticizmu jitlef is-saħħa tiegħu.

1.9 Madankollu, il-kunċett ta' l-Ewropa bħala entità politika u soċjali kif ukoll ta' entità ekonomika, li tiddependi fuq il-ksib gradwali tal-kondizzjonijiet soċjali bbażati fuq il-ġustizzja, il-kooperazzjoni u n-nuqqas ta' kunflitt soċjali: dan ikun possibbli biss jekk il-pubbliku jista' jara evidenza ta' **azzjoni Prattika**. L-ebda sforz għall-għoti ta' informazzjoni mhu ser isib suċċess jekk ma jitnedewx dawn il-kondizzjonijiet.

1.10 Għaldaqstant, l-iktar pass importanti sabiex l-euro tiġi aċċettata iktar huwa politika ekonomika u soċjali fl-UE li tippromovi l-impjiegi u l-pagi filwaqt li toffri sistema ta' protezzjoni soċjali adegwata. Dan iwassal biex iċ-ċittadini jagħrfu japprezzaw il-proġett Ewropew u b'hekk jaċċettaw ukoll l-euro.

1.11 Il-KESE huwa konxju tar-responsabbiltajiet u r-rwol tiegħu: bħala r-rappreżentant ta' l-imsieħba soċjali huwa istituzzjoni li hija qrib iċ-ċittadin, il-ħaddiema u l-komunità ta' l-intrapriżi. Għandu **jikkoopera b'mod Prattiku fl-inizjattivi ppja-**

nati, jekk hemm bżonn b'azzjonijiet fil-livell ta' l-implimentazzjoni. Ikunu utli b'mod partikulari rabtiet ma' korpi simili, nazzjonali u l-ħidma ta' membri individwali tal-KESE fil-kuntest ta' l-assoċjazzjonijiet settorjali Ewropej u nazzjonali.

2. Sfond

2.1 Sitt snin wara l-introduzzjoni ta' l-euro, il-KESE jħoss li wasal iż-żmien li jiġi analizzat l-impatt tal-munita l-ġdida fuq il-pubbliku fil-pajjiżi fejn din ġiet adottata. Ma' l-ewwel ħarsa, dan jidher li huwa komputu faċli, billi hemm ħafna letteratura minn sorsi innumerabbli: il-Kummissjoni, il-BĊE, il-PE, universitajiet, istituti ta' riċerka, l-istampa speċjalizzata u mhux speċjalizzata, akkademiċi u l-imsieħba soċjali.

2.2 Madankollu, hemm l-impresjoni li l-biċċa l-kbira tal-pubblikazzjonijiet huma r-riżultat ta' **esperjenzi u fehmiet unilaterali**, jew li jinbtu minn **konklużjonijiet negozjati** bejn fehmiet differenti u kultant opposti. Filwaqt li dan it-tip ta' approċċ jirrispetta r-regoli tad-demokrazija, l-essenza tal-kwistjonijiet tista' tittaffa sabiex tadatta skond l-interessi individwali, u ta' spiss wisq, ikunu mċajpra b'ċerti attitudnijiet fl-Istati Membri individwali.

2.3 Il-KESE jemmen li l-progress ġenwin jista' jsir biss jekk **is-sitwazzjoni tiġi approċċata mingħajr prekonċezzjonijiet**: billi l-euro huwa ġeneralment meqjus bħala suċċess assolut, għandna bżonn **nifhmu għaliex** għadu qed jiġi **kkritikat** minn partijiet ikbar jew inqas tal-pubbliku, **infittxu r-raġunijiet** u, fejn huwa possibbli, **niproponu soluzzjonijiet**. Billi jagħmel dan, il-KESE mhux qed jistqarr li qed jagħmel xi skoperti ta' barra minn hawn; u inqas u inqas li jixtieq iniedi kampanja ġdida għall-opinjoni pubblika: l-għan ta' din l-opinjoni huwa iktar modest — li jkan **dibattitu ġdid** dwar kwistjonijiet magħrufa li ilhom għaddejjin.

3. Metodi ta' ħidma

3.1 Bħala l-punt ta' tluq, il-KESE għażel il-benefiċċji ta' l-euro, fuq il-baży tar-riżultati li diġà nkisbu jew l-iktar fehmiet "uffiċjali" aċċettati; imbagħad jiddiskuti dawn ir-riżultati u l-fehmiet li jin-ħarġu mir-riċerka fil-livell ta' l-implimentazzjoni u jikkonkludi bl-analiżi tiegħu stess dwar ir-raġunijiet għaliex il-munita l-ġdida rċeviet il-kritika jew valutazzjonijiet li ma kienux pożittivi. Kif diġà għidna, l-intenzjoni ta' kull proposta hija li tkun il-**baży għal diskussjoni addizzjonali**.

3.2 Id-dokument ta' konsultazzjoni prinċipali kien il-Flash Barometer Nru 193, *The eurozone, 5 years after the introduction of euro coins and banknotes — Analytical report*, Novembru 2006. L-istħarriġ twettaq mill-Gallup Organisation, taħt id-direzzjoni tat-Tim ta' l-Ewrobarometru tad-DG ECFIN tal-Kummissjoni. Ġew intervistati persuni kkwalfikati mill-aħħar pajjiż li daħal fiż-żona ta' l-euro (is-Slovenja — 2007) u mill-pajjiżi li daħlu fl-2008 (Malta u Ċipru). Sorsi minn pajjiżi li m'humiex membri taż-żona ta' l-euro ma ġewx intervistati apposta billi kien meqjus li l-esperjenzi biss ta' dawh direttament ikkonċernati kienu rilevanti għall-finijiet tar-rapport.

3.3 Hemm informazzjoni addizzjonali provduta mill-istħarriġ ta' l-Ewrobarometru ta' Settembru 2007 ⁽¹⁾, li twettaq fl-Istati Membri l-ġodda: bosta punti utli jinħarġu minn tqabbil ta' *esperjenzi u stennijiet*.

4. Il-benefiċċji ta' l-euro, skond ir-riżultati u l-fehmiet uffiċjali

4.1 Skond il-letteratura Komunitarja u dawk li jappoġġjaw il-munita unika, **l-euro ġab miegħu għadd ta' benefiċċji u vantaġġi**. Uħud minnhom jinsabu elenkati hawn taħt. Ir-raġunijiet għal dan, li s'issa huma magħrufin sew, m'humiex inklużi, u lanqas il-kummenti negattivi, li nirreferu għalihom fejn hemm bżonn fis-sezzjoni li tittratta dwar il-perċezzjoni pubblika.

4.2 Il-lista tal-vantaġġi u l-benefiċċji (mingħajr kummenti) tinkludi:

- l-identità Ewropea: l-euro huwa l-iktar spinta ċara u tanġibbli;
- għodda għat-tqabbil internazzjonali tal-prezzijiet u għat-tis-hih tal-kompetizzjoni;
- it-tneħħija ta' riskji tar-rati ta' l-iskambju u l-ispejjeż tat-tran-sazzjonijiet tal-muniti;
- m'għadux possibbli li d-devalwazzjoni tal-munita tintuża bħala lieva għall-miżuri tal-kompetizzjoni jew li l-istrateġiji kummerċjali jiġu adattati kull meta jkun hemm ċans li ssir devalwazzjoni;
- il-pajjiżi taż-żona ta' l-euro huma protetti aħjar minn xokki-jiet esterni;
- l-euro għen jimmodera l-inflazzjoni u r-rati ta' l-interessi (il-premiums tar-riskju ta' l-inflazzjoni ukoll qdew parti fit-tnaqqis fir-rati ta' l-interessi);
- l-euro huwa sforz mexxej għat-tkabbir u l-impjiegi fl-istrateġija ta' Lisbona;
- l-Ewropa llum taqdi rwol prinċipali fil-politika monetarja u l-euro sar munita stabbilita ta' riżerva;
- l-euro huwa sforz mexxej għall-istabbiltà fl-ekonomija din-jija;
- l-euro ffaċilita bil-kbir u naqqas l-ispejjeż tat-turiżmu u l-ivv-jaġġar għal skopijiet ta' xogħol, speċjalment fil-pajjiżi taż-żona ta' l-euro.

4.3 Minbarra dawn il-benefiċċji, li f'it li xejn ikunu diskussi (minkejja li hemm xi wħud li jistaqsu jekk japplikawx kullim-kien), insibu **l-benefiċċji ta' munita "b'saħħitha", li kultant m'humiex aċċettati mija fil-mija**.

4.4 M'għandu jkun hemm l-ebda ambigwi-tà hawnhekk: munita b'saħħitha hija ta' **benefiċċju għal xi wħud u ta' zvan-taġġ għal xi oħrajn**, iżda l-iktar ħaġa importanti hija l-analiżi tal-benefiċċju aħħari lill-ekonomija: mingħajr dubju vantaġġ ta'

l-euro. Hemm ukoll xewqa għal **munita stabbli**, bħall-euro, billi din tirrappreżenta ekonomija stabbli li qed tikber, minkejja x-xokkijiet ekonomiċi. Il-valur estern tagħha jiddependi fuq l-avve-nimenti, li l-effetti jistgħu jiġu miġġielda — iżda ċertament mhux eliminati — bi politika ekonomika u monetarja adattata.

5. Il-perċezzjoni pubblika tal-benefiċċji u l-iżvantaġġi ta' l-euro

5.1 **L-euro għall-pagamenti bi flus kontanti: hija ħaġa sor-prendenti li seba' snin wara l-introduzzjoni ta' l-euro, 41 % ta' dawk il-persuni intervistati stqarrew li ltaqgħu ma' xi jew ħafna diffikultajiet huma u jużaw l-euro**. Dan il-perċent-wali qed jonqos iżda jibqa' sinifikanti. L-istħarriġ ma jispeċifikax in-natura ta' dawn il-problemi, iżda nistgħu nassumu li din l-**attitudni negattiva hija iktar emottiva milli razzjonali**, billi l-maġġoranza l-kbira (li tvarja minn 93 % sa 63 % jiddependi mill-pajjiż) tistqarr li m'għandha l-ebda problema tagħraf il-muniti u l-karti ta' l-euro. Huwa probabbli li numru sinifikanti minn dawk li jgħidu li jiltaqgħu mad-diffikultajiet huma, l-istess persuni — xi drabi żvantaġġati soċjalment — li ma laqgħux il-wasla tal-munita unika. Fi kwalunkwe każ huwa diffiċli li jit-qabblu statistikament it-tweġibiet dwar id-diffikultajiet iffaċċjati ma' dawk dwar l-użu.

5.1.1 Dawn id-dubbi jikbru meta jsir tqabbil ma' l-istħarriġ ta' Settembru 2007 ta' l-Istati Membri l-ġodda (SMĠ): madwar tliet kwarti tal-persuni li wiegħu kienu raw il-karti u l-muniti ta' l-euro u 44 % kienu użawhom. Huwa diffiċli li wieħed jifhem kif jista' jkun li fiż-żona ta' l-euro 41 % ta' dawk b'10 snin esper-jenza tal-munita jgħidu li sabu diffikultà, meta dan ma kienux il-każ fl-SMĠ, fejn 44 % qegħdin jużawha (jew użawha), mingħajr l-ebda problema.

5.1.2 Il-kampanji ta' komunikazzjoni waħedhom ma jwasslux għal bidla fl-attitudnijiet ta' dan it-tip: jekk, kif jidher, id-diffikul-tajiet li jinjalghu huma relattivament minuri, jew minimi, l-azzjoni li għandha tittieħed għandha tkun ta' **miżuri nazzjonali mmirati**. Għaldaqstant, l-edukazzjoni, iktar mill-komunikaz-zjoni hija essenzjali hawnhekk. Iżda jekk fl-aħħar mill-aħħar jinstab li d-diffikultajiet huma biss l-espressjoni mistura ta' stmerrija għal kulma huwa *Ewropew*, miżuri speċifiċi mhu ser ikollhom l-ebda effett. Bidla fl-attitudnijiet lejn l-euro jmorru id fid ma' aċċettazzjoni gradwali ta' l-idea ta' l-Ewropa.

5.2 **L-euro bħala punt ta' referenza u fattur fl-imġiba fl-infiq**: element li huwa antiċipat sa mill-ewwel ġurnata kien li għal żmien twil xi nies (il-proporzjon ivarja minn pajjiż għal ieħor) **komplew jaħsbu fil-munita nazzjonali antika tagħ-hom**. L-istħarriġ ikkonferma dan it-tbassir: meta jikkalkolaw il-prezzijiet, madwar 40 % tal-konsumaturi għadhom jużaw il-munita nazzjonali preċedenti bħala punt ta' referenza — dejjem jew kultant — kemm għax-xiri ta' kuljum kif ukoll għax-xiri mhux tas-soltu.

⁽¹⁾ *Introduction of the euro in the new member States, Flash Eurobarometer 207, Gallup Organisation, Ottubru 2007*

5.2.1 F'termini ta' imġiba fl-infiq, il-perċentwali ta' persuni li wiegħbu li rrapportaw li l-euro kellu effett ta' deterrent jew incen-tiv fuq l-infiq baqa' għoli (59 %); iżda l-proporzjon li jqisu l-**munita unika bħala fattur newtrali** qiegħda tiżdied gradwal-ment (minn 31 % fl-2003 sa 41 % fl-2007). Fl-istess ħin, kien hemm tnaqqis fil-perċentwali ta' dawk li qalu li jixtru inqas billi jibizgħu jonfqu wisq (minn 39 % għal 33 %) filwaqt li, għall-kuntrarju, il-proporzjon ta' dawk li jonfqu iktar billi ma jinteb-hux kemm ikunu nefqu baqa' konsistenti (26 % għal 25 %).

5.2.2 Iż-żewġ aspetti kkunsidrati — referenza għall-muniti nazzjonali preċedenti u l-euro bħala fattur *newtrali* — m'humie-x neċessarjament relatati, u lanqas m'hemm raġuni għalfejn għandna naħsbu li **ż-żewġ perċentwali pariġġ (madwar 40 %)** jirreferu għall-istess grupp.

5.3 L-utilità tal-wiri taż-żewġ prezzi jiet u l-preferenzi tal-kon-sumtari: żewġ nofsijiet tal-kampjuni nazzjonali ġew mistoqsija żewġ mistoqsijiet differenti: jekk il-wiri taż-żewġ prezzi jiet huwix utli u jekk in-nies jixtix li dan ikompli. Dan wassal għal dawn it-tweġibiet korrispondenti: maġġoranza sinifikanti (madwar 60 %), **ma qisx li din kienet utli jew neċessarja għaladarba jkun għadda perjodu xieraq ta' transizzjoni**. Għandu jiġi nnotat li l-perċentwali kontra l-wiri taż-żewġ prez-zijiet żdied b'mod konsistenti tul iż-żmien: sinjal ċar li l-munita unika qiegħda ssir (jew saret, jekk ninterpretawha b'mod iktar pożittiv) parti integrali mill-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini.

5.3.1 It-tweġibiet li ngħataw dwar il-wiri taż-żewġ prezzi jiet m'humie-x sorprendenti meta nikkunsidraw kemm għadda żmien mill-introduzzjoni ta' l-euro. Madankollu, dan l-aspett huwa ta' importanza kruċjali għal dawk il-pajjiżi **li daħlu fiż-żona ta' l-euro dan l-aħħar** (is-Slovenja, Ċipru u Malta) u **dawk li jmisshom jidħlu** (l-Istati Baltiċi u s-Slovakkja). L-istħarriġ ta' l-Ewrobarometru ta' Novembru 2007 juri li l-biża' ta' żidiet fil-prezzi jiet wara l-adozzjoni ta' l-euro hija għolja; l-esperjenza wriet li **l-wiri taż-żewġ prezzi jiet jista' jkun deterrent utli sakemm ikun akkumpanjat minn kontrolli u miżuri deterrenti**. Dan mhux dejjem kien il-każ fl-ewwel grupp ta' pajjiżi li adottaw l-euro. Dan l-aħħar il-Kummissjoni ddikjarat li l-ipprezzar doppju għandu jkun **obligatorju għal sitt xhur iżda mhux iktar minn sena**.

5.4 **Karti tal-flus u muniti**: Rigward is-sodisfazzjon bid-denominazzjoni attwali tal-karti tal-flus u l-muniti, mill-istħarriġ jirriżulta li, waqt li l-ebda bidliet ma jidhru meħtieġa rigward il-karti tal-flus, **perċentwali sinifikanti** ta' dawk li wiegħbu (li jvarja minn 80 % fil-Finlandja u l-Ġermanja sa 33-35 % fl-Irlanda u l-Italja) huma favur li **titnaqqas il-varjetà tal-muniti euro**, u speċifikament **l-eliminazzjoni** tal-muniti taċ-ċenteżmu u taż-żewġ ċenteżmi ta' l-euro, għal aktar konvenjenza u biex jiġi ssemplifikati l-ħlasijiet. Min-naħa l-oħra, il-maġġoranza tibża' li t-tneħħija tad-denominazzjoni jiet iż-żgħar ta' l-euro tista' **twassal għal żieda fil-prezzi jiet**: biża' miftrux anke f'paj-jiżi fejn il-maġġoranza tixtieq li jitneħħew il-muniti iż-żgħar.

5.4.1 L-esperjenza wriet li **bosta każijiet ta' żieda fil-prez-zijiet tal-bejgħ bl-immnut**, flimkien ma' jew sussegwenti għall-adozzjoni ta' l-euro, huma l-aktar dovuti għar-**rounding up** (fejn jingħata l-eqreb numru sħiħ) tal-prezzi jiet li kkonvertew f'ċifri deċimali inqas minn 5. Din il-manuvra kienet iffaċilitata minn nuqqas ta' viġilanza min-naħa ta' l-awtoritajiet u minn dawk il-konsumaturi li kkunsidraw il-valur tal-muniti iż-żgħar bħala negliġibbli; kienet partikolarment tinħass f'pajjiżi li l-munita naz-zjonali preċedenti tagħhom kellha valur ta' unità baxx (per-eżempju fl-Italja). Il-KESE jemmen li t-tneħħija tal-muniti taċ-ċenteżmu u taż-żewġ ċenteżmi hija **totalment mhux ta' min jirakkomandaha**: il-konvenjenza kkwotata minn ċerti taqsimiet tas-suq għandha tintiżen kontra l-kwistjoni ta' l-interess ġenerali.

5.5 Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-kwistjoni ta' **l-użu ta' l-euro waqt ivvjaġġar barra iż-żona ta' l-euro**. Medja ta' madwar 50 % ta' dawk li vvaġġaw barra iż-żona ta' l-euro ddikjaraw li użaw l-euro, sa ċertu punt; madankollu, il-perċent-wali jvarjaw konsiderevolment minn pajjiż għal ieħor, minn 72 % tal-Griegi għal 38 % tal-Finlandiżi. Nistgħu nkunu kuntenti li l-euro huwa milqugħ f'bosta pajjiżi orjentati lejn it-turiżmu, bis-saħħa tal-prestiġju u n-numru ta' utenti.

5.5.1 Madankollu, bħala nota għall-attenzjoni, ta' min jagħti l-parir li **tintiżen il-konvenjenza** li m'għandhiex għaliex tkun akkwistata munita barranija meta jsir ivvjaġġar fuq barra u l-**ispiża** li jintuża l-euro: spezzjoni aktar mill-qrib turi li f'bosta każijiet **ir-rata għall-kambju ta' l-euro ċċarġjata min-negozji fil-pajjiżi li ma adottawx l-euro li għandhom muniti "b'saħ-ħithom"** hija ħafna drabi ogħla sewwa mir-rata uffiċjali. Dan l-aspett ma kienx enfazzat fl-istħarriġ, u lanqas imqajjem minn min irrisponda: sinjal ċar li l-ispiża għall-kambju tal-munita hija kkunsidrata sekondarja jew mhix ikkunsidrata għal kollox.

5.6 Il-kapitolu dwar l-użu attwali tal-munita unika jikkonkludi b'mistoqsija prinċipali: **ġeneralment, x'inhi l-perċezzjoni pubblika dwar l-euro? Huwa aktar vantaġġuż jew ta' żvan-taġġ?** L-analiżi tar-risposti għal din il-mistoqsija mhijiex biss ta' importanza prinċipali għall-istħarriġ ta' **komunikazzjoni futuri** iżda titlob riflessjoni dwar il-politika dwar l-euro ta' l-UE u dwar **ir-relazzjonijiet bejn il-gvernijiet nazzjonali u ċ-ċitta-dini tagħhom**.

5.6.1 Il-perċentwali ta' ċittadini li jqisu l-**adozzjoni ta' l-euro bħala vantaġġuża** kien, skond l-aħħar stħarriġ, **48 %: nuqqas konsiderevoli** mill-istħarriġ ta' Settembru 2002 (59 %), iżda aktar sinifikanti — u aktar ta' tħassib — hija t-tendenza 'l isfel maż-żmien. Waqt li perċentwali stabbli żgħir ma jara l-ebda bidla sa mill-introduzzjoni ta' l-euro (7-8 %) hemm **żieda stabbli f'dawk ta' opinjoni opposta** (minn 29 % għal 38 %).

5.6.2 Fit-tqassim skond il-pajjiż tal-**perċezzjonijiet pożit-tivi**, l-ogħla perċentwali jinsabu fl-Irlanda (75 %), fil-Finlandja (65 %) u fil-Lussemburgu (64 %), jiġifieri fil-pajjiżi li jgawdu minn tkabbir ekonomiku konsiderevoli; **il-perċezzjonijiet negattivi** huma aċċettati, madankollu, fl-Italja (48 %), fil-Greċja

(46 %) u fil-Ġermanja (44 %); bi Franza eżatt fuq il-medja (51 %). Għandna noqogħdu **attenti** dwar li nistabbilixxu **korrelazzjoni** diretta bejn **perċezzjoni pożittiva ta' l-euro u t-kabbir ekonomiku**. Waqt li fil-fatt huwa minnu li l-pajjiżi l-aktar pożittivi jinkludu lil dawk bi tkabbir tajjeb u viċi versa (l-Italja u l-Greċja), huwa wkoll minnu li l-akbar żewġ pajjiżi taż-żona ta' l-euro, il-Ġermanja u Franza, għandhom tkabbir pożittiv u perċezzjonijiet relattivament negattivi.

5.6.2.1 Il-KESE jemmen li din il-kwistjoni hija **l-qofol ta' l-istħarriġ kollu**: kif diġà ssemma fil-punt 5.1.1, hemm il-ħtieġa li jiġi esplorat, jekk, u sa liema punt, teżisti **korrelazzjoni bejn is-sodisfazzjon bl-euro bħala munita u l-aċċettazzjoni ta' l-UE; jista' jkun hemm ukoll korrelazzjoni mal-kondizzjonijiet ekonomiċi**, li jistgħu, b'mod superfiċjali, jiġu identifikati ma' l-euro. Fi kliem ieħor, huwa possibbli li hemm **element emottiv jew ideoloġiku** involut fil-perċezzjonijiet tan-nies dwar l-euro bħala munita, li m'għandhom l-ebda relazzjoni mal-munita fiha nnifisha.

5.6.3 It-tkabbir ekonomiku modest għandu diversi kawżi, li ħafna drabi jirrkbu fuq xulxin u huma interrelatati, li jinkludu, fost oħrajn, u barra dawk marbutin mal-munita (l-inflazzjoni, l-iskambju u r-rati ta' interessi), il-produttività, il-kompetittività, il-livelli tal-pagi, l-infiq, il-bilanċ tal-pagamenti, ir-relazzjonijiet industrijali u d-defiċit pubbliku. Din hija kwistjoni kumplessa, is-suġġett ta' dibattitu fost il-politiċi, l-ekonomisti u l-imsieħba soċjali; madankollu, iċ-ċittadin **għandu t-tendenza li jissempjifika l-affarijiet**, billi jiffoka fuq element tanġibbli ta' rilevanza prinċipali għal ħajtu ta' kuljum, jiġifieri l-flus tiegħu.

5.6.4 Fost l-ispeċjalisti nsibu tendenza li jifgħu t-tort tat-tkabbir ekonomiku dgħajef fuq il-**politika monetarja**, li xi riċerkaturi u partiti politiċi jaraw li hija ħatja ta' nuqqas ta' reżistenza kontra r-rati tal-kambju li jogħlew u li ma tagħtix appoġġ adegwat lit-tkabbir u lill-impjiegi b'aġġustament bil-għaqal tar-rati ta' l-interessi. Dan mhuwiex il-post adattat biex jinbeda dibattitu dwar din il-kwistjoni, iżda hawnhekk ukoll l-opinjoni pubblika tqis l-euro bħala l-għerq tal-problema.

5.6.5 Il-kritika ta' l-euro, partikolarment evidenti fil-pajjiżi bi tkabbir baxx, tinsab ukoll, sa ċertu punt fil-**pajjiżi b'rati ta' tkabbir oġhla**; hemmhekk, madankollu, l-oppożizzjoni hija aċċentwata mill-fatt li qabel l-introduzzjoni tiegħu, ċerti taqsimiet tal-pubbliku **kienu qed jaħsbuha dwar li jitolqu l-munita tagħhom b'saħħitha u prestiġjuża** — għalihom, simbolu ta' prestiġju u ta' l-identità nazzjonali tagħhom. Barra minn hekk, dawn ir-raġunijiet xorta għandhom kkwotati f'pajjiżi li għażlu li ma jidħlux fl-euro.

5.7 **L-analiżi tal-perċezzjonijiet pożittivi** ta' l-euro turi biċ-ċar il-validità ta' l-argument imressaq fil-paragrafi 5.6.3 u 5.6.4⁽²⁾. L-aktar kategoriji pożittivi huma dawk li l-analiżi

⁽²⁾ Fl-assenza ta' analiżi speċifika soċjo-demografika skond il-pajjiż, mhuwiex possibbli li dan l-argument jitwessa' fil-paragrafu 5.6.4.

soċjo-demografiki kollha jqisu l-aktar informati: l-irġiel aktar min-nisa, dawk li jaħdmu għal rashom u l-iskrivani aktar mill-ħaddiema manwali u l-qiegħda, iż-żgħażaġh aktar mill-anzjani, dawk li jgħixu fil-bliet aktar minn dawk rurali, dawk ikkwalifikati aktar minn dawk b'livell baxx ta' edukazzjoni. **Aktar informazzjoni żżid il-fakultajiet kritiċi u l-maturità ta' dak li jkun.**

5.7.1 Ikun faċli wisq li naħsbu li l-komunikazzjoni weħidha tista' tegħleb in-nuqqas ta' apprezzament ta' l-euro, iżda kull deċizzjoni għandha, madankollu, tiġi analizzata fid-dawl tas-sitwazzjoni individwali ta' kull pajjiż. Hemm pajjiżi fejn l-informazzjoni hija effettiva sew, iżda bosta drabi b'tendenza kritika: il-partiti politiċi u xi drabi l-gvernijiet għandhom influwenza preponderanti fuq l-opinjoni pubblika. Ir-riżultat mhuwiex id-diżinformazzjoni, iżda komunikazzjoni bbażata fuq konvinzjonijiet li għandhom, għal raġunijiet demokratiċi, ikunu rispettati. Min-naħa l-oħra, madankollu, teżisti impressjoni ċara li l-**maġġoranza "favur" għandha tibni difiża aktar determinata, robusta u aktar espliċita ta' l-euro.**

5.7.2 Madankollu, kampanja b'appoġġ għall-euro bbażata primarjament fuq fatturi politiċi, ekonomiċi u monetarji probabbilment ikollha ftit impatt fuq l-opinjoni pubblika: jista' jintlaħaq kunsens akbar billi jinżammu u jiġu enfasizzati l-**aspetti prattiċi eqreb lejn il-ħtieġijiet tal-poplu**. Dan it-tip ta' komunikazzjoni huwa ċertament **l-aktar adattat biex jiġi assorbit** mill-pubbliku: jittratta l-ħajja ta' kuljum, mingħajr il-ħtieġa li jkun hemm referenza għal prinċipji astratti. Fi kliem ieħor, **hemm bżonn approċċ sempliċi** — iżda mhux sempliċistiku. Il-korpi uffiċjali huma l-inqas adattati għal dan it-tip ta' kampanja ta' informazzjoni. Ikun ferm aħjar li din titħalla f'idejn il-**komunità tan-negozju u l-imsieħba soċjali** — wara li tkun informata dwar il-kwistjoni — billi huma eqreb lejn il-pubbliku u jkunu ċertament aktar persważivi.

5.7.3 Jekk inħarsu lejn il-vantaġġi prattiċi kkwotati, dak prinċipali huwa l-**ivvjaġġar barra mill-pajjiż** aktar faċli u li jqum inqas (partikolarment fiż-żona ta' l-euro, iżda wkoll f'pajjiżi mhux ta' l-euro); imbagħad hemm il-fatt li huwa aktar faċli li **jit-qabblu l-prezzijiet** ⁽³⁾. Huwa dan il-**punt pożittiv**, u partikolarment in-nuqqas ta' ħlas għal skambju ma' munita barranija u ċ-ċertezza fil-prezzijiet, li jista' jintwera sewwa mill-korpi tat-turiżmu, l-aġenziji tal-proprjetà, l-industrija tat-turiżmu b'mod ġenerali u minn dawk li joħorġu l-karti tal-ħlas. Is-settur finanzjarju għandu rwol prinċipali hawnhekk: l-aktar żviluppi reċenti fil-qasam tat-trasferiment tal-fondi (SEPA) għamlu l-pagamenti fiż-żona ta' l-euro aktar siguri, rapidi u mingħajr ħlas l-istess bħal trasferimenti domestiċi. Madankollu, l-awtoritajiet superviżorji jkun jehtigħilhom li jkunu **estremament viġilanti** biex jiżguraw konformità rigoruża mar-regoli min-naħa tas-settur finanzjarju.

⁽³⁾ Din ir-raġuni, ikkwotata minn 30 % ta' dawk li wiegħbu probabbilment torbot mas-swieġ nazzjonali, iżda tista' tkun estiża b'analoġija għaż-żona ta' l-euro.

5.7.4 Inqas ċara, mad-daqqa t'għajn, hija l-enfasi fuq it-tielet raġuni (fl-ordni ta' l-importanza) ikkwotati minn dawk li jappoġġjaw l-euro, jiġifieri **l-istatus rinfurzat ta' l-Ewropa**; dan l-argument aktar ġenerali u teoretiku huwa parti minn spinta wiesgħa ta' natura ġenerali.

5.8 Ħarsa lejn il-**kritika kontra l-euro** hija saħansitra aktar interessanti. Il-maġġoranza l-kbira tan-nies (81 % fl-2006 u qed tikber bil-mod) jikkunsidraw li huwa **responsabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet**. Din l-attitudni tmur lura anke għal qabel l-euro daħal fiċ-ċirkolazzjoni, fejn diġà kien hemm biża' li dawk li jfornu l-merkanzija u s-servizzi — u partikolarment il-ħwienet — ser japprofittaw mill-konverżjoni tal-munita nazzjonali tagħhom billi jagħmlu rounding up tal-prezzijiet jew iżiduhom illegalment. Il-Kummissjoni assigurat lin-nies li dan mhux ser jiġri; il-gvernijiet għamlu l-parti tagħhom biex jippromovu ftehim man-negozji; l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi taw il-parir li ssir viġilanza.

5.8.1 Dak li mbagħad ġara fil-prattika huwa parti mill-istorja reċenti: f'ċerti pajjiżi l-ftehim kien rispettata (u l-KESE huwa tal-fehma li l-Awstrija jisthoqqlha tisemma bħala eżempju tajjeb), f'oħrajn inqas u f'oħrajn, kważi ma kien rispettata xejn. Dan mhuwiex il-ħin u l-post biex nibdew naraw min jaħti, iżda biż-żejjed jingħad li f'bosta pajjiżi **ż-żidiet fil-prezzijiet ħabtu eżatt ma' l-introduzzjoni ta' l-euro**. Għalhekk il-pubbliku ħass li ż-żidiet fil-prezzijiet kienu **ġġenerati** mill-euro, sentiment li għadu jgħodd illum u qed isir aktar parti sħiħa fl-assenza ta' kwalunkwe **sforz ta' komunikazzjoni biex il-kwistjoni tkun ippreżentata b'mod ġust**: jiġifieri li filwaqt li ċertu nies ħadu l-opportunità biex japprofittaw mill-euro, dan jibqa' strument **newtrali** fih innifsu. Ma sar l-ebda **sforz ta' komunikazzjoni ta'** dan it-tip, jew fejn kien hemm, dan sar b'nofs qalb.

5.8.2 Iż-żidiet li sehew minn dakinhar m'għandhom xejn x'jaqsmu ma' l-euro: ladarba ġie introdott u sab postu, **il-munita rriflettiet aktar milli kkawżat it-tendenzi tas-suq**. Kwalunkwe diskors dwar **l-inflazzjoni, ir-rati tal-kambju, jew l-ispekulazzjoni** hawnhekk huwa irrilevanti: dawn **xorta kienu jaffettwaw lill-muniti nazzjonali individwali**, forsi wkoll aktar minn dak li ġara bl-euro. Dan il-punt — u dak li sar fil-punt preċedenti — għandu **jkun iċċarat darba għal dejjem**. Dan l-argument, li huwa l-muftieħ biex jiġu miġġielda x-xetti-ċiżmu u n-negattività li xorta għadhom abbinati ma' l-euro, għandu jiġi diskuss u jsir il-punt ta' quddiemnett ta' **sforz ta' komunikazzjoni** li jinvolvi lill-imsieħba soċjali, lill-gvernijiet u lill-Kummissjoni.

5.8.3 Argument ieħor, li għandu xi rabta ma' dak preċedenti, huwa dak li **l-konverġenza tal-prezzijiet**, jiġifieri l-asserzjoni li **l-euro kkontribwixxa għal konverġenza tanġibbli fil-prezzijiet maż-żona ta' l-euro kollha** bħala riżultat tal-kompetizzjoni li tkun stabbilita bejn il-pajjiżi euro kif ukoll il-perssioni mill-konsumaturi, li finalment ikunu jistgħu jqabblu l-prezzijiet. Din il-kwistjoni kienet element tal-kampanja ta' qabel tnieda l-euro u kienet waħda mill-punti l-aktar konvinċenti tagħha. Il-kampanja kienet fi kwalunkwe każ probabbli li toħroġ aspettattivi mhux

realistiċi: fil-fatt hija ma indikatx **il-limiti tal-konverġenza**. Ma kienx innotat li **l-konverġenza mhux ser taffettwa prodotti u servizzi prodotti u kkonsmati lokalment**: fi kliem ieħor, l-iktar parti kbira ta' l-infiq u li l-aktar li tinħass direttament mill-konsumaturi.

5.8.4 L-istħarriġ jidher li juri dan: 68 % tal-kampjun iħoss li l-euro ma għamilx kontribut għall-konverġenza fil-prezzijiet (45 % + 23 % "ma nafx"). 32 % jiddikjaraw l-oppożizzjoni. Madankollu tonqos informazzjoni kruċjali minn din il-parti ta' l-istħarriġ: m'hemm l-ebda indikazzjoni ta' jekk ir-risposti humiex tat-tip intuittiv, emottiv, jew humiex ibbażati fuq esperjenza diretta (ivvjaġġar barra mill-pajjiż, xiri transkonfinali). Fl-isforz ta' komunikazzjoni jkun hemm hteġġa li **jitnaqqsu l-aspettattivi marbutin mal-konverġenza tal-prezzijiet, billi jkun spjegat għaliex il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu huwa limitat**. Ikkun ukoll ta' għajjnuna li jiġi enfasisat li l-konverġenza non-eżistenti jew dgħajfa fis-setturi barra minn dawk tal-prodotti u tas-servizzi "lokali" hija r-riżultat ta' fatturi li m'għandhom għal kollox xejn x'jaqsmu mal-munita unika, bħal-liġi tal-provvista u d-domanda, l-ispejjeż tat-trasport, jew it-tassazzjoni. Fil-qosor, l-euro kkontribwixxa għall-konverġenza tal-prezzijiet fejn huwa possibbli, iżda d-differenzjali tal-prezzijiet għadhom jeżistu, bħal fil-każ ta' l-Istati Uniti, pajjiż li minn dejjem kellu munita waħda.

6 Aspetti politiċi

6.1 Il-maġġoranza l-kbira (75 %) ta' dawk li wiegħbu jemmnu li l-euro għandu rwol importanti bħala **munita internazzjonali**, iżda perċentwali ferm aktar baxx huwa interessat fir-rata tal-kambju, għalkemm ġeneralment għandhom xi idea dwar is-saħħa dejjem tikber ta' l-euro kontra d-dollaru. Min-naħa l-oħra, perċentwali kważi identiku (78 %), jew ftit ogħla, jemmen li l-euro **ma kellu l-ebda effett (pożittiv jew negattiv) fuq kemm iħossuhom Ewropej**. Id-diviżjoni tar-risposti skond il-pajjiż tipprovdi dwar xiex isir it-tħassib, u ftit stagħġib ukoll: il-pajjiżi fejn l-euro jidher li huwa importanti għall-identità Ewropea huma l-Irlanda (56 %), segwit f'distanza mill-Italja (28 %) u l-Lussemburgu (19 %); l-aktar perċentwali baxxi jinsabu fl-Olanda, il-Greċja, il-Ġermanja u l-Awstrija (10-14 %).

6.1.1 Spjega waħda possibbli, għalkemm valida biss għal xi pajjiżi, tinsab fil-fatt li fost dawk li fihom l-euro jidher bħala li għandu impatt aktar pożittiv fuq l-identità Ewropea hemm l-Italja, li l-munita nazzjonali preċedenti tagħha kienet esperjenzat varjazzjonijiet serji, waqt li fost dawk li għandhom opinjoni anqas favorevoli hemm il-Ġermanja, pajjiż kburi bil-munita b'saħħitha u stabbli antika tiegħu. Rigward il-pajjiżi l-oħrajn, jista' jkun hemm bosta raġunijiet u perċezzjonijiet: diżinformazzjoni, indifferenza u inqas appoġġ għall-idea ta' **l-Ewropa bħala dik li toħroġ munita prinċipali**. Dan l-aħħar punt jidher li joħroġ minn fatt pjuttost sorprendenti: fil-pajjiżi kollha, inklużi dawk b'opinjoni favorevoli għall-euro, maġġoranza kbira tal-kampjun tirrapporta li l-euro ma kellu **l-ebda impatt fuq il-perċezzjoni ta' l-identità Ewropea**.

6.1.2 Irridu nirrikonoxxu li, snin wara l-introduzzjoni tiegħu u minkejja li pprova x'jiswa internazzjonalment, l-euro jidher li m'għamel l-ebda progress sinifikanti fit-teħid ta' rwol bħala **element u simbolu ta' l-identità Ewropea**. Minħabba li dan jinvolvi emozzjonijiet ibbażati fuq firxa wiesgħa ta' perċezzjonijiet individwali, ma jistgħux jiġu previsti kampanji speċifiċi dwar dan immirati biex ibiddlu l-opinjoni pubblika: il-bidla jkollha sseħħ gradwalment billi **jitneħħew il-kawżi sottostanti** ta' dawk l-emozzjonijiet. Fi kliem ieħor, l-euro ser isir is-simbolu ta' l-identità Ewropea biss meta n-nies ikunu konvinti li huma Ewropej.

6.2 Hemm raġunijiet għal ottimiżmu rigward il-kwistjoni ta' jekk in-nies stennewx li jaraw it-**tkabbir taż-żona ta' l-euro biex tħaddan l-Istati Membri l-ġodda**: madwar 80 % kkunsidrawha ċerta jew probabbli, b'maġġoranza mifruxa mal-pajjiżi kollha. Il-KESE jqis din it-tweġiba bħala **sinjal ta' kunfidenza fil-qawwa ta' attrazzjoni ta' l-euro**. Din l-attrazzjoni ma kenitx teżisti kieku l-euro kien *realment* ikkunsidrat bħala politikament dgħajef u li jġib miegħu konsegwenzi negattivi.

7 Koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi u l-Patt ta' Stabbiltà

7.1 Dawn il-kwistjonijiet, li huma fil-qalba tad-dibattitu u huma aktar astratti fin-natura tagħhom, għandhom jiġu ttrattati separatament. Il-KESE min-naħa tiegħu ddedika bosta opinjonijiet għas-suġġett, u jista' jerġa' jdur fuq fil-futur qarib. Għalissa, biżżejjed li jkun innottat li madwar nofs dawk li wiegħbu kienu konxji li **l-politiki ekonomiċi huma kkoordinati ma' l-Istati Membri kollha**, iżda l-maġġoranza tagħhom iħossu li l-koordinazzjoni **ma tingħatax biżżejjed attenzjoni**. L-analiżi pre-pajjiżi turi, madankollu, li hemm varjazzjonijiet sinifikanti bejn il-pajjiżi f'termini kemm tal-livelli ta' tagħrif u kemm ta' opinjonijiet li jirriżultaw. Dawk li wiegħbu wrew oġġettività impressjonanti fl-analiżi tagħhom ta' **l-ekonomija ta' pajjiżhom**: il-pajjiżi li l-ekonomija tagħhom sejra tajjeb huma konxji ta' dan, u, bl-istess mod, nies minn pajjiżi b'aktar diffikultajiet ekonomiċi ma tantx idumu biex jammettu dan.

7.2 Rigward il-**Patt ta' Stabbiltà**, il-livelli ta' tagħrif u d-differenzi nazzjonali jidheru bejn wieħed u ieħor li jirriflettu dawk rigward il-politiki ekonomiċi; tliet kwarti ta' dawk li wiegħbu, madankollu, jaqblu li l-**Patt ta' Stabbiltà jiggarrantixxi euro b'saħħtu u stabbli**. Huwa sintomatiku li l-ogħla perċentwali minn dawk li ma jaqblux ġejjin mill-pajjiżi li huma l-aktar konxji taż-żidiet fil-prezzijiet, li impliċitament jattribwuhom lill-euro.

7.3 Skond l-istħarriġ, għalhekk, jidher li hemm fehma mxerrda li l-**kondizzjonijiet ekonomiċi u t-tendenzi tal-prezzijiet** (kultant pożittivi) **ta' pajjiż jistgħu jiġu attribwiti lill-euro**, u dan isir għal kull perspettiva (nazzjonali) partikolari. Ta' min jinnota li l-ekonomija ġenerali taż-żona ta' l-euro tippoteġi l-munita minn xokkijiet li kieku jaffettwaw aktar lill-pajjiżi indi-

vidwali; kull persuna għandha tistaqsi lilha nnifisha fejn ikun pajjiżha kieku l-munita unika qatt ma eżistiet. Liema ekonomija nazzjonali setgħet, weħidha, tiffaċċja l-avvenimenti esterni li sehew fl-aħħar snin u li jistgħu jerġgħu jolqtu lill-ekonomija dinjija mill-ġdid?

8 Stati Membri Ġodda (SMĠ)

8.1 Huwa impossibbli li jkun koperti l-punti kollha ta' analiżi rigward il-pajjiżi ta' l-euro u l-11-il SMĠ f'dokument wieħed. L-SMĠ jinkludu lil dawk kollha li nqas ta' reċentement, u lil oħrajn li x'aktarx jingħaqdu f'xi punt fil-futur. Madankollu, eżami tat-tweġibiet għal mistoqsijiet "prinċipali" ta' l-istħarriġ ta' Settembru 2007 jistgħu jipproduċu dwar xiex isir il-ħsieb rigward il-politiki futuri biex tkun aċċettata l-munita unika.

8.2 Il-mistoqsija tal-**konsegwenzi fil-livell nazzjonali ta' l-adozzjoni ta' l-euro** wriet li 53 % taċ-ċittadini kkunsidrawhom bħala pożittivi, meta mqabbla ma' 33 % negattivi u 15 % "ma nafx" (*). Il-mistoqsija dwar **l-adozzjoni ta' l-euro b'mod ġenerali** wasslet għal riżultat medju simili ħafna. Fiż-żewġ każijiet, il-perċentwali ta' "favur" u "kontra" varja sewwa minn pajjiż għal ieħor, bil-"kontra" jvarjaw minn 55 % fil-Latvja sa 18 % fir-Rumanija; l-attitudni negattiva hija ġeneralment aktar immarkata f'pajjiżi b'popolazzjonijiet iżgħar.

8.2.1 It-tqabbil ta' din id-data ma' dik rigward il-pajjiżi ta' l-euro (ara l-punt 5.6) juri li dawn ta' l-aħħar għandhom rata aktar baxxa ta' "pożittivi". Il-KESE mhuwiex ċert x'jaqbad jikkonkludi minn dan il-fatt li, jekk huwa eżatt, għandu probabbilment ikun attribwit aktar għan-nuqqas ta' sodisfazzjon ġenerali bl-UE aktar milli għal nuqqas ta' simpatija speċifika għall-munita unika (ara l-punt 5.6.2).

8.3 Dak li m'huwiex magħruf iżda ta' l-akbar importanza f'għajnejn il-konsumaturi huwa **l-impatt ta' l-introduzzjoni ta' l-euro fuq il-prezzijiet**: tliet kwarti ta' dawk intervistati beżgħu minn żidiet fil-prezzijiet, waqt li 11 % ħasbu li l-effett ta' l-euro ser ikun newtrali u 6 % stennewx li l-prezzijiet jaqgħu. Dan għandu jitqabbel maċ-ċifri tal-pajjiżi taż-żona ta' l-euro (ara l-punt 5.1), fejn aktar minn 80 % jattribwixxu ż-żieda fil-prezzijiet fuq il-munita unika; il-konklużjoni tista' tkun li l-esperjenza ssostni l-beżgħat ta' dawk li għadhom ma adottawhx. Iżda dan ikun argument semplistiku u qarrieqi: **iż-żidiet fil-prezzijiet sehew — u qed ikomplu jseħħu — fil-pajjiżi Ewropej kollha u madwar id-dinja**. Ikun interessanti li jsir stħarriġ f'pajjiżi oħrajn biex jinstabu r-raġunijiet li jingħataw għal żidiet fil-prezzijiet fejn m'hemmx l-euro.

8.4 It-tweġibiet għall-mistoqsija dwar **l-effetti pożittivi ta' l-adozzjoni ta' l-euro** juru li l-maġġoranza l-kbira tal-kampjun ta' l-intervista tistenna li l-munita unika tkun mod konvenjenti kif isir il-ħlas barra mill-pajjiż, biex ikun aktar faċli li jsir xiri

(* It-total għal aktar minn 100 huwa dovut għar-rounding up.

f'pajjiżi oħrajn, biex jiġi ffaċilitat it-tqabbil tal-prezzijiet u biex jiġu eliminati l-ispejjeż tal-kambju tal-munita; perċentwali iżgħar jikkunsidra li l-euro ser jipproteġi lil pajjiżhom minn kriżijiet internazzjonali. Dawn l-**aspettattivi kollha jaqblu mal-vantaġġ li jidher** f'għajnejn dawk li diġà adottaw l-euro, xhieda — anke għall-aktar kritiċi ħorox — li l-aspettattivi ma kienux diżappuntati.

8.5 Kwistjonijiet ta' impatt inqas immedjat, il-perċentwali ta' tweġibiet pożittivi huwa iżgħar, b'rata ogħla ta' "ma nafx": dan huwa sinjal ċar li **ċ-ċittadini huma aktar attenti, jew sempliċement ma jirrispondux, rigward kwistjonijiet ta' impatt inqas immedjat**. F'dan id-dawl, ir-riżultati huma pożittivi ħafna: 66 % jikkunsidraw li l-euro ser isaħħaħ il-pożizzjoni ta' l-Ewropa fid-dinja, u kważi nofs li huwa ser iġib l-istabbiltà fil-prezzijiet, jagħti spinta lit-tkabbir u lill-impjiegi u ser jiżgura finanza pubbliċi b'saħħithom. Ir-risposti għall-mistoqsija dwar ir-rati ta' interess aktar baxxi kienu, f'kuntrast, inqas ċari: terz biss taw risposta pożittiva, biż-żewġ terzi l-oħrajn maqsumin ugwalment bejn in-negattivi u l-mhux deċiżi.

8.6 **Il-mistoqsija prinċipali ta' importanza "politika" tik-konċerna l-perċezzjoni dwar l-euro bħala fattur li jagħmel in-nies iħossuhom aktar Ewropej**. 53 % tal-kampjun wieġbu fl-affermattiv u 35 % fin-negattiv: dan fih innifsu huwa riassiguranti, u huwa aktar hekk meta jiġi ikkunsidrat li fl-2004, 47 % tat-tweġibiet biss kienu pożittivi u 45 % negattivi. Meta jitqabblu dawn iċ-ċifri mar-riżultat ta' l-**istħarriġ fil-pajjiżi taż-żona ta' l-euro** (ara l-punt 6.1) tinbet il-mistoqsija: aktar minn żewġ terzi ta' dawn ta' l-aħħar iddikjaraw li **l-euro ma kellu l-ebda effett dwar kemm iħossuhom Ewropej**.

9 Konklużjonijiet

9.1 L-istħarriġ ta' l-Ewrobarometru huwa ta' valur għaliex ikejjel l-attitudnijiet taċ-ċittadini lejn l-euro u jara kif dawn jevolvu matul iż-żmien: l-analiżi tista' tvarja minn żmien għal ieħor fuq aspetti individwali, iżda **miżuri ta' darba biss** biex jikkoreġu ċerti tendenzi jistgħu ma jkunux adegwati — jekk ma jkunux kontra-produttivi wkoll — jekk **il-valur politiku ġenerali** ta' operazzjoni li politiku awtorevoli ddeskriva b'għaqal kbir bħala **"diplomazija euro"** titħalla fil-ġenb.

9.2 Parti sostanzjali ta' l-opinjoni pubblika — kemm fil-pajjiżi euro u fl-SMĠ — mhommx dubju li għandha **riżervi b'saħħithom dwar il-munita unika**, iżda l-impressjoni li tintradd mit-ton ġenerali tar-risposti għall-mistoqsijiet individwali hija li r-risposti negattivi ħafna drabi jaħbu **reżistenza għall-avven-**

tura Ewropea. Fi kliem ieħor, **l-euro fih innifsu mhux qed ikun sfidat, iżda x'jirrappreżenta f'għajnejn il-pubbliku**: ħolqien politiku li, jekk ma jkunx oppost attivament, għadu ma kienx assimilat, u ħa l-forma ta' munita imposta "minn fuq".

9.3 Il-kawżi tas-sentimenti anti-Ewropej — u lejn l-euro, bħala l-espressjoni prattika ta' l-ideal Ewropew — huma ħafna: fosthom hemm ukoll il-fatt li minkejja l-pożizzjonijiet uffiċjali tal-gvernijiet, kull pajjiż għandu **movimenti politiċi u mezzi tax-xandir li jopponu l-proġett Ewropew**. Ta' sikwit, **il-gvernijiet** infushom jiddefendu miżuri inevitabbilment mhux popolari billi jifgħu l-ħtija fuq il-munita unika jew ir-regoli bażiċi tagħha. Huwa diffiċli tkejjel safejn dawn l-attitudnijiet huma ġenwinament dovuti għall-emozzjonijiet negattivi jew għal sempliċi opportuniżmu, iżda r-riżultat huwa li **l-ebda politika "Ewropea" ma tista' tiġi implimentata sakemm ma tkunx assimilata minn dawk li qed jeżerċitaw il-poter**: il-gvernijiet, il-partiti politiċi u l-mezzi tax-xandir.

9.4 **L-imsieħba soċjali għandhom rwol kruċjali x'jaqdu f'din l-istrateġija**: dan huwa **element trasversali** f'kuntatt dirett maċ-ċittadini. Huma jistgħu jeżerċitaw **pressjoni mill-inqas sa l-ogħla livell fuq l-awtoritajiet** simultanjament ma' **pressjoni mill-ogħla sa l-inqas livell fuq iċ-ċittadini**: pożizzjoni ideali iżda b'responsabbiltà kbira, li tista' trodd il-frott biss jekk tintlaħaq **l-unità ta' l-intenzjoni**, 'il fuq u lil hinn mill-pożizzjonijiet politiċi jew il-lealtajiet nazzjonali. **IL-KESE huwa l-unika istituzzjoni Ewropea li tilħaq dawn il-ħtiġiet** u huwa impenjat li jaqdi bis-sħiħ ir-rwol ta' kooperazzjoni mal-Kummissjoni u ma' l-imsieħba soċjali ta' l-Istati Membri.

9.5 M'hommx nuqqas ta' argumenti li jistgħu jintużaw f'kampanja biex l-euro, u miegħu l-idea Ewropea, jitqarrbu lejn iċ-ċittadini: il-piż ekonomiku taż-żona ta' l-euro, l-investimenti minn madwar id-dinja fil-munita unika, u l-adozzjoni progressiva tagħha bħala munita ta' riżerva, id-difiża kontra t-turbulenzi finanzjarji, l-istabbiltà tal-prezzijiet u l-kontribut tagħha għall-preservazzjoni tal-poter ta' l-akkwist. L-oġġezzjonijiet jistgħu jintlaqgħu b'mistoqsija: **kulħadd għandu jistaqsi lilu nnifsu x'kien iġri f'pajjiżu kieku l-munita nazzjonali tħalliet weħidha biex tiffaċċja l-kriżijiet li għadew, preżenti u probabbilment futuri**.

9.6 Fi kwalunkwe każ, l-iktar pass importanti sabiex l-euro tiġi aċċettata iktar huwa politika ekonomika u soċjali fl-UE li tippromovi l-impjiegi u l-pagi filwaqt li toffri sistema ta' protezzjoni soċjali adegwata. Dan iwassal biex iċ-ċittadini jagħrfu japprezzaw il-proġett Ewropew u b'hekk jaċċettaw ukoll l-euro.

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward tat-trattament tas-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni

COM(2007) 747 finali/2 — 2007/0267 CNS

(2008/C 224/28)

Nhar it-18 ta' Diċembru 2007 il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 262 li jistabbilixxi l-Komunità Ewropa, li jikkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward tat-trattament tas-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-30 ta' April 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Robyns de Schneidauer.

Waqt l-445 sessjoni plenarja tiegħu, li saret nhar it-28 u d-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'98 vot favur u 3 astensjonijiet.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1. Il-KESE jilqa' l-isforzi li saru mill-Kummissjoni Ewropea sabiex ir-regoli tal-VAT għas-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni jiġu adattati għall-ħtiġijiet tas-Suq Uniku. Il-KESE japprezza b'mod speċjali l-kooperazzjoni mal-partijiet interessati ⁽¹⁾ involuti direttament f'dan ir-rigward kif ukoll il-konsultazzjoni pubblika li saret fuq l-Internet. Madankollu, għal reviżjonijiet futuri tal-VAT, il-KESE jirrakkomanda l-involvement dirett tal-partijiet interessati kollha fil-proċess leġislativ.

2. Il-KESE jaqbel li l-proposti huma pass sinifikanti lejn qafas tal-VAT modern u aktar kompetittiv għas-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni. Madankollu, il-KESE għandu jilqa' approċċ leġislativ aktar komplet sabiex jiġu eliminati d-diffikultajiet fl-interpretazzjoni u l-problemi mhux solvuti li jifdal. Ma jistax jiġi enfasizzat biżżejjed li l-Kummissjoni Ewropea għandha taġixxi b'hafta prudenza meta tabbozza l-leġislazzjoni tal-VAT dwar is-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni. L-interessi taż-żewġ setturi u tal-klijenti tagħhom, b'mod partikulari l-klijenti privati, m'għandhomx jitpoġġew fir-riskju. Minkejja l-fatt li dan jinvolvi żewġ setturi li huma fundamentali għal ekonomija li tiffunzjona sewwa u li jiġġeneraw impjegi għal ħafna ċittadini Ewropej, huwa wkoll każ tekniku ħafna li ma għandu jħalli ebda spazju għas-suppożizzjonijiet. Billi wieħed mit-tħassib prinċipali huwa ż-żieda fiċ-ċertezza legali u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali, it-tifsira tal-formulazzjoni għandha tkun evidenti fiha nnifisha.

3. Fir-rigward tal-kwistjoni tan-newtralità tal-VAT, il-KESE huwa kuntent bl-introduzzjoni ta' arranġamenti tal-qsim ta' l-ispejjeż u bit-twessigħ ta' l-alternattiva tat-taxxa. B'implimentazzjoni u formulazzjoni xierqa, il-KESE huwa konvint li dawk l-istrumenti jnaqqsu l-impatt moħbi tal-VAT fl-ispejjeż tal-fornituri ta' servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni. Dan mhux biss

itejeb l-effiċjenza u l-kompetittività tas-settur, iżda jkun ukoll ta' benefiċċju f'termini ta' disponibbiltà ta' servizzi minn fornituri dedikati u fiż-żamma ta' l-impjegi 'onshore'. Madankollu, billi l-għan huwa li tinħoloq aktar newtralità tal-VAT u ambjent b'opportunitajiet indaqs għal kulħadd għas-settur finanzjarju u ta' l-assigurazzjoni, xorta għad hemm numru ta' sfidi li jridu jiġu indirizzati. Notevolment, hemm bżonn ta' kjarifika ulterjuri u definizzjonijiet aktar robusti għal għadd ta' eżenzjonijiet u kunċetti bħall-"karattru speċifiku u essenzjali" ta' servizzi eżentati, kif ukoll l-iskop ta' l-intermedjazzjoni eżentata. Għandha tinstab soluzzjoni aċċettabbli sabiex l-iskop tad-dispożizzjonijiet dwar il-qsim ta' l-ispejjeż jiġi estiż għal kemm jista' jkun operaturi possibbli u biex jiġu evitati d-differenzi mhux adattati bejn l-Istati Membri fl-implimentazzjoni għall-alternattiva tat-taxxa. Fl-aħħarnett, għandhom jiġu eżaminati l-modi biex tiġi evitata li l-VAT tiżdied fuq taxxi simili oħra għal dawk is-servizzi li huma soġġetti għal taxxi domestiċi speċifiċi bħal, b'mod partikulari, it-taxxi fuq il-primjum ta' l-assigurazzjoni, u li jsiru soġġetti għall-VAT meta l-alternattiva tat-taxxa tintuża mill-fornitur ta' dawn is-servizzi. Altrimenti, l-interessi tal-konsumaturi jspicċaw mhedda.

Raġunijiet

1. *Lejn Suq Uniku aktar kompetittiv għas-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni* ⁽²⁾

1.1 Skond il-leġislazzjoni attwali tal-VAT, l-ebda VAT ma tiġi intaxxata lill-klijenti ta' ħafna mis-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni. Iżda fl-istess ħin, dan jiġġenera ostakoli żejda għall-ksib ta' Suq Uniku integrat, miftuħ, effiċjenti u kompetittiv għall-kumpaniji li joffru servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni. Jeżistu żewġ problemi ewlenin ⁽³⁾.

⁽²⁾ MEMO/07/519, *L-immodernizzar tar-regoli tal-VAT applikati għas-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni* — Mistoqsijiet li Jsiru ta' Spiss, Brussell, 28 ta' Novembru 2007, pp.1-4

⁽³⁾ COM(2007) 747 finali/2, *Proposta għal Direttiva tal-Kunsill, Memorandum ta' Spjega*, Brussell, 28 ta' Novembru 2007, pp. 2-4

⁽¹⁾ Il-partijiet interessati huma l-operaturi finanzjarji, l-operaturi ta' l-assigurazzjoni u l-Awtoritajiet tat-Taxxa Nazzjonali.

1.2 L-ewwel problema hija li d-definizzjonijiet għall-iskopijiet tal-VAT ta' servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni eżentati mit-taxxa m'għadhomx jgħoddu għal-lum il-ġurnata. Barra minn hekk, hemm nuqqas ta' deskrizzjoni ċara bejn provvisti eżentati u dawk taxxabbli u ma hemm ebda metodu aċċettat pan-Komunitarju biex jiddetermina l-input VAT li jista' tiġi rkuprat. B'hekk, l-eżenzjoni ma tiġix applikata b'mod uniformi mill-Istati Membri. Bħala riżultat, fl-aħħar snin żdied b'mod sostanzjali n-numru ta' każijiet tal-qorti sottomessi lill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea (QĠE). Għalhekk, huwa meħtieġ li timtela l-lakuna legiſlattiva u li jiġu ċċarati r-regoli li jirregolaw l-eżenzjoni mill-VAT għas-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni. Kif inhi beħsiebha tagħmel il-Kummissjoni, ikun prudenti wkoll li jiġu permessi żviluppi futuri fl-industrija tas-servizzi finanzjarji.

1.3 It-tieni problema hija li hemm nuqqas ta' newtralità tal-VAT. Il-fornituri tas-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni ġeneralment ma jkunux jistgħu jirkupraw il-VAT li jħallsu fuq l-oġġetti u s-servizzi li jixtru biex imexxu n-negozji tagħhom ("input-VAT"). Din hija differenti minn negozji mhux finanzjarji li l-input VAT għalihom m'hijiex spiża: hija taxxa li jiġbru mingħand il-konsumaturi (għaldaqstant hija "taxxa fuq il-konsum") li sussegwentement jgħadduha lill-Istat mingħajr ma taffettwa d-dħul tagħhom. Waqt li l-VAT tirrappreżenta sors importanti ta' dħul finanzjarju għall-Awtoritajiet tat-Taxxa ta' l-Istati Membri, in-negozji jispiċċaw isofru l-effett tat-tip *cascading*. Il-VAT irrevokabbli 'moħbija' ssir komponent ta' spiża tal-provvisti ta' servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni. Fl-aħħar, din iżżid l-ispiża ta' l-oġġetti u s-servizzi għall-konsumaturi b'mod ġenerali (*).

1.4 Bħala parti mit-tendenza ġenerali lejn l-integrazzjoni tas-swieq finanzjarji Ewropej u t-tellieqa globali lejn żieda fl-effiċjenza u fil-kompetittività, il-kumpaniji finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni qegħdin jadottaw mudelli tan-negozju ġodda. Dan qed jagħtihom l-oportunità li jiċċentralizzaw jew jissottokuntrattaw ċerti funzjonijiet kruċjali ta' back-office u ta' appoġġ lill-hekk imsejħa "ċentri ta' eċċellenza" li jwettqu dawn il-funzjonijiet b'mod orizzontali għal gruppi ta' operaturi. Tali mudelli ta' negozju notevolment jippermettu użu aktar effettiv ta' l-għerf u l-investimenti, li jirriżulta fi prodotti ta' kwalità ogħla bi prezz irħas. Madankollu, dan jiġġenera l-problema li jinħolqu spejeż addizzjonali meta tali servizzi jiġu fatturati bil-VAT lil operaturi li joffru servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni. B'hekk jinħolqu l-effett tat-tip *cascading* kif deskritt hawn fuq.

1.5 L-għan tar-reviżjoni tal-legiſlazzjoni tal-VAT huwa li, minn naħa, tiġi pprovduta applikazzjoni aġġornata u aktar uniformi tar-regoli tal-VAT, li toħloq aktar ċertezza legali u li tnaqqas il-piż amministrattiv għall-amministrazzjonijiet u l-operaturi ekonomiċi. Min-naħa l-oħra, sabiex tiġi indirizzata l-kwistjoni tan-newtralità tal-VAT, il-proposta (Direttiva dwar il-VAT) tistieden lill-istituzzjonijiet finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni biex inaqqsu l-ispejeż tal-VAT li ma tistax titnaqqas, billi tagħtihom l-oportunità li jagħżlu li jipprovdu servizzi bil-VAT u billi tagħtihom l-oportunità li jevitaw il-ħolqien ta' VAT li ma tkunx tista' tinġabar billi jiċċaraw u jestendu l-eżenzjoni tat-taxxa għal arranġamenti tal-qsim ta' l-ispejeż, inklużi dawk li huma transkonfinali.

(* Battaui P., (2005), *Letter from Brussels. VAT in the Finance Sector, The Tax Journal*, 28 ta' Novembru 2005, pp. 11-14.

2. Is-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud: approċċ legiſlattiv (*)

2.1. Għal aktar minn tletin sena, is-Sitt Direttiva dwar il-VAT (77/388/KE) irrappreżentat is-sisien tal-qafas Ewropew komuni għall-VAT. Madankollu, għadd numeruż ta' emendi li sarulha komplew jagħmluha kkumplikata biex tinqara u diffiċli biex tiġi aċċessata mill-prattikanti. Id-Direttiva l-ġdida tal-Komunità Ewropea dwar il-VAT (2006/112/KEE) daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2007, u din iżżid iċ-ċarezza, ir-razzjonalità u s-semplifikazzjoni, iżda mingħajr ma' ġġib magħha bidliet fil-kontenut.

2.2. Bħala parti mill-kampanja tagħha biex timmodernizza u tissemplifika r-regoli tat-tassazzjoni għas-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet emenda oħra għal-legiſlazzjoni tal-VAT ta' l-UE f'Novembru 2007 (*). Il-proposti huma parti mill-Istrateġija tal-Kummissjoni għas-Semplifikazzjoni ta' l-Ambjent Regolarju (Sezzjoni 66 ta' COM (2006) 690). Id-definizzjonijiet il-ġodda huma maħsuba wkoll biex joħolqu aktar konsistenza mar-regoli tas-suq intern (eż. fondi ta' l-investment, klassifikazzjoni tal-kreditu, derivattivi).

2.3. Il-proposta attwali għal Direttiva tal-Kunsill dwar is-sistema komunika tat-taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward tat-trattament tas-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni tinkludi emendi għall-Artikoli 135(1)(a) sa (g) u 137(1)(a) u (2) tad-Direttiva tal-VAT (2006/112/KE). Din il-proposta hija akkumpanjata minn proposta għal Regolament (*) (Regolament dwar il-VAT) li jikkonsisti minn dispożizzjonijiet li jimplementaw l-artikoli rilevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud għas-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni. Din telenka lista tas-servizzi finanzjarji, ta' l-assigurazzjoni, tal-ġestjoni u ta' intermedjazzjoni li jikkwalifikaw u li ma jikkwalifikawx għal eżenzjoni tal-VAT, kif ukoll is-servizzi li għandhom in-natura speċifika u essenzjali ta' servizzi eżenti u li għalhekk jikkwalifikaw għal eżenzjoni bħala dritt tagħhom. Fid-dawl tal-kumplessità tas-servizzi finanzjarji u s-swieq ta' l-assigurazzjoni u ta' l-iżvilupp kontinwu ta' prodotti ġodda, dawn il-listi m'humiex eżawrjenti.

3. Konsultazzjoni mal-partijiet interessati u l-evalwazzjoni ta' l-impatt (*)

3.1. Bejn l-2004 u l-2007 saret konsultazzjoni mal-partijiet interessati u ġie kkummissjonat studju indipendenti mill-Kummissjoni Ewropea, li lkoll jikkonfermaw il-ħtieġa li ssir

(*) COM (2007) 747, *Proposta għal Direttiva, Memorandum ta' Spjega*, Brussell, 28 ta' Novembru 2007, pp. 2-4.

(*) COM(2007) 747: *Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward tat-trattament tas-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni*.

(*) COM(2007) 746: *Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistipula miżuri implimentattivi għad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward tat-trattament tas-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni*.

(*) COM(2007) 747 finali/2, *Proposta għal Direttiva tal-Kunsill, Memorandum ta' Spjega*, Brussell, 28 ta' Novembru 2007, pp. 2-6.

evalwazzjoni tal-leġislazzjoni tal-VAT għas-settur finanzjarju u ta' l-assigurazzjoni. L-għażliet ikkunsidrati huma deskritti b'mod estensiv fl-evalwazzjoni ta' l-impatt ⁽⁹⁾ tad-DĠ TAXUD.

3.2. Is-seminar Fiscalis għall-amministrazzjonijiet nazzjonali tat-taxxa ta' l-Istati Membri ġie organizzat fl-2004 fil-belt ta' Dublin. Fis-seminar ġew diskussi d-diversi oqsma problematiċi għall-operaturi ekonomiċi, b'mod partikulari l-evoluzzjonijiet globali u tas-Suq Intern, li jispjegaw b'mod speċjali l-fenomeni ta' l-esternalizzazzjoni (outsourcing). Matul l-2005 ġie intensifikat id-djalogu mal-partijiet interessati prinċipali. Ġew stabbiliti kuntatti regolari ma' gruppi rappreżentattivi bħall-Federazzjoni Bankarja Ewropea (FBE), il-Comité Européen des Assurances (CEA), il-Federazzjoni Ewropea ta' l-Intermedjarji ta' l-Assigurazzjoni (BIPAR) u l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Ġestjoni tal-Fondi u l-Assi (EFAMA) kif ukoll ma' konsulenti professjonali u partijiet interessati oħrajn.

3.3. Fis-segwitu għall-ewwel Seminar Fiscalis, DĠ TAXUD ikkummissjona studju b'espert indipendenti biex iżid l-għarfien ta' l-effetti ekonomiċi ta' l-eżenzjoni tal-VAT għas-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni ⁽¹⁰⁾. Ir-rapport finali ġie ppreżentat lill-Kummissjoni f'Novembru 2006 u kkonkluda, fost affarijiet oħra, li ⁽¹¹⁾:

- a) l-istituzzjonijiet finanzjarji ta' l-UE jagħmlu inqas profitti mill-ekwivalenti tagħhom freġjuni ekonomiċi oħrajn aktar żviluppati bħall-Istati Uniti. L-istituzzjonijiet finanzjarji ta' l-UE jsofru aktar minn VAT inkorporata fil-prezz — li ma tistax tiġi rkuprata u tat-tip *cascading*. Din tkompli żżid ma' l-ispejjeż tagħhom;
- b) hemm evidenza li minħabba diverġenzi bejn l-Istati Membri fl-interpretazzjoni tad-Direttiva dwar il-VAT fuq dak li jikkostitwixxi servizzi finanzjarji eżenti jew mhux eżenti, l-operaturi ekonomiċi jiffaċċjaw inċertezza legali konsiderevoli fit-tehida ta' deċiżjonijiet kummerċjali. Din tidher li hija kwistjoni sinifikanti fid-deċiżjoni ta' x'għandu u x'mgħandux jiġi esternalizzat;
- c) id-differenzi fl-interpretazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-QĠE u fil-kalkulazzjoni tar-rati ta' l-irkupru deħru bħala sorsi ta' distorsjoni li jikkontribwixxu għal nuqqas ta' newtralità tal-VAT. L-istudju kkonkluda li, fi tmiem perijodu ta' żmien medju, it-trattament tal-VAT kurrenti tas-servizzi finanzjarji ser isir "sors ta' vantaġġ kompetittiv inġust" u "jfixkel it-tweġiq ta' Suq Uniku għas-servizzi finanzjarji".

⁽⁹⁾ SEC(2007)1554, Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff tal-Kummissjoni, "Dokument li jakkumpanja l-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward tat-trattament tas-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni: Evalwazzjoni ta' l-Impatt, Brussell, 28 ta' Novembru 2007, pp. 1-61.

⁽¹⁰⁾ Price Waterhouse Coopers, Sejħa għall-Offerti nru. Taxud/2005/AO-006, Studju biex jiżjed l-Għarfien ta' l-Effetti Ekonomiċi ta' l-Eżenzjoni tal-VAT għas-Servizzi Finanzjarji u ta' l-Assigurazzjoni, Brussell, 2006, pp. 1-369.

⁽¹¹⁾ SEC(2007)1554, Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff tal-Kummissjoni, "Dokument li jakkumpanja l-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward tat-trattament tas-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni: Evalwazzjoni ta' l-Impatt, Brussell, 28 ta' Novembru 2007, pp. 12-13.

3.4. Sensiela sussegwenti ta' konsultazzjonijiet ma' l-Istati Membri u d-DĠ MARKT irriżultaw fit-tfassil ta' dokument bażiku, id-Dokument ta' Ħidma TAXUD 1802/06 li kien ġie diskuss mal-partijiet interessati u l-Istati Membri waqt il-Konferenza dwar it-Taxxa fi Brussell f'Mejju 2006. Id-Dokument ta' Ħidma jiddeskrivi l-problemi bażiċi, kif ukoll miżuri tekniċi possibbli biex jindirizzawhom.

3.5. Mid-9 ta' Mejju 2006 sad-9 ta' Ġunju 2006 ġiet organizzata konsultazzjoni miftuħa fuq l-Internet. Il-Kummissjoni Ewropea rċeviet 82 reazzjoni ⁽¹²⁾. Il-kontribuzzjonijiet magħmula mill-partijiet interessati fil-konsultazzjoni pubblika dwar is-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni wasslu għal tliet konklużjonijiet ewlenin. L-ewwelnett, huma x'inhuma l-għażliet li jintgħażlu għall-immodernizzar tat-trattament tal-VAT tas-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni, dawn għandhom iwasslu għal aktar ċarezza u ċertezza legali u jnaqqsu d-drittijiet amministrattivi għall-fornituri, is-sottokuntratturi, l-intermedjarji u l-klijenti. It-tieni, l-operaturi ekonomiċi mis-settur ta' l-assigurazzjoni u dawn mis-settur tas-servizzi finanzjarji essenzjalment għandhom l-istess tħassib iżda jstgħu jagħtu prijorità lill-miżuri biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet b'mod differenti. It-tielet, l-interessi ta' l-operaturi ekonomiċi għall-provvisti ta' "negozzju għal negozzju" (B2B) ivarjaw b'mod konsiderevoli mill-interess tagħhom fir-rigward ta' provvisti "min-negozzju għall-konsumatur" (B2C).

3.6. F'Ġunju 2007, id-dokumenti ta' ħidma li fihom l-ewwel abbozzi legali ġew ippubblikati fuq il-website tad-Direttorat Ġenerali. L-abbozz ta' leġislazzjoni ġie diskuss b'mod estensiv mal-partijiet interessati kollha waqt diversi laqgħat. Fil-31 ta' Lulju 2007 ġiet organizzata Laqgħa għall-Partijiet Interessati fil-VAT. Fit-28 ta' Novembru 2007, il-Kummissjoni Ewropea adottat u kkomunikat il-proposti msemmija fuq kif ukoll l-evalwazzjoni ta' l-impatt.

3.7. Fl-evalwazzjoni ta' l-impatt, id-DĠ TAXUD jelenka l-impatt mistenni tal-proposta għall-konsumaturi privati, il-konsumaturi tan-negozzju, il-kumpaniji finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni Ewropej, u l-amministrazzjonijiet tat-taxxa nazzjonali. Din l-evalwazzjoni ⁽¹³⁾ kienet notevolment ibbażata fuq ir-riżultati ta' l-istudju dwar l-għarfien ta' l-effetti ekonomiċi ta' l-eżenzjoni tal-VAT għas-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni. L-impatt baġitarju mistenni jvarja minn Stat Membru ta' l-UE għal ieħor minħabba diversi fatturi — bħar-rata standard tal-VAT, it-trattament tal-VAT eżistenti fuq servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni, l-interdipendenza ma' taxxi oħrajn bħalma huma taxxi fuq il-payroll, l-impatt fuq l-ispejjeż tas-sigurtà soċjali u tal-qgħad, eċċ. Madankollu, fuq il-bażi ta' l-istudju PwC ⁽¹⁴⁾ jstgħu jiġu elenkati l-aspettattivi li ġejjin ⁽¹⁵⁾:

⁽¹²⁾ Id-dokument dwar il-konsultazzjoni pubblika (Dokument ta' Konsultazzjoni dwar l-immodernizzar ta' l-obbligi tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għas-servizzi finanzjarji u l-assigurazzjonijiet) u sommarju dettaljat ta' l-opinjoni espressi minn dawki li jwieġbu (Sommarju tar-riżultati — Konsultazzjoni pubblika dwar is-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni) jinsabu fuq http://ec.europa.eu/taxation_customs/common/consultations/tax/article_2447_en.htm.

⁽¹³⁾ Price Waterhouse Coopers, Sejħa għall-Offerti nru. Taxud/2005/AO-006, Studju biex jiżjed l-Għarfien ta' l-Effetti Ekonomiċi ta' l-Eżenzjoni tal-VAT għas-Servizzi Finanzjarji u ta' l-Assigurazzjoni, Brussell, 2006, pp. 162-174.

⁽¹⁴⁾ Ara n-nota 10 f'qiegħ il-paġna.

⁽¹⁵⁾ MEMO/07/519, L-immodernizzar tar-regoli tal-VAT applikati għas-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni — Mistoqsijiet li Spiss Isiru, Brussell, 28 ta' Novembru 2007, pp. 2-4.

3.7.1. **L-impatt baġitarju għall-konsumaturi privati u tan-negozju:** bħalissa s-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni ġeneralment ikunu eżentati mill-VAT. Aċċess usa' għall-alternattiva tat-taxxa ma għandu bl-ebda mod iżid l-ispiża finali tas-servizzi finanzjarji għall-konsumaturi, billi għat-transazzjonijiet tas-servizzi finanzjarji l-parti tal-VAT mhux rikuperabbli tal-prezz tal-prodotti hija l-hekk imsejħa "taxxa moħbija". L-alternattiva tat-taxxa għandha tneħħi din it-taxxa moħbija u għandha tagħti l-opportunità lin-negozji jsiru aktar effiċjenti u għalhekk jagħtu l-opportunità li l-prodotti jiġu offruti bi prezz aktar baxx. L-istess loġika tapplika għall-arranġamenti tal-qsim ta' l-ispejjeż. Madankollu din hija biss suppożizzjoni bbażata fuq l-esperjenza dwar l-alternattiva tat-taxxa f'pajjiżi bħall-Belġju. Ser issir ħidma addizzjonali sabiex ikompli jiġi evalwat l-impatt attwali ta' l-għażla tat-taxxa fuq il-mudelli tan-negozju u l-ispiża tal-prodotti finanzjarji ser tkun f'diversi segmenti tas-suq. Il-konsumaturi tal-bejgħ bl-immunità privati għandhom jibbenefikaw mill-iktar għażla favorevoli u ma jsufri l-ebda żvantaġġ mill-applikazzjoni tal-VAT għal segmenti oħra tas-suq.

3.7.1.1. Għall-klijenti tan-negozju, ser ikun improbabbli ħafna li alternattiva tat-taxxa jkollha konsegwenzi negattivi, billi fil-prinċipju dawn jistgħu jirkupraw l-input VAT. Il-konsegwenzi baġitarji possibbli għall-konsumaturi privati fl-eventwalità improbabbli li l-alternattiva tat-taxxa tiġi applikata għal operazzjonijiet B2C huma inqas ċari. Peress li l-konsumaturi privati ma jstgħux inaqqsu l-VAT, il-problema li l-VAT tiżdied ma' taxxi simili oħrajn tista' titfaċċa speċifikament fir-rigward tal-ħlas ta' primjums ta' l-assigurazzjoni. Illum il-ġurnata, daww il-primjums jiġu fatturati b'taxxi fuq bażi nazzjonali u drittijiet parafiskali, għar-raġuni speċifika li l-Awtoritajiet Nazzjonali tat-Taxxa ma jstgħux jintaxxaw il-VAT fuq servizzi ta' l-assigurazzjoni. Madankollu, ir-riżultat eventwali jiddependi fuq sa liema punt il-kumpaniji finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni ser jużaw b'mod effettiv l-alternattiva tat-taxxa f'ambjent min-negozju għall-konsumaturi (B2C).

3.7.2. **L-impatt fuq l-impjegji:** huwa importanti li wieħed jinnota li l-impatt baġitarju ma jirreferix biss għall-ammont tad-dħul tal-finanzi mill-VAT. Il-KESE huwa ħerqan li jassigura li s-soluzzjonijiet għall-VAT, bħall-alternattiva tat-taxxa u l-arranġamenti tal-qsim ta' l-ispejjeż, jikkontribwixxu biex jattiraw u jżommu s-setturi ta' l-industrija ewlenin fl-Istati Membri. Minn naħa waħda, dan jigarantixxi impjeg dirett fis-servizzi finanzjarji u fl-industrija ta' l-assigurazzjoni. Min-naħa l-oħra, dan jiġġenera impjeg indirett fl-Istati Membri. L-impjegji indiretti jstgħu jinħolqu f'setturi oħrajn bħall-ICT u fornituri oħrajn ta' servizzi ta' esternalizzazzjoni. Dan jinkludi wkoll il-fornituri ta' oġġetti u servizzi lill-istituzzjonijiet finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni (eż. fornituri ta' hardwer, servizzi ta' sigurtà, fornimenti ta' oġġetti ta' l-ikel, fornituri tal-kostruzzjoni u servizzi ta' proprjetà ...). Il-proposti għandhom jipprevjenu lill-operaturi Ewropej milli jesternalizzaw l-operazzjonijiet tagħhom barra minn xtuthom (jiġifieri jċaqilqu l-funzjonijiet tagħhom lejn pajjiżi barra mill-Ewropa) billi, jekk dawn jiġu mfassla u implimentati b'mod effettiv, ir-regoli l-ġodda ser joħolqu propożizzjoni attraenti għan-negozji biex jiċċentralizzaw jew jissottokuntrattaw attivitajiet fi ħdan l-UE. Dan huwa bbażat fuq analiżi ta' prattika tan-negozju normali li tiegħu f'kunsiderazzjoni l-importanza ta' l-għarfien lokali u tal-proċessi ta' kontroll. Minkejja kollox, ovrja-

ment dan ma jassigurax li fil-ġejjieni l-operaturi Ewropej m'humiex ser jiddeċiedu li jċaqilqu kwalunkwe attività barra minn xtuthom. Għalhekk, il-KESE huwa partikularment sensitiv għall-bilanċ xieraq bejn il-kompetittività u l-kwalità ta' l-impjeg.

3.7.3. **L-impatt mistenni għall-kumpaniji Ewropej li joffru servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni:** il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tistenna li l-kjarifika tad-definizzjonijiet tas-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni eżentati ser tnaqqas l-ispejjeż tal-konformità. Illum il-ġurnata, in-negozji jridu jaċċertaw l-interpretazzjoni ta' l-eżenzjoni ma' kull Stat Membru individwali u spiss jiġu sfurzati jirrikorru għall-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea. Din m'hijiex biss spiża maġġuri; hija wkoll barriera għall-integrazzjoni Ewropea u l-kompetittività internazzjonali. Approċċ konsistenti jkun ifisser li interpretazzjoni applikata fi Stat Membru wieħed tkun valida fi kwalunkwe post ieħor. Minbarra dan, l-aċċess usa' għall-arranġamenti tal-qsim ta' l-ispejjeż u l-alternattiva tat-taxxa ser jgħin lill-kumpaniji finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni biex jimmaniġġjaw aħjar l-impatt tal-VAT mhux rikuperabbli fuq l-istruttura ta' l-ispiża interna tagħhom. Dan ser iżid il-profitabilità ta' l-operaturi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni, li ser tagħtihom l-opportunità li jikkompetu aħjar fis-suq globali u biex inaqqsu l-ispiża tal-kapital u l-assigurazzjoni għall-ekonomija Ewropea u għall-konsumaturi b'mod ġenerali.

3.7.4. **L-impatt baġitarju għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa nazzjonali:** il-Kummissjoni hija konvinta li żieda ta' ċertezza legali tassigura d-drittijiet ta' l-intaxxar ta' l-Istati Membri u ser tnaqqas l-opportunitajiet għal ippjanar aggressiv tat-taxxa. Minbarra dan, il-piż amministrattiv għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa nazzjonali għandu jonqos minħabba regoli ta' l-eżenzjoni aktar ovvi. Madankollu, applikazzjoni aktar konsistenti ta' l-eżenzjoni ma tistax teskludi li xi Stati Membri jkollhom jeżentaw ċerti servizzi li issa huma jqisuhom bħala taxxabli u viċi versa. Fl-istess ħin, fuq il-bażi ta' evalwazzjoni ta' livell għoli, il-Kummissjoni tassumi li l-effett totali ta' l-implikazzjonijiet tad-dħul tal-finanzi ser ikun wieħed żgħir jew saħansitra newtrali. Kumpaniji finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni li jagħmlu aktar profitti ser ikollhom iħallsu aktar taxxi diretti u b'hekk, ser ikunu qegħdin jikkontribwixxu għall-baġits nazzjonali. Barra minn hekk, ħafna mill-VAT li teoretikament ser tintilef ftali każijiet ta' l-implimentazzjoni ta' arranġamenti tal-qsim ta' l-ispejjeż fil-verità m'hijiex qiegħda tiġi intaxxata llum il-ġurnata billi l-operaturi jnaqqsu din l-ispiża ta' l-iċċentralizzar tal-funzjonijiet permezz ta' miżuri organizzattivi b'piż amministrattiv tqil li huma xierqa iżda kkumplikati.

3.7.4.1. Madankollu, il-Kummissjoni Ewropea tindika li huwa diffiċli li jiġi smat l-effett ta' dawn is-soluzzjonijiet għall-VAT. Ħafna ser jiddependi fuq kif l-istituzzjonijiet finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni ser jirreaġixxu għall-bidliet. Għall-qsim ta' l-ispejjeż, it-tnaqqis fil-għbir tat-taxxa jiddependi fuq jekk l-arranġamenti humiex diġà fis-seħħ u jekk humiex soġġetti għall-VAT jew le. Jekk ir-regoli l-ġodda jinkoraġġixxu lill-kumpaniji finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni biex jidħlu f'arranġamenti mmexxija mill-effiċjenza li huma kieku ma kinux ser jikkuntemplaw, ma jkun hemm ebda telf ta' VAT. Jekk l-arranġamenti huma diġà fis-seħħ u soġġetti għall-VAT, xi ħaġa li hija improbabbli ħafna, imbagħad ikun ifisser li jkun hemm telf ta' dħul finanzjarju

minħabba rilaxx aktar estensiv. Fir-rigward tal-bidliet fir-regoli dwar l-alternattiva tat-taxxa, jista' jkun mistenni fl-iskop ta' taxxa netta fl-operazzjonijiet minn negozju għal negozju (B2B) minħabba li l-klijenti tan-negozju ġeneralment ikunu jistgħu jirkupraw il-VAT li jħallsu. Min-naħa l-oħra, l-intaxxar fuq l-operazzjonijiet min-negozju għall-klijent (B2C) teoretikament ser jipproduċi profitti mid-dħul tat-taxxa. Madankollu, f'dan l-istadju huwa inċert sa liema punt l-operaturi ser jagħżlu li jmorru għat-tassazzjoni fuq prodotti finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni f'ambjent ta' B2C. L-istituzzjonijiet finanzjarji u l-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni ser ikollhom l-ewwel jagħmlu ċert li jkun jistgħu jżidu l-effiċjenza tagħhom għal livell li jagħtihom l-opportunità li jimponu l-VAT fuq klijenti privati mingħajr ma jżidu l-ispiża għal dawn il-klijenti.

4. Osservazzjonijiet rigward is-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni

4.1. Il-KESE jappoġġja b'mod sħiħ lill-Kummissjoni Ewropea fil-proġett ambizzjuż tagħha biex tadatta r-regoli tal-VAT fuq servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni għar-rekwiżiti tas-suq modern. Jidher b'mod ċar li l-proposti huma maħsuba biex jindirizzaw l-oqsma ewlenin ta' tħassib għall-industrija tal-finanzi u ta' l-assigurazzjoni u l-klijenti tagħhom, waqt li l-approċċ li ntgħażel, jiġifieri abbozz ta' Direttiva b'miżuri implimentattivi f'abbozz ta' Regolament, jidher li huwa wieħed b'saħħtu u loġiku.

4.2. Madankollu, il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea fil-mekken ma' l-Istati Membri biex ikomplu jaħdmu fuq kjarifika ulterjuri ta' numru ta' definizzjonijiet biex b'hekk jiġi indirizzat it-tħassib kruċjali ta' aktar ċertezza legali b'mod komplet. Fir-rigward tad-definizzjonijiet tas-servizzi finanzjarji, il-KESE jesprimi t-tħassib tiegħu dwar partijiet mill-formulazzjoni fil-proposti, bħall-ġhota ta' kreditu kif definit f'punt (2) ta' l-Artikolu 135 tad-Direttiva dwar il-VAT u fl-Artikolu 15 tar-Regolament dwar il-VAT. Dawn id-definizzjonijiet m'humiex kompletament ċari u jidher li huma restrittivi wisq. Per eżempju, "is-self tal-flus" huwa kopert f'termini ġenerali u milli jidher mingħajr ma jiġu trattati b'mod speċifiku soluzzjonijiet eżistenti jew ġodda għall-provvista ta' finanzjament, fosthom it-transazzjonijiet li jinvolvu t-titoli finanzjarji. "Is-self tal-flus" biss huwa kopert; is-self ta' assi oħrajn, bħal titoli finanzjarji, m'humiex espliċitament kopert iżda jingħad li huwa kopert mill-eżenzjonijiet l-oħrajn. Madankollu, m'humiex ċar liema huma dawn l-eżenzjonijiet l-oħrajn li ser ikopru għal *instance securities lending*. Għalhekk, il-KESE jirrakkomanda li tingħata kunsiderazzjoni għal kjarifika addizzjonali, filwaqt li jiġu permessi żviluppi addizzjonali fl-industrija tas-servizzi finanzjarji, kif indikat li lesta tagħmel il-Kummissjoni.

4.3. L-istess rakkomandazzjoni tapplika għall-proposta ta' Regolament. Il-KESE jirrakkomanda li jsir aktar xogħol biex jiġi assigurat li l-lista ta' eżempji użati fir-Regolament tkun kompletament ċara u konsistenti. Il-KESE jifhem li, fit-teorija, ir-Regolament ma jinkludix listi eżawrjenti ta' definizzjonijiet, iżda l-istess KESE huwa mħasseb dwar ir-riskju ta' konfużjoni u dwar l-implikazzjonijiet mhux magħrufa fil-prattika tas-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni li m'humiex imsemmija b'mod speċifiku fil-lista.

4.4. Għandha tingħata kunsiderazzjoni biex tiġi ġġenerata aktar ċertezza fir-rigward tal-kategoriji ta' servizzi ta' klijent, derivattivi, titoli finanzjarji u servizzi ta' kustodja u għall-iskop ta' l-eżenzjoni għal servizzi speċifiċi fir-rigward tal-ġestjoni tal-fondi ta' investiment. F'dak li għandu x'jaqsam mas-servizzi li huma meqjusa bħala li għandhom il-karattru speċifiku u essenzjali ta' servizz eżentat, il-KESE jemmen li jista' jkun hemm bżonn ta' kjarifika addizzjonali dwar il-kunċett ta' "essenzjali" u "speċifiku" (16). Il-proposti mhux dejjem jidher li qegħdin jagħtu viżjoni ċara biżżejjed li l-azzjonijiet amministrattivi tagħhom fil-fatt jidher li jikkwalifikaw bħala speċifiċi u essenzjali, waqt li l-listi mhux dejjem jidher li huma konsistenti għal kollox billi s-servizzi li jappartjenu għall-katina ta' l-istess valur kultant jidher li huma ttrattati b'mod differenti.

4.5. Fir-rigward ta' l-intermedjazzjoni, hemm bżonn ta' aktar ċarezza fejn tidħol id-definizzjoni ta' "parti kuntrattwali" u ta' "servizzi standardizzati" (17). L-intermedjazzjoni għandha tiġi inkluża wkoll id-definizzjoni ta' servizzi li huma "essenzjali" u "speċifiċi" għal servizz eżentat (18). Altrimenti, l-intermedjarji ma jibqgħux joperaw f'ambjent b'opportunitajiet indaq għal kulħadd. Dan jispiċċa jmur ukoll kontra l-filosofija ġdida intenzjonata ta' l-eżenzjonijiet proposti, li tħares lejn il-forniment tas-servizz u mhux lejn il-persuna li qiegħda tipprovdi jew il-mezzi li jintużaw sabiex jiġi provdut.

4.6. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għal servizzi bħal pensjonijiet u annwalitajiet li ser jibbenefikaw minn eżenzjoni taħt kategoriji ta' eżenzjoni differenti. Dan ikun depożitu ta' assigurazzjoni (19) jew depożitu finanzjarju (20) skond il-preżenza jew in-nuqqas ta' riskju. Il-problema hija li l-kunċett ta' servizzi relatati (*back office*) ser jiġi żviluppat separatament u b'mod differenti (21). Bħala riżultat, il-prodotti unitarji li jinsabu f'riskju ser ikollhom jingħataw appoġġ minn żewġ kategoriji tal-VAT differenti ta' servizzi essenzjali u speċifiċi skond il-kwalifika tagħhom taħt il-provvista eżentata ewlenija.

4.7. Il-KESE jilqa' l-estensjoni tad-dritt ta' l-operaturi li jagħżlu t-tassazzjoni tas-servizzi bankarji u dawk ta' l-assigurazzjoni u l-introduzzjoni ta' l-arranġamenti tal-qsim ta' l-ispejjeż bħala mezz biex jitnaqqas l-impatt tal-VAT moħbija. Madankollu, il-KESE jibża' li l-kundizzjonijiet stretti għall-eliġibilità għall-qsim ta' l-ispejjeż kif ukoll l-iskop strett tas-servizzi li jistgħu jiġu furnuti fi ħdan l-arranġament ta' qsim ta' l-ispejjeż li huwa newtrali għall-VAT fil-prattika ser inaqqsu l-benefiċċju potenzjali tad-dispożizzjonijiet dwar il-qsim ta' l-ispejjeż għal numru limitat ħafna ta' sitwazzjonijiet

(16) Ara l-Artikolu 135(1)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT proposta u l-Artikolu 14, 1 tar-Regolament dwar il-VAT propost.

(17) Ara l-Artikolu 135(a)(9) tad-Direttiva dwar il-VAT proposta u l-Artikolu 10, 1-2 1 tar-Regolament dwar il-VAT propost.

(18) Ara l-Artikolu 135(1)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT proposta.

(19) Ara l-Artikolu 2(1) tar-Regolament dwar il-VAT propost.

(20) Ara l-Artikolu 5(1)(h) tar-Regolament dwar il-VAT propost.

(21) Ara l-Artikolu 14 u 17 tar-Regolament dwar il-VAT propost.

4.8. Introduzzjoni ġenerali tal-Grupp tal-VAT (it-trattament ta' kumpaniji bħala entità waħda għall-ħlas tat-taxxa għall-finijiet tal-VAT, skond id-Direttiva attwali tal-VAT iżda fuq bażi fakultat-tiva biss), b'dispożizzjonijiet adattati għal kontra l-abbuż, jistgħu jkunu soluzzjoni iktar adattata u flessibbli li tippermetti lill-operaturi li jintegraw l-kompetenzi essenzjali tagħhom mingħajr ma jkollhom iħallsu VAT addizzjonali. Madankollu, il-KESE jammetti li l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-dispożizzjonijiet tal-Grupp tal-VAT m'huwiex unanimu fost l-Istati Membri bħalissa u anke l-Kummissjoni għandha r-riżervi tagħha. Għaldaqstant ma jidherx li huwa soluzzjoni fuq perijodu qasir.

4.9 Il-KESE jilqa' l-introduzzjoni ta' alternattiva tat-taxxa ġeneralizzata li bħalissa m'hijiex disponibbli għal servizzi ta' l-assigurazzjoni. Il-merti ta' din l-għażla huma ċari fi transazzjonijiet B2B, fejn il-VAT jiġi rkuprat mill-klijent. Madankollu, il-KESE jibża' li tista' titfaċċa tassazzjoni addizzjonali skond il-leġislażjoni l-għdida u jkollha konsegwenzi baġitarji għall-konsumaturi privati li ma jkunux jistgħu jirkupraw il-VAT. Irrispettivament mil-liġi għall-kuntratti, il-kuntratti ta' l-assigurazzjoni huma soġġetti għal taxxi indiretti u drittijiet parafiskali fuq primjums ta' l-assigurazzjoni fl-Istat Membru fejn hemm ir-riskju. Ir-rata ta' dawk it-taxxi tvarja b'mod sinjifikanti fost l-Istati Membri u bejn klassijiet ta' l-assigurazzjoni (eż. assicurazzjoni fuq il-ħajja, assicurazzjoni tal-vetturi bil-mutur, eċċ.). Dan jagħti lok għal mistoqsijiet dwar il-ħtieġa ta' koordinazzjoni madwar l-UE kollha.

Il-KESE jiddubita li l-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni ser japplikaw l-alternattiva tat-taxxa, b'mod speċjali fis-swieq B2C, ladarba l-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali qegħdin jimponu taxxi oħrajn fuq primjums ta' l-assigurazzjoni. Min-naħa l-oħra, il-KESE jqisha bħala improbabbli li l-awtoritajiet nazzjonali jabolixxu, jew għall-inqas, inaqqsu fi proporzjon xieraq it-taxxi fuq il-primjum peress li dawn jispiċċaw jiġġeneraw telf fid-dħul finanzjarju għall-Istati Membri. Din hija kwistjoni li trid tiġi indirizzata b'mod ċar.

4.10 Fir-rigward ta' l-alternattiva tat-taxxa għas-servizzi finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni, il-KESE jilqa' wkoll sistema li tagħti l-opportunità lill-operaturi jagħżlu fuq bażi ta' transazzjoni bi transazzjoni jew fuq bażi għal kull klijent jew inkella għal kategoriji definiti minn qabel ta' transazzjonijiet jew klijenti. Fl-istess punt, jintlaqa' wkoll il-fatt li l-operaturi jingħataw l-opportunità li jirkupraw b'mod xieraq l-input VAT li huwa relatat ma' l-output li huwa intaxxabli bil-VAT. Dan joħloq newtralità tal-VAT massima f'ambjent ta' B2B. Madankollu, huwa kruċjali li mill-2012 tibda tiġi ssalvagwardjata l-implimentazzjoni uniformi ta' l-għażla, u li għalhekk l-Istati Membri ma jingħatawx il-possibbiltà li jimponu kundizzjonijiet li jvarjaw skond l-użu ta' l-għażla tal-VAT. Jekk l-alternattiva tat-taxxa ma tiġix implimentata b'mod simili, x'aktarx li tinħoloq sitwazzjoni ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn l-Istati Membri u l-operaturi ekonomiċi.

Brussell, id-29 ta'Mejju 2008.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar ir-Relazzjonijiet bejn l-UE u s-Serbja: ir-rwol tas-soċjetà ċivili

(2008/C 224/29)

Fittra datata t-18 ta' Lulju 2007, il-Kummissarju Margot Wallström u l-Kummissarju Olli Rehn talbu lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew sabiex ifassal opinjoni esploratorja dwar

Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u s-Serbja: ir-rwol tas-soċjetà ċivili.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għar-Relazzjonijiet Esterni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-5 ta' Mejju 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Seppo Kallio.

Matul l-445 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-28 u d-29 ta' Mejju 2008 (seduta tad-29 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'74 vot favur, 9 voti kontra u 10 astensjonijiet.

1. Il-konklużjonijiet ta' l-opinjoni

1.1 Ir-rakkomandazzjonijiet lill-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE:

- Il-gvern Serb għandu jiġi appoġġjat fil-ħolqien ta' Strateġija għall-iżvilupp tas-soċjetà ċivili ⁽¹⁾.
- Għandu jissaħħaħ l-appoġġ, anke f'termini finanzjarji, għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fis-Serbja sabiex iżommu l-indipendenza tagħhom mill-gvern u jassiguraw is-sostenibbiltà tal-proġetti mmexxija minnhom stess.
- Għandhom jinħolqu skemi ta' appoġġ finanzjarju iktar adattati u effiċjenti sabiex jitqassru l-proċeduri twal ta' l-applikazzjoni u t-tehdid tad-deċiżjonijiet. Dan japplika wkoll għall-faċilità l-ġdida stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea għall-promozzjoni ta' l-iżvilupp u d-djalogu tas-soċjetà ċivili. L-appoġġ għandu jkun disponibbli għal medda wiesgħa ta' organizzazzjonijiet interessati u għandu jkun flessibbli fir-rigward ta' l-indirizzar tal-ħtiġijiet tagħhom.
- Għandha ssir distinzjoni bejn l-NGOs u l-imsieħba soċjali fir-rigward tal-ħolqien u l-adozzjoni ta' strateġiji ta' appoġġ.
- Għandhom jiġu appoġġjati programmi ffokati fuq il-bini tal-kapaċitajiet ta' l-imsieħba soċjali sabiex isaħħu l-kapaċità tagħhom għal djalogu soċjali effettiv;
- Għandhom jiġu appoġġjati b'mod sistematiku dawk il-proġetti ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li qegħdin jiffukaw fuq il-promozzjoni ta' l-idea ta' l-integrazzjoni Ewropea fis-soċjetà kollha kemm hi. Dibattitu sistematiku dwar il-kwistjonijiet li jikkonċernaw l-integrazzjoni Ewropea għandu jħaddan il-partijiet kollha tas-soċjetà, inkluż il-qasam non-governattiv. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkunsidrat l-appoġġ għal medda usa' ta' attivitajiet fil-Konvenzjoni Nazzjonali dwar l-Unjoni Ewropea fis-Serbja, li tinkludi kemm ir-rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet tal-gvern u non-governattivi.
- Għandhom jiġu appoġġjati proġetti mmirati lejn it-trasferiment ta' l-għarfien u l-esperjenza mill-Istati Membri ta' l-UE għas-Serbja. Il-kontribut ta' l-Istati Membri l-“ġodda” mill-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant jista' jkun ta' valur miżjud ġenwin. L-importanza ta' “proġetti ta' ġemellaġġ” għandha tingħata aktar rikonoxximent u appoġġ mill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea. Il-faċilità li għadha kif ġiet stabbilita għall-promozzjoni ta' l-iżvilupp u d-djalogu tas-soċjetà ċivili tista' tipprovdi l-appoġġ għal attivitajiet bħal dawn.
- Għandu jsir possibbli għar-rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mis-Serbja li jżuru l-istituzzjonijiet ta' l-UE u jieħdu sehem b'xejn fil-konferenzi u l-avvenimenti organizzati mill-UE.
- Għandu jissaħħaħ l-appoġġ għan-netwerks reġjonali ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-Balkani tal-Punent. Għandha tingħata attenzjoni speċifika lill-intensifikar tad-djalogu bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Serbi u Kosovari ⁽²⁾ sabiex jingħeleb id-distakk fil-komunikazzjoni bejn il-gvernijiet tas-Serbja u l-Kosovo ⁽²⁾.
- Għandu jinżamm djalogu sistematiku ma' donaturi oħrajn sabiex jipprovdu lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fis-Serbja u l-Balkani tal-Punent kollha kemm huma b'assistenza mmirata, effiċjenti, effettiva u f'waqtha.
- Id-Delegazzjoni tal-KE fis-Serbja għandha ssir iktar viżibbli f'għajnejn ir-rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif ukoll taċ-ċittadini tas-Serbja.
- Għandu jiġi stabbilit djalogu sistematiku u strutturat fost ir-rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (KE) fis-Serbja sabiex ikollhom informazzjoni diretta dwar l-istat tas-soċjetà ċivili Serba.
- Għandhom jinżamm l-aqgħat regolari mar-rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex jirreaġixxu bi flessibbiltà ikbar għall-istennijiet u l-ħtiġijiet tagħhom.

⁽¹⁾ Skond id-definizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, it-terminu “soċjetà ċivili” jħaddan l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, l-organizzazzjonijiet ta' l-impjegati, kif ukoll organizzazzjonijiet non-governattivi oħrajn u gruppi ta' interess.

⁽²⁾ Il-Kosovo jinsab taħt il-kontroll tal-UNSCR 1244.

1.2 Ir-rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

- Għandu jinholq Kumitat Konsultattiv Konġunt (KKK) bejn il-KESE u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Serba għall-promozzjoni u l-appoġġ tad-djalogu ċivili fis-Serbja. Finnuqqas ta' bażi legali xierqa — il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA) — il-KESE jista' jwaqqaf KKK temporanju bl-istess għanijiet sakemm jiġi ffirmat u ratifikat l-FSA.
- Għandu jittieħed sehem attiv fil-Programm il-ġdid ta' Djalogu People to People mmexxi mid-Direttorat Ġenerali għat-Tkabbir tal-KE: il-KESE jista' jħejji u jorganizza żjarat ta' studju fl-UE (speċjalment fi Brussell) għar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili Serba.
- Għandu jsir possibbli għar-rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mis-Serbja li jżuru u jsiru familjari ma' l-attivitajiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew;

1.3 Ir-rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet Serbi

- Għandhom jgħaddu l-Liġi ta' l-Assoċjazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili u l-leġislazzjoni korrispondenti, speċjalment il-leġislazzjoni fiskali, mill-iktar fis possibbli;
- Għandha tiġi żviluppata strateġija għall-iżvilupp tas-soċjetà ċivili; din għandha toħloq il-bażi għal soċjetà ċivili fattibbli bħala element meħtieġ ta' soċjetà demokratika matura. L-istrateġija għandha tiġi żviluppata b'kooperazzjoni stretta ma' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;
- Għandu jinżamm djalogu sistematiku dwar il-kwistjonijiet li jikkonċernaw l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mar-rappreżentanti tagħhom. L-approċċ tal-gvern lejn is-soċjetà ċivili għandu jkun iktar inklużiv;
- Għandhom jiddaħħlu diversi inċentivi lill-organizzazzjonijiet non-governattivi, inklużi dawk finanzjarji, sabiex jiġi appoġġjat l-iżvilupp tagħhom u s-sostenibbiltà ta' l-attivitajiet tagħhom. Għandha tiġi żviluppata skema trasparenti għall-għoti tal-flus li tippermetti lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex japplikaw għall-għotjiet mill-baġit ta' l-Istat;
- Għandha tiġi appoġġjata ż-żamma ta' djalogu soċjali tripartitiku regolari u jiġi assigurat it-tħaddim tajjeb tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Serb (SESC) skond il-liġi. Dan għandu jkun ibbażat fuq il-parteċipazzjoni regolari tal-ministeri kollha kkonċernati fil-laqgħat ta' l-SESC;
- Għandha tiġi assigurata l-implimentazzjoni korretta u effettiva tal-faċilitazzjoni tal-visa u l-ftehimiet ta' ammissjoni mill-ġdid ma' l-UE u l-implimentazzjoni tar-riformi neċessarji sabiex jtkompla l-proċess tal-liberalizzazzjoni tal-visa. L-ivvjaġġar mingħajr visa huwa kruċjali għat-tisħiħ tal-kun-

tatti bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Serba u l-kontrattijiet tagħhom fl-Unjoni Ewropea.

1.4 Ir-rakkomandazzjonijiet lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fis-Serbja

- Għandha titwaqqaf pjattaforma istituzzjonalizzata għal-laqgħat regolari u l-iskambju ta' l-ideat;
- Għandhom jittejbu l-ħiliet maniġerjali tar-rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bis-saħħa tal-parteċipazzjoni tagħhom f'diversi programmi ta' taħriġ.
- Għandu jiżded l-għadd ta' rappreżentanti tal-minoritajiet nazzjonali u etniċi fi proġetti żviluppati mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Serba;
- Għandha ssir iktar enfasi fuq il-kooperazzjoni reġjonali, possibbilment billi tingħata ħarsa lit-tagħlim u l-kollaborazzjoni ma' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-Istati Membri ta' l-UE, speċjalment ma' dawk mill-Ewropa Ċentrali u x-Xlokk.
- Għandha tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-midja u tittejjeb l-immaġni pubblika tagħhom bil-promozzjoni tal-proġetti u r-riżultati ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

1.5 Ir-rakkomandazzjonijiet lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-Kosovo (*) u s-Serbja

- Għandu jsir kull sforz sabiex tinżamm u/jew tittejjeb il-kooperazzjoni u l-kuntatti man-nies fost l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-Kosovo (*) u s-Serbja;

2. Sfond għall-opinjoni

2.1 L-għanijiet ta' l-UE fil-Balkani tal-Punent u s-Serbja

Il-Balkani tal-Punent huma fost il-prijoritajiet reġjonali ewlenin tal-politika barranija ta' l-UE. L-għan ewleni ta' l-UE fil-Balkani tal-Punent huwa li tiżded l-istabbiltà u l-prosperità reġjonali. It-tnejja tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent għas-sħubija fl-UE tista' tissemma bħala għan daqstant importanti. Sabiex dan jinkiseb, l-UE qiegħda tuża strumenti speċifiċi ta' għajnuna għall-pre-adeżjoni.

Il-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (PSA) inħoloq sabiex il-pajjiżi tar-reġjun jiġu megħjuna fi triqithom lejn l-UE. L-iffirmar ta' l-FSA huwa kkunsidrat bħala pass sinifikanti lejn sħubija sħiħa ma' l-UE. Sa Mejju 2008 ħames pajjiżi biss mis-sitt pajjiżi Balkani tal-Punent kienu ffirmaw FSA. Filwaqt li l-Kroazja diġà qed tinnegozja l-adeżjoni tagħha ma' l-UE, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, bl-istatus tagħha ta' pajjiż kandidat, għadha ma bdiex in-negozjati ta' l-adeżjoni. Is-Serbja ffirmat il-FSA tagħha fil-Lussemburgu fid-29 ta' April 2008 Il-Bosnja-Herzegovina ffinalizzat in-negozjati u inizjalat l-FSA tagħha, iżda għadha ma ffirmatux.

(*) Il-Kosovo jinsab taħt il-kontroll tal-UNSCR 1244.

2.2 L-istat u r-rwol ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fis-Serbja

2.2.1 Ir-rwol partikulari ta' l-NGOs

L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u b'mod partikulari l-NGOs, qdew rwol importanti fit-tneħħija tar-reġim ta' Milošević, billi rnexxielhom jimmobilizzaw parti sinifikanti tal-popolazzjoni sabiex iseħħu bidliet demokratiċi. Mis-sena 2000 'l hawn, l-NGOs għaddeu minn proċess ta' trasformazzjoni, iktar karatterizzat mid-definizzjoni mill-ġdid tal-programmi, l-għanijiet u l-prioritajiet tagħhom. Billi r-Repubblika Serba qiegħda għaddejja minn proċess diffiċli ta' trasformazzjoni politika, ekonomika u soċjali, l-NGOs — u speċjalment dawk li qiegħdin jitrattaw id-demokratizzazzjoni u d-drittijiet tal-bniedem — qiegħdin jaqdu rwol kruċjali fid-demokratizzazzjoni tas-soċjetà Serba. Il-kontribut sinifikattiv ta' xi NGOs kien ta' min ifaħħru speċjalment matul l-aħħar elezzjonijiet presidenzjali li nżammu f'Janar-Frar 2008. Barraminhekk, l-NGOs qdew rwol sinifikattiv fil-proċess tat-tixrid tal-valuri Ewropej u biex is-Serbja titqarreb lejn l-UE.

2.2.2 Il-ħtieġa għal djalogu mas-soċjetà ċivili

F'dan ir-rigward, il-bżonn ta' djalogu intensiv bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili minn naħa u l-gvern Serb min-naħa l-oħra għandu jiġi enfasizzat. Minkejja l-introduzzjoni ta' diversi forum ta' konsultazzjoni bejn il-gvern u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili⁽⁴⁾, għad m'hemm l-ebda djalogu ċivili sistematiku fis-Serbja. It-twaqqif ta' djalogu bħal dan huwa fl-interess vitali tas-soċjetà Serba kollha kemm hi u, b'mod partikulari, ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, iżda huwa wkoll fl-interess ta' l-UE, billi waħda mill-prekondizzjonijiet għall-integrazzjoni ta' suċċess ta' l-UE hi soċjetà fattibbli u b'saħħitha.

3. Żviluppi politiċi fis-Serbja

3.1 Is-sitwazzjoni politika attwali

Mis-sena 2000, meta gvern demokratiku u favur l-integrazzjoni ssostitwixxa r-reġim tal-President Slobodan Milošević, is-Serbja kellha tiffaċċja proċess ta' trasformazzjoni politika, ekonomika u soċjali. It-transizzjoni problematika ta' l-ekonomija, il-kwistjoni ta' l-istatus aħħari tal-Kosovo⁽⁵⁾, kif ukoll l-użu populist ta' preġudizzji u l-istereotipi nazzjonali minn ċerti mexxejja politiċi kkontribwew għar-radikalizzazzjoni tax-xena politika Serba. Dan ma kkunċernax biss l-oppożizzjoni, iżda wkoll sa ċertu punt il-gvern li għadu kif spieċa immexxi mill-Prim Ministru Vojislav Koštunica. L-involviment tal-midja f'dawn il-proċessi m'għandux jintesa, billi l-biċċa l-kbira tal-ġurnalisti u x-xandara għadhom 'l bogħod ħafna milli jkunu ġenwinament indipendenti. L-elezzjonijiet presidenzjali ta' dan l-aħħar irriżultaw fl-għażla mill-ġdid tal-President Boris Tadić, li jirrappreżenta l-moderati fil-politika tas-Serbja. Madankollu, l-instabbiltà kontinwa fil-konkordizzjoni tal-gvern u t-tensjonijiet bejn il-Partit

(4) Qiegħdin isiru konsultazzjonijiet regolari ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'bosta oqsma, eż. l-integrazzjoni Ewropea, it-tnaqqis tal-faqar jew il-politika taż-żgħażaġh, u minn bosta korpi governattivi jew uffiċjali, eż. il-Presidenza tas-Serbja, l-Uffiċċju għall-Integrazzjoni Serb-Ewropej, il-Ministeru tal-Politika Soċjali u x-Xogħol, il-Kamra tal-Kummerċ tas-Serbja jew il-Konferenza Permanenti tal-Bliet u l-Muniċipalitajiet.

(5) Il-Kosovo jinsab taħt il-kontroll tal-UNSCR 1244.

Demokratiku tas-Serbja ta' Vojislav Koštunica u l-Partit Demokratiku ta' Boris Tadić, li ħraxu wara d-dikjarazzjoni ta' indipendenza tal-Kosovo⁽⁶⁾ fi Frar 2008, waslu għar-riżenja tal-Prim Ministru, Vojislav Koštunica. Fil-11 ta' Mejju 2008 ġew organizzati elezzjonijiet parlamentari bikrija.

3.2 Relazzjonijiet politiċi ma' l-UE, ir-Russja u l-pajjiżi ġirien

L-integrazzjoni ta' l-UE għandha bħala premessa li għandhom jintlaħqu l-kriterji ta' Kopenhagen, il-kondizzjonijiet tal-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u l-kondizzjonijiet u l-ħtiġijiet oħra stabbiliti mill-UE. Is-Serbja għadha ma ssodisfathomx kollha l-kondizzjonijiet u l-ħtiġijiet iżda wriet kapacià amministrattiva tajba fil-proċessi tan-negozjati għall-FSA ma' l-UE u fl-implimentazzjoni tar-riformi neċessarji. F'Novembru 2007, l-UE inizjalat l-FSA. Madankollu, l-iffirmar ta' l-FSA ġie mfixxkel min-nuqqas ta' kooperazzjoni mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY). Sabiex jiġu analizzati modi differenti għat-twettiq ta' progress rapidu l-UE ftehmiet li twaqqaf Task Force. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni Ewropea sejħiet lis-Serbja sabiex tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha sabiex ikollha rabtiet iktar stretti ma' l-Unjoni Ewropea⁽⁶⁾. Anke wara l-iffirmar ta' l-FSA, il-kooperazzjoni mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY) tibqa waħba mill-prekondizzjonijiet ewlenin għall-iżvilupp addizzjonali tar-relazzjonijiet bejn l-UE u s-Serbja. Fattur ieħor essenzjali li jsawwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u s-Serbja ser jiddependi ħafna fuq il-kapacià tal-gvern Serb li jissepara l-kwistjoni ta' l-istatus aħħari tal-Kosovo⁽⁵⁾ mill-proċess ta' l-integrazzjoni Ewropea.

Ir-relazzjonijiet bejn is-Serbja u r-Russja saru dejjem iktar intensivi. Dan huwa parzjalment minħabba l-kwistjoni ta' l-istatus tal-Kosovo⁽⁵⁾, billi l-Federazzjoni Russa konsistentement appoġġjat il-pożizzjonijiet Serbi. Min-naħa l-oħra, il-livell ta' kooperazzjoni ekonomika qiegħed jogħla wkoll — l-iktar sinjal eċċezzjonali ta' żvilupp bħal dan huwa l-interess jiżded ta' investituri Russi fl-ekonomija Serba.

Għalkemm sar ċertu progress f'dawn l-aħħar snin, mhux ir-relazzjonijiet kollha bejn is-Serbja u l-pajjiżi ġirien tagħha huma ta' livell sodisfaċenti. Ir-relazzjonijiet mal-ġirien ta' l-UE tas-Serbja — il-Bulgarija, l-Ungerija u r-Rumanija — jistgħu jitqiesu bħala tajbin ħafna. L-istess japplika għar-relazzjonijiet mal-Montenegro u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. Ir-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-Kroazja huma tajbin, għalkemm għad hemm xi kwistjonijiet miftuħa, per eżempju fir-rigward tar-ritorn tar-refuġjat lejn il-Kroazja. Ir-relazzjonijiet mal-Bosnja u Herzegovina huma mfassla l-iktar minn relazzjoni speċifika bejn is-Serbja u r-Repubblika Srpska. Naturalment, l-ikbar tensjoni tinsab fir-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-Kosovo⁽⁵⁾, speċjalment mindu saret id-dikjarazzjoni ta' indipendenza tal-provinċja.

(6) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropej u lill-Kunsill — Il-Balkani tal-Punent: Insaħħu l-Perspettiva Ewropea, Brussell, 5.3.2008, COM(2008) 127. Mhux disponibbli bil-Malti.

3.3 Ir-rwol tas-Serbja fl-istabilizzazzjoni u l-iżvilupp tal-Balkani

Is-Serbja huwa pajjiż importanti fil-Balkani tal-Punent u msieħeb importanti għall-UE fir-reġjun. Minħabba l-involvement tal-mexxejja u l-armata Serba fil-gwerer kollha tal-Balkani fis-snin disgħin, ir-reputazzjoni tas-Serbja fir-reġjun hija waħda relattivament negattiva. L-uniku mod li bih tista' tittejjeb din id-dehra fir-reġjun huwa permezz ta' titjib fir-relazzjonijiet tajba mal-ġirien kollha tagħha u l-parteċipazzjoni attiva f'diversi inizjattivi reġjonali, bl-għajnuna ta' l-UE.

4. Żviluppi ekonomiċi fis-Serbja

4.1 L-istat attwali ta' l-ekonomija fis-Serbja

Minħabba l-iżolament politiku u ekonomiku tagħha, li rriżulta mill-karattru tar-reġim ta' Milošević, l-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż naqqas ir-ritmu matul il-parti l-kbira tas-snin disgħin. Madankollu, mill-2000, l-ekonomija Serba tista' titqies bħala ekonomija fi transizzjoni tipika, bi tkabbir sostenibbli (5,7 % fl-2006 meta mqabbel mas-6.2 % fl-2005). Iż-żieda fil-PGD kien akkompanjat bi tnaqqis fl-inflazzjoni, li laħqet l-10 % fl-2007⁽⁷⁾. Il-vantaġġi ekonomiċi ċari tas-Serbja jħaddnu potenzjal tas-suq relattivament kbir, lok ġeografiku favorevoli, aċċess tad-duty free fis-swieq tax-Xlokk ta' l-Ewropa, l-UE, ir-Russja u l-Istati Uniti, kif ukoll forza tax-xogħol edukata u kkwalifikata.

4.2 Il-proċess tal-privatizzazzjoni

Is-sehem tas-settur privat baqa' relattivament żgħir meta mqabbel mal-medja ta' l-UE. Is-settur privat jgħodd għal madwar 55 % tal-prodott totali u 60 % ta' l-impjeg totali⁽⁸⁾. Sehem tas-settur privat li jkun relattivament żgħir jaffetwa lill-kompetittività ta' l-ekonomija Serba b'mod negattiv, speċjalment il-prodotti u s-servizzi. Għaldaqstant, hemm bżonn ta' iktar privatizzazzjoni u ristrutturar tal-kumpaniji statali u ta' proprjetà pubblika għall-iżvilupp addizzjonali ta' l-ekonomija Serba.

4.3 Is-setturi ewlenin ta' l-ekonomija Serba

Is-setturi ewlenin ta' l-ekonomija Serba, f'ordni dixxendenti, huma s-servizzi, l-industrija, l-agrikoltura u l-bini. Skond l-Aġenzija Serba għall-Promozzjoni ta' l-Investment u l-Esportazzjoni, l-iktar setturi dinamiċi ta' l-ekonomija huma l-agrikoltura, l-IT, l-ipproċessar ta' l-injam, il-produzzjoni ta' l-għamara, l-enerġija, il-karozzi, it-tessuti, l-elettronika u l-farmaċewtika⁽⁹⁾.

4.4 Kummerċ barrani

L-Unjoni Ewropea hija l-iktar imsieħba kummerċjali importanti tas-Serbja. Fost l-ikbar għaxar imsieħba ta' l-esportazzjoni tas-Serbja nsibu sitt Stati Membri ta' l-UE. Madankollu, l-iktar imsieħeb importanti għall-esportazzjoni tas-Serbja hija r-Repubblika

tal-Bosnja-Herzegovina. Ir-Russja tinsab fil-quċċata tal-pajjiżi li minnhom timporta s-Serbja⁽¹⁰⁾.

Il-kooperazzjoni ekonomika tas-Serbja mal-ġirien tagħha, li tinkludi r-relazzjonijiet kummerċjali, ser tiġi affetwata b'mod pożittiv bl-implimentazzjoni tal-Ftehim għall-Kummerċ Ħieles ta' l-Ewropa Ċentrali, li ġie iffirmat mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u l-Moldova fl-2006. Il-ħolqien ta' żona ta' kummerċ ħieles fil-Balkani tal-Punent kien wieħed mill-prijoritajiet ewlenin tal-proċess ta' pre-adeżjoni.

4.5 Investment barrani dirett u l-ikbar investituri fl-ekonomija Serba

Il-politika Serba favur l-investment ġibdet l-attenzjoni ta' ħafna investituri barranin. Fl-2006, l-ammont globali ta' l-investment barrani dirett kien l-ogħla fir-reġjun (EUR 3.4 biljuni)⁽¹¹⁾. L-ikbar flussi ta' investment marru lejn is-servizzi finanzjarji, il-kummerċ, il-manifattura, il-proprjetà, l-amministrazzjoni pubblika u t-trasport. L-ikbar investituri joriġinaw l-iktar mill-pajjiżi ta' l-UE u l-Greċja tinsab fl-ewwel post⁽¹²⁾.

Minkejja l-għadd jizzied ta' investimenti, is-suq Serb għad għandu potenzjal qawwi għal żvilupp addizzjonali f'dan il-qasam.

5. L-istat u r-rwol attwali ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili

5.1 Problemi u sfidi komuni

Hemm tliet problemi ewlenin li jistgħu jiġu identifikati: l-istatus fiskali; id-diskrepanza urbana-rurali; iż-żieda fil-kompetizzjoni minflok fil-kooperazzjoni.

Il-fatt li l-leġislazzjoni fiskali Serba ma tagħmilx distinzjoni bejn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet oħra mingħajr skop ta' qligħ, huwa problematiku. Għaldaqstant, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma ttrattati bl-istess mod bħall-intrapriżi ż-żgħar — iridu jħallsu t-taxxi mid-donazzjonijiet li jirċievu, filwaqt li f'it biss minnhom huma eżentati minn obbligi tal-VAT. Barraminhekk, il-politiki fiskali eżistenti ta' l-istat Serb ma stimulaw l-ebda forma ta' għoti lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Problema oħra hija dik tad-diskrepanza urbana-rurali li għadha għaddejjja. Il-biċċa l-kbira ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma kkonċentriati jew f'Belgrad jew fi tnejn jew tliet ibliet kbar oħrajn, filwaqt li ż-żoni rurali għandhom nuqqas ta' esperjenza fihom. Dan jirriżulta f'livell ta' għarfien baxx fil-popolazzjoni ġenerali dwar is-soċjetà ċivili u l-attivitajiet ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

⁽⁷⁾ Il-Bank Nazzjonali tas-Serbja, www.nbs.yu

⁽⁸⁾ Serbia 2007 Progress Report, Kummissjoni Ewropea, Brussell, 6.11.2007 SEC (2007) 1435.

⁽⁹⁾ L-Aġenzija Serba għall-Promozzjoni ta' l-Investment u l-Esportazzjoni: www.siepa.sr.gov.yu

⁽¹⁰⁾ Il-Ktieb ta' l-Istatistika tas-Serbja 2006, www.webzrs.statserb.sr.gov.yu Data mill-Kummissjoni Ewropea www.ec.europa.eu/trade/issues/bilateral/data.htm

⁽¹¹⁾ www.wiiw.at/e/serbia.html

⁽¹²⁾ Southeast Europe Investment Guide 2007, www.seeuropa.net/files2/pdf/ig2007/Serbia.pdf.

It-tielet problema — iż-żieda fil-kompetizzjoni minflok il-koo-perazzjoni bejn l-assoċjazzjonijiet tas-soċjetà ċivili — twassal għal tensjonijiet u ddgħajjef il-pożizzjonijiet potenzjali fil-kon-front ta' l-awtoritajiet Serbi.

5.2 Il-koo-perazzjoni bejn il-gvern Serb u l-organizzazzjonijiet tas-soċ-jetà ċivili

Il-biċċa l-kbira ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għadhom ma jittqisux bħala msieħba mill-awtoritajiet Serb, speċjalment dawk li qed jiffukaw fuq xi kwistjonijiet sensitivi (eż. reati tal-gwerra, l-oqbra tal-massa eċċ.) Il-koo-perazzjoni ta' l-organizz-azzjonijiet tas-soċjetà ċivili mal-gvern ċentrali jew il-gvernijiet lokali hija bbażata fuq bażi *ad hoc*, billi l-gvern ma jidherx her-qan li jwaqqaf sħubija ma' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Minn naħa, dan huwa minħabba nuqqas ta' legislażjoni li tirre-gola r-relazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-gvern, u mill-banda l-oħra, in-nuqqas ta' rieda politika li tinvolvi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili b'mod iktar intensiv fil-konsultazzjonijiet u t-tħejjija ta' dokumenti strateġiċi seletti għandu jittqies ukoll. Fatt ieħor li għandu jiġi enfazzzjat huwa li l-Istat Serb jadotta approċċ pjuttost selettiv għall-organizz-azzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

5.3 L-imsieħba soċjali

5.3.1 Id-djalogu soċjali

Minkejja li djalogu soċjali effettiv huwa wieħed mill-prekondiz-zjonijiet għat-trasformazzjoni ekonomika ta' suċċess, ir-rwol ta' l-imsieħba soċjali fis-soċjetà Serba baqa' relattivament dgħajjef. Wara li daħlet fis-seħħ il-Liġi tax-Xogħol fl-2005, il-Ftehim Kol-lettiv Ġenerali ma baqax japplika. L-istess jgħodd għal kull fte-him kollettiv speċjali li ġie konkluż qabel l-2001. Bidla oħra marbuta mar-regolament legali l-ġdid hija li l-Gvern m'għadux jieħu sehem fil-konklużjoni ta' Ftehim Kollettiv Ġenerali ġdid, iżda għadu jaqdi rwol attiv fil-konklużjoni ta' bosta ftehimiet settorjali u speċjali. It-trade unions rappreżentattivi u l-assocjaz-zjonijiet ta' min iħaddem, li issa huma inkarigati min-negozjati għall-Ftehim Kollettiv Ġenerali l-ġdid, ma rnexxilhomx jilhq u ftehim s'issa. Għaldaqstant, il-konklużjoni ta' Ftehim Kollettiv Ġenerali ġdid, jibqa' wieħed mill-iktar pre-kondizzjonijiet impor-tanti għat-tisħiħ tad-djalogu soċjali fis-soċjetà Serba.

Il-Kunsill Soċjali u Ekonomiku tar-Repubblika Serba, stabbilit fl-2005 mil-Liġi għall-Kunsill Soċjali u Ekonomiku, jipprovdi bażi istituzzjonali għan-negozjati tripartitiċi. Madankollu, il-Kunsill qiegħed jiffaċċja bosta problemi li kellhom impatt negattiv fuq l-attivitajiet tiegħu. L-ewwelnett, għandha tisemma l-iskarsezza tar-riżorsi finanzjarji. Minkejja ż-żieda fil-fondi mill-baġit statali, in-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji jinfluwenza b'mod negattiv il-ħidma tas-Segretarjat u jżomm il-Kunsill milli jwaqqaf għadd xieraq ta' gruppi ta' ħdim u milli jorganizza laqgħat regolari. Problema oħra hija l-attenzenza irregolari tar-rappreżentanti ta' l-imsieħba soċjali fil-laqgħat tal-Kunsill. B'hekk, xi wħud mill-abbozzi ta' liġi jgħaddu mill-Parlament mingħajr ma jiġu dis-kussi mill-membri tal-Kunsill.

5.3.2 L-organizzazzjonijiet Serbi ta' min iħaddem

L-Unjoni ta' Min Iħaddem tas-Serbja (UPS) hija l-organizzazzjoni nazzjonali prinċipali ta' min iħaddem. Għall-kuntrarju tat-trade unions, il-UPS gawdiet minn kooperazzjoni tajba mal-Ministeru tax-Xogħol u l-Politika Soċjali. Hija tieħu sehem regolarment fl-attivitajiet tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tar-Repubblika Serba. Madankollu, il-fatt li l-biċċa l-kbira tal-kumpaniji kbar li huma attivi fis-Serbja m'humiex membri tal-UPS idgħajjef il-legalità ta' l-organizzazzjoni fil-kuntest tad-djalogu soċjali. Il-UPS ilha tieħu sehem fil-ħidma tal-Forum ta' min iħaddem tax-Xlokk ta' l-Ewropa (South Eastern Europe Employers' Forum) u l-Organizz-azzjoni Internazzjonali ta' min iħaddem (International Organisa-tion of Employers). Id-dimensjoni internazzjonali ta' l-attivitajiet ta' l-organizzazzjonijiet Serbi ta' min iħaddem ser tissaħħaħ wara li dawn ikunu rċewew l-istatus ta' osservaturi fil-Busines-sEurope. Il-UPS mistennija tissieħeb ukoll ma' l-Unjoni Mediter-ranja ta' Min Iħaddem f'Ġunju 2008.

5.3.3 Il-qagħda attwali u r-rwol tat-trade unions

It-trade unions huma iktar eteroġeni. B'kollox jeżistu madwar 20 000 trade union f'kull livell fis-Serbja, mill-livell ta' kump-panija sa dak nazzjonali. Il-biċċa l-kbira minnhom huma membri ta' żewġ konfederazzjonijiet nazzjonali prinċipali, Indipendenza (Nezavisnost) u l-Konfederazzjoni ta' Trade Unions Awtonomi tas-Serbja (SSSS). L-azzjoni konġunta hi rari. Problema oħra relatata hija n-nuqqas ta' kompetizzjoni fost it-trade unions. Minkejja li r-rwol tat-trade unions huwa kkunsidrat bħala relatti-vament dgħajjef fis-Serbja, il-parteċipazzjoni attiva tagħhom fin-negozjar kollettiv fis-settur pubbliku u l-intrapriżi pubbliċi turi li r-rwol tagħhom fit-tisħiħ tad-djalogu soċjali m'għandux ikun sottovalutat. Rigward l-attivitajiet internazzjonali tat-trade unions Serbi, kemm in-Nezavisnost kif ukoll l-SSSS huma mem-bri tal-Konfederazzjoni Internazzjonali ta' Trade Unions u jieħdu sehem fil-Forum tal-Balkani ta' l-ETUC (il-Konfederazzjoni Ewro-pea tat-Trade Unions).

5.4 Is-sitwazzjoni fi ħdan id-diversi gruppi ta' interess

5.4.1 Ambjent legali mhux sodisfaċenti

Minkejja d-diversi stqarrijiet tal-gvernijiet Serbi wara s-sena 2000 u l-impenji tagħhom li jadottaw liġi ġdida dwar l-assocjaz-zjonijiet taċ-ċittadini, il-ħidma ta' l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, kif ukoll ir-relazzjonijiet tagħhom ma' l-istat Serb baqa' mhux regolat. Fil-fatt, l-istatus legali tal-gruppi varji ta' interess, u b'mod partikulari l-NGOs huwa regolat mil-Liġi ta' l-Istat dwar l-Assoċjazzjoni ta' Ċittadini f'Assoċjazzjonijiet, Organizzazzjonijiet Soċjali u Organizzazzjonijiet Politiċi li kienu diġà twaqqfu fil-Liġi dwar organizzazzjonijiet Soċjali u l-Assoc-jazzjonijiet taċ-ċittadini mill-1982, emendata fl-1989⁽¹³⁾ tar-Repubblika Soċjali Federali tal-Jugoslavja u r-Repubblika (Serba).

⁽¹³⁾ Zdenka Milivojević *Civil Society in Serbia. Suppressed during the 1990s — gaining legitimacy and recognition after 2000. Civicus Civil Society Index Report for Serbia.* (Belgrad, 2006).

Fl-2006, il-Gvern Serb adotta Abbozz ta' Liġi dwar l-Assoċjazzjonijiet Ċiviċi. Dan it-test li ġie armonizzat mal-pożizzjonijiet tar-rappreżentanti tad-diversi gruppi ta' interess ma wasalx sa l-istadju tal-Parlament għall-adozzjoni. L-Abbozz ta' Liġi jissimplifika l-proċeduri għar-reġistrazzjoni ta' l-assoċjazzjonijiet ċiviċi u jipprevedi li assoċjazzjoni tista' takkwista proprjetà u assi bil-ħlasijiet ta' nollijiet ta' sħubija, kontributi volontarji, donazzjonijiet u rigali, eċċ. L-abbozz jipprovi wkoll sabiex l-istat jew il-korpi responsabbli mill-gvernijiet awtonomi lokali jkunu jistgħu jagħmlu għotjiet u donazzjonijiet lil diversi gruppi ta' interess. Madankollu, il-Liġi dwar l-Assoċjazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivika ma ssovlx il-problemi kollha li jirrigwardaw l-istatus legali u ekonomiku tagħhom. Għaldaqstant jinntieg sett sħiħ ta' liġijiet addizzjonali.

5.4.2 Ir-rwol u l-kopertura ta' l-organizzazzjonijiet ta' l-SMEs, l-organizzazzjonijiet ta' l-agrikoltura u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi

Wieħed jista' jgħid li r-rappreżentanti ta' l-SMEs u l-organizzazzjonijiet agricoli jbatu mill-istess problemi bħat-trade unions — il-frammentazzjoni u l-kompetizzjoni kontra-produttiva — li jżommuhom milli jwaqqfu gruppi ta' pressjoni qawwija. Il-livell għoli ta' korruzzjoni jassigura lil xi organizzazzjonijiet aċċess aħjar għall-burokrazija statali minn oħrajn. Il-viċinanza politika u l-postijiet ġeografiċi ta' dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jissemmew bħala fattur ieħor ta' separazzjoni. Għalkemm in-numru ta' organizzazzjonijiet tal-konsumaturi hu iżgħar, meta mqabbel ma' l-organizzazzjonijiet agricoli, il-problemi tagħhom huma bejn wieħed u l-ieħor l-istess.

5.4.3 NGOs fis-soċjetà Serba

Is-settur ta' l-NGOs fis-Serbja kien qed jissaħħaħ fit-tieni nofs tas-snin disgħin, wara tmiem il-gwerra tal-Bosnja. Fl-2000 l-NGOs qdew rwol kruċjali fit-tneħħija tar-reġim ta' Milošević billi mmobilizzaw liċ-ċittadini u ħadu sehem fin-negozjati ma' l-oppożizzjoni ta' kontra Milošević. Il-kampanja favur l-elezzjoni bl-isem ta' "Izlaz 2000" kien proġett ta' diversi NGOs li kiseb suċċess u wera l-importanza tas-settur ta' l-NGO fil-proċess tal-bidla demokratika.

Mill-2000, il-pożizzjoni ta' l-NGO fis-soċjetà Serba nbidlet. Is-settur ta' l-NGO qiegħed jegħleb proċess ta' trasformazzjoni. Barraminhekk, ċerti NGOs ibatu minn nuqqas ta' entużjażmu minħabba ritmu ta' riformi li kien inqas rapidu milli mistenni wara l-bidlet fl-2000. Problema oħra hija d-differenza fl-attitudni ta' l-NGOs lejn il-kooperazzjoni mal-gvern — filwaqt li xi wħud jibqgħu dejjem jieħdu pożizzjoni kontra l-gvern; oħrajn dejjem isibu mezz sabiex jikkooperaw. Sa ċertu punt is-settur ta' l-NGO ddgħajef ukoll minħabba l-fatt li bosta mexxejja ta' l-NGOs daħlu fil-politika wara l-2000 u waqfu l-attivitajiet tagħhom. F'dan ir-rigward, nistgħu naslu għall-konklużjoni li filwaqt li ċerti NGOs intensifikaw l-attivitajiet tagħhom, parti kbira minnhom ma rnexxielhomx jilhq u l-kriterji rigward il-professjo-

nalizzazzjoni u l-ispeċjalizzazzjoni ta' xogħolhom u ltaqgħu ma' xi problemi sinifikanti. Bħala eżempji ta' żvilupp pożittiv, għandhom jissemmew b'mod partikulari l-organizzazzjonijiet ambjentali.

Il-problemi ekonomiċi huma dawk kruċjali billi jikkunċernaw il-fattibbiltà bażika tal-biċċa l-kbira ta' l-NGOs. Dawn jirċievu finanzi għal għadd limitat biss ta' proġetti u għal perijodu limitat l-iktar minn sorsi barranin. B'hekk, ħafna minnhom ma jkollhomx speċjalizzazzjoni u jkollhom jiffukaw fuq proġetti varji b'enfasi differenti ħafna. Dan jaffettwa mhux biss ir-reputazzjoni professjonali tagħhom, iżda jagħmilha diffiċli li jegħlbu problemi vitali li jheddu l-eżistenza tagħhom.

6. Ir-rwol ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċess ta' l-integrazzjoni fl-UE

6.1 L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-proċess ta' l-integrazzjoni Ewropea

Għadd ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fis-Serbja diġà qegħdin jaqdu rwol essenzjali fil-proċess ta' sensibilizzazzjoni pubblika dwar l-UE u l-integrazzjoni Ewropea. Billi jorganizzaw konferenzi u seminars pubbliċi u jqassmu fuljetti u materjali oħra li jiffukaw fuq l-UE u kwistjonijiet relatati, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jikkontribwixxu għall-kampanja dwar l-UE speċjalment fiż-żoni rurali u inqas żviluppatti. Minkejja li kultant l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kultant ikollhom attitudnijiet differenti — eż. fil-każ ta' enfasi fuq il-kooperazzjoni sħiħa tas-Serbja ma' l-ICTY bħala prekondizzjoni għall-ftuħ mill-ġdid tan-negozjati ta' l-FSA fir-Rebbiegħa ta' l-2007 — l-elezzjonijiet presidenzjali li nżammu f'Janar-Frar 2008 sabu opinjoni magħquda. Il-maġġoranza kbira ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għażlu l-perspettiva Ewropea għas-Serbja u għenu fit-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tal-votanti fl-elezzjonijiet.

Il-kooperazzjoni iktar stretta bejn il-gvern u l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, it-trade unions u gruppi oħra ta' interess tista' tikkontribwixxi għat-tħejija aħjar tal-popolazzjoni fis-Serbja għall-adeżjoni ta' l-UE. Madankollu, il-parteċipazzjoni msaħħa ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fi djalogu sostanzjali mal-gvern teħtieġ iktar trasparenza u provvista regolari ta' dokumenti u informazzjoni rilevanti.

6.2 L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-kooperazzjoni reġjonali

It-titjib fil-kooperazzjoni reġjonali u r-relazzjonijiet tajba mal-pajjiżi ġirien jirrappreżentaw pre-kondizzjonijiet prinċipali għal integrazzjoni b'suċċess fl-UE. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili diġà jaqdu rwol importanti fl-istabilizzazzjoni tar-relazzjonijiet u bħala pont bejn id-differenzi fost il-pajjiżi tar-reġjun. F'dan ir-rigward, it-titjib fil-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Serbi u Kroati jistgħu jissemmgħu bħala eżempju ferm pożittiv. Bit-titjib fil-kooperazzjoni bejniethom u l-isforz ta' proġetti konġunti, l-organizzazzjonijiet

tas-soċjetà ċivili ser ikunu mhejjja aħjar sabiex jiffaċċjaw il-problemi reġjonali u jilqgħu l-isfidi reġjonali. Barraminhekk, ir-riżultati pożittivi tal-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fuq il-bażi reġjonali jistgħu jservu ta' ispirazzjoni għall-mexxejja politiċi reġjonali. Għalkemm il-kuntatti fost l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili qegħdin jiżviluppaw sena sena, l-istatus quo attwali għadu 'l bogħod milli jilħaq livell aċċettabbli, l-iktar minħabba l-ostakli politiċi li għadhom jeżistu u l-iskarsezza tal-fondi finanzjarji, inklużi l-fondi mill-UE. F'dan ir-rigward, l-appoġġ għal inizjattivi reġjonali fil-livell ta' ċittadini jista' jkun waħda mill-possibilitajiet għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni fost l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fir-reġjun.

6.3 *L-attivitajiet internazzjonali ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Serba*

L-inklużjoni ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Serba fi proġetti konġunti li jitwettqu ma' organizzazzjonijiet fi sħubija

jew mir-reġjun jew minn barra tista' ttejjeb il-kuntatti bejn in-nies u ġġedded ir-relazzjonijiet li jkunu tfarrku matul il-gwerra. F'dan ir-rigward, inkiseb ċertu żvilupp pożittiv f'bosta oqsma. Il-kooperazzjoni u n-netwerking kien partikularment żviluppat fil-każ ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili b'enfasi fuq id-drittijiet tal-bniedem, il-ħarsien ta' l-ambjent jew l-organizzazzjonijiet tan-nisa. Sabiex isir iktar żvilupp fis-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ir-riżultati pożittivi tal-kooperazzjoni fost l-assoċjazzjonijiet Serbi u l-kontrapartijiet tagħhom mill-Istati Membri l-ġodda ta' l-UE għandhom jiġu enfasizzati wkoll.

L-inklużjoni ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-attivitajiet abbinati mal-politika barranija m'għandhiex tkun sottovalutata. Iktar ma tkun intensiva l-kooperazzjoni bejn id-diplomazija uffiċjali minn naħa u d-diplomazija pubblika min-naħa l-oħra iktar ma jista' jingħata kontribut għat-titjib fil-politika barranija tas-Serbjia u ssir influwenza pożittiva fuq il-proċess ta' l-integrazzjoni Ewropea.

Brussell, id-29 ta' Mejju 2008.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS